IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA



# RAPPORT ANNWALI 2016

# L-ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

## RAPPORT ANNWALI **2016**
## L-ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA

Ħarsa lejn l-attività ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja,
tal-Qorti Ġenerali u tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea

Il-Lussemburgu, 2017

curia.europa.eu

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
2925 LUSSEMBURGU
IL-LUSSEMBURGU
TEL: +352 4303-1

IL-QORTI ĠENERALI
2925 LUSSEMBURGU
IL-LUSSEMBURGU
TEL: +352 4303-1

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ
PUBBLIKU TAL-UNJONI
EWROPEA
2925 LUSSEMBURGU
TEL: +352 4303-1

Il-Qorti tal-Ġustizzja fuq l-internet: curia.europa.eu

Data ta' redazzjoni: 1 ta' Jannar 2017

Riproduzzjoni awtorizzata sakemm jiġi indikat is-sors. Ir-ritratti jistgħu jiġu rriprodotti biss fil-kuntest ta' din il-pubblikazzjoni. Għal kull użu ieħor, għandha tintalab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Iktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-internet permezz tas-server Europ (http://europa.eu).

Il-Lussemburgu: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea / Direttorat tal-Komunikazzjoni / Diviżjoni tal-Pubblikazzjonijiet u tal-Midja elettronika
L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-829-2319-1 | ISSN 2467-1002 | doi:10.2862/770826 | QD-AP-17-001-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-829-2310-8 | ISSN 2467-1231 | doi:10.2862/86430 | QD-AP-17-001-MT-N |
| ePUB | ISBN 978-92-829-2365-8 | ISSN 2467-1231 | doi:10.2862/805680 | QD-AP-17-001-MT-E |

© L-Unjoni Ewropea, 2017

Ritratti © Georges Fessy
Ritratti tal-qoxra © Gediminas Karbauskis

*Printed in Luxembourg*

STAMPAT FUQ KARTA MBAJDA MINGĦAJR KLORU ELEMENTALI (ECF)

# WERREJ

*Daħla minn K. Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea* 8

## KAPITOLU I | IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**A. Żvilupp u attività tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2016** 12

**B. Ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2016** 14

I. Drittijiet fundamentali 14

II. Ċittadinanza tal-Unjoni 15

1. Drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni 15
2. Dritt ta' residenza dderivat favur ċittadin ta' Stat terz 18

III. Dispożizzjonijiet istituzzjonali 20

1. Bażi legali tal-atti tal-Unjoni 20
2. Kompetenzi u setgħat tal-istituzzjonijiet 22

IV. Dritt tal-Unjoni u dritt nazzjonali 24

V. Kawżi tal-Unjoni 25

VI. Agrikoltura 27

VII. Libertajiet ta' moviment 28

1. Moviment liberu tal-ħaddiema 28
2. Moviment liberu tal-merkanzija 30
3. Libertà ta' stabbiliment u libertà li jiġu pprovduti servizzi 31

VIII. Kontrolli mal-fruntieri, ażil u immigrazzjoni 35

1. Politika ta' ażil 35
2. Politika ta' immigrazzjoni 39

IX. Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili 40

1. Ir-Regolament Brussell I 40
2. Ir-Regolamenti Ruma I u Ruma II 42

X. Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali 44

1. Mandat ta' arrest Ewropew 44
2. Dritt għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fil-kuntest ta' proċeduri kriminali 48
3. Proċeduri u deċiżjonijiet kriminali fi Stat Membru ieħor 49

XI. Kompetizzjoni 50

1. Akkordji 50
2. Għajnuna mill-Istat 52

XII. Dispożizzjonijiet fiskali 56

XIII. Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet 58
1. Proprjetà intellettwali u industrijali 58
2. Protezzjoni ta' data personali 61
3. Kummerċ elettroniku 63
4. Telekomunikazzjonijiet 64
5. Prodotti tat-tabakk 65
6. Prodotti kożmetiċi 66

XIV. Kuntratti pubbliċi 67

XV. Politika ekonomika u monetarja 69

XVI. Politika soċjali 71

XVII. Protezzjoni tal-konsumaturi 72

XVIII. Ambjent 75

XIX. Ftehimiet internazzjonali 77

XX. Politika estera u ta' sigurtà komuni 80

**C. Attività tar-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2016** 82

I. Ħarsa statistika qasira lejn l-attività ġudizzjarja fl-2016 82

II. Komunikazzjoni mal-partijiet u ma' terzi 85

III. Assistenza lill-membri tal-qorti 86

**D. Statistika tal-attività ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja** 88

**E. Kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja** 116
1. Bidliet fil-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2016 117
2. Ordnijiet protokollari 118
3. Membri preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja 120

## KAPITOLU II | IL-QORTI ĠENERALI

**A. Attività tal-Qorti Ġenerali fl-2016** 126
1. Organizzazzjoni 126
2. Statistika ġudizzjarja 127

**B. Ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali fl-2016** 130

I. Proċedura ġudizzjarja 130

Ammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati skont l-Artikolu 263 TFUE 130
1. Kunċett ta' att li ma jistax jiġi kkontestat 130
2. Locus standi 131
Interess dirett 131
a. Interess individwali 132
3. Kunċett ta' att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni 133

4. Osservanza tar-rekwiżiti proċedurali u tat-termini għall-preżentata ta' rikors 135
Abbuż ta' proċedura 137
Għajnuna legali 137
Applikazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura l-ġodda 138

**II. Dritt istituzzjonali – Inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej – Politika soċjali 139**

**III. Regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi 140**

Punti ġenerali 140
1. Drittijiet tad-difiża 140
a. Dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet 140
b. Dritt għal smigħ 141
c. Użu bħala prova ta' reġistrazzjonijiet sigrieti ta' konverżazzjonijiet telefoniċi 141
2. Kundizzjonijiet previsti għall-għoti ta' immunità 142
3. Possibbiltà għall-Kummissjoni li tagħżel li tasal għal tranżazzjoni 143
4. Obbligu ta' motivazzjoni 143
5. Ġurisdizzjoni sħiħa 144
Kontribuzzjonijiet fil-qasam tal-Artikolu 101 TFUE 145
1. Kunċett ta' kompetizzjoni potenzjali 145
2. Restrizzjoni minħabba l-għan 147
a. Klawżola ta' nuqqas ta' kompetizzjoni 147
b. Pagamenti bil-kontra sproporzjonati li jimplikaw l-esklużjoni tal-kompetituri mis-suq 148
3. Kalkolu tal-ammont tal-multa 149

**IV. Għajnuna mill-Istat 152**

Ammissibbiltà 152
1. Att li jista' jiġi kkontestat 152
2. Interess individwali 152
Proċedura amministrattiva 153
Kunċett ta' vantaġġ 154
1. Oneru tal-prova 154
2. Kriterju ta' kreditur privat 155
Kunċett ta' riżorsi tal-Istat 157
Selettività – Għajnuna fiskali 158
Għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern 160
Irkupru tal-għajnuna 161

**V. Proprjetà intellettwali – Trade mark tal-Unjoni Ewropea 163**

Awtonomija tas-sistema tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea 163
Raġunijiet assoluti għal rifjut 164
1. Eżami *ex officio* mill-Bord tal-Appell 164
2. Obbligu ta' motivazzjoni 164
3. *Mala fides* 165
4. Indikazzjoni ġeografika 166
5. Trade marks awdjo 167
6. Produzzjoni ta' provi 167

Raġunijiet relattivi għal rifjut 168
1. Eżami *ex officio* mill-Bord tal-Appell 168
2. Mezzi ta' prova 169
3. Limitazzjoni bħala konsegwenza ta' kunsens 171
Kwistjonijiet proċedurali 171

VI. Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi 173
Ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran 173
Ir-Repubblika tat-Tuneżija 176
L-Ukraina 178
Ir-Repubblika Għarbija Sirjana 179
Ġlieda kontra t-terroriżmu 180

VII. Reġistrazzjoni tal-prodotti kimiċi 181

VIII. Dumping 183

IX. Superviżjoni tas-settur finanzjarju 185

X. Kuntratti pubbliċi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni 185

XI. Aċċess għal dokumenti tal-istituzzjonijiet 187
Talba għal aċċess għal dokumenti żvelati preċedentement 187
Eċċezzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali 187
Eċċezzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-pariri legali 188
Eċċezzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji 190

XII. Kawżi għad-danni 191
Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea 191
Ipproċessar ta' data personali 192
Setgħat tal-OLAF 193
Telf ta' opportunità 194
Appelli 195
Talbiet għal miżuri provviżorji 196

**C. Attività tar-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-2016** 200

I. L-effetti organizzattivi marbuta mad-dħul fil-kariga tal-Imħallfin il-ġodda 201

II. L-effetti proċedurali tar-riforma 202

III. Missjoni ta' assistenza legali 204

**D. Statistika ġudizzjarja tal-qorti ġeneral** 208

**E. Kompożizzjoni tal-Qorti Ġenerali** 234
1. Tibdiliet fil-kompożizzjoni tal-Qorti Ġenerali fl-2016 235
2. Ordnijiet protokollari 237
3. Membri preċedenti tal-Qorti Ġenerali 241

## KAPITOLU III | IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU


**A. Attività tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-2016** 246

**B. Ġurisprudenza tat-tribunal għas-servizz pubbliku fl-2016** 248

I. Kwistjonijiet proċedurali 248

1. Proċedura prekontenzjuża 248
2. Att li jikkawża preġudizzju 248
3. Inkompetenza tal-awtur tal-att li jikkawża preġudizzju 248
4. Termini għall-preżentata ta' rikors 249
5. Spejjeż 249
6. Awtorità ta' res judicata 250

II. Kwistjonijiet dwar il-mertu 250

Kundizzjonijiet ġenerali ta' validità tal-atti u drittijiet fundamentali 250

1. Portata ta' preambolu 250
2. Motivazzjoni formali 250
3. Applikabbiltà *ratione temporis* tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda 251
4. Eżami mill-ġdid tal-atti amministrattivi 251
5. Invokazzjoni tal-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea 251
6. Dmir ta' kooperazzjoni leali mal-qrati nazzjonali 252
7. Dritt għal smigħ 252
8. Dritt għal amministrazzjoni tajba 252
9. Dmir ta' premura 253
10. Dritt tal-uffiċjal jew tal-membru tal-persunal li jaċċedi għall-fajl li jikkonċernah 254

Sistema ta' remunerazzjoni u vantaġġi soċjali tal-uffiċjali 254

1. Sigurtà soċjali 254
2. Pensjonijiet 255
3. Allowance għall-firda 256
4. Avvanz fl-iskala 256

Karriera tal-uffiċjal u tal-membri tal-persunal 256

1. Promozzjoni ta' persunal imqiegħed għad-dispożizzjoni ta' organizzazzjonijiet sindakali jew professjonali 256
2. Sistema dixxiplinari 257
3. Assenjazzjoni mill-ġdid tal-persunal temporanju u kuntrattwali waqt it-trasferiment tas-sede ta' Aġenzija minn Stat Membru għal ieħor 257
4. Interruzzjoni ta' karriera ta' membru tal-persunal 258

Informatur 258

**C. Statistika ġudizzjarja tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku** 260

**D. Kompożizzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku** 272

1. Bidliet fil-kompożizzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-2016 273
2. Ordni protokollari 274
3. Membri preċedenti tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku 276



**Koen LENAERTS**

*President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea*

Matul is-sena 2016, l-Unjoni Ewropea esperjenzat numru ta' avvenimenti diffiċli.

Wara Pariġi f'Novembru 2015, f'dawn l-aħħar xhur Brussell, Nizza u Berlin intlaqtu, bħal diversi postijiet oħra madwar id-dinja, mill-atroċità ta' attakki terroristiċi serji u li b'kodardja jżebilħu l-valuri fundamentali ta' paċi, ta' umanità, ta' tolleranza u ta' rispett reċiproku li fuqhom huwa bbażat il-proġett Ewropew li tant huwa għażiż għalina.

Fit-23 ta' Ġunju 2016, il-poplu Brittaniku ddeċieda li jħalli l-Unjoni  Ewropea. Din l-għażla demokratika u sovrana toħloq sfidi kbar għall-Unjoni Ewropea u għall-istituzzjonijiet tagħha, li għandhom jiġu indirizzati bl-aħjar mod possibbli f'atmosfera li attwalment hija kkaratterizzata minn inċertezza.

Madankollu, is-sena 2016 tagħtina wkoll diversi raġunijiet ta' sodisfazzjon.

Bil-ħatra, f'Settembru li għadda, tal-Avukat Ġenerali li, skont ir-rotazzjoni, ġej mill-Bulgarija, il-kulleġġ tal-Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja, li n-numru tagħhom żdied għal ħdax f'Ġunju 2013, jista', finalment, jiffunzjona b'mod komplet, fatt dan li jiena kuntent bih speċjalment fid-dawl tan-numru dejjem jiżdied ta' kawżi li, b'mod partikolari fl-oqsma marbuta mal-isfidi kbar li qiegħda taffaċċja attwalment l-Unjoni Ewropea (ġlieda kontra t-terroriżmu, kriżi migratorja, miżuri marbuta mal-kriżi bankarja u finanzjarja...), iqajmu punti ta' dritt importanti ġodda, li jeħtieġu studju fil-kuntest ta' konklużjonijiet.

Punt pożittiv ieħor huwa l-fatt li fl-2016 ġew implementati kważi kompletament l-ewwel tnejn mit-tliet fażijiet tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni adottata mill-istituzzjonijiet leġiżlattivi Ewropej f'Diċembru 2015. Fil-fatt, matul din is-sena, seħħew ħdax mit-tnax-il ħatra ta' Mħallfin supplimentari fil-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea marbuta mal-ewwel fażi ta' din ir-riforma. Fir-rigward tat-tieni fażi, din twettqet b'mod konkret f'Settembru 2016, bix-xoljiment tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea, u hawnhekk nerġa' nirringrazzja lill-ex Membri u lill-kollaboraturi tagħhom għall-kontribuzzjoni ferm apprezzata tagħhom għall-iżvilupp tal-ġurisprudenza fil-kawżi, ħafna drabi sensittivi, tas-servizz pubbliku Ewropew. Barra minn hekk, f'Settembru ta' din is-sena, ingħaqdu magħna ħamsa mis-seba' Mħallfin supplimentari fil-Qorti Ġenerali li d-dħul fil-kariga tagħhom huwa previst ukoll minn din it-tieni fażi tar-riforma.

Fl-aħħar nett, filwaqt li, bl-eċċezzjoni tal-wasla ta' Avukat Ġenerali ġdid, is-sena 2016 kienet ikkaratterizzata minn stabbiltà perfetta fil-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, matul din is-sena, għall-kuntrarju, telqu sitt Membri tal-Qorti Ġenerali, fil-kuntest tat-tibdil parzjali tagħha kif ukoll minħabba r-riżenja ta' Membru tagħha.

Fir-rigward tal-istatistika, is-sena li għaddiet kienet ikkaratterizzata minn livell ta' attività għoli ħafna. Għalkemm in-numru globali ta' kawżi mressqa quddiem it-tliet qrati fl-2016 (1 604 kawżi) kien kemxejn iżgħar minn dak tal-2015 (1 711-il kawża), in-numru ta' kawżi maqtugħa fl-2016 baqa', min-naħa tiegħu, f'livell għoli (1 628 kawża). Dan jgħodd, b'mod partikolari, għall-Qorti tal-Ġustizzja, li, b'704 kawżi maqtugħa, fl-2016 qatgħet iktar kawżi milli rċeviet (692 kawża), u għat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li, qabel ix-xoljiment tiegħu u t-trasferiment tal-kawżi dwar is-servizz pubbliku quddiem il-Qorti Ġenerali, għamel l-aħjar li seta' sabiex jaqta' kemm jista' jkun kawżi. B'hekk, bejn Jannar u Awwissu 2016, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qata' xejn inqas minn 169 kawża.

Fuq livell iktar materjali, kulħadd seta' jara li bdew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuq it-tielet torri, li l-ewwel ġebla tiegħu tqiegħdet, b'mod simboliku, fis-27 ta' Ġunju 2016. Jiena nistenna b'ħerqa t-tlestija ta' dan il-proġett kbir fejn tidħol il-proprjetà immobbli li ser jippermetti, finalment, li l-persunal kollu tal-Istituzzjoni jkun miġbur f'sit wieħed, għall-benefiċċju tat-tisħiħ tal-kuntatti professjonali u umani tagħna.

F'perspettiva differenti minn dawn l-iżviluppi, nixtieq insemmi li t-tieni edizzjoni tal-laqgħa "Bâtisseurs d'Europe" – wara l-ewwel edizzjoni li nżammet f'Novembru 2014 – inżammet fil-11 ta' Novembru ta' din is-sena, il-jum li fih infakkru l-Armistizju li temm l-Ewwel Gwerra Dinjija. Din il-laqgħa, li kienet mistennija b'mod partikolari f'dawn iż-żminijiet kaotiċi għall-proġett Ewropew, inżammet fuq inizjattiva tal-Qorti tal-Ġustizzja u tat lil madwar 250 student minn stabbilimenti skolastiċi li jinsabu fil-viċinanzi l-opportunità jiddiskutu sensiela ta' temi ta' attwalità Ewropea, f'atmosfera kompletament informali, mal-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Dan ir-rapport jipprovdi lill-qarrej preżentazzjoni sħiħa tal-iżvilupp u tal-attività tal-Istituzzjoni matul is-sena 2016. Bħal fis-snin li għaddew, parti sostanzjali hija ddedikata għal rendikonti qosra iżda eżawrjenti tal-attività ġudizzjarja proprja tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti Ġenerali u tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. Wara introduzzjoni qasira, ser tingħata informazzjoni dwar l-istatistika speċifika għal kull qorti li tikkompleta u tispjega l-analiżi.

Nieħu din l-opportunità sabiex nirringrazzja minn qalbi lill-kollegi tiegħi kif ukoll lill-persunal kollu tal-Istituzzjoni għall-ħidma notevoli li wettqu matul din is-sena.





# KAPITOLU I
## IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

# A | ŻVILUPP U ATTIVITÀ TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA FL-2016

Mill-President **Koen LENAERTS**

Dan l-ewwel kapitolu jippreżenta b'mod qasir ħafna l-attivitajiet tal-Qorti tal-Ġustizzja matul is-sena 2016. Huwa jagħti, fil-parti (A), l-ewwel nett, ħarsa lejn l-iżvilupp tal-qorti matul is-sena li għaddiet u tal-attività ġudizzjarja tagħha. It-tieni parti (B) tippreżenta, bħal fis-snin li għaddew, l-iżviluppi prinċipali fil-ġurisprudenza kklassifikati skont is-suġġett, it-tielet u r-raba' parti jippreżentaw fid-dettall l-attività tar-Reġistru matul il-perijodu ta' referenza (C), kif ukoll l-istatistika dwar is-sena ġudizzjarja li għaddiet (D), filwaqt li l-ħames parti tippreżenta l-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja matul din l-istess sena (E).

**1. 1.** Is-sena 2016 kienet ikkaratterizzata minn stabbiltà perfetta fin-numru tal-Imħallfin fil-Qorti tal-Ġustizzja sa fejn, matul din is-sena, ebda Mħallef ma telaq u lanqas ma kien hemm dħul fil-kariga ta' Mħallfin ġodda. Fir-rigward tal-Avukati Ġenerali, id-dħul fil-kariga, fid-19 ta' Settembru 2016, tal-Avukat Ġenerali Bulgaru, Evgeni Tanchev, ippermetta lill-kulleġġ tal-Avukati Ġenerali, li n-numru tagħhom żdied minn tmienja għal ħdax b'riżultat tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2013 li żżid in-numru ta' Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja, jiffunzjona b'mod komplet, sitwazzjoni din li hija apprezzata ferm fil-kuntest ta' żieda kostanti fin-numru ta' kawżi li jqajmu punti ta' liġi ġodda u delikati.

**1. 2.** Mill-aspett tal-funzjonament istituzzjonali, matul is-sena 2016 ġew implementati, kważi kompletament, l-ewwel żewġ fażijiet tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni li tirriżulta mir-Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2015, li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 341, p. 14).

F'dan l-isfond, fl-udjenzi solenni li nżammu fit-13 ta' April, fit-8 ta' Ġunju u fid-19 ta' Settembru 2016, ħdax-il Imħallef ġdid fil-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea daħlu fil-karigi tagħhom fil-kuntest tal-ewwel fażi ta' din ir-riforma, li tipprevedi żieda ta' tnax fin-numru tal-Imħallfin f'din il-qorti.

It-tieni fażi tar-riforma, li l-istituzzjonijiet leġiżlattivi tal-Unjoni xtaqu li tikkoinċidi mat-tibdil parzjali tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea f'Settembru 2016, kienet tinvolvi x-xoljiment tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea u t-trasferiment tal-kompetenzi tagħha lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, li seħħ permezz tar-Regolament (UE, Euratom) 2016/1192 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Lulju 2016, dwar it-trasferiment lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-ġurisdizzjoni fl-ewwel istanza f'tilwimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-membri tal-persunal tagħha (ĠU 2016, L 200, p. 137), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2016.

Din it-tieni fażi tar-riforma tipprevedi, fl-istess ħin, il-ħatra ta' seba' Mħallfin supplimentari fil-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, numru li jikkorrispondi għal dak tal-"ex" Imħallfin fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea. Kien fl-okkażjoni tad-dħul fil-kariga ta' ħames Imħallfin supplimentari fil-Qorti Ġenerali tal-Unjoni li nżammet l-udjenza solenni tad-19 ta' Settembru 2016, bit-tama li l-aħħar ħatriet intiżi li tiġi ffinalizzata l-implementazzjoni tal-ewwel żewġ fażijiet tar-riforma jsiru fi żmien qasir.

It-tielet fażi tar-riforma ser isseħħ fil-kuntest tat-tibdil parzjali tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea f'Settembru 2019. In-numru ta' Mħallfin f'din il-qorti ser jiżdied b'disa' Mħallfin supplimentari, sabiex b'hekk in-numru totali tagħhom jilħaq 56 Imħallef, jiġifieri tnejn minn kull Stat Membru.

**2.** Fir-rigward tal-istatistika, filwaqt li l-qarrej huwa mistieden jirreferi għall-kummenti, fl-introduzzjoni tal-Parti C ta' dan il-kapitolu tar-Rapport Annwali, dwar id-data marbuta mas-sena li għaddiet, hawnhekk ser issir espożizzjoni qasira ħafna tat-tendenzi prinċipali li jistgħu jinstiltu minn din id-data.

L-ewwel element notevoli jikkonċerna n-numru globali tal-kawżi maqtugħa mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-2016: b'704 kawżi maqtugħa (+14 % meta mqabbla mas-sena 2015), fl-2016 il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet iktar kawżi milli ġew irreġistrati matul l-istess sena (692), ċifri dawn li jirriflettu produttività notevoli min-naħa tal-qorti matul is-sena li għaddiet u li wasslu għal tnaqqis żgħir fin-numru ta' kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru 2016 (872) meta mqabbel man-numru osservat fl-aħħar tas-sena 2015 (884).

Fir-rigward tal-kawżi mressqa fl-2016, 470 huma marbuta ma' talbiet għal deċiżjoni preliminari mill-qratinazzjonali. Din hija ċifra rekord fl-istorja tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirrifletti kemm l-importanza tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari fl-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni Ewropea u kemm il-fiduċja murija mill-qrati nazzjonali f'din il-forma ta' kooperazzjoni ġudizzjarja għall-finijiet tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni uniformi ta' dan id-dritt.

Tendenza notevoli oħra tas-sena li għaddiet tikkonċerna t-tul medju tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fir-rigward tal-kawżi dwar talbiet għal deċiżjoni preliminari, dan it-tul medju kien, fl-2016, ta' 15-il xahar, tul dan li huwa komparabbli ma' dak tal-2014, li jikkostitwixxi l-iktar tul qasir irreġistrat għal iktar minn tletin sena. Din iċ-ċifra hija dovuta, fil-parti l-kbira tagħha, minn naħa, għall-użu dejjem jikber tat-trattament permezz ta' digrieti għall-kawżi għal deċiżjoni preliminari li fihom ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja tkun evidenti u, min-naħa l-oħra, għan-numru partikolarment għoli, din is-sena, ta' kawżi għal deċiżjoni preliminari li t-trattament tagħhom kien suġġett għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari jew għall-proċedura mħaffa. Fir-rigward tal-appelli, it-tnaqqis sinjifikattiv fit-tul medju għat-trattament tagħhom, jiġifieri 12.9 xhur (meta mqabbel ma' 14-il xahar fl-2015) – li huwa l-iktar tul qasir irreġistrat sa mill-ħolqien tal-Qorti Ġenerali – huwa dovut prinċipalment għall-mod ta' trattament issemplifikat, adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-2016, tal-appelli ppreżentati fl-oqsma tal-aċċess għal dokumenti, tal-kuntratti pubbliċi u tal-proprjetà intellettwali u industrijali.

# B | ĠURISPRUDENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA FL-2016

## I. DRITTIJIET FUNDAMENTALI

Matul is-sena 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja tat diversi deċiżjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni Ewropea. Uħud mid-deċiżjonijiet dwar dan is-suġġett qegħdin jiġu ppreżentati f'dan r-rapport [1].

Minn fost dawn is-sentenzi, is-sentenza ***Paoletti et*** (C-218/15, EU:C:2016:748), mogħtija fis-6 ta' Ottubru 2016, jistħoqqilha attenzjoni partikolari. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet meħtieġa teżamina, *fid-dawl tal-prinċipju ta' retroattività tal-liġi kriminali iktar favorevoli, l-effett tal-adeżjoni ta' Stat Membru mal-Unjoni fuq l-applikazzjoni tal-liġi kriminali ta' Stat Membru dwar ir-reat ta' għajnuna għall-immigrazzjoni klandestina, li timplementa l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/90* [2]. F'din il-kawża, diversi ċittadini Taljani kienu s-suġġett ta' proċedura kriminali akkużati li kienu pprovdew għajnuna għall-immigrazzjoni illegali fl-Italja favur ċittadini tar-Rumanija qabel l-adeżjoni ta' dan l-Istat mal-Unjoni Ewropea. Peress li dawn tal-aħħar kienu sussegwentement saru ċittadini tal-Unjoni, il-qorti tar-rinviju kienet qiegħda tistaqsi, minn naħa, jekk l-adeżjoni kellhiex l-effett li tħassar l-imsemmi reat ta' għajnuna għall-immigrazzjoni illegali mwettaq qabel l-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, jekk il-prinċipju ta' applikazzjoni retroattiva tal-liġi kriminali iktar favorevoli kellux japplika għall-akkużati fil-kawża prinċipali.

Fl-ewwel lok, wara li fakkret li l-prinċipju ta' retroattività tal-liġi kriminali l-iktar favorevoli, kif irrikonoxxut fl-Artikolu 49(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jagħmel parti mid-dritt primarju tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-applikazzjoni tal-liġi kriminali l-iktar favorevoli neċessarjament timplika suċċessjoni ta' liġijiet fiż-żmien u hija bbażata fuq il-konstatazzjoni li l-leġiżlatur biddel l-opinjoni tiegħu jew dwar il-klassifikazzjoni kriminali tal-fatti jew dwar il-piena li għandha tiġi applikata għal reat. Issa, f'dan il-każ, il-leġiżlazzjoni kriminali Taljana ma kinitx suġġetta għal emendi minn meta twettqu r-reati invokati fil-konfront tal-akkużati.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, skont l-Artikolu 6 TUE u l-Artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-adeżjoni ta' Stat mal-Unjoni ma tipprekludix lil Stat Membru ieħor milli jkun jista' jimponi sanzjoni kriminali fuq il-persuni li jkunu wettqu, qabel din l-adeżjoni, ir-reat ta' għajnuna għall-immigrazzjoni illegali favur ċittadini tal-ewwel Stat. Fil-fatt, leġiżlazzjoni kriminali li tissanzjona, konformement mad-

1| Is-sentenzi ppreżentati huma s-segwenti: is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2016, ***Petruhhin*** (C-182/15, EU:C:2016:630), ippreżentata fit-Taqsima II.1, "Drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni"; is-sentenza tal-5 ta' Lulju 2016, ***Ognyanov*** (C-614/14, EU:C:2016:514), ippreżentata fit-Taqsima V, "Kawżi tal-Unjoni"; is-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, ***Pesce et*** (C-78/16 u C-79/16, EU:C:2016:428), ippreżentata fit-Taqsima VI, "Agrikoltura"; is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, ***AGET Iraklis*** (C-201/15, EU:C:2016:972), ippreżentata fit-Taqsima VII.3, "Libertà ta' stabbiliment u libertà li jiġu pprovduti servizzi"; is-sentenza tal-15 ta' Frar 2016, ***N.*** (C-601/15 PPU, EU:C:2016:84), ippreżentata fit-Taqsima VIII.1, "Politika tal-ażil"; is-sentenza tal-5 ta' April 2016, ***Aranyosi u Căldăraru*** (C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198), ippreżentata fit-Taqsima X.1, "Mandat ta' arrest Ewropew"; is-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2016, ***Kossowski*** (C-486/14, EU:C:2016:483), ippreżentata fit-Taqsima X.3, "Proċeduri u deċiżjonijiet kriminali fi Stat Membru ieħor"; is-sentenza tat-28 ta' Lulju 2016, ***Ordre des barreaux francophones et germanophone et*** (C-543/14, EU:C:2016:605), ippreżentata fit-Taqsima XII, "Dispożizzjonijiet fiskali"; is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, ***Tele2 Sverige u Watson et*** (C-203/15 u C-698/15, EU:C:2016:970), ippreżentata fit-Taqsima XIII.2, "Protezzjoni ta' data personali"; is-sentenza tal-20 ta' Settembru 2016, ***Ledra Advertising et vs Il-Kummissjoni u BĊE*** (C-8/15 P sa C-10/15 P, EU:C:2016:701), ippreżentata fit-Taqsima XV, "Politika ekonomika u monetarja"; is-sentenza tat-8 ta' Novembru 2016, ***Lesoochranárske zoskupenie VLK*** (C-243/15, EU:C:2016:838), ippreżentata fit-Taqsima XVIII, "Ambjent".

2| Direttiva tal-Kunsill 2002/90/KE, tat-28 ta' Novembru 2002, li tiddefinixxi l-iffaċilitar ta' dħul, transitu u residenza mhux awtorizzati (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 64).

Direttiva 2002/90 u mad-Deċiżjoni Qafas 2002/946 [3], tali reat b'piena ta' priġunerija ma tikkonċernax lill-immigranti illegali iżda lill-persuni li jgħinu fid-dħul u fir-residenza illegali tal-imsemmija immigranti fit-territorju ta' dan l-Istat. Is-sempliċi fatt li, wara d-dħul illegali tagħhom, dawn l-immigranti saru ċittadini tal-Unjoni ma huwiex ta' natura li jista' jinfluwenza l-iżvolġiment tal-proċeduri kriminali mressqa kontra dawk li pprovdew għajnuna għall-immigrazzjoni illegali.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li ebda dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tippermetti li jitqies li l-kisba taċ-ċittadinanza tal-Unjoni għandha twassal sabiex jisfa fix-xejn ir-reat imwettaq minn persuni li kienu involuti fit-traffikar ta' migranti. Jekk tingħata deċiżjoni fis-sens oppost, tali deċiżjoni twassal sabiex jiġi inkoraġġut dan it-traffikar hekk kif Stat jibda l-proċess ta' adeżjoni mal-Unjoni. B'hekk, l-għan milħuq ikun kuntrarju għal dak mixtieq mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

# II. ĊITTADINANZA TAL-UNJONI

Fir-rigward taċ-ċittadinanza Ewropea, jistħoqqilhom li jissemmew sitt sentenzi. Fosthom, tlieta jikkonċernaw id-drittijiet li jistgħu jibbenefikaw minnhom iċ-ċittadini tal-Istati Membri bis-saħħa taċ-ċittadinanza Ewropea. Tlieta oħra jikkonċernaw id-dritt ta' residenza mnissel favur ċittadin ta' Stat terz li huwa membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni.

## 1. DRITTIJIET TAĊ-ĊITTADINI TAL-UNJONI

Fit-2 ta' Ġunju 2016, fis-sentenza ***Bogendorff von Wolffersdorff*** (C-438/14, EU:C:2016:401), il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar *il-limiti għall-obbligu ta' Stat Membru li jirrikonoxxi l-kunjom li ċittadin ikun kiseb matul residenza fi Stat Membru ieħor, li tiegħu jkollu wkoll in-nazzjonalità.* It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tikkonċerna ċittadin Ġermaniż li, matul residenza fir-Renju Unit, kiseb in-nazzjonalità Brittanika u bidel l-ismijiet u l-kunjom tiegħu, b'tali mod li l-kunjom tiegħu kien jinkludi titoli nobbli Ġermaniżi. Mar-ritorn tiegħu fil-Ġermanja, ir-rikonoxximent tal-ismijiet u tal-kunjomijiet ġodda tiegħu, miksuba skont id-dritt Brittaniku, ġie rrifjutat.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, f'din il-kawża, ir-rifjut, mill-awtoritajiet ta' Stat Membru, li jirrikonoxxu l-ismijiet u l-kunjom ta' ċittadin ta' dan l-Istat Membru, kif iddeterminati u rreġistrati fi Stat Membru ieħor li tiegħu dan iċ-ċittadin ikollu wkoll in-nazzjonalità, jikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertajiet irrikonoxxuti fl-Artikolu 21 TFUE. Fil-fatt, peress li r-rikorrent huwa rreġistrat b'ismijiet u b'kunjomijiet differenti fir-reġistru tal-istatus ċivili Ġermaniż u mal-awtoritajiet Brittaniċi, ma jeżistix biss riskju konkret li, minħabba d-diversità tal-ismijiet, ser ikun meħtieġ li jiġu ċċarati dubji dwar l-identità tal-individwu kkonċernat, iżda wkoll riskju li dan jiltaqa' ma' diffikultajiet sabiex jiġġustifika r-rabtiet familjari tiegħu ma' bintu.

F'din il-kawża, il-Gvern Ġermaniż indika li, konformement mal-Artikolu 123 tal-Liġi Fundamentali, moqri flimkien mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 109 tal-Kostituzzjoni ta' Weimar, il-privileġġi u l-inugwaljanzi kollha marbuta mat-twelid jew mal-kundizzjoni huma aboliti fil-Ġermanja u, filwaqt li l-użu u t-trażmissjoni tagħhom bħala elementi ta' isem huma permessi, il-ħolqien ta' titoli nobbli ġodda u l-għoti tagħhom huma pprojbiti. L-għan ta' dawn id-dispożizzjonijiet, li jagħmlu parti mill-ordni pubbliku Ġermaniż, huwa li jiggarantixxu trattament ugwali għaċ-ċittadini Ġermaniżi kollha.

3| Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946/ĠAI, tat-28 ta' Novembru 2002, dwar it-tisħiħ tal-qafas penali biex ikun impedut it-tħaffif tad-dħul, it-transitu u r-residenza mhux awtorizzati (ĠU L 328, p. 1).

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li, fil-kuntest tal-għażla kostituzzjonali Ġermaniża, it-tielet paragrafu tal-Artikolu 109 tal-Kostituzzjoni ta' Weimar, bħala element tal-identità nazzjonali ta' Stat Membru msemmija fl-Artikolu 4(2) TUE, jista' jittieħed inkunsiderazzjoni bħala element li jiġġustifika restrizzjoni għad-dritt tal-moviment liberu tal-persuni rrikonoxxut mid-dritt tal-Unjoni. B'mod iktar preċiż, il-ġustifikazzjoni relatata mal-prinċipju ta' ugwaljanza taċ-ċittadini Ġermaniżi quddiem il-liġi u mal-għażla kostituzzjonali li jiġi abolit l-użu ta' titoli ta' nobbiltà bħala tali, għandha tiġi interpretata bħala li tirrigwarda motiv ta' ordni pubbliku. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, ikun kuntrarju għall-intenzjoni tal-leġiżlatur Ġermaniż jekk ċittadini Ġermaniżi, billi jużaw id-dritt ta' Stat Membru ieħor, jadottaw mill-ġdid it-titoli nobbli aboliti. Issa, rikonoxximent sistematiku tal-bidliet fl-isem, bħall-bidla inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jista' jwassal għal dan ir-riżultat.

*Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-awtoritajiet ta' Stat Membru jistgħu, f'ċirkustanzi bħal dawk ineżami, jirrifjutaw li jirrikonoxxu l-isem ta' ċittadin miksub legalment fi Stat Membru ieħor. Fil-fatt, tali rifjut ta' rikonoxximent jikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertajiet irrikonoxxuti fl-Artikolu* 21 TFUE, iżda huwa ġġustifikat permezz ta' motivi marbuta mal-ordni pubbliku peress li huwa adegwat u neċessarju sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza quddiem il-liġi taċ-ċittadini kollha tal-ewwel Stat Membru. L-evalwazzjoni tan-natura proporzjonata ta' tali prassi teħtieġ analiżi u bbilanċjar ta' diversi punti ta' liġi u ta' fatt speċifiċi għall-Istat Membru kkonċernat, li l-qorti tar-rinviju tinsab f'pożizzjoni aħjar mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex twettaqha. Fost l-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni f'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat b'mod partikolari l-fatt li r-rikorrent fil-kawża prinċipali eżerċita d-dritt għall-moviment liberu u għandu nazzjonalità doppja, Ġermaniża u Brittanika, il-fatt li l-elementi tal-isem miksub fir-Renju Unit ma jikkostitwixxux formalment titoli ta' nobbiltà, la fil-Ġermanja u lanqas fir-Renju Unit, iżda jagħtu biss l-apparenza ta' oriġini nobbli, u l-fatt li l-bidla tal-isem inkwistjoni kienet ibbażata biss fuq għażla personali filwaqt li d-diverġenza fl-ismijiet li tirriżulta minnha la hija imputabbli għaċ-ċirkustanzi tat-twelid tar-rikorrent, la għal adozzjoni u lanqas għall-kisba tan-nazzjonalità Brittanika.

Fis-sentenza ***Petruhhin*** (C-182/15, EU:C:2016:630), mogħtija fis-6 ta' Settembru 2016, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk, *għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' ftehim ta' estradizzjoni konkluż bejn Stat Membru u Stat terz, iċ-ċittadini ta' Stat Membru ieħor għandhomx jibbenefikaw, fid-dawl tal-prinċipju li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità u tal-libertà ta' moviment u ta' residenza taċ-ċittadini tal-Unjoni, mir-regola tal-Istat ta' residenza li tipprojbixxi l-estradizzjoni taċ-ċittadini nazzjonali*. F'dan il-każ, kienet inkwistjoni talba għall-estradizzjoni ta' ċittadin Estonjan, imressqa mill-awtoritajiet Russi quddiem l-awtoritajiet Latvjani, inkonnessjoni ma' reat ta' traffikar ta' drogi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett fakkret li, meta mar il-Latvja, l-individwu kkonċernat uża, bħala ċittadin tal-Unjoni, id-dritt ta' moviment liberu tiegħu fl-Unjoni, b'tali mod li s-sitwazzjoni tiegħu taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattati u, għaldaqstant, tal-prinċipju li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità. Issa, leġiżlazzjoni li twassal għal inugwaljanza fit-trattament li tikkonsisti f'li tkun permessa biss l-estradizzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni li huma ċittadini ta' *Stat Membr*u ieħor tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' moviment, fis-sens tal-Artikolu 21 TFUE. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li tali restrizzjoni tista' tiġi ġġustifikata biss jekk tkun ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi u jekk tkun proporzjonata għal għan leġittimament segwit mid-dritt nazzjonali. F'dan il-każ, għalkemm l-għan invokat mill-Istat ikkonċernat li jiġi evitat ir-riskju ta' impunità taċ-ċittadini ta' Stat Membru ieħor li jkunu wettqu reat fi Stat terz għandu jitqies li huwa ta' natura leġittima fid-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li għandu madankollu jiġi vverifikat jekk teżistix miżura alternattiva li taffettwa inqas l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-Artikolu 21 TFUE u li tippermetti li l-istess għan jintlaħaq ukoll b'mod daqstant ieħor effikaċi. F'dan ir-rigward, fl-assenza ta' regoli tad-dritt tal-Unjoni li jirregolaw l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri u Stat terz, għandhom jiġu implementati l-mekkaniżmi kollha ta' kooperazzjoni u ta' assistenza reċiproka eżistenti fil-qasam kriminali taħt id-dritt tal-Unjoni. B'mod partikolari, għandha tingħata prijorità lill-iskambju ta' informazzjoni mal-Istat Membru li tiegħu l-individwu kkonċernat għandu n-nazzjonalità. Minn dan isegwi li f'sitwazzjoni fejn Stat Membru li

jkun mar fih ċittadin tal-Unjoni, ċittadin ta' Stat Membru ieħor, jirċievi talba għal estradizzjoni minn Stat terz li miegħu l-ewwel Stat Membru jkun ikkonkluda ftehim ta' estradizzjoni, dan l-Istat Membru huwa obbligat jinforma lill-Istat Membru li tiegħu l-imsemmi ċittadin ikollu n-nazzjonalità u, jekk ikun il-każ, fuq talba minn dan l-aħħar Stat Membru, jikkonsenjalu dan iċ-ċittadin, konformement mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 [4], bil-kundizzjoni li dan l-Istat Membru jkollu ġurisdizzjoni, skont id-dritt nazzjonali tiegħu, sabiex iressaq proċeduri kriminali kontra dan l-individwu għal fatti mwettqa barra mit-territorju nazzjonali tiegħu.

Barra minn hekk, fil-każ ta' talba minn Stat terz għall-estradizzjoni ta' ċittadin ta' Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru mitlub, dan tal-aħħar għandu jivverifika li l-estradizzjoni ma hijiex ser tippreġudika d-drittijiet previsti fl-Artikolu 19 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li jipprovdi li ħadd ma jista' jitneħħa, jitkeċċa jew ikun estradit lejn Stat fejn hemm riskju serju li jkun suġġett għall-piena tal-mewt, għat-tortura jew għall-pieni jew trattamenti inumani jew degradanti. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-eżistenza ta' dikjarazzjonijiet u l-aċċettazzjoni ta' trattati internazzjonali li jiggarantixxu, bħala prinċipju, ir-rispett tad-drittijiet fundamentali, ma humiex biżżejjed, waħedhom, sabiex tiġi żgurata protezzjoni xierqa mir-riskju ta' trattamenti ħżiena meta sorsi affidabbli jkunu jindikaw prattiki tal-awtoritajiet li manifestament imorru kontra l-prinċipji tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (iktar 'il quddiem il-"KEDB").

Fl-aħħar nett, fis-sentenza tagħha ***García-Nieto et*** (C-299/14, EU:C:2016:114), mogħtija fil-25 ta' Frar 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-ġurisprudenza reċenti tagħha [5] li minnha jirriżulta li *Stat Membru jista' jeskludi mill-benefiċċju ta' ċerti benefiċċji soċjali liċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra matul l-ewwel tliet xhur tar-residenza tagħhom*. It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet bejn familja Spanjola u ċentru tal-impjieg Ġermaniż li kien irrifjuta, konformement mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, li jagħti l-benefiċċji ta' sussistenza għall-persuni li jkunu qegħdin ifittxu impjieg u għat-tfal tagħhom lill-missier u lill-ibnu matul l-ewwel tliet xhur tar-residenza tagħhom fil-Ġermanja. Dawn kienu waslu f'dan l-Istat lejn l-aħħar ta' Ġunju 2012, ftit xhur wara l-omm u l-bint. F'dik id-data, l-omm kienet diġà qiegħda teżerċita attività legali fil-Ġermanja, attività li fir-rigward tagħha kienet, b'effett minn Lulju, affiljata obbligatorjament mal-iskema ta' sigurtà soċjali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont id-Direttiva 2004/38, iċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom id-dritt li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor għal perijodu ta' tliet xhur mingħajr kundizzjonijiet jew formalitajiet oħra għajr ir-rekwiżit li jkollhom fil-pussess tagħhom karta tal-identità jew passaport validi. Peress li, fir-rigward ta' dan il-perijodu, l-Istati Membri ma jistgħux jeżiġu mingħand iċ-ċittadini tal-Unjoni li jkollhom mezzi suffiċjenti ta' sussistenza u kopertura medika personali, id-Direttiva tippermettilhom, sabiex jitħares il-bilanċ finanzjarju tal-iskema ta' assistenza soċjali tagħhom, li jirrifjutaw li jagħtu lil dawn iċ-ċittadini, li ma jkunux ħaddiema impjegati, ħaddiema li jaħdmu għal rashom jew persuni li jżommu tali status, kwalunkwe benefiċċju ta' assistenza soċjali matul l-ewwel tliet xhur. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali rifjut ma jeħtieġx eżami tas-sitwazzjoni individwali tal-persuna kkonċernata.

4| Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, b'rettifika fil-ĠU L 17, 22.01.2009, p. 45).

5| Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Novembru 2014, ***Dano*** (C-333/13, EU:C:2014:2358), u tal-15 ta' Settembru 2015, ***Alimanovic*** (C-67/14, EU:C:2015:597).

## 2. DRITT TA' RESIDENZA DDERIVAT FAVUR ĊITTADIN TA' STAT TERZ

***Fil-kawżi li wasslu għas-sentenza Rendón Marín*** (C-165/14, EU:C:2016:675) kif ukoll għas-sentenza ***CS*** (C-304/14, EU:C:2016:674), mogħtija mill-Awla Manja fit-13 ta' Settembru 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kwistjoni ta' jekk *id-dritt tal-Unjoni jippermettix lil Stat Membru jirrifjuta awtomatikament, għas-sempliċi raġuni li għandu preċedenti kriminali, permess ta' residenza lil ċittadin ta' Stat terz li jkollu l-kustodja esklużiva ta' żewġ ulied, ċittadini minuri tal-Unjoni, li wieħed minnhom għandu n-nazzjonalità ta' Stat Membru differenti minn dak tar-residenza, u l-ieħor għandu n-nazzjonalità tal-Istat Membru fejn dejjem kien residenti.*

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li r-rifjut li l-ġenitur, ċittadin ta' Stat terz, li jkollu l-kustodja effettiva ta' wild minuri residenti fi Stat Membru li ma jkunx dak tan-nazzjonalità tiegħu, jitħalla jirrisjedi miegħu fl-Istat Membru ospitanti jċaħħad lid-dritt ta' residenza tal-wild minn kull effett utli. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 21 TFUE u d-Direttiva 2004/38 jippermettu lil dan il-ġenitur jirrisjedi mal-wild tiegħu, li għandu l-kwalità ta' ċittadin tal-Unjoni, fl-Istat Membru ospitanti jekk jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7(1)(b) ta' din id-direttiva, jiġifieri jekk ikollu riżorsi suffiċjenti u assigurazzjoni komprensiva għall-mard. Fit-tieni lok, fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' minuri li dejjem irrisjeda fl-Istat Membru li għandu n-nazzjonalità tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-Artikolu 20 TFUE jagħti lil kull persuna li għandha n-nazzjonalità ta' Stat Membru l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, status li jġib miegħu d-dritt li wieħed jiċċaqlaq u jirrisjedi b'mod liberu fit-territorju tal-Istati Membri. Dan l-artikolu jipprekludi miżuri nazzjonali li jkollhom l-effett li jċaħħdu liċ-ċittadini tal-Unjoni mit-tgawdija effettiva tad-drittijiet tagħhom. Issa, tali tiċħid iseħħ meta r-rifjut ta' permess ta' residenza lil ċittadin ta' Stat terz jew it-tkeċċija tiegħu jkollhom l-effett li jobbligaw lill-wild tiegħu, ċittadin tal-Unjoni li tiegħu ċ-ċittadin ta' Stat terz ikollu l-kustodja esklużiva, jakkumpanjah u, għaldaqstant, joħroġ mit-territorju tal-Unjoni.

Fir-rigward tal-effett tal-preċedenti kriminali fuq ir-rikonoxximent ta' dritt ta' residenza dderivat favur membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi limitazzjoni tad-dritt ta' residenza bbażata fuq raġunijiet ta' prevenzjoni ġenerali u bbażata fuq l-għan ta' dissważjoni ta' barranin oħra, b'mod partikolari meta din il-miżura tkun ġiet deċiża b'mod awtomatiku b'konsegwenza ta' kundanna kriminali. Fil-fatt, l-eventwali miżuri ta' restrizzjoni adottati mill-Istati Membri għandhom josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità u għandhom ikunu bbażati esklużivament fuq l-eżistenza ta' theddida reali, attwali u suffiċjentement gravi għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà pubblika, kundizzjoni din li teħtieġ evalwazzjoni konkreta, b'mod partikolari, tal-aġir personali tal-individwu kkonċernat.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, f'każ bħal dak ineżami, kwalunkwe deroga għad-dritt ta' residenza taċ-ċittadini tal-Unjoni jew tal-membri tal-familja tagħhom sabiex jinżamm l-ordni pubbliku jew sabiex titħares is-sigurtà pubblika, għandha tinftiehem b'mod strett. Għalkemm l-Artikolu 20 TFUE ma jmissx il-possibbiltà tal-Istati Membri li jinvokaw tali eċċezzjoni, il-portata tiegħu ma għandhiex tiġi ddeterminata unilateralment minnhom mingħajr stħarriġ mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni peress li tali evalwazzjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni wkoll l-interess superjuri tal-wild kif ukoll id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, kif previst fl-Artikolu 7 tal-Karta.

***Fil-kawża li tat lok għas-sentenza NA*** (C-115/15, EU:C:2016:487), mogħtija fit-30 ta' Ġunju 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat il-kwistjoni ta' jekk *ċittadin ta' Stat terz, iddivorzjat minn ċittadin tal-Unjoni u li għandu l-kustodja tal-ulied, jistax jibbenefika miż-żamma tad-dritt ta' residenza tiegħu fl-Istat Membru ospitanti anki meta l-proċedura ġudizzjarja għal divorzju tkun bdiet wara t-tluq tal-konjuġi ċittadin tal-Unjoni minn dan l-Istat Membru.* Il-kawża prinċipali kienet tikkonċerna ċittadina Pakistana miżżewġa lil ċittadin Ġermaniż. Il-koppja kienet tirrisjedi fir-Renju Unit, fejn ir-raġel kellu l-istatus ta' ħaddiem impjegat u ta' ħaddiem li jaħdem għal rasu.

Peress li r-relazzjoni kienet iddeterjorat, il-mara, li kienet vittma ta' diversi atti ta' vjolenza domestika, kienet bdiet, fl-2006, wara li r-raġel tagħha telaq mir-Renju Unit, il-proċedura għal divorzju f'dan l-Istat Membru u kisbet il-kustodja esklużiva taż-żewġ ulied tagħhom. Dawn tal-aħħar, minkejja li kellhom in-nazzjonalità Ġermaniża, kienu twieldu fir-Renju Unit, fejn kienu ilhom imorru l-iskola mill-2009 u mill-2010 rispettivament. Din iċ-ċittadina Pakistana kienet ressqet ukoll talba sabiex tikseb permess ta' residenza permanenti fir-Renju Unit, iżda din it-talba kienet ġiet miċħuda mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

Fir-rigward tad-dritt ta' residenza tal-mara fir-Renju Unit, il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi fakkret li, skont il-punt (ċ) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2004/38 [6], id-divorzju ma jwassalx għat-telf tad-dritt ta' residenza tal-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li ma jkollhomx in-nazzjonalità ta' Stat Membru meta ċirkustanzi partikolarment diffiċli jeżiġu dan, pereżempju l-fatt li kienu vittma ta' vjolenza domestika. Madankollu, filwaqt li għamlet riferiment għas-sentenza *Singh et* [7], il-Qorti tal-Ġustizzja tenniet li, konformement mal-Artikolu 7(2) ta' din id-direttiva, il-konjuġi ċittadin tal-Unjoni ta' ċittadin ta' Stat terz għandu jkun residenti fl-Istat Membru ospitanti sad-data li fiha tinbeda l-proċedura ġudizzjarja għal divorzju sabiex ċittadin ta' Stat terz ikun jista' jinvoka ż-żamma tad-dritt ta' residenza tiegħu. Issa, dan ma kienx il-każ fil-kawża prinċipali.

Mill-banda l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, fuq il-bażi tad-dritt ta' aċċess għall-edukazzjoni fl-Istat Membru ospitanti tal-ulied ta' ħaddiema migranti taħt l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1612/68 [8], l-ulied u l-ġenitur ċittadin ta' Stat terz, li jkollu l-kustodja esklużiva tagħhom, jibbenefikaw minn dritt ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti f'sitwazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn il-ġenitur l-ieħor ikun ċittadin tal-Unjoni u jkun ħadem f'dan l-Istat Membru iżda ma jkunx għadu residenti hemmhekk qabel ma l-ulied ikunu bdew jattendu l-iskola fl-imsemmi Stat Membru. Fil-fatt, f'ċirkustanzi fejn l-ulied igawdu, skont din id-dispożizzjoni, id-dritt li jkomplu l-edukazzjoni tagħhom fl-Istat Membru ospitanti, filwaqt li l-ġenitur li jkollu l-kustodja tagħhom jista' jitlef id-dritt ta' residenza tiegħu, ir-rifjut li l-imsemmi ġenitur jingħata l-possibbiltà jibqa' fl-Istat Membru ospitanti sakemm l-ulied tiegħu jkunu qegħdin isegwu l-edukazzjoni tagħhom jista' jkun ta' natura li jċaħħad lil dawn tal-aħħar minn dritt li jirrikonoxxilhom il-leġiżlatur tal-Unjoni.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont l-Artikolu 21 TFUE, iċ-ċittadini minuri tal-Unjoni, kif ukoll il-ġenitur li effettivament ikollu l-kustodja tagħhom, għandhom dritt ta' residenza sakemm l-imsemmija ċittadini tal-Unjoni jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2004/38 [9], b'mod partikolari l-kundizzjoni li jkollhom riżorsi suffiċjenti, li jistgħu jiġu pprovduti wkoll mill-ġenitur li jkun ċittadin ta' Stat terz.

6| Direttiva Nru 2004/38/KE tal-Parlament u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familji tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE, 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

7| Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Lulju 2015, ***Singh et*** (C-218/14, EU:C:2015:476).

8| Regolament tal-Kunsill (KKE) [(KEE)] Nru 1612/68, tal-15 ta' Ottubru 1968, dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 15).

9| Direttiva Nru 2004/38/KE tal-Parlament u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familji tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE, 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

# III. DISPOŻIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI

## 1. BAŻI LEGALI TAL-ATTI TAL-UNJONI

Matul is-sena 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja tat tliet sentenzi importanti dwar il-bażi legali tal-atti tal-Unjoni. Dawn jikkonċernaw, rispettivament, il-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK), l-agrikoltura u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, annullat, permezz tas-sentenza ***Il-Parlament vs Il-Kunsill*** (C-263/14, EU:C:2016:435) tal-14 ta' Ġunju 2016, *id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/198/PESK, tal-10 ta' Marzu 2014, dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Unita tat-Tanzanija dwar il-kondizzjonijiet tat-trasferiment ta' pirati ssuspettati u proprjetà ssekwestrata assoċjata mill-forza navali mmexxija mill-Unjoni Ewropea lejn ir-Repubblika Unita tat-Tanzanija* [10].

Il-Parlament kien qajjem żewġ motivi insostenn tar-rikors għal annullament tiegħu. Permezz tal-ewwel motiv, huwa sostna li d-deċiżjoni kkontestata kienet ġiet adottata, b'mod żbaljat, skont il-proċedura speċifika għall-ftehimiet li jikkonċernaw esklużivament il-PESK, stabbilita fl-ewwel frażi tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) TFUE, li teskludi kull parteċipazzjoni tal-Parlament. Permezz tat-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 218(10) TFUE, il-Parlament ilmenta li l-Kunsill ma kienx żammu informat immedjatament u kompletament fl-istadji kollha tan-negozjati u tal-konklużjoni tal-imsemmi ftehim.

Fir-rigward tal-proċedura segwita għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, l-ewwel nett, li, jekk minn eżami ta' att tal-Unjoni jirriżulta li dan l-att isegwi żewġ għanijiet jew li fih żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew minn dawn il-komponenti jkun identifikabbli bħala dak prinċipali filwaqt li l-ieħor ikun biss anċillari, l-att għandu, bħala prinċipju, ikun ibbażat fuq bażi legali waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent prinċipali jew predominanti. B'hekk, peress li mill-eżami tal-Ftehim UE-Tanzanija rriżulta li dan jaqa' b'mod predominanti taħt il-PESK, u mhux taħt il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u l-kooperazzjoni mill-pulizija, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tiegħu kienet ġiet adottata, b'mod korrett, skont il-proċedura speċifika għall-ftehimiet li jikkonċernaw il-PESK.

Filwaqt li fakkret l-assenza ta' parteċipazzjoni tal-Parlament fil-proċeduri ta' negozjati u ta' konklużjoni tal-ftehimiet li jaqgħu fil-qasam tal-PESK, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi ddeċidiet li r-rekwiżit li l-Parlament jinżamm informat skont l-Artikolu 218(10) TFUE japplika wkoll għar-riżultati intermedji li jkunu wasslu għalihom in-negozjati. B'hekk, f'dan il-każ, il-Kunsill kien imissu kkomunika t-test tal-abbozz ta' ftehim u dak tal-abbozz ta' deċiżjoni, sa fejn dawn kienu ġew ikkomunikati lill-awtoritajiet tat-Tanzanija fid-dawl tal-konklużjoni tal-Ftehim UE-Tanzanija. Peress li n-nuqqas ta' osservanza ta' dan ir-rekwiżit ta' informazzjoni kien ipprekluda lill-Parlament milli jeżerċita d-dritt tiegħu fil-qasam tal-PESK u, jekk ikun il-każ, milli jesprimi l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tal-bażi legali korretta li fuqha kellha tkun ibbażata d-deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-ftehim, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat id-deċiżjoni kkontestata minħabba ksur ta' rekwiżit proċedurali sostanzjali.

Fit-tieni lok, *ir-relazzjoni bejn iż-żewġ bażijiet legali previsti rispettivament fl-Artikolu 43(2) TFUE u fl-Artikolu 43(3) TFUE* ġiet speċifikata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza ***Il-Ġermanja vs Il-Parlament u Il-Kunsill*** (C-113/14, EU:C:2016:635), mogħtija fis-7 ta' Settembru 2016. Permezz tar-rikors għal annullament tagħha, ir-Repubblika

10| ĠU L 108, p. 1.

Federali tal-Ġermanja sostniet li, bl-adozzjoni tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1308/2013 [11] fuq il-bażi tal-Artikolu 43(2) TFUE minflok fuq il-bażi tal-Artikolu 43(3) TFUE, il-Parlament u l-Kunsill kienu għażlu bażi legali żbaljata. L-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1308/2013 jistabbilixxi l-limiti minimi ta' referenza għal diversi prodotti agrikoli li jistgħu jkunu s-suġġett ta' interventi pubbliki sabiex jiġi sostnut is-suq. Dawn il-limiti minimi jirreferu għall-prodotti agrikoli li jissemmew fl-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1370/2013 [12].

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, skont l-Artikolu 43(2) TFUE, il-Parlament u l-Kunsill huma meħtieġa jadottaw, konformement mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, id-"dispożizzjonijiet [...] meħtieġa għall-kisba ta' l-objettivi tal-politika agrikola komuni u l-politika komuni tas-sajd". Mill-banda l-oħra, konformement mal-Artikolu 43(3) TFUE, il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta "l-miżuri dwar l-iffissar tal-prezzijiet, l-imposti, l-għajnuna u l-limitazzjonijiet kwantitattivi, kif ukoll dwar l-iffissar u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd". Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dawn il-miżuri tal-aħħar għandhom natura prinċipalment teknika u għandhom jitqiesu li huma adottati sabiex jiġu implementati d-dispożizzjonijiet adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 43(2) TFUE. F'dan il-każ, għall-finijiet tal-iffissar u tar-reviżjoni tal-limiti minimi ta' referenza previsti fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1308/2013, huma meħtieġa evalwazzjonijiet prinċipalment tekniċi u xjentifiċi. Peress li r-Regolament Nru 1308/2013 ma jipprovdix elementi li jippermettu li tiġi stabbilita b'mod validu distinzjoni bejn ir-reviżjoni tal-limiti minimi u l-ewwel iffissar tagħhom, u fid-dawl tal-fatt li l-prezzijiet ta' intervent jirriżultaw mil-limiti minimi ta' referenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet, minn dan, li l-iffissar ta' dawn il-limiti minimi jikkostitwixxi miżura dwar l-iffissar tal-prezzijiet. Minn dan isegwi li l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1308/2013 kien imissu ġie adottat fuq il-bażi tal-Artikolu 43(3) TFUE.

Il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet ir-rikors u annullat mhux biss l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1308/2013 iżda wkoll l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1370/2013, fid-dawl tal-fatt li kienu marbuta ma' xulxin b'mod li ma setgħux jiġu sseparati. Madankollu, fid-dawl tal-konsegwenzi gravi li seta' jikkawża l-annullament tagħhom b'effett immedjat, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li żżomm l-effett tagħhom sad-dħul fis-seħħ, f'terminu raġonevoli li ma jistax ikun ta' iktar minn ħames xhur mid-data tas-sentenza, ta' leġiżlazzjoni ġdida bbażata fuq il-bażi legali adegwata.

Fl-aħħar nett, fit-22 ta' Settembru 2016, fis-sentenza ***Il-Parlament vs Il-Kunsill*** (C-14/15 u C-116/15, EU:C:2016:715), il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet ir-rikors għal annullament ippreżentat mill-Parlament *kontra d-Deċiżjonijiet ta' implementazzjoni 2014/731* [13]*, 2014/743* [14]*, 2014/744* [15] *u 2014/911* [16]*, li jagħtu lil erba' Stati Membri aċċess għal sistema ta' skambju ta' informazzjoni dwar profili ta' DNA, data dwar il-marki tas-swaba' u ċerta data dwar ir-reġistrazzjoni ta' vetturi.* Hija fil-fatt qieset li l-bażi legali ta' dawn id-deċiżjonijiet, jiġifieri l-Artikolu

11| Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Diċembru 2013, li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, p. 671).

12| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013, tas-16 ta' Diċembru 2013, li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli (ĠU L 346, p. 12).

13| Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/731/UE, tad-9 ta' Ottubru 2014, dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' Data dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Vetturi (VRD) f'Malta (ĠU L 302, p. 56).

14| Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/743, tal-21 ta' Ottubru 2014, dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' Data dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Vetturi (VRD) f'Ċipru (ĠU L 308, p. 100).

15| Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/744/UE, tal-21 ta' Ottubru 2014, dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' Data dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Vetturi (VRD) fl-Estonja (ĠU L 308, p. 102).

16| Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/911/UE, tal-4 ta' Diċembru 2014, dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika fil-Latvja (ĠU L 360, p. 28).

25 tad-Deċiżjoni 2008/615[17], kienet ipprevediet l-adozzjoni ta' miżuri ta' implementazzjoni tagħha skont modalitajiet differenti minn dawk stabbiliti fit-Trattati.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi fakkret li, sa fejn ir-regoli dwar il-formazzjoni tar-rieda tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni huma stabbiliti fit-Trattati u ma jaqgħux fid-diskrezzjoni la tal-Istati Membri u lanqas tal-istituzzjonijiet stess, huma biss it-Trattati li jistgħu, f'każijiet partikolari, jawtorizzaw lil istituzzjoni temenda proċedura deċiżjonali stabbilita minnhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi osservat li l-legalità ta' att tal-Unjoni għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-punti ta' fatt u ta' liġi eżistenti fid-data tal-adozzjoni ta' dan l-att. F'dan ir-rigward, fiż-żmien tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615, l-Artikolu 34(2)(c) UE kien jipprevedi żewġ proċeduri distinti għall-adozzjoni tal-atti leġiżlattivi u tal-miżuri ta' implementazzjoni, fejn kienu biss l-atti leġiżlattivi li kellhom jiġu adottati mill-Kunsill permezz ta' deċiżjoni unanima.

Issa, wara li eżaminat l-Artikolu 25(2) tad-Deċiżjoni 2008/615, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dan għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprevedi l-adozzjoni, mill-Kunsill permezz ta' deċiżjoni unanima, ta' miżuri ta' implementazzjoni ta' din id-deċiżjoni, fir-rigward, b'mod partikolari, tal-protezzjoni tad-data. Minn dan hija kkonkludiet li, billi jirrikjedi li l-miżuri neċessarji għall-implementazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615 fil-livell tal-Unjoni għandhom jiġu adottati mill-Kunsill permezz ta' deċiżjoni unanima, meta l-Artikolu 34(2)(c) UE kien jipprevedi li tali miżuri kellhom jiġu adottati mill-Kunsill permezz ta' deċiżjoni bbażata fuq maġġoranza kkwalifikata, l-Artikolu 25(2) ta' din id-deċiżjoni jistabbilixxi b'mod illegali modalitajiet ta' adozzjoni msaħħa fil-konfront tal-proċedura prevista għal dan l-għan mit-Trattati. Għaldaqstant, id-deċiżjonijiet ikkontestati ġew annullati.

## 2. KOMPETENZI U SETGĦAT TAL-ISTITUZZJONIJIET

Fir-rigward tal-kompetenzi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, għandha tissemma s-sentenza ***Il-Kunsill vs Il-Kummissjoni*** (C-660/13, EU:C:2016:616), mogħtija fit-28 ta' Lulju 2016. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li kienet tipprevedi, minn naħa, l-approvazzjoni ta' addendum għall-*Memorandum ta' qbil bejn l-Unjoni u l-Konfederazzjoni tal-Isvizzera dwar il-parteċipazzjoni finanzjarja tal-Isvizzera fl-Unjoni estiża* u, min-naħa l-oħra, l-awtorizzazzjoni ta' ċerti Membri tal-Kummissjoni sabiex jiffirmaw dan l-addendum f'isem l-Unjoni. Il-Kunsill kien ikkontesta l-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tiffirma l-addendum inkwistjoni mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li bbażat ruħha fuq il-prinċipji ta' kompetenzi attribwiti u ta' ekwilibriju istituzzjonali, bdiet billi fakkret li l-funzjoni tal-Kunsill tikkonsisti fit-tfassil tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, konformement b'mod partikolari mal-Artikolu 16 TUE, filwaqt li l-funzjoni tal-Kummissjoni hija li tiżgura r-rappreżentanza esterna tal-Unjoni. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, is-sempliċi setgħa ta' rappreżentanza esterna tal-Kummissjoni ma hijiex biżżejjed sabiex jiġi ddeterminat jekk l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-Kunsill kinitx neċessarja għall-iffirmar tal-addendum inkwistjoni. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, għalkemm il-Kummissjoni kienet awtorizzata tibda diskussjonijiet għal dan l-għan mal-Isvizzera, hija madankollu ma kellhiex l-awtorizzazzjoni li tiffirma, f'isem l-Unjoni, l-addendum li jirriżulta minn dawn in-negozjati. Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx titqies li kellha l-awtorizzazzjoni tiffirma ftehim mhux vinkolanti li jirriżulta minn tali negozjati. Barra minn hekk, peress li deċiżjoni dwar l-iffirmar ta' tali ftehim tagħmel parti mill-atti ta' tfassil tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 16(1) TUE u tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 16(6) TUE, dan l-iffirmar jimplika l-evalwazzjoni, min-naħa tal-Unjoni, tal-kwistjoni ta' jekk dan il-ftehim jikkorrispondix f'kull każ għall-interess tagħha, kif iddefinit mill-Kunsill, b'mod partikolari fid-deċiżjoni dwar il-ftuħ tan-negozjati.

17| Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI, tat-23 ta' Ġunju 2008, dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU, L 210, p. 1).

Din l-evalwazzjoni teżiġi verifika tal-kontenut tal-ftehim, li la jkun jista' jiġi stabbilit minn qabel u lanqas ma jkun jista' jiġi previst fil-mument tad-deċiżjoni li jinfetħu tali negozjati. B'hekk, is-sempliċi fatt li l-kontenut tal-ftehim jikkorrispondi għall-mandat ta' negozjar mogħti mill-Kunsill ma huwiex biżżejjed sabiex jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tiffirma tali att mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-Kunsill.

Ir-rikors għal annullament tal-Kunsill intlaqa'. Il-Qorti tal-Ġustizzja, madankollu, żammet l-effetti tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni sad-dħul fis-seħħ, f'terminu raġonevoli, ta' deċiżjoni ġdida intiża li tissostitwixxiha.

Fis-sentenza ***Il-Parlament vs Il-Kummissjoni*** (C-286/14, EU:C:2016:183) tas-17 ta' Marzu 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità tispeċifika l-*portata tas-setgħa ddelegata lill-Kummissjoni li tikkompleta att leġiżlattiv, fis-sens tal-Artikolu 290(1) TFUE*.

F'deċiżjoni dwar rikors għal annullament ippreżentat mill-Parlament Ewropew kontra r-Regolament ta' delega Nru 275/2014 [18], il-Qorti tal-Ġustizzja kellha teżamina motiv wieħed ibbażat fuq l-argument li l-Kummissjoni kienet marret lil hinn mis-setgħa ddelegata lilha permezz tar-Regolament Nru 1316/2013 [19]. F'dan ir-rigward, il-Parlament kien qiegħed jikkritika lill-Kummissjoni, b'mod iktar partikolari, talli żiedet il-Parti VI fl-Anness I tal-imsemmi Regolament Nru 1316/2013, minflok ma adottat att ta' delega distint.

Fir-rigward tar-regoli dwar id-delegi previsti fl-Artikolu 290 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li att leġiżlattiv jista' jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali li "jissupplimentaw" jew "jemendaw" ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv u li dawn iż-żewġ kategoriji ta' setgħat iddelegati huma nettament distinti minn xulxin. Meta l-Kummissjoni teżerċita setgħa li tissupplimenta att leġiżlattiv, il-mandat tagħha huwa limitat għall-iżvilupp fid-dettall, b'osservanza tal-integralità tal-att leġiżlattiv adottat mil-leġiżlatur, tal-elementi mhux essenzjali tal-leġiżlazzjoni kkonċernata li l-leġiżlatur ma jkunx iddefinixxa. Mill-banda l-oħra, id-delega ta' setgħa li temenda att leġiżlattiv hija intiża li tawtorizza lill-Kummissjoni temenda jew tħassar elementi mhux essenzjali stabbiliti f'dan l-att mil-leġiżlatur. Id-differenzi bejn iż-żewġ kategoriji ta' setgħat iddelegati previsti fl-Artikolu 290(1) TFUE ma jippermettux li jiġi rrikonoxxut li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tiddetermina hija stess in-natura tas-setgħa ddelegata lilha.

F'dan il-każ, meta awtorizza lill-Kummissjoni tadotta att ta' delega li "jiddettalja" ċerti elementi, l-Artikolu 21(3) tar-Regolament Nru 1316/2013 awtorizza lill-Kummissjoni "tissupplimenta" dan ir-regolament, fis-sens tal-Artikolu 290 TFUE. Għal raġunijiet ta' ċarezza leġiżlattiva u ta' trasparenza tal-proċess leġiżlattiv, il-Kummissjoni ma tistax iżżid element fit-test stess ta' dan l-att. Fil-fatt, ikun hemm ir-riskju li tali inkorporazzjoni toħloq konfużjoni fir-rigward tal-bażi legali ta' dan l-element peress li t-test stess ta' att leġiżlattiv ikun jinkludi element li joriġina mill-eżerċizzju, min-naħa tal-Kummissjoni, ta' setgħa ddelegata li ma tippermettilhiex temenda jew tħassar dan l-att. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kienet meħtieġa tadotta att distint mir-Regolament Nru 1316/2013. Issa, meta żiedet il-Parti VI fl-Anness I ta' dan ir-regolament, il-Kummissjoni ma osservatx id-differenza bejn iż-żewġ kategoriji ta' setgħat iddelegati previsti fl-Artikolu 290(1) TFUE u tali nuqqas ta' osservanza jimplika l-annullament tar-regolament ta' delega.

Filwaqt li rreferiet għal raġunijiet importanti ta' ċertezza legali, il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu ddeċidiet li żżomm l-effetti tar-Regolament ta' delega Nru 275/2014 sad-dħul fis-seħħ ta' att ġdid intiż li jissostitwixxih, f'terminu raġonevoli li ma jistax ikun ta' iktar minn sitt xhur mid-data tal-għoti tas-sentenza tagħha.

18| Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 275/2014, tas-7 ta' Jannar 2014, li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (ĠU L 80, p. 1).

19| Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Diċembru 2013, li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, p. 129).

# IV. DRITT TAL-UNJONI U DRITT NAZZJONALI

Fil-15 ta' Novembru 2016, fis-sentenza ***Ullens de Schooten*** (C-268/15, EU:C:2016:874), l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-possibbiltà li tiġi invokata ***r-responsabbiltà mhux kuntrattwali ta' Stat Membru għal danni kkawżati lill-individwi b'konsegwenza ta' ksur tal-libertajiet fundamentali previsti fl-Artikoli 49 TFUE, 56 TFUE u 63 TFUE, fil-kuntest ta' sitwazzjoni li l-elementi kollha tagħha jkunu limitati għall-isfera interna ta' Stat Membru.*** Fil-kawża prinċipali, ir-rikorrent, ċittadin Belġjan li kien jopera laboratorju ta' bijoloġija kimika fil-Belġju, kien invoka r-responsabbiltà ta' dan l-Istat għad-dannu li huwa kien ġarrab, minħabba ksur tal-Artikoli 49 TFUE, 56 TFUE u 63 TFUE, permezz ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li kienet ġiet applikata fil-konfront tiegħu.

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li d-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-libertà ta' stabbiliment, tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u tal-moviment liberu tal-kapital ma humiex intiżi li japplikaw għal sitwazzjoni li l-elementi kollha tagħha jkunu limitati għall-isfera interna ta' Stat Membru wieħed.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li talbiet għal deċiżjonijiet preliminari dwar l-imsemmija dispożizzjonijiet, imressqa f'kawżi ta' natura purament interna, jistgħu jitqiesu li huma ammissibbli fis-sitwazzjonijiet segwenti: jekk ma jkunx jista' jiġi eskluż li ċittadini stabbiliti fi Stati Membri oħra jkollhom interess fl-użu ta' dawn il-libertajiet sabiex jeżerċitaw attivitajiet fit-territorju tal-Istat Membru li jkun adotta l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni; jekk il-qorti tar-rinviju tkun għamlet ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' proċedura għall-annullament ta' dispożizzjonijiet applikabbli mhux biss għaċ-ċittadini nazzjonali iżda wkoll għaċ-ċittadini tal-Istati Membri l-oħra; meta d-dritt nazzjonali jobbliga lill-qorti tar-rinviju tagħti lil ċittadin nazzjonali l-istess drittijiet bħal dawk li ċittadin ta' Stat Membru ieħor igawdi taħt id-dritt tal-Unjoni fl-istess sitwazzjoni; jekk id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni jkunu applikabbli bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, li, fir-rigward tas-soluzzjonijiet mogħtija għal sitwazzjonijiet li l-elementi kollha tagħhom ikunu limitati għall-isfera interna ta' Stat Membru, timxi mas-soluzzjonijiet adottati mid-dritt tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-qorti tar-rinviju għandha tindika lill-Qorti tal-Ġustizzja, fid-deċiżjoni ta' rinviju tagħha u konformement ma' dak li jirrikjedi l-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-raġuni għaliex, minkejja n-natura purament interna tagħha, it-tilwima pendenti quddiemha jkollha konnessjoni mad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar il-libertajiet fundamentali li tagħmel l-interpretazzjoni permezz ta' deċiżjoni preliminari mitluba neċessarja għas-soluzzjoni ta' din it-tilwima.

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, f'sitwazzjoni fejn l-elementi kollha tat-tilwima fil-kawża prinċipali jkunu limitati għall-isfera interna ta' Stat Membru u fejn mid-deċiżjoni tar-rinviju ma jirriżulta ebda element ta' konnessjoni bejn is-suġġett jew iċ-ċirkustanzi tal-imsemmija tilwima u l-Artikoli 49 TFUE, 56 TFUE u 63 TFUE, dawn id-dispożizzjonijiet, li huma intiżi li jipproteġu lill-persuni li effettivament jużaw dawn il-libertajiet fundamentali, ma jistgħux jagħtu drittijiet lill-individwi u, għaldaqstant, id-dritt tal-Unjoni ma jistax iservi ta' bażi għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Istat Membru kkonċernat.

Fis-sentenza ***Association France Nature Environnement*** (C-379/15, EU:C:2016:603), tat-28 ta' Lulju 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja pprovdiet preċiżazzjonijiet dwar ***il-possibbiltà, għal qorti nazzjonali, li żżomm, b'mod eċċezzjonali, ċerti effetti ta' att nazzjonali li jkun inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni***. It-talba għal deċiżjoni preliminari kienet oriġinat minn proċedura ta' stħarriġ tal-legalità li kienet tikkonċerna l-kompatibbiltà tad-dritt nazzjonali ta' traspożizzjoni mad-Direttiva 2001/42 [20]. Il-qorti tar-rinviju kienet ikkonstatat li r-rekwiżiti meħtieġa minn din id-direttiva fil-qasam tal-awtonomija tal-awtoritajiet li għandhom jiġu kkonsultati fil-każ ta' stima ambjentali ma kinux ġew trasposti b'mod korrett. Madankollu, peress li qieset li l-annullament parzjali

20| Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta' Ġunju 2001, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 157).

b'mod retroattiv tal-att nazzjonali ta' traspożizzjoni seta' jkollu effetti dannużi fuq l-ambjent, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-possibbiltà li tillimita ***ratione temporis*** l-effetti ta' din id-dikjarazzjoni ta' illegalità.

Fir-risposta tagħha għal din id-domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-ġurisprudenza tagħha kif tirriżulta mis-sentenza ***Inter-Environnement Wallonie u Terre wallonne*** [21], li tistabbilixxi li l-qorti nazzjonali tista', b'mod eċċezzjonali, iżżomm b'mod provviżorju ċerti effetti ta' att nazzjonali li jkun ġie ddikjarat inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, bil-kundizzjoni li din iż-żamma tkun meħtieġa minħabba raġuni imperattiva marbuta mal-protezzjoni tal-ambjent u fid-dawl taċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-kawża li jkollha quddiemha. Madankollu, il-qorti nazzjonali għandha tistabbilixxi li jkunu ssodisfatti l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-imsemmija sentenza. B'hekk, hija għandha l-ewwel nett tistabbilixxi li l-att nazzjonali kkontestat, minkejja li jkun ġie adottat bi ksur tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2001/42, jittrasponi b'mod korrett id-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent. It-tieni nett, hija għandha tivverifika li l-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ ta' dispożizzjoni ġdida tad-dritt nazzjonali ma jippermettux li jiġu evitati l-effetti dannużi fuq l-ambjent li jirriżultaw mill-annullament tal-att ikkontestat. Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju għandha tikkonstata li l-annullament tal-att iwassal sabiex jinħoloq vojt legali li jkun dannuż għall-ambjent u li ż-żamma eċċezzjonali tal-effetti tad-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali kkontestata tkopri biss il-perijodu strettament meħtieġ għall-adozzjoni ta' miżuri li jippermettu li tiġi rrimedjata l-irregolarità kkonstatata.

Fir-rigward tal-kwistjoni ta' jekk qorti nazzjonali tal-aħħar istanza hijiex obbligata tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja qabel ma tuża din il-possibbiltà eċċezzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja wieġbet fl-affermattiv. Madankollu, tali qorti nazzjonali tkun meħlusa minn dan l-obbligu meta tkun tista' tistabbilixxi b'mod iddettaljat li ma hemm ebda dubju raġonevoli dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet stabbiliti fis-sentenza ***Inter-Environnement Wallonie u Terre wallonne***.

# V. KAWŻI TAL-UNJONI

Matul is-sena 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja tat tliet sentenzi importanti dwar ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari. L-ewwel tnejn jiżviluppaw ġurisprudenza stabbilita li minnha jirriżulta li d-dritt tal-Unjoni jipprojbixxi kwalunkwe leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprekludi lill-qrati nazzjonali milli jagħmlu domanda preliminari għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni. It-tielet waħda hija s-sentenza ***Ullens de Schooten*** (C-268/15, EU:C:2016:874), li tispeċifika l-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà ta' rinviji għal deċiżjonijiet preliminari magħmula f'kawżi ta' natura purament interna. Din is-sentenza ġiet ippreżentata fit-Taqsima IV, "Dritt tal-Unjoni u dritt nazzjonali" [22].

Fl-ewwel lok, is-sentenza ***PFE*** (C-689/13, EU:C:2016:199), tal-5 ta' April 2016, ingħatat fil-kuntest ta' tilwima, quddiem qorti nazzjonali tal-aħħar istanza, bejn offerent eskluż minn kuntratt pubbliku u l-awtorità kontraenti tal-imsemmi kuntratt. Peress li din tal-aħħar kienet ikkontestat, permezz ta' rikors inċidentali, l-ammissibbiltà tar-rikors tal-offerent, il-qorti adita kienet meħtieġa, skont il-ġurisprudenza tagħha stess adottata mis-seduta plenarja bħala l-kulleġġ ġudikanti, teżamina l-ewwel ir-rikors inċidentali. Skont ir-regoli tad-dritt nazzjonali applikabbli, sa fejn din il-ġurisprudenza tas-seduta plenarja kienet vinkolanti għall-awli l-oħra tal-istess qorti, l-awla li lilha ġiet assenjata t-tilwima inkwistjoni ma setgħetx tidderoga minn din il-ġurisprudenza mingħajr

21| Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Frar 2012, ***Inter-Environnement Wallonie u Terre wallonne*** (C-41/11, EU:C:2012:103).

22| Għandhom jissemmew ukoll is-sentenzi ***Mallis et vs Il-Kummissjoni u BĊE*** (C-105/15 P sa C-109/15 P, EU:C:2016:702) u ***Ledra Advertising et vs Il-Kummissjoni u BĊE*** (C-8/15 P sa C-10/15 P, EU:C:2016:701), dwar l-ammissibbiltà ta' rikors għal annullament ippreżentat kontra deċiżjonijiet fil-qasam tal-politika ekonomika u monetarja (ara t-Taqsima XV, "Politika ekonomika u monetarja").

ma tagħmel qabel rinviju lis-seduta plenarja, u dan minkejja li s-soluzzjoni adottata minn din tal-aħħar kienet kuntrarja għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Minħabba l-kontradizzjoni manifesta bejn din ir-regola proċedurali interna u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-imsemmija qorti tar-rinviju staqsiet *jekk l-Artikolu 267 TFUE jipprekludix li awla ta' qorti nazzjonali tal-aħħar istanza, meta ma taqbilx mal-orjentament stabbilit permezz ta' deċiżjoni tas-seduta plenarja ta' din l-istess qorti, tkun meħtieġa tressaq din il-kwistjoni quddiem l-imsemmija seduta plenarja u tkun għalhekk prekluża milli tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, bdiet billi fakkret li l-qrati nazzjonali għandhom l-iktar possibbiltà wiesgħa li jressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja domanda dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, liema possibbiltà ssir obbligu fil-każ tal-qrati tal-aħħar istanza, bla ħsara għal ċerti eċċezzjonijiet. Kemm din il-possibbiltà u kemm dan l-obbligu huma inerenti għas-sistema ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, stabbilita permezz tal-Artikolu 267 TFUE, u għall-funzjonijiet tal-qrati nazzjonali bħala qrati responsabbli għall-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, mogħtija lilhom minn din id-dispożizzjoni. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali ma tistax tipprekludi lil awla ta' qorti tal-aħħar istanza, meta jkollha quddiemha kwistjoni dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, milli tagħmel domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Fir-rigward tal-obbligu tal-qrati nazzjonali li japplikaw id-dritt tal-Unjoni kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, din tal-aħħar ikkonfermat il-ġurisprudenza stabbilita tagħha f'dan ir-rigward, li tmur lura għas-sentenza Simmenthal [23]. Minn dan hija kkonkludiet li, wara li tkun irċeviet ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għal domanda dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tkun għamlitilha jew meta l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tkun diġà pprovdiet risposta ċara għal din id-domanda, awla ta' qorti tal-aħħar istanza għandha tagħmel dak kollu li jkun meħtieġ sabiex din l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni tiġi implementata.

B'estensjoni ta' dawn il-prinċipji, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, irrispondiet, fis-sentenza ***Ognyanov*** (C-614/14, EU:C:2016:514) tal-5 ta' Lulju 2016, għad-domandi magħmula fir-rigward tal-applikazzjoni għar-rinviju għal deċiżjoni preliminari ta' dispożizzjonijiet Bulgari intiżi li jiggarantixxu l-imparzjalità tal-qrati fil-qasam kriminali. Skont dawn id-dispożizzjonijiet, *l-imħallfin li jesponu, fil-kuntest ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, il-fatti u l-klassifikazzjoni legali tagħhom għandhom jirrinunzjaw milli jkomplu jisimgħu l-kawża.* Il-qorti tar-rinviju indikat ukoll li skont il-kodiċi nazzjonali tal-etika, il-preżentazzjoni fid-deċiżjoni tar-rinviju tal-kuntest fattwali u ġuridiku tat-tilwima fil-kawża prinċipali titqies li hija espressjoni ta' opinjoni provviżorja li twassal sabiex tinfetaħ azzjoni għad-danni kontra l-imħallef nazzjonali minħabba nuqqas dixxiplinari.

Wara li fakkret l-elementi prinċipali tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, meta tesponi, fit-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha, il-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża prinċipali, qorti tar-rinviju tkun qiegħda sempliċement tikkonforma ruħha mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 267 TFUE u mill-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, l-espożizzjoni tal-imsemmi kuntest fattwali u ġuridiku tissodisfa r-rekwiżit ta' kooperazzjoni inerenti għall-mekkaniżmu tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari u, fiha nnifisha, la tista' tikser id-dritt għal aċċess għal qorti imparzjali, stabbilit fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u lanqas id-dritt għall-preżunzjoni tal-innoċenza, iggarantita fl-Artikolu 48(1) tagħha.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-dispożizzjonijiet nazzjonali, fil-qasam kriminali u fil-qasam tal-etika, imsemmija mill-qorti tar-rinviju jistgħu jkollhom bħala konsegwenza li

23| Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Marzu 1978, ***Simmenthal*** (C-106/77, EU:C:1978:49).

mħallef nazzjonali jippreferi jastjeni milli jagħmel domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jevita li jew ikollu jirrinunzja għall-kawża u jkun suġġett għal sanzjonijiet dixxiplinari, jew li jagħmel domandi għal deċiżjoni preliminari inammissibbli. Għaldaqstant, tali dispożizzjonijiet jippreġudikaw il-prerogattivi li l-Artikolu 267 TFUE jirrikonoxxi lill-qrati nazzjonali u, b'hekk, l-effikaċja tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali stabbilita permezz tal-mekkaniżmu tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari.

Fir-rigward tal-possibbiltà tal-qorti tar-rinviju li tibdel l-evalwazzjoni inizjali tagħha tal-kuntest fattwali u ġuridiku b'riżultat tal-għoti tas-sentenza preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-qorti nazzjonali tista' tibdel il-konstatazzjonijiet fattwali u legali li tkun għamlet fil-kuntest tat-talba għal deċiżjoni preliminari, bil-kundizzjoni li din il-qorti tagħti effett sħiħ lill-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja.

# VI. AGRIKOLTURA

Fis-sentenza ***Pesce et*** (C-78/16 u C-79/16, EU:C:2016:428), mogħtija fid-9 ta' Ġunju 2016 fil-kuntest ta' proċedura mħaffa, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni *dwar il-validità tal-Artikolu 6(2)(a) tad-Deċiżjoni ta' implementazzjoni 2015/789* [24]*, adottata fuq il-bażi tad-Direttiva 2000/29* [25]. L-għan ta' din id-direttiva huwa li tiggarantixxi livell għoli ta' protezzjoni għall-prodotti tal-pjanti kontra l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' organiżmi ta' ħsara fil-prodotti importati minn pajjiżi terzi. Konformement ma' dan l-għan, l-Artikolu 6(2)(a) tad-deċiżjoni ta' implementazzjoni kkontestata, li hija intiża li telimina l-batterju *Xylella fastidiosa,* jobbliga lill-Istati Membri kkonċernati sabiex b'mod immedjat jeqirdu l-pjanti ospitanti, irrispettivament mill-istat tas-saħħa tagħhom, f'żona ta' 100 metru madwar il-pjanti infettati bl-imsemmi batterju. F'dan il-każ, l-awtoritajiet Taljani kienu applikaw din ir-regola għal diversi artijiet agrikoli fir-reġjun ta' Puglia.

Fir-rigward tad-domanda dwar il-validità marbuta mal-kompatibbiltà tal-imsemmi Artikolu 6(2)(a) tad-Deċiżjoni ta' implementazzjoni 2015/789 mad-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari mad-Direttiva 2000/29 interpretata fid-dawl tal-prinċipji ta' prekawzjoni u ta' proporzjonalità, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, meta jitqiesu d-data xjentifika disponibbli u l-miżuri alternattivi possibbli fid-data tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, l-imsemmija miżura kienet xierqa u neċessarja sabiex jintlaħaq l-għan tagħha li tiġi evitata l-firxa tal-batterju. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll li, fil-każ li s-sitwazzjoni tiżviluppa b'tali mod li l-eliminazzjoni tal-batterju *Xylella fastidiosa* ma tkunx għadha teħtieġ, fuq il-bażi ta' data xjentifika rilevanti ġdida, li jinqerdu l-pjanti ospitanti, il-Kummissjoni jkollha temenda d-Deċiżjoni ta' implementazzjoni 2015/789 jew tadotta deċiżjoni ġdida sabiex tieħu dan inkunsiderazzjoni.

Fir-rigward tal-assenza, fid-deċiżjoni ta' implementazzjoni, ta' skema ta' kumpens, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-obbligu previst fl-Artikolu 6(2)(a) ta' din id-deċiżjoni seta' jikkawża b'mod partikolari dannu għad-dritt għall-proprjetà fir-rigward tal-azjendi agrikoli kkonċernati. Madankollu, sa fejn id-dritt għal kumpens jirriżulta direttament mill-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, is-sempliċi fatt li la d-Direttiva 2000/29 u lanqas id-Deċiżjoni ta' implementazzjoni ma jinkludu huma stess tali skema jew li ma jistabbilixxux l-obbligu espliċitu li tiġi prevista tali skema ma jistax jimplika li tali dritt huwa eskluż. Għaldaqstant, id-Deċiżjoni ta' implementazzjoni 2015/789 ma hijiex invalida għal din ir-raġuni.

24| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/789, tat-18 ta' Mejju 2015, fir-rigward ta' miżuri li jipprevjenu l-introduzzjoni u t-tixrid fl-Unjoni tal-*Xylella fastidiosa* (ĠU L 125, p. 36).

25| Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE, tat-8 ta' Mejju 2000, dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 29, p. 258), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2002/89/KE, tat-28 ta' Novembru 2002 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 38, p. 3).

***Il-kawża li tat lok għas-sentenza Masterrind*** (C-469/14, EU:C:2016:609), mogħtija fit-28 ta' Lulju 2016, għandha żewġ aspetti distinti. Hija tikkonċerna, minn naħa, *il-ħinijiet ta' vjaġġar u ta' mistrieħ tal-annimali matul it-trasport bit-triq tagħhom* u, min-naħa l-oħra, *l-effetti tad-dikjarazzjoni tal-veterinarju uffiċjali tal-Istat Membru tal-ħruġ fir-rigward tal-awtorità ta' Stat Membru ieħor kompetenti għall-pagament tal-ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni.* It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tikkonċerna operazzjoni ta' trasport bi trakk ta' annimali tal-ifrat mill-Ġermanja lejn Franza, fejn l-annimali mbagħad tgħabbew fuq bastiment bil-Marokk bħala destinazzjoni. Wara l-kontroll imwettaq fi Franza mill-veterinarju uffiċjali fil-punt tal-ħruġ, previst fl-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 817/2010 [26], li qies li t-trasport ma kienx jissodisfa r-rekwiżiti li jirriżultaw mir-Regolament Nru 1/2005 [27], l-awtoritajiet Ġermaniżi talbu r-rimbors tal-ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni li kienu saru u din id-deċiżjoni ġiet ikkontestata quddiem il-qorti Ġermaniża.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja pprovdiet preċiżazzjonijiet dwar ir-regola prevista fir-Regolament Nru 1/2005, li tistabbilixxi perijodu massimu ta' vvjaġġar ta' 28 siegħa, interrott b'perijodu ta' mistrieħ minimu ta' siegħa wara l-ewwel parti ta' 14-il siegħa. Fir-rigward tal-perijodu ta' mistrieħ bejn il-perijodi ta' vjaġġar, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li dan jista' jkun ta' iktar minn siegħa, filwaqt li speċifikat li dan il-perijodu ma għandux jikkostitwixxi, fil-prattika, riskju ta' korriment jew tbatija mingħajr bżonn għall-annimali ttrasportati. Barra minn hekk, it-tul tal-vjaġġ u ta' mistrieħ meħuda flimkien ma jistax jaqbeż 29 siegħa, bla ħsara għall-possibbiltà li dan it-tul jiżdied b'sagħtejn fl-interess tal-annimali [28] jew għal ċirkustanzi mhux prevedibbli [29]. Fl-aħħar nett, il-perijodi ta' vjaġġar ta' 14-il siegħa jistgħu jinkludu perijodu wieħed jew iktar ta' waqfien, iżda dawn tal-aħħar għandhom jingħaddu mal-perijodi ta' vjaġġar meta jiġi kkalkolat it-tul totali tal-perijodu ta' vjaġġar ta' mhux iktar minn 14-il siegħa li jagħmlu parti minnu.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, skont ir-Regolament Nru 817/2010, l-awtorità kompetenti għall-pagament tal-ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni ta' annimali tal-ifrat ma hijiex marbuta mill-evalwazzjoni tal-veterinarju uffiċjali tal-punt tal-ħruġ li tindika li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1/2005 ma kinux ġew osservati fil-kuntest tat-trasport ta' dawn l-annimali. Fil-fatt, id-deċiżjoni dwar l-osservanza tal-kundizzjonijiet li għalihom huwa suġġett id-dritt għall-pagament tal-ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni taqa' fil-kompetenzi tal-awtorità nazzjonali kompetenti għal dan il-pagament. F'dan il-kuntest, għalkemm huwa minnu li l-indikazzjonijiet mogħtija mill-veterinarju uffiċjali tal-punt ta' ħruġ jikkostitwixxu prova, dawn l-indikazzjonijiet jibqgħu konfutabbli.

# VII. LIBERTAJIET TA' MOVIMENT

## 1. MOVIMENT LIBERU TAL-ĦADDIEMA

Fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema, tliet sentenzi jistħoqqilhom attenzjoni partikolari. L-ewwel waħda tikkonċerna d-drittijiet għal pensjoni tax-xjuħija ta' persuna li kienet stabbilixxiet ruħha fi Stat Membru

26| Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 817/2010, tas-16 ta' Settembru 2010, li jippreskrivi regoli dettaljati skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward ta' rekwiżiti għall-għoti ta' rifużjonijiet konnessi mal-welfare tal-annimali tal-ifrat ħajjin matul it-trasport (ĠU L 245, p. 16).

27| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005, tat-22 ta' Diċembru 2004, dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 (ĠU L 3, p. 1).

28| Punt 1.8 tal-Kapitolu V tal-Anness I tar-Regolament Nru 1/2005.

29| Artikolu 22 tar-Regolament Nru 1/2005.

ieħor u ż-żewġ sentenzi l-oħra jikkonċernaw skema ta' għajnuna għall-istudji superjuri mogħtija lil residenti ta' Stat Membru ieħor.

Fis-sentenza ***Pöpperl*** (C-187/15, EU:C:2016:550), mogħtija fit-13 ta' Lulju 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja pprovdiet elementi importanti dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 45 TFUE. It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tikkonċerna *d-dritt ta' ex uffiċjal ta' Land Ġermaniż, li kien mar jaħdem fi Stat Membru ieħor, għall-pensjoni tax-xjuħija prevista għall-impjegati ta' dan il-Land***.**

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 45 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li persuna li għandha l-istatus ta' uffiċjal fi Stat Membru u li titlaq mill-funzjonijiet tagħha b'mod volontarju sabiex teżerċita impjieg fi Stat Membru ieħor titlef id-drittijiet tagħha għal pensjoni tax-xjuħija taħt l-iskema ta' pensjoni tax-xjuħija tal-uffiċjali u tiġi msieħba b'mod retroattiv fl-iskema ġenerali ta' assigurazzjoni għax-xjuħija, li tagħti dritt għal pensjoni tax-xjuħija inferjuri għal dik li kieku tirriżulta minn dawn id-drittijiet. Tali leġiżlazzjoni tikkostitwixxi restrizzjoni għall-moviment liberu tal-ħaddiema peress li, għalkemm tapplika wkoll għall-uffiċjali ta' dan l-Istat Membru li jirriżenjaw sabiex jaħdmu fis-settur privat fl-istess Stat Membru, din il-leġiżlazzjoni tista' xxekkel jew tiddisswadi lil dawn l-uffiċjali milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu fit-territorju tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li hija l-qorti nazzjonali li għandha tiżgura l-effett sħiħ tal-Artikolu 45 TFUE billi tinterpreta d-dritt nazzjonali konformement mal-imsemmi artikolu jew, jekk tali interpretazzjoni ma tkunx possibbli, billi ma tapplikax kull dispożizzjoni kuntrarja tad-dritt nazzjonali. Barra minn hekk, meta d-dritt nazzjonali, bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, jipprevedi trattament li jagħmel distinzjoni bejn diversi gruppi ta' persuni, il-membri tal-grupp żvantaġġat għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod u fir-rigward tagħhom għandha tiġi applikata l-istess skema bħal dik applikata għall-persuni kkonċernati l-oħra. Għaldaqstant, l-iskema applikabbli għall-membri tal-grupp vantaġġat tibqa', fl-assenza ta' applikazzjoni korretta tad-dritt tal-Unjoni, l-unika skema ta' referenza valida.

***Fis-sentenzi Bragança Linares Verruga et*** (C-238/15, EU:C:2016:949) u ***Depesme et*** (C-401/15 sa C-403/15, EU:C:2016:955), mogħtija fl-14 u fil-15 ta' Diċembru 2016 rispettivament, il-Qorti tal-Ġustizzja, li ntalbet teżamina mill-ġdid *il-leġiżlazzjoni Lussemburgiża dwar l-għajnuna finanzjarja mill-Istat għall-istudji superjuri*, ipprovdiet preċiżazzjonijiet fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema u tas-sigurtà soċjali. Inizjalment, l-imsemmija leġiżlazzjoni kienet tissuġġetta l-għoti tal-għajnuna għal kundizzjoni ta' residenza tal-istudent. Din il-kundizzjoni kienet tneħħiet sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni s-sentenza *Giersch et* [30]. Madankollu, skont il-verżjoni emendata ta' din il-leġiżlazzjoni, li kienet fis-seħħ fiż-żmien tal-fatti fil-kawżi prinċipali, student mhux residenti seta' jibbenefika mill-għajnuna finanzjarja biss jekk, minn naħa, kien il-wild ta' ħaddiem u jekk, min-naħa l-oħra, dan il-ħaddiem kien ħadem fil-Lussemburgu għal perijodu mhux interrott ta' minn tal-inqas ħames snin fil-mument tal-applikazzjoni għall-għajnuna.

F'dawn iż-żewġ sentenzi mogħtija din is-sena, il-Qorti tal-Ġustizzja, preliminarjament, fakkret, minn naħa, li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68 [31], li l-formulazzjoni tiegħu ġiet riprodotta fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011 [32], huwa l-espressjoni partikolari, fil-qasam speċifiku tal-għoti ta' vantaġġi soċjali, tar-regola ta' ugwaljanza fit-trattament stabbilita fl-Artikolu 45(2) TFUE. Min-naħa l-oħra, il-membri

30| Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Ġunju 2013, ***Giersch et*** (C-20/12, EU:C:2013:411), ippreżentata fir-Rapport Annwali tal-2013, p. 23.

31| Regolament tal-Kunsill (KKE) Nru 1612/68, tal-15 ta' Ottubru 1968, dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 15).

32| Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2011, dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 141, p. 1).

tal-familja ta' ħaddiem migrant huma l-benefiċjarji indiretti tal-ugwaljanza fit-trattament mogħti lil dan il-ħaddiem permezz tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 1612/68, u għalhekk tal-vantaġġi soċjali msemmija f'dan l-artikolu, bħalma huwa l-finanzjament tal-istudji mogħti minn Stat Membru lill-ulied tal-ħaddiema li jeżerċitaw jew li eżerċitaw l-attività tagħhom f'dan l-Istat.

B'hekk, fis-sentenza ***Bragança Linares Verruga et***, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011 jipprekludi l-leġiżlazzjoni inkwistjoni. Din tal-aħħar tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta fuq il-bażi tan-nazzjonalità, sa fejn distinzjoni bbażata fuq ir-residenza tista' taħdem iktar għad-detriment taċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra. Tali leġiżlazzjoni tkun tista' tiġi aċċettata biss jekk tkun xierqa sabiex jiġi ggarantit li jintlaħaq għan leġittimu, mingħajr ma tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq. Dwar dan il-punt, fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-għan soċjali segwit, intiż li tiġi inkoraġġuta t-tkomplija ta' studji superjuri u li jiżdied in-numru ta' persuni gradwati b'edukazzjoni superjuri fi ħdan il-popolazzjoni residenti, huwa għan ta' interess ġenerali rrikonoxxut fil-livell tal-Unjoni. Fit-tieni lok, il-kundizzjoni dwar il-perijodu ta' xogħol ta' ħames snin hija adegwata sabiex jintlaħaq dan l-għan sa fejn, minn naħa, jidher li huwa leġittimu li l-Istat li jagħti l-għajnuna jipprova jiżgura li l-ħaddiem fruntalier ikollu effettivament rabta ta' integrazzjoni mas-soċjetà, sabiex b'hekk jiġġieled ir-riskju li jinħoloq "turiżmu ta' boroż ta' studju", u min-naħa l-oħra, din il-kundizzjoni hija ta' natura li tistabbilixxi tali rabta. Madankollu, din il-kundizzjoni tinkludi restrizzjoni li tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan mixtieq. Fil-fatt, hija ma tippermettix lill-awtoritajiet kompetenti jagħtu l-għajnuna meta l-ġenituri, minkejja numru ta' interruzzjonijiet qosra, ikunu ħadmu fil-Lussemburgu għal tul sinjifikattiv, matul il-perijodu li jippreċedi din l-applikazzjoni, f'sitwazzjoni fejn tali interruzzjonijiet ma jkunux ta' natura li jiksru r-rabta bejn l-applikant għall-għajnuna finanzjarja u l-Lussemburgu.

Fis-sentenza ***Depesme et***, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-kunċett ta' "wild ta' ħaddiem", li jinsab fil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, fid-dawl tal-Artikolu 45 TFUE u tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011. B'mod iktar preċiż, hija eżaminat jekk dan il-kunċett jinkludix l-ulied tal-konjuġi jew tas-sieħeb ta' dan il-ħaddiem u wieġbet fl-affermattiv. B'hekk, mis-sentenza jirriżulta li dan il-kunċett ma għandux jinftiehem fis-sens li jkopri biss il-wild li jkollu rabta ta' filjazzjoni mal-ħaddiem, iżda fis-sens li jkopri wkoll il-wild tal-konjuġi jew tas-sieħeb irreġistrat tal-imsemmi ħaddiem meta dan tal-aħħar jipprovdi għall-manteniment ta' dan il-wild. Din il-kundizzjoni tal-aħħar tikkonċerna sitwazzjoni fattwali li għandha tiġi evalwata mill-amministrazzjoni u, jekk ikun il-każ, mill-qrati nazzjonali, mingħajr ma jkun meħtieġ li dawn jiddeterminaw ir-raġunijiet għal din il-kontribuzzjoni jew li jikkwantifikawha b'mod preċiż. Madankollu, il-kwalità ta' membru tal-familja ta' ħaddiem fruntalier dipendenti fuq dan tal-aħħar tista' tirriżulta minn elementi oġġettivi, bħalma hija l-eżistenza ta' residenza komuni bejn dan il-ħaddiem u l-istudent. Kif jirriżulta b'mod partikolari mill-Artikolu 2(2)(c) tad-Direttiva 2004/38 [33], il-leġiżlatur tal-Unjoni jqis li l-ulied huma preżunti li jibqgħu dipendenti sal-età ta' 21 sena.

## 2. MOVIMENT LIBERU TAL-MERKANZIJA

***Fil-21 ta' Ġunju 2016, permezz tas-sentenza New Valmar*** (C-15/15, EU:C:2016:464), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta' jekk *leġiżlazzjoni li teżiġi li l-fatturi, inklużi dawk marbuta ma' tranżazzjonijiet transkonfinali, jiġu redatti esklużivament f'lingwa nazzjonali, taħt piena ta' nullità,* kinitx tmur kontra d-dritt tal-Unjoni. Il-kawża prinċipali kienet tikkonċerna tilwima dwar fatturi mhux

33| Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

imħallsa bejn kumpannija stabbilita fir-reġjun tal-lingwa Olandiża tal-Belġju u kumpannija stabbilita fl-Italja. Din tal-aħħar kienet invokat in-nullità ta' dawn il-fatturi minħabba li ma kinux josservaw ir-regoli lingwistiċi li, fil-fehma tagħha, jagħmlu parti mill-ordni pubbliku Belġjan. Fil-fatt, skont leġiżlazzjoni tar-reġjun Fjamming, l-impriżi stabbiliti fir-reġjun inkwistjoni għandhom jużaw l-Olandiż fir-redazzjoni, b'mod partikolari, tal-atti u tad-dokumenti previsti mil-liġi. Issa, l-indikazzjonijiet standard kollha u l-kundizzjonijiet ġenerali kollha indikati fuq il-fatturi inkwistjoni kienu redatti bit-Taljan u mhux bl-Olandiż.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-leġiżlazzjoni lingwistika inkwistjoni tikkostitwixxi restrizzjoni għall-moviment liberu tal-merkanzija fi ħdan l-Unjoni. Fil-fatt, billi ċċaħħad lill-operaturi kkonċernati mill-possibbiltà li jagħżlu b'mod liberu lingwa komuni għalihom għar-redazzjoni tal-fatturi tagħhom u billi timponi fuqhom lingwa li ma tikkorrispondix neċessarjament għal dik li jkunu qablu li jużaw fir-relazzjonijiet kuntrattwali tagħhom, din il-leġiżlazzjoni hija ta' natura li tkabbar ir-riskju ta' kontestazzjoni u ta' nuqqas ta' ħlas ta' fatturi. B'hekk, id-destinatarji tal-fatturi jistgħu jkunu inkoraġġuti jinvokaw in-nuqqas ta' kapaċità tagħhom, reali jew allegata, li jifhmu l-kontenut ta' dawn il-fatturi sabiex joġġezzjonaw għall-ħlas tagħhom. Mill-banda l-oħra, id-destinatarju ta' fattura redatta b'lingwa li ma tkunx l-Olandiż jista', fid-dawl tan-nullità assoluta imposta fuq tali fatturi, ikun inkoraġġut jikkontesta l-validità tagħha fuq il-bażi biss ta' din ir-raġuni.

Minkejja li l-għanijiet ta' tali leġiżlazzjoni, jiġifieri l-promozzjoni u l-inkoraġġiment tal-użu ta' waħda mil-lingwi uffiċjali ta' Stat Membru, jistgħu, bħala prinċipju, jiġġustifikaw tali restrizzjoni, dan ma huwiex il-każ fil-kawża ineżami. Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, din il-leġiżlazzjoni lingwistika tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet u għalhekk ma tistax titqies li hija proporzjonata.

## 3. LIBERTÀ TA' STABBILIMENT U LIBERTÀ LI JIĠU PPROVDUTI SERVIZZI

Fil-qasam tal-libertà ta' stabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, jistħoqqilhom li jissemmew ħames sentenzi. L-ewwel tnejn jikkonċernaw ir-rifjut tal-istabbilimenti ta' kreditu u tal-istabbilimenti ta' ħlas li jipprovdu informazzjoni dwar il-klijenti tagħhom, it-tielet waħda tipprovdi preċiżazzjonijiet dwar il-proċedura għall-estensjoni tal-konċessjonijiet fil-qasam pubbliku, ir-raba' waħda tikkonċerna l-impożizzjoni tal-ispejjeż ta' liċenzja għall-eżerċizzju ta' attività kummerċjali u l-aħħar waħda tikkonċerna l-applikazzjoni għal impriża barranija tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar it-tkeċċija kollettiva.

Fis-sentenza ***Sparkasse Allgäu*** (C-522/14, EU:C:2016:253), mogħtija fl-14 ta' April 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 49 TFUE ma jipprekludix *leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tobbliga lill-istabbilimenti ta' kreditu li jkollhom is-sede tagħhom f'dan l-Istat jiddikjaraw lill-awtoritajiet nazzjonali l-attiv miżmum jew ġestit fil-fergħat mhux indipendenti tagħhom stabbiliti fi Stat Membru ieħor,* fil-każ tal-mewt tal-proprjetarju ta' dan l-attiv li kien residenti fl-ewwel Stat Membru, meta t-tieni Stat Membru ma jipprevedix obbligu ta' dikjarazzjoni komparabbli u meta fit-tieni Stat Membru l-istabbilimenti ta' kreditu jkunu suġġetti għal sigriet bankarju protett permezz ta' sanzjonijiet kriminali. It-tilwima fil-kawża prinċipali, bejn Sparkasse Allgäu, stabbiliment ta' kreditu stabbilit fil-Ġermanja, u l-amministrazzjoni fiskali Ġermaniża, kienet dwar ir-rifjut ta' dan l-istabbiliment ta' kreditu li jiddikjara lill-imsemmija amministrazzjoni informazzjoni dwar il-kontijiet miżmuma fil-fergħa mhux indipendenti tiegħu stabbilita fl-Awstrija minn persuni li, fil-mument tal-mewt tagħhom, kellhom ir-residenza fiskali tagħhom fil-Ġermanja. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju staqsiet jekk, minħabba l-obbligu previst fid-dritt Ġermaniż, l-istabbilimenti ta' kreditu Ġermaniżi jistgħux ikunu dissważi milli jeżerċitaw, permezz ta' fergħa, attivitajiet kummerċjali fl-Awstrija.

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet għal din id-domanda fin-negattiv. Hija osservat li l-konsegwenzi sfavorevoli li jista' jkollu tali obbligu ta' dikjarazzjoni jirriżultaw mill-eżerċizzju parallel minn żewġ Stati Membri tal-

kompetenza tagħhom fil-qasam tal-osservanza tas-sigriet bankarju u tal-kontrolli fiskali li wassal għal differenzi kunsiderevoli bejn il-leġiżlazzjonijiet ikkonċernati. Fil-fatt, l-Istat Membru tas-sede tal-istabbiliment ta' kreditu jiffavorixxi l-effikaċja tal-kontrolli fiskali permezz tat-trażmissjoni ta' informazzjoni lill-awtoritajiet fiskali filwaqt li, fl-Istat Membru tal-fergħa, is-sigriet bankarju għandu, bħala prinċipju, jiġi osservat, inkluż fir-rigward tal-awtoritajiet fiskali.

Issa, fl-assenza ta' kwalunkwe miżura ta' armonizzazzjoni fil-qasam tal-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet ta' kontrolli fiskali, l-Istati Membri huma liberi li jimponu fuq l-istabbilimenti ta' kreditu nazzjonali tali obbligu ta' dikjarazzjoni, fir-rigward tal-fergħat tagħhom li joperaw barra mill-pajjiż, li jkun intiż li jiżgura l-effikaċja ta' tali kontrolli, bil-kundizzjoni li l-operazzjonijiet imwettqa fi ħdan l-imsemmija fergħat ma jkunux is-suġġett ta' trattament diskriminatorju meta mqabbla mal-operazzjonijiet imwettqa mill-fergħat nazzjonali tagħhom. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-libertà ta' stabbiliment ma tistax tinftiehem fis-sens li Stat Membru huwa obbligat jistabbilixxi r-regoli fiskali tiegħu u, b'mod partikolari, obbligu ta' dikjarazzjoni, skont dawk ta' Stat Membru ieħor, sabiex jiġi żgurat, fis-sitwazzjonijiet kollha, li tiġi eliminata kull disparità li tirriżulta mil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali.

Fis-sentenza ***Safe Interenvios*** (C‑235/14, EU:C:2016:154), mogħtija fl-10 ta' Marzu 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità tagħti deċiżjoni dwar l-applikazzjoni *ta' miżuri ta' diliġenza minn stabbiliment finanzjarju fir-rigward ta' entità jew ta' persuna li tkun suġġetta wkoll għall-obbligi tad-Direttiva 2005/60* [34] *fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.* Fil-kawża prinċipali, il-kwistjoni kienet tikkonċerna r-rifjut, minn stabbiliment ta' ħlas Spanjol li kien jiġġestixxi t-trasferiment ta' fondi lejn Stati oħra, li jipprovdi informazzjoni dwar il-klijenti tiegħu. Dawn it-talbiet għal informazzjoni kienu tressqu minn tliet banek wara li skoprew irregolaritajiet fir-rigward tal-aġenti li kienu qegħdin jittrasferixxu l-fondi, permezz ta' kontijiet miżmuma magħhom f'isem l-imsemmi stabbiliment ta' ħlas. Wara li ġew ikkonstatati dawn l-irregolaritajiet, il-banek, fuq il-bażi tad-dritt nazzjonali applikabbli, għalqu dawn il-kontijiet.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 2005/60 ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li, minn naħa, tawtorizza l-applikazzjoni ta' miżuri ta' diliġenza normali fir-rigward tal-klijenti sa fejn dawn ikunu stabbilimenti finanzjarji li l-konformità tagħhom ma' miżuri ta' diliġenza tkun suġġetta għal sorveljanza fil-każ ta' suspett ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu u, min-naħa l-oħra, tobbliga lill-istabbilimenti u lill-persuni suġġetti għall-imsemmija direttiva japplikaw, skont l-evalwazzjoni tagħhom tar-riskju, miżuri ta' diliġenza msaħħa fir-rigward tal-klijenti f'sitwazzjonijiet li, min-natura tagħhom, jista' jkollhom riskju ikbar ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu, bħat-trasferiment ta' fondi. Barra minn hekk, anki fl-assenza ta' tali suspett jew ta' tali riskju, l-imsemmija direttiva tippermetti lill-Istati Membri jadottaw jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet iktar stretti sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet ikunu intiżi li jsaħħu l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, leġiżlazzjoni nazzjonali intiża li tiġġieled kontra l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu ssegwi għan leġittimu li jista' jiġġustifika restrizzjoni tal-libertajiet fundamentali. Barra minn hekk, il-fatt li jiġi preżunt li t-trasferimenti ta' fondi minn stabbiliment suġġett għad-Direttiva 2005/60 fi Stati differenti minn dak li fih ikun stabbilit jippreżentaw dejjem riskju għoli ta' ħasil tal-flus jew ta' finanzjament tat-terroriżmu huwa ta' natura li jiżgura li jintlaħaq l-imsemmi għan. Madankollu, tali leġiżlazzjoni tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan segwit minnha sa fejn il-preżunzjoni stabbilita minnha tapplika għal kull trasferiment ta' fondi, mingħajr ma hija prevista l-possibbiltà li din il-preżunzjoni tiġi kkonfutata fil-każ ta' trasferimenti ta' fondi li oġġettivament ma jkollhomx tali riskju.

34| Direttiva Nru 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ottubru 2005, dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L 309, p. 15), kif emendata bid-Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Novembru 2010 (ĠU L 331, p. 120).

Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat ukoll li l-istabbilimenti u l-persuni suġġetti għad-Direttiva 2005/60 ma jistgħux jippreġudikaw il-missjoni ta' sorveljanza tal-istabbilimenti ta' ħlas li biha huma fdati l-awtoritajiet kompetenti u ma jistgħux jissostitwixxu dawn l-awtoritajiet. Għalhekk, filwaqt li stabbiliment finanzjarju jista', fil-kuntest tal-obbligu ta' sorveljanza tiegħu fir-rigward tal-klijenti tiegħu, jieħu inkunsiderazzjoni l-miżuri ta' diliġenza applikati minn stabbiliment ta' ħlas fil-konfront tal-klijenti rispettivi tiegħu, il-miżuri ta' diliġenza kollha li huwa jadotta għandhom ikunu adattati għar-riskju tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu.

Fl-14 ta' Lulju 2016, fis-sentenza ***Promoimpresa*** (C-458/14 u C-67/15, EU:C:2016:558), il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta' jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix li l-*konċessjonijiet għall-eżerċizzju ta' attivitajiet marbuta mat-turiżmu u mar-rikreazzjoni fis-settur marittimu, tal-għadajjar u tax-xmajjar* jiġu estiżi b'mod awtomatiku fl-assenza ta' kwalunkwe proċedura ta' selezzjoni tal-kandidati potenzjali.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, fil-każ li d-Direttiva 2006/123 (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar is-servizzi")[35] tkun applikabbli, l-għoti ta' awtorizzazzjonijiet dwar l-isfruttament ekonomiku tas-settur marittimu, tal-għadajjar u tax-xmajjar għandu jkun suġġett għal proċedura ta' selezzjoni tal-kandidati potenzjali, li għandha tissodisfa l-garanziji ta' imparzjalità u ta' trasparenza kollha. Issa, l-estensjoni awtomatika tal-awtorizzazzjonijiet ma tippermettix li tiġi organizzata tali proċedura ta' selezzjoni.

Huwa minnu li l-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar is-servizzi jippermetti lill-Istati Membri jieħdu inkunsiderazzjoni, meta jistabbilixxu l-proċedura ta' selezzjoni, raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, bħalma hija b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġu protetti l-aspettattivi leġittimi tad-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet b'tali mod li dawn ikunu jistgħu jirkupraw l-ispejjeż marbuta mal-investimenti magħmula. Madankollu, tali kunsiderazzjonijiet ma jistgħux jiġġustifikaw estensjoni awtomatika meta ebda proċedura ta' selezzjoni ma tkun ġiet organizzata fil-mument tal-għoti inizjali tal-awtorizzazzjonijiet. B'hekk, din id-dispożizzjoni tipprekludi miżura nazzjonali li, fl-assenza ta' kwalunkwe proċedura ta' selezzjoni tal-kandidati potenzjali, tipprevedi l-estensjoni awtomatika ta' awtorizzazzjonijiet li jikkonċernaw l-eżerċizzju ta' attivitajiet marbuta mat-turiżmu u mar-rikreazzjoni fis-settur pubbliku marittimu, tal-għadajjar u tax-xmajjar.

Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li, fil-każ li d-Direttiva dwar is-servizzi ma tkunx applikabbli, meta tali konċessjonijiet ikollhom interess transkonfinali ċert, l-estensjoni awtomatika tal-għoti tagħhom lil impriża li tinsab fi Stat Membru tikkostitwixxi differenza fit-trattament għad-detriment tal-impriżi li jinsabu fl-Istati Membri l-oħra u li potenzjalment ikollhom interess f'dawn il-konċessjonijiet, differenza fit-trattament din li, bħala prinċipju, tmur kontra l-libertà ta' stabbiliment.

Fl-aħħar nett, il-prinċipju ta' ċertezza legali, li huwa intiż li jippermetti lill-konċessjonarji jirkupraw l-ispejjeż marbuta mal-investimenti tagħhom, ma jistax jiġi invokat sabiex tiġi ġġustifikata tali differenza fit-trattament, peress li l-konċessjonijiet kienu ngħataw meta kien diġà ġie stabbilit li dan it-tip ta' kuntratt, li għandu interess transkonfinali ċert, kellu jkun suġġett għal obbligu ta' trasparenza.

Fis-sentenza tas-16 ta' Novembru 2016, ***Hemming et*** (C-316/15, EU:C:2016:879), il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar *l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "spejjeż li jistgħu jirriżultaw minn proċeduri ta' awtorizzazzjoni" ta' aċċess għal attività ta' servizzi fis-sens tal-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi.* Din is-sentenza ngħatat fil-kuntest ta' tilwima fejn grupp ta' detenturi ta' liċenzji għal sex-shops ikkontesta l-konformità ma' din id-direttiva ta' leġiżlazzjoni Brittanika li tipprevedi l-ħlas ta' tariffa għall-għoti u għat-tiġdid ta' liċenzja. Din it-tariffa hija komposta minn żewġ partijiet, waħda marbuta mal-ipproċessar amministrattiv tal-applikazzjoni, li ma titħallasx lura, u l-oħra, ta' ammont ħafna ikbar, marbuta mal-ġestjoni u mas-sorveljanza tas-sistema ta' awtorizzazzjoni kkonċernata u li tista' tiġi rkuprata fil-każ li l-applikazzjoni tiġi miċħuda.

35| Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, p. 36).

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva dwar is-servizzi jipprekludi r-rekwiżit ta' ħlas ta' tariffa li parti minnha tikkorrispondi għall-imsemmija spejjeż marbuta mal-ġestjoni u mas-sorveljanza, anki jekk din il-parti tista' tiġi rkuprata fil-każ li din l-applikazzjoni tiġi miċħuda. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-obbligu li titħallas tariffa jikkostitwixxi obbligu finanzjarju, u għalhekk spiża, li l-applikant ikollu jħallas irrispettivament mill-fatt li l-ammont jista' jiġi sussegwentement irkuprat fil-każ li l-applikazzjoni tiegħu tiġi miċħuda. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi kkonstatat li, sabiex ikunu konformi mad-Direttiva dwar is-servizzi, it-tariffi għandhom ikunu raġonevoli u proporzjonati mal-ispejjeż tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni u ma għandhomx ikunu iktar mill-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri. F'dan ir-rigward, Stat Membru jista' jieħu inkunsiderazzjoni mhux biss l-ispejjeż, il-materjal u s-salarji, li jkunu marbuta direttament mat-twettiq tal-operazzjonijiet li tagħhom jikkostitwixxu l-korrispettiv, iżda wkoll il-parti mill-ispejjeż ġenerali tal-amministrazzjoni kompetenti li jkunu imputabbli lil dawn l-operazzjonijiet.

Madankollu, l-ispejjeż meħuda inkunsiderazzjoni ma jistgħux jinkludu l-ispejjeż marbuta mal-attività ġenerali ta' sorveljanza tal-awtorità inkwistjoni peress li, minn naħa, l-imsemmi Artikolu 13(2) jirreferi biss għall-ispejjeż tal-proċeduri u, min-naħa l-oħra, l-għan tiegħu huwa li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-attivitajiet ta' servizzi. Issa, dan l-għan ma jkunx moqdi permezz ta' rekwiżit ta' finanzjament minn qabel tal-ispejjeż tal-ġestjoni u tas-sorveljanza tas-sistema ta' awtorizzazzjoni kkonċernata, li jinkludu b'mod partikolari l-ispejjeż marbuta mal-identifikazzjoni u mal-prosekuzzjoni tal-attivitajiet mhux awtorizzati.

Fl-aħħar nett, fil-21 ta' Diċembru 2016, fis-sentenza ***AGET Iraklis*** (C-201/15, EU:C:2016:972), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, kellha l-opportunità tagħti deċiżjoni dwar *il-kompatibbiltà ta' leġiżlazzjoni Griega dwar it-tkeċċijiet kollettivi, minn naħa, mad-Direttiva 98/59* [36] *u, min-naħa l-oħra, mal-libertajiet fundamentali stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (Trattat FUE) u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali*. F'dan il-każ, il-Ministru Grieg għax-xogħol, għas-sigurtà soċjali u għas-solidarjetà soċjali kien iddeċieda li ma jawtorizzax lil kumpannija rregolata mid-dritt Elleniku u miżmuma minn grupp multinazzjonali Franċiż sabiex twettaq tkeċċija kollettiva. Din il-kumpannija kienet għalhekk ikkontestat il-konformità, mad-dritt tal-Unjoni, tal-leġiżlazzjoni Griega li tagħti lill-awtoritajiet amministrattivi s-setgħa li jopponu għal tkeċċijiet kollettivi wara evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, tas-sitwazzjoni tal-impriża u tal-interess tal-ekonomija nazzjonali.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja analizzat il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fid-dawl, minn naħa, tad-Direttiva 98/59, u, min-naħa l-oħra, tal-Artikoli 49 TFUE u 63 TFUE, dwar il-libertà ta' stabbiliment u dwar il-moviment liberu tal-kapital, moqrija flimkien mal-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Fir-rigward tad-Direttiva 98/59, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-kundizzjonijiet sostantivi li għalihom hija suġġetta, jekk ikun il-każ, il-possibbiltà tal-persuna li timpjega li twettaq jew li ma twettaqx tkeċċijiet kollettivi ma jaqgħux, bħala prinċipju, taħt l-applikazzjoni tad-Direttiva 98/59 u jibqgħu fil-kompetenza tal-Istati Membri. Barra minn hekk, din id-direttiva ma tipprekludix, bħala prinċipju, leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni. Madankollu, is-sitwazzjoni tkun differenti jekk jirriżulta li din il-leġiżlazzjoni twassal sabiex iċċaħħad lid-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva mill-effett utli tagħhom. Dan ikun il-każ jekk, minħabba, pereżempju, il-kriterji li fir-rigward tagħhom l-awtorità kompetenti jkollha tieħu deċiżjoni jew il-mod kif din tinterpreta u tapplika b'mod konkret dawn il-kriterji, tkun eskluża, fil-prattika, kwalunkwe possibbiltà effettiva għall-persuna li timpjega li twettaq tali tkeċċijiet kollettivi.

Mill-banda l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 49 TFUE, dwar il-libertà ta' stabbiliment, jipprekludi l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni peress li tikkostitwixxi ndħil kunsiderevoli f'ċerti libertajiet li jgawdu b'mod ġenerali l-operaturi ekonomiċi. Madankollu, mekkaniżmu li jikkontrolla t-tkeċċijiet kollettivi,

36| Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE, tal-20 ta' Lulju 1998, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies [tkeċċijiet] kollettivi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 327).

bħal dak inkwistjoni, jista' jkun ta' natura li jikkontribwixxi sabiex jissaħħaħ il-livell ta' protezzjoni effettiva tal-ħaddiema u tal-impjieg tagħhom, b'tali mod li b'hekk ikun adegwat sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu għanijiet ta' interess ġenerali. Madankollu, f'dan il-każ, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-modalitajiet konkreti li jikkaratterizzaw il-mekkaniżmu ta' kontroll previst fil-leġiżlazzjoni Ellenika u, b'mod partikolari, il-kriterji li l-awtorità pubblika kompetenti għandha tieħu inkunsiderazzjoni sabiex tiddeċiedi jekk tawtorizzax jew jekk tirrifjutax it-tkeċċija kollettiva ppjanata huma vagi wisq, b'tali mod li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet indikati. Barra minn hekk, il-fatt li fi Stat Membru jista' jkun hemm kuntest ikkaratterizzat minn kriżi ekonomika gravi u minn rata ta' qgħad partikolarment għolja ma huwiex ta' natura li jaffettwa din l-interpretazzjoni.

# VIII. KONTROLLI MAL-FRUNTIERI, AŻIL U IMMIGRAZZJONI

## 1. POLITIKA TA' AŻIL

Fil-qasam tal-politika ta' ażil, huma ħamsa s-sentenzi li għandhom jissemmew. L-ewwel sentenza tikkonċerna l-possibbiltà li applikant għall-ażil jitqiegħed taħt detenzjoni minħabba raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali jew ta' ordni pubbliku. It-tieni waħda tikkonċerna l-kwistjoni ta' jekk il-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja għandhomx id-dritt li jagħżlu l-post ta' residenza tagħhom fi ħdan Stat Membru. L-aħħar tliet sentenzi jikkonċernaw l-obbligi tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, skont ir-Regolament Nru 604/2013 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Dublin III") [37].

Fis-sentenza ***N.*** (C-601/15 PPU, EU:C:2016:84), tal-15 ta' Frar 2016, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, eżaminat, *fid-dawl tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, il-validità tal-punt (e) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2013/33* [38]*, li jippermetti li applikant għall-ażil jitqiegħed taħt detenzjoni meta dan ikun meħtieġ għall-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali jew tal-ordni pubbliku*. F'dan il-każ, ir-rikorrent kien ippreżenta, bejn l-1995 u l-2013, tliet applikazzjonijiet għal ażil li kienu ġew miċħuda mill-awtoritajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi. Flimkien maċ-ċaħda tal-aħħar waħda minn dawn l-applikazzjonijiet, l-awtorità kompetenti ordnatu jitlaq mit-territorju tal-Unjoni u imponiet fuqu projbizzjoni ta' dħul. Id-deċiżjonijiet kienu ġew ikkonfermati permezz ta' sentenza definittiva. Bejn l-1999 u l-2015, l-individwu kkonċernat kien ġie kkundannat, diversi drabi, għal diversi reati. Fl-2015, filwaqt li kien qiegħed jiskonta piena ta' priġunerija minħabba serq u minħabba li ma kienx osserva l-projbizzjoni ta' dħul, huwa ppreżenta r-raba' applikazzjoni għal ażil u, sussegwentement, tqiegħed taħt detenzjoni. Issa, huwa qies li d-detenzjoni tiegħu kienet kuntrarja għall-Artikolu 5(1)(f) tal-KEDB, li jipprevedi li d-detenzjoni ta' persuna barranija tista' tkun iġġustifikata biss mill-fatt li tkun għaddejja proċedura ta' tkeċċija jew ta' estradizzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, b'risposta għal domanda tal-qorti tar-rinviju dwar il-validità tal-punt (e) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2013/33 fid-dawl tad-drittijiet fundamentali tal-individwu kkonċernat fil-kawża ineżami, fakkret li dan l-eżami għandu jitwettaq fid-dawl biss tad-drittijiet iggarantiti mill-Karta, u mhux mill-KEDB, b'osservanza, madankollu, tal-Artikolu 52(3) tal-Karta, li jipprevedi li s-sens u

37| Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2013, li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU L 180, p. 31).

38| Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2013, li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU L 180, p. 96).

l-portata tad-drittijiet iggarantiti minnha għandhom l-istess sens u l-istess portata bħal dawk mogħtija lil dawn id-drittijiet mill-KEDB.

Wara li osservat li l-imsemmija dispożizzjoni tad-Direttiva 2013/33 tipprevedi limitazzjoni tal-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà stabbilit fl-Artikolu 6 tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi fakkret li limitazzjonijiet għall-eżerċizzju tad-drittijiet irrikonoxxuti mill-Karta jistgħu jsiru biss fil-każ li dawn ikunu neċessarji u effettivament jissodisfaw għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni. F'dan ir-rigward, hija kkonstatat li l-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali u tal-ordni pubbliku tikkostitwixxi tali għan. B'hekk, it-tqegħid taħt detenzjoni ta' applikant għall-ażil meta dan ikun meħtieġ għall-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali jew tal-ordni pubbliku huwa limitazzjoni tad-dritt għal-libertà ta' din il-persuna li hija prevista fil-lista eżawrjenti li tinsab fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2013/33. Min-natura tagħha stess, din il-miżura hija adegwata sabiex tipproteġi lill-pubbliku mill-perikolu li jista' jikkostitwixxi l-aġir ta' tali persuna u hija ta' natura li tippermetti li jintlaħaq l-imsemmi għan ta' interess ġenerali. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li d-Direttiva 2013/33 tosserva bilanċ ġust bejn, minn naħa, id-dritt għal-libertà tal-applikant u, min-naħa l-oħra, ir-rekwiżiti strettament meħtieġa għall-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali u tal-ordni pubbliku. F'dan ir-rigward, hija enfasizzat li l-imsemmija dispożizzjoni tad-Direttiva ma tistax isservi bħala bażi għal miżuri ta' detenzjoni mingħajr ma l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ma jkunu vverifikaw minn qabel, każ b'każ, jekk il-perikolu li l-persuni kkonċernati jirrappreżentaw għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku jikkorrispondix minn tal-inqas għall-gravità tal-indħil fid-dritt għal-libertà ta' dawn il-persuni li jikkostitwixxu tali miżuri. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li mill-eżami tal-punt (e) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2013/33 ma rriżulta ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tiegħu fid-dawl tal-livell ta' protezzjoni previst fl-Artikoli 6 u 52 tal-Karta.

Fis-sentenza ***Alo*** (C-443/14 u C-444/14, EU:C:2016:127), mogħtija fl-1 ta' Marzu 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, intalbet tinterpreta *l-Artikoli 29 u 33 tad-Direttiva 2011/95* [39]*, sabiex jiġi ddeterminat sa fejn Stat Membru jista' jimponi obbligu ta' residenza f'post partikolari fuq il-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja.* Il-kawża prinċipali kienet tressqet minn żewġ ċittadini Sirjani li kienu kisbu dan l-istatus fil-Ġermanja iżda li l-permessi ta' residenza tagħhom kienu suġġetti għal obbligu ta' residenza f'post partikolari, minħabba li kienu jirċievu ċerti benefiċċji soċjali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li tali obbligu ta' residenza jikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' moviment iggarantita mill-Artikolu 33 tad-Direttiva 2011/95, anki meta din il-miżura ma tipprojbixxix lill-benefiċjarju tal-protezzjoni sussidjarja milli jiċċaqlaq b'mod liberu fit-territorju kkonċernat u milli jirrisjedi temporanjament hemmhekk barra mill-post identifikat fl-obbligu ta' residenza.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li huwa possibbli li jiġi impost obbligu ta' residenza biss fuq il-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja jekk ma jitqegħdux, fir-rigward tal-għan segwit mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, f'sitwazzjoni oġġettivament komparabbli għal dik ta' persuni mhux ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu legalment fl-Istat Membru kkonċernat jew għal dik taċ-ċittadini ta' dan l-Istat.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi rrikonoxxiet li l-moviment ta' benefiċjarji ta' benefiċċji soċjali jew il-konċentrazzjoni inugwali tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru jistgħu jimplikaw diviżjoni inadegwata tal-oneru finanzjarju marbut ma' dawn il-benefiċċji bejn id-diversi istituzzjonijiet kompetenti f'dan il-qasam. Madankollu, tali diviżjoni inugwali tal-oneru ma hijiex marbuta speċjalment mal-eventwali kwalità ta' benefiċjarju tal-protezzjoni sussidjarja tal-persuni li jirċievu benefiċċji soċjali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-Direttiva 2011/95

39| Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Diċembru 2011, dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU L 337, p. 9).

tipprekludi l-impożizzjoni ta' obbligu ta' residenza biss fuq il-benefiċjarji tal-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja bil-għan li jkun hemm diviżjoni adegwata tal-oneru marbut mal-benefiċċji inkwistjoni.

Mill-banda l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li hija l-qorti Ġermaniża li għandha tivverifika jekk il-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja li jirċievu l-għajnuna soċjali jiltaqgħux ma' iktar diffikultajiet ta' integrazzjoni mill-persuni l-oħra mhux ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu legalment fil-Ġermanja u li jirċievu għajnuna soċjali. Jekk dawn iż-żewġ kategoriji ta' persuni ma jkunux f'sitwazzjoni komparabbli fir-rigward tal-għan li tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tal-persuni mhux ċittadini tal-Unjoni fil-Ġermanja, id-Direttiva ma tipprekludix li l-benefiċjarji tal-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja jkunu suġġetti għal obbligu ta' residenza sabiex tiġi inkoraġġuta l-integrazzjoni tagħhom, u dan anki jekk dan l-obbligu ma japplikax għal persuni oħra mhux ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu legalment fil-Ġermanja.

Fis-sentenza ***Mirza*** (C-695/15, EU:C:2016:188), mogħtija fis-17 ta' Marzu 2016 fil-kuntest ta' proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat *il-kundizzjonijiet li fihom Stat Membru jista' jikkunsidra li jibgħat applikant għal protezzjoni internazzjonali lejn pajjiż terz fejn ma hemmx perikolu, konformement mal-Artikolu 3(3) tar-Regolament Dublin III, mingħajr ma jwettaq analiżi fil-mertu tal-applikazzjoni tiegħu.* F'dan il-każ, ir-rikorrent, ċittadin Pakistani, kien daħal b'mod illegali fit-territorju Ungeriż mis-Serbja. Huma kien ippreżenta l-ewwel applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fl-Ungerija. Matul il-proċedura, l-individwu kkonċernat telaq mill-post ta' residenza li kien ġie assenjat lilu mill-awtoritajiet Ungeriżi. Għaldaqstant, dawn kienu għalqu l-eżami tal-applikazzjoni għar-raġuni li kienet ġiet irtirata b'mod impliċitu minn dan tal-aħħar. Sussegwentement, ir-rikorrent inżamm fir-Repubblika Ċeka waqt li kien qiegħed jipprova jidħol fl-Awstrija. L-awtoritajiet Ċeki talbu lill-Ungerija tieħu lura lill-individwu kkonċernat, talba li ntlaqgħat mill-Ungerija. Dan tal-aħħar għalhekk ippreżenta t-tieni applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fl-Ungerija, li ġiet miċħuda bħala inammissibbli mill-awtoritajiet Ungeriżi mingħajr eżami tal-mertu. Fil-fatt, huma qiesu li, fil-każ tal-applikant, is-Serbja kellha tiġi kklassifikata bħala pajjiż terz fejn ma hemmx perikolu. Ir-rikorrent għalhekk ippreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, l-ewwel nett, li d-dritt li applikant għal protezzjoni internazzjonali jintbagħat lejn pajjiż terz fejn ma hemmx perikolu jista' jiġi eżerċitat ukoll minn Stat Membru li jkun irrikonoxxa, fil-kuntest tal-proċedura ta' teħid lura, li huwa responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata minn applikant li telaq minn dan l-Istat Membru qabel ma kienet ittieħdet deċiżjoni fil-mertu dwar l-ewwel applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tiegħu.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, fil-kuntest ta' din il-proċedura, ir-Regolament Dublin III ma jissuġġettax lill-Istat Membru responsabbli (f'dan il-każ, l-Ungerija) għal obbligu li jinforma lill-Istat Membru li jwettaq it-trasferiment (f'dan il-każ, ir-Repubblika Ċeka) dwar il-kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu fil-qasam tat-trasferiment ta' applikanti lejn pajjiżi terzi fejn ma hemmx perikolu jew dwar il-prassi amministrattiva tiegħu f'dan il-qasam. Fil-fatt, assenza ta' komunikazzjoni fuq dawn il-punti bejn iż-żewġ Stati kkonċernati ma tippreġudikax id-dritt tal-applikant għal rimedju effettiv kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment u kontra d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, kif iggarantit mid-dritt tal-Unjoni.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, id-dritt tal-applikant għal protezzjoni internazzjonali li jikseb deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni tiegħu la jimplika li l-Istat Membru responsabbli jkun imċaħħad mill-possibbiltà li jiddikjara l-applikazzjoni inammissibbli u lanqas ma jobbligah jerġa' jibda l-eżami tal-applikazzjoni fi stadju proċedurali partikolari.

Fil-kawżi li taw lok għas-sentenza ***Ghezelbash*** (C-63/15, EU:C:2016:409) kif ukoll għas-sentenza ***Karim*** (C-155/15, EU:C:2016:410), mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, fis-7 ta' Ġunju 2016, applikanti għal ażil kienu qegħdin jikkontestaw id-deċiżjoni tal-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru li jiġu ttrasferiti lejn Stat Membru ieħor, li kien laħaq ftehim mal-ewwel Stat Membru sabiex jieħu responsabbiltà

għall-eżami tal-applikazzjoni għall-ażil tagħhom. Dawn il-kawżi qajmu, b'mod partikolari, il-kwistjoni tal-*argumenti li jistgħu jiġu invokati, mill-applikanti għal ażil, fil-kuntest tar-rimedji ġudizzjarji previsti fl-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III sabiex jikkontestaw deċiżjoni ta' trasferiment*.

Fl-ewwel kawża, ċittadin Iranjan kien ippreżenta applikazzjoni għal permess ta' residenza temporanja quddiem l-awtoritajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi. Peress li minn tfittxija fis-sistema ta' informazzjoni dwar il-viżi tal-Unjoni Ewropea (VIS) irriżulta li r-rappreżentanza diplomatika Franċiża fl-Iran kienet ħarġet lill-individwu kkonċernat viża li tkopri perijodu partikolari, is-Segretarju tal-Istat tal-Pajjiżi l-Baxxi talab, fuq il-bażi tar-Regolament Dublin III, lill-awtoritajiet Franċiżi jieħdu responsabbiltà għal dan l-individwu. Dawn tal-aħħar laqgħu din it-talba. Madankollu, fil-kuntest tat-tieni smigħ mill-awtoritajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi, l-individwu kkonċernat talab li jipproduċi dokumenti oriġinali li juru li kien mar lura fl-Iran wara li kien wasal fi Franza, punt dan li, fil-fehma tiegħu, kien jimplika li Franza ma kinitx responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għall-ażil tiegħu. B'hekk, qamet il-kwistjoni ta' jekk dan l-individwu kellux id-dritt li jikkontesta r-responsabbiltà tar-Repubblika Franċiża sabiex teżamina l-applikazzjoni għall-ażil tiegħu ladarba dan l-Istat Membru kien aċċetta din ir-responsabbiltà.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III, moqri fid-dawl tal-premessa 19 ta' dan ir-regolament, għandu jiġi interpretat fis-sens li applikant għal ażil jista' jinvoka, fil-kuntest ta' rikors ippreżentat kontra deċiżjoni ta' trasferiment meħuda fil-konfront tiegħu, l-applikazzjoni żbaljata ta' kriterju ta' responsabbiltà previst fl-imsemmi regolament.

Fit-tieni kawża, ċittadin Sirjan kien applika għal protezzjoni internazzjonali fl-Isvezja. Peress li minn tfittxija fis-sistema "Eurodac" irriżulta li l-individwu kkonċernat kien diġà applika għal din il-protezzjoni fis-Slovenja, l-awtoritajiet Svediżi (l-uffiċju tal-migrazzjoni Svediż) talbu lill-awtoritajiet Sloveni jieħdu lura l-individwu kkonċernat taħt ir-responsabbiltà tagħhom, fuq il-bażi tal-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament Dublin III. L-awtoritajiet Sloveni laqgħu din it-talba. F'dan l-istadju l-uffiċċju tal-migrazzjoni Svediż informa lil dawn l-awtoritajiet li l-individwu kkonċernat kien sostna li kien telaq mit-territorju tal-Istati Membri għal perijodu ta' iktar minn tliet xhur wara l-ewwel applikazzjoni għall-ażil tiegħu u li l-passaport tiegħu kellu viża ta' dħul fil-Libanu. Peress li l-awtoritajiet Sloveni kkonfermaw li kienu qegħdin jaċċettaw li jieħdu lura lill-individwu kkonċernat, l-uffiċċju Svediż ċaħad l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiegħu. Madankollu, dan l-individwu qies li s-Slovenja ma kinitx l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għall-ażil tiegħu.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett iddeċidiet li l-Artikolu 19(2) tar-Regolament Dublin III, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tiegħu, japplika għal ċittadin ta' pajjiż terz li, wara li jkun ippreżenta l-ewwel applikazzjoni għal ażil fi Stat Membru, jipprova li kien telaq mit-territorju tal-Istati Membri għal perijodu ta' minn tal-inqas tliet xhur, qabel ma ppreżenta applikazzjoni għal ażil ġdida fi Stat Membru ieħor. Fil-fatt, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament Dublin III jipprevedi li, bħala prinċipju, l-obbligi ta' teħid ta' responsabbiltà u ta' teħid mill-ġdid ta' responsabbiltà għal applikant għal ażil, li jirriżultaw mill-Artikolu 18(1) ta' dan ir-regolament, jintemmu jekk l-Istat Membru responsabbli jkun jista' jistabbilixxi, meta jintalab jieħu lura l-applikant għal ażil taħt ir-responsabbiltà tiegħu, li huwa kien telaq mit-territorju tal-Istati Membri għal perijodu ta' minn tal-inqas tliet xhur. Madankollu, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(2) tal-imsemmi regolament jispeċifika li kull applikazzjoni ppreżentata wara tali perijodu ta' assenza għandha titqies li hija applikazzjoni ġdida li tagħti lok għal proċedura ġdida għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli. Minn dan isegwi li, f'sitwazzjoni fejn ċittadin ta' pajjiż terz, wara li jkun ippreżenta l-ewwel applikazzjoni għal ażil fi Stat Membru, ikun telaq mit-territorju tal-Istati Membri għal perijodu ta' minn tal-inqas tliet xhur, qabel ma jippreżenta applikazzjoni għal ażil ġdida fi Stat Membru ieħor, l-Artikolu 19(2) tal-imsemmi regolament jobbliga lill-Istat Membru fejn tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għal ażil il-ġdida sabiex iwettaq, fuq il-bażi tar-regoli stabbiliti f'dan ir-regolament, il-proċess għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' din l-applikazzjoni l-ġdida.

It-tieni nett, bħal fis-sentenza Ghezelbash, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III għandu jiġi interpretat fis-sens li applikant għall-ażil jista' jinvoka, fil-kuntest ta' rikors ippreżentat kontra deċiżjoni ta' trasferiment meħuda fil-konfront tiegħu, in-nuqqas ta' osservanza tar-regola stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(2) ta' dan ir-regolament.

## 2. POLITIKA TA' IMMIGRAZZJONI

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza ***Affum*** (C-47/15, EU:C:2016:408), mogħtija mill-Awla Manja fis-7 ta' Ġunju 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja saritilha domanda dwar jekk id-Direttiva 2008/115 [40] tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tissanzjona b'piena ta' priġunerija d-dħul illegali fit-territorju nazzjonali ta' ċittadin ta' pajjiż terz minn fruntiera interna taż-żona Schengen. Il-kwistjoni kienet tikkonċerna ċittadina tal-Ghana li, mingħajr ma ssodisfat il-kundizzjonijiet għad-dħul, għas-soġġorn jew għar-residenza, kienet għaddiet minn Franza bħala passiġġier f'coach li telqet mill-Belġju bir-Renju Unit bħala d-destinazzjoni.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li, sa fejn tali ċittadina ta' pajjiż terz tinsab fit-territorju ta' Stat Membru, din tinsab f'sitwazzjoni ta' soġġorn illegali fis-sens tal-punt 2 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/115. In-natura purament temporanja jew tranżitorja ta' tali preżenza hija irrilevanti.

Fit-tieni lok, wara li fakkret il-prinċipji stabbiliti fis-sentenza *Achughbabian* [41], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 2008/115 tipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tippermetti, minħabba s-sempliċi fatt tad-dħul illegali minn fruntiera interna, li jwassal għas-soġġorn illegali, il-priġunerija ta' ċittadin ta' pajjiż terz li fil-konfront tiegħu tkun għadha ma ntemmietx il-proċedura ta' ritorn stabbilita minn din id-direttiva. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, enfasizzat li tali priġunerija tista' tfixkel l-applikazzjoni ta' din il-proċedura u ddewwem ir-ritorn, b'tali mod li tippreġudika l-effett utli tad-Direttiva 2008/115. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li din l-intepretazzjoni hija valida anki meta jkun hemm il-possibbiltà li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jittieħed minn Stat Membru ieħor li ma jkunx dak li fih ikun inżamm, b'applikazzjoni ta' ftehim jew ta' arranġament fis-sens tal-Artikolu 6(3) tal-istess direttiva. Fil-fatt, dan l-artikolu ma jistabbilixxix eċċezzjoni għall-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/115, li kienet tkun eċċezzjoni addizzjonali għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 2(2) tagħha u li, fit-tali każ, kienet tippermetti lill-Istati Membri ma japplikawx in-normi u l-proċeduri komuni ta' ritorn għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinsabu fil-pajjiż b'mod illegali.

40 | Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, p. 98).

41 | Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Diċembru 2011, ***Achughbabian*** (C-329/11, EU:C:2011:807).

# IX. KOOPERAZZJONI ĠUDIZZJARJA F'MATERJI ĊIVILI

Fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili, għandom jissemmew erba' sentenzi li jikkonċernaw l-interpretazzjoni tar-Regolamenti Nru 44/2001 [42] (Regolament Brussell I), Nru 593/2008 [43] (Regolament Ruma I) u Nru 864/2007 [44] (Regolament Ruma II).

## 1. IR-REGOLAMENT BRUSSELL I

Fis-sentenza tal-20 ta' April 2016, ***Profit Investment SIM*** (C-366/13, EU:C:2016:282), il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar *klawżoli li jattribwixxu ġurisdizzjoni introdotti fi prospett dwar programm ta' ħruġ ta' bonds ta' bank stabbilit fi Stat Membru*. Fit-tilwima fil-kawża prinċipali, il-prospett kien ġie redatt unilateralment minn min ħareġ il-bonds u l-programm kien implementat permezz ta' kuntratti ta' sottoskrizzjoni għal dawn il-bonds. Wieħed mill-akkwirenti ulterjuri ta' bonds, stabbilit fl-Italja, li kien tqiegħed taħt likwidazzjoni ġudizzjarja minħabba n-nuqqas ta' pagament tal-interessi dovuti minn impriża marbuta ma' min ħareġ il-bonds, ressaq lil dan tal-aħħar kif ukoll lil kumpanniji oħra quddiem il-qrati Taljani fejn ġiet invokata kontrih il-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni lill-qrati ta' Stat Membru ieħor. Kien f'dan il-kuntest li l-qorti ta' kassazzjoni Taljana għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja domandi dwar il-validità kif ukoll dwar il-possibbiltà li tiġi invokata din il-klawżola fil-konfront ta' terzi.

Fir-rigward tar-rekwiżit li l-klawżoli li jattribwixxu ġurisdizzjoni għandhom ikunu f'forma miktuba, previst fl-Artikolu 23(1)(a) tar-Regolament Nru 44/2001, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett ikkonstatat li, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża ineżami, dan ir-rekwiżit jeħtieġ li l-kuntratt iffirmat mill-partijiet, fil-kuntest tal-akkwist inizjali jew ta' akkwist ulterjuri, isemmi l-aċċettazzjoni ta' din il-klawżola jew jinkludi riferiment espliċitu għall-prospett. Fil-każ li ma jkunx hemm kunsens espliċitu mill-akkwirent ulterjuri tal-bonds, dan ikun xorta waħda marbut minn tali klawżola jekk jiġi stabbilit li huwa s-suċċessur ta' min ittrasferixxa l-bonds, fid-drittijiet u l-obbligi marbuta ma' dawn il-bonds, u li kellu l-possibbiltà jieħu konjizzjoni tal-prospett li jinkludi l-imsemmija klawżola.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat il-kwistjoni ta' jekk tali klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni, meta ma tissodisfax il-kundizzjoni ta' forma miktuba, tistax xorta waħda titqies li hija aċċettata fl-użanzi tal-kummerċ internazzjonali fis-sens tal-Artikolu 23(1)(c) tar-Regolament Nru 44/2001 u, għaldaqstant, li hija valida u li tista' tiġi invokata fil-konfront ta' terz. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-eżistenza ta' tali użanza tista' tiġi kkonstatata meta jiġi stabbilit, b'mod partikolari, li l-aġir inkwistjoni huwa ġeneralment u regolarment segwit mill-operaturi fil-qasam inkwistjoni meta jiġu konklużi kuntratti ta' dan it-tip u li l-partijiet inkwistjoni kellhom ikunu jafu b'dan. Fir-rigward tal-għarfien effettiv jew preżunt ta' din l-użanza mill-partijiet, dan jista' jkun stabbilit, b'mod partikolari, billi jintwera jew li l-partijiet kellhom fil-passat relazzjonijiet kummerċjali bejniethom jew ma' partijiet oħra li joperaw fis-settur inkwistjoni, jew li l-aġir inkwistjoni huwa suffiċjentement magħruf sabiex ikun jista' jitqies li huwa prassi kkonsolidata.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-kwistjoni tal-applikazzjoni, fil-każ ineżami, tal-punt 1 tal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 44/2001, li jagħti l-possibbiltà li diversi konvenuti jitressqu quddiem il-qorti tal-post fejn ikun iddomiċiljat

42| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).

43| Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Ġunju 2008, dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU L 177, p. 6).

44| Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Lulju 2007, dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II ) (ĠU L 199, p. 40).

wieħed minnhom meta jkun hemm riskju ta' deċiżjonijiet irrikonċiljabbli, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li, fil-każ li jkun hemm diversi rikorsi b'suġġett u b'bażi differenti li ma jkunux marbuta b'rabta ta' sussidjarjetà jew ta' inkompatibbiltà, sabiex ikun hemm tali riskju ta' deċiżjonijiet irrikonċiljabbli ma huwiex biżżejjed li l-eventwali rikonoxximent tal-fondatezza ta' wieħed minnhom jista' potenzjalment ikun ta' natura li jirrifletti fuq il-portata tad-dritt invokat fil-kuntest ta' rikors ieħor.

Fis-sentenza tal-14 ta' Lulju 2016, ***Granarolo*** (C-196/15, EU:C:2016:559), il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar każ ta' *determinazzjoni tal-qorti li għandha ġurisdizzjoni fil-każ ta' terminazzjoni f'daqqa ta' relazzjonijiet kummerċjali stabbiliti għal żmien twil*. It-tilwima fil-kawża prinċipali tnisslet mid-deċiżjoni ta' produttur Taljan li jittermina relazzjoni ta' distribuzzjoni li kienet ilha teżisti għal madwar ħamsa u għoxrin sena ma' impriża stabbilita fi Franza. Din ir-relazzjoni ta' distribuzzjoni la kienet is-suġġett ta' kuntratt qafas u lanqas ta' arranġament ta' esklużività. L-impriża stabbilita fi Franza kienet ressqet azzjoni għad-danni kontra l-impriża Taljana quddiem il-qrati Franċiżi. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja sarulha domandi dwar in-natura delittwali jew kuntrattwali ta' din l-azzjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli dwar il-ġurisdizzjoni previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 44/2001.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-punt 3 tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament għandu jiġi interpretat fis-sens li azzjoni għad-danni bbażata fuq terminazzjoni f'daqqa ta' relazzjonijiet kummerċjali stabbiliti għal żmien twil ma taqax taħt materji delittwali jew kważi delittwali jekk kien hemm, bejn il-partijiet, relazzjoni kuntrattwali taċita, punt dan li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, irrispettivament mill-klassifikazzjoni ta' din l-azzjoni taħt id-dritt nazzjonali. L-istabbiliment tal-eżistenza ta' tali relazzjoni kuntrattwali taċita għandu jkun ibbażat fuq sensiela ta' elementi konkordanti, li jistgħu jinkludu b'mod partikolari l-eżistenza ta' relazzjonijiet kummerċjali stabbiliti għal żmien twil, il-*bona fide* bejn il-partijiet, in-natura regolari tat-tranżazzjonijiet u l-iżvilupp tagħhom fiż-żmien f'termini ta' kwantità u ta' valur, l-eventwali ftehimiet dwar il-prezzijiet iffatturati u/jew dwar it-tnaqqis mogħti, kif ukoll il-korrispondenza skambjata.

Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-punt 1 tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 44/2001 għall-imsemmija relazzjonijiet kummerċjali stabbiliti għal żmien twil, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li dawn għandhom jiġu kklassifikati bħala "kuntratt ta' bejgħ ta' merkanzija" jew bħala "kuntratt ta' provvista ta' servizzi" skont l-obbligu karatteristiku inkwistjoni. Kuntratt li l-obbligu karatteristiku tiegħu jkun il-kunsinna ta' oġġett għandu jiġi kklassifikat bħala "kuntratt ta' bejgħ ta' merkanzija". Tali klassifikazzjoni tista' tkun applikabbli għal relazzjoni kummerċjali stabbilita għal żmien twil bejn żewġ operaturi ekonomiċi meta din ir-relazzjoni tkun limitata għal numru ta' ftehimiet suċċessivi li kull wieħed minnhom ikollu bħala suġġett il-kunsinna u l-ġbir ta' merkanzija. Għall-kuntrarju, din il-klassifikazzjoni ma tikkorrispondix għal kuntratt ta' distribuzzjoni tipiku, li jkun ikkaratterizzat minn ftehim qafas li jkollu bħala suġġett impenn ta' provvista u ta' akkwist ta' provvisti fil-futur minn żewġ operaturi ekonomiċi.

Fir-rigward tal-klassifikazzjoni bħala provvista ta' servizzi, il-kunċett ta' servizzi, fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, jimplika, minn tal-inqas, li l-parti li tipprovdihom twettaq attività partikolari bħala korrispettiv għal remunerazzjoni. Dan ikun il-każ jekk id-distributur ikun f'pożizzjoni li joffri lill-klijenti servizzi u vantaġġi li ma jkunx jista' joffri sempliċi bejjiegħ mill-ġdid u, għalhekk, ikun f'pożizzjoni li jirbaħ, għall-benefiċċju tal-prodotti tal-fornitur, sehem ikbar mis-suq lokali. Barra minn hekk, il-fatt li kuntratt ta' distribuzzjoni jkun ibbażat fuq selezzjoni tad-distributuri mill-fornitur jista' jagħti lid-distributuri vantaġġ kompetittiv li, flimkien mal-għajnuna li l-kuntratt jista' jagħti lil dawn id-distributuri fir-rigward ta' aċċess għall-mezzi ta' reklamar, ta' taħriġ jew ta' faċilitajiet ta' pagamenti, jissodisfa l-kriterju ta' remunerazzjoni li jikkaratterizza kuntratt ta' provvista ta' servizzi.

## 2. IR-REGOLAMENTI RUMA I U RUMA II

Fis-sentenza ***Verein für Konsumenteninformation*** (C-191/15, EU:C:2016:612), tat-28 ta' Lulju 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar domandi li kienu jikkonċernaw *ir-relazzjoni bejn ir-regoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi u dawk dwar il-liġi applikabbli għall-kuntratti*. Fil-kawża prinċipali, assoċjazzjoni Awstrijaka għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi kienet ressqet azzjoni għal inġunzjoni, fis-sens tad-Direttiva 2009/22 [45], kontra l-użu ta' klawżoli, meqjusa li huma inġusti, dwar id-determinazzjoni tal-liġi applikabbli għal obbligi kuntrattwali u mhux kuntrattwali. Il-klawżoli kienu jinsabu fil-kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ ta' impriża stabbilita fil-Lussemburgu li kienet twettaq bejgħ elettroniku ta' prodotti lil konsumaturi stabbiliti f'diversi Stati Membri.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-Regolamenti Ruma I u Ruma II għandhom jiġu interpretati fis-sens li, bla ħsara għall-Artikolu 1(3) ta' kull wieħed minn dawn iż-żewġ regolamenti, il-liġi applikabbli għal tali azzjoni għal inġunzjoni fis-sens tad-Direttiva 2009/22 għandha tiġi ddeterminata konformement mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Ruma II, peress li t-theddid għall-ordni legali jirriżulta mill-użu ta' klawżoli inġusti li l-assoċjazzjonijiet ta' protezzjoni tal-konsumaturi għandhom bħala missjoni li jxekklu. Mill-banda l-oħra, il-liġi applikabbli għall-evalwazzjoni tal-klawżola kuntrattwali inkwistjoni għandha dejjem tiġi ddeterminata skont ir-Regolament Ruma I, u dan irrispettivament minn jekk din l-evalwazzjoni titwettaqx fil-kuntest ta' azzjoni individwali jew fil-kuntest ta' azzjoni kollettiva.

Barra minn hekk, mill-Artikolu 6(2) tar-Regolament Ruma I jirriżulta li, meta n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali partikolari tkun qiegħda tiġi evalwata fil-kuntest ta' azzjoni għal inġunzjoni, l-għażla tal-liġi applikabbli hija bla ħsara għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imperattivi previsti mil-liġi tal-pajjiż fejn jirrisjedu l-konsumaturi li l-interessi tagħhom ikunu qegħdin jiġu protetti permezz ta' din l-azzjoni. Dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jinkludu dawk li jittrasponu d-Direttiva 93/13 [46], dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumaturi, sakemm tali dispożizzjonijiet jiżguraw, konformement mal-Artikolu 8 tagħha, livell ta' protezzjoni ogħla għall-konsumatur.

B'hekk, klawżola li tinsab fil-kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ ta' negozjant, li ma kinitx innegozjata individwalment u li tipprovdi li l-liġi tal-Istat Membru fejn għandu s-sede tiegħu dan in-negozjant għandha tirregola l-kuntratt konkluż b'mod elettroniku ma' konsumatur hija inġusta fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13 sa fejn tqarraq b'dan il-konsumatur. Dan ikun il-każ b'mod partikolari meta din il-klawżola tagħti lill-konsumatur l-impressjoni li hija biss il-liġi ta' dan l-Istat li tapplika għall-kuntratt, mingħajr ma tinformah dwar il-fatt li jgawdi wkoll mill-protezzjoni tad-dispożizzjonijiet imperattivi tad-dritt li jkun applikabbli fl-assenza ta' din il-klawżola.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li pproċessar ta' data personali, fis-sens tal-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 95/46 47, imwettaq minn impriża ta' kummerċ elettroniku għandu jkun irregolat mid-dritt tal-Istat Membru li lejh din l-impriża tindirizza l-attivitajiet tagħha jekk jirriżulta li din l-impriża tkun wettqet dan l-ipproċessar ta' data fil-kuntest tal-attivitajiet ta' stabbiliment li jinsab f'dan l-Istat Membru.

45| Direttiva 2009/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi (ĠU L 110, p. 30).

46| Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).

47| Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355).

Fl-aħħar nett, f'sentenza tat-18 ta' Ottubru 2016, mogħtija fil-kawża ***Nikiforidis*** (C-135/15, EU:C:2016:774), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni, minn naħa, dwar il-*kamp ta' applikazzjoni ratione temporis tar-Regolament Ruma I u, min-naħa l-oħra, dwar il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti ta' Stat Membri għajr dawk tal-Istat tal-forum*. Ir-rikors fil-kawża prinċipali kien jikkonċerna t-tnaqqis tas-salarju mġarrab, bejn l-2010 u l-2012, minn għalliem marbut mal-Istat Grieg permezz ta' kuntratt irregolat mid-dritt privat u impjegat fil-Ġermanja sa mill-1996, b'konsegwenza ta' miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit fil-finanzi pubbliċi Griegi. Il-kwistjoni f'din il-kawża kienet tikkonċerna l-liġi applikabbli għall-kuntratt kif ukoll l-obbligu tal-qorti Ġermaniża li tapplika d-dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti Griegi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, osservat li, skont l-Artikolu 28 tar-Regolament Ruma I, dan japplika għal kull tip ta' kuntratt, bħalma huwa kuntratt ta' xogħol, konkluż b'effett mis-17 ta' Diċembru 2009. Mill-banda l-oħra, l-effetti futuri ta' kuntratti konklużi qabel dik id-data huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Minn dan isegwi li kwalunkwe qbil bejn il-partijiet kontraenti, wara s-16 ta' Diċembru 2009, li titkompla l-eżekuzzjoni ta' kuntratt konkluż qabel ma jistax iwassal sabiex jagħmel l-imsemmi regolament applikabbli għar-relazzjoni kuntrattwali fis-seħħ. Barra minn hekk, l-għażla tal-leġiżlatur tiddaħħal inkwistjoni jekk kwalunkwe emenda, anki jekk minima, magħmula wara s-17 ta' Diċembru 2009 f'kuntratt inizjalment konkluż qabel dik id-data tkun suffiċjenti sabiex iddaħħal dan il-kuntratt fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament, għad-detriment taċ-ċertezza legali. Mill-banda l-oħra, meta, b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament Ruma I, ir-relazzjoni ta' xogħol tkun is-suġġett, bi qbil mill-partijiet, ta' emenda ta' portata tali li jkollu jitqies li ġie konkluż kuntratt ġdid b'effett minn dik id-data, għandu jitqies li l-kuntratt inizjali jkun ġie ssostitwit b'kuntratt ta' xogħol ġdid.

Fir-rigward tal-possibbiltà li jittieħdu inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti għajr dawk, imsemmija fl-Artikolu 9(2) u (3) tar-Regolament Ruma I, tal-Istat tal-forum jew tal-Istat ta' eżekuzzjoni tal-obbligi li jirriżultaw mill-kuntratt, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-lista, fid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Ruma I, tad-dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti li jistgħu jingħataw effett mill-qorti tal-forum hija eżawrjenti. Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-estensjoni ta' din id-deroga mill-prinċipju ta' għażla libera tal-liġi applikabbli mill-partijiet fil-kuntratt, b'tali mod li l-qorti tal-forum tkun tista' tieħu inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti ta' Stati oħra, għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 9(2) u (3) tar-Regolament Ruma I, tista' tikkompromettі l-għan li jkun hemm ċertezza legali fiż-żona ta' ġustizzja Ewropea u tista' taffettwa l-għan tal-protezzjoni tal-ħaddiem previst mid-dritt tal-pajjiż fejn jeżerċita l-attivitajiet tiegħu. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet ma jipprekludux li jittieħdu inkunsiderazzjoni, bħala punti ta' fatt, dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti għajr dawk tal-Istat tal-forum jew tal-Istat ta' eżekuzzjoni tal-obbligi meta dan it-teħid inkunsiderazzjoni jkun previst mid-dispożizzjonijiet sostantivi tad-dritt applikabbli għall-kuntratt, li ma ġewx armonizzati mir-Regolament Ruma I.

# X. KOOPERAZZJONI ĠUDIZZJARJA F'MATERJI KRIMINALI

## 1. MANDAT TA' ARREST EWROPEW

Fir-rigward tas-sena 2016, jistgħu jiġu enfasizzati seba' sentenzi dwar il-mandat ta' arrest Ewropew, stabbilit permezz tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 [48].

L-ewwel nett, fis-sentenza ***Aranyosi u Căldăraru*** (C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198), tal-5 ta' April 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni, fil-kuntest ta' proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, dwar *il-possibbiltà li l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew tiġi posposta fil-każ li jkun hemm riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti minħabba l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Istat Membru li jkun ħareġ dan il-mandat.* Adita b'talbiet għall-eżekuzzjoni ta' mandati ta' arrest Ewropej maħruġa minn qrati fl-Ungerija u fir-Rumanija, awtorità ta' eżekuzzjoni Ġermaniża kienet qieset li l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni li għalihom setgħu jkunu suġġetti l-persuni kkonċernati fil-ħabsijiet ta' dawn l-Istati kienu jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom, b'mod partikolari taħt l-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li jipprojbixxi l-pieni jew it-trattamenti inumani jew degradanti. F'dan ir-rigward, l-imsemmija awtorità ta' eżekuzzjoni kienet għamlet riferiment, b'mod partikolari, għal diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fejn din kienet ikkonstatat ksur tad-drittijiet fundamentali mir-Rumanija u mill-Ungerija minħabba l-popolazzjoni eċċessiva fil-ħabsijiet tagħhom.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi fakkret li l-projbizzjoni assoluta ta' pieni u ta' trattamenti inumani jew degradanti, prevista fl-Artikolu 4 tal-Karta, għandha natura assoluta sa fejn hija marbuta mill-qrib mar-rispett tad-dinjità tal-bniedem fis-sens tal-Artikolu 1 tal-Karta. B'hekk, meta l-awtorità responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-mandat ikollha quddiemha elementi li juru li hemm riskju reali ta' tali trattament tal-persuni miżmuma fl-Istat Membru emittenti, hija għandha tevalwa dan ir-riskju qabel ma tiddeċiedi dwar il-konsenja tal-persuna kkonċernata.

Meta tali riskju jirriżulta mill-kundizzjonijiet ġenerali ta' detenzjoni fl-Istat Membru kkonċernat, din il-konstatazzjoni madankollu ma tistax twassal, waħedha, sabiex tiġi rrifjutata l-eżekuzzjoni tal-mandat. Fil-fatt, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tevalwa, b'mod konkret u preċiż, jekk jeżistux raġunijiet serji u kkonfermati sabiex wieħed jemmen li l-persuna kkonċernata ser tkun effettivament esposta għal dan ir-riskju minħabba l-kundizzjonijiet tad-detenzjoni tagħha previsti fl-Istat Membru emittenti. Għal dan l-għan, l-imsemmija awtorità għandha titlob lill-awtorità emittenti tipprovdi b'mod urġenti l-informazzjoni neċessarja kollha dwar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Istat Membru emittenti. Jekk, fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta jew ta' kwalunkwe informazzjoni oħra li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha, l-awtorità ta' eżekuzzjoni tikkonstata li hemm, fil-konfront tal-persuna li tkun is-suġġett tal-mandat, riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti, l-eżekuzzjoni tal-mandat għandha tiġi posposta sakemm tinkiseb informazzjoni komplementari li tippermetti li tiġi eskluża l-eżistenza ta' tali riskju. Jekk l-eżistenza ta' dan ir-riskju ma tkunx tista' tiġi eskluża f'terminu raġonevoli, din l-awtorità għandha tiddeċiedi jekk ikunx hemm lok li tagħlaq il-proċedura ta' konsenja.

It-tieni nett, fis-sentenza ***Dworzecki*** (C-108/16 PPU, EU:C:2016:346), mogħtija fl-24 ta' Mejju 2016 fil-kuntest ta' proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar *l-interpretazzjoni tal-*

48| Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/JHA, tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU L 17, 22.1.2009, p. 45).

*Artikolu 4a(1)(a)(i) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas 2009/299* [49]*, li jipprevedi raġuni għan-nuqqas ta' rikonoxximent fakultattiv ta' mandat ta' arrest Ewropew.* It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tikkonċerna proċedura dwar l-eżekuzzjoni, fil-Pajjiżi l-Baxxi, ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ minn qorti Pollakka fil-konfront ta' ċittadin Pollakk, għall-finijiet tal-eżekuzzjoni, fil-Polonja, ta' tliet pieni ta' priġunerija. Fir-rigward ta' waħda minn dawn il-pieni, il-mandat ta' arrest kien jispeċifika, minn naħa, li l-individwu kkonċernat ma kienx deher personalment fil-proċess li wassal għas-sentenza li timponi l-imsemmija piena u, min-naħa l-oħra, li t-taħrika mibgħuta fl-indirizz indikat mill-individwu kkonċernat għall-finijiet tan-notifiki kienet irċevuta min-nannu tiegħu. B'hekk, peress li l-mandat ta' arrest ma kienx jippermetti li jiġi ddeterminat jekk it-taħrika kinitx ġiet effettivament innotifikata lill-individwu kkonċernat, il-qorti tal-Pajjiżi l-Baxxi kellha dubji dwar jekk il-kundizzjonijiet għan-nuqqas ta' rikonoxximent ta' mandat ta' arrest Ewropew kinux issodisfatti.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi fakkret li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni hija bħala prinċipju obbligata teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew, minkejja l-assenza tal-individwu kkonċernat fil-proċess li jkun wassal għall-adozzjoni tad-deċiżjoni li jinħareġ il-mandat. L-imsemmija awtorità hija suġġetta għal tali obbligu b'mod partikolari meta l-individwu kkonċernat ikun ġie mħarrek personalment u jkun għalhekk ġie informat bid-data u bil-post iffissati għall-proċess jew meta kien informat dwar dan b'mod uffiċjali u effettiv permezz ta' mezzi oħra, b'tali mod li jkun ġie stabbilit b'mod inekwivoku li kien jaf bil-proċess previst. L-osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet dwar it-taħrika hija ta' natura li tiżgura li l-individwu kkonċernat ikun irċieva, fil-ħin, l-informazzjoni dwar id-data u l-post tal-proċess tiegħu u għalhekk tippermetti lill-awtorità ta' eżekuzzjoni tqis li d-drittijiet tad-difiża kienu ġew irrispettati. F'dawn iċ-ċirkustanzi, anki jekk bħala prinċipju ma jkunx jista' jiġi eskluż li l-kunsinna ta' taħrika lil terz tissodisfa l-imsemmija rekwiżiti, għandu madankollu jiġi stabbilit b'mod inekwivoku li dan it-terz effettivament ikun għadda t-taħrika lill-individwu kkonċernat.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kundizzjonijiet tal-imsemmi Artikolu 4a(1)(a)(i) tad-Deċiżjoni Qafas ma jkunux issodisfatti fil-każ ta' taħrika li tkun ġiet ippreżentata fl-indirizz tal-individwu kkonċernat lil persuna li tirrisjedi f'dan l-indirizz li tkun impenjat ruħha li tgħaddilu din it-taħrika, mingħajr ma l-mandat ta' arrest Ewropew ma jippermetti li jiġi żgurat jekk din il-persuna effettivament għaddietx din it-taħrika lill-individwu kkonċernat u, jekk dan kien il-każ, meta għamlet dan. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll li peress li l-każijiet previsti fl-imsemmi artikolu kienu maħsuba bħala eċċezzjonijiet għal raġuni għal nuqqas ta' rikonoxximent fakultattiv, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista', fi kwalunkwe każ, tieħu inkunsiderazzjoni ċirkustanzi oħra li jippermettulha tiżgura ruħha li l-konsenja tal-individwu kkonċernat ma timplikax ksur tad-drittijiet tad-difiża tiegħu.

It-tielet nett, fis-sentenza ***Bob-Dogi*** (C-241/15, EU:C:2016:385), mogħtija fl-1 ta' Ġunju 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità tagħti deċiżjoni dwar l-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 u b'mod partikolari dwar *il-konsegwenzi tal-assenza ta' mandat ta' arrest nazzjonali li jippreċedi u li jkun distint mill-mandat ta' arrest Ewropew fil-każ ta' talba għal konsenja bbażata fuq dan tal-aħħar.* F'dan il-każ, awtorità ta' eżekuzzjoni Rumena ġiet adita b'talba għal konsenja minn awtorità Ungeriża li kienet ibbażata biss fuq mandat ta' arrest Ewropew li min-naħa tiegħu ma kienx ibbażat fuq mandat ta' arrest nazzjonali distint u preċedenti.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, meta mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-finijiet ta' proċeduri kriminali ma jkunx jinkludi indikazzjoni tal-eżistenza ta' mandat ta' arrest nazzjonali, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ma tkunx tista' taġixxi fuq il-bażi tal-imsemmi mandat ta' arrest Ewropew jekk, wara li tkun talbet lill-awtorità emittenti tipprovdi b'mod urġenti kwalunkwe informazzjoni komplementari, l-imsemmija awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tikkonstata li l-mandat ta' arrest kien inħareġ mingħajr ma kien effettivament inħareġ mandat

49| Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI, tas-26 ta' Frar 2009, li temenda d-Deċiżjonijiet Kwadru 2002/584/ĠAI, 2005/214/ĠAI, 2006/783/ĠAI, 2008/909/ĠAI u 2008/947/ĠAI, u b'hekk issaħħaħ id-drittijiet proċedurali ta' persuni, li trawwem l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku fir-rigward ta' deċiżjonijiet mogħtija fl-assenza tal-persuna konċernata fil-kawża (ĠU L 81, p. 24).

ta' arrest nazzjonali. F'dan ir-rigward, hija speċifikat li l-osservanza tar-rekwiżit ta' mandat ta' arrest nazzjonali distint mill-mandat ta' arrest Ewropew għandha importanza partikolari peress li timplika li, meta l-mandat ta' arrest Ewropew jinħareġ għall-finijiet ta' proċeduri kriminali, l-individwu kkonċernat ikun diġà kellu l-possibbiltà li jibbenefika, fi stadju preċedenti tal-proċedura, mill-garanziji proċedurali u mid-drittijiet fundamentali, li l-protezzjoni tagħhom għandha tiġi żgurata mill-awtorità emittenti, skont id-dritt nazzjonali applikabbli. Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li s-sistema tal-mandat ta' arrest Ewropew tinkludi protezzjoni fuq żewġ livelli tad-drittijiet li jibbenefika minnhom l-individwu mfittex, peress li, minbarra l-protezzjoni ġudizzjarja prevista fil-kuntest tal-adozzjoni ta' deċiżjoni ġudizzjarja nazzjonali, ikun hemm ukoll il-protezzjoni li jkollha tiġi żgurata fil-kuntest tal-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew. Issa, bħala prinċipju, din il-protezzjoni ġudizzjarja ma tiġix żgurata meta mandat ta' arrest Ewropew jinħareġ mingħajr ma jkun ippreċedut minn deċiżjoni meħuda minn awtorità ġudizzjarja nazzjonali.

Ir-raba' nett, fis-sentenza ***JZ*** (C-294/16 PPU, EU:C:2016:610), mogħtija fit-28 ta' Lulju 2016 fil-kuntest ta' proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tinterpreta l-Artikolu 26 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, li jikkonċerna *t-tnaqqis tal-perijodu ta' detenzjoni skontat fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni*. F'dan il-każ, ċittadin Pollakk kien ġie kkundannat minn qorti Pollakka għal piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà għal perijodu ta' tliet snin u xahrejn. L-individwu kkundannat kien ħarab mill-ġustizzja Pollakka u għalhekk inħareġ mandat ta' arrest Ewropew fil-konfront tiegħu. Wara li ġie arrestat mill-awtoritajiet tar-Renju Unit, b'eżekuzzjoni ta' dan il-mandat, l-individwu kkonċernat kien suġġett għall-obbligu li għal disa' sigħat matul il-lejl ikun preżenti f'indirizz partikolari, obbligu li kien marbut ma' sorveljanza permezz ta' mezz elettroniku, ma' obbligu li jippreżenta ruħu, inizjalment kuljum u, sussegwentement, diversi drabi fil-ġimgħa, f'għassa tal-pulizija f'ħinijiet iffissati kif ukoll ma' projbizzjoni li jitlob li jinħarġulu dokumenti li jippermettulu jivvjaġġa barra mill-pajjiż. Wara li ġie kkonsenjat lill-awtoritajiet Pollakki, l-individwu kkonċernat talab li l-perijodu li matulu kien suġġett għall-obbligu li jkun preżenti f'indirizz partikolari fir-Renju Unit u għal sorveljanza elettronika jiġi imputat fuq il-piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà li kienet imposta fuqu fil-Polonja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kunċett ta' "perjodu ta' detenzjoni skontat fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni" fis-sens tal-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni Qafas jirreferi għal miżura li ma tinvolvix restrizzjoni iżda li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà u tkopri, minbarra l-priġunerija, kwalunkwe miżura jew kwalunkwe grupp ta' miżuri imposti fuq l-individwu kkonċernat li, minħabba t-tip tagħhom, it-tul tagħhom, l-effetti tagħhom u l-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tagħhom, iċaħħdu lill-imsemmi individwu mil-libertà tiegħu b'mod li jista' jitqabbel ma' priġunerija. Għaldaqstant, l-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru li toħroġ mandat ta' arrest Ewropew hija meħtieġa teżamina jekk il-miżuri meħuda fil-konfront tal-individwu kkonċernat fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għandhomx jiġu assimilati ma' ċaħda tal-libertà. Jekk, fil-kuntest ta' dan l-eżami, din l-awtorità ġudizzjarja tasal għal tali konklużjoni, id-Deċiżjoni Qafas teżiġi li t-tul kollu tal-perijodu li matulu dawn il-miżuri kienu applikati fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għandu jitnaqqas mill-perijodu ta' ċaħda tal-libertà fl-Istat Membru emittenti.

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li miżuri bħal dawk applikati fil-konfront tal-individwu kkonċernat fir-Renju Unit ma humiex, bħala prinċipju, daqstant restrittivi li jimplikaw effett ta' ċaħda tal-libertà komparabbli ma' dak li jirriżulta minn priġunerija u, għalhekk, li jistgħu jiġu kklassifikati bħala "detenzjoni", fis-sens tal-Artikolu 26(1) tad-Deċiżjoni Qafas. Madankollu, peress li din id-dispożizzjoni timponi biss livell ta' protezzjoni minimu tad-drittijiet fundamentali tal-persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew, id-Deċiżjoni Qafas ma tipprekludix li, fuq il-bażi esklużivament tad-dritt nazzjonali, l-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti tista' tnaqqas, mit-tul totali taċ-ċaħda tal-libertà, il-perijodu kollu, jew parti minnu, li matulu l-imsemmija persuna kienet is-suġġett ta' tali miżuri.

***Il-ħames nett, fl-10 ta' Novembru 2016, fis-sentenzi Poltorak*** (C-452/16 PPU, EU:C:2016:858), ***Özçelik*** (C-453/16 PPU, EU:C:2016:860) u ***Kovalkovas*** (C-477/16 PPU, EU:C:2016:861), li fir-rigward tagħhom ġiet applikata l-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità tinterpreta l-Artikoli 6 u 8 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, li jipprovdu li *mandat ta' arrest Ewropew għandu b'mod partikolari*

*jinkludi l-indikazzjoni tal-eżistenza ta' mandat ta' arrest jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn awtorità ta' Stat Membru*. Dawn il-kawżi kienu jikkonċernaw rinviji għal deċiżjoni preliminari magħmula mill-istess qorti tal-Pajjiżi Baxxi li, bħala awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, kienet adita bi tliet mandati ta' arrest Ewropej. Fil-kawża *Poltorak*, il-mandat ta' arrest Ewropew kien inħareġ mid-direttorat ġenerali tal-pulizija Svediża. Fil-kawża *Özçelik*, il-mandat ta' arrest inkwistjoni kien inħareġ ukoll minn dipartiment tal-pulizija Ungeriża, iżda f'dan il-każ dan kien ġie sussegwentement ivvalidat minn deċiżjoni tal-prosekutur pubbliku. Mill-banda l-oħra, fil-kawża *Kovalkovas* il-mandat ta' arrest Ewropew kien inħareġ mill-ministeru tal-ġustizzja tal-Litwanja.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika jekk dipartiment tal-pulizija (kawża *Poltorak*) u organu tas-setgħa eżekuttiva bħalma huwa l-ministeru tal-ġustizzja tal-Litwanja (kawża *Kovalkovas*) setgħux jitqiesu li jaqgħu taħt il-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja emittenti" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-validazzjoni, mill-prosekutur pubbliku, ta' mandat ta' arrest maħruġ preċedentement, għall-finijiet ta' proċeduri kriminali, minn dipartiment tal-pulizija, setgħetx titqies li taqa' taħt il-kunċett ta' "deċiżjoni ġudizzjarja" fis-sens tal-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Qafas (kawża *Özçelik*).

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kliem "awtorità ġudizzjarja", li jinsabu fl-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas, ma jirreferux biss għall-imħallfin jew għall-qrati ta' Stat Membru, iżda jippermettu li jkunu koperti, b'mod usa', l-awtoritajiet li r-rwol tagħhom huwa li jipparteċipaw fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja fl-ordinament ġuridiku kkonċernat. Madankollu, hija speċifikat li l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, stabbilit fl-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni Qafas, li jipprovdi li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni hija obbligata teżegwixxi l-mandat ta' arrest maħruġ mill-awtorità ġudizzjarja emittenti, huwa bbażat fuq il-premessa li awtorità ġudizzjarja tkun interveniet fi stadju preċedenti tal-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew sabiex teżerċita stħarriġ ġudizzjarju. Issa, il-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew minn awtorità mhux ġudizzjarja, bħalma huwa dipartiment tal-pulizija, jew minn entità li tagħmel parti mis-setgħa eżekuttiva, bħalma huwa l-ministeru tal-ġustizzja tal-Litwanja, ma jippermettix li tingħata, lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, l-assigurazzjoni li l-ħruġ ta' dan il-mandat ta' arrest Ewropew ibbenefika minn tali stħarriġ ġudizzjarju u, għaldaqstant, ma jistax ikun suffiċjenti sabiex jiġġustifika l-livell ta' fiduċja għoli bejn l-Istati Membri li jikkostitwixxi l-bażi stess tad-Deċiżjoni Qafas.

Wara li kklassifikat il-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja" li jinsab fl-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 bħala kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja mbagħad qieset li dan il-kunċett jinkludi l-awtoritajiet nazzjonali li jipparteċipaw fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali, iżda mhux id-dipartimenti tal-pulizija (kawża *Poltorak*). B'hekk, minn dan hija ddeduċiet li l-validazzjoni, mill-prosekutur pubbliku, ta' mandat ta' arrest nazzjonali maħruġ mid-dipartiment tal-pulizija nazzjonali, għall-finijiet ta' proċeduri kriminali, hija att legali li permezz tiegħu dan il-ministeru jikkontrolla u jikkonferma l-mandat u tikkostitwixxi, għalhekk, "deċiżjoni ġudizzjarja" fis-sens tal-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni Qafas (kawża *Özçelik*). Għall-kuntrarju, hija qieset li organu tas-setgħa eżekuttiva, bħalma huwa l-ministeru tal-ġustizzja tal-Litwanja, ma jaqax taħt il-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja" (kawża *Kovalkovas*).

## 2. DRITT GĦALL-INTERPRETAZZJONI U GĦAT-TRADUZZJONI FIL-KUNTEST TA’ PROĊEDURI KRIMINALI

Fid-9 ta’ Ġunju 2016, fis-sentenza ***Balogh*** (C-25/15, EU:C:2016:423), il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni, minn naħa, dwar *il-portata tad-dritt għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fil-kuntest ta’ proċeduri kriminali, kif previst fid-Direttiva 2010/64* [50], u, min-naħa l-oħra, dwar *l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315* [51] *u tad-Deċiżjoni 2009/316* [52]*, dwar l-iskambji ta’ informazzjoni dwar ir-rekords kriminali*. F’dan il-każ, ċittadin Ungeriż kien ġie kkundannat, minn qorti Awstrijaka, għal piena ta’ priġunerija. L-awtoritajiet Awstrijaċi kienu informaw lill-awtortajiet Ungeriżi, permezz tas-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni ta’ Rekords Kriminali (ECRIS), bil-kontenut tas-sentenza. L-awtoritajiet Ungeriżi mbagħad għaddew din is-sentenza lil qorti Ungeriża, konformement ma’ proċedura speċjali nazzjonali li l-uniku għan tagħha huwa li s-sentenza tal-qorti barranija tingħata l-istess valur daqslikieku kienet ingħatat minn qorti nazzjonali. Din il-proċedura kienet timplika l-ħtieġa li tiġi żgurata t-traduzzjoni tas-sentenza fil-lingwa Ungeriża. Id-domanda magħmula kienet tikkonċerna t-teħid ta’ responsabbiltà għall-ispejjeż marbuta ma’ din it-traduzzjoni.

F’dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, skont l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2010/64, id-dritt għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni japplika għall-persuna ssuspettata jew akkużata “sa ma jiġu fi tmiemhom il-proċedimenti”, kunċett li jfisser id-determinazzjoni definittiva tal-kwistjoni dwar jekk din il-persuna wettqitx ir-reat, inklużi, jekk ikun il-każ, il-kundanna u d-deċiżjoni mogħtija fil-każ ta’ appell. Għaldaqstant, dan id-dritt ma japplikax għal proċedura speċjali nazzjonali għar-rikonoxximent ta’ deċiżjoni ġudizzjarja definittiva mogħtija minn qorti ta’ Stat Membru ieħor, sa fejn din tal-aħħar, mid-definizzjoni tagħha stess, tiżvolġi wara d-determinazzjoni definittiva tal-kwistjoni dwar jekk il-persuna ssuspettata jew akkużata wettqitx ir-reat u, jekk ikun il-każ, wara l-kundanna tagħha għal dan ir-reat.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Deċiżjoni Qafas 2009/315 u d-Deċiżjoni 2009/316 jipprekludu l-implementazzjoni ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi proċedura speċjali ta’ rikonoxximent bħal dik prevista fid-dritt Ungeriż. Fil-fatt, ir-reġistrazzjoni fir-rekord kriminali, mill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru tan-nazzjonalità tal-individwu kkonċernat, tal-kundanni mogħtija mill-qrati tal-Istat Membru tal-kundanna għandha sseħħ direttament fuq il-bażi tat-trażmissjoni mill-awtorità ċentrali ta’ dan l-aħħar Stat Membru, permezz tal-ECRIS, tal-informazzjoni dwar dawn il-kundanni. Għalhekk, tali reġistrazzjoni ma tistax tiddependi mill-implementazzjoni minn qabel ta’ proċedura għar-rikonoxximent ġudizzjarju tal-imsemmija kundanni, u lanqas *a fortiori* mill-komunikazzjoni lill-Istat Membru tan-nazzjonalità tal-individwu kkonċernat tad-deċiżjoni ta’ kundanna għall-finijiet ta’ tali rikonoxximent. Barra minn hekk, tali proċedura tmur kontra l-prinċipju ta’ rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji f’materji kriminali previst fl-Artikolu 82(1) TFUE.

50| Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta’ Ottubru 2010, dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 280, p. 1).

51| Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/315/ĠAI, tas-26 ta’ Frar 2009, dwar l-organizzazzjoni u l-kontenut tal-iskambju bejn l-Istati Membri, ta’ informazzjoni estratta mir-rekords kriminali (ĠU L 93, p. 23).

52| Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/316/ĠAI, tas-6 ta’ April 2009, dwar l-istabbiliment ta’ Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni ta’ Rekords Kriminali (ECRIS) (ĠU L 93, p. 33).

# 3. PROĊEDURI U DEĊIŻJONIJIET KRIMINALI FI STAT MEMBRU IEĦOR

***Fis-sentenza Kossowski*** (C-486/14, EU:C:2016:483), mogħtija fid-29 ta' Ġunju 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tispeċifika *l-portata tal-prinċipju ta' ne bis in idem fiż-żona **Schengen.*** F'dan il-każ, kienet inbdiet proċedura kriminali fil-Ġermanja kontra ċittadin Pollakk akkużat li kien wettaq, f'dan l-Istat, estorsjoni ekwivalenti għal serq aggravat. Madankollu, il-qorti Ġermaniża adita rrifjutat li tiftaħ il-proċedura li kellha twassal għal sentenza minħabba li l-prinċipju ta' ***ne bis in idem***, kif applikat fiż-żona Schengen, kien jipprekludi dan. Fil-fatt, il-prosekutur Pollakk kien ukoll fetaħ proċedura ta' investigazzjoni fir-rigward tal-istess fatti u kien għalaqha definittivament peress li l-imputat kien irrifjuta li jagħti d-depożizzjoni tiegħu u peress li l-vittma u xhud, residenti fil-Ġermanja, ma kinux irnexxielhom jinstemgħu. Adita mill-prosekutur Ġermaniż, il-qorti tar-rinviju talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika jekk, fid-dawl tal-fatt li d-deċiżjoni tal-prosekutur Pollakk kienet ittieħdet mingħajr investigazzjoni fil-fond, l-imputat kellux jitqies li kien persuna li "l-każ tagħha jkun inqata' b'mod finali" fis-sens tal-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni li timplementa l-Ftehim ta' Schengen [53], jew bħala persuna li tkun "instabet mhux ħatja [...] b'sentenza li daħlet in ġudikat skond il-liġi" fis-sens tal-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, b'tali mod li l-prinċipju ta' ***ne bis in idem*** kien jipprekludi proċeduri ġodda fir-rigward tal-istess fatti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, fakkret li l-prinċipju ta' ne bis in idem huwa intiż li jiggarantixxi lil persuna, li tkun ġiet ikkundannata u li tkun skontat il-piena tagħha, jew li tkun meħlusa b'mod definittiv mill-akkużi mressqa kontriha fi Stat taż-żona Schengen, li hija tista' tiċċaqlaq fi ħdan iż-żona Schengen mingħajr ma jkollha għalfejn tibża' li, fi Stat ieħor taż-żona Schengen, ser jitressqu proċeduri fir-rigward tal-istess fatti. Madankollu, dan il-prinċipju ma huwiex intiż li jipproteġi lil persuna ssuspettata mill-eventwalità li tkun is-suġġett ta' riċerki suċċessivi, fir-rigward tal-istess fatti, f'diversi Stati taż-żona Schengen. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li deċiżjoni tal-prosekutur pubbliku li ttemm il-proċeduri kriminali u li tagħlaq, b'mod definittiv, il-proċedura ta' investigazzjoni mmexxija kontra persuna ma tistax tiġi kklassifikata bħala deċiżjoni definittiva għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* f'sitwazzjoni fejn mill-motivazzjoni ta' din id-deċiżjoni jirriżulta li l-proċedura ngħalqet mingħajr ma twettqet investigazzjoni fil-fond. F'dan ir-rigward, il-fatt li l-vittma u eventwali xhud ma nstemgħux jikkostitwixxi indizju tal-assenza ta' investigazzjoni fil-fond.

Barra minn hekk, fis-sentenza ***Ognyanov*** (C-554/14, EU:C:2016:835), mogħtija fit-8 ta' Novembru 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni dwar *il-portata tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, previst b'mod partikolari fid-Deċiżjoni Qafas 2008/909* [54]*, għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-dritt applikabbli għall-eżekuzzjoni ta' kundanna.* Din il-kawża kienet tikkonċerna ċittadin Bulgaru kkundannat minn qorti Daniża għal piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà għal perijodu totali ta' ħmistax-il sena. L-individwu kkonċernat kien skonta parti mill-piena tiegħu fid-Danimarka qabel ma ġie ttrasferit lill-awtoritajiet Bulgari. Matul id-detenzjoni tiegħu fid-Danimarka, huwa kien ħadem għal iktar minn sena u nofs. F'dan ir-rigward, id-dritt Bulgaru, kif interpretat mill-ġurisprudenza nazzjonali, jipprevedi li x-xogħol ipprovdut minn persuna taħt detenzjoni, anki fi Stat Membru ieħor, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jitnaqqas it-tul tal-piena, fis-sens li jumejn xogħol huma ekwivalenti għal tliet ijiem ta' ċaħda tal-libertà. Madankollu, meta l-individwu

53| Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, tal-14 ta' Ġunju 1985, bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom, iffirmata f'Schengen fid-19 ta' Ġunju 1990 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 2, p. 9).

54| Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI, tas-27 ta' Novembru 2008, dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 327, p. 27).

kkonċernat kien ġie ttrasferit, l-awtoritajiet Daniżi kienu indikaw b'mod espliċitu lill-awtoritajiet Bulgari li, min-naħa tiegħu, id-dritt Daniż ma kienx jippermetti t-tnaqqis tal-piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà minħabba x-xogħol imwettaq matul l-eżekuzzjoni tagħha.

B'hekk, sabiex tiddetermina t-tul tal-piena li kienet għadha trid tiġi eżegwita mill-individwu kkonċernat fil-Bulgarija, il-qorti tar-rinviju Bulgara għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja domanda dwar, b'mod partikolari, il-kwistjoni ta' jekk id-Deċiżjoni Qafas tipprekludix regola nazzjonali li tawtorizza lill-Istat ta' eżekuzzjoni jagħti lill-persuna kkundannata tnaqqis tal-piena minħabba x-xogħol li hija kienet wettqet matul id-detenzjoni tagħha fi Stat Membru ieħor, f'sitwazzjoni fejn l-awtoritajiet kompetenti ta' dan tal-aħħar ma jkunux taw, konformement mad-dritt tiegħu, tali tnaqqis tal-piena.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa esklużivament id-dritt tal-Istat emittenti li japplika, inkluż fir-rigward tal-kwistjoni tal-għoti eventwali ta' tnaqqis tal-piena, għall-parti tal-piena skontata mill-individwu kkonċernat fit-territorju tal-imsemmi Stat sat-trasferiment tiegħu lejn l-Istat ta' eżekuzzjoni. Fir-rigward tad-dritt ta' dan l-aħħar Stat, dan għandu japplika biss għall-parti tal-piena li tkun għad trid tiġi skontata minn dan l-individwu, wara dan it-trasferiment, fit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni. Għaldaqstant, l-awtorità kompetenti, fl-Istat ta' eżekuzzjoni, għall-kwistjonijiet marbuta mal-eżekuzzjoni tal-piena, ma tistax, b'mod retroattiv, tissostitwixxi permezz tad-dritt tagħha dwar l-eżekuzzjoni tal-pieni u, b'mod partikolari permezz tal-leġiżlazzjoni tagħha dwar it-tnaqqis tal-piena, id-dritt tal-Istat emittenti fir-rigward tal-parti tal-piena li tkun diġà ġiet skontata mill-individwu kkonċernat fit-territorju ta' dan l-aħħar Stat.

# XI. KOMPETIZZJONI

## 1. AKKORDJI

Fil-qasam tal-akkordji, jistħoqqilhom li jissemmew sitt sentenzi. Fl-ewwel sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tagħti deċiżjoni dwar il-parteċipazzjoni passiva fi ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni. Fit-tieni sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità tindirizza ċerti elementi tar-relazzjoni bejn l-Artikolu 101 TFUE u d-dritt dwar il-privattivi. L-erba' sentenzi l-oħra jikkonċernaw l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1/2003 [55] fi proċeduri amministrattivi dwar akkordju.

Fis-sentenza ***Eturas et*** (C-74/14, EU:C:2016:42), mogħtija fil-21 ta' Jannar 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tipprovdi preċiżazzjonijiet dwar il-*modi passivi ta' parteċipazzjoni fi ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni*. Id-domandi preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju tqajmu f'tilwima bejn 30 aġenzija tal-ivvjaġġar u l-kunsill tal-kompetizzjoni Litwan dwar, b'mod partikolari, il-kwistjoni tal-parteċipazzjoni tal-imsemmija aġenziji fi ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni permezz ta' kunsens taċitu. L-aġenziji tal-ivvjaġġar kienu jipparteċipaw kollha f'sistema diġitali komuni ta' offerti ta' vjaġġi, li kienet tippermetti l-bejgħ ta' vjaġġi fuq is-sit internet tagħhom skont metodu ta' riżervazzjoni uniformi. Matul is-sena 2009, l-amministratur tal-imsemmija sistema komuni bagħat lill-aġenziji abbonati, permezz ta' sistema ta' messaġġi elettroniċi personali, messaġġ fejn informahom li t-tnaqqis marbut mal-prodotti mibjugħa permezz tal-imsemmija sistema kien ser jibda jkun suġġett għal limitu massimu. Wara li ntbagħat dan il-messaġġ, din il-miżura ġiet implementata fil-ġestjoni tas-sistema ta' riżervazzjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju staqsiet jekk l-aġenziji abbonati jistgħux jitqiesu li

55| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101] u [102] tat-Trattat [FUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

kienu ħadu jew li kellhom neċessarjament jieħdu għarfien tal-imsemmi messaġġ u, fl-assenza ta' kwalunkwe oġġezzjoni min-naħa tagħhom għal tali prattika, li kienu pparteċipaw fi prattika miftiehma fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE.

Fir-rigward tal-eventwali parteċipazzjoni fi prattika miftiehma, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-aġenziji tal-ivvjaġġar jistgħu, mill-mument li fih kellhom għarfien tal-messaġġ mibgħut mill-amministratur tas-sistema komuni diġitali ta' offerti ta' vjaġġi, jiġu preżunti li pparteċipaw fi prattika miftiehma fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE jekk ikunu naqsu milli jiddistakkaw ruħhom b'mod pubbliku minn din il-prattika, jekk ma jkunux irrapportawha lill-entitajiet amministrattivi jew jekk ma jkunux ressqu provi oħra sabiex jirribattu din il-preżunzjoni.

Fir-rigward tal-provi li għandhom jitressqu f'dan ir-rigward mid-diversi partijiet fil-proċedura fil-kawża prinċipali, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, għalkemm l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1/2003 jirregola b'mod espliċitu l-assenjazzjoni tal-oneru tal-prova ta' ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE, dan ir-regolament, għall-kuntrarju, ma fihx dispożizzjonijiet dwar l-aspetti proċedurali iktar speċifiċi. Issa, fl-assenza ta' regoli tal-Unjoni dwar dan is-suġġett, hija l-qorti nazzjonali li għandha teżamina, fuq il-bażi tar-regoli nazzjonali dwar l-evalwazzjoni tal-provi u l-livell ta' prova meħtieġa, jekk, fid-dawl tal-fatti kollha li jkunu ġew ippreżentati quddiemha, il-fatt li l-amministratur tas-sistema komuni jkun bagħat il-messaġġ jistax jikkostitwixxi prova suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit li d-destinatarji tiegħu kellhom għarfien tal-kontenut tiegħu. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu speċifikat li l-preżunzjoni tal-innoċenza tipprekludi lill-qorti nazzjonali milli tqis li s-sempliċi fatt li jkun intbagħat dan il-messaġġ jista' jikkostitwixxi prova suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit li d-destinatarji tiegħu kellhom neċessarjament għarfien tal-kontenut tiegħu.

Fis-sentenza ***Genentech*** (C-567/14, EU:C:2016:526), mogħtija fis-7 ta' Lulju 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni *dwar il-kompatibbiltà mal-Artikolu 101(1) TFUE tal-obbligu ta' benefiċjarju ta' liċenzja ta' privattiva li jħallas id-dritt miftiehem fir-rigward tal-użu tat-teknoloġija koperta mill-privattiva, minkejja l-assenza ta' vjolazzjoni jew l-annullament tal-privattiva jew privattivi taħt liċenzja.* Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kienet kumpannija attiva fis-settur farmaċewtiku li kellha liċenzja mhux esklużiva mondjali fir-rigward tal-użu ta' katalizzatur kopert minn privattiva. Peress li kienet użat dan il-katalizzatur mingħajr ma wettqet vjolazzjoni tal-privattivi taħt liċenzja, hija kienet irrifjutat li tħallas parti mid-dritt miftiehem fil-ftehim ta' liċenzja mad-detentur tal-privattiva. Permezz ta' sentenza ta' arbitraġġ, il-kumpannija farmaċewtika kienet madankollu ġiet ikkundannata tħallas id-dritt kuntrattwali. Il-qorti nazzjonali, adita bit-tilwima li tnisslet minn din is-sentenza ta' arbitraġġ, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-ħlas tad-dritt jimponix fuq il-kumpannija farmaċewtika spejjeż li ma humiex iġġustifikati fid-dawl tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

B'estensjoni tal-ġurisprudenza Ottung [56], il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li d-dritt tal-kompetizzjoni ma jipprojbixxix l-impożizzjoni tal-ħlas ta' dritt għall-użu tal-katalizzatur kopert minn privattiva inkwistjoni, anki jekk dan l-użu ma jkunx ta lok għal vjolazzjoni jew jitqies li qatt ma kien protett fil-każ ta' annullament retroattiv tal-privattiva. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, din is-soluzzjoni hija dovuta għall-fatt li d-dritt jikkostitwixxi l-prezz li għandu jitħallas sabiex tiġi sfruttata kummerċjalment it-teknoloġija koperta minn privattiva bl-għarfien li min jagħti l-liċenzja ma huwiex ser jeżerċita d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tiegħu. Il-fatt li l-kuntratt jista' jiġi rrevokat b'mod liberu mill-persuna liċenzjata jippermetti li jiġi eskluż, f'dan il-kuntest, li l-ħlas tad-dritt jippreġudika l-kompetizzjoni billi jillimita l-libertà ta' azzjoni tal-persuna liċenzjata jew billi jimplika effetti ta' esklużjoni mis-suq.

Fl-aħħar nett, fis-sentenzi ***HeidelbergCement vs Il-Kummissjoni*** (C-247/14 P, EU:C:2016:149), ***Schwenk Zement vs Il-Kummissjoni*** (C-248/14 P, EU:C:2016:150), ***Buzzi Unicem vs Il-Kummissjoni*** (C-267/14 P, EU:C:2016:151)

56| Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Mejju 1989, ***Ottung vs Klee & Weilbach et*** (320/87, EU:C:1989:195).

u ***Italmobiliare vs Il-Kummissjoni*** (C-268/14 P, EU:C:2016:152), mogħtija fl-10 ta' Marzu 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja sabet l-opportunità sabiex tagħmel preċiżazzjonijiet importanti fir-rigward tal-*portata tal-obbligu ta' motivazzjoni li għandha l-Kummissjoni meta tfassal talbiet għal informazzjoni skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003*. It-tilwima kienet tikkonċerna, b'mod partikolari, deċiżjonijiet li permezz tagħhom il-Kummissjoni kienet talbet informazzjoni minn diversi kumpanniji dwar l-allegata parteċipazzjoni tagħhom f'akkordju fis-suq tas-siment u fis-swieq tal-prodotti relatati [57].

Fir-rigward tal-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni ta' tali talba, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett fakkret l-elementi essenzjali ta' motivazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003. Skont din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni, b'mod partikolari, għandha tindika l-bażi legali kif ukoll l-għan tat-talba għal informazzjoni, għandha tispeċifika l-informazzjoni mitluba u għandha tiffissa t-terminu li fih għandha tiġi pprovduta din l-informazzjoni. Dan l-obbligu ta' motivazzjoni speċifika jikkostitwixxi rekwiżit fundamentali mhux biss sabiex tintwera n-natura ġġustifikata tat-talba għal informazzjoni iżda wkoll sabiex l-impriżi kkonċernati jitqiegħdu f'pożizzjoni li jifhmu l-portata tad-dmir ta' kollaborazzjoni tagħhom filwaqt li fl-istess ħin jiġu mħarsa d-drittijiet tad-difiża tagħhom.

Għaldaqstant, meta titlob informazzjoni taħt l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 1/2003, il-Kummissjoni għandha tindika s-suġġett tal-investigazzjoni tagħha fit-talba tagħha u għandha tidentifika l-allegat ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, peress li n-natura neċessarja tal-informazzjoni għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-għan imsemmi fit-talba għal informazzjoni, dan l-għan għandu jiġi indikat bi preċiżjoni suffiċjenti għaliex mingħajr tali preċiżjoni jkun impossibbli li jiġi ddeterminat jekk l-informazzjoni hijiex neċessarja u l-qorti ma tkunx tista' teżerċita l-istħarriġ tagħha.

Filwaqt li għamlet riferiment għall-kuntest fattwali tal-kawżi inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat ukoll li, għalkemm huwa minnu li talba għal informazzjoni tikkostitwixxi miżura ta' investigazzjoni li ġeneralment tintuża fil-fażi tal-istruttorja tal-każ, il-Kummissjoni madankollu ma tistax tipprovdi sempliċement motivazzjoni eċċessivament qasira, vaga u ġenerika meta jkollha informazzjoni li tippermettilha tesponi b'iktar preċiżjoni s-suspetti ta' ksur li jkun hemm fil-konfront tal-impriżi kkonċernati. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li kkonstatat li l-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' liġi meta qieset li d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni kienu suffiċjentement motivati, iddeċidiet li tannulla s-sentenzi tal-Qorti Ġenerali kif ukoll id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.

## 2. GĦAJNUNA MILL-ISTAT

Fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, għandhom jissemmew erba' sentenzi: l-ewwel tnejn jikkonċernaw komunikazzjonijiet adottati mill-Kummissjoni fir-rigward tal-għajnuna li tista' tingħata fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja u ekonomika; it-tnejn l-oħra jipprovdu preċiżazzjonijiet dwar l-interpretazzjoni tal-kundizzjoni tas-selettività.

Fis-sentenza ***Il-Greċja vs Il-Kummissjoni*** (C-431/14 P, EU:C:2016:145), mogħtija fit-8 ta' Marzu 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ikkonfermat, fl-appell, *is-sentenza tal-Qorti Ġenerali* [58] *li tiċħad ir-rikors għal annullament ippreżentat mill-Greċja kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar għajnuna fil-*

57| Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni C(2011) 2356 final, C(2011) 2361 final, C(2011) 2364 final u C(2011) 2367 final, tat-30 ta' Marzu 2011, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003 (Każ COMP/39520 – Siment u prodotti relatati).

58| Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Lulju 2014, ***Il-Greċja vs Il-Kummissjoni*** (T-52/12, EU:T:2014:677).

*forma ta' kumpens mogħtija mill-organizzazzjoni Griega tal-assigurazzjoni agrikola* (iktar 'il quddiem l-"ELGA") [59]. Permezz ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni kienet ikklassifikat bħala għajnuna mill-Istat illegali ċerti ħlasijiet ta' kumpens magħmula mill-ELGA lill-bdiewa Griegi fir-rigward ta' ħsarat ikkawżati minn kundizzjonijiet klimatiċi ħżiena. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għamlet b'mod partikolari riferiment għar-regoli ta' kondotta previsti fil-Qafas Komunitarju temporanju (iktar 'il quddiem il-"QKT") fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat intiża li tiffavorixxi l-aċċess għall-finanzjament fil-kuntest tal-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali [60].

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett enfasizzat li l-benefiċċji mogħtija mill-ELGA huma meħuda mir-riżorsi tal-Istat. Peress li l-ħlasijiet magħmula mill-ELGA kienu indipendenti mill-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-bdiewa bħala kontribuzzjoni speċjali ta' assigurazzjoni, dawn il-ħlasijiet jikkostitwixxu, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, vantaġġ li l-benefiċjarji ma kinux ikunu jistgħu jiksbu f'kundizzjonijiet normali tas-suq u għalhekk jaffettwaw il-kompetizzjoni.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-argument tal-Greċja fis-sens li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-Kummissjoni ma setgħetx tinjora iżda, għall-kuntrarju, kienet obbligata tapplika r-regoli ta' kondotta previsti fil-QKT. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, meta tadotta regoli ta' kondotta, bħal dawk li jinsabu fil-QKT, il-Kummissjoni tkun qiegħda tillimita hija stess is-setgħa wiesgħa tagħha fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà mas-suq intern tal-għajnuna intiża li tirrimedja tfixkil gravi tal-ekonomija ta' Stat Membru, skont l-Artikolu 107(3)(b) TFUE. Huwa minnu li l-Kummissjoni tista' tkun meħtieġa ma timxix ma' dawn ir-regoli ta' kondotta, b'mod partikolari meta Stat Membru jinvoka ċirkustanzi eċċezzjonali li jikkaratterizzaw settur partikolari ta' Stat Membru u li jkunu distinti minn dawk koperti minn tali regoli. Madankollu, kif osservat il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Greċja ma kinitx sostniet, quddiem il-Qorti Ġenerali, li kien hemm tali ċirkustanzi fis-settur agrikolu Grieg li setgħu jeħtieġu li l-Kummissjoni ma timxix mal-QKT.

***Fil-kawża li tat lok għas-sentenza Kotnik et*** (C-526/14, EU:C:2016:570), mogħtija fid-19 ta' Lulju 2016, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar *il-validità u l-interpretazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-settur bankarju* [61], b'mod partikolari dwar ir-rekwiżit li, sabiex l-għajnuna f'dan is-settur tkun tista' titqies li hija kompatibbli, l-azzjonisti u l-kredituri subordinati għandhom jaqsmu bejniethom il-piżijiet li jirriżultaw mill-ispejjeż marbuta mar-ristrutturazzjoni tal-banek f'diffikultà. Fit-tilwima fil-kawża prinċipali, il-Qorti kostituzzjonali tas-Slovenja ġiet adita b'diversi talbiet għal stħarriġ tal-kostituzzjonalità tal-liġi nazzjonali dwar is-settur bankarju. Fuq il-bażi ta' din il-liġi, il-Bank Ċentrali tas-Slovenja kien adotta, fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja mondjali, deċiżjoni li tistabbilixxi miżuri eċċezzjonali intiżi, rispettivament, għar-rikapitalizzazzjoni, għas-salvataġġ kif ukoll għall-istralċ ta' ħames banek Sloveni. Konformement mal-Komunikazzjoni dwar is-settur bankarju, id-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali kienet tipprevedi l-likwidazzjoni tal-fondi proprji tal-azzjonisti tal-banek kif ukoll tat-titoli ta' debiti subordinati. Il-qorti tar-rinviju għamlet domanda dwar il-konformità tal-kundizzjoni ta' "qsim tal-piżijiet" prevista fil-Komunikazzjoni mad-dritt tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, fakkret li l-effett tal-adozzjoni ta' regoli ta' kondotta bħal dawk li jinsabu fil-Komunikazzjoni dwar is-settur bankarju huwa limitat għal effett ta' limitazzjoni imposta mill-Kummissjoni fuqha stess fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha, fis-sens li, jekk Stat Membru jinnotifika lill-Kummissjoni proġett ta' għajnuna mill-Istat li jkun konformi ma' dawn ir-regoli, din tal-aħħar għandha, bħala

59| Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/157/UE, tas-7 ta' Diċembru 2011, dwar ħlasijiet ta' kumpens mogħtija mill-Organizzazzjoni Griega tal-Assigurazzjoni Agrikola (ELGA) matul l-2008 u l-2009 (ĠU 2012, L 78, p. 21).

60| Qafas Komunitarju temportanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex isostnu l-aċċess għall-finanzjament fil-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali, kif jirriżulta mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tas-17 ta' Diċembru 2008 (ĠU 2009, C 16, p. 1) u kif emendat bil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta' Ottubru 2009 (ĠU 2009, C 261, p. 2).

61| Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, mill-1 ta' Awwissu 2013, tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri ta' appoġġ favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja ("Komunikazzjoni dwar il-banek") (ĠU C 216, p. 1).

prinċipju, tawtorizza dan il-proġett. Barra minn hekk, l-Istati Membri jżommu l-possibbiltà li jinnotifikaw lill-Kummissjoni proġetti ta' għajnuna mill-Istat li ma jissodisfawx il-kriterji previsti minn din il-komunikazzjoni u l-Kummissjoni tista' tawtorizza tali proġetti f'ċirkustanzi eċċezzjonali. Minn dan isegwi li l-Komunikazzjoni dwar is-settur bankarju ma tistax toħloq obbligi awtonomi għall-Istati Membri iżda sempliċement tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li jiżguraw il-kompatibbiltà mas-suq intern tal-għajnuna mill-Istat mogħtija lill-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja.

Fir-rigward tal-kundizzjoni tat-tqassim tal-piżijiet bejn l-azzjonisti u l-kredituri subordinati sabiex għajnuna mill-Istat tiġi awtorizzata mill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-Komunikazzjoni ġiet adottata fuq il-bażi ta' dispożizzjoni tat-Trattat FUE li tipprovdi li l-Kummissjoni tista' tqis bħala kompatibbli mas-suq intern l-għajnuna intiża li tirrimedja tfixkil gravi tal-ekonomija ta' Stat Membru. F'dan il-kuntest, il-miżuri ta' tqassim tal-piżijiet huma intiżi li jiżguraw li, qabel l-għoti ta' kwalunkwe għajnuna mill-Istat, il-banek li jkollhom defiċit fil-fondi kapitali tagħhom jieħdu passi sabiex, flimkien mal-investituri, inaqqsu dan id-defiċit, b'mod partikolari bil-ġenerazzjoni ta' kapital proprju kif ukoll permezz ta' kontribuzzjoni mill-kredituri subordinati, miżuri dawn li jistgħu jillimitaw il-portata tal-għajnuna mill-Istat mogħtija. Soluzzjoni kuntrarja ġġorr ir-riskju li toħloq distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, sa fejn il-banek li l-azzjonisti u l-kredituri subordinati tagħhom ma jkunux ikkontribwixxew għat-tnaqqis tad-defiċit fil-fondi kapitali jirċievu, fit-tali każ, għajnuna mill-Istat ta' ammont ogħla minn dik li kienet tkun suffiċjenti sabiex tagħmel tajjeb għad-defiċit residwu fil-fondi kapitali. Barra minn hekk, meta adottat din il-komunikazzjoni, il-Kummissjoni ma rifsitx fuq il-kompetenzi mogħtija lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

It-tieni nett, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li, matul il-fażijiet inizjali tal-kriżi finanzjarja internazzjonali, il-kredituri subordinati ma kinux ġew mistiedna jikkontribwixxu għas-salvataġġ tal-istabbilimenti ta' kreditu ma jippermettix lil dawn il-kredituri jinvokaw il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. Barra minn hekk, peress li l-azzjonisti huma responsabbli għad-dejn tal-bank sal-ammont tal-kapital azzjonarju tiegħu, il-fatt li l-Komunikazzjoni teżiġi li, sabiex jiġi rrimedjat id-defiċit fil-fondi kapitali ta' bank, dawn l-azzjonisti għandhom jikkontribwixxu, qabel ma tingħata għajnuna mill-Istat, sabiex jiġi assorbit it-telf imġarrab mill-bank bl-istess mod daqslikieku ma kienx hemm tali għajnuna, ma jistax jitqies li jaffettwa d-dritt għall-proprjetà tagħhom. Barra minn hekk, fir-rigward tad-domanda dwar il-validità tal-Komunikazzjoni mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2012/30 [62], il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li din id-direttiva tipprevedi essenzjalment li kwalunkwe żieda jew tnaqqis fil-kapital ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata għandhom ikunu suġġetti għal deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali tal-kumpannija. Issa, il-Komunikazzjoni dwar is-settur bankarju ma fiha ebda dispożizzjoni partikolari dwar il-proċeduri legali li permezz tagħhom il-miżuri ta' tqassim tal-piżijiet għandhom jiġu implementati. Għaldaqstant, għalkemm, f'sitwazzjoni partikolari, l-Istati Membri jistgħu jkunu meħtieġa jadottaw tali miżuri ta' tqassim tal-oneri mingħajr il-kunsens tal-laqgħa ġenerali tal-kumpannija, dan il-fatt ma jistax madankollu jdaħħal inkwistjoni l-validità tal-Komunikazzjoni dwar is-settur bankarju fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/30.

Fir-rigward tal-miżuri ta' konverżjoni jew ta' tnaqqis tal-valur tat-titoli subordinati, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-Komunikazzjoni dwar is-settur bankarju ma teżiġix li l-Istati Membri jimponu fuq il-banek f'diffikultà, qabel l-għoti ta' kwalunkwe għajnuna mill-Istat, li jaqilbu t-titoli subordinati f'fondi kapitali jew li jnaqqsu l-valur tagħhom, u lanqas li jattribwixxu dawn it-titoli kompletament għall-assorbiment tat-telf. Madankollu, fit-tali każ, l-għajnuna mill-Istat ippjanata ma tkunx tista' titqies li hija limitata għal dak li huwa strettament neċessarju.

62 | Direttiva 2012/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Ottubru 2012, dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dwar il-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti (ĠU L 315, p. 74).

Għaldaqstant, l-Istat Membru, kif ukoll il-banek benefiċjarji ta' din l-għajnuna, jieħdu r-riskju li l-Kummissjoni toħroġ deċiżjoni li tiddikjara din tal-aħħar inkompatibbli mas-suq intern.

Fis-sentenza ***Il-Kummissjoni vs Hansestadt Lübeck*** (C-524/14 P, EU:C:2016:971), mogħtija fil-21 ta' Diċembru 2016, li tikkonferma s-sentenza appellata tal-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, speċifikat, minbarra l-ġurisprudenza tagħha dwar ***ir-rekwiżit ta' interess ġuridiku fil-kuntest tar-rikorsi għal annullament ippreżentati kontra deċiżjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat,*** il-ġurisprudenza tagħha dwar ***il-kriterju ta' selettività ta' għajnuna***. Din il-kawża oriġinat minn tilwima dwar deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE [63] fir-rigward, b'mod partikolari, ta' regolament dwar it-tariffi tal-ajruport ta' Lübeck, li japplika għall-kumpanniji tal-ajru kollha li jużaw dan l-ajruport ħlief fil-każ li jkun intlaħaq ftehim bejn l-operatur tal-ajruport u kumpannija tal-ajru. Ir-regolament kien ġie adottat minn kumpannija, miżmuma mill-belt ta' Lübeck, liema kumpannija kienet topera dan l-ajruport u li sussegwentement inbiegħet lil kumpannija privata. Permezz tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni, peress li qieset li dan ir-regolament seta' jinkludi għajnuna mill-Istat, fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali. Il-belt ta' Lübeck ippreżentat rikors għall-annullament ta' din id-deċiżjoni, li ġiet annullata mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata [64].

Fir-rigward tal-interess ġuridiku tal-belt ta' Lübeck, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li din tal-aħħar kienet żammet l-interess tagħha li titlob l-annullament tad-deċiżjoni ta' ftuħ anki wara l-bejgħ tal-ajruport lil investitur privat. F'dan ir-rigward, hija qieset li l-belt baqgħet esposta, wara l-privatizzazzjoni tal-ajruport, għar-riskju li qorti nazzjonali tordna l-irkupru tal-eventwali għajnuna mħallsa matul il-perijodu li fih kellha kontroll tal-impriża li kienet il-proprjetarja tal-ajruport ikkonċernat mill-miżura investigata. Għaldaqstant, fl-assenza ta' deċiżjoni finali tal-Kummissjoni li tagħlaq il-proċedura ta' investigazzjoni formali, l-effetti tad-deċiżjoni ta' ftuħ jibqgħu fis-seħħ, b'tali mod li l-belt iżżomm interess ġuridiku li titlob l-annullament tagħha.

Fir-rigward tan-natura selettiva tar-regolament dwar it-tariffi kkontestat mill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li miżura tal-Istat li tibbenefika biss lil settur ta' attività wieħed jew lil parti mill-impriżi li joperaw f'dan is-settur ma hijiex neċessarjament selettiva. B'hekk, il-fatt li, f'dan il-każ, l-ajruport ta' Lübeck jinsab f'kompetizzjoni diretta ma' dak ta' Hamburg jew ma' ajruporti Ġermaniżi oħra u li huma biss il-kumpanniji tal-ajru li jużaw l-ajruport ta' Lübeck li jibbenefikaw mill-vantaġġi eventwalment mogħtija mir-regolament inkwistjoni ma huwiex biżżejjed sabiex jistabbilixxi n-natura selettiva ta' dan ir-regolament. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, peress li l-operatur tal-ajruport ta' Lübeck adotta l-imsemmi regolament fil-kuntest ta' kompetenza speċifika għalih, il-kuntest ta' referenza rilevanti sabiex tiġi evalwata n-natura selettiva tat-tariffi tal-ajruport inkwistjoni huwa dan ir-regolament stess, u mhux leġiżlazzjoni iktar ġenerali dwar l-ajruporti Ġermaniżi kollha. Issa, peress li r-regolament inkwistjoni japplika mingħajr distinzjoni għall-kumpanniji tal-ajru kollha li jużaw l-ajruport ta' Lübeck, il-Qorti Ġenerali kellha raġun meta ddeċidiet li l-Kummissjoni żbaljat meta qieset li dan ir-regolament kien jikkostitwixxi miżura selettiva.

F'sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, ***Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group*** (C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981), li permezz tagħha annullat is-sentenzi appellati tal-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni wkoll dwar il-kriterju ta***' selettività tal-vantaġġ għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' miżura bħala għajnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE***. Iż-żewġ sentenzi tal-

63| Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2012) 1012 final, tat-22 ta' Frar 2012, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.27585 u SA.31149 (2012/C) (ex NN/2012, ex CP 31/2009 u CP 162/2010) – il-Ġermanja.

64| Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Settembru 2014, ***Hansestadt Lübeck vs Il-Kummissjoni*** (T-461/12, EU:T:2014:758).

Qorti Ġenerali 65 kienu annullaw parzjalment id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2011/5 66 u 2011/282 67, li kienu ddikjaraw inkompatibbli mas-suq komuni vantaġġ fiskali li jippermetti lill-impriżi taxxabbli fi Spanja jammortizzaw l-avvjament li jirriżulta mill-akkwist ta' ishma f'impriżi barranin u li kienu ordnaw lir-Renju ta' Spanja jirkupra l-għajnuna mogħtija fil-kuntest ta' din l-iskema.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, fis-sentenzi appellati, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-kundizzjoni dwar is-selettività, sa fejn issanzjonat id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni għar-raġuni li, fir-rigward ta' miżura li ***a priori*** hija aċċessibbli għal kwalunkwe impriża – irrispettivament min-natura tal-attività ekonomika tagħha – li tkun tixtieq takkwista sehem f'impriża barranija, dawn id-deċiżjonijiet ma kinux iddeterminaw kategorija partikolari ta' impriżi ffavoriti mill-miżura fiskali inkwistjoni, u li, għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma vverifikatx jekk il-Kummissjoni kinitx effettivament analizzat u stabbilixxiet in-natura diskriminatorja ta' din il-miżura. Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, għall-finijiet tal-istabbiliment tas-selettività tal-miżura inkwistjoni, ma jistax ikun meħtieġ li l-Kummissjoni tidentifika ċerti karatteristiċi partikolari u speċifiċi, li jkunu komuni għall-impriżi benefiċjarji tal-vantaġġ fiskali u li jippermettu li dawn l-impriżi jiġu distinti minn dawk li huma esklużi minn dan il-vantaġġ fiskali. Fil-fatt, għal dan l-għan huwa rilevanti biss il-fatt li l-miżura, irrispettivament mill-forma tagħha jew mit-teknika leġiżlattiva użata, ikollha l-effett li tqiegħed lill-impriżi benefiċjarji f'sitwazzjoni iktar vantaġġuża minn dik ta' impriżi oħra, minkejja li dawn l-impriżi kollha jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali paragunabbli fir-rigward tal-għan segwit mill-iskema fiskali inkwistjoni, u li din id-differenzazzjoni ma hijiex iġġustifikata min-natura u mill-istruttura ta' din l-iskema.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi ieħor meta ddeċidiet li l-kategorija ta' impriżi benefiċjarji li fir-rigward tagħha kellha tiġi eżaminata n-natura selettiva tal-miżura fiskali inkwistjoni kellha tkun dik ikkostitwita mill-impriżi esportaturi. Fil-fatt, skont il-prinċipji msemmija iktar 'il fuq, li japplikaw kompletament għall-għajnuna fiskali fir-rigward tal-esportazzjoni, miżura bħall-miżura inkwistjoni, li tiffavorixxi l-esportazzjonijiet, tista' titqies li hija selettiva jekk tibbenefika lill-impriżi li jwettqu tranżazzjonijiet transkonfinali, b'mod partikolari tranżazzjonijiet ta' investiment, għad-detriment ta' impriżi oħra li, filwaqt li jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali paragunabbli fir-rigward tal-għan segwit mill-iskema fiskali kkonċernata, iwettqu tranżazzjonijiet tal-istess natura fit-territorju nazzjonali.

# XII. DISPOŻIZZJONIJIET FISKALI

Fis-sentenza ***Ordre des barreaux francophones et germanophone et*** (C-543/14, EU:C:2016:605), mogħtija fit-28 ta' Lulju 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar *il-validità u l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2006/112 68 dwar l-issuġġettar tas-servizzi tal-avukati għat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)*. It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tikkonċerna l-liġi Belġjana li temmet l-eżenzjoni ta' dawn is-servizzi mill-VAT. Il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-issuġġettar tal-provvisti ta' servizzi tal-avukati għall-VAT, previst fl-imsemmija direttiva, li jimplika żieda fin-nefqa marbuta ma' dawn is-servizzi għall-individwi li ma humiex suġġetti għall-VAT u li ma jibbenefikawx mill-għajnuna legali, huwiex kompatibbli mad-dritt ta' aċċess għall-ġustizzja rrikonoxxut fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

65| Sentenzi tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Novembru 2014, ***Autogrill España vs Il-Kummissjoni*** (T-219/10, EU:T:2014:939), u ***Banco Santander et Santusa vs Il-Kummissjoni*** (T-399/11, EU:T:2014:938).

66| Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/5/KE, tat-28 ta' Ottubru 2009, dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta' ishma barranin C 45/07 (ex NN 51/07, ex CP 9/07) implimentata minn Spanja (ĠU L 7, p. 48).

67| Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/282/UE, tat-12 ta' Jannar 2011, dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta' ishma barranin Nru C 45/07 (ex NN 51/07, ex CP 9/07) implimentata minn Spanja (ĠU L 135, p. 1).

68| Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1).

Fir-rigward, l-ewwel nett, tad-dritt għal rimedju effettiv u tal-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet iggarantiti fl-Artikolu 47 tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li minn eżami tal-Artikolu 1(2) u tal-Artikolu 2(1)(c) tad-Direttiva 2006/112 ma rriżulta ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tagħhom sa fejn jissuġġettaw għall-VAT is-servizzi tal-avukati pprovduti lill-individwi li ma jibbenefikawx mill-għajnuna legali. Minn naħa, fir-rigward ta' dawn l-individwi, li huma preżunti li għandhom riżorsi suffiċjenti sabiex ikollhom aċċess għall-ġustizzja billi jqabbdu lil avukat jirrappreżentahom, id-dritt għal rimedju effettiv ma jiggarantixxix, bħala prinċipju, dritt li l-imsemmija provvisti jiġu eżentati mill-VAT. L-impożizzjoni tal-ispejjeż marbuta mal-applikazzjoni tal-VAT tista' tiġi kkontestata fid-dawl tal-imsemmi dritt biss fil-każ li dawn l-ispejjeż ikunu ta' natura li jkun impossibbli li jitħallsu jew fil-każ li dawn l-ispejjeż jagħmlu l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli.

Min-naħa l-oħra, il-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet ma jimplikax l-obbligu li l-partijiet jitqiegħdu fuq livell ugwali fir-rigward tal-ispejjeż finanzjarji mġarrba fil-kuntest tal-proċedura ġudizzjarja. B'hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm l-issuġġettar għall-VAT u l-eżerċizzju tad-dritt għal tnaqqis jistgħu jagħtu, fir-rigward ta' ammont ta' onorarji identiku, vantaġġ pekunjarju lil individwu li jkun persuna taxxabbli meta mqabbel ma' individwu li ma jkunx persuna taxxabbli, dan il-vantaġġ pekunjarju, madankollu, ma huwiex ta' natura tali li jista' jaffettwa l-bilanċ proċedurali bejn il-partijiet, u lanqas ma joħloq sitwazzjoni ta' żvantaġġ sostanzjali.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Artikolu 9(4) u (5) tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għat-tagħrif, il-parteċipazzjoni pubblika fit-tiswir tad-deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ambjentali (Konvenzjoni ta' Aarhus) ma jistax jiġi invokat għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-validità tal-artikoli ċċitati iktar 'il fuq tad-Direttiva 2006/112. Fil-fatt, l-Artikolu 9(4) u (5) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, li l-Unjoni hija parti fiha, ma jinkludi ebda obbligu inkundizzjonat u suffiċjentement preċiż li jista' jirregola s-sitwazzjoni legali tal-individwi u, għaldaqstant, ma jistax jiġi invokat insostenn ta' eċċezzjoni bbażata fuq l-allegata illegalità ta' direttiva tal-Unjoni.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-kwistjoni ta' eventwali eżenzjoni tal-provvisti ta' servizzi mwettqa mill-avukati favur l-individwi li jibbenefikaw mill-għajnuna legali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 132(1)(g) tad-Direttiva 2006/112 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-imsemmija provvisti ma humiex eżentati mill-VAT. Fil-fatt, l-applikazzjoni tal-eżenzjoni prevista minn din id-dispożizzjoni hija suġġetta għan-natura soċjali tas-servizzi kkonċernati, punt li jimplika t-teħid inkunsiderazzjoni tal-għanijiet segwiti mill-fornituri ta' servizzi inkwistjoni b'mod ġenerali u tal-istabbiltà tal-impenn soċjali tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li s-servizzi kkonċernati għandhom għalhekk ikunu marbuta mill-qrib mal-għajnuna u mas-sigurtà soċjali u li l-eżenzjoni għandha barra minn hekk tkun limitata għall-provvisti ta' servizzi mwettqa minn organi rrikonoxxuti bħala li għandhom natura soċjali. B'hekk, fid-dawl b'mod partikolari tal-assenza ta' stabbiltà ta' eventwali impenn soċjali min-naħa tagħhom, il-kategorija professjonali ta' avukati u konsulenti legali ma tistax titqies, b'mod ġenerali, li għandha natura soċjali għall-finijiet tal-Artikolu 132(1)(g) tad-Direttiva 2006/112. B'mod iktar partikolari, fil-kuntest tal-iskema nazzjonali ta' għajnuna legali inkwistjoni, fejn dawn is-servizzi ma jiġux ipprovduti mill-avukati kollha iżda biss minn dawk li jkunu offrew li jagħmlu dan fuq bażi volontarja u li jkunu nkitbu f'lista stabbilita kull sena, il-provvista ta' dawn is-servizzi hija biss għan wieħed fost oħrajn tal-professjoni ta' avukat. Għaldaqstant, dawn il-provvisti ma jistgħux jiġu eżentati mill-VAT fuq il-bażi tal-Artikolu 132(1)(g) tad-Direttiva 2006/112.

# XIII. APPROSSIMAZZJONI TAL-LEĠIŻLAZZJONIJIET

## 1. PROPRJETÀ INTELLETTWALI U INDUSTRIJALI

Fil-qasam tal-proprjetà intellettwali u industrijali, jisħoqqilhom li jissemmew ħames sentenzi: l-ewwel erba' sentenzi jikkonċernaw kwistjonijiet marbuta mad-drittijiet tal-awtur inkonnessjoni, b'mod partikolari, mal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Il-ħames sentenza tikkonċerna l-ħlas lura tal-ispejjeż legali mill-parti li tkun tilfet kawża dwar vjolazzjoni ta' dritt ta' proprjetà intellettwali.

Fl-ewwel lok, fid-9 ta' Ġunju 2016, fis-sentenza ***EGEDA et*** (C-470/14, EU:C:2016:418), il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar *is-sistema ta' finanzjament tal-kumpens ġust, previst fl-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29 69 u intiż għall-awturi fil-każ ta' riproduzzjoni, minn persuna fiżika għal użu privat, tax-xogħlijiet tagħhom.* Fil-kawża prinċipali kienet inkwistjoni l-leġiżlazzjoni Spanjola li timplementa sistema ta' kumpens ġust għal kopja privata ffinanzjata mill-baġit ġenerali tal-Istat. F'dan il-kuntest, l-intestatura baġitarja intiża għall-ħlas tal-kumpens ġust kellha titqies li kienet iffinanzjata mir-riżorsi kollha rreġistrati fil-baġit u, għaldaqstant, mill-persuni taxxabbli kollha, inklużi l-persuni ġuridiċi.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, fid-dawl tal-marġni ta' diskrezzjoni wiesa' li għandhom l-Istati Membri meta jiddefinixxu d-diversi parametri tas-sistema ta' kumpens ġust fid-dritt nazzjonali tagħhom, l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29 ma jipprekludix, bħala prinċipju, li l-Istati Membri, li jkunu ddeċidew li jistabbilixxu l-eċċezzjoni mill-pagament ta' drittijiet ta' riproduzzjoni fir-rigward tal-kopja privata, jagħżlu li jistabbilixxu, f'dan il-kuntest, sistema ta' finanzjament tal-kumpens mhux permezz ta' tariffa iżda permezz tal-baġit ġenerali tagħhom. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-eċċezzjoni tal-kopja privata hija maħsuba għall-benefiċċju esklużiv tal-persuni fiżiċi li jwettqu jew li għandhom il-kapaċità li jwettqu riproduzzjonijiet ta' xogħlijiet jew ta' oġġetti protetti oħra għal użu privat u għal finijiet mhux direttament jew indirettament kummerċjali. Għalhekk, huma dawn il-persuni li jikkawżaw preġudizzju għad-detenturi tad-drittijiet tal-awtur u li, bħala prinċipju, huma obbligati jiffinanzjaw, bħala korrispettiv, il-kumpens ġust. Min-naħa tagħhom, il-persuni ġuridiċi huma esklużi mill-benefiċċju ta' din l-eċċezzjoni. F'dan il-kuntest, għalkemm huwa minnu li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu sistema ta' kumpens ġust iffinanzjata permezz ta' tariffa dovuta, taħt ċerti kundizzjonijiet, minn persuni ġuridiċi, tali persuni ġuridiċi ma jistgħux, fi kwalunkwe każ, jibqgħu d-debituri finali effettivi tal-oneru marbut ma' din it-tariffa. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan il-prinċipju japplika fil-każijiet kollha fejn Stat Membru jkun introduċa l-eċċezzjoni tal-kopja privata, irrispettivament mis-sistema ta' finanzjament implementata. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29 jipprekludi sistema ta' kumpens ġust għal kopja privata li tkun iffinanzjata mill-baġit ġenerali tal-Istat, b'tali mod li ma jkunx possibbli li jiġi żgurat li l-ispiża ta' dan il-kumpens ġust tkun fl-aħħar mill-aħħar sostnuta mill-utenti ta' kopji privati.

Fit-tieni lok, fis-sentenza ***GS Media*** (C-160/15, EU:C:2016:644), mogħtija fit-8 ta' Settembru 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kwistjoni ta' *jekk il-fatt li fuq sit internet jitqiegħed hyperlink lejn xogħlijiet protetti, li jkunu liberament disponibbli fuq sit* ***internet ieħor, mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detentur tad-drittijiet tal-awtur, jikkostitwixxix "komunikazzjoni lill-pubbliku" u, eventwalment, f'liema ċirkustanzi jikkostitwixxi tali komunikazzjoni lill-pubbliku***, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/29. Din is-sentenza ngħatat fil-kuntest ta' tilwima bejn kumpannija li topera sit internet fil-qasam tal-attwalità u editur ta' riviżta li kien id-detentur tad-drittijiet tal-awtur fir-rigward ta' ċerti ritratti. L-imsemmija kumpannija kienet ippubblikat, fuq dan is-sit,

69| Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

artiklu u hyperlink li kien jirreferi lill-qarrejja lejn sit internet ieħor, fejn ir-ritratti inkwistjoni kienu disponibbli għall-pubbliku mingħajr il-kunsens tal-awtur.

Filwaqt li fakkret li l-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" jimplika evalwazzjoni individwalizzata, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, meta t-tqegħid ta' hyperlink lejn xogħol liberament disponibbli fuq sit internet ieħor jitwettaq minn persuna li, meta tagħmel dan, ma tkunx qiegħda ssegwi skop ta' lukru, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li din il-persuna ma tafx, u ma tistax raġonevolment tkun taf, li dan ix-xogħol kien ġie ppubblikat fuq l-internet mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detentur tad-drittijiet tal-awtur. Mill-banda l-oħra, meta tali persuna kienet taf jew kien imissha kienet taf li l-hyperlink jagħti aċċess għal xogħol ippubblikat b'mod illegali fuq l-internet, pereżempju minħabba li kienet informatha b'dan mid-detenturi tad-drittijiet tal-awtur, għandu jitqies li l-provvista ta' dan il-hyperlink tikkostitwixxi "komunikazzjoni lill-pubbliku". Dan jgħodd ukoll fil-każ li dan il-hyperlink jippermetti lill-utenti tas-sit internet li fuqu jinsab dan il-hyperlink jevitaw il-miżuri restrittivi meħuda mis-sit fejn jinsab ix-xogħol protett sabiex l-aċċess mill-pubbliku għal dan ix-xogħol ikun limitat għall-abbonati biss.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, meta t-tqegħid ta' hyperlinks isir bi skop ta' lukru, bħal f'dan il-każ, l-awtur ta' tali tqegħid jista' jkun mistenni li jwettaq il-verifiki meħtieġa sabiex jiżgura li x-xogħol ikkonċernat ma jkunx ippubblikat b'mod illegali fis-sit li għalih iwasslu l-imsemmija hyperlinks. B'hekk, għandu jiġi preżunt li dan it-tqegħid twettaq b'għarfien sħiħ tan-natura protetta tal-imsemmi xogħol u tal-eventwali assenza ta' awtorizzazzjoni ta' pubblikazzjoni fuq l-internet mid-detentur tad-drittijiet tal-awtur. F'tali ċirkustanzi, u sa fejn din il-preżunzjoni konfutabbli ma tiġix ikkonfutata, l-att li jikkonsisti fit-tqegħid ta' hyperlink lejn xogħol ippubblikat fuq l-internet b'mod illegali jikkostitwixxi "komunikazzjoni lill-pubbliku". Mill-banda l-oħra, ma jkunx hemm komunikazzjoni "lill-pubbliku" jekk ix-xogħlijiet li għalihom l-imsemmija hyperlinks jippermettu aċċess ikunu liberament disponibbli fuq sit internet ieħor bil-kunsens tad-detentur tad-drittijiet tal-awtur.

Fit-tielet lok, fl-10 ta' Novembru 2016, fis-sentenza ***Vereniging Openbare Bibliotheken*** (C-174/15, EU:C:2016:856), il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tagħti deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta' *jekk is-sistema ta' self ta' kotba f'forma diġitali, minn libreriji pubbliċi, setgħetx tiġi assimilata ma' dik ta' self ta' kotba tradizzjonali, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/115* [70]. It-tilwima fil-kawża prinċipali, bejn assoċjazzjoni tal-libreriji pubbliċi tal-Pajjiżi l-Baxxi u fondazzjoni responsabbli għall-ġbir tar-remunerazzjoni dovuta lill-awturi, kienet dwar eventwali ksur tad-drittijiet esklużivi tagħhom fil-qasam tal-kiri u tas-self ta' xogħlijiet.

Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett ikkonstatat li ma teżisti ebda raġuni deċiżiva li tippermetti li mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/115 jiġi eskluż, fi kwalunkwe każ, is-self ta' kopji diġitali u ta' oġġetti intanġibbli. It-tieni nett, hija vverifikat jekk is-self pubbliku ta' kopja ta' ktieb f'forma diġitali, skont il-mudell "one copy, one user, jistax jaqa' taħt l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva, li jipprevedi l-possibbiltà ta' deroga mid-drittijiet esklużivi tal-awturi fir-rigward tas-self pubbliku permezz ta' remunerazzjoni ġusta. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, fid-dawl tal-importanza tas-self pubbliku ta' kotba diġitali u bl-għan li jitħarsu kemm l-effett utli ta' din id-deroga għas-self pubbliku u kemm il-kontribuzzjoni tagħha għall-promozzjoni kulturali, ma jistax jiġi eskluż li din id-deroga tapplika fil-każ li l-operazzjoni mwettqa minn librerija aċċessibbli għall-pubbliku jkollha karatteristiċi komparabbli, essenzjalment, għal dawk tas-self ta' xogħlijiet stampati. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-kunċett ta' "self" fis-sens tad-Direttiva 2006/115 ikopri wkoll is-self ta' kopja ta' ktieb f'forma diġitali, skont il-mudell "one copy, one user".

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet supplimentari li jistgħu jtejbu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-awturi lil hinn minn dak li huwa previst b'mod espliċitu mid-Direttiva 2006/115. F'dan il-każ, il-leġiżlazzjoni

70| Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali (ĠU L 376, p. 28).

tal-Pajjiżi l-Baxxi teżiġi li l-kopja tal-ktieb f'forma diġitali mqiegħda għad-dispożizzjoni mil-librerija pubblika tkun tqiegħdet fiċ-ċirkulazzjoni permezz tal-ewwel bejgħ jew permezz tal-ewwel trasferiment ieħor tat-titolu għal din il-kopja fl-Unjoni mid-detentur tad-dritt ta' distribuzzjoni jew bil-kunsens tiegħu. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali kundizzjoni supplimentari għandha titqies li hija kompatibbli mal-imsemmija direttiva.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-każ li kopja ta' ktieb f'forma elettronika tkun inkisbet minn sors illegali, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li wieħed mill-għanijiet tad-Direttiva 2006/115 huwa l-ġlieda kontra l-piraterija u osservat li jekk ikun aċċettat is-self ta' tali kopja, dan jista' jikkawża ħsara mhux iġġustifikata lid-detenturi tad-drittijiet tal-awtur. Għaldaqstant, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-eċċezzjoni tas-self pubbliku ma tapplikax għat-tqegħid għad-dispożizzjoni minn librerija pubblika ta' kopja ta' ktieb f'forma diġitali fil-każ li din il-kopja tkun inkisbet minn sors illegali.

Fir-raba' lok, fis-sentenza ***Soulier u Doke*** (C-301/15, EU:C:2016:878), mogħtija fis-16 ta' Novembru 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar id-dritt tal-awturi li joġġezzjonaw għar-riproduzzjoni u għall-komunikazzjoni lill-pubbliku, f'forma diġitali, ta' kotba li ma jkunux disponibbli fil-kummerċ, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/29 [71]. It-tilwima fil-kawża prinċipali bejn, minn naħa, żewġ awturi Franċiżi u, min-naħa l-oħra, ir-Repubblika Franċiża, kienet dwar il-legalità ta' digriet dwar l-isfruttament diġitali ta' kotba ppubblikati qabel l-2001 u li ma għadhomx is-suġġett ta' diffużjoni u ta' pubblikazzjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikoli 2(a) u 3(1) tad-Direttiva 2001/29 jipprekludu li leġiżlazzjoni nazzjonali tagħti lil soċjetà awtorizzata sabiex tamministra d-drittijiet tal-awtur l-eżerċizzju tad-dritt li tawtorizza r-riproduzzjoni u l-komunikazzjoni lill-pubbliku, f'forma diġitali, ta' kotba msejħa "mhux disponibbli", filwaqt li tippermetti lill-awturi ta' dawn il-kotba jew lis-suċċessuri tagħhom joġġezzjonaw għal jew iwaqqfu dan l-eżerċizzju, f'terminu ta' sitt xhur li jiddekorri mill-inklużjoni tal-imsemmija kotba f'database stabbilita għal dan l-għan. Fil-fatt, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet u għal-limitazzjonijiet previsti b'mod espliċitu fl-imsemmija direttiva, l-awturi għandhom id-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew li jipprojbixxu r-riproduzzjoni u l-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħlijiet tagħhom. F'dawn iċ-ċirkustanzi, sabiex ikun jista' jiġi rrikonoxxut li kien hemm il-kunsens impliċitu minn qabel ta' awtur għall-użu ta' wieħed mix-xogħlijiet tiegħu, kull awtur għandu jiġi effettivament informat dwar l-użu futur tax-xogħol tiegħu minn terz u għandu jingħata mezzi sabiex jipprojbixxi dan l-użu jekk ikun jixtieq jagħmel hekk.

F'dan il-każ, fid-dawl tal-kundizzjonijiet formali u sostantivi ddefiniti mil-leġiżlazzjoni Franċiża sabiex titressaq oġġezzjoni għal jew sabiex jintemm l-eżerċizzju tad-dritt inkwistjoni mis-soċjetà approvata kkonċernata, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li din il-leġiżlazzjoni ma tiggarantixxix informazzjoni effettiva u individwalizzata tal-awturi, b'tali mod li sempliċi assenza ta' oġġezzjoni min-naħa tagħhom ma tistax titqies li hija l-espressjoni tal-kunsens impliċitu tagħhom għall-użu tax-xogħlijiet tagħhom, u dan iktar u iktar fid-dawl tal-fatt li ma jistax jiġi raġonevolment preżunt li, fl-assenza ta' oġġezzjoni min-naħa tagħhom, l-awturi kollha ta' kotba "minsija" jaqblu mar-"rinaxximent" tax-xogħlijiet tagħhom f'forma diġitali. Barra minn hekk, id-dritt tal-awtur li jtemm l-isfruttament futur tax-xogħol tiegħu f'forma diġitali għandu jkun jista' jiġi eżerċitat mingħajr ma jkun suġġett għar-rieda konkordanti ta' persuni oħra għajr dawk awtorizzati mill-awtur sabiex iwettqu tali sfruttament diġitali. B'mod partikolari, l-awtur ta' xogħol għandu jkun jista' jtemm dan l-isfruttament mingħajr ma jkun meħtieġ li jwettaq minn qabel formalità li teħtieġ li jistabbilixxi li persuni oħra ma humiex detenturi ta' drittijiet oħra fuq l-imsemmi xogħol, bħalma huma d-drittijiet marbuta mal-isfruttament tiegħu f'forma stampata.

Fil-ħames lok, is-sentenza ***United Video Properties*** (C-57/15, EU:C:2016:611), mogħtija fit-28 ta' Lulju 2016, tat lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità tinterpreta *l-kunċetti ta' "spejjeż legali raġonevoli u proporzjonati" u ta'*

71 | Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

*"spejjeż oħra"* fis-sens tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2004/48 [72]. Skont dan l-artikolu, tali spejjeż, esposti mill-parti li rebħet il-kawża, għandhom, bħala regola ġenerali, jiġu sostnuti mill-parti li titlef, sakemm dan ma jkunx permess minħabba raġunijiet ta' ekwità. It-tilwima fil-kawża prinċipali, li kienet toriġina minn vjolazzjoni ta' privattiva, kienet tikkonċerna biss l-ispejjeż li għandhom jiġu rrimborsati lill-parti li rebħet il-kawża. Din tal-aħħar kienet qiegħda tikkontesta l-konformità mal-imsemmi artikolu ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li, filwaqt li tagħti lill-qorti l-possibbiltà li tieħu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi speċifiċi tal-kawża, minn naħa, tinkludi sistema ta' tariffi b'rati fissi li jistabbilixxu livell massimu assolut ta' rimbors fil-qasam tal-ispejjeż għall-assistenza ta' avukat u, min-naħa l-oħra, tipprevedi r-rimbors tal-ispejjeż ta' konsulent tekniku fiss fil-każ ta' nuqqas min-naħa tal-parti li titlef.

Fir-rigward tat-tariffi b'rati fissi għar-rimbors tal-onorarji ta' avukat, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li leġiżlazzjoni li tipprevedi tali tariffi setgħet, bħala prinċipju, tkun iġġustifikata bil-kundizzjoni li tkun intiża li tiżgura n-natura raġonevoli tal-ispejjeż li għandhom jiġu rrimborsati, fid-dawl ta' fatturi bħalma huma s-suġġett tat-tilwima, l-ammont involut fiha jew ix-xogħol meħtieġ sabiex jiġi protett id-dritt ikkonċernat. Mill-banda l-oħra, leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi tariffi b'rati fissi li jkunu kunsiderevolment inferjuri għat-tariffi medji effettivament applikati għas-servizzi ta' avukat fl-Istat Membru kkonċernat ma tistax tkun iġġustifikata. Barra minn hekk, sa fejn jipprevedi li l-ispejjeż legali għandhom ikunu "proporzjonati", l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2004/48 jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi tariffi b'rati fissi li, minħabba li l-ammonti massimi tagħhom ikunu wisq baxxi, ma jiżgurawx li, minn tal-inqas, parti sinjifikattiva u xierqa mill-ispejjeż raġonevoli esposti mill-parti li tirbaħ il-kawża tkun sostnuta mill-parti li titlef.

Fir-rigward tal-ispejjeż marbuta mal-assistenza ta' konsulent tekniku, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2004/48 jipprekludi regoli nazzjonali li jipprevedu r-rimbors tal-ispejjeż ta' konsulent tekniku fil-każ biss ta' nuqqas min-naħa tal-parti li titlef, meta dawn is-servizzi, irrispettivament min-natura tagħhom, ikunu indispensabbli sabiex tkun tista' titressaq b'mod effettiv azzjoni ġudizzjarja intiża li tiżgura r-rispett ta' dritt ta' proprjetà intellettwali. Fil-fatt, dawn l-ispejjeż jaqgħu taħt il-kategorija ta' "spejjeż oħra" li huma marbuta b'mod dirett u mill-qrib ma' tali azzjoni li, skont din id-dispożizzjoni, għandhom jiġu sostnuti mill-parti li titlef.

## 2. PROTEZZJONI TA' DATA PERSONALI

Fil-kawża li tat lok għas-sentenza ***Breyer*** (C-582/14, EU:C:2016:779), mogħtija fid-19 ta' Ottubru 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità tipprovdi preċiżazzjonijiet dwar *il-kunċett ta' "data personali" kif ukoll dwar is-segwitu tal-interess leġittimu tal-kontrollur, fis-sens, rispettivament, tal-Artikoli 2(a) u 7(f) tad-Direttiva 95/46* [73], fil-kuntest taż-żamma tal-indirizzi tal-protokoll tal-internet ("indirizzi IP") minn fornitur ta' servizzi ta' media fuq l-internet. Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali kien talab li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja tiġi pprojbita milli żżomm jew milli tqabbad li tinżamm minn terzi data informatika li kienet trażmessa wara kull konsultazzjoni tas-siti internet tad-dipartimenti federali Ġermaniżi. Fil-fatt, il-fornitur ta' servizzi ta' media fuq l-internet tad-dipartimenti federali Ġermaniżi kien jirreġistra data li tikkonsisti f'indirizz IP dinamiku [74] kif ukoll fid-data u fil-ħin tas-sessjoni ta' konsultazzjoni tas-sit. Waħedha, din id-data ma kinitx tagħti lil dan il-fornitur il-possibbiltà li jidentifika lill-utent, filwaqt li l-fornitur ta' aċċess għall-internet kellu, min-naħa tiegħu, informazzjoni

72| Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-29 ta' April 2004, fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 32).

73| Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u l-moviment liberu ta' tali data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355).

74| L-indirizzi IP dinamiċi huma indirizzi provviżorji li jiġu attribwiti ma' kull konnessjoni fuq l-internet u li jiġu ssostitwiti meta jkun hemm konnessjonijiet ulterjuri.

supplimentari li, meta kkunsidrata flimkien ma' dan l-indirizz IP, kienet tippermetti li jiġi identifikat l-imsemmi utent.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li indirizz IP dinamiku, irreġistrat minn fornitur ta' servizzi ta' media fuq l-internet fl-okkażjoni tal-konsultazzjoni minn persuna ta' sit internet li dan il-fornitur jagħmel aċċessibbli għall-pubbliku jikkostitwixxi, fir-rigward tal-imsemmi fornitur, data personali fis-sens tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 95/46 meta jkollu mezzi legali li jippermettulu jidentifika l-persuna kkonċernata permezz tal-informazzjoni supplimentari dwar din il-persuna li jkollu l-fornitur ta' aċċess għall-internet.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja analizzat il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni li kienet tipprovdi li fornitur ta' servizzi ta' media fuq l-internet ma jistax jiġbor u juża data personali marbuta ma' utent ta' dawn is-servizzi, fl-assenza tal-kunsens ta' dan l-utent, ħlief sa fejn dan il-ġbir u dan l-użu jkunu neċessarji sabiex jippermettu l-użu konkret tal-imsemmija servizzi minn dan l-utent u sabiex jiġu ppreparati l-fatturi fir-rigward ta' dan l-użu, mingħajr ma l-għan li tiġi ggarantita l-kapaċità ġenerali ta' funzjonament ta' dawn is-servizzi ma jista' jiġġustifika l-użu tal-imsemmija data wara sessjoni ta' konsultazzjoni tagħhom. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 7(f) tad-Direttiva 95/46 jipprekludi tali leġiżlazzjoni. Fil-fatt, skont din id-dispożizzjoni, l-ipproċessar ta' data personali fis-sens ta' din id-dispożizzjoni jkun legali jekk ikun neċessarju sabiex jintlaħaq l-interess leġittimu segwit mill-kontrollur jew mit-terz jew terzi li lilu jew lilhom tiġi kkomunikata d-data, bil-kundizzjoni li dan l-interess ma jkunx subordinat għall-interess jew għad-drittijiet u għal-libertajiet fundamentali tal-persuna kkonċernata. Issa, f'dan il-każ, il-leġiżlazzjoni Ġermaniża eskludiet b'mod kategoriku u ġġeneralizzat il-possibbiltà li ċerti kategoriji ta' data personali jiġu pproċessati, mingħajr ma tippermetti bbilanċjar tad-drittijiet u tal-interessi opposti inkwistjoni f'każ partikolari. B'dan il-mod, l-imsemmija leġiżlazzjoni llimitat, b'mod illegali, il-portata ta' dan il-prinċipju previst fl-Artikolu 7(f) tad-Direttiva 95/46, billi eskludiet li l-għan li tiġi ggarantita l-kapaċità ġenerali ta' funzjonament tas-siti tal-media fuq l-internet jista' jkun is-suġġett ta' bbilanċjar mal-interess jew mad-drittijiet u mal-libertajiet fundamentali tal-utenti.

Fil-21 ta' Diċembru 2016, fis-sentenza ***Tele2 Sverige u Watson et*** (C-203/15 u C-698/15, EU:C:2016:970), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni, fil-kuntest ta' proċedura mħaffa, dwar *l-interpretazzjoni tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58* [75]*, li jippermetti lill-Istati Membri jintroduċu ċerti eċċezzjonijiet għall-obbligu, stabbilit f'din id-direttiva, li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u tad-data dwar it-traffiku relatata ma' dawn il-komunikazzjonijiet.* It-talbiet għal deċiżjoni preliminari kienu tressqu fil-kuntest ta' żewġ tilwimiet dwar leġiżlazzjonijiet nazzjonali, waħda Svediża u l-oħra Brittanika, dwar l-aċċess minn awtoritajiet pubbliċi għad-data tal-utenti, miżmuma minn fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett fakkret il-ġurisprudenza li minnha jirriżulta li l-protezzjoni tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata fil-livell tal-Unjoni teħtieġ li d-derogi mill-protezzjoni tad-data personali u l-limitazzjonijiet ta' din il-protezzjoni għandhom, konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità, jitwettqu fil-limiti ta' dak li jkun strettament neċessarju. It-tieni nett, hija ddeċidiet li l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11 kif ukoll tal-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik Svediża, li tipprevedi, għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità, żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tad-data kollha dwar it-traffiku u tad-data kollha dwar il-lokalizzazzjoni tal-abbonati u tal-utenti rreġistrati kollha fir-rigward tal-mezzi ta' komunikazzjoni elettronika kollha. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali leġiżlazzjoni taqbeż il-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju u ma tistax titqies li hija ġġustifikata, f'soċjetà demokratika, kif jeżiġi l-imsemmi Artikolu 15(1), moqri fid-dawl tal-artikoli ċċitati

75| Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Lulju 2002, dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514), kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU L 337, p. 11).

tal-Karta. Mill-banda l-oħra, din id-dispożizzjoni ma tipprekludix leġiżlazzjoni li tippermetti, b'mod preventiv, għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità gravi, iż-żamma mmirata ta' tali data, bil-kundizzjoni li din iż-żamma tkun, fir-rigward tal-kategoriji ta' data li għandha tinżamm, tal-mezzi ta' komunikazzjoni koperti, tal-persuni kkonċernati kif ukoll tal-perijodu taż-żamma, limitata għal dak li jkun strettament neċessarju.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik tar-Renju Unit, li tippermetti l-aċċess mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għad-data dwar it-traffiku u għad-data dwar il-lokalizzazzjoni, mingħajr ma tillimita dan l-aċċess għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità gravi, li hija l-unika tip ta' kriminalità li tiġġustifika tali aċċess, tmur ukoll kontra l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58. Id-dritt nazzjonali għandu jipprevedi regoli ċari u preċiżi li jindikaw f'liema kundizzjonijiet il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi għandhom jagħtu aċċess għal din id-data. Barra minn hekk, ħlief f'każijiet ta' urġenza debitament iġġustifikati, dan l-aċċess għandu jkun suġġett għal kontroll minn qabel imwettaq jew minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti, u d-deċiżjoni ta' din il-qorti jew ta' din l-entità għandha tingħata fuq talba mmotivata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mressqa, b'mod partikolari, fil-kuntest ta' proċeduri ta' prevenzjoni, ta' skoperta jew ta' prosekuzzjoni kriminali. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, sabiex leġiżlazzjoni nazzjonali tosserva l-livell ta' protezzjoni ggarantit mill-Karta fil-qasam tal-ipproċessar ta' data personali, tali leġiżlazzjoni għandha tipprevedi ż-żamma tad-data inkwistjoni fit-territorju tal-Unjoni kif ukoll il-qerda irrimedjabbli tagħha meta jintemm il-perijodu taż-żamma tagħha.

## 3. KUMMERĊ ELETTRONIKU

Permezz tas-sentenza ***Mc Fadden*** (C-484/14, EU:C:2016:689) mogħtija fil-15 ta' Settembru 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja pprovdiet kjarifiki *dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2000/31* dwar il-kummerċ elettroniku [76]. It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet bejn produttur ta' xogħol mużikali u operatur ta' ħanut, fejn dan tal-aħħar kien jopera netwerk mingħajr fili (Wi-Fi) pubbliku u mingħajr ħlas li kien jippermetti t-tniżżil ta' xogħol mużikali mill-pubbliku mingħajr il-kunsens tal-imsemmi produttur. Il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tistabbilixxi *jekk l-eżenzjoni minn responsabbiltà tal-fornituri intermedjarji fir-rigward ta' "sempliċi trasport" ta' informazzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni tipprekludix li tiġi stabbilita r-responsabbiltà indiretta tal-operatur tan-netwerk minħabba vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-awtur imwettqa minn wieħed mill-utenti tan-netwerk tiegħu.*

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, preliminarjament, li t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, mingħajr ħlas, ta' netwerk ta' komunikazzjoni jikkostitwixxi "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni", fis-sens tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2000/31, meta dan it-tqegħid ma jitwettaqx mill-prestatarju kkonċernat bi ħlas iżda għal finijiet pubbliċitarji fir-rigward tal-prodotti mibjugħa jew tas-servizzi pprovduti minnu. Din id-dispożizzjoni teskludi li l-prestatarji li jipprovdu tali servizz jinżammu responsabbli għall-informazzjoni li tkun ġiet trażmessa lilhom mid-destinatarji ta' dan is-servizz jekk jissodisfaw tliet kundizzjonijiet: li dawn il-prestatarji ma jkunux l-oriġini tat-trażmissjoni tal-informazzjoni, li l-istess *prestatarji ma jagħżlux id-destinatarju ta' din it-trażmissjoni u li la jagħżlu u lanqas ma jemendaw l-informazzjoni li tkun is-suġġett tal-imsemmija trażmissjoni. Minn dan isegwi li, meta dawn il-kundizzjonijiet ikunu ssodisfatti, huwa eskluż li d-detentur tad-drittijiet tal-awtur jista' jitlob mingħand dan il-prestatarju kumpens għar-raġuni li l-konnessjoni għal dan in-netwerk kienet intużat minn terzi sabiex iwettqu vjolazzjoni tad-drittijiet tiegħu. Peress li tali talba għal kumpens ma tistax tirnexxi, huwa eskluż ukoll li d-detentur tad-drittijiet tal-awtur jista' jitlob ir-rimbors tal-ispejjeż ta' intimazzjoni u tal-ispejjeż ġudizzjarji esposti għall-finijiet tal-imsemmija talba għal kumpens. Madankollu, din id-dispożizzjoni ma taffettwax il-possibbiltà tad-detentur tad-drittijiet tal-awtur li jitlob lil awtorità jew lil qorti nazzjonali tordna lill-prestatarju sabiex iwaqqaf kwalunkwe*

76| Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-8 ta' Ġunju 2000, dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 21, p. 8).

*vjolazzjoni tad-drittijiet tal-awtur imwettqa mill-utenti tan-netwerk tiegħu jew sabiex ma jippermettix li jitwettqu tali vjolazzjonijiet.*

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li miżura li tordna lill-prestatarju jsaħħaħ is-sigurtà tal-konnessjoni għall-internet, pereżempju permezz ta' password, hija ta' natura li tiżgura bilanċ ġust bejn, minn naħa, id-dritt fundamentali għall-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali u, min-naħa l-oħra, id-dritt għal-libertà ta' intrapriża tal-prestatarju li jipprovdi servizz ta' aċċess għal netwerk ta' komunikazzjoni u d-dritt għal-libertà ta' informazzjoni tal-utenti ta' dan in-netwerk. Tali miżura tista' tiddisswadi lill-utenti ta' netwerk milli jwettqu vjolazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali minħabba li jkunu obbligati jiżvelaw l-identità tagħhom sabiex jiksbu din il-password. Mill-banda l-oħra, miżura li tinvolvi l-waqfien komplet tal-konnessjoni għall-internet, mingħajr ma jkunu previsti miżuri inqas onerużi għal-libertà ta' intrapriża tal-fornitur ta' din il-konnessjoni, ma tkunx ta' natura li tippermetti li jiġu kkonċiljati d-diversi drittijiet inkwistjoni.

## 4. TELEKOMUNIKAZZJONIJIET

Is-sentenza ***Ormaetxea Garai u Lorenzo Almendros*** (C-424/15, EU:C:2016:780), mogħtija fid-19 ta' Ottubru 2016, tat lill-Qorti tal-Ġustizzja opportunità sabiex tinterpreta d-Direttiva 2002/21 [77] billi *tispeċifika l-portata tar-rekwiżiti ta' imparzjalità u ta' indipendenza għall-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (iktar 'il quddiem l-"ARN"), fil-qasam tan-netwerks u tas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika*. F'dan il-każ, il-Gvern Spanjol kien beda riforma li kienet tiġbor diversi organi regolatorji f'organu multisettorjali wieħed. Il-konsegwenza diretta ta' dan kienet it-tmiem tal-mandat tal-president tal-ARN, inkwistjoni fil-kawża prinċipali, u tal-mandat ta' wieħed mill-konsulenti tiegħu, qabel l-iskadenza tal-mandati tagħhom u fl-assenza ta' kawża legali ta' tkeċċija kif prevista fil-liġi nazzjonali li tirregola din l-awtorità.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, fl-ewwel lok, fir-rigward tal-legalità tar-ristrutturazzjoni tal-ARN, li d-Direttiva 2002/21, bħala prinċipju, ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tgħaqqad ARN ma' ARN oħra, bħalma huma dawk responsabbli għall-kompetizzjoni, għas-settur postali u għas-settur tal-enerġija, sabiex jinħoloq organu regolatorju multisettorjali. Madankollu, dan jgħodd biss bil-kundizzjoni li, fl-eżerċizzju tal-kompiti tiegħu, dan l-organu jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' kompetenza, ta' indipendenza, ta' imparzjalità u ta' trasparenza previsti minn din id-direttiva u bil-kundizzjoni li d-deċiżjonijiet meħuda minnu jkunu jistgħu jkunu s-suġġett ta' rimedji effettivi quddiem organu indipendenti mill-partijiet ikkonċernati, punt dan li għandu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża ineżami, l-Istat Membru, sabiex jissodisfa l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 3(3a) tad-Direttiva 2002/21, għandu jipprevedi regoli li jiggarantixxu li t-tkeċċija qabel l-iskadenza tal-mandat tal-membri tal-korp kolleġjali li jmexxi ARN ma tippreġudikax l-indipendenza u l-imparzjalità tal-persuni kkonċernati. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-riskju ta' revoka immedjata, għal raġuni li ma tkunx prevista minn qabel fil-liġi, li jista' b'hekk jaffaċċja anki membru wieħed biss ta' tali korp kolleġjali, jista' joħloq dubju raġonevoli dwar in-newtralità tal-ARN ikkonċernata u dwar il-kapaċità tagħha li ma tkunx influwenzata minn fatturi esterni, u jista' jippreġudika l-indipendenza tagħha, l-imparzjalità tagħha u l-awtorità tagħha. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 3(3a) tad-Direttiva 2002/21 jipprekludi li, sempliċement minħabba riforma istituzzjonali li tikkonsisti fl-amalgamazzjoni

77| Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar kwadru [qafas] regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru [Qafas]) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol, 29, p. 349), kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU L 337, p. 37 u rettifika ĠU 2013, L 241, p. 8).

ta' ċerti ANR, persuni b'mandat minn dawn l-ANR jitkeċċew qabel iż-żmien, fl-assenza ta' regoli li jiggarantixxu li tali tkeċċija ma hijiex ser tippreġudika l-indipendenza u l-imparzjalità tagħhom.

## 5. PRODOTTI TAT-TABAKK

Permezz ta' tliet sentenzi [78] mogħtija fl-4 ta' Mejju 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-validità ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/40 [79], dwar il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk.

Fost dawn id-deċiżjonijiet, għandha tiġi indikata s-sentenza ***Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill*** (C-358/14, EU:C:2016:323). Permezz ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet ir-rikors għal annullament li kien qiegħed jikkontesta *l-validità ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/40, fosthom l-Artikolu 7(1) tagħha, li jipprevedi l-projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq ta' prodotti tat-tabakk li jkollhom aroma karatterizzanti, bħall-mentol.* Insostenn ta' dan ir-rikors, il-Polonja invokat tliet motivi bbażati fuq in-nuqqas ta' osservanza, rispettivament, tal-Artikolu 114 TFUE, tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tal-prinċipju ta' sussidjarjetà.

Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Artikolu 114 TFUE ma huwiex il-bażi legali adegwata għall-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkontestati, il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi fakkret li, bl-espressjoni "miżuri għall-approssimazzjoni", fis-sens tal-Artikolu 114 TFUE, l-awturi tat-Trattat taw lil-leġiżlatur tal-Unjoni marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tal-iktar teknika ta' approssimazzjoni adegwata sabiex jinkiseb ir-riżultat mixtieq, b'mod partikolari f'oqsma kkaratterizzati minn partikolaritajiet tekniċi kumplessi. Dawn il-miżuri jistgħu jikkonsistu f'obbligu għall-Istati Membri kollha li jawtorizzaw il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott jew tal-prodotti kkonċernati, fl-issuġġettar ta' tali obbligu ta' awtorizzazzjoni għal ċerti kundizzjonijiet, kif ukoll fil-projbizzjoni, provviżorja jew definittiva, tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott jew ta' ċerti prodotti. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi qieset li l-eliminazzjoni tad-diverġenzi bejn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali, b'mod partikolari bil-projbizzjoni, fil-livell tal-Unjoni, ta' ċerti addittivi fil-prodotti tat-tabakk, hija intiża li tiffaċilita l-funzjonament tajjeb tas-suq intern ta' dawn il-prodotti. Għaldaqstant, ma hemm xejn li jindika li, meta stabbilixxa mekkaniżmi dinamiċi li jawtorizzaw lill-Kummissjoni tiddetermina l-prodotti tat-tabakk li fihom aroma karatterizzanti, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma osservax il-marġni ta' diskrezzjoni mogħti lilu mill-Artikolu 114 TFUE.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-projbizzjoni inkwistjoni hija wkoll adegwata sabiex jiġi żgurat għan doppju, li huwa li jiġi ffaċilitat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-prodotti tat-tabakk filwaqt li jittieħed bħala bażi livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ. Fil-fatt, ċerti aromi huma partikolarment attraenti għal dawn tal-aħħar u jiffaċilitaw l-inizjazzjoni tagħhom għall-konsum tat-tabakk. Fir-rigward tan-natura neċessarja tal-projbizzjoni ta' kull aroma karatterizzanti, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-leġiżlatur tal-Unjoni seta' b'mod legali, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu, jimponi tali projbizzjoni peress li l-miżuri inqas restrittivi proposti mill-Polonja ma jidhrux li huma daqstant adegwati sabiex jintlaħaq l-għan segwit. Filwaqt li wettaq ibbilanċjar bejn, minn naħa, il-konsegwenzi ekonomiċi tal-imsemmija projbizzjoni għall-Istati Membri kollha u, min-naħa l-oħra, ir-rekwiżit imperattiv li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, il-leġiżlatur żgura li jitnaqqsu l-konsegwenzi negattivi tal-projbizzjoni tal-użu

78| Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Mejju 2016, ***Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill*** (C-358/14, EU:C:2016:323), ***Pillbox 38*** (C-477/14, EU:C:2016:324) u ***Philip Morris Brands et*** (C-547/14, EU:C:2016:325).

79| Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE (ĠU L 127, p. 1).

tal-mentol bħala aroma karatterizzanti. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li din il-miżura ma tistax titqies li hija kuntrarja għall-prinċipju ta' proporzjonalità.

Fl-aħħar lok, fir-rigward tal-motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-prinċipju ta' sussidjarjetà, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, minħabba l-interdipendenza bejn iż-żewġ għanijiet previsti fid-Direttiva 2014/40, dawn setgħu jintlaħqu b'mod aħjar fil-livell tal-Unjoni milli fil-livell tal-Istati Membri. Fil-fatt, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma ġiex stabbilit li l-konsum ta' prodotti tat-tabakk bil-mentol huwa essenzjalment limitat għal ċerti Stati Membri.

## 6. PRODOTTI KOŻMETIĊI

Fis-sentenza ***European Federation for Cosmetic Ingredients*** (C-592/14, EU:C:2016:703), mogħtija fil-21 ta' Settembru 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tispeċifika *l-portata, fis-sens tal-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament Nru 1223/2009*[80]*, tal-projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq ta' prodotti kożmetiċi li fihom ingredjenti li, sabiex ikunu ssodisfatti r-rekwiżiti tal-imsemmi regolament, kienu s-suġġett ta' testijiet fuq l-annimali.* It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tikkonċerna assoċjazzjoni professjonali li tirrappreżenta manifatturi ta' ingredjenti użati fil-prodotti kożmetiċi fi ħdan l-Unjoni li diversi membri tagħha kienu wettqu testijiet fuq l-annimali barra mit-territorju tal-Unjoni li kienu meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jikkummerċjalizzaw il-prodotti tagħhom f'pajjiżi terzi.

Fl-ewwel lok, filwaqt li ħadet inkunsiderazzjoni l-kuntest u l-għanijiet segwiti mir-Regolament Nru 1223/2009, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li dan huwa intiż li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq tal-Unjoni għall-prodotti kożmetiċi u li jiżgura livell ta' protezzjoni għoli tas-saħħa tal-bniedem filwaqt li jiżgura l-benesseri tal-annimali permezz tal-projbizzjoni ta' testijiet fuq l-annimali. Huma biss ir-riżultati tat-testijiet fuq l-annimali invokati fir-rapport ta' sigurtà tal-prodott kożmetiku li jistgħu jitqiesu li huma marbuta ma' testijiet imwettqa sabiex jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti tar-Regolament. F'dan il-kuntest, huwa irrilevanti li t-testijiet fuq l-annimali kienu meħtieġa sabiex il-prodott ikun jista' jiġi kkummerċjalizzat f'pajjiżi terzi.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li d-dritt tal-Unjoni ma jagħmel ebda distinzjoni skont il-post fejn jitwettqu t-testijiet fuq l-annimali. Ir-Regolament Nru 1223/2009 huwa intiż li jippromwovi l-użu ta' metodi alternattivi li ma jinvolvux l-annimali sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-prodotti kożmetiċi. Il-possibbiltà li jintlaħaq dan l-għan tkun kompromessa kunsiderevolment jekk ikun possibbli li l-projbizzjonijiet previsti fid-dritt tal-Unjoni jiġu evitati billi t-testijiet fuq l-annimali jitwettqu f'pajjiżi terzi. Għaldaqstant, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni ta' prodotti kożmetiċi li ċerti ingredjenti tagħhom kienu s-suġġett ta' testijiet fuq l-annimali barra mill-Unjoni sabiex dawn il-prodotti jkunu jistgħu jiġu kkummerċjalizzati f'pajjiżi terzi jista' jiġi pprojbit jekk id-data li tirriżulta minn dawn it-testijiet tintuża wkoll sabiex tiġi pprovata s-sigurtà tal-prodotti kkonċernati għall-finijiet tat-tqegħid fis-suq tagħhom fl-Unjoni.

80| Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-prodotti kożmetiċi (ĠU L 342, p. 59).

# XIV. KUNTRATTI PUBBLIĊI

Matul is-sena 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja tat diversi deċiżjonijiet importanti dwar, b'mod partikolari, il-kunċett ta' kuntratt pubbliku, il-kapaċitajiet tekniċi u/jew professjonali tal-operaturi ekonomiċi kif ukoll dwar ċerti rekwiżiti proċedurali li jirriżultaw mid-Direttiva 89/665 [81].

Fis-sentenza ***Falk Pharma*** (C-410/14, EU:C:2016:399), mogħtija fit-2 ta' Ġunju 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat *il-kunċett ta' kuntratt pubbliku, fis-sens tal-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 2004/18* [82]. It-tilwima fil-kawża prinċipali, bejn impriża ta' distribuzzjoni ta' prodotti mediċinali u fond ta' assigurazzjoni għall-mard, kienet dwar proċedura mibdija minn dan tal-aħħar sabiex jiġu konklużi diversi ftehimiet b'kontenut identiku ma' impriżi li jikkummerċjalizzaw prodott mediċinali speċifiku. Ir-rikorrenti kienet tal-fehma li d-dritt dwar il-kuntratti pubbliċi kellu jiġu applikat għal din il-proċedura.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma tikkostitwixxix kuntratt pubbliku, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, sistema ta' ftehimiet li permezz tagħha entità pubblika jkollha l-intenzjoni takkwista prodotti fis-suq billi tikkonkludi kuntratti, matul il-perijodu kollu ta' validità ta' din is-sistema, ma' kull operatur ekonomiku li jintrabat li jipprovdi l-prodotti kkonċernati f'kundizzjonijiet stabbiliti minn qabel, mingħajr ma tagħmel għażla bejn l-operaturi interessati u filwaqt li tippermettilhom jaderixxu mal-imsemmija sistema matul il-perijodu kollu tal-validità tagħha. Fil-fatt, l-assenza ta' għażla ta' operatur ekonomiku li kellu jingħatalu kuntratt esklużiv tfisser li ma huwiex meħtieġ li l-azzjoni ta' din l-awtorità kontraenti tkun suġġetta għar-regoli preċiżi tad-Direttiva 2004/18 b'tali mod li din l-awtorità tkun prekluża milli tagħti kuntratt billi tiffavorixxi lill-operaturi nazzjonali. Madankollu, tali proċedura ta' ammissjoni, meta jkollha interess transkonfinali ċert, għandha tiġi ppjanata u organizzata inkonformità mar-regoli fundamentali tat-Trattat FUE, b'mod partikolari mal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' ugwaljanza fit-trattament bejn operaturi ekonomiċi. F'dan ir-rigward, għalkemm f'tali sitwazzjoni l-Istati Membri għandhom ċertu marġni ta' diskrezzjoni, l-obbligu ta' trasparenza jimplika pubbliċità adegwata li tippermetti lil operaturi ekonomiċi potenzjalment interessati jiksbu għarfien debitu tal-iżvolġiment u tal-karatteristiċi essenzjali ta' tali proċedura ta' ammissjoni.

Permezz tas-sentenzi ***Partner Apelski Dariusz*** (C-324/14, EU:C:2016:214), tas-7 ta' April 2016, u ***Wrocław - Miasto na prawach powiatu*** (C-406/14, EU:C:2016:562), tal-14 ta' Lulju 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat il-kunċett ta' *kapaċitajiet tekniċi u/jew professjonali tal-operaturi ekonomiċi, fis-sens tad-Direttiva 2004/18.* Barra minn hekk, fl-ewwel kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat ukoll *il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi.*

Fil-kawża *Partner Apelski Dariusz*, it-tilwima fil-kawża prinċipali, bejn kumpannija li kienet ippreżentat offerta u l-uffiċċju responsabbli għat-tindif tal-belt ta' Varsavja, kienet dwar l-esklużjoni tal-imsemmija kumpannija minn proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku dwar it-tindif tat-toroq ta' din il-belt, għar-raġuni li l-imsemmi uffiċċju, fil-kwalità tiegħu ta' awtorità kontraenti, ma kienx konvint li din kienet ser teżegwixxi l-kuntratt b'mod korrett, u dan għaliex parti mill-offerta tagħha kienet tinkludi servizzi li kellhom jiġu pprovduti minn terz li kien jinsab f'belt relattivament 'il bogħod minn Varsavja. L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Artikoli 47(2) u 48(3) tad-Direttiva 2004/18, moqrija flimkien mal-Artikolu 44(2) ta' din id-direttiva, jirrikonoxxu d-dritt

81 | Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal provvisti u għal xogħlijiet] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 246), kif emendata bid-Direttiva 2007/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Diċembru 2007 (ĠU L 335, p. 31)

82 | Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132).

ta' kull operatur ekonomiku li jinvoka, fir-rigward ta' kuntratt partikolari, il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra, irrispettivament min-natura tar-rabtiet li jkun hemm bejniethom, sakemm l-awtorità kontraenti tingħata prova li l-kandidat jew l-offerent ser ikollu effettivament għad-dispożizzjoni tiegħu l-mezzi tal-imsemmija entitajiet li jkunu neċessarji għall-eżekuzjoni ta' dan il-kuntratt. Madankollu, l-eżerċizzju ta' tali dritt jista' jkun limitat f'ċirkustanzi eċċezzjonali. Fil-fatt, ma jistax jiġi eskluż, minn naħa, li xogħlijiet ikollhom karatteristiċi partikolari li jeħtieġu ċerta kapaċità li ma tistax tinkiseb billi jingħabru flimkien il-kapaċitajiet inferjuri ta' diversi operaturi u, min-naħa l-oħra, li, f'ċirkustanzi partikolari, fid-dawl tan-natura u tal-għanijiet ta' kuntratt partikolari, il-kapaċitajiet li jkollha entità terza, u li jkunu meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' kuntratt partikolari, ma jkunux jistgħu jiġu trażmessi lill-offerent. Għaldaqstant, f'tali ċirkustanzi, l-offerent ikun jista' jinvoka l-imsemmija kapaċitajiet biss jekk l-entità terza tipparteċipa direttament u personalment fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt inkwistjoni.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 48(2) u (3) tad-Direttiva 2004/18, l-awtorità kontraenti tista', f'ċirkustanzi partikolari, għall-finijiet tal-eżekuzzjoni korretta ta' kuntratt partikolari, tindika b'mod espliċitu, fl-avviż ta' kuntratt jew fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt, regoli preċiżi fis-sens li operatur ekonomiku jista' jinvoka l-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra, bil-kundizzjoni li dawn ir-regoli jkunu marbuta u proporzjonati mas-suġġett u mal-għanijiet ta' dan il-kuntratt.

Fil-kawża *Wrocław - Miasto na prawach powiatu*, it-tilwima fil-kawża prinċipali, bejn il-belt ta' Wrocław (il-Polonja) u l-Ministru tal-infrastruttura u l-iżvilupp, kienet dwar deċiżjoni li timponi fuq tal-ewwel korrezzjoni finanzjarja minħabba ksur tad-Direttiva 2004/18. Id-deċiżjoni kienet tikkonċerna l-obbligu, previst fl-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt inkwistjoni, marbuta ma' proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku għal xogħlijiet iffinanzjati b'mod konġunt minn fondi tal-Unjoni, li kien jipprovdi li l-offerent kellu jeżegwixxi permezz ta' mezzi tiegħu stess minn tal-inqas 25 % tax-xogħlijiet inkwistjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li awtorità kontraenti ma tistax teżiġi, permezz ta' klawżola fl-ispeċifikazzjonijiet ta' kuntratt pubbliku, li l-offerent rebbieħ futur għandu jeżegwixxi permezz ta' mezzi tiegħu stess ċerta perċentwali mix-xogħlijiet li jkunu s-suġġett tal-imsemmi kuntratt. Fil-fatt, minn naħa, l-Artikolu 48(3) tad-Direttiva 2004/18 jistabbilixxi, mingħajr ma jillimitah b'xi mod jew ieħor, id-dritt għall-użu ta' subappalt fir-rigward tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt. Min-naħa l-oħra, meta d-dokumenti tal-kuntratt jobbligaw lill-offerenti jindikaw, fl-offerti tagħhom, il-parti tal-kuntratt li jkollhom l-intenzjoni jagħtu b'subappalt, l-awtorità kontraenti jkollha, ċertament, id-dritt li tipprojbixxi l-użu ta' subappaltaturi li l-kapaċitajiet tagħhom ma jkunx irnexxielha tivverifika fl-istadju tal-eżami tal-offerti u tal-għażla tal-offerent rebbieħ, fir-rigward tal-eżekuzzjoni ta' partijiet essenzjali tal-kuntratt. Madankollu, din ma hijiex il-portata ta' klawżola li timponi limitazzjonijiet fuq l-użu ta' subappaltaturi fir-rigward ta' parti mill-kuntratt stabbilita b'mod astratt f'ċerta perċentwali ta' dan il-kuntratt, irrispettivament mill-possibbiltà li jiġu vverifikati l-kapaċitajiet tal-eventwali subappaltaturi, u mingħajr ebda indikazzjoni dwar in-natura essenzjali tal-kompiti li jkunu kkonċernati.

Fl-aħħar nett, fis-sentenza ***PFE*** (C-689/13, EU:C:2016:199) [83], il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità tispeċifika *r-rekwiżiti proċedurali li jirriżultaw mid-Direttiva 89/665, f'ċirkustanzi fejn, wara proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku, offerent li l-offerta tiegħu ma ġietx aċċettata u l-offerent rebbieħ ippreżentaw rikorsi intiżi għall-esklużjoni reċiproka tagħhom minn din il-proċedura.* Minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi fakkret li kull waħda mill-partijiet għandha interess leġittimu ekwivalenti għall-esklużjoni tal-offerta tal-kompetituri l-oħra. B'hekk, l-azzjoni inċidentali tal-offerent rebbieħ ma tistax twassal sabiex jiġi miċħud ir-rikors għal annullament ippreżentat kontra d-deċiżjoni li tagħti l-kuntratt minn offerent eskluż, fil-każ li r-regolarità tal-offerta ta' kull wieħed mill-operaturi tkun qiegħda tiġi kkontestata fil-kuntest tal-istess proċedura. Min-naħa l-oħra, la n-numru ta' parteċipanti fil-proċedura għall-għoti tal-kuntratt pubbliku kkonċernat, la n-numru ta'

83| Fir-rigward tal-preżentazzjoni tal-parti tas-sentenza dwar l-aspett kontenzjuż tal-kawża, ara t-Taqsima V "Kawżi tal-Unjoni".

parteċipanti li jkunu ppreżentaw rikors u lanqas in-natura differenti tal-motivi mqajma minnhom ma huma rilevanti għall-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju, li jirriżulta mill-ġurisprudenza.

# XV. POLITIKA EKONOMIKA U MONETARJA

Fil-qasam tal-politika ekonomika u monetarja, tliet sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja kkaratterizzaw is-sena 2016, fejn l-ewwel tnejn jikkonċernaw il-programm ta' sostenn għas-settur bankarju ta' Ċipru filwaqt li t-tielet waħda kkonċernat iż-żieda fil-kapital ta' bank Irlandiż f'sitwazzjoni ta' tfixkil gravi tal-ekonomija u tas-sistema finanzjarja.

Fl-20 ta' Settembru 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat is-sentenzi ***Mallis et vs Il-Kummissjoni u BĊE*** (C-105/15 P sa C-109/15 P, EU:C:2016:702) kif ukoll ***Ledra Advertising et vs Il-Kummissjoni u BĊE*** (C-8/15 P sa C-10/15 P, EU:C:2016:701).

Fl-ewwel sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-appelli ppreżentati minn ħames digrieti tal-Qorti Ġenerali [84], li permezz tagħhom din tal-aħħar kienet ċaħdet, bħala inammissibbli, *ir-rikorsi għal annullament ippreżentati kontra d-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro tal-25 ta' Marzu 2013 dwar ir-ristrutturazzjoni tas-settur bankarju f'Ċipru*. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali fis-sens li d-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro inkwistjoni ma setgħetx titqies li hija deċiżjoni konġunta tal-Kummissjoni u tal-Bank Ċentrali Ewropew (iktar 'il quddiem il-"BĊE") li tipproduċi effetti legali vinkolanti. Fil-fatt, il-funzjonijiet fdati lill-Kummissjoni u lill-BĊE fil-kuntest tat-Trattat li jistabbilixxi Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (Trattat MES) ma jinkludu l-eżerċizzju ta' ebda setgħa deċiżjonali proprja u l-attivitajiet eżerċitati minn dawn iż-żewġ istituzzjonijiet fil-kuntest ta' dan it-trattat jorbtu biss lill-MES. Il-fatt li l-Kummissjoni u l-BĊE jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Grupp tal-Euro ma jibdilx in-natura tad-dikjarazzjonijiet ta' dan tal-aħħar. Barra minn hekk, l-imsemmija dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro ma tinkludi ebda element li jikkostitwixxi espressjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni u tal-BĊE li jinħoloq, għal Ċipru, obbligu legali li dan l-Istat Membru jimplementa l-miżuri inklużi fiha, iżda hija ta' natura purament informattiva u kienet intiża li tinforma lill-pubbliku dwar l-eżistenza ta' ftehim politiku bejn il-Grupp tal-Euro u l-awtoritajiet Ċiprijotti li kien jikkostitwixxi l-espressjoni ta' rieda komuni li jitkomplew in-negozjati skont it-termini tal-imsemmija dikjarazzjoni.

Mill-banda l-oħra, fit-tieni sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet l-appelli ppreżentati minn tliet digrieti tal-Qorti Ġenerali [85], li permezz tagħhom din tal-aħħar kienet ċaħdet, bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondati, *ir-rikorsi għal annullament u r-rikorsi għad-danni marbuta mal-adozzjoni tal-Memorandum ta' qbil dwar il-kundizzjonijiet speċifiċi ta' politika ekonomika, konkluż bejn Ċipru u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà*. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-fatt li l-attivitajiet fdati lill-Kummissjoni u lill-BĊE fil-kuntest tat-Trattat MES ma jinkludu l-ebda setgħa deċiżjonali proprja u jorbtu biss lill-MES ma jipprekludix it-tressiq ta' talba għad-danni fil-konfront ta' dawn iż-żewġ istituzzjonijiet minħabba l-aġir allegatament illegali tagħhom fil-kuntest tal-adozzjoni ta' memorandum ta' qbil f'isem il-MES. Fil-fatt, il-kompiti mogħtija lill-Kummissjoni u lill-BĊE fil-kuntest tat-Trattat MES ma jiżnaturawx il-kompetenzi li t-Trattati UE u FUE jagħtu lil dawn l-istituzzjonijiet. B'hekk, il-Kummissjoni żżomm, fil-kuntest tat-Trattat MES, ir-rwol tagħha ta' gwardjan tat-Trattati, b'tali mod li hija għandha tastjeni milli tiffirma memorandum ta' qbil li jkollha dubju fir-rigward tal-kompatibbiltà

84| Digrieti tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Ottubru 2014, ***Mallis u Malli vs Il-Kummissjoni u BĊE*** (T-327/13, EU:T:2014:909), ***Tameio Pronoias Prosopikou Trapezis Kyprou vs Il-Kummissjoni u BĊE*** (T-328/13, EU:T:2014:906), ***Chatzithoma vs Il-Kummissjoni u BĊE*** (T-329/13, EU:T:2014:908), ***Chatziioannou vs Il-Kummissjoni u BĊE*** (T-330/13, EU:T:2014:904) u ***Nikolaou vs Il-Kummissjoni u BĊE*** (T-331/13, EU:T:2014:905).

85| Digrieti tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Novembru 2014, ***Ledra Advertising vs Il-Kummissjoni u BĊE*** (T-289/13, EU:T:2014:981), ***Eleftheriou et vs Il-Kummissjoni u BĊE*** (T-291/13, EU:T:2014:978) u ***Theophilou vs Il-Kummissjoni u BĊE*** (T-293/13, EU:T:2014:979).

tiegħu mad-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li ma kellhiex ġurisdizzjoni sabiex teżamina r-rikorsi għad-danni bbażat fuq l-illegalità ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-memorandum ta' qbil inkwistjoni fuq il-bażi tas-sempliċi konstatazzjoni li l-adozzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet ma kinitx formalment imputabbli lill-Kummissjoni u lanqas lill-BĊE.

Barra minn hekk, peress li din il-kawża kienet fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tagħti deċiżjoni hija stess dwar ir-rikorsi għad-danni. F'dan ir-rigward, hija fakkret li l-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni jeħtieġ li jkunu ssodisfatti numru ta' kundizzjonijiet, fosthom l-illegalità tal-aġir ikkritikat fil-konfront tal-istituzzjoni tal-Unjoni, illegalità li l-konstatazzjoni tagħha timplika li jiġi stabbilit ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li tkun intiża li tagħti drittijiet lill-individwi. Fir-rigward ta' din il-kundizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li d-dispożizzjoni legali rilevanti li hija intiża li tagħti drittijiet lill-individwi hija, f'dan il-każ, l-Artikolu 17(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li jipprovdi li kull persuna għandha d-dritt li tgawdi mill-proprjetà tal-beni tagħha li tkun akkwistat legalment. Issa, għalkemm ma hijiex indirizzata lill-Istati Membri meta ma jkunux qegħdin jimplementaw id-dritt tal-Unjoni, il-Karta hija, għall-kuntrarju, indirizzata mingħajr limitazzjoni lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, inkluż meta jaġixxu barra mill-qafas legali tal-Unjoni, bħalma huwa l-każ fil-kuntest tal-MES. Għaldaqstant, il-Kummissjoni hija meħtieġa tiżgura li memorandum ta' qbil bħal dak ikkontestat ikun kompatibbli mad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta. Madankollu, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, din il-kundizzjoni meħtieġa għall-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni ma hijiex issodisfatta f'dan il-każ. Fil-fatt, l-adozzjoni tal-imsemmi memorandum ta' qbil tissodisfa għan ta' interess ġenerali segwit mill-Unjoni, jiġifieri l-għan li tiġi żgurata l-istabbiltà tas-sistema bankarja taż-żona tal-euro. Fid-dawl ta' dan l-għan kif ukoll tan-natura tal-miżuri eżaminati u fid-dawl tar-riskju imminenti ta' telf finanzjarju li għalih kienu ser jiġu esposti d-depożitanti fil-każ ta' falliment taż-żewġ banek ikkonċernati, dawn il-miżuri ma jikkostitwixxux intervent sproporzjonat u intollerabbli li jippreġudika l-essenza stess tad-dritt għall-proprjetà tad-depożitanti, u għaldaqstant ma jistgħux jitqiesu li huma restrizzjonijiet mhux ġustifikati għal dan id-dritt.

Fit-tieni lok, fis-sentenza ***Dowling et*** (C-41/15, EU:C:2016:836), mogħtija fit-8 ta' Novembru 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni dwar *il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni taż-żieda fil-kapital ta' bank imposta mill-awtoritajiet pubbliċi Irlandiżi, mingħajr il-kunsens tal-laqgħa ġenerali ta' dan il-bank, f'sitwazzjoni ta' tfixkil gravi tal-ekonomija u tas-sistema finanzjarja ta' Stat Membru.* It-tilwima fil-kawża prinċipali, bejn, minn naħa, soċji u azzjonisti ta' kumpannija li kienet iżżomm il-kapital ta' stabbiliment ta' kreditu u, min-naħa l-oħra, il-Ministru Irlandiż tal-finanzi, kienet tikkonċerna t-talba tagħhom għall-annullament tal-ordni mogħtija mill-High Court, fuq talba ta' dan il-ministru, li tobbliga lil din il-kumpannija żżid il-kapital tagħha u toħroġ, favur il-Ministru, azzjonijiet ġodda bi prezz inqas mill-valur nominali tagħhom. Din il-miżura li kienet intiża għar-rikapitalizzazzjoni tal-imsemmi stabbiliment ta' kreditu kienet ġiet adottata, fil-kuntest tar-rikapitalizzazzjoni tal-banek nazzjonali, konformement mal-impenji li jirriżultaw mid-Deċiżjoni ta' implementazzjoni 2011/77 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda [86].

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li d-Direttiva 77/91 [87] hija intiża li tintroduċi ekwivalenza minima fil-protezzjoni kemm tal-azzjonisti u kemm tal-kredituri tal-kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata. Il-miżuri previsti minn din id-direttiva dwar l-inkorporazzjoni kif ukoll dwar iż-żamma, iż-żieda u t-tnaqqis

86| Deċiżjoni ta' implementazzjoni tal-Kunsill 2011/77/UE, tas-7 ta' Diċembru 2010, dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda (ĠU L 30, p. 34).

87| It-Tieni Direttiva tal-Kunsill 77/91/KEE, tat-13 ta' Diċembru 1976, dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fis-sens [tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 TFUE], dwar il-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi ta' responsabbilità limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 8).

tal-kapital ta' dawn il-kumpanniji jiggarantixxu tali protezzjoni kontra atti meħuda minn korpi ta' dawn il-kumpanniji u jikkonċernaw, għalhekk, il-funzjonament ordinarju tagħhom.

Madankollu, l-ordni li kienet is-suġġett tal-kawża prinċipali tikkostitwixxi miżura eċċezzjonali adottata f'sitwazzjoni ta' tfixkil gravi tal-ekonomija u tas-sistema finanzjarja ta' Stat Membru li hija intiża li tilqa' għal theddida sistematika għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Għaldaqstant, id-Direttiva 77/91 ma tipprekludix tali miżura eċċezzjonali li, f'sitwazzjoni ekonomika gravi bħal dik fil-kawża ineżami, tiġi adottata mill-awtoritajiet nazzjonali, mingħajr l-approvazzjoni tal-laqgħa ġenerali ta' kumpannija bl-għan li jiġi evitat riskju sistematiku għall-Unjoni. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm hemm interess ġenerali ċar li, fl-Unjoni kollha, tiġi żgurata protezzjoni b'saħħitha u koerenti tal-azzjonisti u tal-kredituri, dan l-interess ma jistax jitqies li jirbaħ dejjem fuq l-interess ġenerali li tiġi żgurata l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja stabbilita permezz tat-Trattati tal-Unjoni.

# XVI. POLITIKA SOĊJALI

Fil-qasam tal-politika soċjali, għandhom jissemmew żewġ sentenzi dwar il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età.

Fl-ewwel lok, fis-sentenza ***DI*** (C-441/14, EU:C:2016:278), mogħtija fid-19 ta' April 2016, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet *li l-prinċipju ġenerali li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, kif sanċit fid-Direttiva 2000/78* [88]*, jista' jiġi invokat anki f'tilwima bejn persuni privati u speċifikat l-obbligi tal-qorti nazzjonali fil-każ li ġurisprudenza nazzjonali ma tkunx kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.* Il-kwistjoni fil-kawża prinċipali kienet tikkonċerna l-validità ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li ċċaħħad lil impjegat mid-dritt li jibbenefika minn kumpens speċjali għal tkeċċija minħabba li dan tal-aħħar kien intitolat għal pensjoni tax-xjuħija taħt skema ta' pensjoni li dan l-impjegat kien issieħeb fiha qabel l-età ta' 50 sena, irrispettivament mill-fatt jekk ikunx għażel li jibqa' fis-suq tax-xogħol jew li jirtira.

Il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi speċifikat li d-Direttiva 2000/78 sempliċement tesprimi b'mod konkret il-prinċipju ġenerali li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-età fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol u li, għaldaqstant, dan il-prinċipju jista' jiġi invokat ukoll, f'tilwima bejn individwi, kontra leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża ineżami.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi fakkret li l-obbligu tal-Istati Membri li jilħqu r-riżultat mixtieq fir-rigward tal-applikazzjoni ta' direttivi japplika wkoll għall-awtoritajiet ġudizzjarji. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li r-rekwiżit ta' interpretazzjoni konformi jinkludi l-obbligu, għall-qrati nazzjonali, li jemendaw, fejn ikun il-każ, ġurisprudenza stabbilita jekk din tkun ibbażata fuq interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali inkompatibbli mal-għanijiet ta' direttiva. La l-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, u lanqas il-possibbiltà għall-individwu li jistabbilixxi r-responsabbiltà tal-Istat Membru kkonċernat għal ksur tad-dritt tal-Unjoni ma jistgħu jdaħħlu inkwistjoni dan l-obbligu.

Fit-tieni lok, fis-sentenza ***Salaberria Sorondo*** (C-258/15, EU:C:2016:873), mogħtija fil-15 ta' Novembru 2016, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' *diskriminazzjoni bbażata fuq l-età fil-kuntest tal-limitazzjoni tar-reklutaġġ ta' uffiċjali tal-pulizija għall-kandidati li jkunu għadhom ma laħqux ċerta età.* Fil-kawża ineżami, il-kwistjoni kienet tikkonċerna l-kompetizzjoni intiża għar-reklutaġġ ta' uffiċjali tal-pulizija tal-Komunità Awtonoma tal-Pajjiż Bask, li kienet tirrikjedi li l-kandidati jkunu għadhom ma laħqux l-età ta'

88| Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

35 sena. L-individwu kkonċernat, li kellu iktar minn 35 sena, sostna li dan ir-rekwiżit kien imur kontra, b'mod partikolari, id-Direttiva 2000/78 [89].

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2000/78, moqri flimkien mal-Artikolu 4(1) tagħha, ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li l-kandidati għall-pożizzjonijiet ta' uffiċjali ta' korp tal-pulizija li jiżguraw il-funzjonijiet operattivi u eżekuttivi kollha ta' dan il-korp ma jkunux għandhom laħqu l-età ta' 35 sena. Il-fatt li wieħed ikollu kapaċitajiet fiżiċi partikolari sabiex ikun jista' jissodisfa t-tliet missjonijiet essenzjali tal-pulizija tal-Komunità Awtonoma, jiġifieri li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-persuni u tal-proprjetà, li jiġi ggarantit l-eżerċizzju liberu tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' kull persuna kif ukoll li tiġi żgurata s-sigurtà taċ-ċittadini, jista' jitqies li huwa rekwiżit professjonali essenzjali u determinanti, fis-sens tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/78, għall-eżerċizzju ta' din il-professjoni. Għaldaqstant, leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni tista' titqies, minn naħa, li hija adegwata għall-għan li jiġu żgurati n-natura operattiva u l-funzjonament tajjeb tas-servizz tal-pulizija kkonċernat u, min-naħa l-oħra, li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan. Fil-fatt, dan l-għan jeżiġi li, sabiex tiġi stabbilita piramida ta' etajiet sodisfaċenti, il-pussess ta' kapaċitajiet fiżiċi partikolari ma titqiesx b'mod statiku, fil-mument tal-eżamijiet tal-kompetizzjoni ta' reklutaġġ, iżda b'mod dinamiku, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni s-snin ta' servizz li ser jitwettqu mill-uffiċjal wara li jkun ġie rreklutat.

# XVII. PROTEZZJONI TAL-KONSUMATURI

Fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi, ħames sentenzi jistħoqqilhom attenzjoni partikolari. L-ewwel waħda tikkonċerna l-kuntratti ta' kreditu mal-konsumaturi, tlieta oħra jikkonċernaw il-klawżoli inġusti, u b'mod partikolari l-istħarriġ min-naħa tal-qrati nazzjonali, u l-aħħar waħda tikkonċerna, min-naħa tagħha, l-indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa li jikkonċernaw il-prodotti tal-ikel.

Fl-ewwel lok, fil-kawżi magħquda li wasslu għas-sentenza ***Gutiérrez Naranjo et*** (C-154/15, C-307/15 u C-308/15, EU:C:2016:980), mogħtija fil-21 ta' Diċembru 2016, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar *ġurisprudenza nazzjonali li tillimita ratione temporis id-dritt għall-ħlas lura tal-konsumaturi li jkunu indebitament ħallsu somom taħt klawżola inġusta fis-sens tad-Direttiva 93/13 dwar il-klawżoli inġusti* [90]. Il-kawżi prinċipali kienu jikkonċernaw klawżoli inklużi f'kuntratti ta' self ipotekarju, li kienu jipprevedu rata minima li r-rata ta' interessi varjabbli ma setgħetx tinżel iktar baxxa minnha. Minkejja li dawn il-klawżoli "ta' rata minima" kienu ġew iddikjarati li huma inġusti permezz ta' sentenza preċedenti tal-qorti suprema nazzjonali fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 93/13, dik il-qorti kienet xorta waħda llimitat, b'mod ġenerali, l-effetti restitutorji tad-dikjarazzjoni ta' nullità ta' dawn il-klawżoli għas-somom imħallsa indebitament sussegwentement għall-għoti tas-sentenza inizjali tagħha. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qrati tar-rinviju, aditi minn konsumaturi milquta mill-applikazzjoni tal-imsemmija klawżoli "ta' rata minima", staqsew jekk tali limitazzjoni *ratione temporis* tal-effetti tad-dikjarazzjoni ta' nullità hijiex kompatibbli mad-Direttiva 93/13.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-konstatazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola fis-sens tad-Direttiva 93/13 għandha jkollha l-effett li tistabbilixxi mill-ġdid is-sitwazzjoni li fiha l-konsumatur kien jinsab fl-assenza ta' din il-klawżola. Għaldaqstant, f'dan il-każ, il-konstatazzjoni tan-natura inġusta tal-

89| Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

90| Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).

klawżoli "ta' rata minima" kellha tippermetti l-ħlas lura tal-vantaġġi miksuba indebitament għad-detriment tal-konsumaturi. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, għalkemm qorti nazzjonali tista' tiddeċiedi li s-sentenza tagħha ma għandhiex taffettwa, fl-interess taċ-ċertezza legali, is-sitwazzjonijiet li jkunu maqtugħa definittivament permezz ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji preċedenti, hija, għall-kuntrarju, esklużivament il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddeċiedi dwar il-limitazzjonijiet *ratione temporis* li għandhom japplikaw għall-interpretazzjoni li hija tagħti fir-rigward ta' regola tal-Unjoni. Barra minn hekk, sa fejn il-limitazzjoni *ratione temporis* tal-effetti tan-nullità tal-klawżoli "ta' rata minima", kif deċiża mill-qorti suprema nazzjonali, iċċaħħad lill-konsumaturi mid-dritt li jiksbu l-ħlas lura tas-somom kollha li kienu ħallsu indebitament, din il-limitazzjoni tiżgura biss protezzjoni parzjali u insuffiċjenti tal-konsumaturi. F'dawn iċ-ċirkustanzi, tali limitazzjoni la hija mezz adegwat u lanqas mezz effikaċi sabiex jitwaqqaf l-użu ta' dan it-tip ta' klawżola, kuntrarjament għal dak li tipprevedi d-Direttiva. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi din il-limitazzjoni *ratione temporis* tal-effetti restitutorji marbuta man-nullità ta' klawżola inġusta.

Fit-tieni lok, permezz tas-sentenza ***Radlinger u Radlingerová*** (C-377/14, EU:C:2016:283), mogħtija fil-21 ta' April 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat, *fil-kuntest ta' proċedura ta' insolvenza, il-kompetenza tal-qorti nazzjonali sabiex teżamina ex officio l-osservanza, minn bejjiegħ jew fornitur, tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi.* It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tikkonċerna leġiżlazzjoni Ċeka li ma tirrikonoxxix lill-qrati nazzjonali tali kompetenza fir-rigward tal-klawżoli kuntrattwali inklużi f'kuntratt ta' kreditu mal-konsumaturi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi qieset li l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13, dwar il-klawżoli inġusti [91], jipprekludi tali leġiżlazzjoni nazzjonali li, minn naħa, ma tippermettix dan l-eżami fir-rigward tal-imsemmija kuntratti anki meta l-qorti jkollha l-punti ta' liġi u ta' fatt neċessarji għal dan il-għan u, min-naħa l-oħra, tawtorizza lill-imsemmija qorti twettaq biss eżami ta' ċerti krediti, u dan, barra minn hekk, għal numru limitat ta' motivi. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, konformement mal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2008/48, dwar il-kuntratti ta' kreditu mal-konsumaturi [92], il-qorti nazzjonali, adita b'tilwima dwar krediti li jirriżultaw minn tali kuntratt, għandha teżamina wkoll *ex officio* jekk l-informazzjoni dwar il-kreditu (bħalma hija r-rata effettiva fis-sena globali) li għandha tissemma f'dan il-kuntratt kinitx indikata b'mod ċar u konċiż. Għaldaqstant, il-qorti nazzjonali hija meħtieġa tislet il-konsegwenzi kollha li jirriżultaw minn eventwali ksur ta' dan l-obbligu skont id-dritt nazzjonali tagħha. Madankollu, is-sanzjonijiet applikati f'dan il-kuntest għandhom ikunu ta' natura effettiva, proporzjonata u dissważiva, fis-sens tal-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/48.

Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat ukoll li, skont din id-direttiva, il-kunċett ta' "ammont totali tal-kreditu", li għandu jissemma fil-kuntratt ta' kreditu, ma jista' jinkludi ebda waħda mis-somom li jagħmlu parti mill-"ispiża totali tal-kreditu", bħalma huma l-ispejjeż amministrattivi, l-interessi, il-kummissjonijiet u kwalunkwe tip ieħor ta' spejjeż li l-konsumatur ikollu jħallas. L-inklużjoni irregolari ta' dawn is-somom fl-ammont totali tal-kreditu twassal għal stima iktar baxxa milli suppost tar-rata effettiva fis-sena globali u għaldaqstant taffettwa l-eżattezza tal-informazzjoni li għandha tiġi indikata mill-kreditur fil-kuntratt ta' kreditu. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-eżami tan-natura inġusta tal-penali imposti fuq il-konsumatur li ma jonorax il-pagamenti dovuti, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-qorti nazzjonali hija meħtieġa tevalwa l-effett kumulattiv tal-klawżoli kollha tal-kuntratt u, meta tikkonstata li diversi klawżoli f'tali kuntratt huma inġusti, għandha twarrab dawn il-klawżoli kollha u mhux biss uħud minnhom.

91 | Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).

92 | Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2008, dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU L 133, p. 66, u rettifiki ĠU 2009, L 207, p. 14, ĠU 2010, L 199, p. 40, u ĠU 2011, L 234, p. 46).

Fit-tielet lok, fil-kawża li tat lok għas-sentenza ***Finanmadrid EFC*** (C-49/14, EU:C:2016:98), mogħtija fit-18 ta' Frar 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja pprovdiet preċiżazzjonijiet dwar *il-portata tal-kompetenza ta' qorti nazzjonali sabiex tagħti deċiżjoni dwar in-nullità ta' klawżola inġusta li tkun tinsab f'kuntratt konkluż ma' konsumatur, fil-kuntest tal-eżekuzzjoni ta' proċedura għal ordni ta' ħlas*. Din il-kawża kienet tikkonċerna leġiżlazzjoni Spanjola li, minn naħa, ma kinitx tipprevedi, ħlief għal xi eċċezzjonijiet, l-intervent tal-qorti nazzjonali fil-proċedura għal ordni ta' ħlas u, min-naħa l-oħra, lanqas ma kienet tippermetti lill-qorti nazzjonali tistħarreġ *ex officio* l-eventwali eżistenza ta' klawżoli inġusti fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-imsemmija ordni ta' ħlas.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-konsumatur jista' jkun affaċċjat b'titolu eżekuttiv mingħajr ma jibbenefika, f'ebda mument tal-proċedura, mill-garanzija li ser titwettaq evalwazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżoli, f'sitwazzjoni fejn l-iżvolġiment u l-karatteristiċi partikolari tal-proċedura għal ordni ta' ħlas huma tali li, fl-assenza ta' ċirkustanzi speċifiċi li jeħtieġu l-intervent tal-qorti, din il-proċedura tingħalaq mingħajr il-possibbiltà li tkun tista' tiġi mistħarrġa l-eżistenza ta' klawżoli inġusti f'kuntratt konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur, u f'sitwazzjoni fejn il-qorti adita bl-eżekuzzjoni tal-ordni għal ħlas ma jkollhiex kompetenza sabiex tevalwa *ex officio* l-eżistenza ta' tali klawżoli. Tali qafas proċedurali huwa ta' natura li jippreġudika l-effettività tal-protezzjoni tad-drittijiet li jirriżultaw mid-Direttiva 93/13. Fil-fatt, protezzjoni effettiva ta' dawn id-drittijiet tista' tiġi ggarantita biss bil-kundizzjoni li l-imsemmija sistema proċedurali tippermetti, fil-kuntest ta' proċedura għal ordni ta' ħlas jew fil-kuntest ta' proċedura għall-eżekuzzjoni ta' tali ordni, stħarriġ *ex officio* tan-natura potenzjalment inġusta tal-klawżoli li jkunu jinsabu fil-kuntratt ikkonċernat.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, din il-kunsiderazzjoni ma tistax tiddaħħal inkwistjoni meta d-dritt proċedurali nazzjonali jagħti lil deċiżjoni mogħtija mill-awtorità li quddiemha titressaq it-talba għal ordni ta' ħlas l-awtorità ta' *res judicata* u jirrikonoxxilha effetti analogi għal dawk ta' deċiżjoni ġudizzjarja. Fil-fatt, tali leġiżlazzjoni ma tidhirx li hija konformi mal-prinċipju ta' effettività sa fejn tagħmel impossibbli jew eċċessivament diffiċli, fil-proċeduri mressqa minn bejjiegħ jew fornitur li fihom il-konsumaturi jkunu konvenuti, l-applikazzjoni tal-protezzjoni li d-Direttiva 93/13 hija intiża li tagħti lil dawn tal-aħħar.

Fir-raba' lok, fit-8 ta' Diċembru 2016, fis-sentenza ***Verein für Konsumenteninformation*** (C-127/15, EU:C:2016:934), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità tispeċifika, minn naħa, *il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/48* [93] u, min-naħa l-oħra, *id-derogi għall-obbligu ta' informazzjoni prekuntrattwali tal-konsumatur li din id-direttiva tipprevedi.* It-tilwima fil-kawża prinċipali, bejn assoċjazzjoni għall-informazzjoni tal-konsumaturi u aġenzija li tiġbor id-dejn, kienet tikkonċerna prattika ta' din tal-aħħar li tikkonsisti fil-konklużjoni ma' konsumaturi ta' ftehimiet dwar skeda ġdida għall-ħlas lura tad-dejn li tipprevedi termini għall-pagamenti, mingħajr ma tkun ikkomunikatilhom informazzjoni prekuntrattwali.

Peress li d-Direttiva 2008/48 ma tapplikax għall-kuntratti ta' kreditu mingħajr interessi u mingħajr spejjeż oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi ppreċiżat li ftehim dwar skeda ġdida għall-ħlas lura ta' kreditu konkluż bejn il-konsumatur u l-kreditur permezz ta' aġenzija li tiġbor id-dejn ma jkunx konkluż "mingħajr spejjeż" peress li, skont dan il-ftehim, il-konsumatur mhux biss jintrabat li jħallas lura l-ammont totali ta' dan il-kreditu iżda wkoll li jħallas interessi jew spejjeż li ma kinux previsti fil-kuntratt inizjali li permezz tiegħu kien ingħata l-imsemmi kreditu. Din il-konstatazzjoni ma tistax tiddaħħal inkwistjoni mill-fatt li l-ammonti akkumulati tar-rata tal-interessi u tal-ispejjeż previsti minn tali ftehim ma jaqbżux dawk li kienu jkunu eżiġibbli konformement mal-leġiżlazzjoni nazzjonali fl-assenza tal-imsemmi ftehim.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li aġenzija li tiġbor id-dejn li tikkonkludi, f'isem kreditur, ftehim ta' skeda ġdida għall-ħlas lura ta' kreditu mhux imħallas, iżda li taġixxi bħala intermedjarja biss b'mod sekondarju,

93| Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2008, dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU L 133, p. 66, u rettifiki ĠU 2009, L 207, p. 14, ĠU 2010, L 199, p. 40, u ĠU 2011, L 234, p. 46).

għandha titqies li hija intermedjarju ta' kreditu fis-sens tad-Direttiva 2008/48 u għalhekk ma hijiex suġġetta għall-obbligu ta' informazzjoni prekuntrattwali tal-konsumatur previst fl-Artikoli 5 u 6 ta' din id-direttiva. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li din l-eċċezzjoni għall-obbligu ta' informazzjoni prekuntrattwali ma għandhiex l-effett li taffettwa l-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur previst fid-Direttiva 2008/48 u ma tippreġudikax l-obbligu tal-kreditur li jiżgura li l-konsumatur jirċievi l-informazzjoni prekuntrattwali prevista fl-Artikoli 5 u 6.

Fil-ħames u fl-aħħar lok, fis-sentenza ***Verband Sozialer Wettbewerb*** (C-19/15, EU:C:2016:563), mogħtija fl-14 ta' Lulju 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tiddetermina *jekk l-indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni jew is-saħħa li jikkonċernaw prodott tal-ikel, ifformulati f'komunikazzjoni kummerċjali indirizzata esklużivament lil professjonisti fil-qasam tas-saħħa, jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1924/2006* [94]. It-tilwima fil-kawża prinċipali, bejn assoċjazzjoni għad-difiża tal-kompetizzjoni u kumpannija li tbigħ suppliment tal-ikel, kienet dwar ittra pubbliċitarja li din tal-aħħar kienet bagħtet esklużivament lil tobba. F'dan il-kuntest, l-assoċjazzjoni kienet qiegħda ssostni, b'mod partikolari, li din l-ittra kien fiha indikazzjonijiet dwar is-saħħa li huma pprojbiti mir-Regolament Nru 1924/2006.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dawn l-indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni jew is-saħħa jikkostitwixxu komunikazzjoni kummerċjali li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1924/2006 minkejja li din il-komunikazzjoni ma hijiex indirizzata lill-konsumatur finali iżda esklużivament lil professjonisti fil-qasam tas-saħħa. Fil-fatt, il-kunċett ta' "komunikazzjoni kummerċjali", fis-sens ta' dan ir-regolament, ikopri, b'mod partikolari, komunikazzjoni mwettqa fil-forma ta' reklamar fir-rigward ta' prodotti tal-ikel li tkun intiża li tippromwovi, direttament jew indirettament, dawn il-prodotti. Issa, tali komunikazzjoni tista' tieħu wkoll il-forma ta' ittra pubbliċitarja li l-operaturi fis-settur tal-prodotti tal-ikel jibagħtu lil professjonisti fil-qasam tas-saħħa fis-sens ta' dan ir-regolament, sabiex dawn il-professjonisti jirrakkomandaw, jekk ikun il-każ, lill-pazjenti tagħhom jixtru u/jew jikkonsmaw l-imsemmija prodotti.

Barra minn hekk, ma jistax jiġi eskluż li l-professjonisti fil-qasam tas-saħħa jkunu huma stess imqarrqa minn indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni jew is-saħħa li jkunu ineżatti, ambigwi jew qarrieqa u li għalhekk ikun hemm ir-riskju li dawn jittrażmettu, *in bona fide*, informazzjoni żbaljata lill-konsumaturi finali. Għaldaqstant, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1294/2006 għall-indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni jew is-saħħa magħmula f'komunikazzjoni kummerċjali indirizzata lil professjonisti fil-qasam tas-saħħa tikkontribwixxi, fil-kuntest tas-suq intern, għal livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.

# XVIII. AMBJENT

Fit-8 ta' Novembru 2016, fis-sentenza ***Lesoochranárske zoskupenie VLK*** (C-243/15, EU:C:2016:838), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, eżaminat *jekk l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus* [95], *jipprekludix ċerti modalitajiet proċedurali nazzjonali dwar l-effetti tal-preżentata ta' rikors minn assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent kontra deċiżjoni li tawtorizza proġett.* It-tilwima fil-kawża prinċipali oriġinat mir-rifjut li assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent tiġi ammessa bħala parti fi proċedura amministrattiva dwar l-awtorizzazzjoni, taħt l-Artikolu 6(3)

94| Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 2006, dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel (ĠU L 404, p. 9, u rettifika ĠU 2007, L 12, p. 3).

95| Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, iffirmata f'Aarhus fil-25 ta' Ġunju 1998 u approvata f'isem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE, tas-17 ta' Frar 2005 (ĠU 2006, L 164M, p. 17).

tad-Direttiva 92/43 [96], ta' proġett li kellu jiġi implementat f'sit protett. Peress li r-rikors tal-assoċjazzjoni kontra dan ir-rifjut ġie miċħud għar-raġuni li l-proċedura amministrattiva ta' awtorizzazzjoni kienet ingħalqet fil-mertu qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġudizzjarja definittiva dwar il-kwalità tagħha ta' "parti fil-proċedura", il-qorti tar-rinviju staqsiet jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix tali interpretazzjoni tar-regoli proċedurali, filwaqt li invokat l-eżistenza ta' rikors ieħor li l-assoċjazzjoni setgħet tippreżenta fir-rigward tal-mertu wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni amministrattiva ta' awtorizzazzjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, fakkret li organizzazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus għandha d-dritt, fis-sens tal-Artikolu 6 tagħha, li tipparteċipa fi proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' proġett li jista' jkollu effett kunsiderevoli fuq l-ambjent sa fejn, fil-kuntest ta' din il-proċedura, għandha tittieħed waħda mid-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 92/43. Fir-rigward tad-dritt għal rimedju effettiv, sanċit fl-Artikolu 47 tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja, min-naħa l-oħra, osservat li d-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali fil-kuntest tal-imsemmi Artikolu 6(3) tad-Direttiva 92/43 jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 9(2) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi l-limiti tal-marġni ta' diskrezzjoni li għandhom l-Istati Membri fir-rigward tad-determinazzjoni tal-modalitajiet ta' rikors bil-għan li jiġi żgurat "aċċess wiesa' għall-ġustizzja għall-pubbliku kkonċernat".

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Artikolu 47 tal-Karta, ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 9(2) u (4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, sa fejn jistabbilixxi d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva f'kundizzjonijiet li jiżguraw aċċess wiesa' għall-ġustizzja, jipprekludi ċ-ċaħda tat-talba għall-ammissjoni tal-assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent bħala parti fil-proċedura minħabba l-għeluq tal-proċedura amministrattiva inkwistjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, li kieku l-imsemmija assoċjazzjoni kellha tiġi ammessa bħala parti fil-proċedura amministrattiva, hija kienet tkun tista' tipparteċipa b'mod iktar attiv fil-proċess deċiżjonali billi tressaq bl-iktar mod rilevanti l-argumenti tagħha dwar ir-riskji ta' ħsara għall-integrità tas-sit protett mill-proġett ikkunsidrat, li kien ikollhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali qabel l-awtorizzazzjoni u l-implementazzjoni ta' dan il-proġett. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, peress li l-kwalità ta' "parti fil-proċedura" hija indispensabbli sabiex ikun jista' jiġi ppreżentat rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni li jiġi awtorizzat proġett li jkun ser jiġi implementat f'sit protett, il-fatt li l-proċedura amministrattiva ta' awtorizzazzjoni tingħalaq qabel ma tingħata deċiżjoni dwar din it-talba għal ammissjoni jikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq tal-Karta u tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

Permezz tas-sentenza ***Borealis Polyolefine et*** (C-191/14, C-192/14, C-295/14, C-389/14 u C-391/14 sa C-393/14, EU:C:2016:311), mogħtija fit-28 ta' April 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar *il-validità tal-Artikolu 15(3) tad-Deċiżjoni 2011/278* [97]*, kif ukoll tal-Artikolu 4 u tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2013/448* [98]. Fil-kawżi prinċipali, diversi impriżi kienu kkontestaw il-validità tad-deċiżjonijiet nazzjonali ta' allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-perijodu bejn l-2013 u l-2020. Dawn id-deċiżjonijiet nazzjonali kienu jimplementaw il-

96| Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102), kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kunsill 2013/17/UE, tat-13 ta' Mejju 2013, li tadatta ċerti direttivi fil-qasam tal-ambjent, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja (ĠU L 158, p. 193).

97| Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE, tas-27 ta' April 2011, li tiddetermina regoli tranżitorji madwar l-Unjoni kollha għal allokazzjoni armonizzata mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 130, p. 1).

98| Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/448/UE, tal-5 ta' Settembru 2013, dwar miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali għall-allokazzjoni tranżizzjonali mingħajr ħlas ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 240, p. 27).

fattur ta' korrezzjoni transsettorjali uniformi previst fl-Artikolu 10a(5) tad-Direttiva 2003/87 [99], jiġifieri l-fattur ta' korrezzjoni applikat meta l-kwantità ta' kwoti mingħajr ħlas allokati b'mod provviżorju mill-Istati Membri tkun ikbar mill-kwantità massima ta' kwoti mingħajr ħlas iddeterminata mill-Kummissjoni. Insostenn tar-rikorsi tagħhom, ir-rikorrenti kienu qegħdin isostnu, b'mod partikolari, li d-Deċiżjonijiet 2011/278 u 2013/448, li jinkludu miżuri ta' implementazzjoni marbuta mad-Direttiva 2003/87, kienu parzjalment invalidi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi kkonstatat li d-Deċiżjoni 2011/278, li eskludiet it-teħid inkunsiderazzjoni tal-emissjonijiet tal-produtturi tal-elettriku għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-kwantità annwali massima ta' kwoti mingħajr ħlas, hija valida. Fil-fatt, mid-Direttiva 2003/87 jirriżulta li, għall-kuntrarju tal-emissjonijiet iġġenerati mill-installazzjonijiet industrijali, l-emissjonijiet iġġenerati mill-produtturi tal-elettriku qatt ma jittieħdu inkunsiderazzjoni għal dawn il-finijiet. It-trattament asimetriku tal-emissjonijiet inkwistjoni, li jillimita n-numru tal-kwoti disponibbli, huwa, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, konformi mal-għan prinċipali tad-Direttiva 2003/87 li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

Fir-rigward tal-validità tad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2013/448, li tiddetermina l-fattur ta' korrezzjoni transsettorjali uniformi għas-snin 2013 sa 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi, mill-kuntest tad-Direttiva 2003/87 u mill-għan segwit minnha, iddeduċiet li l-Kummissjoni, meta tistabbilixxi l-kwantità annwali massima ta' kwoti, hija obbligata tirreferi biss għall-emissjonijiet tal-installazzjonijiet inklużi fl-iskema tal-Unjoni b'effett mis-sena 2013. Issa, peress li l-Kummissjoni kienet ħadet inkunsiderazzjoni data minn ċerti Stati Membri dwar l-emissjonijiet iġġenerati minn attivitajiet ġodda ta' installazzjonijiet diġà suġġetti għall-iskema għall-iskambju ta' kwoti qabel l-2013, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li din l-inklużjoni fil-kalkolu tal-kwantità annwali massima ta' kwoti ma kinitx konformi mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87 u li l-fattur ta' korrezzjoni, iffissat permezz tal-Artikolu 4 u tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2013/448, kien ukoll kuntrarju għad-Direttiva. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 4 u l-Anness II tad-Deċiżjoni 2013/448 kienu invalidi.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja llimitat *ratione temporis* l-effetti tad-dikjarazzjoni ta' invalidità tagħha sabiex tieħu inkunsiderazzjoni r-riskju ta' konsegwenzi gravi fuq numru kbir ta' relazzjonijiet legali stabbiliti in bona fide u fuq l-għanijiet segwiti mid-Direttiva 2003/87.

# XIX. FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

Fir-rigward tal-ftehimiet internazzjonali, jistgħu jissemmew tliet sentenzi li kkonċernaw ftehimiet ta' assoċjazzjoni differenti.

Fis-sentenza ***Genc*** (C-561/14, EU:C:2016:247), tat-12 ta' April 2016, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja kellha tinterpreta *l-klawżola ta' "standstill" li tinsab fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija Nru 1/80* [100] *li tipprojbixxi lill-Istati Membri u lit-Turkija milli jintroduċu restrizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-impjieg tal-ħaddiema u tal-membri tal-familja tagħhom li jinsabu fit-territorju rispettiv tagħhom b'mod regolari.* Fil-kawża prinċipali, wild minuri, ċittadin Tork residenti fit-Turkija, li missieru, ċittadin

99 | Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 631), kif emendata bid-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009 (ĠU L 140, p. 63).

100 | Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni Nru 1/80, tad-19 ta' Settembru 1980, dwar l-iżvilupp tal-assoċjazzjoni, u mehmuża mal-Ftehim dwar il-ħolqien ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, iffirmat, fit-12 ta' Settembru 1963, f'Ankara mir-Repubblika tat-Turkija, minn naħa, kif ukoll mill-Istati Membri tal-KEE u mill-Komunità, min-naħa l-oħra, u li ġie konkluż, approvat u kkonfermat f'isem din tal-aħħar permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 64/732/KEE, tat-23 ta' Diċembru 1963 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 11, p. 10).

Tork ukoll, kellu permess ta' residenza għal żmien indeterminat fid-Danimarka u li kien jirrisjedi fid-Danimarka b'mod permanenti bħala ħaddiem impjegat, kien ippreżenta applikazzjoni għal permess ta' residenza. Din l-applikazzjoni ġiet miċħuda mill-awtoritajiet Daniżi fuq il-bażi ta' dispożizzjoni nazzjonali introdotta wara d-data tad-dħul fis-seħħ fid-Danimarka tad-Deċiżjoni Nru 1/80 101. Skont din id-dispożizzjoni, għall-finijiet tar-riunifikazzjoni tal-familja, il-wild minuri għandu jippreżenta rabta suffiċjenti fl-Istat, li ma jkunx il-każ jekk l-applikazzjoni tiġi ppreżentata wara perijodu ta' xahrejn li jiddekorri mid-data tal-għoti tal-permess ta' residenza lill-ġenitur.

Filwaqt li għamlet riferiment għall-interpretazzjoni mogħtija fis-sentenza *Dogan* [102], il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru li tagħmel riunifikazzjoni tal-familja iktar diffiċli billi tagħmel iktar onerużi l-kundizzjonijiet għall-ammissjoni inizjali tal-ulied minuri ta' ċittadini Torok residenti f'dan l-Istat Membru bħala ħaddiema, meta mqabbla ma' dawk applikabbli meta daħlet fis-seħħ id-Deċiżjoni Nru 1/80, u li, għaldaqstant, hija ta' natura li taffettwa l-eżerċizzju ta' attività ekonomika minn dawn iċ-ċittadini Torok fl-imsemmi Stat Membru, tikkostitwixxi restrizzjoni ġdida għall-eżerċizzju minn dawn iċ-ċittadini tal-moviment liberu tal-ħaddiema.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, huwa minnu li l-għan ta' integrazzjoni b'suċċess tal-wild minuri jista' jikkostitwixxi raġuni imperattiva ta' interess ġenerali li tista' tiġġustifika l-adozzjoni ta' tali miżura. B'dan premess, il-fatt li l-kundizzjoni ta' rabta suffiċjenti fil-pajjiż ospitanti ma tiġix evalwata fuq il-bażi tas-sitwazzjoni personali tal-ulied iżda fuq il-bażi ta' kriterju li ma huwiex marbut mal-possibbiltajiet ta' integrazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat, bħalma huwa l-perijodu bejn l-għoti ta' permess ta' residenza definittiv lill-ġenitur ikkonċernat u d-data li fiha tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja, jista' jwassal għal diskriminazzjonijiet mhux iġġustifikati fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni.

Permezz tas-sentenza ***SECIL*** (C-464/14, EU:C:2016:896), mogħtija fl-24 ta' Novembru 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità tagħti deċiżjoni dwar *l-applikabbiltà konkurrenti tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE u ta' ftehimiet Ewro-Mediterranji ta' assoċjazzjoni, jiġifieri l-Ftehimiet KE-Tuneżija* [103] *u KE-Libanu* [104], *intiżi, b'mod partikolari, li jiffissaw il-kundizzjonijiet tal-liberalizzazzjoni progressiva tal-kummerċ fil-kapital*. Fil-kuntest ta' tilwima bejn kumpannija residenti fil-Portugall u l-awtoritajiet fiskali Portugiżi, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tirrispondi, b'mod partikolari, għall-kwistjoni ta' jekk leġiżlazzjoni fiskali li tipprovdi li tali kumpannija tista', taħt ċerti kundizzjonijiet, tnaqqas mill-valur taxxabbli tagħha d-dividendi li tirċievi minn kumpannija residenti f'dan l-Istat Membru iżda mhux dawk li tirċievi minn kumpannija residenti fit-Tuneżija jew fil-Libanu, tmurx kontra ż-żewġ ftehimiet iċċitati iktar 'il fuq kif ukoll l-Artikoli 63 sa 65 TFUE.

Wara li eżaminat is-suġġett u l-għan tal-imsemmija ftehimiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Artikolu 34 tal-Ftehim KE-Tuneżija u l-Artikolu 31 tal-Ftehim KE-Libanu, dwar il-moviment liberu tal-kapital, għandhom effett dirett. Il-Qorti tal-Ġustizzja mbagħad ikkonstatat li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tista' tiddisswadi lill-kumpanniji residenti fil-Portugall milli jinvestu l-kapital tagħhom f'kumpanniji stabbiliti fi Stati terzi, bħalma huma r-Repubblika tat-Tuneżija u r-Repubblika Libaniża, u tikkostitwixxi, għaldaqstant, restrizzjoni, li bħala

101 | L-Artikolu 9(13) tal-Liġi Daniża dwar il-barranin, introdott permezz tal-Liġi Nru 427, tad-9 ta' Ġunju 2004..

102 | Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Lulju 2014, ***Dogan*** (C-138/13, EU:C:2014:2066).

103 | Ftehim Ewro-Mediterranju li jwaqqaf assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa, u r-Repubblika tat-Tuneżija, fuq in-naħa l-oħra, iffirmat fi Brussell fis-17 ta' Lulju 1995 u approvat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar bid-Deċiżjoni 98/238/KE, KEFA tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, tas-26 ta' Jannar 1998 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 28, p. 187).

104 | Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Libanu, min-naħa l-oħra, iffirmat fil-Lussemburgu fis-17 ta' Ġunju 2002 u approvat f'isem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/356/KE, tal-14 ta' Frar 2006 (ĠU 2006, L 294M, p. 168).

prinċipju hija pprojbita, għall-moviment liberu tal-kapital, u dan mhux biss skont l-Artikolu 63 TFUE iżda wkoll skont id-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq tal-imsemmija ftehimiet.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li tali restrizzjoni tista' tkun iġġustifikata permezz ta' raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali misluta mill-ħtieġa li tiġi żgurata l-effikaċja tal-kontrolli fiskali. Dan jista' jkun il-każ meta jirriżulta impossibbli, għall-awtoritajiet fiskali tal-Istat Membru kkonċernat, li jiksbu informazzjoni mill-Istat terz li tippermetti li jiġi vverifikat li huma ssodisfatti l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għat-tnaqqis tad-dividendi li tirċievi kumpannija residenti f'dan l-Istat Membru. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li r-rifjut li jingħata t-tnaqqis parzjali, li, bħala prinċipju, huwa applikabbli meta d-dħul joriġina minn profitti li ma kinux effettivament ġew intaxxati, ma jistax jiġi ġġustifikat permezz tal-ħtieġa li tiġi żgurata l-effikaċja tal-kontrolli fiskali, filwaqt li dan it-tnaqqis parzjali jista' jiġi applikat f'sitwazzjonijiet fejn l-issuġġettar għat-taxxa tal-kumpannija li tqassam dawn il-profitti, fl-Istat fejn hija residenti, ma jkunx jista' jiġi vverifikat.

Fir-rigward tal-possibbiltà, stabbilita fl-Artikolu 64(1) TFUE, li Stat Membru jkompli japplika, fir-relazzjonijiet ma' Stati terzi, restrizzjonijiet fuq ċerti movimenti ta' kapital li jmorru kontra l-Artikolu 63 TFUE sa fejn dawn kienu diġà fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 1993, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li din il-kundizzjoni temporali teżiġi li l-kuntest ġuridiku li minnu tagħmel parti r-restrizzjoni inkwistjoni kien parti mill-ordinament ġuridiku tal-Istat Membru kkonċernat mingħajr interruzzjoni sa minn dik id-data. Li kieku dan ma kienx il-każ, Stat Membru jkun jista', f'kull mument, jintroduċi mill-ġdid restrizzjonijiet għall-moviment ta' kapital lejn jew minn Stati terzi li kienu jeżistu fl-ordinament ġuridiku nazzjonali fil-31 ta' Diċembru 1993 iżda li ma kinux inżammu. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li Stat Membru jirrinunzja għall-possibbiltà prevista fl-Artikolu 64(1) TFUE meta, mingħajr ma jħassar jew jemenda formalment il-leġiżlazzjoni eżistenti, jikkonkludi ftehim internazzjonali, bħalma huwa ftehim ta' assoċjazzjoni, li jipprevedi, f'dispożizzjoni li għandha effett dirett, liberalizzazzjoni ta' kategorija ta' kapital prevista fl-Artikolu 64(1) TFUE. Għaldaqstant, tali emenda tal-kuntest ġuridiku għandha tiġi assimilata, fir-rigward tal-effetti tagħha fuq il-possibbiltà li jiġi invokat l-Artikolu 64(1) TFUE, mal-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida, ibbażata fuq loġika differenti minn dik tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

Permezz tas-sentenza ***Il-Kunsill vs Front Polisario*** (C-104/16 P, EU:C:2016:973), mogħtija fil-21 ta' Diċembru 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, laqgħet l-appell ippreżentat mill-Kunsill mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali [105] li annullat parzjalment *id-Deċiżjoni 2012/497* [106] *li tapprova, f'isem l-Unjoni, il-Ftehim ta' liberalizzazzjoni UE-Marokk li jemenda l-Ftehim ta' assoċjazzjoni preċedenti* [107] *u, b'mod iktar preċiż, id-dispożizzjonijiet dwar il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fi prodotti tal-agrikoltura u tas-sajd.* Ir-rikorrent kien il-Front Polisario, organizzazzjoni li l-għan tagħha huwa li tikseb l-indipendenza tas-Saħara tal-Punent u li tikkontrolla parti żgħira minnu b'popolazzjoni żgħira ħafna, bil-parti l-kbira tiegħu kkontrollata attwalment mill-Marokk.

Fir-rigward tal-ammissibbiltà tar-rikors għal annullament, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, minn naħa, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball meta ddeċidiet li l-ftehim ta' liberalizzazzjoni kien japplika għas-Saħara tal-Punent u,

105 | Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Diċembru 2015, ***Front Polisario vs Il-Kunsill*** (T-512/12, EU:T:2015:953).

106 | Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/497/UE, tat-8 ta' Marzu 2012, dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jittratta miżuri reċiproċi ta' liberalizzazzjoni fuq il-prodotti agrikoli, il-prodotti agrikoli pproċessati, il-ħut u l-prodotti tas-sajd, is-sostituzzjoni tal-Protokolli Nri 1, 2 u 3 u tal-annessi tagħhom u l-emendi għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (ĠU 2012, L 241, p. 2).

107 | Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, iffirmat fi Brussell, fis-26 ta' Frar 1996 u approvat f'isem l-imsemmija Komunitajiet permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2000/204/KE, KEFA, tal-24 ta' Jannar 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 33, p. 175).

min-naħa l-oħra, li l-Front Polisario ma setax jitqies li kellu *locus standi*. Għaldaqstant, ir-rikors għal annullament tiegħu kellu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Ftehim ta' assoċjazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Qorti Ġenerali kienet meħtieġa tieħu inkunsiderazzjoni mhux biss ir-regola ta' interpretazzjoni *in bona fide* stabbilita fl-Artikolu 31(1) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna [108], iżda wkoll, f'dan il-każ, il-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni, ir-regola konswetudinarja kkodifikata fl-Artikolu 29 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna, li tipprovdi li ftehim jorbot lil kull parti biss fir-rigward tat-"territorju tagħha", sakemm ma jkunx hemm intenzjoni differenti espressa b'mod espliċitu, u l-prinċipju ta' effett relattiv tat-Trattati. Issa, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dawn ir-regoli u prinċipji jipprekludu li s-Saħara tal-Punent jitqies li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-Ftehim ta' assoċjazzjoni peress li l-implementazzjoni ta' dan il-ftehim f'dan it-territorju kienet teħtieġ il-kunsens tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, bħala "terzi" għal dan il-ftehim. Issa, mis-sentenza appellata ma jirriżultax li kien hemm tali kunsens.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-Ftehim ta' assoċjazzjoni u l-Ftehim ta' liberalizzazzjoni jikkostitwixxu trattati suċċessivi u li t-tieni wieħed għandu jitqies li huwa suġġett għall-ewwel wieħed, fis-sens tal-Artikolu 30(2) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna. Fid-dawl ta' din ir-rabta, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni li ma ġewx emendati espliċitament permezz tal-Ftehim ta' liberalizzazzjoni għandhom jingħataw prijorità fuq dan tal-aħħar għall-finijiet tal-applikazzjoni tiegħu, sabiex b'hekk tiġi evitata kwalunkwe inkompatibbiltà bejniethom. Għaldaqstant, il-Ftehim ta' liberalizzazzjoni ma setax jinftiehem, fil-mument tal-konklużjoni tiegħu, bħala li jinkludi t-territorju tas-Saħara tal-Punent fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, din l-evalwazzjoni ma hijiex ikkontestata mill-eżistenza ta' prassi sussegwenti għall-konklużjoni tal-Ftehim ta' assoċjazzjoni li tinvolvi l-applikazzjoni, *de facto* u għal diversi snin, mill-awtoritajiet tal-Marokk, tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' assoċjazzjoni għas-Saħara tal-Punent.

# XX. POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI

Fis-sentenza ***National Iranian Oil Company vs Il-Kunsill*** (C-440/14, EU:C:2016:128), mogħtija fl-1 ta' Marzu 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ikkonfermat, fl-appell, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali [109] li tiċħad ir-rikors għal annullament ippreżentat minn impriża pubblika Iranjana li topera fis-settur taż-żejt u tal-gass kontra *diversi deċiżjonijiet ta' ffriżar ta' fondi meħuda mill-Kunsill u applikati minħabba l-fatt li l-impriża kkonċernata kienet miżmuma u operata mill-Istat Iranjan u kienet tipprovdi riżorsi finanzjarji lill-gvern ta' dan l-Istat.* Fl-appell tagħha, l-impriża Iranjana sostniet, b'mod partikolari, li l-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' liġi meta aċċettat li l-Kunsill seta' leġittimamemt jirriżerva, fir-regolament tiegħu dwar l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi fil-konfront tal-Iran, il-kompetenza li jadotta huwa stess ir-regolament ta' implementazzjoni li jimponi l-iffriżar ta' fondi inkwistjoni. L-appellanti kkontestat ukoll is-sentenza tal-Qorti Ġenerali sa fejn ikkonfermat li l-Kunsill seta' jimponi l-iffriżar ta' fondi fuq il-bażi tal-kriterju legali mislut mill-fatt li jingħata appoġġ lill-Gvern Iranjan.

Filwaqt li ċaħdet l-appell tal-appellanti, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, għalkemm b'mod ġenerali hija l-Kummissjoni li timplementa r-regolamenti tal-Kunsill, dan tal-aħħar jista' jirriżerva l-implementazzjoni tar-regolamenti tiegħu stess f'każijiet speċifiċi li jkunu debitament iġġustifikati. F'dan il-każ, il-Kunsill kien irriżerva l-kompetenza sabiex jadotta l-iktar miżuri restrittivi sensittivi, jiġifieri l-listi tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li l-fondi tagħhom għandhom jiġu ffriżati. Peress li tali ffriżar ta' fondi għandu impatt negattiv kunsiderevoli fuq il-ħajja u fuq l-attivitajiet ekonomiċi tal-persuni kkonċernati u għandu jiġi adottat f'termini qosra u skont

108 | Konvenzjoni ta' Vjenna fuq il-liġi dwar it-trattati, tat-23 ta' Mejju 1969 (Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, Vol. 1155, p. 331).

109 | Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Lulju 2014, ***National Iranian Oil Company vs Il-Kunsill*** (T-578/12, EU:T:2014:678).

proċeduri li l-Kunsill jinsab fl-aħjar pożizzjoni sabiex jiżgura l-koerenza u l-koordinazzjoni tagħhom, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Kunsill seta' raġonevolment iqis li l-miżuri restrittivi inkwistjoni kellhom natura speċifika li kienet tiġġustifika li jirriżerva l-kompetenza fir-rigward tal-implementazzjoni tagħhom.

Fir-rigward tal-kriterju ta' identifikazzjoni tal-persuni suġġetti għall-miżuri ta' ffriżar ta' fondi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Qorti Ġenerali interpretat b'mod korrett l-iżvilupp tal-imsemmi kriterju. F'dan ir-rigward, hija enfasizzat li, kif iddeċidiet korrettament il-Qorti Ġenerali, il-Kunsill seta' jestendi, b'effett mill-2012, l-imsemmi kriterju ta' identifikazzjoni billi jinkludi l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li, minkejja li ma għandhom ebda rabta diretta jew indiretta mal-proliferazzjoni nukleari, setgħu jiffavorixxuha billi jipprovdu lill-Gvern Iranjan riżorsi jew faċilitajiet li jippermettulu jsegwi l-attivitajiet ta' proliferazzjoni tiegħu.

Fis-sentenza ***H vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni*** (C-455/14, EU:C:2016:569), tad-19 ta' Lulju 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat id-digriet tal-Qorti Ġenerali [110] li permezz tiegħu din tal-aħħar iddikjarat *li ma kellhiex ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta' rikors ippreżentat minn maġistrat Taljana, ikkollokata mal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea (EUPM) f'Sarajevo, intiż għall-annullament ta' żewġ deċiżjonijiet tal-EUPM li jipprevedu l-assenjazzjoni mill-ġdid tagħha f'uffiċċju reġjonali ta' din il-missjoni.* Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti sostniet b'mod partikolari li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi meta ddikjarat li ma kellhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi r-rikors tagħha.

L-ewwel nett, u wara li fakkret li, bħala prinċipju, ma għandhiex ġurisdizzjoni fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mal-PESK, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-deċiżjonijiet kontenzjużi jikkonċernaw azzjoni operattiva tal-Unjoni adottata u mwettqa fil-kuntest tal-PESK. Issa, tali fatt ma jistax iwassal neċessarjament sabiex tiġi eskluża l-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni f'dan il-każ. Fil-fatt, minn naħa, il-qrati tal-Unjoni għandhom ġurisdizzjoni, konformement mal-Artikolu 270 TFUE, sabiex jiddeċiedu dwar kull rikors ippreżentat mill-membri tal-persunal tal-Unjoni li jkunu ġew ikkollokati mal-EUPM. Min-naħa l-oħra, mid-Deċiżjoni 2009/906 111 jirriżulta li l-membri tal-persunal ikkollokati mill-Istati Membri u dawk ikkollokati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni huma suġġetti għall-istess regoli fir-rigward tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom "fuq il-post". Għaldaqstant, il-limitazzjoni li tidderoga mill-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-PESK ma tistax teskludi l-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tistħarreġ l-atti ta' ġestjoni tal-persunal li jikkonċernaw lill-membri tal-persunal ikkollokati mill-Istati Membri li jkunu intiżi li jwieġbu għall-ħtiġijiet ta' missjoni fuq il-post. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali u, fil-kuntest ta' appell, il-Qorti tal-Ġustizzja, għandhom ġurisdizzjoni sabiex jistħarrġu tali atti.

110 | Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Lulju 2014, ***H vs Il-Kunsill et*** (T-271/10, EU:T:2014:702).

111 | Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/906/PESK, tat-8 ta' Diċembru 2009, dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-[Bosnja-Ħerzegovina] (ĠU L 322, p. 22).

# C | ATTIVITÀ TAR-REĠISTRU TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA FL-2016

Minn **Timothy MILLETT**, assistent reġistratur

L-attivitajiet prinċipali tar-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja huma dawk li jippermettu t-twettiq tat-tliet missjonijiet essenzjali fdati lilha mit-Trattati li jirregolawh.

Ir-reġistru, li huwa inkarigat mir-Regoli tal-Proċedura li jirċievi, jibgħat u jżomm id-dokumenti kollha, jiżgura, qabel kollox, l-iżvolġiment korrett tal-proċeduri u ż-żamma tal-proċessi tal-kawżi li jitressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, mill-preżentata tar-rikors promotur fil-kotba tar-reġistru, san-notifika tad-deċiżjoni li tagħlaq l-istanza lill-partijiet ikkonċernati.

Fl-eżerċizzju ta' din l-ewwel missjoni – u matulha –, ir-reġistru jżomm barra minn hekk il-kuntatti neċessarji mar-rappreżentanti tal-partijiet, kif ukoll ma' terzi, fir-rigward tal-kawżi pendenti jew magħluqa, u dan fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea.

Fl-aħħar nett, ir-reġistru jassisti lill-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-funzjonijiet kollha tal-missjoni tagħhom. Din l-assistenza tissarraf, ovvjament, fit-trattament tal-kwistjonijiet numerużi ta' natura proċedurali li jitqajmu matul il-ħajja ta' kawża, kif ukoll bil-parteċipazzjoni attiva tal-membri tar-reġistru fis-seduti tal-Qorti tal-Ġustizzja u fil-laqgħat amministrattivi tal-awli tagħha, iżda wkoll fl-involviment minn dawk responsabbli fix-xogħlijiet fid-diversi kumitati u, b'mod partikolari, fil-kumitat responsabbli għall-eżami tal-emendi li jsiru lill-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u lir-Regoli tal-Proċedura tagħha.

Dan li jsegwi huwa intiż li jagħti ħarsa statistika qasira tal-attività ġudizzjarja fis-sena li għadha kif għaddiet u, għaldaqstant, li jispjega wkoll lill-qarrej l-attività tar-reġistru fir-rigward tat-tliet missjonijiet imsemmija hawn fuq.

## I. ĦARSA STATISTIKA QASIRA LEJN L-ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA FL-2016

Kif jirriżulta minn dak li ntqal hawn fuq, l-attività tar-reġistru hija influwenzata direttament min-numru ta' kawżi li jitressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja – li fuqu ma għandha ebda kontroll – kif ukoll, f'livell minuri, min-numru ta' kawżi magħluqa mill-qorti. Issa, bħal fl-2015, is-sena li għalqet rat attività intensa, li tixhed kemm il-vitalità tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-importanza li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti lill-qtugħ imħaffef tal-kawżi mressqa quddiemha.

*Il-kawżi mressqa*

Fl-2016, tressqu 692 kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. In-numru ta' kawżi ġodda għaldaqstant laħaq livell ftit inqas mis-sena ta' qabel, li kienet laħqet in-numru rekord ta' 713-il kawża mressqa, imma dak li ma jidhirx minn qari tat-tabelli li jsegwu huwa l-firxa ta' dawn il-kawżi skont in-natura tar-rikors. Fost is-692 kawża mressqa fl-2016, mhux inqas minn 470 kawża kienet fil-fatt talba għal deċiżjoni preliminari, ċifra li kważi tilħaq is-70 % tal-kawżi kollha mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'din is-sena. Qatt, fl-istorja tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma kien intlaħaq numru ta' domandi preliminari daqshekk għoli. Bi 35 kawża, in-numru tar-rikorsi diretti (għal annullament, għal nuqqas li tittieħed azzjoni jew ta' twettiq ta' obbligu) niżel min-naħa l-oħra f'livell storikament baxx, filwaqt li b'175 kawża, in-numru tal-appelli (għall-kategoriji kollha) niżel ftit minħabba, parzjalment, in-numru ta' kawżi magħluqa mill-Qorti Ġenerali li sabet ruħha f'sitwazzjoni partikolari fl-2016

(tluq u wasla ta' numru kbir ta' membri marbuta b'mod partikolari mal-bidla fl-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea).

Barra min-numru, partikolarment għoli, tat-talbiet għal domandi preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fl-2016, huwa ta' interess li wieħed jirrileva l-provenjenza. B'eċċezzjoni waħda, il-qrati tal-Istati Membri kollha fil-fatt ressqu talba lill-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jissottomettu lilha domandi dwar l-interpretazzjoni jew il-validità tad-dritt tal-Unjoni. Din it-tendenza tirrifletti l-importanza dejjem tikber ta' din il-proċedura mhux biss fl-istati li, għal żmien twil, ilhom membri tal-Unjoni Ewropea (numru kbir ta' rinviji mwettqa fl-2016 joriġinaw fil-fatt mill-Ġermanja, mill-Italja jew minn Spanja), imma wkoll fl-istati li daħlu iktar reċentement, fl-2004, fl-2007 jew fl-2013. Mhux inqas minn 18-il rinviju twettaq mill-qrati Bulgari b'dan il-mod fl-2016, filwaqt li 19-il talba għal deċiżjoni preliminari tressqet mill-qrati Pollakki, ħaġa li tikkostitwixxi l-ogħla numru mill-Polonja f'sena waħda minn mindu dan il-pajjiż aderixxa mal-Unjoni Ewropea fl-2004. Barra minn hekk, huwa interessanti li jiġi rrilevat li minkejja l-inċertezzi numerużi marbuta mar-riżultat tar-referendum tat-23 ta' Ġunju 2016, il-qrati Britanniċi ressqu talba għal 23 darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja matul is-sena li għaddiet, ħaġa li tikkostitwixxi l-ogħla numru ta' talbiet għal domandi preliminari provenjenti mir-Renju Unit mill-2011.

Fl-aħħar nett, f'dak li jirrigwarda s-suġġetti sottomessi għall-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2016, wieħed jista' jinnota, għal darba oħra, id-diversità kbira tagħhom. Bħal fl-2015, l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, it-taxxa, u l-proprjetà intellettwali u industrijali ħadu l-ewwel tliet postijiet, għalkemm, din id-darba, kien hemm qabża kbira tal-kawżi tal-ewwel kategorija (76 kawża dwar l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja kontra 52, fis-sena ta' qabel), li għaliha kkontribwixxiet ħafna l-kriżi tal-immigrazzjoni u l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jaffaċċjawha. B'39 kawża ġdida mressqa fl-2016, l-għajnuna mill-istat kienet ukoll parti mhux ta' min jittraskuraha tax-xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja, bħad-dritt tal-kompetizzjoni, il-politika soċjali, l-ambjent jew it-trasport.

*Il-kawżi magħluqa*

Għalkemm in-numru ta' kawżi mressqa fl-2016 naqas ftit, in-numru ta' kawżi magħluqa, min-naħa l-oħra, żdied ħafna għaliex il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet mhux inqas minn 704 kawża fl-2016, ħaġa li tfisser żieda ta' iktar minn 14 % meta mqabbla mal-2015 (li matulha kienu nqatgħu 616-il kawża). Il-parti l-kbira ta' dawn il-kawżi hija kkostitwita mid-domandi preliminari u mill-appelli li jikkostitwixxu, flimkien, iktar minn 90 % tal-kawżi maqtugħa mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-2016.

F'dak li jirrigwarda l-metodu ta' kif inqatgħu dawn il-kawżi, żewġ elementi jistħoqqilhom attenzjoni partikolari. Dawn huma, minn naħa, in-numru ta' kawżi maqtugħa b'konklużjonijiet, u, min-naħa l-oħra, iż-żieda sinjifikattiva tan-numru ta' digrieti ta' natura ġudizzjarja.

Matul is-sena 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja tat fil-fatt 412-il sentenza, li minnhom mhux inqas minn 271 (jew 66 % tan-numru totali tas-sentenzi) kellhom qabel konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali. Biex wieħed iqabbel, in-numru tal-kawżi maqtugħa bil-konklużjonijiet kien wasal "biss", fl-2015, sa 57 % tan-numru tas-sentenzi mogħtija matul din is-sena.

Fir-rigward tad-digrieti, huma wkoll qed jiżdiedu b'mod ċar għaliex il-Qorti tal-Ġustizzja adottat, fl-2016, barra 4 digrieti għal proċeduri sommarji, mhux inqas minn 232 digriet li jaqta' l-istanza. Biex wieħed iqabbel, in-numru ta' dawn id-digrieti tela' għal 171 kawża fl-2015. Din iż-żieda tispjega ruħha, essenzjalment, minn użu ikbar tal-istrumenti previsti mir-Regoli tal-proċedura sabiex jitħaffef it-trattament tal-kawżi u, b'mod partikolari, bil-possibbiltà, prevista fl-Artikolu 99 ta' dawn ir-regolamenti, li tinqata' kawża permezz ta' digriet motivat fuq id-domandi preliminari magħmula meta dawn id-domandi jkunu identiċi għal dawk li għalihom il-Qorti tal-Ġustizzja tkun diġà tat deċiżjoni, meta r-risposta għal dawn id-domandi tkun tista' raġonevolment

tiġi dedotta mill-ġurisprudenza jew meta din ir-risposta ma tagħti lok għal ebda dubju raġonevoli. Fl-2016, total ta' 55 kawża (kontra 37 fl-2015) inqatgħet b'dan il-mod fuq il-bażi ta' din id-dispożizzjoni.

Bl-istess mod, il-qasam tal-appelli, mhux inqas minn 89 kawża nqatgħet – kważi nofs in-numru totali tal-appelli magħluqa fl-2016 (189) – fuq il-bażi tal-Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura, dispożizzjoni li tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni permezz ta' digriet motivat meta l-appell, prinċipali jew inċidentali, imressaq quddiemha jkun, parzjalment jew kollu kemm hu, manifestament inammissibbli jew manifestament infondat. Fl-2015, dan in-numru kien biss ta' 57 kawża.

*It-tul tal-proċeduri*

Il-fatturi indikati flimkien jispjegaw, parzjalment, il-bilanċ pożittiv ħafna tas-sena li għadha kemm għaddiet f'dak li jirrigwarda t-tul tal-proċeduri. It-tul medju tat-trattament tal-kawżi dwar domandi preliminari fil-fatt tela' għal ħmistax-il xahar, ċifra li kienet diġà ntlaħqet fl-2014 u li tikkostitwixxi l-iqsar tul irreġistrat għal iktar minn tletin sena. It-tul tal-proċeduri żdied ftit għat trattament tar-rikorsi diretti (19.3 xhur), imma naqas f'dak li jirrigwarda t-trattament tal-appelli. Fl-2016, dan it-tul fil-fatt sar 12.9 xhur, li jikkostitwixxi, hawn ukoll, l-iktar tul baxx li qatt ma ġie rreġistrat minn mindu ġiet stabbilita l-Qorti Ġenerali.

Dan it-tnaqqis tat-tul tat-trattament tal-appelli huwa spjegat, fil-parti l-kbira, mill-approċċ ġdid adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja, fl-2016, fit-trattament tal-appelli mressqa fil-qasam tal-aċċess għad-dokumenti, tal-kuntratti pubbliċi kif ukoll tal-proprjetà intellettwali u industrijali. Meta l-Qorti tal-Ġustizzja tqis fil-fatt li appell imressaq f'wieħed minn dawn it-tliet oqsma għandu jiġi miċħud skont l-Artikolu 181 tar-Regoli tal-Proċedura, hija saret tinkorpora, fid-digriet tagħha, l-analiżi żviluppata mill-avukat ġenerali assenjat lill-kawża mingħajr ma tiżviluppa iktar il-motivi u l-argumenti mqajma mill-partijiet, ħaġa li tikkontribwixxi għat-tnaqqis sinjifikattiv tat-tul tal-istanza.

Għall-kompletezza, wieħed jinnota fl-aħħar nett li l-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet, fl-2016, taqta' numru kbir ta' talbiet għal proċedura mħaffa jew ta' proċedura preliminari b'urġenza u li hija laqgħet dawn it-talbiet f'numru sinjifikattiv minnhom. Minn tnax-il talba għal domanda preliminari b'urġenza li saret fl-2016, l-awla maħtura laqgħet tnax minnhom, filwaqt li l-proċedura mħaffa ġiet applikata 4 darbiet (tliet darbiet fil-fażi preliminari u darba fl-appell). Iż-żmien meħud għat-trattament ta' dawn il-kawżi baqa' sodisfaċenti ħafna, b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt li din il-kategorija ta' kawżi issa tibbenefika wkoll mill-konklużjonijiet: 2.7 xhur bħala medja għat-trattament tal-kawżi suġġetti għall-proċedura preliminari b'urġenza u 4 xhur għat-trattament tal-kawżi preliminari suġġetti għall-proċedura mħaffa. Bħal fl-2015, 7 kawżi barra minn hekk ġew suġġetti mill-Qorti tal-Ġustizzja għal trattament prijoritarju.

*Il-kawżi pendenti*

Fil-31 ta' Diċembru 2016, in-numru ta' kawżi pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kien ta' 872 kawża (824, wara t-tagħqid), li huwa numru ftit inqas min-numru ta' kawżi pendenti fl-aħħar tas-sena 2015 (884 kawża).

# II. KOMUNIKAZZJONI MAL-PARTIJIET U MA' TERZI

Rifless fidil tal-attività ġudizzjarja intensa li twettqet matul is-sena li għaddiet, il-kuntatti tar-reġistru mar-rappreżentanti tal-partijiet u, fejn kien il-każ, ma' terzi, dwar il-kawżi pendenti jew magħluqa, saru iktar intensi fl-2016 u dan jidher, b'mod partikolari, fin-numru jikber ta' dokumenti proċedurali rreġistrati fil-kotba tar-reġistru, kif ukoll in-numru ta' seduti. Minn 256 fl-2015, in-numru ta' seduti għat-trattazzjoni b'hekk tela' għal 270 fl-2016, filwaqt li n-numru ta' seduti għall-konklużjonijiet laħaq 319 fl-2016, żieda ta' 33 % meta mqabbel mas-sena ta' qabel.

L-organizzazzjoni ta' kull waħda minn dawn is-seduti tfisser volum ta' xogħol kunsiderevoli għar-reġistru kif ukoll għad-dipartiment tal-interpretazzjoni tal-istituzzjoni, liema xogħol jiġi assistit, fortunatament, minn użu iktar qawwi ta' applikazzjonijiet informatiċi.

F'dan ir-rigward, għandu jinsilet bilanċ pożittiv ħafna tal-ħames sena sħiħa tal-funzjonament tal-applikazzjoni e-Curia, applikazzjoni komuni għaż-żewġt iqrati li jifformaw l-istituzzjoni u li tippermetti l-preżentata u n-notifika ta' atti proċedurali b'mezzi elettroniċi. Barra mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u numru jikber ta' aġenti u avukati, l-Istati Membri kollha għandhom kont ta' aċċess għal din l-applikazzjoni, li permezz tagħha għaddew iktar minn 75 % tal-preżentati mwettqa fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-2016. Dan ifisser li, f'kuntest ta' volum ta' xogħol dejjem jikber, din l-applikazzjoni hija element importanti ta' titjib tal-produttività tal-qrati, u fl-istess ħin tgħin sabiex tnaqqas it-tul tal-proċeduri (u tal-ispejjeż ta' spedizzjoni) kif ukoll ta' protezzjoni tal-ambjent.

Fuq livell informatiku, is-sena 2016 rat ukoll il-pubblikazzjoni iktar imħaffa tal-pubblikazzjoni tal-ġurisprudenza u titjib tal-funzjonalitajiet offruti lill-utenti. Filwaqt li qabel din kienet tiġi ppubblikata fil-forma ta' faxxikoli kull xahar, li kienu jiġbru d-deċiżjonijiet kollha mogħtija mill-qrati tal-Unjoni matul xahar speċifiku, il-Ġabra diġitali tal-Ġurisprudenza mil-lum 'il quddiem timtela u tiġi ppubblikata kontinwament, hekk kif jingħataw id-deċiżjonijiet mill-Qorti tal-Ġustizzja u mill-Qorti Ġenerali. Din il-bidla fir-ritmu tal-pubblikazzjoni – li bdiet fl-1 ta' Novembru 2016 u talbet sforzi organizzattivi kbar min-naħa ta' dawk kollha involuti fil-proċess ta' pubblikazzjoni tal-ġurisprudenza kemm fl-istituzzjoni kif ukoll barra minnha – toffri vantaġġi kunsiderevoli għall-partijiet fil-kawża għaliex tippermetti mhux biss tqegħid għad-dispożizzjoni f'qasir żmien tal-ġurisprudenza, fil-lingwi kollha li jkunu disponibbli, imma tagħti barra minn hekk possibbiltajiet aħjar ta' riċerka għaliex id-deċiżjonijiet ippubblikati fil-Ġabra jinkludu hyperlinks li jwasslu direttament lill-punti rilevanti tad-deċiżjonijiet jew tal-atti leġiżlattivi ċċitati f'dawn id-deċiżjonijiet.

Fl-aħħar nett, ta' min jingħad li, bħal fil-passat, ir-reġistru baqa' jirċievi, matul l-2016, talbiet numerużi ta' kull tip, mhux marbuta ma' kwistjonijiet ġudizzjarji, li kellha tittratta direttament jew b'kollaborazzjoni tad-Direttorat tal-komunikazzjoni. Il-volum ta' xogħol marbut mat-trattament ta' dawn it-talbiet, li jaslu, fl-eluf, għand ir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-lingwi uffiċjali kollha u fl-iktar forom diversi (posta, messaġġi elettroniċi jew telefonati) ma għandux jiġi ttraskurat. Huwa jimplika, fil-fatt, analiżi ddettaljata ta' kull talba mibgħuta lill-Qorti tal-Ġustizzja, li warajha tinħeba, xi kultant, kawża vera.

# III. ASSISTENZA LILL-MEMBRI TAL-QORTI

Hekk kif issemma fil-bidu ta' dan il-kontribut, ir-reġistru jagħti l-assistenza tiegħu lill-membri tal-qorti, u jgħinhom fil-funzjonijiet kolha tal-missjoni tagħhom.

Din l-assistenza tissarraf, qabel kollox, fit-trażmissjoni konkreta tal-atti proċedurali kollha – u tat-traduzzjonijiet tagħhom – lill-Imħallfin u lill-Avukati Ġenerali responsabbli għall-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, u fit-trattament ta' numru kbir ta' kwistjonijiet ta' natura proċedurali li jistgħu jqumu fl-iżvolġiment ta' dawn il-kawżi. Dan ir-rwol ċertament irrappreżenta parti kunsiderevoli tax-xogħol imwettaq mir-reġistru fl-2016, imma anki dan evolva b'mod rilevanti matul is-sena li għaddiet, għaliex taħt l-ispinta tal-president tagħha, il- Qorti tal-Ġustizzja estendiet il-proċeduri ta' dematerjalizzazzjoni tat-trażmissjoni interna tad-dokumenti proċedurali. Billi ssostitwixxiet il-karti b'sistema kompletament diġitalizzata, ibbażata fuq l-applikazzjonijiet eżistenti, il-"fajlijiet ta' trażmissjoni elettronika" ippermettew il-modernizzazzjoni tal-funzjonament tal-qorti, filwaqt li tnaqqas il-ħin neċessarju għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ta' natura proċedurali.

L-assistenza tar-reġistru timplika, ukoll, parteċipazzjoni attiva fil-preparazzjoni u fl-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet meħuda fil-laqgħa ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll fis-seduti organizzati mill-qorti, peress li r-reġistru huwa b'mod partikolari responsabbli għar-redazzjoni tal-proċess verbali ta' dawn is-seduti, li jifformaw parti mill-proċess oriġinali ta' dawn il-kawżi.

Fl-aħħar nett, ir-reġistru huwa mistenni jipparteċipa fix-xogħlijiet ta' diversi kumitati u, b'mod partikolari, f'dak tal-kumitat tal-Istatut u tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dan il-kumitat iltaqa' diversi drabi matul is-sena li għaddiet u x-xogħlijiet tiegħu rrigwardaw l-adozzjoni ta' diversi testi importanti fl-2016.

L-ewwel nett, wieħed għandu jfakkar id-diskussjonijiet marbuta mar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea, li wasslu, fis-6 ta' Lulju 2016, għall-adozzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) 2016/1192 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasferiment lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-ġurisdizzjoni fl-ewwel istanza f'tilwimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-membri tal-persunal tagħha[1].

Fil-qasam tas-sigurtà, għandhom ukoll jissemmgħu x-xogħlijiet imwettqa sabiex jitlesta l-mekkaniżmu stabbilit mill-Qorti Ġenerali sabiex tiġi żgurata protezzjoni adegwata tal-informazzjoni jew tad-dokumenti trażmessi minn din tal-aħħar dwar is-sigurtà tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha jew fit-tmexxija tar-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom. Flimkien mal-emenda tal-Artikolu 105 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, iddaħħal l-Artikolu 190a ġdid fir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jiġi żgurat, fil-każ ta' appell imressaq minn deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal-livell ta' protezzjoni ggarantit minn din l-aħħar qorti. Dawn id-dispożizzjonijiet tlestew bl-adozzjoni, kemm mill- Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll mill-Qorti Ġenerali, ta' deċiżjonijiet ta' applikazzjoni tal-Artikoli 105 u 190a, li jippreċiżaw il-miżuri previsti sabiex jintlaħaq dan l-iskop 2. Konformement mad-dispożizzjonijiet tagħhom, dawn iż-żewġ deċiżjonijiet daħlu fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħhom f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jiġifieri fil-25 ta' Diċembru 2016.

Fl-aħħar nett, wieħed għandu jsemmi l-adozzjoni, mill-Qorti tal-Ġustizzja, ta' verżjoni ġdida tar-rakkomandazzjonijiet tagħha lill-qrati nazzjonali, dwar l-introduzzjoni ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari.

1 | Dan ir-regolament ġie ppubblikat f'***Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*** L 200 tas-26 ta' Lulju 2016, p. 137.

2 | Dan l-artikolu u dawn id-deċiżjonijiet ġew ippubblikati, rispettivament, f'***Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*** L 217 tat-12 ta' Awwissu 2016, pp. 69 u 72, u L 355 tal-24 ta' Diċembru 2016, pp. 5 u 18.

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet – li ġew ippubblikati , fil-lingwi uffiċjali kollha, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* C 439 tal-25 ta' Novembru 2016 – jikkostitwixxu strument importanti ta' djalogu mibdi mill-Qorti tal-Ġustizzja mal-qrati tal-Istati Membri. Ir-rakkomandazzjonijiet ifakkru fil-fatt il-karatteristiċi essenzjali tal-proċedura għal domanda preliminari u jinkludu fihom indikazzjonijiet prezzjużi dwar is-suġġett u l-portata ta' talba għal domanda preliminari, kif ukoll il-format u l-kontenut tagħha. Għall-ewwel darba fl-istorja tal-Qorti tal-Ġustizzja, anness prattiku ħafna jiġbor, barra minn hekk, għall-attenzjoni tal-l-ġudikanti nazzjonali, l-elementi kollha li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni meta jressqu talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.



# D | STATISTIKA TAL-ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA


## I. ATTIVITÀ ĠENERALI TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

1. Kawżi ġodda, kawżi magħluqa, kawżi pendenti (2012–2016)

## II. KAWŻI ĠODDA

2. Natura tal-proċeduri (2012-2016)
3. Suġġett tar-rikors (2016)
4. Rikors għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu (2012-2016)
5. – Natura tal-proċeduri (2012-2016)

## III. KAWŻI MAGĦLUQA

6. Sentenzi, digrieti, opinjonijiet (2016)
7. Kulleġġ ġudikanti (2012-2016)
8. Kawżi magħluqa b'sentenza, opinjoni jew digriet ta' natura ġudizzjarja (2012-2016)
9. Kawżi magħluqa b'sentenza, opinjoni jew digriet ta' natura ġudizzjarja – Suġġett tarrikors (2012-2016)
10. Kawżi magħluqa b'sentenza, opinjoni jew digriet ta' natura ġudizzjarja – Suġġett tar-rikors (2016)
11. Sentenzi dwar nuqqas li jitwettaq obbligu: eżitu tad-deċiżjoni (2012-2016)
12. Tul tal-proċeduri f'termini ta' xhur (2012-2016)

## IV. KAWŻI PENDENTI FIL-31 TA' DIĊEMBRU

13. Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru (2012-2016)
14. Kulleġġ ġudikanti (2012-2016)

## V. VARJI

15. Proċeduri mħaffa (2012-2016)
16. Proċeduri b'urġenza għal deċiżjoni preliminari (2012-2016)
17. Proċeduri għal miżuri provviżorji (2016)

## VI. ŻVILUPP ĠENERALI TAL-ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA (1952-2016)

18. Kawżi ġodda u sentenzi
19. Rinviji għal deċiżjoni preliminari mressqa (skont l-Istat Membru u skont is-sena)
20. Rinviji għal deċiżjoni preliminari mressqa (skont l-Istat Membru u skont ilqorti)
21. Rikorsi għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentati kontra l-Istati Membri

## VII. ATTIVITÀ TAR-REĠISTRU TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (2015-2016)

# I. ATTIVITÀ ĠENERALI TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

## 1. KAWŻI ĠODDA, KAWŻI MAGĦLUQA, KAWŻI PENDENTI (2012–2016) [1]




| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| Kawżi ġodda | 632 | 699 | 622 | 713 | 692 |
| Kawżi magħluqa | 595 | 701 | 719 | 616 | 704 |
| Kawżi pendenti | 886 | 884 | 787 | 884 | 872 |

1 | Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

# II. KAWŻI ĠODDA

## 2. NATURA TAL-PROĊEDURI (2012-2016) [1]

Tqassim fl- 2016




| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 404 | 450 | 428 | 436 | 470 |
| Rikorsi diretti | 73 | 72 | 74 | 48 | 35 |
| Appelli | 136 | 161 | 111 | 206 | 168 |
| Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent | 3 | 5 | | 9 | 7 |
| Talbiet għal opinjoni | 1 | 2 | 1 | 3 | |
| Proċeduri partikolari [2] | 15 | 9 | 8 | 11 | 12 |
| **Total** | **632** | **699** | **622** | **713** | **692** |
| Talbiet għal miżuri provviżorji | | 1 | 3 | 2 | 3 |

1 | Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

2 | Jitqiesu li huma "proċeduri partikolari": l-għajnuna legali, l-intaxxar tal-ispejjeż, il-korrezzjoni, l-oppożizzjoni għal sentenza li tingħata fil-każ ta' kontumaċja, l-oppożizzjoni minn terzi, l-interpretazzjoni, ir-reviżjoni, l-eżami ta' proposta mill-Avukat Ġenerali Ewlieni li tiġi eżaminata mill-ġdid deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, il-proċedura għal qbid, il-kawżi fil-qasam tal-immunità.

# 3. SUĠĠETT TAR-RIKORS (2016) [1]

| | Rinviji għal deċiżjoni preliminari | Rikorsi diretti | Appelli | Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent | Total | Proċeduri partikolari |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | | | 3 | 3 | 6 | |
| Agrikoltura | 14 | | 12 | 1 | 27 | |
| Ambjent | 18 | 11 | | 1 | 30 | |
| Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet | 32 | 2 | | | 34 | |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | 3 | | 1 | | 4 | |
| Ċittadinanza tal-Unjoni | 6 | | | | 6 | |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi, ...) | 2 | | 1 | | 3 | |
| Dritt istituzzjonali | 2 | 3 | 15 | 1 | 21 | 1 |
| Dritt tal-kumpanniji | 7 | | | | 7 | |
| Enerġija | 2 | | 1 | | 3 | |
| Għajnuna mill-Istat | 10 | 2 | 26 | 1 | 39 | |
| Kompetizzjoni | 12 | | 23 | | 35 | |
| Kuntratti pubbliċi | 15 | 1 | 3 | | 19 | |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | 15 | | | | 15 | |
| Libertà ta' stabbiliment | 15 | 1 | | | 16 | |
| Moviment liberu tal-kapital | 4 | | | | 4 | |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 3 | | | | 3 | |
| Moviment liberu tal-persuni | 27 | 1 | | | 28 | |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | | | 7 | | 7 | |
| Politika Ekonomika u Monetarja | | | 1 | | 1 | |
| Politika industrijali | 3 | | | | 3 | |
| Politika komuni tas-sajd | 2 | | 1 | | 3 | |
| Politika kummerċjali | 6 | | 14 | | 20 | |
| Politika soċjali | 33 | | | | 33 | |
| Prinċipji tad-dritt tal-Unjoni | 9 | 1 | 1 | | 11 | |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 18 | | 48 | | 66 | |
| Protezzjoni tal-konsumaturi | 21 | | 2 | | 23 | |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | | | 2 | | 2 | |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | | | 3 | | 3 | |
| Saħħa pubblika | | | 1 | | 1 | |
| Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti | 10 | | | | 10 | |
| Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja | 76 | | | | 76 | |
| Tassazzjoni | 68 | 3 | | | 71 | |
| Trasport | 23 | 9 | | | 32 | |
| Unjoni doganali u tariffa doganali komuni | 13 | | | | 13 | |
| **Trattat KE/TFUE** | **469** | **34** | **165** | **7** | **675** | **1** |
| Privileġġi u immunitajiet | 1 | | | | 1 | 1 |
| Proċedura | | | 3 | | 3 | 10 |
| Regolamenti tal-Persunal | | 1 | | | 1 | |
| **Diversi** | **1** | **1** | **3** | | **5** | **11** |
| | | | | | | |
| **TOTAL ĠENERALI** | **470** | **35** | **168** | **7** | **680** | **12** |

>>>

1 | Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

# 4. RIKORS GĦAL NUQQAS TA' STAT LI JWETTAQ OBBLIGU (2012-2016)[1]




| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Belġju** | 2 | 3 | 6 | 1 | |
| **Il-Bulgarija** | 3 | 3 | 2 | 1 | |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | | | 1 | 2 | 2 |
| **Id-Danimarka** | | | 2 | | 1 |
| **Il-Ġermanja** | 7 | 4 | 2 | 4 | 7 |
| **L-Estonja** | | 3 | 1 | | |
| **L-Irlanda** | 2 | | 3 | 1 | |
| **Il-Greċja** | 2 | 4 | 7 | 4 | 7 |
| **Spanja** | 4 | 1 | 2 | 3 | 1 |
| **Franza** | 5 | 2 | 3 | 1 | |
| **Il-Kroazja** | | | | | |
| **L-Italja** | 5 | 5 | 3 | 1 | |
| **Ċipru** | 2 | 1 | 1 | | |
| **Il-Latvja** | | | 1 | | |
| **Il-Litwanja** | 1 | | | | |
| **Il-Lussemburgu** | 1 | 1 | 2 | 2 | 3 |
| **L-Ungerija** | 4 | 1 | 1 | 1 | |
| **Malta** | | | 1 | 1 | |
| **Il-Pajjiżi l-Baxxi** | 1 | 1 | 1 | 1 | |
| **L-Awstrija** | | 1 | 2 | 2 | 1 |
| **Il-Polonja** | 12 | 8 | 4 | 2 | 4 |
| **Il-Portugall** | 3 | 2 | 5 | 4 | |
| **Ir-Rumanija** | | 2 | | 3 | 1 |
| **Is-Slovenja** | 3 | 3 | 1 | 1 | 1 |
| **Is-Slovakkja** | 1 | 2 | | | 1 |
| **Il-Finlandja** | | 3 | 2 | | 1 |
| **L-Isvezja** | | 1 | 1 | | |
| **Ir-Renju Unit** | | 3 | 3 | 2 | 1 |
| **Total** | 58 | 54 | 57 | 37 | 31 |

1 | Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

## 5. – NATURA TAL-PROĊEDURI (2012-2016) [1]




| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 386 | 413 | 476 | 404 | 453 |
| Rikorsi diretti | 70 | 110 | 76 | 70 | 49 |
| Appelli | 117 | 155 | 157 | 127 | 182 |
| Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent | 12 | 5 | 1 | 7 | 7 |
| Talbiet għal opinjoni | | 1 | 2 | 1 | |
| Proċeduri partikolari | 10 | 17 | 7 | 7 | 13 |
| **Total** | **595** | **701** | **719** | **616** | **704** |

1 | Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

# III. KAWŻI MAGĦLUQA

## 6. SENTENZI, DIGRIETI, OPINJONIJIET (2016) [1]




| | Sentenzi | Digrieti ta' natura ġudizzjarja [2] | Digrieti dwar miżuri provviżorji [3] | Digrieti oħra [4] | Talbiet għal opinjoni | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 302 | 67 | | 39 | | 408 |
| Rikorsi diretti | 37 | 1 | | 10 | | 48 |
| Appelli | 73 | 87 | 4 | 9 | | 173 |
| Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent | | | 5 | 2 | | 7 |
| Talbiet għal opinjoni | | | | | | |
| Proċeduri partikolari | | 11 | | 1 | | 12 |
| **Total** | **412** | **166** | **9** | **61** | **0** | **648** |

1| Iċ-ċifri msemmija (ċifri netti) jindikaw in-numru totali ta' kawżi li jinkludi l-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (serje ta' kawżi magħquda = kawża waħda).

2| Digrieti li jtemmu istanza li ma humiex digrieti ta' tħassir, li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni jew ta' rinviju lill-Qorti Ġenerali.

3| Digrieti mogħtija wara talba bbażata fuq l-Artikoli 278 TFUE u 279 TFUE (li qabel kienu l-Artikoli 242 KE u 243 KE) jew fuq l-Artikolu 280 TFUE (li qabel kien l-Artikolu 244 KE) jew fuq id-dispożizzjonijiet korrispondenti tat-TKEEA jew ukoll wara appell ippreżentat minn digriet għal miżuri provviżorji jew ta' intervent.

4| Digrieti li jtemmu istanza permezz ta' tħassir, minħabba li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni jew b'rinviju lill-Qorti Ġenerali.

# 7. KULLEĠĠ ĠUDIKANTI (2012-2016) [1]




| | 2012 | | | 2013 | | | 2014 | | | 2015 | | | 2016 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Sentenzi/ Opinjonijiet | Digrieti [2] | Total | Sentenzi/ Opinjonijiet | Digrieti [2] | Total | Sentenzi/ Opinjonijiet | Digrieti [2] | Total | Sentenzi/ Opinjonijiet | Digrieti [2] | Total | Sentenzi/ Opinjonijiet | Digrieti [2] | Total |
| Seduta plenarja | 1 | | 1 | | | | 1 | | 1 | | | | | | |
| Awla Manja | 47 | | 47 | 52 | | 52 | 51 | 3 | 54 | 47 | | 47 | 54 | | 54 |
| Awli b'ħames Imħallfin | 275 | 8 | 283 | 348 | 18 | 366 | 320 | 20 | 340 | 298 | 20 | 318 | 280 | 20 | 300 |
| Awli bi tliet Imħallfin | 83 | 97 | 180 | 91 | 106 | 197 | 110 | 118 | 228 | 93 | 89 | 182 | 120 | 162 | 282 |
| President | | 12 | 12 | | | | | | | | | | | | |
| Viċi President | | | | | 5 | 5 | | 1 | 1 | | 7 | 7 | | 5 | 5 |
| **Total** | **406** | **117** | **523** | **491** | **129** | **620** | **482** | **142** | **624** | **438** | **116** | **554** | **454** | **187** | **641** |

1 | Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

2 | Digrieti li jtemmu istanza li ma humiex digrieti ta' tħassir, li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni jew ta' rinviju lill-Qorti Ġenerali.

# 8. KAWŻI MAGĦLUQA B'SENTENZA, OPINJONI JEW DIGRIET TA' NATURA ĠUDIZZJARJA (2012-2016) [1 2]




| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| Sentenzi/Opinjonijiet | 406 | 491 | 482 | 438 | 454 |
| Digrieti | 117 | 129 | 142 | 116 | 187 |
| **Total** | **523** | **620** | **624** | **554** | **641** |

1 | Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

2 | Digrieti li jtemmu istanza li ma humiex digrieti ta' tħassir, li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni jew ta' rinviju lill-Qorti Ġenerali.

# 9. KAWŻI MAGĦLUQA B'SENTENZA, OPINJONI JEW DIGRIET TA' NATURA ĠUDIZZJARJA – SUĠĠETT TARRIKORS (2012-2016) [1]

| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | 5 | 6 | 4 | 3 | 4 |
| Adeżjoni ta' Stati ġodda | 2 | | | | 1 |
| Agrikoltura | 22 | 33 | 29 | 20 | 13 |
| Ambjent [3] | 27 | 35 | 30 | 27 | 53 |
| Ambjent u konsumaturi [3] | 1 | | | | |
| Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet | 12 | 24 | 25 | 24 | 16 |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | 5 | 4 | 6 | 1 | 5 |
| Ċittadinanza tal-Unjoni | 8 | 12 | 9 | 4 | 8 |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi, ...) [2] | 3 | 2 | 5 | 1 | 2 |
| Dritt istituzzjonali | 27 | 31 | 18 | 27 | 20 |
| Dritt tal-kumpanniji | 1 | 4 | 3 | 1 | 1 |
| Edukazzjoni, taħriġ professjonali, żgħażagħ u sport | 1 | | 1 | 1 | |
| Enerġija | | 1 | 3 | 2 | |
| Għajnuna mill-Istat | 10 | 34 | 41 | 26 | 26 |
| Impjieg | | | | 1 | |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 3 | 6 | 8 | 4 | 2 |
| Kompetizzjoni | 30 | 42 | 28 | 23 | 30 |
| Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili | | | | | 1 |
| Kuntratti pubbliċi | 12 | 12 | 13 | 14 | 31 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | 29 | 16 | 11 | 17 | 14 |
| Libertà ta' stabbiliment | 6 | 13 | 9 | 17 | 27 |
| Moviment liberu tal-kapital | 21 | 8 | 6 | 8 | 7 |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 7 | 1 | 10 | 9 | 5 |
| Moviment liberu tal-persuni | 18 | 15 | 20 | 13 | 12 |
| Netwerks trans-Ewropej | | | | | 1 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 9 | 12 | 3 | 6 | 11 |

>>>

1 | Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

2 | It-taqsimiet "Baġit tal-Komunitajiet" u "Riżorsi proprji tal-Komunitajiet" huma magħquda fit-taqsima "Dispożizzjonijiet finanzjarji" għall-kawżi ppreżentati wara l-1 ta' Diċembru 2009.

3 | It-taqsima "Ambjent u konsumaturi" inqasmet f'żewġ taqsimiet distinti għall-kawżi ġodda mill-1 ta' Diċembru 2009.

4 | It-taqsimiet "Tariffa doganali Komuni" u "Unjoni doganali" huma magħquda f'taqsima waħda għall-kawżi ġodda mill-1 ta' Diċembru 2009.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Politika Ekonomika u Monetarja | 3 | | 1 | 3 | 10 |
| Politika industrijali | 8 | 15 | 3 | 9 | 10 |
| Politika komuni tas-sajd | | | 5 | 3 | 1 |
| Politika kummerċjali | 8 | 6 | 7 | 4 | 14 |
| Politika soċjali | 28 | 27 | 51 | 30 | 23 |
| Prinċipji tad-dritt tal-Unjoni | 7 | 17 | 23 | 12 | 13 |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 46 | 43 | 69 | 51 | 80 |
| Protezzjoni tal-konsumaturi [3] | 9 | 19 | 20 | 29 | 33 |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | | | 5 | 1 | 1 |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | 1 | 1 | | 1 | 3 |
| Saħħa pubblika | 1 | 2 | 3 | 5 | 4 |
| Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti | 8 | 12 | 6 | 14 | 5 |
| Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja | 37 | 46 | 51 | 49 | 51 |
| Tassazzjoni | 64 | 74 | 52 | 55 | 41 |
| Trasport | 14 | 17 | 18 | 9 | 20 |
| Turiżmu | 1 | | | | |
| Unjoni doganali u tariffa doganali komuni [4] | 19 | 11 | 21 | 20 | 27 |
| **Trattat KE/TFUE** | **513** | **601** | **617** | **544** | **626** |
| **Trattat KEEA** | | | | 1 | |
| Privileġġi u immunitajiet | 3 | | | 2 | 1 |
| Proċedura | 7 | 14 | 6 | 4 | 14 |
| Regolamenti tal-Persunal | | 5 | 1 | 3 | |
| **Diversi** | **10** | **19** | **7** | **9** | **15** |
| **TOTAL ĠENERALI** | **523** | **620** | **624** | **554** | **641** |

1 | Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

2 | It-taqsimiet "Baġit tal-Komunitajiet" u "Riżorsi proprji tal-Komunitajiet" huma magħquda fit-taqsima "Dispożizzjonijiet finanzjarji" għall-kawżi ppreżentati wara l-1 ta' Diċembru 2009.

3 | It-taqsima "Ambjent u konsumaturi" inqasmet f'żewġ taqsimiet distinti għall-kawżi ġodda mill-1 ta' Diċembru 2009.

4 | It-taqsimiet "Tariffa doganali Komuni" u "Unjoni doganali" huma magħquda f'taqsima waħda għall-kawżi ġodda mill-1 ta' Diċembru 2009.

# 10. KAWŻI MAGĦLUQA B'SENTENZA, OPINJONI JEW DIGRIET TA' NATURA ĠUDIZZJARJA – SUĠĠETT TAR-RIKORS (2016) [1]

| | Arrêts/Avis | Digrieti [2] | Total |
|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | 2 | 2 | 4 |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | 5 | | 5 |
| Adeżjoni ta' Stati ġodda | 1 | | 1 |
| Agrikoltura | 11 | 2 | 13 |
| Għajnuna mill-Istat | 19 | 7 | 26 |
| Ċittadinanza tal-Unjoni | 7 | 1 | 8 |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 2 | | 2 |
| Kompetizzjoni | 23 | 7 | 30 |
| Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili | 1 | | 1 |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi, ...) [3] | 2 | | 2 |
| Dritt tal-kumpanniji | 1 | | 1 |
| Dritt istituzzjonali | 11 | 9 | 20 |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | 1 | | 1 |
| Ambjent [4] | 42 | 11 | 53 |
| Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja | 45 | 6 | 51 |
| Tassazzjoni | 37 | 4 | 41 |
| Libertà ta' stabbiliment | 5 | 22 | 27 |
| Moviment liberu tal-kapital | 6 | 1 | 7 |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 5 | | 5 |
| Moviment liberu tal-persuni | 11 | 1 | 12 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | 11 | 3 | 14 |
| Kuntratti pubbliċi | 20 | 11 | 31 |
| Politika kummerċjali | 10 | 4 | 14 |

>>>

1 | Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

2 | Digrieti li jtemmu istanza li ma humiex digrieti ta' tħassir, li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni jew ta' rinviju lill-Qorti Ġenerali.

3 | It-taqsimiet "Baġit tal-Komunitajiet" u "Riżorsi proprji tal-Komunitajiet" huma magħquda fit-taqsima "Dispożizzjonijiet finanzjarji" għall-kawżi ppreżentati wara l-1 ta' Diċembru 2009.

4 | It-taqsima "Ambjent u konsumaturi" inqasmet f'żewġ taqsimiet distinti għall-kawżi ġodda mill-1 ta' Diċembru 2009.

5 | It-taqsimiet "Tariffa doganali Komuni" u "Unjoni doganali" huma magħquda f'taqsima waħda għall-kawżi ġodda mill-1 ta' Diċembru 2009.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Politika komuni tas-sajd | 1 | | 1 |
| Politika Ekonomika u Monetarja | 10 | | 10 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 11 | | 11 |
| Politika industrijali | 10 | | 10 |
| Politika soċjali | 19 | 4 | 23 |
| Prinċipji tad-dritt tal-Unjoni | 10 | 3 | 13 |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 29 | 51 | 80 |
| Protezzjoni tal-konsumaturi [4] | 22 | 11 | 33 |
| Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet | 15 | 1 | 16 |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | 1 | 2 | 3 |
| Netwerks trans-Ewropej | 1 | | 1 |
| Saħħa pubblika | 2 | 2 | 4 |
| Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti | 5 | | 5 |
| Trasport | 14 | 6 | 20 |
| Unjoni doganali u tariffa doganali komuni [5] | 25 | 2 | 27 |
| **Traité CE/TFUE** | **ttat K453** | **173** | **626** |
| Privileġġi u immunitajiet | 1 | | 1 |
| Proċedura | | 14 | 14 |
| **Diversi** | **1** | **14** | **15** |
| **TOTAL GÉNÉRAL** | **ĠENEI454** | **187** | **641** |

1 | Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

2 | Digrieti li jtemmu istanza li ma humiex digrieti ta' tħassir, li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni jew ta' rinviju lill-Qorti Ġenerali.

3 | It-taqsimiet "Baġit tal-Komunitajiet" u "Riżorsi proprji tal-Komunitajiet" huma magħquda fit-taqsima "Dispożizzjonijiet finanzjarji" għall-kawżi ppreżentati wara l-1 ta' Diċembru 2009.

4 | It-taqsima "Ambjent u konsumaturi" inqasmet f'żewġ taqsimiet distinti għall-kawżi ġodda mill-1 ta' Diċembru 2009.

5 | It-taqsimiet "Tariffa doganali Komuni" u "Unjoni doganali" huma magħquda f'taqsima waħda għall-kawżi ġodda mill-1 ta' Diċembru 2009.

## 11. SENTENZI DWAR NUQQAS LI JITWETTAQ OBBLIGU: EŻITU TAD-DEĊIŻJONI (2012-2016) [1]




| | 2012 | | 2013 | | 2014 | | 2015 | | 2016 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ammessi | Miċħud | Ammessi | Miċħud | Ammessi | Miċħud | Ammessi | Miċħud | Ammessi | Miċħud |
| **Il-Belġju** | 5 | **1** | 2 | **1** | 4 | | 2 | | 1 | |
| **Il-Bulgarija** | | | | | 1 | **1** | 2 | | 1 | |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | 1 | | 2 | **2** | | | | | 1 | |
| **Id-Danimarka** | | | 1 | **1** | 1 | | 1 | | | |
| **Il-Ġermanja** | 1 | **2** | | **2** | 3 | **1** | 3 | | 1 | |
| **L-Estonja** | 1 | | | | | | | | | |
| **L-Irlanda** | 2 | | 3 | **1** | | | | **1** | | |
| **Il-Greċja** | 5 | | 2 | **1** | 4 | | 3 | | 4 | |
| **Spanja** | 3 | | 6 | | 6 | | | | 3 | |
| **Franza** | 4 | | 5 | **3** | 1 | | 4 | | 1 | |
| **Il-Kroazja** | | | | | | | | | | |
| **L-Italja** | 3 | | 7 | **1** | 6 | | 2 | | 1 | |
| **Ċipru** | 2 | | 1 | | | | | | 1 | |
| **Il-Latvja** | | | | | | | 1 | | | |
| **Il-Litwanja** | | | | | 1 | | | | | |
| **Il-Lussemburgu** | | | 1 | **1** | | | 2 | | 1 | |
| **L-Ungerija** | 1 | | 1 | | 2 | | | | 1 | |
| **Malta** | | | | | | | | | | **1** |
| **Il-Pajjiżi l-Baxxi** | 3 | **1** | 2 | **2** | | **1** | | | 1 | **1** |
| **L-Awstrija** | 3 | | | **1** | | | | | | **1** |
| **Il-Polonja** | 3 | | 4 | **2** | 4 | | 3 | **1** | 2 | |
| **Il-Portugall** | 5 | | | **1** | 3 | | | | 6 | |
| **Ir-Rumanija** | | | | | | | | | 1 | |
| **Is-Slovenja** | 1 | | 1 | | | | 1 | | | |
| **Is-Slovakkja** | | **1** | 1 | | | | | **2** | | |
| **Il-Finlandja** | 1 | | | **2** | | | | | | |
| **L-Isvezja** | 1 | | 1 | **1** | 1 | | 1 | | | |
| **Ir-Renju Unit** | 2 | | | **1** | 4 | | 1 | **1** | 1 | **1** |
| **Total** | **47** | **5** | **40** | **23** | **41** | **3** | **26** | **5** | **27** | **4** |

1 | Iċ-ċifri msemmija (ċifri netti) jindikaw in-numru totali ta' kawżi li jinkludi l-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (serje ta' kawżi magħquda = kawża waħda).

## 12. TUL TAL-PROĊEDURI F'TERMINI TA' XHUR (2012-2016) [1]

### (SENTENZI U DIGRIETI TA' NATURA ĠUDIZZJARJA)




| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 15,6 | 16,3 | 15,0 | 15,3 | 15,0 |
| Proċeduri b'urġenza għal deċiżjoni preliminari | 1,9 | 2,2 | 2,2 | 1,9 | 2,7 |
| Rikorsi diretti | 19,7 | 24,3 | 20,0 | 17,6 | 19,3 |
| Appelli | 15,2 | 16,6 | 14,5 | 14,0 | 12,9 |

1 | Huma esklużi mill-kalkoli dwar it-tul tal-proċeduri: il-kawżi li jinkludu sentenza interlokutorja jew miżura istruttorja; l-opinjonijiet; il-proċeduri partikolari (jiġifieri: l-għajnuna legali, l-intaxxar tal-ispejjeż, il-korrezzjoni, l-oppożizzjoni għal sentenza li tingħata fil-każ ta' kontumaċja, l-oppożizzjoni minn terzi, l-interpretazzjoni, ir-reviżjoni, l-eżami ta' proposta mill-Avukat Ġenerali Ewlieni li tiġi eżaminata mill-ġdid deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, il-proċedura għal qbid u l-kawżi fil-qasam tal-immunità); il-kawżi li jintemmu b'digriet ta' tħassir, minħabba li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni jew rinviju lill-Qorti Ġenerali; il-proċeduri għal miżuri provviżorji jew dwar intervent..

# IV. KAWŻI PENDENTI FIL-31 TA' DIĊEMBRU

## 13. KAWŻI PENDENTI FIL-31 TA' DIĊEMBRU (2012-2016) [1]




| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 537 | 574 | 526 | 558 | 575 |
| Rikorsi diretti | 134 | 96 | 94 | 72 | 58 |
| Appelli | 205 | 211 | 164 | 245 | 231 |
| Proċeduri partikolari | 9 | 1 | 2 | 6 | 5 |
| Talbiet għal opinjoni | 1 | 2 | 1 | 3 | 3 |
| **Total** | **886** | **884** | **787** | **884** | **872** |

1 | Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

# 14. KULLEĠĠ ĠUDIKANTI (2012-2016) [1]




| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| Seduta plenarja | | | | | 1 |
| Awla Manja | 44 | 37 | 33 | 38 | 40 |
| Awli b'ħames Imħallfin | 239 | 190 | 176 | 203 | 215 |
| Awli bi tliet Imħallfin | 42 | 51 | 44 | 54 | 75 |
| Viċi President | 1 | 1 | | 2 | 2 |
| Mhux assenjati | 560 | 605 | 534 | 587 | 539 |
| **Total** | **886** | **884** | **787** | **884** | **872** |

1 | Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

# V. VARJI

## 15. PROĊEDURI MĦAFFA (2012-2016) [1]

| | 2012 | | 2013 | | 2014 | | 2015 | | 2016 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ammissjoni | Ċaħda | Ammissjoni | Ċaħda | Ammissjoni | Ċaħda | Ammissjoni | Ċaħda | Ammissjoni | Ċaħda |
| Rikorsi diretti | 1 | | | 1 | | | | | | |
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 1 | 5 | | 16 | 2 | 10 | 1 | 14 | 2 | 13 |
| Appelli | | 1 | | | | | | | 1 | |
| **Total** | **2** | **6** | **0** | **17** | **2** | **10** | **1** | **14** | **3** | **13** |

1 | Kawżi li fihom, matul is-sena kkonċernata, ġiet adottata deċiżjoni jew ġie adottat digriet ta' ammissjoni jew ta' ċaħda ta' talba għall-applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza

## 16. PROĊEDURI B'URĠENZA GĦAL DEĊIŻJONI PRELIMINARI (2012-2016) [1]

| | 2012 | | 2013 | | 2014 | | 2015 | | 2016 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ammissjoni | Ċaħda | Ammissjoni | Ċaħda | Ammissjoni | Ċaħda | Ammissjoni | Ċaħda | Ammissjoni | Ċaħda |
| Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja | 4 | 1 | 2 | 3 | 4 | 1 | 5 | 5 | 8 | 4 |
| Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet | | | | | | 1 | | | | |
| **Total** | **4** | **1** | **2** | **3** | **4** | **2** | **5** | **5** | **8** | **4** |

1 | Kawżi li fihom, matul is-sena kkonċernata, ittieħdet deċiżjoni ta' ammissjoni jew ta' ċaħda ta' talba għall-applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza

## 17. PROĊEDURI GĦAL MIŻURI PROVVIŻORJI (2016) [1]

| | Proċeduri għal miżuri provviżorji ġodda | Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent | Eżitu tad-deċiżjoni | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Ċaħda | Ammissjoni | Tħassir jew ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni |
| Aċċess għal dokumenti | | 3 | 1 | 1 | |
| Agrikoltura | 1 | 1 | 2 | | |
| Għajnuna mill-Istat | | 1 | 1 | | |
| Kompetizzjoni | | | 2 | 1 | |
| Dritt istituzzjonali | | 1 | | | 1 |
| Ambjent | 1 | 1 | 2 | | |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | 1 | | | | 1 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **3** | **7** | **8** | **2** | **2** |

1 | Iċ-ċifri msemmija (ċifri netti) jindikaw in-numru totali ta' kawżi li jinkludi l-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (serje ta' kawżi magħquda = kawża waħda).

# VI. ŻVILUPP ĠENERALI TAL-ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA (1952-2016)

## 18. KAWŻI ĠODDA U SENTENZI

| Snin | Kawżi ġodda [1] | | | | | | | Sentenzi/ Opinjonijiet [2] |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Rinviji għal deċiżjoni preliminari | Rikorsi diretti | Appelli | Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent | Talbiet għal opinjoni | Total | Talbiet għal miżuri provviżorji | |
| 1953 | | 4 | | | | 4 | | |
| 1954 | | 10 | | | | 10 | | 2 |
| 1955 | | 9 | | | | 9 | 2 | 4 |
| 1956 | | 11 | | | | 11 | 2 | 6 |
| 1957 | | 19 | | | | 19 | 2 | 4 |
| 1958 | | 43 | | | | 43 | | 10 |
| 1959 | | 46 | | | 1 | 47 | 5 | 13 |
| 1960 | | 22 | | | 1 | 23 | 2 | 18 |
| 1961 | 1 | 24 | | | 1 | 26 | 1 | 11 |
| 1962 | 5 | 30 | | | | 35 | 2 | 20 |
| 1963 | 6 | 99 | | | | 105 | 7 | 17 |
| 1964 | 6 | 49 | | | | 55 | 4 | 31 |
| 1965 | 7 | 55 | | | | 62 | 4 | 52 |
| 1966 | 1 | 30 | | | | 31 | 2 | 24 |
| 1967 | 23 | 14 | | | | 37 | | 24 |
| 1968 | 9 | 24 | | | | 33 | 1 | 27 |
| 1969 | 17 | 60 | | | | 77 | 2 | 30 |
| 1970 | 32 | 47 | | | | 79 | | 64 |
| 1971 | 37 | 59 | | | | 96 | 1 | 60 |
| 1972 | 40 | 42 | | | | 82 | 2 | 61 |
| 1973 | 61 | 131 | | | | 192 | 6 | 80 |
| 1974 | 39 | 63 | | | | 102 | 8 | 63 |
| 1975 | 69 | 61 | | | 1 | 131 | 5 | 78 |
| 1976 | 75 | 51 | | | 1 | 127 | 6 | 88 |
| 1977 | 84 | 74 | | | | 158 | 6 | 100 |
| 1978 | 123 | 146 | | | 1 | 270 | 7 | 97 |
| 1979 | 106 | 1 218 | | | | 1 324 | 6 | 138 |
| 1980 | 99 | 180 | | | | 279 | 14 | 132 |
| 1981 | 108 | 214 | | | | 322 | 17 | 128 |
| 1982 | 129 | 217 | | | | 346 | 16 | 185 |
| 1983 | 98 | 199 | | | | 297 | 11 | 151 |
| 1984 | 129 | 183 | | | | 312 | 17 | 165 |
| 1985 | 139 | 294 | | | | 433 | 23 | 211 |
| 1986 | 91 | 238 | | | | 329 | 23 | 174 |
| | | | | | | | | >>> |

1 | Ċifri grossi; proċeduri partikolari esklużi.

2 | Ċifri netti.

| Snin | Kawżi ġodda [1] | | | | | | Talbiet għal miżuri provviżorji | Sentenzi/Opinjonijiet [2] |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Rinviji għal deċiżjoni preliminari | Rikorsi diretti | Appelli | Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent | Talbiet għal opinjoni | Total | | |
| 1987 | 144 | 251 | | | | 395 | 21 | 208 |
| 1988 | 179 | 193 | | | | 372 | 17 | 238 |
| 1989 | 139 | 244 | | | | 383 | 19 | 188 |
| 1990 | 141 | 221 | 15 | 1 | | 378 | 12 | 193 |
| 1991 | 186 | 140 | 13 | 1 | 2 | 342 | 9 | 204 |
| 1992 | 162 | 251 | 24 | 1 | 2 | 440 | 5 | 210 |
| 1993 | 204 | 265 | 17 | | | 486 | 13 | 203 |
| 1994 | 203 | 125 | 12 | 1 | 3 | 344 | 4 | 188 |
| 1995 | 251 | 109 | 46 | 2 | | 408 | 3 | 172 |
| 1996 | 256 | 132 | 25 | 3 | | 416 | 4 | 193 |
| 1997 | 239 | 169 | 30 | 5 | | 443 | 1 | 242 |
| 1998 | 264 | 147 | 66 | 4 | | 481 | 2 | 254 |
| 1999 | 255 | 214 | 68 | 4 | | 541 | 4 | 235 |
| 2000 | 224 | 197 | 66 | 13 | 2 | 502 | 4 | 273 |
| 2001 | 237 | 187 | 72 | 7 | | 503 | 6 | 244 |
| 2002 | 216 | 204 | 46 | 4 | | 470 | 1 | 269 |
| 2003 | 210 | 277 | 63 | 5 | 1 | 556 | 7 | 308 |
| 2004 | 249 | 219 | 52 | 6 | 1 | 527 | 3 | 375 |
| 2005 | 221 | 179 | 66 | 1 | | 467 | 2 | 362 |
| 2006 | 251 | 201 | 80 | 3 | | 535 | 1 | 351 |
| 2007 | 265 | 221 | 79 | 8 | | 573 | 3 | 379 |
| 2008 | 288 | 210 | 77 | 8 | 1 | 584 | 3 | 333 |
| 2009 | 302 | 143 | 105 | 2 | 1 | 553 | 1 | 376 |
| 2010 | 385 | 136 | 97 | 6 | | 624 | 3 | 370 |
| 2011 | 423 | 81 | 162 | 13 | | 679 | 3 | 370 |
| 2012 | 404 | 73 | 136 | 3 | 1 | 617 | | 357 |
| 2013 | 450 | 72 | 161 | 5 | 2 | 690 | 1 | 434 |
| 2014 | 428 | 74 | 111 | | 1 | 614 | 3 | 416 |
| 2015 | 436 | 48 | 206 | 9 | 3 | 702 | 2 | 399 |
| 2016 | 470 | 35 | 168 | 7 | | 680 | 3 | 412 |
| **Total** | **9 616** | **8 984** | **2 063** | **122** | **26** | **20 811** | **364** | **11 024** |

1 | Ċifri grossi; proċeduri partikolari esklużi.

2 | Ċifri netti.

## 19. RINVIJI GĦAL DEĊIŻJONI PRELIMINARI MRESSQA (SKONT L-ISTAT MEMBRU U SKONT IS-SENA)

| | BE | BG | CZ | DK | DE | EE | IE | EL | ES | FR | HR | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE | UK | Oħra [1] | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1961 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | **1** |
| 1962 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | 5 | | | | | | | | | | | **5** |
| 1963 | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | 5 | | | | | | | | | | | **6** |
| 1964 | | | | | | | | | | | | 2 | | | | | | | 4 | | | | | | | | | | | **6** |
| 1965 | | | | | 4 | | | | | 2 | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | **7** |
| 1966 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | **1** |
| 1967 | 5 | | | | 11 | | | | | 3 | | | | | | 1 | | | 3 | | | | | | | | | | | **23** |
| 1968 | 1 | | | | 4 | | | | | 1 | | 1 | | | | | | | 2 | | | | | | | | | | | **9** |
| 1969 | 4 | | | | 11 | | | | | 1 | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | | | **17** |
| 1970 | 4 | | | | 21 | | | | | 2 | | 2 | | | | | | | 3 | | | | | | | | | | | **32** |
| 1971 | 1 | | | | 18 | | | | | 6 | | 5 | | | | 1 | | | 6 | | | | | | | | | | | **37** |
| 1972 | 5 | | | | 20 | | | | | 1 | | 4 | | | | | | | 10 | | | | | | | | | | | **40** |
| 1973 | 8 | | | | 37 | | | | | 4 | | 5 | | | | 1 | | | 6 | | | | | | | | | | | **61** |
| 1974 | 5 | | | | 15 | | | | | 6 | | 5 | | | | | | | 7 | | | | | | | | | 1 | | **39** |
| 1975 | 7 | | | 1 | 26 | | | | | 15 | | 14 | | | | 1 | | | 4 | | | | | | | | | 1 | | **69** |
| 1976 | 11 | | | | 28 | | 1 | | | 8 | | 12 | | | | | | | 14 | | | | | | | | | 1 | | **75** |
| 1977 | 16 | | | 1 | 30 | | 2 | | | 14 | | 7 | | | | | | | 9 | | | | | | | | | 5 | | **84** |
| 1978 | 7 | | | 3 | 46 | | 1 | | | 12 | | 11 | | | | | | | 38 | | | | | | | | | 5 | | **123** |
| 1979 | 13 | | | 1 | 33 | | 2 | | | 18 | | 19 | | | | 1 | | | 11 | | | | | | | | | 8 | | **106** |
| 1980 | 14 | | | 2 | 24 | | 3 | | | 14 | | 19 | | | | | | | 17 | | | | | | | | | 6 | | **99** |
| 1981 | 12 | | | 1 | 41 | | | | | 17 | | 11 | | | | 4 | | | 17 | | | | | | | | | 5 | | **108** |
| 1982 | 10 | | | 1 | 36 | | | | | 39 | | 18 | | | | | | | 21 | | | | | | | | | 4 | | **129** |
| 1983 | 9 | | | 4 | 36 | | 2 | | | 15 | | 7 | | | | | | | 19 | | | | | | | | | 6 | | **98** |
| 1984 | 13 | | | 2 | 38 | | 1 | | | 34 | | 10 | | | | | | | 22 | | | | | | | | | 9 | | **129** |
| 1985 | 13 | | | | 40 | | 2 | | | 45 | | 11 | | | | 6 | | | 14 | | | | | | | | | 8 | | **139** |
| 1986 | 13 | | | 4 | 18 | | 4 | 2 | 1 | 19 | | 5 | | | | 1 | | | 16 | | | | | | | | | 8 | | **91** |
| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | **>>>** |

1| Kawża C-265/00, ***Campina Melkunie*** (Qorti tal-Ġustizzja Benelux / Benelux Gerechtshof).
Kawża C-196/09, ***Miles e***t (Bord tal-Appell tal-Iskejjel Ewropej).
Kawża C-169/15, ***Montis Design*** (Qorti tal-Ġustizzja Benelux / Benelux Gerechtshof).

| | BE | BG | CZ | DK | DE | EE | IE | EL | ES | FR | HR | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE | UK | Oħra [1] | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1987 | 15 | | | 5 | 32 | | 2 | 17 | 1 | 36 | | 5 | | | | 3 | | | 19 | | | | | | | | | 9 | | **144** |
| 1988 | 30 | | | 4 | 34 | | | | 1 | 38 | | 28 | | | | 2 | | | 26 | | | | | | | | | 16 | | **179** |
| 1989 | 13 | | | 2 | 47 | | 1 | 2 | 2 | 28 | | 10 | | | | 1 | | | 18 | | | 1 | | | | | | 14 | | **139** |
| 1990 | 17 | | | 5 | 34 | | 4 | 2 | 6 | 21 | | 25 | | | | 4 | | | 9 | | | 2 | | | | | | 12 | | **141** |
| 1991 | 19 | | | 2 | 54 | | 2 | 3 | 5 | 29 | | 36 | | | | 2 | | | 17 | | | 3 | | | | | | 14 | | **186** |
| 1992 | 16 | | | 3 | 62 | | | 1 | 5 | 15 | | 22 | | | | 1 | | | 18 | | | 1 | | | | | | 18 | | **162** |
| 1993 | 22 | | | 7 | 57 | | 1 | 5 | 7 | 22 | | 24 | | | | 1 | | | 43 | | | 3 | | | | | | 12 | | **204** |
| 1994 | 19 | | | 4 | 44 | | 2 | | 13 | 36 | | 46 | | | | 1 | | | 13 | | | 1 | | | | | | 24 | | **203** |
| 1995 | 14 | | | 8 | 51 | | 3 | 10 | 10 | 43 | | 58 | | | | 2 | | | 19 | 2 | | 5 | | | | | 6 | 20 | | **251** |
| 1996 | 30 | | | 4 | 66 | | | 4 | 6 | 24 | | 70 | | | | 2 | | | 10 | 6 | | 6 | | | | 3 | 4 | 21 | | **256** |
| 1997 | 19 | | | 7 | 46 | | 1 | 2 | 9 | 10 | | 50 | | | | 3 | | | 24 | 35 | | 2 | | | | 6 | 7 | 18 | | **239** |
| 1998 | 12 | | | 7 | 49 | | 3 | 5 | 55 | 16 | | 39 | | | | 2 | | | 21 | 16 | | 7 | | | | 2 | 6 | 24 | | **264** |
| 1999 | 13 | | | 3 | 49 | | 2 | 3 | 4 | 17 | | 43 | | | | 4 | | | 23 | 56 | | 7 | | | | 4 | 5 | 22 | | **255** |
| 2000 | 15 | | | 3 | 47 | | 2 | 3 | 5 | 12 | | 50 | | | | | | | 12 | 31 | | 8 | | | | 5 | 4 | 26 | 1 | **224** |
| 2001 | 10 | | | 5 | 53 | | 1 | 4 | 4 | 15 | | 40 | | | | 2 | | | 14 | 57 | | 4 | | | | 3 | 4 | 21 | | **237** |
| 2002 | 18 | | | 8 | 59 | | | 7 | 3 | 8 | | 37 | | | | 4 | | | 12 | 31 | | 3 | | | | 7 | 5 | 14 | | **216** |
| 2003 | 18 | | | 3 | 43 | | 2 | 4 | 8 | 9 | | 45 | | | | 4 | | | 28 | 15 | | 1 | | | | 4 | 4 | 22 | | **210** |
| 2004 | 24 | | | 4 | 50 | | 1 | 18 | 8 | 21 | | 48 | | | | 1 | 2 | | 28 | 12 | | 1 | | | | 4 | 5 | 22 | | **249** |
| 2005 | 21 | | 1 | 4 | 51 | | 2 | 11 | 10 | 17 | | 18 | | | | 2 | 3 | | 36 | 15 | 1 | 2 | | | | 4 | 11 | 12 | | **221** |
| 2006 | 17 | | 3 | 3 | 77 | | 1 | 14 | 17 | 24 | | 34 | | | 1 | 1 | 4 | | 20 | 12 | 2 | 3 | | | 1 | 5 | 2 | 10 | | **251** |
| 2007 | 22 | 1 | 2 | 5 | 59 | 2 | 2 | 8 | 14 | 26 | | 43 | | | 1 | | 2 | | 19 | 20 | 7 | 3 | 1 | | 1 | 5 | 6 | 16 | | **265** |
| 2008 | 24 | | 1 | 6 | 71 | 2 | 1 | 9 | 17 | 12 | | 39 | 1 | 3 | 3 | 4 | 6 | | 34 | 25 | 4 | 1 | | | | 4 | 7 | 14 | | **288** |
| 2009 | 35 | 8 | 5 | 3 | 59 | 2 | | 11 | 11 | 28 | | 29 | 1 | 4 | 3 | | 10 | 1 | 24 | 15 | 10 | 3 | 1 | 2 | 1 | 2 | 5 | 28 | 1 | **302** |
| 2010 | 37 | 9 | 3 | 10 | 71 | | 4 | 6 | 22 | 33 | | 49 | | 3 | 2 | 9 | 6 | | 24 | 15 | 8 | 10 | 17 | 1 | 5 | 6 | 6 | 29 | | **385** |
| 2011 | 34 | 22 | 5 | 6 | 83 | 1 | 7 | 9 | 27 | 31 | | 44 | | 10 | 1 | 2 | 13 | | 22 | 24 | 11 | 11 | 14 | 1 | 3 | 12 | 4 | 26 | | **423** |
| 2012 | 28 | 15 | 7 | 8 | 68 | 5 | 6 | 1 | 16 | 15 | | 65 | | 5 | 2 | 8 | 18 | 1 | 44 | 23 | 6 | 14 | 13 | | 9 | 3 | 8 | 16 | | **404** |
| 2013 | 26 | 10 | 7 | 6 | 97 | 3 | 4 | 5 | 26 | 24 | | 62 | 3 | 5 | 10 | | 20 | | 46 | 19 | 11 | 14 | 17 | 1 | 4 | 4 | 12 | 14 | | **450** |
| 2014 | 23 | 13 | 6 | 10 | 87 | | 5 | 4 | 41 | 20 | 1 | 52 | 2 | 7 | 6 | | 23 | | 30 | 18 | 14 | 8 | 28 | 4 | 3 | 8 | 3 | 12 | | **428** |
| 2015 | 32 | 5 | 8 | 7 | 79 | 2 | 8 | 2 | 36 | 25 | 5 | 47 | | 9 | 8 | 7 | 14 | | 40 | 23 | 15 | 8 | 18 | 5 | 5 | 4 | 7 | 16 | 1 | **436** |
| 2016 | 26 | 18 | 5 | 12 | 84 | 1 | 6 | 6 | 47 | 23 | 2 | 62 | | 9 | 8 | 1 | 15 | 1 | 26 | 20 | 19 | 21 | 14 | 3 | 6 | 7 | 5 | 23 | | **470** |
| **Total** | **820** | **101** | **53** | **184** | **2 300** | **18** | **91** | **178** | **437** | **954** | **8** | **1 388** | **7** | **55** | **45** | **91** | **136** | **3** | **975** | **490** | **108** | **153** | **123** | **17** | **38** | **102** | **126** | **612** | **3** | **9 616** |

1 | Kawża C-265/00, ***Campina Melkunie*** (Qorti tal-Ġustizzja Benelux / Benelux Gerechtshof).
Kawża C-196/09, ***Miles e***t (Bord tal-Appell tal-Iskejjel Ewropej).
Kawża C-169/15, ***Montis Design*** (Qorti tal-Ġustizzja Benelux / Benelux Gerechtshof).

# 20. RINVIJI GĦAL DEĊIŻJONI PRELIMINARI MRESSQA (SKONT L-ISTAT MEMBRU U SKONT ILQORTI)

| | | | Total |
|---|---|---|---|
| **Il-Belġju** | Cour constitutionnelle | 32 | |
| | Cour de cassation | 94 | |
| | Conseil d'État | 80 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 614 | **820** |
| **Il-Bulgarija** | Върховен касационен съд | 2 | |
| | Върховен административен съд | 17 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 82 | **101** |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | Ústavní soud | | |
| | Nejvyššího soudu | 8 | |
| | Nejvyšší správní soud | 26 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 19 | **53** |
| **Id-Danimarka** | Højesteret | 36 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 148 | **184** |
| **Il-Ġermanja** | Bundesverfassungsgericht | 1 | |
| | Bundesgerichtshof | 213 | |
| | Bundesverwaltungsgericht | 120 | |
| | Bundesfinanzhof | 313 | |
| | Bundesarbeitsgericht | 37 | |
| | Bundessozialgericht | 76 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 1 540 | **2 300** |
| **L-Estonja** | Riigikohus | 7 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 11 | **18** |
| **L-Irlanda** | Supreme Court | 30 | |
| | High Court | 28 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 33 | **91** |
| **Il-Greċja** | Άρειος Πάγος | 11 | |
| | Συμβούλιο της Επικρατείας | 57 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 110 | **178** |
| **Spanja** | Tribunal Constitucional | 1 | |
| | Tribunal Supremo | 71 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 365 | **437** |
| **Franza** | Conseil constitutionnel | 1 | |
| | Cour de cassation | 122 | |
| | Conseil d'État | 110 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 721 | **954** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Il-Kroazja** | Ustavni sud | | |
| | Vrhovni sud | | |
| | Visoki upravni sud | | |
| | Visoki prekršajni sud | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 8 | **8** |
| **L-Italja** | Corte Costituzionale | 2 | |
| | Corte suprema di Cassazione | 141 | |
| | Consiglio di Stato | 134 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 1 111 | **1 388** |
| **Ċipru** | Ανώτατο Δικαστήριο | 4 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 3 | **7** |
| **Il-Latvja** | Augstākā tiesa | 21 | |
| | Satversmes tiesa | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 34 | **55** |
| **Il-Litwanja** | Konstitucinis Teismas | 1 | |
| | Aukščiausiasis Teismas | 16 | |
| | Vyriausiasis administracinis teismas | 17 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 11 | **45** |
| **Il-Lussemburgu** | Cour constitutionnelle | 1 | |
| | Cour de cassation | 27 | |
| | Cour administrative | 28 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 35 | **91** |
| **L-Ungerija** | Kúria | 23 | |
| | Fővárosi Ítélőtábla | 6 | |
| | Szegedi Ítélötáblá | 2 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 105 | **136** |
| **Malta** | Qorti Kostituzzjonali | | |
| | Qorti tal-Appell | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 3 | **3** |
| **Il-Pajjiżi l-Baxxi** | Hoge Raad | 278 | |
| | Raad van State | 109 | |
| | Centrale Raad van Beroep | 63 | |
| | College van Beroep voor het Bedrijfsleven | 156 | |
| | Tariefcommissie | 35 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 334 | **975** |
| **L-Awstrija** | Verfassungsgerichtshof | 5 | |
| | Oberster Gerichtshof | 115 | |
| | Verwaltungsgerichtshof | 96 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 274 | **490** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Il-Polonja** | Trybunał Konstytucyjny | 1 | |
| | Sąd Najwyższy | 15 | |
| | Naczelny Sąd Administracyjny | 40 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 52 | **108** |
| **Il-Portugall** | Supremo Tribunal de Justiça | 8 | |
| | Supremo Tribunal Administrativo | 59 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 86 | **153** |
| **Ir-Rumanija** | Înalta Curte de Casație și Justiție | 11 | |
| | Curtea de Apel | 64 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 48 | **123** |
| **Is-Slovenja** | Ustavno sodišče | 1 | |
| | Vrhovno sodišče | 11 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 5 | **17** |
| **Is-Slovakkja** | Ústavný Súd | | |
| | Najvyšší súd | 15 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 23 | **38** |
| **Il-Finlandja** | Korkein oikeus | 19 | |
| | Korkein hallinto-oikeus | 50 | |
| | Työtuomioistuin | 3 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 30 | **102** |
| **L-Isvezja** | Högsta Domstolen | 21 | |
| | Högsta förvaltningsdomstolen | 8 | |
| | Marknadsdomstolen | 5 | |
| | Arbetsdomstolen | 4 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 88 | **126** |
| **Ir-Renju Unit** | House of Lords | 40 | |
| | Supreme Court | 10 | |
| | Court of Appeal | 83 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 479 | **612** |
| **Oħra** | Cour de justice Benelux/Benelux Gerechtshof [1] | 2 | |
| | Bord tal-Appell tal-Iskejjel Ewropej [2] | 1 | **3** |
| **Total** | | | **9 616** |

1 | Kawża C-265/00, *Campina Melkunie*.
Kawża C-169/15, *Montis Design*.

2 | Kawża C-196/09, *Miles et*

# 21. RIKORSI GĦAL NUQQAS TA' TWETTIQ TA' OBBLIGU PPREŻENTATI KONTRA L-ISTATI MEMBRI

1952-2016




| BE | BG | CZ | DK | DE | EE | IE | EL | ES | FR | HR | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE | UK | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 383 | 9 | 32 | 41 | 289 | 22 | 206 | 407 | 245 | 416 | 0 | 642 | 12 | 1 | 3 | 269 | 16 | 16 | 147 | 139 | 77 | 199 | 7 | 15 | 14 | 58 | 54 | 140 | 3 859 |

# VII. ATTIVITÀ TAR-REĠISTRU TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (2015-2016)

| Tip ta’ intervent | 2015 | 2016 |
|---|---|---|
| Numru ta' dokumenti inklużi fir-reġistru tar-Reġistru | 89 328 | 93 215 |
| Perċentwali ta' atti proċedurali ppreżentati bl-e-Curia | 69 % | 75 % |
| Numru ta' seduti għas-sottomissjonijiet orali kkonvokati u organizzati | 256 | 270 |
| Numru ta' seduti għall-konklużjonijiet ikkonvokati u organizzati | 239 | 319 |
| Numru ta' sentenzi, ta' opinjonijiet u ta' digrieti li jtemmu l-istanzi nnotifikati lill-partijiet | 570 | 645 |
| Numru ta' proċessi verbali tas-seduta (sottomissjonijiet orali, konklużjonijiet u sentenzi) | 894 | 1001 |
| Numru ta' komunikazzjonijiet lill-ĠU dwar il-kawżi ġodda | 639 | 660 |
| Numru ta' komunikazzjonijiet lill-ĠU dwar il-kawżi magħluqa | 546 | 522 |

# E | KOMPOŻIZZJONI TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA



(Ordni protokollari fil-31 ta' Diċembru 2016)

*L-ewwel filliera, mix-xellug għal-lemin:*

L-Avukat Ġenerali Ewlieni M. Wathelet; il-Presidenti ta' Awla T. von Danwitz u M. Ilešič; il-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja A. Tizzano; il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja K. Lenaerts; il-Presidenti ta' Awla R. Silva de Lapuerta, L. Bay Larsen u J.L. da Cruz Vilaça

*It-tieni filliera, mix-xellug għal-lemin:*

L-Imħallfin A. Borg Barthet u A. Rosas, il-Presidenti ta' Awla M. Vilaras, M. Berger, E. Juhász, A. Prechal, E. Regan, l-Avukat Ġenerali J. Kokott

*It-tielet filliera, mix-xellug għal-lemin:*

L-Imħallfin C. Toader, J.-C. Bonichot, l-Avukat Ġenerali P. Mengozzi, l-Imħallfin E. Levits u J. Malenovský, l-Avukati Ġenerali E. Sharpston, Y. Bot, l-Imħallef A. Arabadjiev

*Ir-raba' filliera, mix-xellug għal-lemin:*

L-Imħallef F. Biltgen, l-Avukat Ġenerali N. Wahl, l-Imħallfin C. G. Fernlund, D. Šváby, M. Safjan, E. Jarašiūnas, C. Vajda u S. Rodin

*Il-ħames filliera, mix-xellug għal-lemin:*

L-Avukat Ġenerali M. Bobek, M. Campos Sánchez-Bordona u M. Szpunar, l-Imħallfin K. Jürimäe, C. Lycourgos, l-Avukat Ġenerali H. Saugmandsgaard Øe u E. Tanchev, ir-Reġistratur A. Calot Escobar

# 1. BIDLIET FIL-KOMPOŻIZZJONI TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA FL-2016

Permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Settembru 2016, ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ħatru lil Evgeni Tanchev [1] bħala Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja, għall-perijodu mis-16 ta' Settembru 2016 sas-6 ta' Ottubru 2021.

1 | Skont il-prinċipju ta' rotazzjoni, E. Tanchev, ta' nazzjonalità Bulgara, issostitwixxa lil N. Jääskinen, ta' nazzjonalità Finlandiża, li temm il-mandat fis-7 ta' Ottubru 2015.

## 2. ORDNIJIET PROTOKOLLARI

### MILL-1 TA' JANNAR 2016 SAS-6 TA' OTTUBRU 2016

K. LENAERTS, President
A. TIZZANO, Viċi President
R. SILVA DE LAPUERTA, President tal-Ewwel Awla
M. ILEŠIČ, President tat-Tieni Awla
L. BAY LARSEN, President tat-Tielet Awla
T. von DANWITZ, President tar-Raba' Awla
J. L. da CRUZ VILAÇA, President tal-Ħames Awla
M. WATHELET, Avukat Ġenerali Ewlieni
A. ARABADJIEV, President tas-Sitt Awla
C. TOADER, President tas-Seba' Awla
D. ŠVÁBY, President tat-Tmien Awla
F. BILTGEN, President tal-Għaxar Awla
C. LYCOURGOS, President tad-Disa' Awla
A. ROSAS, Imħallef
J. KOKOTT, Avukat Ġenerali
E. JUHÁSZ, Imħallef
A. BORG BARTHET, Imħallef
J. MALENOVSKÝ, Imħallef
E. LEVITS, Imħallef
E. SHARPSTON, Avukat Ġenerali
P. MENGOZZI, Avukat Ġenerali
Y. BOT, Avukat Ġenerali
J.-C. BONICHOT, Imħallef
M. SAFJAN, Imħallef
M. BERGER, Imħallef
A. PRECHAL, Imħallef
E. JARAŠIŪNAS, Imħallef
C.G. FERNLUND, Imħallef
C. VAJDA, Imħallef
N. WAHL, Avukat Ġenerali
S. RODIN, Imħallef
K. JÜRIMÄE, Imħallef
M. SZPUNAR, Avukat Ġenerali
M. CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA, Avukat Ġenerali
M. VILARAS, Imħallef
E. REGAN, Imħallef
H. Saugmandsgaard ØE, Avukat Ġenerali
M. BOBEK, Avukat Ġenerali
E. TANCHEV, Avukat Ġenerali

A. CALOT ESCOBAR, Reġistratur

## MIS-7 TA' OTTUBRU 2016 SAL-31 TA' DIĊEMBRU 2016

K. LENAERTS, President
A. TIZZANO, Viċi President
R. SILVA de LAPUERTA, President tal-Ewwel Awla
M. ILEŠIČ, President tat-Tieni Awla
L. BAY LARSEN, President tat-Tielet Awla
T. von DANWITZ, President tar-Raba' Awla
J. L. da CRUZ VILAÇA, President tal-Ħames Awla
M. WATHELET, Avukat Ġenerali Ewlieni
E. JUHÁSZ, President tad-Disa' Awla
M. BERGER, President tal-Għaxar Awla
A. PRECHAL, President tas-Seba' Awla
M. VILARAS, President tat-Tmien Awla
E. REGAN, President tas-Sitt Awla
A. ROSAS, Imħallef
J. KOKOTT, Avukat Ġenerali
A. BORG BARTHET, Imħallef
J. MALENOVSKÝ, Imħallef
E. LEVITS, Imħallef
E. SHARPSTON, Avukat Ġenerali
P. MENGOZZI, Avukat Ġenerali
Y. BOT, Avukat Ġenerali
J.-C. BONICHOT, Imħallef
A. ARABADJIEV, Imħallef
C. TOADER, Imħallef
M. SAFJAN, Imħallef
D. ŠVÁBY, Imħallef
E. JARAŠIŪNAS, Imħallef
C.G. FERNLUND, Imħallef
C. VAJDA, Imħallef
N. WAHL, Avukat Ġenerali
S. RODIN, Imħallef
F. BILTGEN, Imħallef
K. JÜRIMÄE, Imħallef
M. SZPUNAR, Avukat Ġenerali
C. LYCOURGOS, Imħallef
M. CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA, Avukat Ġenerali
H. Saugmandsgaard ØE, Avukat Ġenerali
M. BOBEK, Avukat Ġenerali
E. TANCHEV, Avukat Ġenerali

A. CALOT ESCOBAR, Reġistratur

# 3. MEMBRI PREĊEDENTI TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

(skont l-ordni tad-dħul fil-kariga)

## IMĦALLFINMEMBRES

Massimo PILOTTI, Imħallef (1952-1958), President mill-1952 sal-1958
Petrus SERRARENS, Imħallef (1952-1958)
Otto RIESE, Imħallef (1952-1963)
Louis DELVAUX, Imħallef (1952-1967)
Jacques RUEFF, Imħallef (1952-1959 u 1960-1962)
Charles Léon HAMMES, Imħallef (1952-1967), President mill-1964 sal-1967
Adrianus VAN KLEFFENS, Imħallef (1952-1958)
Maurice LAGRANGE, Avukat Ġenerali (1952-1964)
Karl ROEMER, Avukat Ġenerali (1953-1973)
Rino ROSSI, Imħallef (1958-1964)
Nicola CATALANO, Imħallef (1958-1962)
Andreas Matthias DONNER, Imħallef (1958-1979), President mill-1958 sal-1964
Alberto TRABUCCHI, Imħallef (1962-1972), imbagħad Avukat Ġenerali (1973-1976)
Robert LECOURT, Imħallef (1962-1976), President mill-1967 sal-1976
Walter STRAUSS, Imħallef (1963-1970)
Riccardo MONACO, Imħallef (1964-1976)
Joseph GAND, Avukat Ġenerali (1964-1970)
Josse J. MERTENS de WILMARS, Imħallef (1967-1984), President mill-1980 sal-1984
Pierre PESCATORE, Imħallef (1967-1985)
Hans KUTSCHER, Imħallef (1970-1980), President mill-1976 sal-1980
Alain Louis DUTHEILLET DE LAMOTHE, Avukat Ġenerali (1970-1972)
Henri MAYRAS, Avukat Ġenerali (1972-1981)
Cearbhall O'DALAIGH, Imħallef (1973-1974)
Max SØRENSEN, Imħallef (1973-1979)
Jean-Pierre WARNER, Avukat Ġenerali (1973-1981)
Alexander J. MACKENZIE STUART, Imħallef (1973-1988), President mill-1984 sal-1988
Gerhard REISCHL, Avukat Ġenerali (1973-1981)
Aindrias O'KEEFFE, Imħallef (1974-1985)
Francesco CAPOTORTI, Imħallef (1976), imbagħad Avukat Ġenerali (1976-1982)
Giacinto BOSCO, Imħallef (1976-1988)
Adolphe TOUFFAIT, Imħallef (1976-1982)
Thijmen KOOPMANS, Imħallef (1979-1990)
Ole DUE, Imħallef (1979-1994), President mill-1988 sal-1994
Ulrich EVERLING, Imħallef (1980-1988)
Alexandros CHLOROS, Imħallef (1981-1982)
Sir Gordon SLYNN, Avukat Ġenerali (1981-1988), imbagħad Imħallef (1988-1992)
Pieter VERLOREN van THEMAAT, Avukat Ġenerali (1981-1986)
Simone ROZÈS, Avukat Ġenerali (1981-1984)
Fernand GRÉVISSE, Imħallef (1981-1982 u 1988-1994)
Kai BAHLMANN, Imħallef (1982-1988)
G. Federico MANCINI, Avukat Ġenerali (1982-1988), imbagħad Imħallef (1988-1999)
Yves GALMOT, Imħallef (1982-1988)
Constantinos KAKOURIS, Imħallef (1983-1997)

Carl Otto LENZ, Avukat Ġenerali (1984-1997)
Marco DARMON, Avukat Ġenerali (1984-1994)
René JOLIET, Imħallef (1984-1995)
Thomas Francis O'HIGGINS, Imħallef (1985-1991)
Fernand SCHOCKWEILER, Imħallef (1985-1996)
Jean MISCHO, Avukat Ġenerali (1986-1991 u 1997-2003)
José Carlos de CARVALHO MOITINHO de ALMEIDA, Imħallef (1986-2000)
José Luís da CRUZ VILAÇA, Avukat Ġenerali (1986-1988)
Gil Carlos RODRÍGUEZ IGLÉSIAS, Imħallef (1986-2003), President mill-1994 sal-2003
Manuel DIEZ de VELASCO, Imħallef (1988-1994)
Manfred ZULEEG, Imħallef (1988-1994)
Walter VAN GERVEN, Avukat Ġenerali (1988-1994)
Francis Geoffrey JACOBS, Avukat Ġenerali (1988-2006)
Giuseppe TESAURO, Avukat Ġenerali (1988-1998)
Paul Joan George KAPTEYN, Imħallef (1990-2000)
Claus Christian GULMANN, Avukat Ġenerali (1991-1994), imbagħad Imħallef (1994-2006)
John L. MURRAY, Imħallef (1991-1999)
David Alexander Ogilvy EDWARD, Imħallef (1992-2004)
Antonio Mario LA PERGOLA, Imħallef (1994 u 1999-2006), Avukat Ġenerali (1995-1999)
Georges COSMAS, Avukat Ġenerali (1994-2000)
Jean-Pierre IMBAGĦADSOCHET, Imħallef (1994-2006)
Philippe LÉGER, Avukat Ġenerali (1994-2006)
Günter HIRSCH, Imħallef (1994-2000)
Michael Bendik ELMER, Avukat Ġenerali (1994-1997)
Peter JANN, Imħallef (1995-2009)
Hans RAGNEMALM, Imħallef (1995-2000)
Leif SEVÓN, Imħallef (1995-2002)
Nial FENNELLY, Avukat Ġenerali (1995-2000)
Melchior WATHELET, Imħallef (1995-2003)
Dámaso RUIZ-JARABO COLOMER, Avukat Ġenerali (1995-2009)
Romain SCHINTGEN, Imħallef (1996-2008)
Krateros IOANNOU, Imħallef (1997-1999)
Siegbert ALBER, Avukat Ġenerali (1997-2003)
Antonio SAGGIO, Avukat Ġenerali (1998-2000)
Vassilios SKOURIS, Imħallef (1999-2015), President mill-2003 sal-2015
Fidelma O'KELLY MACKEN, Imħallef (1999-2004)
Ninon COLNERIC, Imħallef (2000-2006)
Stig von BAHR, Imħallef (2000-2006)
José Narciso da CUNHA RODRIGUES, Imħallef (2000-2012)
Christiaan Willem Anton TIMMERMANS, Imħallef (2000-2010)
Leendert A. GEELHOED, Avukat Ġenerali (2000-2006)
Christine STIX-HACKL, Avukat Ġenerali (2000-2006)
Luís Miguel POIARES PESSOA MADURO, Avukat Ġenerali (2003-2009)
Konrad Hermann Theodor SCHIEMANN, Imħallef (2004-2012)
Jerzy MAKARCZYK, Imħallef (2004-2009)
Pranas KŪRIS, Imħallef (2004-2010)
Georges ARESTIS, Imħallef (2004-2014)
Ján KLUČKA, Imħallef (2004-2009)
Uno LÕHMUS, Imħallef (2004-2013)

Aindrias Ó CAOIMH, Imħallef (2004-2015)
Pernilla LINDH, Imħallef (2006-2011)
Ján MAZÁK, Avukat Ġenerali (2006-2012)
Verica TRSTENJAK, Avukat Ġenerali (2006-2012)
Jean-Jacques KASEL, Imħallef (2008-2013)
Niilo JÄÄSKINEN, Avukat Ġenerali (2009-2015)
Pedro CRUZ VILLALÓN, Avukat Ġenerali (2009-2015)

## PRESIDENTI

Massimo PILOTTI (1952-1958)
Andreas Matthias DONNER (1958-1964)
Charles Léon HAMMES (1964-1967)
Robert LECOURT (1967-1976)
Hans KUTSCHER (1976-1980)
Josse J. MERTENS de WILMARS (1980-1984)
Alexander John MACKENZIE STUART (1984-1988)
Ole DUE (1988-1994)
Gil Carlos RODRÍGUEZ IGLÉSIAS (1994-2003)
Vassilios SKOURIS (2003-2015)

## REĠISTRATURI

Albert VAN HOUTTE (1953-1982)
Paul HEIM (1982-1988)
Jean-Guy GIRAUD (1988-1994)
Roger GRASS (1994-2010)





# KAPITOLU II
## IL-QORTI ĠENERALI

# A | ATTIVITÀ TAL-QORTI ĠENERALI FL-2016

Mill-President **Marc JAEGER**

Is-sena 2016 kienet sena ta' tibdiliet numerużi u profondi għall-Qorti Ġenerali. Minbarra t-tiġdid tal-Qorti Ġenerali ta' kull tliet snin, seħħew ukoll, fil-fatt, l-implementazzjoni tar-riforma tal-arkitettura tal-istituzzjoni, li kienet ikkaratterizzata mill-ewwel żewġ fażijiet taż-żieda fin-numru ta' Mħallfin tal-Qorti Ġenerali [1], mix-xoljiment tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u mit-trasferiment lill-Qorti Ġenerali tal-ġurisdizzjoni sabiex jiġu deċiżi, fl-ewwel istanza, it-tilwimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-membri tal-persunal tagħha [2]. Ir-riflessjonijiet profondi li twettqu mill-Imħallfin, f'kollaborazzjoni mill-qrib mar-Reġistru tal-Qorti Ġenerali u mad-dipartimenti tal-istituzzjoni, kienu intiżi sabiex jintlaħaq l-għan fundamentali li jikkonsisti fl-adattament tal-organizzazzjoni għall-bżonnijiet ta' qorti estiża, filwaqt li jiġu ppreżervati l-kisbiet fl-effiċjenza u fil-kwalità li jirriżultaw mir-riformi interni li twettqu minn kważi għaxar snin ilu sal-lum. Imsaħħa bir-riżorsi l-ġodda tagħha, il-Qorti Ġenerali qiegħdet sisien ġodda bil-għan li taffaċċja u twettaq sewwa l-ambizzjonijiet li stabbilixxiet għaliha nfisha fil-kuntest taż-żieda fin-numru tal-Imħallfin tagħha: ħeffa, kif ukoll kwalità, koerenza u awtorità tal-ġurisprudenza tagħha.

## 1. ORGANIZZAZZJONI

L-ewwel nett, f'dak li jirrigwarda l-kompożizzjoni tagħha, il-Qorti Ġenerali laqgħet fi ħdanha 22 Membru ġdid (li jirrappreżentaw eżattament nofs il-Membri attwalment fil-kariga), u għalhekk kien hemm bżonn li jitwettqu diversi passi sabiex tiġi żgurata integrazzjoni armonjuża u mħaffa tal-uffiċċji tal-Membri l-ġodda (reklutaġġ, installazzjoni materjali, ħolqien ta' portafolji ta' kawżi assenjati, taħriġ tal-persunal, aġġornament tas-sistemi tal-informatika, u ħwejjeġ oħra).

Sittax minn dawn l-Imħallfin inħatru fil-kuntest tal-ewwel żewġ fażijiet tar-riforma tal-Qorti Ġenerali, li sseħħ fi stadji minħabba restrizzjonijiet marbuta mal-proċess deċiżjonali għall-ħatra tal-Imħallfin. Għaldaqstant, daħlu fil-kariga tagħhom:

–fit-13 ta' April 2016, C. Iliopoulos, L. Calvo-Sotelo Ibáñez-Martín, D. Spielmann, V.Valančius, Z. Csehi, N. Półtorak u A. Marcoulli, taħt l-ewwel fażi tar-riforma;

– fit-8 ta' Ġunju 2016, P. G. Xuereb, F. Schalin u I. Reine, taħt l-ewwel fażi tar-riforma;

– fid-19 ta' Settembru 2016:

- J. Passer, taħt l-ewwel fażi tar-riforma;

1| Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2015, li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 341, p. 14). Skont ir-Regolament 2015/2422, iż-żieda fin-numru ta' Mħallfin tal-Qorti Ġenerali kellha ssir fi tliet stadji. Fl-ewwel fażi, kellhom jinħatru tnax-il Imħallef addizzjonali mill-25 ta' Diċembru 2015. Fit-tieni fażi, kellhom jinħatru seba' Mħallfin addizzjonali, fil-kuntest tax-xoljiment tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, mill-1 ta' Settembru 2016. Fl-aħħar nett, fit-tielet fażi, kellhom jinħatru l-aħħar disa' Mħallfin addizzjonali, mill-1 ta' Settembru 2019, sabiex in-numru ta' Mħallfin jitla għal 56.

2| Regolament (UE, Euratom) 2016/1192 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Lulju 2016, dwar it-trasferiment lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-ġurisdizzjoni fl-ewwel istanza f'tilwimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-membri tal-persunal tagħha (ĠU 2016, L 200, p. 137). Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-kontenzjuż tas-servizz pubbliku tal-Unjoni, kien meħtieġ li jiġu emendati r-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali (ĠU 2016, L 217, p. 73).

- E. Perillo, R. Barents, J. Svenningsen, M. J. Costeira u A. Kornezov, taħt it-tieni fażi tar-riforma.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali laqgħet fi ħdanha sitt Imħallfin oħra fil-kuntest tat-tiġdid tagħha ta' kull tliet snin: R. da Silva Passos, P. Nihoul, B. Berke, U. Öberg, O. Spineanu-Matei u K. Kowalik-Bańczyk għalhekk inħatru sabiex jissostitwixxu lil M. E. Martins Ribeiro, F. Dehousse, O. Czúcz, C. Wetter, A. Popescu u I. Wiszniewska-Białecka, rispettivament.

Filwaqt li hija attwalment komposta minn 44 Imħallef [3], il-Qorti Ġenerali għad trid tilqa' fi ħdanha tliet Imħallfin li għadhom iridu jinħatru (wieħed taħt l-ewwel fażi u t-tnejn l-oħra taħt it-tieni fażi) sabiex tilħaq in-numru ta' 47 Imħallef previst fl-Artikolu 48 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għall-perijodu 2016-2019, f'liema sena tal-aħħar għandha finalment isseħħ it-tielet u l-aħħar fażi tar-riforma, bil-ħatra ta' disa' Mħallfin addizzjonali.

It-tieni nett, f'dak li jirrigwarda l-istruttura tagħha, il-Qorti Ġenerali biddlet il-prinċipju ta' organizzazzjoni interna li kienet tapplika għaliha minn Settembru 2007 sa Settembru 2016. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali issa hija komposta minn disa' awli ta' ħames Imħallfin, li jistgħu jkunu kkostitwiti jew minn tliet Imħallfin f'żewġ sottokulleġġi ġudikanti ppreseduti mill-President tal-Awla, jew minn ħames Imħallfin [4].

Fl-aħħar nett, f'dak li jirrigwarda l-funzjonament tagħha, il-Qorti Ġenerali ħolqot il-kundizzjonijiet sabiex tiżgura bilanċ bejn effiċjenza u koordinazzjoni. Għaldaqstant, filwaqt li l-kulleġġ ġudikanti ordinarju jibqa' awla kkostitwita minn tliet Imħallfin, l-istruttura l-ġdida hija intiża sabiex tiffaċilita li kawżi jintbagħtu lura lil kulleġġi ġudikanti kkostitwiti minn ħames Imħallfin, sabiex tiffaċilita s-sostituzzjoni ta' Mħallfin impediti fi ħdan l-istess awla u sabiex tagħti lill-Viċi President u lill-Presidenti ta' Awla rwol imsaħħaħ fil-koordinazzjoni u fil-koerenza ġurisprudenzjali.

Barra minn hekk, fl-okkażjoni tat-tiġdid tagħha ta' kull tliet snin, il-Qorti Ġenerali ntalbet teleġġi l-President, il-Viċi President u l-Presidenti ta' Awla tagħha għall-perijodu minn Settembru 2016 sa Awwissu 2019. Għaldaqstant, minn naħa, M. Jaeger u M. van der Woude ġew eletti President u Viċi President tal-Qorti Ġenerali, rispettivament, u, min-naħa l-oħra, I. Pelikánová, M. Prek, S. Frimodt Nielsen, H. Kanninen, D. Gratsias, G. Berardis, V. Tomljenović, A. M. Collins u S. Gervasoni ġew eletti Presidenti ta' Awla.

## 2. STATISTIKA ĠUDIZZJARJA

L-analiżi tal-istatistika ġudizzjarja għas-sena 2016 tiżvela essenzjalment fenomenu doppju, jiġifieri, minn naħa, żieda fin-numru ta' kawżi ppreżentati u fin-numru ta' kawżi pendenti u, min-naħa l-oħra, tnaqqis notevoli fit-tul tal-proċeduri.

Kien hemm żieda ta' 17 % fin-numru ta' kawżi ppreżentati, li minn 831 kawża fl-2015 tela' għal 974 fl-2016, liema żieda seħħet, fil-parti l-kbira tagħha, minħabba t-trasferiment tal-ġurisdizzjoni fl-ewwel istanza sabiex jiġu deċiżi t-tilwimiet fil-qasam tas-servizz pubbliku tal-Unjoni (li, waħedhom, jammontaw għal 163 kawża) [5]. In-numru ta' kawżi pendenti żdied bi proporzjon simili u minn 1 267 kawża fl-2015 tela' għal 1 486 kawża

3| Fil-31 ta' Diċembru 2016.

4| Sakemm jaslu l-aħħar tliet Imħallfin li għandhom jinħatru, tlieta mid-disa' awli huma, fuq bażi tranżitorja, komposti minn erba' Mħallfin, u jistgħu jkunu kkostitwiti jew minn tliet Imħallfin fi tliet sottokulleġġi ġudikanti, jew minn ħames Imħallfin, f'liema każ Imħallef addizzjonali jinġieb minn awla oħra sabiex jikkompleta l-kulleġġ ġudikanti.

5| It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku baqa' jopera sal-31 ta' Awwissu 2016. Għal ħarsa lejn din l-attività, jekk jogħġbok ara l-Kapitolu III "It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku".

fl-2016. Min-naħa tagħha, il-produttività tal-Qorti Ġenerali segwiet il-livelli ta' prestazzjoni miksuba sa mill-2013, b'numru ta' kawżi deċiżi fost l-aħjar tlieta rreġistrati mill-Qorti Ġenerali sa mill-ħolqien tagħha (755 kawża deċiża). In-numru iktar baxx osservat meta mqabbel mas-snin 2015 u 2014 jista' jiġi spjegat mill-effett ikkombinat tat-tnaqqis fil-kawżi pendenti (b'mod partikolari fl-2015), tat-tiġdid ta' kull tliet snin u tar-riorganizzazzjoni interna tal-Qorti Ġenerali li kellha ssir minħabba l-integrazzjoni tal-Imħallfin il-ġodda, li ma jistgħux jikkontribwixxu b'mod viżibbli u sostanzjali għall-produttività tal-Qorti Ġenerali matul l-ewwel xhur tal-mandat tagħhom.

Fl-istess waqt, l-indikatur prinċipali tal-prestazzjoni tal-Qorti Ġenerali li jikkonsisti fit-tul tal-proċeduri jkompli juri xejra pożittiva. Ġiet ikkonfermata mill-ġdid id-dinamika ta' tnaqqis fit-tul tal-proċeduri osservata sa mill-2013, b'medja globali (kawżi deċiżi permezz ta' sentenza jew digriet, irrispettivament mis-suġġett tagħhom) ta' 18.7 xhur, jiġifieri tnaqqis ta' 1.9 xhur meta mqabbla mal-2015 u ta' 8.2 xhur meta mqabbla mal-2013.

Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, minħabba, b'mod partikolari, ir-riorganizzazzjoni tal-Qorti Ġenerali u l-possibbiltajiet ġodda li nfetħu bl-implementazzjoni tar-riforma tagħha, in-numru ta' kawżi mibgħuta lura quddiem kulleġġ ġudikanti kkostitwit minn ħames Imħallfin tela' għal 29 fl-2016, filwaqt li l-medja annwali osservata għal tali kawżi mibgħuta lura bejn l-2010 u l-2015 kienet ta' inqas minn 9 kawżi kull sena.

Fl-aħħar nett, l-iżviluppi fir-rigward tal-kontenzjuż kienu kkaratterizzati minn żieda fil-kawżi dwar il-proprjetà intellettwali (+ 11 %), mit-trasferiment tal-ġurisdizzjoni fl-ewwel istanza sabiex jiġu deċiżi l-kawżi dwar is-servizz pubbliku tal-Unjoni (fl-1 ta' Settembru ġew ittrasferiti 123 rikors mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u, sal-31 ta' Diċembru 2016, ġew ippreżentati 40 rikors ġdid, li jammontaw b'kollox għal 163 kawża, jiġifieri kważi 17 % tal-kawżi ġodda), minn tnaqqis relattiv fin-numru ta' kawżi dwar miżuri restrittivi (28 kawża ġdida ppreżentata fl-2016), miż-żamma ta' numru kbir ta' kawżi dwar għajnuna mill-Istat (76 kawża), b'mod partikolari dwar it-tassazzjoni fl-Istati Membri, u mill-fatt li feġġ sors ġdid ta' kontenzjuż, li jirrigwarda l-applikazzjoni tar-regoli ta' superviżjoni prudenzjali fir-rigward tal-istabbilimenti ta' kreditu.

Il-parti li jmiss, imħejjija mill-Viċi President tal-Qorti Ġenerali, hija ddedikata għall-ġurisprudenza li kkaratterizzat is-sena 2016. Din il-parti tesponi d-diversità kbira ferm, u kultant kumplessa, tal-kwistjonijiet imressqa għall-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali kif ukoll ir-rwol fundamentali mogħti lilha bħala garanti tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u, għaldaqstant, ta' Unjoni bbażata fuq l-istat tad-dritt.


1976
1977
1977
1978
1978
1978
1979
1979
1980
1979
1980

# B | ĠURISPRUDENZA TAL-QORTI ĠENERALI FL-2016

## I. PROĊEDURA ĠUDIZZJARJA

### AMMISSIBBILTÀ TAR-RIKORSI PPREŻENTATI SKONT L-ARTIKOLU 263 TFUE

Il-ġurisprudenza tal-2016 ippermettiet lill-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari, tiddeċiedi dwar l-osservanza tar-rekwiżiti proċedurali u tat-termini għall-preżentata ta' rikors kif ukoll dwar il-kunċetti ta' att li jista' jiġi kkontestat, ta' *locus standi* u ta' att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni.

#### 1. KUNĊETT TA' ATT LI MA JISTAX JIĠI KKONTESTAT

Fis-sentenza tal-15 ta' Settembru 2016, ***L-Italja vs Il-Kummissjoni*** (T-353/14 u T-17/15, taħt appell[1], EU:T:2016:495), il-Qorti Ġenerali kellha l-opportunità tagħmel preċiżazzjonijiet dwar il-kunċett ta' att li jista' jkun is-suġġett ta' rikors għal annullament, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE. Żewġ talbiet għall-annullament ta' żewġ avviżi ta' kompetizzjoni ppubblikati mill-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO)[2] taw lok għall-kawżi magħquda li wasslu għal din is-sentenza. Il-Kummissjoni Ewropea kienet qajmet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, għar-raġuni li, essenzjalment, l-avviżi kkontestati kienu jikkostitwixxu atti konfermattivi jew atti ta' sempliċi implementazzjoni tar-regoli ġenerali applikabbli għall-kompetizzjonijiet miftuħa [3] u tal-linji gwida ġenerali tal-Kulleġġ tal-Kapijiet tal-Amministrazzjoni dwar l-użu tal-lingwi fil-kompetizzjonijiet tal-EPSO, li jinsabu fl-Anness 2 tal-imsemmija regoli ġenerali.

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, sabiex tingħata tweġiba għall-argumenti mqajma mill-Kummissjoni, huwa meħtieġ li jiġu eżaminati n-natura u l-portata ġuridika tar-regoli ġenerali u tal-linji gwida ġenerali. Fil-fatt, huwa biss jekk dawn it-testi kienu intiżi li jistabbilixxu regoli vinkolanti u, għaldaqstant, kienu jikkostitwixxu atti li jistgħu jipproduċu effetti legali vinkolanti li l-avviżi ta' kompetizzjoni kontenzjużi setgħu jikkostitwixxu biss atti konfermattivi jew ta' sempliċi implementazzjoni. Issa mill-formulazzjoni stess ta' dawn it-testi jirriżulta li, billi ppubblikahom, l-EPSO ma stabbilixxiex b'mod definittiv is-sistema lingwistika tal-kompetizzjonijiet kollha li huwa inkarigat li jorganizza. Barra minn hekk u fi kwalunkwe każ, anki jekk dawn it-testi jinkludu wkoll numru ta' evalwazzjonijiet li jirrestrinġu l-għażla tat-tieni lingwa tal-kompetizzjonijiet organizzati mill-EPSO u tal-lingwa ta' komunikazzjoni bejnu u l-kandidati, dawn l-evalwazzjonijiet ma jistgħux jiġu interpretati bħala li jistabbilixxu sistema lingwistika applikabbli għall-kompetizzjonijiet kollha organizzati mill-EPSO, peress li ebda dispożizzjoni ma tat lil dan tal-aħħar jew lill-Kulleġġ tal-Kapijiet tal-Amministrazzjoni l-kompetenza li jistabbilixxi tali sistema ta' applikazzjoni ġenerali jew li jadotta, f'dan ir-rigward, regoli ta' prinċipju li avviż ta' kompetizzjoni jista' jmur kontrihom eċċezzjonalment biss. L-EPSO ma huwiex prekluż, sabiex jiggarantixxi l-ugwaljanza fit-trattament u ċ-ċertezza legali, milli jadotta u jippubblika atti bħar-regoli ġenerali u l-linji gwida ġenerali intiżi li jħabbru kif biħsiebu juża, f'ċerti sitwazzjonijiet, is-setgħa diskrezzjonali li jagħtuh dawn id-dispożizzjonijiet, sakemm dawn it-testi ma jitbegħdux mir-regoli ta' portata ġenerali li jistipulaw is-setgħat

1| Kawża C-621/16 P, ***Il-Kummissjoni vs L-Italja***.

2| Avviż ta' kompetizzjoni ġenerali – EPSO/AD/276/14 – Amministraturi (AD 5) (ĠU 2014, C 74 A, p. 4), u Avviż ta' kompetizzjoni ġenerali – EPSO/AD/294/14 – Amministraturi (AD 6) fil-qasam tal-protezzjoni tad-dejta (ĠU 2014, C 391 A, p. 1).

3| Regoli ġenerali applikabbli għall-kompetizzjonijiet miftuħa (ĠU 2014, C 60 A, p. 1).

tiegħu u sakemm, billi jadottahom, l-EPSO ma jirrinunzjax għall-eżerċizzju tas-setgħa li hija mogħtija lilu fl-evalwazzjoni tal-bżonnijiet tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-Unjoni Ewropea, inklużi l-bżonnijiet lingwistiċi ta' dawn tal-aħħar, fl-organizzazzjoni tad-diversi kompetizzjonijiet. Minn dan isegwi li r-regoli ġenerali u l-linji gwida ġenerali għandhom jiġu interpretati fis-sens li jikkostitwixxu, l-iktar l-iktar, komunikazzjonijiet li jiddikjaraw kriterji li l-EPSO biħsiebu jimxi magħhom fl-għażla tas-sistema lingwistika tal-kompetizzjonijiet li huwa inkarigat li jorganizza.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali spjegat li kull avviż ta' kompetizzjoni huwa adottat bil-għan li jistabbilixxi r-regoli li jirregolaw il-proċedura tal-iżvolġiment ta' kompetizzjoni speċifika waħda jew iktar, li huwa jistabbilixxi, b'dan il-mod, il-qafas normattiv tagħha skont l-għan stabbilit mill-Awtorità tal-Ħatra. Huwa dan il-qafas normattiv, stabbilit, jekk ikun il-każ, skont ir-regoli ta' portata ġenerali applikabbli għall-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet, li jirregola l-proċedura tal-kompetizzjoni kkonċernata, mill-mument tal-pubblikazzjoni tal-avviż inkwistjoni sal-pubblikazzjoni tal-lista ta' riżerva li tinkludi l-ismijiet tal-kandidati li għaddew mill-kompetizzjoni kkonċernata. Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li avviż ta' kompetizzjoni, bħall-avviżi kkontestati, li, billi jieħu inkunsiderazzjoni l-bżonnijiet speċifiċi tal-istituzzjonijiet jew tal-korpi tal-Unjoni kkonċernati, jistabbilixxi l-qafas normattiv ta' kompetizzjoni speċifika, inkluża s-sistema lingwistika tiegħu, u għalhekk għandu effetti legali awtonomi, ma jistax, bħala prinċipju, jitqies li huwa att konfermattiv jew att ta' sempliċi implementazzjoni ta' atti preċedenti. Konsegwentement, l-avviżi kkontestati jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali vinkolanti fir-rigward tas-sistema lingwistika tal-kompetizzjonijiet inkwistjoni u, għaldaqstant, jikkostitwixxu atti li jistgħu jiġu kkontestati, filwaqt li l-fatt li, meta ġew adottati, l-EPSO ħa inkunsiderazzjoni l-kriterji stabbiliti fir-regoli ġenerali u fil-linji gwida ġenerali, li l-avviżi kkontestati jagħmlu riferiment għalihom espressament, ma jistax iqiegħed fid-dubju din il-konklużjoni.

## 2. LOCUS STANDI

### INTERESS DIRETT

Fid-digriet tat-28 ta' Settembru 2016, ***PAN Europe et vs Il-Kummissjoni*** (T-600/15, EU:T:2016:601), il-Qorti Ġenerali għamlet preċiżazzjonijiet dwar il-kriterju tal-interess dirett, għall-finijiet li jiġi evalwat il-*locus standi* tar-rikorrenti, li huma assoċjazzjoni ta' apikulturi u organizzazzjonijiet ta' protezzjoni tal-ambjent, sabiex jiksbu l-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1295 [4], sa fejn l-għan ta' dan tal-aħħar kien, b'mod partikolari, li japprova, suġġett għal ċerti kundizzjonijiet, is-sustanza attiva sulfoksaflor bħala ingredjent ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 [5] u l-inklużjoni ta' din is-sustanza fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 [6].

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali bdiet billi spjegat li l-approvazzjoni tas-sulfoksaflor u l-inklużjoni tagħha fuq il-lista tas-sustanzi attivi approvati, kif jirriżultaw mill-att ikkontestat, għandhom bħala konsegwenza ġuridika li jagħtu l-possibbiltà lill-Istati Membri, suġġett għal serje ta' kundizzjonijiet addizzjonali, li jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jinkludu s-sulfoksaflor, jekk titressaq talba f'dan

4| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1295, tas-27 ta' Lulju 2015, li japprova s-sustanza attiva sulfoksaflor, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU 2015, L 199, p. 8).

5| Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Ottubru 2009, dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU 2009, L 309, p. 1).

6| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011, tal-25 ta' Mejju 2011, li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU 2011, L 153, p. 1).

is-sens. Għalhekk, huwa fuq is-sitwazzjoni ġuridika tal-Istati Membri, kif ukoll fuq dik tal-applikanti għall-awtorizzazzjonijiet potenzjali għal tqegħid fuq is-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jinkludu s-sulfoksaflor, li l-att ikkontestat jipproduċi effetti direttament. Skont il-Qorti Ġenerali, l-approvazzjoni tas-sustanza attiva sulfoksaflor mill-att ikkontestat ma tirrappreżentax theddida għall-attività ta' produzzjoni eżerċitata mill-membri tal-assoċjazzjoni rikorrenti u konsegwentement ma toħloqx effetti ġuridiċi fuq id-dritt għall-proprjetà tagħhom u fuq id-dritt tagħhom li jeżerċitaw negozju. Fil-fatt, minn naħa, fl-ipoteżi li l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jinkludu s-sulfoksaflor realment ikun jista' jqiegħed fil-perikolu l-attivitajiet kummerċjali tal-membri tal-assoċjazzjoni rikorrenti, dawn il-konsegwenzi ekonomiċi ma jikkonċernawx is-sitwazzjoni ġuridika tagħhom, iżda unikament is-sitwazzjoni fattwali tagħhom. Min-naħa l-oħra, din l-allegata theddida tippreżupponi wkoll l-awtorizzazzjoni minn Stat Membru ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li jinkludi s-sulfoksaflor. Konsegwentement, l-effett tal-att ikkontestat fuq id-dritt għall-proprjetà u fuq l-attivitajiet kummerċjali tal-membri tal-assoċjazzjoni rikorrenti, anki fl-ipoteżi li jiġi kkwalifikat bħala ġuridiku, ma jistax, fi kwalunkwe każ, jiġi kkwalifikat bħala dirett.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali speċifikat li l-Artikoli 37 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma jqegħdux fid-dubju l-interpretazzjoni tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE u, b'mod partikolari, tal-kriterju ta' interess dirett. Fil-fatt, f'dak li jirrigwarda l-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, dan tal-aħħar jinkludi biss prinċipju li jipprevedi obbligu ġenerali għall-Unjoni fir-rigward tal-għanijiet li għandha ssegwi fil-kuntest tal-politiki tagħha, u mhux dritt sabiex jiġu ppreżentati rikorsi quddiem il-qorti tal-Unjoni, fil-qasam tal-ambjent. F'dak li jirrigwarda l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, din id-dispożizzjoni ma għandhiex l-għan li timmodifika s-sistema ta' stħarriġ ġudizzjarju previst mit-Trattati, u b'mod partikolari r-regoli dwar l-ammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati direttament quddiem il-qorti tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni, fosthom il-Konvenzjoni ta' Aarhus [7], ma jipprevalux fuq id-dritt primarju tal-Unjoni, b'mod li ma jistax jiġi aċċettat li ssir deroga mir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE abbażi tal-imsemmija konvenzjoni. Barra minn hekk, peress li l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus ma jinkludi ebda obbligu inkundizzjonat u suffiċjentement preċiż ta' natura li jirregola direttament is-sitwazzjoni legali tal-individwi, il-partijiet f'kawża ma jistgħux jibbażaw ruħhom direttament fuq din id-dispożizzjoni quddiem il-qorti tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali osservat li l-Konvenzjoni ta' Aarhus stess, bl-użu tal-espressjoni "il-membri tal-pubbliku li jissodisfaw il-kriterji eventwali stabbiliti [bid]-dritt nazzjonali", tissuġġetta d-drittijiet li l-Artikolu 9(3) tagħha jitqies li jagħti lill-membri tal-pubbliku għall-kundizzjoni li dawn tal-aħħar jissodisfaw il-kriterji ta' ammissibbiltà li jirriżultaw mir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Għalhekk, ma huwiex ipprovat li r-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, kif interpretat mill-qorti tal-Unjoni, huwa inkompatibbli mal-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

## a. INTERESS INDIVIDWALI

Is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2016, ***IPSO vs BĊE*** (T-713/14, EU:T:2016:727), tat l-opportunità lill-Qorti Ġenerali tagħti deċiżjoni dwar il-*locus standi* ta' organizzazzjoni sindakali fil-kuntest ta' rikors intiż, b'mod partikolari, għall-annullament ta' att tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) li jillimita għal sentejn it-tul massimu li matulu l-BĊE jista' juża s-servizzi tal-istess ħaddiem temporanju għall-kompiti amministrat tivi u segretarjali. Dan ir-rikors kien ġie ppreżentat mill-Organizzazzjoni tal-impjegati mal-istituzzjonijiet Ewropej u internazzjonali fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (IPSO).

7| Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, iffirmata f'Aarhus fil-25 ta' Ġunju 1998 u approvata f'isem il-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE, tas-17 ta' Frar 2005 (ĠU 2006, L 164M, p. 17).

Il-Qorti Ġenerali fakkret li r-rikorsi ppreżentati minn organizzazzjonijiet sindakali huma ammissibbli, fi tliet sitwazzjonijiet, jiġifieri meta huma jirrappreżentaw l-interessi ta' persuni li, huma stess, ikollhom interess ġuridiku, jew meta jkunu individwalizzati minħabba li jkunu ntlaqtu fl-interessi tagħhom stess bħala assoċjazzjoni, b'mod partikolari għaliex il-pożizzjoni tagħhom ta' negozjatur tkun ġiet affettwata bl-att li jkun qiegħed jintalab l-annullament tiegħu, jew inkella meta dispożizzjoni legali tagħtihom espressament numru ta' possibbiltajiet ta' natura proċedurali. F'dan il-każ, ir-rikorrenti invokat *locus standi* fid-dawl, b'mod partikolari, tal-interessi tagħha stess bħala sieħba soċjali u negozjatriċi li pparteċipat fid-diskussjonijiet dwar is-sitwazzjoni tal-membri tal-persunal temporanji fi ħdan il-BĊE.

Il-Qorti Ġenerali enfasizzat li s-sempliċi kwalità ta' negozjatriċi ta' organizzazzjoni sindakali ma hijiex suffiċjenti sabiex tindividwalizzaha b'mod simili għall-mod kif ikun individwalizzat id-destinatarju tal-att kontenzjuż. Madankollu, ir-rikors ta' tali organizzazzjoni jista' jkun ammissibbli meta l-pożizzjoni tagħha ta' negozjatriċi tkun ġiet affettwata bl-att ikkontestat f'sitwazzjonijiet partikolari li fihom hija kienet tokkupa pożizzjoni ta' negozjatriċi limitata b'mod ċar u marbuta mill-qrib mas-suġġett stess tal-att ikkontestat. Issa, f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali qieset li l-pożizzjoni tagħha ta' interlokutriċi soċjali tal-BĊE fil-kuntest tad-diskussjonijiet inkwistjoni hija suffiċjenti sabiex jiġi pprovat li hija kkonċernata individwalment mill-att ikkontestat fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE. Fil-fatt, din il-kwalità tindividwalizzaha minn kull organizzazzjoni sindakali oħra li tirrappreżenta l-persuni impjegati mill-BĊE jew li jaħdmu għalih, peress li, fost id-diversi sindakati eventwalment attivi għad-difiża tal-interessi ta' dawn il-persuni, hija l-unika waħda li daħlet fid-diskussjonijiet mal-BĊE li jirrigwardaw preċiżament il-kwistjonijiet koperti mill-att ikkontestat.

## 3. KUNĊETT TA' ATT REGOLATORJU LI MA JINVOLVIX MIŻURI TA' IMPLEMENTAZZJONI

Fl-2016, il-Qorti Ġenerali kellha l-opportunità, diversi drabi, terġa' tittratta l-kunċett ta' att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni, fis-sens tat-tielet ipoteżi prevista fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Fl-ewwel lok, fil-kawżi li wasslu għas-sentenzi tal-14 ta' Jannar 2016, ***Tilly-Sabco vs Il-Kummissjoni (T-397/13, taħt appell*** [8], EU:T:2016:8) u tal-14 ta' Jannar 2016, ***Doux vs Il-Kummissjoni*** (T-434/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:7), tressqu quddiem il-Qorti Ġenerali rikorsi ppreżentati minn żewġ kumpanniji attivi b'mod partikolari fl-esportazzjoni ta' tiġieġ sħaħ iffriżati lejn il-pajjiżi tal-Lvant Nofsani. Dawn ir-rikorsi kienu intiżi għall-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 689/2013 [9], li permezz tiegħu l-Kummissjoni kienet iffissat għal żero l-ammont tal-ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur għal tliet kategoriji ta' tiġieġ sħaħ iffriżati.

Ir-rikorrenti sostnew li r-rikorsi tagħhom kienu ammissibbli skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, għar-raġuni li r-regolament ta' implementazzjoni kkontestat kien jikkostitwixxi att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat, qabelxejn, li huwa minnu li mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-kunċett ta' att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-għan ta' din id-dispożizzjoni, li huwa li tiġi ggarantita protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Madankollu, dan ma jfissirx li dan il-kunċett għandu jiġi analizzat esklużivament fid-dawl ta' dan l-għan. Fid-dawl tal-kliem tat-tielet ipoteżi prevista fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, huma biss il-miżuri li l-korpi jew organi tal-Unjoni jew l-awtoritajiet nazzjonali jadottaw fil-kors normali tal-attivitajiet li jistgħu jikkostitwixxu miżuri ta' implementazzjoni, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Jekk, fil-kors normali tal-attivitajiet, il-korpi jew

8| Kawża C-183/16 P, *Tilly-Sabco vs Il-Kummissjoni*.

9| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 689/2013, tat-18 ta' Lulju 2013, li jiffissa r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur (ĠU 2013, L 196, p. 13).

l-organi tal-Unjoni u l-awtoritajiet nazzjonali ma jadottaw ebda miżura sabiex jimplementaw att regolatorju u sabiex jispeċifikaw il-konsegwenzi tiegħu għal kull wieħed mill-operaturi kkonċernati, dan l-att regolatorju ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni. Dawn għandhom ukoll ikunu miżuri li jsegwu b'mod naturali mill-att regolatorju. Għalhekk, ma huwiex suffiċjenti li operatur ikollu l-possibbiltà li jobbliga, b'mod artifiċjali, lill-amministrazzjoni li tadotta miżura li tista' tiġi kkontestata, għaliex tali miżura ma tikkostitwixxix miżura li l-att regolatorju jinvolvi.

Issa, minħabba l-iffissar għal żero tal-ammont tal-ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni mir-regolament ta' implementazzjoni kkontestat, u fl-assenza ta' obbligu li tiġi ppreżentata liċenzja ta' esportazzjoni sabiex ikunu jistgħu jiġu esportati l-prodotti inkwistjoni, fil-kors normali tal-attivitajiet, ebda applikazzjoni għal liċenzji ta' esportazzjoni li jinvolvu l-iffissar bil-quddiem tal-ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni ma hija ser tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet nazzjonali. Fl-assenza ta' applikazzjonijiet ta' dan it-tip, l-awtoritajiet nazzjonali ma huma ser jadottaw ebda miżura, fil-kors normali tal-attivitajiet, sabiex jimplementaw ir-regolament ikkontestat. Għalhekk ma hija ser teżisti ebda miżura li tispeċifika l-konsegwenzi li għandu r-regolament ta' implementazzjoni kkontestat fir-rigward tad-diversi operaturi kkonċernati.

F'dan ir-rigward, il-fatt li applikazzjoni għal liċenzja ta' esportazzjoni tiġi ppreżentata lil awtorità nazzjonali għall-uniku għan li jkun jista' jinkiseb aċċess għall-ġustizzja jimplika li din l-applikazzjoni ma hijiex ser tiġi ppreżentata fil-kors normali tal-attivitajiet. Peress li l-awtorità nazzjonali ma għandhiex għażla oħra ħlief li tiffissa l-ammont tal-ħlasijiet lura għal żero, esportatur ma jista' jkollu ebda interess li jikseb iffissar tal-ħlasijiet lura mill-awtorità nazzjonali f'dawn iċ-ċirkustanzi, ħlief sabiex jikseb, b'mod artifiċjali, l-adozzjoni ta' att li jista' jiġi kkontestat. Minn dan jirriżulta li r-regolament ta' implementazzjoni kkontestat ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni fis-sens tat-tielet ipoteżi prevista fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

Fit-tieni lok, fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-15 ta' Settembru 2016, ***Ferracci vs Il-Kummissjoni (T-219/13, taħt appell*** [10], EU:T:2016:485), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors ippreżentat mill-proprjetarju ta' lukanda li tinsab viċin il-belt ta' Ruma (l-Italja) kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar skema fiskali li teżenta lill-entitajiet mhux kummerċjali mit-taxxa muniċipali fuq il-proprjetajiet immobbli. Għalkemm, permezz ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni ddikjarat l-iskema inkwistjoni parzjalment inkompatibbli mas-suq intern, hija ma ordnatx l-irkupru tagħha, billi qieset li l-irkupru tal-għajnuna jkun impossibbli.

L-ewwel nett, f'dak li jirrigwarda l-kwistjoni jekk id-deċiżjoni kkontestata kellhiex tiġi kklassifikata bħala att regolatorju, il-Qorti Ġenerali qieset li deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat li tapplika għal sitwazzjonijiet iddeterminati b'mod oġġettiv u jkollha effetti legali fir-rigward ta' kategorija ta' persuni meqjusa b'mod ġenerali u astratt, għandha portata ġenerali. B'mod partikolari, deċiżjoni dwar skema fiskali ta' Stat Membru għandha l-għan li teżamina, fid-dawl tal-Artikolu 107 TFUE, jekk leġiżlazzjoni nazzjonali applikata għal numru indeterminat ta' persuni meqjusa b'mod ġenerali u astratt tinkludix elementi ta' għajnuna mill-Istat u, jekk ikun il-każ, jekk l-għajnuna inkwistjoni hijiex kompatibbli mas-suq intern u tistax tiġi rkuprata. Fid-dawl tan-natura tal-kompetenza li għandha l-Kummissjoni bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE relattivi għall-għajnuna mill-Istat, tali deċiżjoni tirrifletti, minkejja li għandha destinatarju wieħed biss, il-portata tal-istrumenti nazzjonali li huma s-suġġett tal-eżami mwettaq minn din l-istituzzjoni, kemm jekk sabiex tagħti l-awtorizzazzjoni neċessarja sabiex miżura ta' għajnuna tiġi applikata u kemm jekk biex tirregola l-konsegwenzi li jirriżultaw min-natura tagħha eventwalment illegali jew inkompatibbli mas-suq intern. Issa l-operaturi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-istrumenti inkwistjoni huma ddefiniti b'mod ġenerali u astratt. Għaldaqstant, dawn l-istrumenti għandhom portata ġenerali.

10| Kawża C-624/16 P, ***Il-Kummissjoni vs Ferracci***.

It-tieni nett, f'dak li jirrigwarda l-eżistenza ta' miżuri ta' implementazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li, sa fejn il-Kummissjoni tqis li huwa assolutament impossibbli li jsir ir-rimbors tal-għajnuna illegali mogħtija minn Stat Membru u għaldaqstant tiddeċiedi li ma timponix fuq l-imsemmi Stat Membru l-obbligu li jirkupra, mingħand kull wieħed mill-benefiċjarji, is-somom allokati bis-saħħa tal-imsemmija skema, l-awtoritajiet nazzjonali ma għandhom jadottaw ebda miżura, b'mod partikolari fir-rigward tar-rikorrent, sabiex jimplementaw id-deċiżjoni kkontestata. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, sa fejn il-Kummissjoni tqis li dispożizzjoni nazzjonali ma tikkostitwixxix għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, id-deċiżjoni kkontestata ma twassal għall-adozzjoni ta' ebda miżura ta' implementazzjoni, billi l-awtoritajiet nazzjonali sempliċement japplikaw, f'dan ir-rigward, il-leġiżlazzjoni nazzjonali bħala tali. Ebda miżura ma hija ser tiġi adottata fuq livell nazzjonali b'eżekuzzjoni tal-imsemmija deċiżjoni, b'mod partikolari fir-rigward tar-rikorrent.

## 4. OSSERVANZA TAR-REKWIŻITI PROĊEDURALI U TAT-TERMINI GĦALL-PREŻENTATA TA' RIKORS

Fil-kawża li wasslet għad-digriet tat-22 ta' Ġunju 2016, ***1&1 Telecom vs Il-Kummissjoni*** (T-43/16, EU:T:2016:402), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors għall-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-implementazzjoni ta' miżuri korrettivi previsti fl-impenji definittivi annessi ma' deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni kundizzjonata ta' konċentrazzjoni. Il-Kummissjoni sostniet li r-rikors kien inammissibbli peress li ma kienx iffirmat mill-avukat li jirrappreżenta lir-rikorrenti.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret, qabelxejn, li n-nuqqas ta' ffirmar tar-rikors minn avukat awtorizzat sabiex jippreżenta atti proċedurali quddiem il-Qorti Ġenerali ma huwiex fost l-irregolaritajiet proċedurali li jistgħu jiġu rregolarizzati wara l-iskadenza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors konformement mal-Artikolu 19 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif ukoll mal-Artikolu 51(4) u mal-Artikolu 78(5) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, ir-rekwiżit tal-iffirmar tar-rikors mir-rappreżentant tar-rikorrent, li huwa intiż, fl-interess taċ-ċertezza legali, sabiex jiżgura l-awtentiċità tar-rikors u sabiex jeskludi r-riskju li dan ma jkunx, fir-realtà, ix-xogħol tal-awtur inkarigat għal dan il-għan, għandu jitqies li huwa regola proċedurali essenzjali u jkun is-suġġett ta' interpretazzjoni stretta, b'mod li n-nuqqas ta' osservanza tiegħu jwassal għall-inammissibbiltà tar-rikors.

F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li r-rikors kien effettivament iffirmat minn avukat awtorizzat sabiex jippreżenta atti proċedurali quddiem il-Qorti Ġenerali. Huwa minnu li l-ewwel paġna tar-rikors kienet tindika li r-rikorrenti kienet irrappreżentata minn avukat stabbilit fi Brussell (il-Belġju), filwaqt li l-preżentata tar-rikors permezz ta' e-Curia saret minn solicitor irreġistrat mal-Law Society tal-Ingilterra u ta' Wales u assoċjat mal-imsemmi avukat fi ħdan l-istess uffiċċju. Madankollu, ma kienx ikkontestat li dan is-solicitor huwa membru ta' Kamra tal-Avukati Ewropea u li kien awtorizzat sabiex jippreżenta atti proċedurali quddiem il-Qorti Ġenerali.

Is-sempliċi fatt li isem dan is-solicitor ma jidhirx fuq l-ewwel paġna tar-rikors ma huwiex suffiċjenti sabiex titqiegħed fid-dubju l-kwalità tiegħu ta' rappreżentant tar-rikorrenti. Fil-fatt, din il-kwalità hija kkonfermata mill-fatt li r-rikorrenti pproduċiet mandat li jagħti s-setgħa ta' rappreżentanza lil dan tal-aħħar. Il-fatt li dan il-mandat ma ġiex ippreżentat flimkien mar-rikors ma huwiex tali li jbiddel din il-konstatazzjoni, u lanqas li jwassal għall-inammissibbiltà tar-rikors, peress li tali ommissjoni fil-preżentata tar-rikors tista' tiġi rregolarizzata u ġiet irregolarizzata mir-rikorrenti fit-terminu mogħti abbażi tal-Artikolu 78(5) tar-Regoli tal-Proċedura.

Barra minn hekk, l-użu ta' kont e-Curia mhux biss jiswa daqs firma skont l-Artikolu 3 tad-deċiżjoni e-Curia [11], iżda, diversament minn sempliċi firma bl-idejn, jixhed ukoll awtomatikament fuq l-identità, il-kwalità u l-indirizz tal-firmatarju li jirrappreżenta lir-rikorrenti. Għaldaqstant, ir-rikors għandu jitqies li ssodisfa wkoll l-obbligu ta' indikazzjoni tal-kwalità u tal-indirizz tar-rappreżentant tar-rikorrenti stabbilit fl-Artikolu 76(b) tar-Regoli tal-Proċedura. F'kull każ, is-sempliċi nuqqas ta' tniżżil tal-indirizz tal-avukat inkwistjoni jew tal-fatt li huwa r-rappreżentant tar-rikorrenti fil-korp tar-rikors ma huwiex, minnu nnifsu, tali li jirrendi inammissibbli rikors validament iffirmat minn avukat tal-Unjoni inkarigat mir-rikorrenti, kemm jekk din il-firma tkun bl-idejn jew elettronika, u ppreżentata fit-terminu mogħti fis-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

Fis-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2016, ***Sina Bank vs Il-Kunsill*** (T-418/14, EU:T:2016:619), il-Qorti Ġenerali kellha teżamina r-rikors ippreżentat minn bank Iranjan li kkontesta l-miżuri restrittivi adottati fil-konfront tiegħu. Quddiem il-Qorti Ġenerali, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea invoka l-inammissibbiltà tat-tielet kap tat-talbiet iffurmulat insostenn tar-rikors, intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1008 [12] u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1001 [13], sa fejn dawn l-atti kienu żammew l-inklużjoni ta' isem ir-rikorrent fil-lista kontenzjuża. Skont il-Kunsill, in-notifika ta' dawn l-atti lill-avukati tar-rikorrent fis-26 ta' Ġunju 2015 bdiet id-dekorrenza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors kontra l-imsemmija atti, li skada fil-5 ta' Settembru 2015.

Il-Qorti Ġenerali enfasizzat li t-tressiq ta' talbiet għall-adattament tat-talbiet huwa suġġett għar-rekwiżit tal-osservanza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors previst fis-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Sabiex jibda jiddekorri dan it-terminu għall-preżentata ta' rikors fil-konfront tar-rikorrent, il-Kunsill kellu, sa fejn kien jaf l-indirizz tar-rikorrent, jikkomunikalu individwalment id-Deċiżjoni 2015/1008 u r-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/1001. Il-Qorti Ġenerali osservat li, f'dan il-każ, il-Kunsill innotifika dawn l-atti lir-rikorrent, permezz tal-avukati tiegħu, b'ittra u b'messaġġ elettroniku tas-26 ta' Ġunju 2015.

Madankollu, is-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE jirreferi għan-"notifika[ tal-att] lir-rikorrent", u mhux għan-notifika tal-att lir-rappreżentant tiegħu. Minn dan isegwi li, meta att għandu jiġi nnotifikat sabiex it-terminu għall-preżentata ta' rikors jibda jiddekorri, tali att għandu bħala prinċipju jiġi indirizzat lid-destinatarju tiegħu, u mhux lill-avukati li jirrappreżentaw lil dan tal-aħħar. Issa, f'dan il-każ, il-leġiżlazzjoni applikabbli, jiġifieri l-Artikolu 24(3) tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK [14] u l-Artikolu 46(3) tar-Regolament (UE) Nru 267/2012 [15], ma tagħmel l-ebda riferiment espliċitu għall-possibbiltà li l-miżuri restrittivi meħuda fir-rigward ta' persuna jew ta' entità jiġu nnotifikati lir-rappreżentant ta' din tal-aħħar, iżda tipprevedi espressament li, meta l-indirizz tal-persuna jew tal-entità kkonċernata jkun magħruf, id-deċiżjoni li jiġu applikati lilha miżuri restrittivi għandha tiġi kkomunikata lilu direttament. Id-Deċiżjoni 2015/1008 u r-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/1001 kellhom għalhekk jiġu nnotifikati direttament lir-rikorrent, li tiegħu l-Kunsill kien jaf l-indirizz. Peress li, barra minn hekk, xejn ma jippermetti li jiġi kkonstatat li r-rikorrent ikkonkluda ftehim mal-Kunsill sabiex l-atti inkwistjoni jiġu nnotifikati lilu fl-indirizz tal-avukati tiegħu u, għaldaqstant, permezz ta' dawn tal-aħħar, il-Qorti

11 | Deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, tal-14 ta' Settembru 2011, dwar il-preżentata u r-riċezzjoni ta' atti proċedurali permezz tal-applikazzjoni e-Curia (ĠU 2011, C 289, p. 9).

12 | Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1008, tal-25 ta' Ġunju 2015, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2015, L 161, p. 19).

13 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1001, tal-25 ta' Ġunju 2015, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2015, L 161, p. 1).

14 | Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK, tas-26 ta' Lulju 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU 2010, L 195, p. 39).

15 | Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU 2012, L 88, p. 1).

Ġenerali qieset li l-komunikazzjoni effettiva ta' dawn l-atti lill-avukati tar-rikorrent ma hijiex ekwivalenti għal komunikazzjoni u, għaldaqstant, għal notifika ta' dawn l-atti lir-rikorrent innifsu.

## ABBUŻ TA' PROĊEDURA

Fil-kawża li wasslet għad-digriet tas-16 ta' Marzu 2016, ***One of Us et vs Il-Kummissjoni*** (T-561/14, EU:T:2016:173), il-Qorti Ġenerali kellha tispeċifika l-kunċett ta' abbuż ta' proċedura, wara l-pubblikazzjoni mir-rikorrenti tat-talbiet għal intervent f'din il-kawża fuq sit internet, flimkien ma' kummenti negattivi fuq l-organizzazzjonijiet li kienu ressqu dawn it-talbiet.

Il-Qorti Ġenerali fakkret li, skont id-dispożizzjonijiet li jirregolaw it-trattament tal-kawżi quddiem il-Qorti Ġenerali, il-partijiet igawdu minn protezzjoni kontra l-użu mhux xieraq tal-atti proċedurali. Din il-protezzjoni tirrifletti aspett essenzjali tal-prinċipju ġenerali ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, li biha l-partijiet għandhom id-dritt li jiddefendu l-interessi tagħhom indipendentement minn kull influwenza esterna, b'mod partikolari min-naħa tal-pubbliku. Minn dan isegwi li, sabiex tiġi żgurata s-serenità tad-dibattiti bejn il-partijiet u dik tad-deliberazzjoni tal-qorti kkonċernata, parti li tingħata aċċess għall-atti proċedurali tal-partijiet l-oħra tista' tuża dan id-dritt unikament għall-finijiet tad-difiża tal-kawża tagħha stess, bl-esklużjoni ta' kull għan ieħor, bħal dak li tqanqal kritika mill-pubbliku dwar l-argumenti mqajma mill-partijiet l-oħra fil-kawża. Azzjoni kuntrarja għal dan l-aspett tal-prinċipju ġenerali ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja jikkostitwixxi abbuż tal-proċedura li jista' jittieħed inkunsiderazzjoni fit-tqassim tal-ispejjeż. Din il-protezzjoni mogħtija lill-partijiet fil-proċedura ġudizzjarja għandha tkun estiża għal persuna li titlob li tintervjeni, liema persuna tipparteċipa, effettivament, fl-attività ġudizzjarja u, fuq din il-bażi, għandha tibbenefika mill-istess livell ta' protezzjoni bħall-partijiet fil-proċedura fir-rigward tal-possibbiltà li tiddefendi l-interessi tagħha indipendentement minn kull influwenza esterna.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, f'dan il-każ, billi żvelaw it-talbiet għal intervent fuq l-internet, filwaqt li għamlu riferiment dirett għall-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u ppreżentaw l-organizzazzjonijiet li ressqu dawn it-talbiet b'mod negattiv f'għajnejn il-pubbliku, ir-rikorrenti wettqu abbuż ta' proċedura, li jista' jittieħed inkunsiderazzjoni fit-tqassim tal-ispejjeż skont l-Artikolu 135(2) tar-Regoli tal-Proċedura.

## GĦAJNUNA LEGALI

Fid-digriet tas-17 ta' Frar 2016, ***KK vs EASME*** (T-376/15 AJ, EU:T:2016:89), il-Qorti Ġenerali għamlet preċiżazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna legali skont l-Artikoli 146 sa 150 tar-Regoli tal-Proċedura.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali spjegat, qabelxejn, li l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika ta' persuna ġuridika sabiex jiġi deċiż jekk din tal-aħħar għandhiex tiġi ammessa għall-benefiċċju tal-għajnuna legali ma tistax issir b'kunsiderazzjoni biss tar-riżorsi tagħha meħuda b'mod iżolat, indipendentement mis-sitwazzjoni tad-detenturi diretti jew indiretti tal-kapital tagħha. Fil-fatt, hija osservat li l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna legali, stabbiliti fl-Artikoli 146 sa 150 tar-Regoli tal-Proċedura, għandhom jiġu interpretati fid-dawl tal-prinċipju stabbilit fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li jgħid li l-għajnuna legali għandha tingħata lil dawk li ma jkollhomx mezzi biżżejjed, fil-każijiet li din l-għajnuna tkun meħtieġa sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja. Issa persuna ġuridika ma tistax titqies li hija mċaħħda minn aċċess effettiv għall-ġustizzja fis-sens tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali sempliċement minħabba l-fatt li d-detenturi diretti jew indiretti tal-kapital tagħha jirrifjutaw li jużaw ir-riżorsi li huma għandhom sabiex din il-persuna ġuridika tkun tista' tiftaħ kawża. F'tali ċirkustanzi, ma huwiex il-baġit

tal-Unjoni li, bl-użu ta’ fondi pprovduti lill-Qorti Ġenerali, għandu jissana l-karenza tal-persuni li jikkontrollaw il-persuna ġuridika inkwistjoni u li, fl-aħħar mill-aħħar, huma interessati prinċipalment fid-difiża tad-drittijiet tagħha.

Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, sabiex tiġi evalwata s-sitwazzjoni ekonomika ta’ persuna ġuridika li titlob il-benefiċċju tal-għajnuna legali, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss ir-riżorsi finanzjarji proprji tagħha, iżda wkoll ir-riżorsi li għandu globalment il-grupp ta’ impriżi li hija tifforma parti minnu direttament jew indirettament, u l-possibbiltajiet finanzjarji tal-azzjonisti u tal-assoċjati tagħha, kemm persuni fiżiċi kif ukoll ġuridiċi.

## APPLIKAZZJONI TAR-REGOLI TAL-PROĊEDURA L-ĠODDA

***Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-25 ta’ Mejju 2016, Il-Kummissjoni vs McCarron.Poultry*** (T-226/14, EU:T:2016:313), il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar l-applikazzjoni *ratione temporis* tal-Artikolu 123 tar-Regoli tal-Proċedura, li jemenda s-sistema prevista mir-Regoli tal-Proċedura tat-2 ta’ Mejju 1991, li preċedentement kienu fis-seħħ, dwar il-proċedura fil-kontumaċja. Il-kawża kienet tirrigwarda rikors ippreżentat mill-Kummissjoni sabiex kumpannija privata tiġi kkundannata tirrimborsa parti mill-ħlas bil-quddiem magħmul mill-Kummissjoni fil-kuntest ta’ kuntratt li jaqa’ taħt il-Ħames Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għal azzjonijiet ta’ riċerka, ta’ żvilupp teknoloġiku u ta’ dimostrazzjoni (1998-2002). Peress li, f’dan il-każ, il-Kummissjoni kienet ressqet talba, fl-10 ta’ Marzu 2015, ibbażata fuq l-Artikolu 122(1) tar-Regoli tal-Proċedura tat-2 ta’ Mejju 1991, sabiex il-Qorti Ġenerali tilqa’ t-talbiet tagħha, iżda peress li, fl-1 ta’ Lulju 2015, daħlu fis-seħħ ir-Regoli tal-Proċedura li jinkludu, fl-Artikolu 123 tagħhom, dispożizzjonijiet ġodda dwar il-proċedura fil-kontumaċja, il-Qorti Ġenerali ntalbet tiddetermina liema dispożizzjoni kienet applikabbli għall-kawża.

Il-Qorti Ġenerali osservat li, peress li ebda dispożizzjoni tranżitorja ma tirreferi espressament għall-Artikolu 123 tar-Regoli tal-Proċedura, din id-dispożizzjoni, bħala dispożizzjoni proċedurali, għandha titqies li hija applikabbli immedjatament sa mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regoli tal-Proċedura fl-1 ta’ Lulju 2014 u, għalhekk, li hija applikabbli għal din il-kawża, li kienet pendenti fil-mument meta hija daħlet fis-seħħ. F’dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, anki jekk wieħed jippreżupponi li r-regoli applikabbli sabiex it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqgħu fil-kuntest ta’ proċedura fil-kontumaċja jistgħu jitqiesu li jaqgħu parzjalment taħt id-dritt sostantiv sa fejn dawn jaffettwaw b’mod dirett l-interessi tal-partijiet fil-kawża, din iċ-ċirkustanza hija irrilevanti għall-applikazzjoni tar-regoli *ratione temporis*. Fil-fatt, peress li s-sitwazzjoni li nħolqot mill-assenza ta’ preżentata ta’ risposta u mit-tressiq ta’ talba sabiex jintlaqgħu t-talbiet tar-rikorrenti tiġi stabbilita b’mod definittiv biss fil-mument fejn il-Qorti Ġenerali tagħti deċiżjoni dwar l-imsemmija talba, l-imsemmija regoli huma applikabbli immedjatament.

Għaldaqstant, skont l-Artikolu 123(3) tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti Ġenerali għandha tilqa’ t-talbiet tar-rikorrent, sakemm manifestament ma jkollhiex kompetenza sabiex tieħu konjizzjoni tar-rikors jew sakemm dan ir-rikors ma jkunx manifestament inammissibbli jew manifestament infondat fid-dritt. Il-Qorti Ġenerali kkonstatat li hija kellha l-kompetenza sabiex tieħu konjizzjoni tar-rikors skont il-klawżola ta’ arbitraġġ, fis-sens tal-Artikolu 272 TFUE, li kienet tinsab fl-Artikolu 5(2) tal-kuntratt kontenzjuż. Barra minn hekk, hija qieset li ma hemm ebda dubju li r-rikors kien ammissibbli u li, fid-dawl tal-klawżoli tal-imsemmi kuntratt u tad-deskrizzjoni tal-fatti mwettqa mill-Kummissjoni fil-kuntest tar-rikors u ssostanzjati mill-atti tal-proċess, ir-rikors ma kienx manifestament infondat fid-dritt.

# II. DRITT ISTITUZZJONALI – INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ – POLITIKA SOĊJALI

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tad-19 ta' April 2016, ***Costantini et vs Il-Kummissjoni*** (T-44/14, EU:T:2016:223), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad it-talba għar-reġistrazzjoni ta' proposta ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (iktar 'il quddiem l-"IĊE") li l-għan tagħha kien li tistieden lill-Unjoni "tipproponi leġiżlazzjoni li tipproteġi d-dritt fundamentali għad-dinjità tal-bniedem billi tiggarantixxi protezzjoni soċjali xierqa tul il-ħajja kollha u aċċess għal kura fit-tul ta' kwalità, sostenibbli u li tmur lil hinn mill-kura tas-saħħa". L-IĊE kontenzjuża kienet intiża, essenzjalment, sabiex il-kura fit-tul tkun, abbażi tal-Artikolu 14 TFUE, eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli tas-suq intern u tiġi kklassifikata bħala servizz ta' interess ekonomiku ġenerali (iktar 'il quddiem is-"SIEĠ"). Il-Kummissjoni kienet ibbażat iċ-ċaħda tagħha fuq l-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 [16], billi qieset li l-imsemmija proposta manifestament ma kinitx taqa' fl-ambitu tas-setgħat li jippermettulha tissottometti proposta għall-adozzjoni ta' att legali tal-Unjoni għall-finijiet tal-implementazzjoni tat-Trattati. B'mod partikolari, hija kienet qieset li l-Artikolu 14 TFUE ma kienx jikkostitwixxi bażi legali valida għall-proposta ta' IĊE, peress li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma setax jimponi fuq l-Istati Membri li jipprovdu SIEĠ.

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-Kummissjoni setgħet ġustament tikkonkludi li, fid-dawl tat-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Istati Membri u l-Unjoni fil-qasam tas-SIEĠ, hija ma kellhiex is-setgħa li tippreżenta proposta għal att ibbażata fuq l-Artikolu 14 TFUE u intiża sabiex il-kura fit-tul tiġi kklassifikata bħala SIEĠ. Fil-fatt, l-Istati Membri huma intitolati, filwaqt li josservaw id-dritt tal-Unjoni, li jiddefinixxu l-portata u l-organizzazzjoni tas-SIEĠ tagħhom. Huma għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa rigward id-definizzjoni ta' dawk li huma jqisu li huwa SIEĠ u d-definizzjoni ta' dawn is-servizzi minn Stat Membru ma tistax titqiegħed fid-dubju mill-Kummissjoni ħlief f'każ ta' żball manifest. Din il-prerogattiva tal-Istat Membru fir-rigward tad-definizzjoni tas-SIEĠ hija kkonfermata mill-assenza kemm ta' kompetenza speċjalment attribwita lill-Unjoni kif ukoll ta' definizzjoni preċiża u kompleta tal-kunċett ta' SIEĠ fid-dritt tal-Unjoni.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kummissjoni setgħet ukoll ġustament tikkonkludi fid-deċiżjoni kkontestata li hija ma setgħetx manifestament tippreżenta proposta għal att ibbażata fuq l-Artikolu 14 TFUE u intiża sabiex il-kura fit-tul tiġi eskluża mill-applikazzjoni tar-regoli tas-suq intern. Fil-fatt, mill-Artikolu 14 TFUE jirriżulta li r-regoli speċifiċi li huwa jistabbilixxi huma applikabbli għas-SIEĠ bla ħsara għall-Artikolu 106 TFUE. Issa, skont l-Artikolu 106(2) TFUE, anki l-impriżi responsabbli sabiex joperaw tali servizzi huma suġġetti għar-regoli tat-Trattati u b'mod partikolari għar-regoli dwar is-suq intern u l-kompetizzjoni, prinċipju li minnu ma jistax ikun hemm deroga ħlief taħt kundizzjonijiet stretti, li l-eżistenza tagħhom tiddependi miċ-ċirkustanzi legali u fattwali prevalenti f'kull Stat Membru u għandha tiġi pprovata f'kull każ konkret mill-Istat Membru jew mill-impriża li tinvokahom. Skont il-Qorti Ġenerali, minn dan isegwi li l-Kummissjoni ma tistax tipproponi b'mod ġenerali li jiġu eżentati mill-applikazzjoni tar-regoli tas-suq intern servizzi li l-klassifikazzjoni tagħhom bħala SIEĠ tiddependi mill-politika nazzjonali ta' kull Stat Membru.

16| Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Frar 2011, dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (ĠU 2011, L 65, p. 1).

# III. REGOLI TAL-KOMPETIZZJONI APPLIKABBLI GĦALL-IMPRIŻI

## PUNTI ĠENERALI

Matul is-sena 2016 kien hemm diversi żviluppi ġurisprudenzjali fil-qasam tal-kompetizzjoni, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda d-drittijiet tad-difiża, il-kundizzjonijiet previsti għall-għoti ta' immunità, il-possibbiltà għall-Kummissjoni li tagħżel li tasal għal tranżazzjoni, l-obbligu ta' motivazzjoni u l-ġurisdizzjoni sħiħa tal-qorti tal-Unjoni.

### 1. DRITTIJIET TAD-DIFIŻA

#### a. DIKJARAZZJONI TAL-OĠĠEZZJONIJIET

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tad-19 ta' Jannar 2016, ***Toshiba vs Il-Kummissjoni*** (T-404/12, taħt appell [17] EU:T:2016:18), il-Qorti Ġenerali ntalbet teżamina l-legalità tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet imponiet multi mill-ġdid fuq żewġ parteċipanti f'akkordju, wara l-annullament parzjali tad-deċiżjoni preċedenti mill-Qorti Ġenerali, li kienet irrilevat żball metodoloġiku fir-rigward tal-għażla tas-sena ta' referenza għall-kalkolu tal-ammont tal-multa [18]. Filwaqt li, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kienet bagħtet ittra li tesponi l-fatti lill-partijiet ikkonċernati li tiġbor fil-qosor il-modalitajiet tal-kalkolu l-ġdid tal-ammont tal-multa, ir-rikorrenti sostniet li, iktar milli tibgħatilha sempliċi ittra li tesponi l-fatti, il-Kummissjoni messha bagħtitilha dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ġdida.

Il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-kontenut tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet li ppreċediet l-adozzjoni tad-deċiżjoni preċedenti jista' jittieħed inkunsiderazzjoni, sa fejn ma jkunx tqiegħed fid-dubju mis-sentenza li annullat parzjalment l-imsemmija deċiżjoni. Barra minn hekk, hija spjegat li s-sentenza li annullat parzjalment l-ewwel deċiżjoni ma qegħditx fid-dubju r-realtà, ir-rilevanza jew il-fondatezza tal-punti ta' fatt u ta' liġi rigward il-kalkolu tal-ammont tal-multa esposti fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ifformulata fil-kuntest tal-adozzjoni tal-imsemmija deċiżjoni. Filwaqt li ċaħdet ukoll l-argumenti tar-rikorrenti, ibbażati b'mod partikolari fuq is-sentenza ***Cimenteries CBR et vs Il-Kummissjoni*** [19], fuq l-allegata prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni u fuq l-Avviż dwar l-aħjar prattiċi [20], il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-prinċipju ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża ma kienx jimponi fuq il-Kummissjoni li tibgħat dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ġdida.

17 | Kawża C-180/16 P, *Toshiba vs Il-Kummissjoni*.

18 | Ara wkoll, iktar 'il quddiem, il-kummenti dwar din is-sentenza taħt "b) Dritt għal smigħ" u taħt "Kontribuzzjonijiet fil-qasam tal-Artikolu 101 TFUE – 3. Kalkolu tal-ammont tal-multa".

19 | Sentenza tal-15 ta' Marzu 2000 (T-25/95, T-26/95, T-30/95 sa T-32/95, T-34/95 sa T-39/95, T-42/95 sa T-46/95, T-48/95, T-50/95 sa T-65/95, T-68/95 sa T-71/95, T-87/95, T-88/95, T-103/95 u T-104/95, EU:T:2000:77).

20 | Avviż tal-Kummissjoni dwar l-aħjar prattiċi għat-tmexxija tal-proċedimenti li jikkonċernaw l-Artikoli 101 u 102 [TFUE] (ĠU 2011, C 308, p. 6).

### b. DRITT GĦAL SMIGĦ

Is-sentenza tad-19 ta' Jannar 2016, Toshiba vs Il-Kummissjoni (T-404/12, taħt appell [21], EU:T:2016:18), ippermettiet ukoll lill-Qorti Ġenerali tagħmel preċiżazzjonijiet dwar il-portata tad-dritt għal smigħ [22].

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li r-rispett tad-drittijiet tad-difiża jirrikjedi li l-persuna kkonċernata tkun ingħatat l-opportunità, matul il-proċedura amministrattiva, tagħti l-fehmiet tagħha b'mod effettiv fuq ir-realtà u r-rilevanza taċ-ċirkustanzi u tal-fatti allegati kif ukoll fuq id-dokumenti użati mill-Kummissjoni insostenn tal-allegazzjoni tagħha tal-eżistenza ta' ksur tat-Trattat FUE. Għaldaqstant, meta, bħal fil-kawża inkwistjoni, il-Kummissjoni, wara l-annullament parzjali ta' deċiżjoni li timponi multa, tadotta deċiżjoni li temenda l-ammont tagħha, hija tkun obbligata tipprovdi lill-impriża kkonċernata informazzjoni addizzjonali rigward il-modalitajiet ta' implementazzjoni tal-intenzjoni tagħha li tiżgura l-effett dissważiv tal-multa, sabiex din l-impriża tkun tista' tagħti l-fehmiet tagħha b'mod effettiv, inkluż fir-rigward tal-impożizzjoni ta' ammont addizzjonali. Madankollu, jekk, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' emenda, il-Kummissjoni tibgħat ittra li tesponi l-fatti lill-imsemmija impriża, ma jkunx meħtieġ li l-informazzjoni inkwistjoni tiġi spjegata mill-Kummissjoni b'mod preċiż f'dan id-dokument, li ma għandu ebda status proċedurali partikolari. Għandu minflok jiġi vverifikat jekk, fir-rigward tal-iżvolġiment tal-proċedura kollha li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, l-impriża kkonċernata tqegħditx f'pożizzjoni, b'mod xieraq, li tifhem din l-intenzjoni u li twieġeb għaliha.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali osservat li, f'dan il-każ, mill-mument tad-dikjarazzjoni inizjali tal-oġġezzjonijiet, ir-rikorrenti kienet taf li l-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li tiżgura l-effett dissważiv tal-multa imposta. Barra minn hekk, hija tosserva li, għall-inqas mill-mument tad-deċiżjoni inizjali, hija kienet f'pożizzjoni li tifhem li din l-intenzjoni kienet timplika l-impożizzjoni ta' ammont addizzjonali għal perijodu ta' attività partikolari u li din l-intenzjoni ma tqegħditx fid-dubju mis-sentenza li annullat parzjalment id-deċiżjoni inizjali u ġiet ikkonfermata mill-ġdid kemm fl-ittra li tesponi l-fatti kif ukoll f'laqgħa bejn il-Kummissjoni u din l-impriża. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li ma ġiex stabbilit ksur tad-drittijiet tad-difiża ta' din l-impriża f'dak li jirrigwarda l-intenzjoni tal-Kummissjoni li timponi fuqha l-ammont addizzjonali.

### c. UŻU BĦALA PROVA TA' REĠISTRAZZJONIJIET SIGRIETI TA' KONVERŻAZZJONIJIET TELEFONIĊI

Fis-sentenza tat-8 ta' Settembru 2016, ***Goldfish et vs Il-Kummissjoni*** (T-54/14, EU:T:2016:455), il-Qorti Ġenerali kellha l-opportunità tagħti deċiżjoni dwar l-użu bħala prova, fil-kuntest ta' investigazzjoni dwar ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, ta' reġistrazzjonijiet sigrieti ta' konverżazzjonijiet telefoniċi. B'mod iktar partikolari, il-kwistjoni li qamet f'dan il-każ kienet jekk provi miġbura regolarment mill-Kummissjoni, f'dan il-każ reġistrazzjonijiet sigrieti ta' konverżazzjonijiet telefoniċi, setgħux jintużaw minn din tal-aħħar, anki jekk inizjalment huma kienu nkisbu minn terz, possibbilment b'mod illegali, pereżempju bi ksur tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tal-persuna li kienet is-suġġett tar-reġistrazzjonijiet inkwistjoni.

Dwar dan il-punt, il-Qorti Ġenerali spjegat li mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirriżulta li l-użu bħala mezz ta' prova ta' reġistrazzjoni illegali ma jmurx, minnu nnifsu, kontra l-prinċipji ta' ekwità stabbiliti rrikonoxxuti fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, inkluż meta din il-prova tkun inkisbet bi ksur tar-rekwiżiti tal-Artikolu 8 tal-

21| Kawża C-180/16 P, ***Toshiba vs Il-Kummissjoni***.

22| Ara wkoll, iktar 'il fuq, il-kummenti dwar din is-sentenza taħt "a) Dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet" u, iktar 'il quddiem, taħt "Kontribuzzjonijiet fil-qasam tal-Artikolu 101 TFUE – 3. Kalkolu tal-ammont tal-multa".

Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, meta, minn naħa, ir-rikorrenti inkwistjoni ma tkunx iċċaħħdet minn smigħ xieraq u lanqas mid-drittijiet tad-difiża tagħha u, min-naħa l-oħra, din il-prova ma tkunx ikkostitwixxiet l-uniku mezz ta' prova użat sabiex tiġi mmotivata l-kundanna. Issa, f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali speċifikat li, matul il-proċedura amministrattiva, il-Kummissjoni offriet lill-partijiet kollha l-possibbiltà li jkollhom aċċess għar-reġistrazzjonijiet awdjo kollha u għan-noti bil-miktub li jmorru ma' dawn ir-reġistrazzjonijiet, li jinsabu fil-proċess. Barra minn hekk, ir-reġistrazzjonijiet inkwistjoni ma kkostitwixxewx l-uniku mezz ta' prova użat mill-Kummissjoni, billi l-konstatazzjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, ta' ksur tal-Artikolu 101 TFUE mwettaq mir-rikorrenti kienet ibbażata fuq serje ta' provi li nkisbu mill-Kummissjoni matul il-proċedura amministrattiva. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li, anki kieku kellu jitqies li r-reġistrazzjonijiet inkwistjoni twettqu illegalment minn waħda mill-impriżi kompetituri tar-rikorrenti, il-Kummissjoni kellha raġun tużahom bħala mezzi ta' prova fil-kuntest tad-deċiżjoni kkontestata, sabiex tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE.

## 2. KUNDIZZJONIJIET PREVISTI GĦALL-GĦOTI TA' IMMUNITÀ

Fis-sentenza tad-29 ta' Frar 2016, S***chenker vs Il-Kummissjoni (T-265/12, taħt appell*** [23], EU:T:2016:111), il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar iċ-ċirkustanzi li fihom il-Kummissjoni tista' tagħti l-immunità lil impriża li tiżvela l-parteċipazzjoni tagħha f'akkordju ssuspettat [24]. Il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata li kumpanniji attivi fis-settur tas-servizzi ta' spedizzjoni tal-merkanzija internazzjonali bl-ajru kienu pparteċipaw f'diversi ftehimiet u prattiki miftiehma f'dan is-settur. Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni tagħha wara l-applikazzjoni għal immunità ppreżentata minn Deutsche Post AG, skont l-Avviż dwar il-kooperazzjoni tal-2006 [25], u tat l-immunità li għaliha kienet saret l-applikazzjoni lil din tal-aħħar. Ir-rikorrenti kkontestat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħti l-immunità lil Deutsche Post billi sostniet li hija kienet ippreferiet lil din tal-aħħar meta mqabbla mal-impriżi l-oħra li kienu ssottomettew applikazzjonijiet għal immunità u għal tnaqqis. Minkejja li kkonstatat l-eżistenza ta' erba' atti ta' ksur, il-Kummissjoni kienet tat immunità kundizzjonata ġenerali li tkopri s-settur tal-ispedizzjoni tal-merkanzija bl-ajru lil Deutsche Post, mingħajr ma eżaminat jekk il-provi prodotti minn din l-impriża kinux koprew l-aġir kollu inkwistjoni. Ir-rikorrenti allegat li, kieku l-applikazzjonijiet kollha għal immunità u għal tnaqqis tal-ammont tal-multi ġew evalwati billi ttieħed inkunsiderazzjoni s-settur tal-ispedizzjoni tal-merkanzija kollu kemm hu, hija kien ikollha dritt għal trattament iktar favorevoli.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, fil-mument li fih il-Kummissjoni tirċievi applikazzjoni għal immunità fis-sens tal-punt 8(a) tal-Avviż dwar il-kooperazzjoni tal-2006, hija ma jkunx għad għandha għarfien dwar l-akkordju inkwistjoni. Għalhekk, kif inhu spjegat fin-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 1 tal-punt 8(a) tal-Avviż dwar il-kooperazzjoni tal-2006, hija għandha twettaq evalwazzjoni ex ante tal-applikazzjoni għal immunità, ibbażata b'mod esklużiv fuq in-natura u l-kwalità tal-informazzjoni pprovduta mill-impriża. L-Avviż dwar il-kooperazzjoni tal-2006 għalhekk ma jipprekludix lill-Kummissjoni milli tagħti l-immunità kundizzjonata lil impriża, anki jekk mill-informazzjoni pprovduta minn din tal-aħħar ma jkunx għad jista' jkollha idea ddettaljata u preċiża dwar in-natura u l-portata tal-akkordju ssuspettat. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-punt 8(a) u l-punti 9 u 18 tal-Avviż dwar il-kooperazzjoni tal-2006 ma jirrikjedux li l-elementi sottomessi mill-impriża jikkostitwixxu informazzjoni u provi li jkopru b'mod speċifiku l-atti ta' ksur li l-Kummissjoni tikkonstata fi tmiem il-proċedura amministrattiva, iżda huwa biżżejjed li dawn jippermettulha twettaq investigazzjoni

23| Kawża C-263/16 P, ***Schenker vs Il-Kummissjoni***.

24| Ara wkoll, iktar 'il quddiem, il-kummenti dwar din is-sentenza taħt "3. Possibbiltà għall-Kummissjoni li tagħżel li tasal għal tranżazzjoni".

25| Avviż tal-Kummissjoni dwar l-Immunità minn multi u tnaqqis ta' multi f'każijiet ta' kartell [akkordju] (ĠU 2006, C 298, p. 17).

mmirata b'konnessjoni ma' ksur issuspettat li jkopri l-att jew l-atti ta' ksur li hija tikkonstata fi tmiem din il-proċedura.

## 3. POSSIBBILTÀ GĦALL-KUMMISSJONI LI TAGĦŻEL LI TASAL GĦAL TRANŻAZZJONI

Is-sentenza tad-29 ta' Frar 2016, Schenker vs Il-Kummissjoni (T-265/12, taħt appell [26], EU:T:2016:111), tat ukoll l-opportunità lill-Qorti Ġenerali tagħti deċiżjoni dwar il-portata tal-marġni ta' diskrezzjoni li għandha l-Kummissjoni sabiex tagħżel, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, li tasal għal tranżazzjoni [27]. Ir-rikorrenti sostniet li l-Kummissjoni kienet wettqet żball ta' evalwazzjoni meta ħadet id-deċiżjoni li ma tfittixx li tasal għal tranżazzjoni qabel ma daħlet f'kuntatt mad-destinatarji tad-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tevalwa għalkollox l-opportunità ta' proċedura ta' tranżazzjoni qabel ma tkun daħlet f'kuntatt mal-partijiet ikkonċernati u qabel ma tkun fittxet l-interess tagħhom li jaslu għal tranżazzjoni.

Il-Qorti Ġenerali spjegat li, skont l-Artikolu 10a(1) tar-Regolament (KE) Nru 773/2004 [28], kif emendat bir-Regolament Nru 622/2008 [29], il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi terminu lill-partijiet sabiex huma jkunu jistgħu jinformawha bil-miktub jekk humiex disposti jipparteċipaw f'diskussjonijiet bil-għan li tintlaħaq tranżazzjoni, sabiex jippreżentaw, f'dan il-każ, proposti ta' tranżazzjoni. Mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta għalhekk b'mod ċar li ma hijiex obbligata li tidħol f'kuntatt mal-partijiet, iżda li għandha marġni ta' diskrezzjoni f'dan ir-rigward. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-prassi tal-Kummissjoni hija konformi ma' dan l-approċċ. Fil-fatt, skont il-punt 6 tal-Avviż tagħha dwar il-proċeduri ta' tranżazzjoni [30], meta l-Kummissjoni tikkunsidra li każ partikolari jista' jwassal, bħala prinċipju, għal tranżazzjoni, hija għandha tfittex li tagħraf l-eventwali interess tal-partijiet kollha li tintlaħaq tranżazzjoni, minkejja li l-partijiet fil-proċedura ma jkollhomx dritt għal din il-forma ta' proċedura. Mill-imsemmi punt jirriżulta b'mod ċar li huwa biss fil-każ fejn hija tikkunsidra li kawża tista' tiġi tranżatta li hija għandha tfittex li tagħraf l-interess tal-impriżi kkonċernati. Għaldaqstant, l-imsemmi punt jipprevedi wkoll il-possibbiltà li l-Kummissjoni tikkunsidra li kawża ma twassalx għal trattament ta' tranżazzjoni mingħajr ma, minn qabel, tkun daħlet f'kuntatt mal-partijiet ikkonċernati u tkun fittxet l-interessi tagħhom li jilħqu tranżazzjoni. Għaldaqstant, fil-kawża inkwistjoni, is-sempliċi fatt li l-Kummissjoni ma fittxitx l-interess tar-rikorrenti u tal-impriżi l-oħra kkonċernati li tintlaħaq tranżazzjoni ma jistax fih innifsu juri li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata bi żbalji.

## 4. OBBLIGU TA' MOTIVAZZJONI

Fis-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2016, ***Printeos et vs Il-Kummissjoni*** (T-95/15, EU:T:2016:722), il-Qorti Ġenerali kellha l-opportunità tispeċifika l-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li

26| Kawża C-263/16 P, *Schenker vs Il-Kummissjoni*.

27| Ara wkoll, iktar 'il fuq, il-kummenti dwar din is-sentenza taħt "2. Kundizzjonijiet previsti għall-għoti ta' immunità".

28| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004, tas-7 ta' April 2004, dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skont l-[Artikoli 101 u 102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 81).

29| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 622/2008, tat-30 ta' Ġunju 2008, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 773/2004, fir-rigward ta' kif jitmexxew il-proċeduri għar-riżolviment [ta' tranżazzjoni] f'każi ta' kartelli [akkordji] (ĠU 2008, L 171, p. 3).

30| Avviż tal-Kummissjoni dwar il-mod ta' proċedimenti ta' riżolviment [tranżazzjoni] ta' tilwim bil-għan li jiġu adottati Deċiżjonijiet skont l-Artikolu 7 u l-Artikolu 23 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 fil-każijiet tal-kartelli [tal-akkordji] (ĠU 2008, C 167, p. 1).

jimponu multi skont id-dritt tal-kompetizzjoni, adottati fil-kuntest ta' proċedura ta' tranżazzjoni, skont l-Artikolu 10a tar-Regolament Nru 773/2004 u tal-Avviż dwar il-proċeduri ta' tranżazzjoni.

F'dan ir-rigward, wara li fakkret il-prinċipji ta' implementazzjoni tal-obbligu ta' motivazzjoni, kif previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, fid-dawl tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, moqri flimkien mal-Artikolu 263 TFUE, minn naħa, u mal-Artikolu 261 TFUE u mal-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1/2003 [31], min-naħa l-oħra, kif imfakkra fil-punt 41 tal-Avviż dwar il-proċeduri ta' tranżazzjoni, dawn il-prinċipji japplikaw mutatis mutandis għall-obbligu tal-Kummissjoni li timmotiva d-deċiżjoni li timponi multi li hija tadotta wara l-għeluq ta' proċedura ta' tranżazzjoni, li fil-kuntest tagħha hemm il-preżunzjoni li l-impriża kkonċernata taċċetta biss l-ammont massimu tal-multa proposta.

L-osservanza mill-Kummissjoni tal-garanziji mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni fil-proċeduri amministrattivi, fosthom l-obbligu ta' motivazzjoni, għandha importanza saħansitra iktar fundamental

i meta hija tiddeċiedi, fl-istadju tal-iffissar tal-ammont tal-multi imposti, li ma tapplikax il-metodoloġija ġenerali esposta fil-linji gwida għall-kalkolu tal-multi [32], billi tibbaża ruħha, kif għamlet f'dak il-każ, fuq il-punt 37 ta' dawn il-linji gwida. Fil-fatt, il-linji gwida tal-2006 jistabbilixxu regola ta' kondotta indikattiva tal-prassi li għandha tiġi segwita u li l-Kummissjoni tista' ma tapplikahiex, f'każ partikolari, biss jekk tagħti raġunijiet li huma kompatibbli, b'mod partikolari, mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Din il-motivazzjoni għandha tkun saħansitra iktar speċifika peress li l-punt 37 tal-linji gwida tal-2006 jagħmel biss riferiment vag għall-partikolaritajiet ta' każ partikolari u għalhekk iħalli marġni ta' diskrezzjoni wiesa' lill-Kummissjoni sabiex tagħmel aġġustament eċċezzjonali tal-ammonti bażiċi tal-multi tal-impriżi. Minn dan jirriżulta li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni kienet obbligata tispjega b'mod suffiċjentement ċar u preċiż il-mod li bih hija kellha l-intenzjoni li tuża s-setgħa diskrezzjonali tagħha, inklużi d-diversi punti ta' fatt u ta' liġi li hija ħadet inkunsiderazzjoni għal dan il-għan. B'mod partikolari, fid-dawl tal-obbligu tagħha li tosserva l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fid-determinazzjoni tal-ammonti tal-multi, dan id-dmir ta' motivazzjoni jinkludi t-totalità tal-elementi rilevanti meħtieġa sabiex ikun jista' jiġi evalwat jekk l-impriżi kkonċernati, li l-ammonti bażiċi tal-multi tagħhom ikunu ġew aġġustati, ikunux f'sitwazzjonijiet paragunabbli jew le, jekk l-imsemmija sitwazzjonijiet ġewx ittrattati b'mod ugwali jew inugwali u jekk eventwali trattament ugwali jew inugwali tal-imsemmija sitwazzjonijiet kienx oġġettivament iġġustifikat. Issa, f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma spjegatx ir-raġunijiet għaliex hija applikat rati ta' tnaqqis kjarament differenti għall-impriżi kkonċernati. Minn dan hija kkonkludiet li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata b'motivazzjoni insuffiċjenti.

## 5. ĠURISDIZZJONI SĦIĦA

Is-sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2016, ***Portugal Telecom vs Il-Kummissjoni* (T-**208/13, EU:T:2016:368), u tat-28 ta' Ġunju 2016, ***Telefónica vs Il-Kummissjoni*** (T-216/13, taħt appell [33], EU:T:2016:369), taw l-opportunità lill-Qorti Ġenerali tispeċifika l-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju mwettaq mill-qorti tal-Unjoni fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE u, b'mod partikolari, fir-rigward

31| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

32| Linji gwida għall-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003 (ĠU 2006, C 210, p. 2).

33| Kawża C-487/16 P, ***Telefónica vs Il-Kummissjoni***.

tad-determinazzjoni tal-ammont tal-multi li għandhom jiġu imposti f'dan il-kuntest [34]. Il-Qorti Ġenerali kellha teżamina l-legalità tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet ikkonstatat li Portugal Telecom SGPS, SA (l-ewwel operatur ta' telekomunikazzjonijiet fil-Portugall) u Telefónica, SA (l-ewwel operatur ta' telekomunikazzjonijiet fi Spanja) kienu kisru l-Artikolu 101 TFUE billi pparteċipaw fi ftehim ta' nuqqas ta' kompetizzjoni. Kienet inkwistjoni l-klawżola ta' nuqqas ta' kompetizzjoni fis-suq Iberiku mdaħħla fil-kuntratt għax-xiri minn Telefónica tas-sehem ta' Portugal Telecom fl-operatur Brażiljan tat-telefonija mobbli Vivo.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li s-sistema ta' stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-proċeduri għall-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE tikkonsisti fi stħarriġ tal-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet stabbilit fl-Artikolu 263 TFUE, li jista' jiġi ssupplimentat, skont l-Artikolu 261 TFUE u fuq talba tar-rikorrenti, bl-eżerċizzju, mill-Qorti Ġenerali, ta' ġurisdizzjoni sħiħa fir-rigward tas-sanzjonijiet imposti f'dan il-qasam mill-Kummissjoni. Madankollu, il-Qorti Ġenerali qieset li, fil-kawżi inkwistjoni, hija ma kellhiex provi suffiċjenti sabiex tiddetermina l-ammont finali tal-multa li kellha tiġi imposta fuq ir-rikorrenti. Fil-fatt, hija enfasizzat li huwa tabilħaqq minnu li l-ġurisdizzjoni sħiħa li għandha l-Qorti Ġenerali skont l-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1/2003 jawtorizza lill-qorti, lil hinn minn sempliċi stħarriġ ta' legalità tas-sanzjoni, li tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha għal dik tal-Kummissjoni. Madankollu, f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma kinitx wettqet l-analiżi tal-provi prodotti mir-rikorrenti sabiex turi n-nuqqas ta' kompetizzjoni potenzjali bejn il-partijiet fir-rigward ta' ċerti servizzi sabiex tiddetermina l-valur tal-bejgħ li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-ammont tal-multa. Id-determinazzjoni tal-valur ta' dan il-bejgħ mill-Qorti Ġenerali għalhekk kienet timplika li din ikollha timla lakuna fl-investigazzjoni tal-każ. Issa l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa ma jistax jestendi sal-punt li jwassal lill-Qorti Ġenerali twettaq tali investigazzjoni.

## KONTRIBUZZJONIJIET FIL-QASAM TAL-ARTIKOLU 101 TFUE

### 1. KUNĊETT TA' KOMPETIZZJONI POTENZJALI

Mogħtija fl-istess jum li fih ingħataw ħames sentenzi oħra (sentenzi tat-8 ta' Settembru 2016, ***Arrow Group u Arrow Generics vs Il-Kummissjoni***, T-467/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:450; tat-8 ta' Settembru 2016, ***Merck vs Il-Kummissjoni***, T-470/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:452; tat-8 ta' Settembru 2016, ***Sun Pharmaceutical Industries u Ranbaxy (UK) vs Il-Kummissjoni***, T-460/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:453; tat-8 ta' Settembru 2016, ***Generics (UK) vs Il-Kummissjoni***, T-469/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:454, u tat-8 ta' Settembru 2016, ***Xellia Pharmaceuticals u Alpharma vs Il-Kummissjoni***, T-471/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:460) fil-kuntest ta' serje ta' rikorsi ppreżentati kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata l-eżistenza ta' akkordju fis-suq tal-prodotti mediċinali ta' kontra d-depressjoni li jinkludu l-ingredjent farmaċewtiku attiv citalopram, is-sentenza tat-8 ta' Settembru 2016, ***Lundbeck vs Il-Kummissjoni (T-472/13, taħt appell*** [35], EU:T:2016:449), tat l-opportunità lill-Qorti Ġenerali li tagħti deċiżjoni dwar il-kunċett ta' kompetizzjoni potenzjali [36]. Kienu inkwistjoni ftehimiet konklużi bejn H. Lundbeck A/S (iktar 'il quddiem "Lundbeck"), kumpannija rregolata mid-dritt Daniż li tikkontrolla grupp ta' kumpanniji attiv fil-qasam tar-riċerka ta' prodotti mediċinali ġodda, kif ukoll fil-kummerċjalizzazzjoni tagħhom, u proprjetarja ta' privattivi fuq il-prodotti mediċinali inkwistjoni, u impriżi attivi fi-produzzjoni u fil-bejgħ ta' prodotti mediċinali ġeneriċi.

34| Ara wkoll, iktar 'il quddiem, il-kummenti dwar dawn il-kawżi taħt "Kontribuzzjonijiet fil-qasam tal-Artikolu 101 TFUE – 2. Restrizzjonijiet minħabba l-għan u 3. Kalkolu tal-ammont tal-multa".

35| Kawża C-591/16 ***P, Lundbeck vs Il-Kummissjoni***.

36| Ara wkoll, iktar 'il quddiem, il-kummenti dwar din is-sentenza taħt "2. Restrizzjoni minħabba l-għan – b) Pagamenti bil-kontra sproporzjonati li jimplikaw l-esklużjoni tal-kompetituri mis-suq".

Dawn il-ftehimiet kienu intiżi sabiex jistabbilixxu limitazzjonijiet għad-dħul ta' dawn tal-aħħar fis-suq tal-prodotti kkonċernati inkambju għal somom sostanzjali li kienu jitħallsu lilhom minn Lundbeck. Il-Kummissjoni kienet ikkonstatat li Lundbeck u l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu kompetituri minn tal-inqas potenzjali u li l-ftehimiet kontenzjużi kienu jikkostitwixxu restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni minħabba l-għan.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-eżami tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni f'suq partikolari għandu jkun ibbażat fuq il-kompetizzjoni mhux biss attwali iżda wkoll potenzjali, sabiex ikun magħruf jekk, fid-dawl tal-istruttura tas-suq u tal-kuntest ekonomiku u ġuridiku li jirregola l-funzjonament tiegħu, jeżistux possibbiltajiet reali u konkreti li l-impriżi kkonċernati jikkompetu bejniethom jew li kompetitur ġdid ikun jista' jidħol fis-suq inkwistjoni u jikkompeti mal-impriżi stabbiliti. Sabiex jiġi evalwat jekk impriża tikkostitwixxix kompetitur potenzjali, il-Kummissjoni għandha tivverifika jekk, fl-assenza tal-konklużjoni tal-ftehim li tkun qiegħda teżamina, kinux jeżistu possibbiltajiet reali u konkreti li din l-impriża, fil-kuntest ta' strateġija ekonomika vijabbli, tidħol fl-imsemmi suq u tikkompeti mal-impriżi li kienu stabbiliti f'dan is-suq. Tali prova għandha tiġi ssostanzjata permezz ta' punti ta' fatt jew ta' analiżi tal-istrutturi tas-suq rilevanti.

Mitluba, f'dan il-kuntest, teżamina b'mod iktar speċifiku l-argument ta' Lundbeck li d-deċiżjoni kkontestata kienet ivvizzjata bi żball ta' liġi sa fejn kienet qieset li l-introduzzjoni ta' prodotti mediċinali li jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ta' terzi kienet l-espressjoni ta' kompetizzjoni potenzjali taħt l-Artikolu 101 TFUE, il-Qorti Ġenerali osservat li, għalkemm huwa minnu li l-privattivi huma preżunti li huma validi sakemm jiġu espliċitament irrevokati jew invalidati minn awtorità jew minn qorti li jkollha kompetenza f'dan ir-rigward, tali preżunzjoni ta' validità ma tistax titqies li hija ekwivalenti għal preżunzjoni ta' illegalità tal-prodotti ġeneriċi mqiegħda fis-suq b'mod validu li l-proprjetarju ta' privattiva jqis li jikkostitwixxu vjolazzjoni tagħha. Għalhekk, f'dan il-każ, kienet Lundbeck li kellha tistabbilixxi quddiem il-qrati nazzjonali, fil-każ tad-dħul ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq, li dawn kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' xi waħda jew oħra mill-privattivi ta' proċess tagħhom, sa fejn dħul b'riskju ma huwiex illegali fih innifsu. Barra minn hekk, fil-każ ta' kawża għal vjolazzjoni mressqa minn Lundbeck kontra l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġenerali, dawn tal-aħħar kien ikollhom il-possibbiltà li jikkontestaw il-validità tal-privattiva invokata minn Lundbeck permezz ta' kontrotalba. Għaldaqstant, kienu jeżistu, b'mod ġenerali, diversi mezzi li jikkostitwixxu possibbiltajiet konkreti u realisti ta' dħul fis-suq għall-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, b'mod partikolari, l-introduzzjoni tal-prodott ġenerali "b'riskju", bil-possibbiltà ta' kontestazzjoni minn Lundbeck fil-kuntest ta' eventwali tilwimiet. Tali possibbiltà tirrappreżenta effettivament l-espressjoni ta' kompetizzjoni potenzjali, f'sitwazzjoni bħal dik ineżami fejn il-privattivi oriġinali ta' Lundbeck kienu skadew u fejn kienu jeżistu proċessi oħra li kienu jippermettu li jiġi prodott citalopram ġeneriku u li fir-rigward tagħhom ma kienx stabbilit li jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' privattivi oħra ta' Lundbeck. Barra minn hekk, il-passi u l-investimenti mwettqa mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi bl-intenzjoni li jidħlu fis-suq tas-citalopram qabel ma kkonkludew il-ftehimiet kontenzjużi juru li dawn kienu lesti sabiex jidħlu fis-suq u sabiex jassumu r-riskji li kien jimplika tali dħul. Minbarra dan, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, għalkemm dikjarazzjonijiet oħra kontemporanji għall-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi setgħu jagħtu l-impressjoni li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kellhom dubju dwar jekk il-prodotti tagħhom kinux jikkostitwixxu vjolazzjoni, jew li Lundbeck kienet konvinta mill-validità tal-privattivi tagħha, dawn id-dikjarazzjonijiet ma kinux suffiċjenti sabiex tiddaħħal inkwistjoni l-konklużjoni li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu pperċepiti bħala theddida potenzjali għal Lundbeck u kienu jistgħu, sempliċement minħabba l-eżistenza tagħhom, jeżerċitaw pressjoni kompetittiva fuq din il-kumpannija u fuq l-impriżi li joperaw fis-suq.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali fakkret li, sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali, huwa meħtieġ biss li d-dħul fis-suq iseħħ f'terminu raġonevoli, mingħajr ma jiġi ffissat limitu preċiż f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, ma huwiex meħtieġ li l-Kummissjoni turi li d-dħul tal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq kien ser iseħħ b'ċertezza qabel l-iskadenza tal-ftehimiet kontenzjużi sabiex tkun tista' tistabbilixxi l-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali f'dan il-każ, u dan iktar u iktar fid-dawl tal-fatt li, fis-settur farmaċewtiku

b'mod partikolari, il-kompetizzjoni potenzjali tista' tiġi eżerċitata ferm qabel l-iskadenza ta' privattiva u li l-passi mwettqa qabel din l-iskadenza huma rilevanti sabiex jiġi evalwat jekk din il-kompetizzjoni kinitx ġiet limitata. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali osservat li l-kompetizzjoni potenzjali tinkludi b'mod partikolari l-attivitajiet tal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi maħsuba sabiex jinkisbu l-awtorizzazzjonijiet għal tqegħid fis-suq neċessarji, kif ukoll sabiex jitwettqu l-passi amministrattivi u kummerċjali kollha indispensabbli sabiex issir preparazzjoni għad-dħul fis-suq. Din il-kompetizzjoni potenzjali hija protetta mill-Artikolu 101 TFUE. Fil-fatt, fil-każ li jkun possibbli li, mingħajr ma jitwettaq ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, wieħed iħallas lill-impriżi li jkunu qegħdin iwettqu l-passi indispensabbli sabiex jippreparaw għall-introduzzjoni ta' prodott mediċinali ġeneriku u li jkunu wettqu investimenti sostanzjali għal dan il-għan, sabiex iwaqqfu jew sempliċement itawlu dan il-proċess, qatt ma jkun hemm kompetizzjoni effettiva jew inkella ġġarrab dewmien sinjifikattiv, u dan għad-detriment tal-konsumaturi.

## 2. RESTRIZZJONI MINĦABBA L-GĦAN

### a. KLAWŻOLA TA' NUQQAS TA' KOMPETIZZJONI

Fis-sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2016, Portugal Telecom vs Il-Kummissjoni (T-208/13, EU:T:2016:368), u tat-28 ta' Ġunju 2016, Telefónica vs Il-Kummissjoni (T-216/13, taħt appell [37], EU:T:2016:369), il-Qorti Ġenerali kellha wkoll tagħti deċiżjoni dwar il-klassifikazzjoni tal-klawżola ta' nuqqas ta' kompetizzjoni bħala klawżola li tirrestrinġi l-kompetizzjoni minħabba l-għan tagħha [38]. Ir-rikorrenti kkontestaw din il-klassifikazzjoni għar-raġuni li l-Kummissjoni ma pprovatx li huma kienu kompetituri potenzjali u li għalhekk il-klawżola setgħet tirrestrinġi l-kompetizzjoni.

L-ewwel nett, f'dak li jirrigwarda l-klassifikazzjoni tal-klawżola kontenzjuża bħala "restrizzjoni anċillari", il-Qorti Ġenerali qieset li Portugal Telecom ma pprovatx li r-restrizzjoni li ġabet magħha din il-klawżola kontenzjuża kienet marbuta mal-għażla ta' xiri tal-azzjonijiet tagħha miżmuma minn Telefónica (għażla inizjalment prevista u sussegwentement eliminata mill-ftehim) u mar-riżenja tal-membri tal-Bord tad-Diretturi tagħha nnominati mill-kumpannija Spanjola (riżenja prevista fil-verżjoni finali tal-ftehim). Fir-rigward tal-obbligu ta' awtoevalwazzjoni li jinsab fil-klawżola kontenzjuża, xejn ma jindika li l-imsemmija klawżola kienet tinkludi dan l-obbligu li minnu kien jiddependi d-dħul fis-seħħ tal-obbligu ta' nuqqas ta' kompetizzjoni. Barra minn hekk, filwaqt li Telefónica allegat li l-klawżola kontenzjuża kienet ġiet imposta mill-Gvern Portugiż jew li, fi kwalunkwe każ, kienet neċessarja sabiex hija żżomm lura milli tibblokka l-ftehim dwar it-"tranżazzjoni Vivo", il-Qorti Ġenerali qieset li Telefónica ma pproduċietx provi suffiċjenti insostenn ta' dawn l-allegazzjonijiet tagħha. Barra minn hekk, hija indikat li Telefónica ma pproduċiet ebda prova ta' natura li tispjega għal liema raġuni klawżola ta' nuqqas ta' kompetizzjoni fis-swieq Portugiż u Spanjol setgħet titqies li kienet oġġettivament neċessarja għal tranżazzjoni relatata mat-teħid mill-ġdid ta' ishma f'operatur Brażiljan.

It-tieni nett, f'dak li jirrigwarda l-kapaċità tal-klawżola kontenzjuża li tirrestrinġi l-kompetizzjoni bejn Portugal Telecom u Telefónica, ir-rikorrenti sostnew li l-Kummissjoni kienet wettqet żball meta naqset milli twettaq eżami tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni potenzjali sabiex tivverifika jekk kinux jeżistu possibbiltajiet reali u konkreti li huma jikkompetu bejniethom fis-swieq rilevanti allegatament koperti mill-klawżola ta' nuqqas ta' kompetizzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, sabiex jiġi evalwat jekk ftehim bejn impriżi, jew deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi, jippreżentawx grad suffiċjenti ta' dannu sabiex jitqiesu li huma restrizzjoni

37| Kawża C-487/16 P, ***Telefónica vs Il-Kummissjoni.***

38| Ara wkoll, iktar 'il fuq, il-kummenti dwar dawn il-kawżi taħt "Punti ġenerali – 5. Ġurisdizzjoni sħiħa" u, iktar 'il quddiem, taħt "3. Kalkolu tal-ammont tal-multa".

tal-kompetizzjoni minħabba l-għan fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE, għandu jsir riferiment għall-kontenut tad-dispożizzjonijiet tagħhom, għall-għanijiet li huma jfittxu li jilħqu, kif ukoll għall-kuntest ekonomiku u ġuridiku li jinsabu fih. Madankollu, il-Kummissjoni ma hijiex dejjem obbligata tagħti definizzjoni preċiża tas-suq jew tas-swieq inkwistjoni. Għalhekk, fil-kuntest tal-Artikolu 101(1) TFUE, definizzjoni minn qabel tas-suq rilevanti ma hijiex meħtieġa meta l-ftehim kontenzjuż ikollu minnu nnifsu għan antikompetittiv. Għaldaqstant, sa fejn, f'dan il-każ, il-Kummissjoni kkonstatat li l-klawżola ssanzjonata mid-deċiżjoni kkontestata kellha għan ta' tqassim tas-swieq, ir-rikorrenti ma setgħux isostnu li analiżi ddettaljata tas-swieq ikkonċernati kienet meħtieġa sabiex jiġi ddeterminat jekk il-klawżola kinitx tikkostitwixxi restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan. Fil-fatt, impriżi li jikkonkludu ftehim li jkollu l-għan li jirrestrinġi l-kompetizzjoni ma jistgħux, bħala prinċipju, jevitaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE billi jsostnu li l-ftehim tagħhom ma kellux ikollu effett notevoli fuq il-kompetizzjoni. Għaldaqstant, l-argument tar-rikorrenti li l-eżistenza ta' allegat ftehim ta' nuqqas ta' kompetizzjoni ma tistax tikkostitwixxi prova tal-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali bejn il-partijiet kien irrilevanti.

## b. PAGAMENTI BIL-KONTRA SPROPORZJONATI LI JIMPLIKAW L-ESKLUŻJONI TAL-KOMPETITURI MIS-SUQ

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tat-8 ta' Settembru 2016, ***Lundbeck vs Il-Kummissjoni (T-472/13, taħt appell*** [39], EU:T:2016:449), il-Qorti Ġenerali ntalbet, b'mod partikolari, teżamina jekk ftehimiet konklużi bejn il-grupp ta' kumpanniji kkontrollat minn Lundbeck, proprjetarja ta' privattivi fuq prodotti mediċinali ta' kontra d-depressjoni li jinkludu l-ingredjent farmaċewtiku attiv citalopram, u impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, liema ftehimiet kienu jipprevedu l-esklużjoni ta' dawn l-impriżi mis-suq tal-imsemmija prodotti mediċinali inkambju għal pagamenti sostanzjali magħmula minn Lundbeck, kinux jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni stabbilita mill-Artikolu 101(1) TFUE [40].

L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-fatt li restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni kienu nkisbu permezz ta' pagamenti bil-kontra sostanzjali jikkostitwixxi element deċiżiv fl-evalwazzjoni ġuridika ta' dawn il-ftehimiet. Minn dan jirriżulta li, meta pagament bil-kontra jkun marbut ma' esklużjoni ta' kompetituri mis-suq jew ma' limitazzjoni tal-elementi intiżi sabiex iseħħ tali dħul, tali limitazzjoni tista' ma tirriżultax esklużivament mill-evalwazzjoni tas-saħħa tal-privattivi mill-partijiet, iżda tista' tinkiseb permezz ta' tali pagament, li jikkorrispondi għax-xiri tal-kompetizzjoni. Għaldaqstant, f'dan il-każ, in-natura sproporzjonata ta' tali pagamenti, flimkien ma' diversi fatturi oħra, bħalma huwa l-fatt li l-ammonti ta' dawn il-pagamenti jidhru li jikkorrispondu minn tal-inqas għall-profitti mistennija mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fil-każ li jidħlu fis-suq jew l-assenza ta' klawżoli li jippermettu lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi jintroduċu l-prodotti tagħhom fis-suq mal-iskadenza tal-ftehimiet mingħajr ma jkollhom għalfejn jibżgħu li jinfetħu kawżi għal vjolazzjoni kontrihom, jippermettu li jiġi konkluż li l-ftehimiet kontenzjużi kellhom bħala għan ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan, fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE.

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali osservat li, peress li l-prodott mediċinali inkwistjoni protett bi privattiva jirrappreżenta l-parti essenzjali tad-dħul mill-bejgħ ta' Lundbeck, huwa minnu li n-nuqqas ta' simetrija bejn ir-riskji li jassumu l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi u dawk li jassumi Lundbeck jippermetti, parzjalment, li jiġu spjegati r-raġunijiet għaliex din tal-aħħar tista' tasal sabiex tagħmel pagamenti bil-kontra sostanzjali bil-għan li tevita kwalunkwe riskju, anki jekk minimu, li l-prodotti mediċinali ġeneriċi jkunu jistgħu jidħlu fis-suq. Madankollu, dan il-fatt bl-ebda mod ma jista' jeskludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE. Għalhekk,

39| Kawża C-591/16 P, ***Lundbeck vs Il-Kummissjoni.***

40| Ara wkoll, iktar 'il fuq, il-kummenti dwar din is-sentenza taħt "1. Kunċett ta' kompetizzjoni potenzjali".

għalkemm huwa possibbli li seħħ dannu irreparabbli, għal Lundbeck, fil-każ ta' dħul illegali minn impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq, minħabba t-tnaqqis irreversibbli fil-prezzijiet ikkawżat minn tali dħul, it-tnaqqis tal-prezzijiet irregolati b'riżultat tal-iskadenza ta' privattiva fuq l-ingredjent farmaċewtiku attiv huwa karatteristika tas-swieq farmaċewtiċi magħrufa minn Lundbeck u għalhekk jikkostitwixxi riskju kummerċjali normali li ma jistax jiġġustifika l-konklużjoni ta' ftehimiet antikompetittivi. Għaldaqstant, jekk tiġi aċċettata t-teżi dwar in-nuqqas ta' simetrija bejn ir-riskji, dan ikun ifisser, fl-aħħar mill-aħħar, li jkun qiegħed jitqies li Lundbeck setgħet, bil-konklużjoni ta' ftehimiet bħall-ftehimiet kontenzjużi mal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, jipproteġu ruħhom kontra tnaqqis irriversibbli fil-prezzijiet li ma kienx ikun jista' jiġi evitat, lanqas li kieku rebħu l-kawżi għal vjolazzjoni quddiem il-qrati nazzjonali. Tali riżultat ikun manifestament kuntrarju għall-għanijiet tad-dispożizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni tat-Trattat FUE, li huma intiżi b'mod partikolari li jipproteġu lill-konsumaturi kontra żidiet fil-prezz li ma jkunux ġustifikati u li jirriżultaw minn kollużjoni bejn kompetituri. Għalhekk, ma hemm ebda raġuni sabiex jiġi aċċettat li tali kollużjoni hija legali f'dan il-każ, fuq il-bażi tal-argument li kienu inkwistjoni privattivi dwar proċessi, meta d-difiża ta' dawn il-privattivi quddiem il-qrati nazzjonali ma setgħetx twassal, lanqas fl-iktar xenarju favorevoli għal Lundbeck, għall-istess riżultati negattivi għall-kompetizzjoni u, b'mod partikolari, għall-konsumaturi. Il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, fi kwalunkwe każ, anki jekk ir-restrizzjonijiet li jinsabu fil-ftehimiet kontenzjużi kienu jaqgħu potenzjalment fil-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck, fis-sens li setgħu jinkisbu wkoll fil-kuntest ta' kawżi ġudizzjarji, din kienet biss potenzjalità fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi. Issa, fil-kawża ineżami, il-fatt li din l-inċertezza dwar jekk il-prodotti tal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kinux jikkostitwixxu vjolazzjoni u dwar il-validità tal-privattivi ta' Lundbeck ġiet issostitwita biċ-ċertezza li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi ma kinux ser jidħlu fis-suq matul it-tul tal-ftehimiet kontenzjużi jikkostitwixxi, bħala tali, restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan, peress li tali riżultat inkiseb permezz ta' pagament bil-kontra.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu wettqu sforzi kunsiderevoli sabiex jippreparaw għad-dħul tagħhom fis-suq u li ma kellhomx l-intenzjoni li jirrinunzjaw għal dawn l-isforzi minħabba l-privattivi ta' Lundbeck. Huwa minnu li kien hemm inċertezza dwar il-kwistjoni ta' jekk il-prodotti tagħhom kinux ser jiġu eventwalment iddikjarati li jikkostitwixxu vjolazzjoni minn qorti kompetenti. Madankollu, id-deċiżjoni kkontestata turi li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kellhom possibbiltajiet reali li jirbħu l-kawża fil-każ ta' tilwima. Għaldaqstant, bil-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, il-partijiet f'dawn il-ftehimiet kienu ssostitwixxew din l-inċertezza biċ-ċertezza li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi ma kinux ser jidħlu fis-suq, permezz tal-pagamenti bil-kontra sostanzjali, b'tali mod li eskludew kwalunkwe kompetizzjoni, anki potenzjali, fis-suq, matul it-tul ta' dawn il-ftehimiet.

## 3. KALKOLU TAL-AMMONT TAL-MULTA

Fis-sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2016, ***Portugal Telecom vs Il-Kummissjoni*** (T-208/13, EU:T:2016:368), u tat-28 ta' Ġunju 2016, *Telefónica vs Il-Kummissjoni (T-216/13, taħt appell* [41], EU:T:2016:369), il-Qorti Ġenerali, barra minn hekk, kellha tagħti deċiżjoni dwar id-determinazzjoni tal-valur tal-bejgħ li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-ammont tal-multa applikabbli [42]. Ir-rikorrenti allegaw li kellu jiġi eskluż mill-kalkolu l-volum tal-bejgħ magħmul fis-swieq jew permezz ta' servizzi, mhux suġġetti għal kompetizzjoni potenzjali, li ma kinux jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-klawżola ta' nuqqas ta' kompetizzjoni kontenzjuża.

Dwar dan il-punt, filwaqt li l-Kummissjoni sostniet li, fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni wiesa' ferm tal-klawżola ta' nuqqas ta' kompetizzjoni, hija ma kellhiex tanalizza l-kompetizzjoni potenzjali bejn il-partijiet

41 | Kawża C-487/16 P, ***Telefónica vs Il-Kummissjoni.***

42 | Ara wkoll, iktar 'il fuq, il-kummenti dwar dawn is-sentenzi taħt "Punti ġenerali – 5. Ġurisdizzjoni sħiħa" u taħt "Kontribuzzjonijiet fil-qasam tal-Artikolu 101 TFUE – 2. Restrizzjoni minħabba l-għan – a) Klawżola ta' nuqqas ta' kompetizzjoni".

għal kull wieħed mis-servizzi invokati mir-rikorrenti għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur tal-bejgħ li kellu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-ammont tal-multa, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li dan l-argument ma setax jirnexxi. Fil-fatt, skont il-kliem użat fiha, l-imsemmija klawżola kienet tapplika għal "kwalunkwe proġett fin-negozju tat-telekomunikazzjoni li jista' jitqies f'kompetizzjoni mal-parti l-oħra fis-suq Iberiku". Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali osservat li l-Kummissjoni użat, sabiex tikkalkola l-ammont tal-multa, il-valur tal-bejgħ tal-attivitajiet li jaqgħu, fl-opinjoni tagħha, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-klawżola u eskludiet il-bejgħ li jikkorrispondi għal attivitajiet kurrenti, esklużi, skont il-kliem tal-klawżola, mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din tal-aħħar. Għaldaqstant, il-bejgħ li jikkorrispondi għal attivitajiet li ma jistgħux ikunu f'kompetizzjoni mal-parti l-oħra matul il-perijodu ta' applikazzjoni tal-klawżola, esklużi wkoll mill-kamp ta' applikazzjoni tal-klawżola bis-saħħa tal-kliem tagħha, għandhom ukoll jiġu esklużi għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont tal-multa. Minn dan isegwi li, anki jekk il-Kummissjoni ma kellhiex tevalwa l-kompetizzjoni potenzjali fir-rigward ta' kull wieħed mis-servizzi invokati mir-rikorrenti għall-finijiet tal-konstatazzjoni tal-ksur, hija madankollu kellha teżamina jekk ir-rikorrenti kellhomx raġun isostnu li l-valur tal-bejgħ tas-servizzi inkwistjoni kellu jiġi eskluż mill-kalkolu tal-ammont tal-multa minħabba n-nuqqas ta' kompetizzjoni potenzjali bejn il-partijiet fir-rigward ta' dawn is-servizzi.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-Kummissjoni għandha tevalwa l-impatt mixtieq fuq l-impriża kkonċernata, b'mod partikolari billi jittieħed inkunsiderazzjoni dħul mill-bejgħ li jirrifletti s-sitwazzjoni ekonomika reali tagħha matul il-perijodu li fih twettaq dan il-ksur. Bil-għan li jiġi ddeterminat l-ammont tal-multa, huwa possibbli li jittieħdu inkunsiderazzjoni kemm id-dħul mill-bejgħ globali tal-impriża kif ukoll il-parti minn dan id-dħul mill-bejgħ li tirriżulta mill-prodotti li jkunu s-suġġett tal-ksur u li għalhekk tista' tagħti indikazzjoni tal-portata tiegħu. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali osservat li l-punt 13 tal-linji gwida tal-2006 għall-kalkolu tal-multi għandu l-għan li jieħu bħala punt ta' tluq għall-kalkolu tal-ammont tal-multa imposta fuq impriża, ammont li jirrifletti l-importanza ekonomika tal-ksur u l-piż relattiv ta' din l-impriża fih. Konsegwentement, il-kunċett ta' valur tal-bejgħ previst fil-punt 13 tal-imsemmija linji gwida jinkludi fih il-bejgħ magħmul fis-suq ikkonċernat permezz tal-ksur imwettaq fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), mingħajr il-bżonn li jiġi ddeterminat jekk dan il-bejgħ ġiex affettwat realment minn dan il-ksur. Madankollu, dan il-kunċett ma jistax jiġi estiż sal-punt li jinkludi fih il-bejgħ tal-impriża inkwistjoni li ma jaqax, direttament jew indirettament, fil-parametri ta' dan l-akkordju.

Skont il-Qorti Ġenerali, ma jistax jintalab mill-Kummissjoni, fil-preżenza ta' restrizzjoni minħabba l-għan, li hija twettaq eżami *ex officio* tal-kompetizzjoni potenzjali għas-swieq u għas-servizzi kollha kkonċernati mill-kamp ta' applikazzjoni tal-ksur. Is-soluzzjoni mogħtija ma tikkonsistix fl-impożizzjoni fuq il-Kummissjoni, fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-ammont tal-multa, ta' obbligu li din ma hijiex marbuta bih għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE fir-rigward ta' ksur li għandu għan antikompetittiv, iżda f'li jinsiltu l-konsegwenzi mill-fatt li l-valur tal-bejgħ għandu jkun relatat direttament jew indirettament mal-ksur skont il-punt 13 tal-linji gwida u ma jistax jinkludi bejgħ li ma jaqax, direttament jew indirettament, fil-parametri tal-ksur issanzjonat. F'dan il-każ, fid-dawl tal-kliem tal-klawżola kontenzjuża u tal-fatt li r-rikorrenti kienu pproduċew provi fattwali bil-għan li juru li l-valur tal-bejgħ ta' ċerti servizzi msemmija kellu jiġi eskluż għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont tal-multa minħabba n-nuqqas ta' kwalunkwe kompetizzjoni bejn il-partijiet, il-Kummissjoni messha eżaminat dawn il-provi. Għaldaqstant, il-Kummissjoni messha ddeterminat is-servizzi li fir-rigward tagħhom il-partijiet ma kinux f'kompetizzjoni potenzjali fis-suq Iberiku. Huwa biss abbażi ta' tali analiżi fattwali u ġuridika li kien ikun possibbli li jiġi ddeterminat il-bejgħ relatat direttament jew indirettament mal-ksur li l-valur tiegħu kellu jservi bħala ammont tat-tluq għall-kalkolu tal-ammont bażiku tal-multa.

Fis-sentenzi tad-19 ta' Jannar 2016, ***Toshiba vs Il-Kummissjoni (T-404/12, taħt appell*** 43, EU:T:2016:18) 44, u tad-19 ta' Jannar 2016, ***Mitsubishi Electric vs Il-Kummissjoni*** (T-409/12, EU:T:2016:17), il-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari, għamlet preċiżazzjonijiet dwar id-determinazzjoni tal-ammont bażiku tal-multa fil-każ tal-parteċipazzjoni ta' impriża f'akkordju permezz ta' impriża konġunta. Matul is-sena ta' referenza, ir-rikorrenti kienu pparteċipaw fl-akkordju kontenzjuż permezz ta' impriża konġunta miżmuma, f'ishma indaqs, flimkien ma' parteċipant ieħor. Sabiex tirrimedja l-illegalità li wasslet għall-annullament tad-deċiżjoni li kienet ħadet inizjalment fir-rigward ta' dan l-akkordju, il-Kummissjoni kienet għażlet li tikkalkola ammont inizjali ipotetiku għall-impriża konġunta abbażi tad-dħul mill-bejgħ tagħha għas-sena ta' referenza u li tqassmu bejn iż-żewġ azzjonisti fil-proporzjon tal-bejgħ rispettiv tagħhom tal-prodotti kkonċernati matul l-aħħar sena sħiħa qabel il-ħolqien tal-impriża konġunta.

Il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kummissjoni ġustament għażlet li tiddetermina ammont inizjali ipotetiku għall-impriża konġunta u li tqassmu bejn l-azzjonisti tagħha, peress li l-imsemmija impriża kienet impriża konġunta separata li kienet tikkostitwixxi entità distinta mill-azzjonisti tagħha, minkejja li kienet ikkontrollata minnhom b'mod konġunt. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li l-multi imposti fid-deċiżjoni kkontestata ġew imposti biss fuq l-azzjonisti, fid-dawl tax-xoljiment tal-impriża konġunta, ma jistax ikollu l-konsegwenza li l-Kummissjoni tkun obbligata taqsam id-dħul mill-bejgħ ta' din tal-aħħar artifiċjalment. F'dak li jirrigwarda l-argument li t-tqassim tad-dħul mill-bejgħ bejn iż-żewġ azzjonisti messu twettaq skont il-holding tagħhom fil-kapital tal-impriża konġunta, minflok skont il-bejgħ tagħhom matul l-aħħar sena qabel il-ħolqien tal-impriża konġunta, il-Qorti Ġenerali qieset li dan ma setax jirnexxi. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkonfermat il-validità tal-għażla tal-Kummissjoni li tqassam l-ammont inizjali bejn l-azzjonisti skont il-bejgħ tagħhom matul l-aħħar sena qabel il-ħolqien tal-impriża konġunta, peress li din id-data turi l-pożizzjonijiet reali mhux ugwali fis-suq taż-żewġ azzjonisti fil-mument tal-ħolqien ta' din tal-aħħar, filwaqt li d-daqs tal-holding fil-kapital setgħet kienet immotivata jew influwenzata minn ċirkustanzi estranji għas-suq. Il-Qorti Ġenerali qieset li, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, din l-għażla ma tikkostitwixxix inugwaljanza fit-trattament meta mqabbla mal-parteċipanti l-oħra fl-akkordju.

Mitluba wkoll teżamina l-argument 'tar-rikorrenti li l-Kummissjoni kienet kisret il-prinċipju ta' proporzjonalità meta kkalkolat l-ammont tal-multa li kienet imponiet fuqhom bl-istess mod kif kienet ikkalkolat dak tal-multi tal-produtturi Ewropej, il-Qorti Ġenerali fakkret li, meta ksur jitwettaq minn diversi impriżi, huwa xieraq li tiġi eżaminata l-gravità relattiva tal-parteċipazzjoni ta' kull waħda minnhom. Għalhekk, il-fatt li impriża ma pparteċipatx fl-elementi kollha li jikkostitwixxu akkordju jew li hija kellha rwol minuri fl-aspetti li hija pparteċipat fihom għandu jittieħed inkunsiderazzjoni meta tiġi evalwata l-gravità tal-ksur u meta jiġi ddeterminat l-ammont tal-multa. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali spjegat li, f'dan il-każ, in-nuqqas ta' azzjoni tal-impriżi Ġappuniżi, fosthom ir-rikorrenti, kien prerekwiżit sabiex l-allokazzjoni tal-proġetti li jirrigwardaw switchgear iżolat bil-gass fiż-ŻEE tkun tista' ssir bejn il-produtturi Ewropej skont ir-regoli miftiehma għal dan il-għan. Għalhekk, billi osservaw l-impenji tagħhom, l-impriżi Ġappuniżi għamlu kontribut neċessarju għall-funzjonament tal-ksur kollu kemm hu. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-kontribut tar-rikorrenti għall-ksur kien paragunabbli ma' dak tal-impriżi Ewropej.

43| Kawża C-180/16 P, ***Toshiba vs Il-Kummissjoni.***

44| Ara wkoll, iktar 'il fuq, il-kummenti dwar din is-sentenza taħt "Punti ġenerali – 1. Drittijiet tad-difiża".

# IV. GĦAJNUNA MILL-ISTAT

## AMMISSIBBILTÀ

### 1. ATT LI JISTA' JIĠI KKONTESTAT

Fid-digriet tad-9 ta' Marzu 2016, ***Port autonome du Centre et de l'Ouest et vs Il-Kummissjoni*** (T-438/15, EU:T:2016:142), il-Qorti Ġenerali kellha l-opportunità tfakkar iċ-ċirkustanzi li fihom ittra tal-Kummissjoni tikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, fil-kuntest ta' proċedura dwar għajnuna eżistenti. L-ittra kontenzjuża kienet intbagħtet fil-kuntest tal-fażi ta' kooperazzjoni bejn l-Istat Membru kkonċernat u l-Kummissjoni, prevista fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 [45]. Skont ir-rikorrenti, l-ittra kienet tinkludi deċiżjoni li tikkonstata l-inkompatibbiltà mas-suq tal-għajnuna eżistenti, li tirriżulta minn eżenzjoni mit-taxxa fuq il-kumpanniji favur portijiet Belġjani.

Skont il-Qorti Ġenerali, peress li l-proposta ta' miżuri xierqa ma tikkostitwixxix att li jista' jiġi kkontestat, *a fortiori*, l-atti preparatorji li jseħħu fil-bidu ta' dawn il-proposti ta' miżuri xierqa, bħalma hija l-ittra kontenzjuża, lanqas ma jikkostitwixxu atti li jipproduċu effetti legali vinkolanti. F'dan ir-rigward hija fakkret li, skont ġurisprudenza stabbilita, fir-rigward ta' atti jew ta' deċiżjonijiet li l-elaborazzjoni tagħhom isseħħ f'diversi fażijiet, b'mod partikolari fi tmiem proċedura interna, huma biss dawk il-miżuri li jiffissaw definittivament il-pożizzjoni tal-istituzzjoni fi tmiem din il-proċedura, bl-esklużjoni tal-miżuri intermedji li l-għan tagħhom ikun li jippreparaw id-deċiżjoni finali, li jikkostitwixxu atti li jistgħu jiġu kkontestati. Issa dan manifestament ma kienx il-każ hawnhekk, fir-rigward tal-ittra kontenzjuża, peress li jirriżulta ċar mill-kontenut ta' din l-ittra li kienet "avviż preliminari" tal-Kummissjoni u li din tal-aħħar setgħet ikollha, bħala konsegwenza, tgħaddi għall-fażi segwenti tal-proċedura, li tikkonsisti f'li tissottometti proposti formali li jikkonċernaw miżuri xierqa li jkollhom jittieħdu mill-Istat Membru kkonċernat. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-ittra kontenzjuża ma kinitx tikkostitwixxi att li jipproduċi effetti legali definittivi, li jista' jkun is-suġġett ta' rikors għal annullament abbażi tal-Artikolu 263 TFUE.

### 2. INTERESS INDIVIDWALI

Fil-kawżi li wasslu għas-sentenzi tal-4 ta' Frar 2016, ***Heitkamp BauHolding vs Il-Kummissjoni (T-287/11, taħt appell*** [46], EU:T:2016:60), u tal-4 ta' Frar 2016, ***GFKL Financial Services vs Il-Kummissjoni (T-620/11, taħt appell*** [47], EU:T:2016:59), il-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari, għamlet preċiżazzjonijiet dwar il-kunċett ta' interess individwali fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE [48]. Kienet inkwistjoni deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-għajnuna mill-Istat implementata mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fil-forma ta' klawżola ta' ristrutturazzjoni prevista mil-liġi dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji, inkompatibbli mas-suq intern. Din il-klawżola kienet tippermetti lill-impriżi f'diffikultà li l-istruttura tal-azzjonisti tagħhom tkun inbidlet b'mod sostanzjali li jittrasferixxu t-telf tagħhom għal fuq is-snin fiskali futuri.

45| Regolament (KE) tal-Kunsill Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [108 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

46| Kawżi C-203/16 P, ***Andres (falliment ta' Heitkamp BauHolding) vs Il-Kummissjoni*** u C-208/16 P, ***Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni***.

47| Kawżi C-209/16 P, ***Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni***, u C-219/16 P, GFKL Financial Services vs Il-Kummissjoni.

48| Ara wkoll, iktar 'il quddiem, il-kummenti dwar dawn is-sentenzi taħt "Selettività – Għajnuna fiskali".

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali qieset li, bħala prinċipju, ma jistax ikun ammissibbli għal impriża li tippreżenta rikors għall-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipprojbixxi skema ta' għajnuna settorjali jekk tkun ikkonċernata minn din id-deċiżjoni biss minħabba li tagħmel parti mis-settur inkwistjoni u minħabba l-kwalità tagħha ta' benefiċjarja potenzjali tal-imsemmija skema. Min-naħa l-oħra, meta din id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tolqot grupp ta' persuni li ġew identifikati jew setgħu jiġu identifikati fil-mument meta dan l-att ġie adottat u abbażi ta' kriterji speċifiċi għall-membri ta' dan il-grupp, dawn il-persuni jistgħu jkunu kkonċernati individwalment minn dan l-att sa fejn jifformaw parti minn ċirku ristrett ta' operaturi ekonomiċi. Konsegwentement, impriża li, bħar-rikorrenti, ikollha dritt miksub li twettaq tfaddil ta' taxxa b'applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, ikklassifikata bħala għajnuna mill-Istat mid-deċiżjoni li tipprojbixxi l-iskema ta' għajnuna settorjali, għandha titqies li tifforma parti minn ċirku magħluq ta' operaturi ekonomiċi, li ġew identifikati, jew tal-inqas setgħu faċilment jiġu identifikati fil-mument tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, fis-sens tas-sentenza ***Plaumann vs Il-Kummissjoni*** [49]. Din il-konklużjoni ma titqegħedx fid-dubju mill-fatt li, wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali, u sussegwentement id-deċiżjoni li tipprojbixxi l-iskema ta' għajnuna settorjali, l-awtoritajiet nazzjonali adottaw miżuri intiżi sabiex il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ma tiġix applikata.

## PROĊEDURA AMMINISTRATTIVA

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-1 ta' Marzu 2016, ***Secop vs Il-Kummissjoni*** (T-79/14, EU:T:2016:118), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata l-kompatibbiltà mas-suq intern tal-għajnuna mogħtija mir-Repubblika Taljana fil-forma ta' garanzija pubblika lil ACC Compressors SpA [50]. Il-Kummissjoni kienet preċedentement iddeċidiet, fil-kuntest ta' proċedura ta' kontroll ta' konċentrazzjonijiet, li ma tqajjimx oġġezzjonijiet fir-rigward tal-akkwist minn sussidjarja tar-rikorrenti tal-assi ta' ACC Austria GmbH, waħda mis-sussidjarji ta' ACC Compressors. Quddiem il-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti sostniet, b'mod partikolari, li hija ma kellhiex l-opportunità tippreżenta l-fehma tagħha fil-kuntest tal-proċedura ta' għajnuna mill-Istat mibdija għall-benefiċċju ta' ACC Compressors, filwaqt li, għall-kuntrarju, din tal-aħħar kellha l-opportunità, fil-kuntest tal-proċedura ta' kontroll tal-konċentrazzjonijiet, li topponi l-akkwist tal-assi ta' ACC Austria mir-rikorrenti. Skont ir-rikorrenti, dan kien jammonta għal ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali osservat li, kemm fil-kuntest tal-proċedura ta' għajnuna mill-Istat kif ukoll fil-kuntest tal-proċedura ta' kontroll tal-konċentrazzjonijiet, il-kompetituri tal-impriżi kkonċernati ma għandhom ebda dritt li jiġu awtomatikament inklużi fil-proċedura, u dan, b'mod partikolari, fil-kuntest tal-ewwel fażi, li matulha l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni preliminari dwar l-għajnuna inkwistjoni jew dwar il-konċentrazzjoni nnotifikata. Min-naħa l-oħra, il-pożizzjoni ta' ACC Compressors fil-kuntest tal-proċedura ta' konċentrazzjoni ma kinitx biss dik ta' impriża kompetitriċi ta' Secop Austria, iżda kienet ukoll dik ta' "parti involuta oħra [parti interessata oħra]" fis-sens tal-Artikolu 11(b) tar-Regolament Nru 802/2004 [51]. Fil-fatt, bħala kumpannija omm ta' ACC Austria, li l-assi kollha tagħha kellhom jinbiegħu, hija kellha tiġi assimilata mal-bejjiegħ tal-imsemmija assi u għalhekk kellha l-kwalità ta' parti fil-proposta ta' konċentrazzjoni. Madankollu, b'differenza mill-kompetituri tal-partijiet fil-proposta ta' konċentrazzjoni, il-partijiet interessati għandhom id-dritt li jesprimu l-fehma tagħhom fl-istadji kollha tal-proċedura, inkluż fil-fażi preliminari. Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li s-sitwazzjoni tar-rikorrenti, fil-kuntest tal-proċedura ta' għajnuna mill-Istat li wasslet għad-deċiżjoni kkontestata, hija differenti minn dik ta' ACC Compressors fil-kuntest tal-proċedura ta' kontroll

49| Sentenza tal-15 ta' Lulju 1963 (25/62, EU:C:1963:17).

50| Ara wkoll, iktar 'il quddiem, il-kummenti dwar din is-sentenza taħt "Għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern".

51| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 802/2004, tal-21 ta' April 2004, li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 88).

tal-konċentrazzjonijiet, peress li ACC Compressors kellha d-dritt li tinstema' qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni. Konsegwentement, il-fatt li l-Kummissjoni naqset, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, milli tagħti lir-rikorrenti l-opportunità tressaq il-fehma tagħha ma jikkostitwixxix ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

Mitluba, barra minn hekk, teżamina l-possibbiltà għall-Kummissjoni li tuża l-informazzjoni miġbura fi proċedura ta' kontroll tal-konċentrazzjonijiet għal finijiet oħra, il-Qorti Ġenerali enfasizzat, qabelxejn, li, skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 [52], l-informazzjoni miġbura b'applikazzjoni tal-imsemmi regolament tista' tintuża biss għall-għan imfittex mit-talba għal informazzjoni, għall-kontroll jew għas-smigħ. Madankollu, din l-informazzjoni tikkostitwixxi indizji li, jekk ikun il-każ, jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġġustifikaw il-ftuħ ta' proċedura fuq bażi legali oħra. Il-Qorti Ġenerali osservat li, f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma kkritikatx lill-Kummissjoni talli naqset milli tiftaħ proċedura ta' għajnuna mill-Istat fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura fil-kuntest tal-proċedura ta' konċentrazzjoni, iżda talli ma ħaditx inkunsiderazzjoni din tal-aħħar fil-kuntest tal-proċedura ta' għajnuna li diġà hija pendenti. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, għaldaqstant, il-Kummissjoni kellha tal-inqas id-dritt, fil-kuntest tal-proċedura ta' għajnuna mill-Istat, li titlob il-produzzjoni ta' informazzjoni jew ta' dokumenti li kienet saret taf bihom fil-kuntest tal-proċedura ta' konċentrazzjoni, jekk din l-informazzjoni jew dawn id-dokumenti kienu rilevanti għall-finijiet tal-eżami tal-għajnuna inkwistjoni. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali spjegat li l-Kummissjoni għandha, bħala prinċipju, tevita l-inkoerenzi li jistgħu jinqalgħu fl-implementazzjoni tad-diversi dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni. Minn dan jirriżulta li, meta tadotta deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà ta' għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-konsegwenzi ta' konċentrazzjoni li tkun qiegħda tevalwa fil-kuntest ta' proċedura oħra. Jekk ikun il-każ, il-Kummissjoni tista' mbagħad tkun obbligata tindirizza mistoqsija lill-Istat Membru kkonċernat, sabiex tintroduċi l-informazzjoni inkwistjoni fil-proċedura ta' għajnuna mill-Istat. Issa peress li l-informazzjoni inkwistjoni ma kinitx rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna inkwistjoni mas-suq intern, tali obbligu ma kienx jeżisti f'dan il-każ.

## KUNĊETT TA' VANTAĠĠ

### 1. ONERU TAL-PROVA

Fis-sentenza tas-26 ta' Mejju 2016, ***Franza u IFP Énergies nouvelles vs Il-Kummissjoni*** (T-479/11 u T-157/12, taħt appell [53], EU:T:2016:320), il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar il-legalità tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet ikklassifikat bħala għajnuna mill-Istat il-garanzija impliċita illimitata mogħtija mir-Repubblika Franċiża lill-Institut français du pétrole (IFP) permezz tal-għoti tal-istatus ta' stabbiliment pubbliku ta' natura industrijali u kummerċjali (EPIC). B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali ntalbet teżamina l-kwistjoni jekk il-Kummissjoni kellhiex raġun meta kkonkludiet li din il-garanzija kienet nisslet, għall-IFP Énergies nouvelles (IFPEN), vantaġġ selettiv, li huwa wieħed mill-elementi li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali bdiet billi osservat li l-metodu li l-Kummissjoni għażlet sabiex tistabbilixxi l-eżistenza, għall-IFPEN, ta' vantaġġ ekonomiku li minnu kien ibbenefika minħabba l-istatus tiegħu ta' EPIC kien jikkonsisti fl-eżami tal-vantaġġ imnissel fir-relazzjonijiet bejn l-IFPEN u l-kredituri tiegħu. Skont il-Qorti Ġenerali, dan il-metodu ma huwiex żbaljat fid-dritt. Fil-fatt, minn naħa, garanzija hija impenn anċillari li

52| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004, tal-20 ta' Jannar 2004, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40).

53| Kawża C-438/16 P, ***Il-Kummissjoni vs Franza***.

ma jistax jiġi eżaminat billi jiġi sseparat mill-obbligu li fuqu huwa bbażat. Min-naħa l-oħra, il-karatteristika partikolari tal-garanzija li hija s-suġġett tad-deċiżjoni kkontestata hija li hija inerenti fl-istatus tal-impriża li hija l-benefiċjarja tagħha. Minħabba din il-karatteristika partikolari, din il-garanzija tista' tinfluwenza l-perċezzjoni li għandhom il-kredituri tal-impriża li hija l-benefiċjarja tagħha. Għalhekk, il-vantaġġ li jirriżulta minn garanzija tal-Istat inerenti fl-istatus tal-impriża li hija l-benefiċjarja tagħha jimmaterjalizza ruħu fir-relazzjoni li torbot lil din l-impriża mal-kredituri tagħha. Huwa jikkonsisti fi trattament iktar favorevoli li dawn il-kredituri jagħtu lill-impriża benefiċjarja.

Madankollu, f'dan il-każ, l-applikazzjoni ta' dan il-metodu kien fiha nuqqasijiet kbar. Fil-fatt, fl-ewwel lok, id-deċiżjoni kkontestata ma kienet tagħmel l-ebda riferiment għal element li juri l-eżistenza ta' fenomenu ta' tnaqqis tal-prezz mogħti, mill-fornituri tagħhom, lill-istabbilimenti li jgawdu garanzija tal-Istat, b'mod li, fir-realtà, kulma għamlet il-Kummissjoni kien li ppremettiet l-eżistenza ta' tnaqqis tal-prezz. Barra minn hekk, hija għaddiet sabiex tevalwa l-portata ta' dan it-tnaqqis tal-prezz permezz ta' indikatur li ma kienx jippermetti li jitkejjel it-tnaqqis tal-prezz stess, iżda biss il-valur ta' garanzija li hija qieset li kienet paragunabbli ma' dik li minnha kien jibbenefika l-IFPEN. Fit-tieni lok, f'dak li jirrigwarda r-relazzjonijiet bejn l-IFPEN u l-klijenti tiegħu, mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni ddefinixxiet il-vantaġġ li l-IFPEN seta' jieħu mill-garanzija tal-Istat inerenti fl-istatus tiegħu ta' EPIC bħala n-nuqqas ta' ħlas ta' primjum li jikkorrispondi għal garanzija ta' prestazzjoni. Madankollu, hija ma pprovdiet l-ebda prova li setgħet turi n-natura fondata, jew anki jekk biss verosimili, tal-ipoteżijiet li kienu jifformaw ir-raġunament tagħha. Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni naqset milli tagħti definizzjoni tal-vantaġġ li l-IFPEN seta' jieħu mill-garanzija inkwistjoni fir-relazzjonijiet tiegħu mal-klijenti tiegħu. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-motivazzjoni ppreżentata fid-deċiżjoni kkontestata fuq dan il-punt kienet oskura u inkoerenti u għalhekk ma kinitx tissodisfa l-istandard rikjest mill-Artikolu 296 TFUE.

Din il-kawża tat ukoll l-opportunità lill-Qorti Ġenerali li tispeċifika l-portata tas-sentenza Franza vs Il-Kummissjoni [54], li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kienet teżisti preżunzjoni sempliċi li l-għoti ta' garanzija impliċita u illimitata tal-Istat favur impriża li ma kinitx suġġetta għall-proċeduri ordinarji ta' amministrazzjoni u ta' stralċ kien iwassal għal titjib fil-pożizzjoni finanzjarja tagħha permezz ta' tnaqqis tal-ispejjeż li, normalment, kienu jiġu imposti fuq il-baġit tagħha. Jibqa' l-fatt li l-possibbiltà li tintuża preżunzjoni bħala mezz ta' prova tiddependi mill-plawżibbiltà tal-ipoteżijiet li fuqhom din tkun ibbażata. Issa l-Kummissjoni ma setgħetx tibbaża ruħha fuq l-imsemmija preżunzjoni sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' vantaġġ fir-relazzjonijiet bejn, minn naħa, stabbiliment pubbliku ta' riċerka li jibbenefika minn garanzija impliċita u illimitata tal-Istat u, min-naħa l-oħra, il-fornituri u l-klijenti tiegħu, sa fejn l-applikazzjoni ta' din il-preżunzjoni hija limitata għar-relazzjonijiet li jinvolvu tranżazzjoni ta' finanzjament, self jew, b'mod iktar wiesa', kreditu min-naħa tal-kreditur ta' tali stabbiliment pubbliku.

## 2. KRITERJU TA' KREDITUR PRIVAT

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-16 ta' Marzu 2016, ***Frucona Košice vs Il-Kummissjoni*** (T-103/14, taħt appell [55], EU:T:2016:152), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors għall-annullament tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet iddikjarat li l-għajnuna mill-Istat implementata mill-Istat Slovakk favur ir-rikorrenti fil-forma ta' maħfra parzjali ta' dejn fiskali fil-kuntest ta' proċedura ta' arranġament ġuridiku kienet inkompatibbli mas-suq intern. B'mod partikolari, din is-sentenza ppermettiet lill-Qorti Ġenerali terġa' tittratta l-evalwazzjoni tal-kunċett ta' għajnuna mill-Istat skont il-kriterju ta' kreditur privat u l-oneru tal-prova f'dan il-kuntest.

54| Sentenza tat-3 ta' April 2014 (C-559/12 P, EU:C:2014:217).

55| Kawża C-300/16 P, *Il-Kummissjoni vs Frucona Košice*.

L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-għoti minn kreditur pubbliku ta' faċilitajiet ta' ħlas lil impriża għal dejn li huwa dovut lilu minnha jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE jekk, meta jittieħed inkunsiderazzjoni l-vantaġġ ekonomiku b'hekk mogħti, l-impriża benefiċjarja ma kinitx tikseb, manifestament, faċilitajiet paragunabbli minn kreditur privat li jkun jinsab fl-eqreb sitwazzjoni possibbli għal dik ta' kreditur pubbliku u li jkun qiegħed ifittex li jitħallas is-somom dovuti lilu minn debitur li jkollu diffikultajiet finanzjarji. Din l-evalwazzjoni ssir bl-applikazzjoni, bħala prinċipju, tal-kriterju ta' kreditur privat, li, meta jkun applikabbli, jinsab fost l-elementi li l-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni sabiex tistabblixxi l-eżistenza ta' tali għajnuna. Huwa l-obbligu tal-Kummissjoni li twettaq evalwazzjoni globali filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni kwalunkwe element rilevanti f'dan il-każ li jippermettilha tiddetermina jekk l-impriża benefiċjarja kinitx tikseb, manifestament, faċilitajiet paragunabbli minn tali kreditur privat. Fil-każ fejn kreditur privat prudenti u diliġenti b'mod normali li jinsab fl-eqreb sitwazzjoni possibbli għal dik tal-awtorità fiskali lokali jkollu l-għażla bejn diversi proċeduri sabiex jikseb il-ħlas tas-somom dovuti lilu, huwa għandu jevalwa l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' kull waħda minn dawn il-proċeduri bil-għan li jidentifika l-iktar soluzzjoni vantaġġuża. Il-proċess deċiżjonali tiegħu, influwenzat minn sensiela ta' fatturi, bħall-kwalità tiegħu ta' kreditur ipotekarju, privileġġat jew ordinarju, in-natura u l-portata tal-garanziji eventwali li jkollu, l-evalwazzjoni tiegħu tal-possibbiltajiet li l-impriża terġa' tiġi fuq saqajha kif ukoll il-qligħ li jagħmel fil-każ ta' stralċ, kif ukoll ir-riskji li jara t-telf tiegħu jkompli jikber, jista' wkoll ikun influwenzat, b'mod mhux negliġibbli, mit-tul tal-proċeduri, peress li dan jipposponi l-irkupru tas-somom dovuti u jista' għaldaqstant jaffettwa, fil-każ ta' proċeduri twal, b'mod partikolari, il-valur tagħhom.

It-tieni nett, f'dak li jirrigwarda l-oneru tal-prova, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, b'analoġija mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-applikabbiltà tal-kriterju ta' investitur privat, li għandu jitqies li, jekk Stat Membru jinvoka l-kriterju ta' kreditur privat matul il-proċedura amministrattiva, huwa għandu, fil-każ ta' dubju, jistabbilixxi b'mod inekwivoku u abbażi ta' provi oġġettivi u li jistgħu jiġu vverifikati li l-miżura implementata hija marbuta mal-kwalità tiegħu ta' operatur privat. Madankollu, minn din il-ġurisprudenza ma jirriżultax li, meta l-Istat Membru kkonċernat ma jinvokax il-kriterju ta' kreditur privat u jqis li l-miżura inkwistjoni tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni tista', għal din ir-raġuni biss, tiddispensa ruħha minn kull eżami tal-imsemmi kriterju jew tqisu inapplikabbli. Għall-kuntrarju, il-kriterju ta' kreditur privat jista' jiġi invokat mill-benefiċjarju tal-għajnuna, filwaqt li għandu jiġi speċifikat li huwa għalhekk għandu, fil-każ ta' dubju, jistabbilixxi b'mod inekwivoku u abbażi ta' provi oġġettivi u li jistgħu jiġu vverifikati li l-miżura implementata hija marbuta mal-kwalità ta' operatur ekonomiku tal-Istat Membru kkonċernat.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali fakkret li diġà ġie deċiż li l-applikabbiltà tal-kriterju ta' kreditur privat kienet tiddependi mhux mill-forma li fiha kien ingħata l-vantaġġ, iżda mill-klassifikazzjoni tal-miżura, filwaqt li l-element determinanti f'dan ir-rigward huwa jekk il-miżura inkwistjoni ssodisfatx kriterju ta' razzjonalità ekonomika. Barra minn hekk, hija qieset li, f'dan il-każ, is-sempliċi fatt li proċedura differenti minn dik li permezz tagħha ġiet adottata l-miżura kontenzjuża ma kinitx aċċessibbli għal kreditur privat, jiġifieri proċedura ta' eżekuzzjoni tat-taxxa, ma huwiex ta' natura li tipprekludi l-analiżi tal-kriterju ta' kreditur. Fil-fatt, dan il-fatt ma jimpedixxix li tiġi vverifikata r-razzjonalità ekonomika tad-deċiżjoni meħuda mill-awtorità tat-taxxa lokali li tagħżel il-proċedura ta' arranġament ġuridiku.

Fis-sentenza tal-15 ta' Settembru 2016, ***FIH Holding u FIH Erhvervsbank vs Il-Kummissjoni*** (T-386/14, taħt appell [56], EU:T:2016:474), il-Qorti Ġenerali kellha tagħti deċiżjoni dwar ir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara li l-għajnuna mogħtija mir-Rejnu tad-Danimarka lil FIH Erhvervsbank A/S, fil-forma tat-trasferiment tal-assi żvalutati tiegħu lil sussidjarja ġdida u tax-xiri sussegwenti tagħhom mill-organu Daniż inkarigat li jiggarantixxi l-istabbiltà finanzjarja, hija kompatibbli mas-suq intern. Skont id-deċiżjoni kkontestata, il-miżuri favur FIH Erhvervsbank kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, peress li l-Kummissjoni qieset li l-miżuri inkwistjoni ma kinux josservaw il-prinċipju ta' operatur privat

56| Kawża C-579/16 P, *Il-Kummissjoni vs FIH Holding u FIH Erhversbank*.

f'ekonomija tas-suq. Ir-rikorrenti kkontestaw din il-konklużjoni. Huma sostnew li l-Kummissjoni żbaljat meta qieset li ebda operatur f'ekonomija tas-suq ma kien jinvesti f'kundizzjonijiet ekwivalenti.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali enfasizzat, l-ewwel nett, li, sabiex jiġi evalwat jekk miżura tal-Istat tikkostitwixxix għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE, għandu jiġi ddeterminat jekk l-impriża benefiċjarja rċevietx vantaġġ ekonomiku li ma kinitx tirċievi f'kundizzjonijiet normali tas-suq. Għaldaqstant, sabiex jiġi ddeterminat jekk intervent tal-awtoritajiet pubbliċi fil-kapital ta' impriża għandux in-natura ta' għajnuna mill-Istat, hemm lok li jiġi evalwat jekk, f'ċirkustanzi simili, investitur privat, ta' daqs paragunabbli ma' dak ta' organi li jamministraw is-settur pubbliku, kienx jadotta l-miżura inkwistjoni. Madankollu, il-Qorti Ġenerali speċifikat li, fil-każ ta' rkupru ta' dejn pubbliku, ma hemmx lok li jiġi eżaminat jekk l-organi pubbliċi inkwistjoni jkunux aġixxew bħala investituri pubbliċi li l-intervent tagħhom ikollu jiġi pparagunat ma' aġir ta' investitur privat li jsegwi politika strutturali, globali u settorjali u li huwa ggwidat minn prospetti, fuq perijodu twil, ta' profitt mill-kapital investit. Dawn l-organi għandhom, fir-realtà, jiġu pparagunati ma' kreditur privat li jfittex li jikseb il-ħlas tas-somom dovuti lilu minn debitur li jkun qiegħed jaffaċċja diffikultajiet finanzjarji. F'dan il-kuntest, jista' jkun raġonevoli għal operatur ekonomiku, li jkollu ishma fil-kapital ta' kumpannija li fir-rigward tagħha huwa jkun ukoll ta garanzija, li jadotta miżuri li jimplikaw ċerti spejjeż meta dawn jippermettu li jnaqqsu kunsiderevolment, jew saħansitra li jeliminaw, ir-riskju ta' telf tal-kapital tiegħu u tal-eżekuzzjoni tal-garanzija. B'mod iktar speċifiku, jista' jkun ekonomikament raġonevoli għal Stat Membr'u li jaċċetta miżuri, bħat-trasferiment ta' assi żvalutati, sakemm jinvolvu spejjeż limitati u jimplikaw riskji mnaqqsa u sakemm, fl-assenza tagħhom, ikun wisq probabbli li huwa jkollu jġarrab telf ta' ammont ikbar mill-imsemmija spejjeż. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta eżaminat il-miżuri kontenzjużi fid-dawl tal-kriterju ta' investitur privat f'ekonomija tas-suq minflok fid-dawl tal-prinċipju ta' kreditur privat f'ekonomija tas-suq, indipendentement mir-riżultat li għalih kienet twassal din l-analiżi.

## KUNĊETT TA' RIŻORSI TAL-ISTAT

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-10 ta' Mejju 2016, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (T-47/15, taħt appell [57], EU:T:2016:281), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'talba għall-annullament tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet iddikjarat li l-għajnuna mill-Istat mogħtija minn ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi Ġermaniża dwar is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli kienet parzjalment inkompatibbli mas-suq intern. Quddiem il-Qorti Ġenerali, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja sostniet li d-deċiżjoni inkwistjoni kienet ivvizzjata bi ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE, sa fejn il-Kummissjoni żbaljat meta kienet qieset li l-funzjonament tal-mekkaniżmu implementat mil-leġiżlazzjoni kontenzjuża kien jinvolvi riżorsi tal-Istat. Is-sentenza ppermettiet lill-Qorti Ġenerali tagħmel preċiżazzjonijiet dwar il-portata tas-sentenza ***PreussenElektra*** [58] L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-leġiżlazzjoni kontenzjuża tistabbilixxi sistema ta' għajnuna favur impriżi li jipproduċu l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli (iktar 'il quddiem l-"elettriku EEG"). Sabiex tiffinanzja din il-miżura ta' għajnuna, hija tipprevedi "soprataxxa EEG" imposta fuq il-fornituri. Din is-soprataxxa hija dovuta lill-amministraturi tan-netwerks tat-trasport interreġjonali b'vultaġġ għoli u għoli ħafna (iktar 'il quddiem il-"GRT") li huma obbligati jikkummerċjalizzaw l-elettriku EEG. Il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-GRT huma inkarigati jamministraw is-sistema ta' għajnuna għall-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli u jikkostitwixxu l-punt ċentrali fil-funzjonament tas-sistema prevista mil-leġiżlazzjoni

57| Kawża C-405/16 P, ***Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni***. Għandu jiġi osservat li diversi kawżi konnessi huma attwalment sospiżi sakemm tingħata s-sentenza fl-appell. Dawn huma l-Kawżi T-103/15, ***Flabeg Deutschland vs Il-Kummissjoni***, T-108/15, ***Bundesverband Glasindustrie et vs Il-Kummissjoni***, T-109/15, ***Saint-Gobain Isover G+H et vs Il-Kummissjoni***, T-294/15, ***ArcelorMittal Ruhrort vs Il-Kummissjoni***, T-319/15, ***Deutsche Edelstahlwerke vs Il-Kummissjoni***, T-576/15, ***VIK vs Il-Kummissjoni***, T-605/15, ***Wirtschaftsvereinigung Stahl et vs Il-Kummissjoni***, T-737/15, ***Hydro Aluminium Rolled Products vs Il-Kummissjoni***, T-738/15, ***Aurubis et vs Il-Kummissjoni***, u T-743/15, ***Vinnolit vs Il-Kummissjoni.***

58| Sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, C-379/98, EU:C:2001:160.

kontenzjuża. Skont il-Qorti Ġenerali, il-kompiti ta' ġestjoni u ta' amministrazzjoni ta' din is-sistema jistgħu jiġu assimilati, mill-perspettiva tal-effetti tagħhom, ma' konċessjoni mill-Istat. Fil-fatt, il-fondi involuti fil-funzjonament tal-imsemmija sistema, li jikkonsistu fl-ispejjeż addizzjonali li jgħaddu fuq il-konsumaturi finali u li jitħallsu mill-fornituri tal-elettriku lill-GRT, ma jgħaddux direttament mingħand il-konsumaturi finali għal għand il-produtturi tal-elettriku EEG, jiġifieri bejn operaturi ekonomiċi awtonomi, iżda jeħtieġu l-intervent ta' intermedjarji. B'mod partikolari, dawn il-fondi huma s-suġġett ta' kontabbiltà separata u huma assenjati esklużivament għall-finanzjament tas-sistemi ta' għajnuna u ta' kumpens, b'esklużjoni ta' kull għan ieħor. Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li dawn il-fondi jibqgħu taħt l-influwenza dominant –i tal-awtoritajiet pubbliċi.

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali osservat li r-riżorsi inkwistjoni f'dan il-każ, iġġenerati mis-soprataxxa EEG, jinkisbu permezz ta' oneri imposti fl-aħħar mill-aħħar fuq persuni privati mil-leġiżlazzjoni kontenzjuża u li ma huwiex ikkontestat li l-fornituri tal-elettriku jgħaddu fil-prattika l-oneru finanzjarju li jirriżulta mis-soprataxxa EEG fuq il-klijenti finali. Issa, fid-dawl tad-daqs ta' dan l-oneru, li jirrappreżenta 20 sa 25 % tal-ammont totali tal-fattura ta' konsumatur finali medju, il-fatt li jingħadda fuq il-konsumaturi finali għandu jitqies li huwa konsegwenza prevista u organizzata mil-leġiżlatur Ġermaniż. Dan huwa oneru impost unilateralment mill-Istat fil-kuntest tal-politika tiegħu ta' għajnuna lill-produtturi tal-elettriku EEG u huwa impost minn awtorità pubblika għall-finijiet tal-interess pubbliku u abbażi ta' kriterju oġġettiv. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali qieset li l-ammonti inkwistjoni, iġġenerati mis-soprataxxa EEG, għandhom jiġu kklassifikati bħala fondi li jinvolvu riżorsa tal-Istat li jistgħu jiġu assimilati ma' taxxa.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali speċifikat li, għalkemm il-GRT huma organi li, fil-parti l-kbira tagħhom, ikunu fil-forma ta' kumpanniji b'responsabbiltà limitata rregolati mid-dritt privat, huma għandhom ir-responsabbiltà, minbarra għar-rwoli inerenti fl-attività prinċipali tagħhom, li jamministraw is-sistema ta' għajnuna għall-produzzjoni tal-elettriku EEG u, barra minn hekk, jiġu ssorveljati f'dan il-kompitu. F'dan il-kuntest, l-azzjoni ta' dawn l-organi għalhekk ma hijiex dik ta' entità ekonomika li taġixxi liberament fis-suq bil-għan li tikseb profitti, iżda hija azzjoni limitata mil-leġiżlatur. Barra minn hekk, il-GRT huma suġġetti għall-obbligu li jamministraw l-ammonti finanzjarji, miksuba b'applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni kontenzjuża, fuq kont komuni speċifiku, li jaqa' taħt is-sorveljanza ta' entitajiet tal-Istat. Dan jikkostitwixxi indikazzjoni addizzjonali li dan ma huwiex il-każ ta' fondi li jikkorrispondu għal riżorsi normali li jagħmlu parti mis-settur privat. B'mod iktar partikolari, f'dak li jirrigwarda s-sorveljanza tal-GRT minn entitajiet tal-Istat, li tiġi eżerċitata fuq diversi livelli, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-eżistenza ta' tali sorveljanza stretta tidħol fil-loġika ġenerali tal-istruttura globali prevista mil-leġiżlazzjoni kontenzjuża u tikkorrobora l-konklużjoni li l-GRT ma jaġixxux f'isimhom u liberament, iżda bħala amministraturi, assimilati ma' entità li teżegwixxi konċessjoni tal-Istat, ta' għajnuna mogħtija permezz ta' fondi mill-Istat.

## SELETTIVITÀ – GĦAJNUNA FISKALI

Is-sentenzi tal-4 ta' Frar 2016, ***GFKL Financial Services*** vs Il-Kummissjoni (T-287/11, taħt appell [59], EU:T:2016:59), u tal-4 ta' Frar 2016, ***Heitkamp BauHolding*** vs Il-Kummissjoni (T-620/11, taħt appell [60], EU:T:2016:60), ippermettew lill-Qorti Ġenerali tagħmel tfakkira utli tat-tliet stadji tal-analiżi tal-kriterju ta' selettività li għandha titwettaq fir-rigward tal-għajnuna fiskali [61].

59| Kawżi C-209/16 P, ***Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni***, u C-219/16 P, ***GFKL Financial Services vs Il-Kummissjoni.***

60| Kawżi C-203/16 P, ***Andres (falliment ta' Heitkamp BauHolding) vs Il-Kummissjoni*** u C-208/16 P, ***Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni***.

61| Ara wkoll, iktar 'il fuq, il-kummenti dwar dawn is-sentenzi taħt "IV. Għajnuna mill-Istat – Ammissibbiltà – 2. Interess individwali".

Il-Qorti Ġenerali fakkret li l-klassifikazzjoni ta’ miżura fiskali nazzjonali bħala “selettiva” teħtieġ, fl-ewwel lok, l-identifikazzjoni u l-eżami minn qabel tas-sistema fiskali komuni jew “normali” applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat. Fit-tieni lok, huwa fil-konfront ta’ din is-sistema fiskali komuni jew “normali” li għandha tiġi evalwata u stabbilita n-natura eventwalment selettiva tal-vantaġġ mogħti mill-miżura fiskali inkwistjoni billi jintwera li din il-miżura tidderoga mill-imsemmija sistema komuni. Wara dawn l-ewwel żewġ stadji tal-eżami, miżura tista’ tiġi kklassifikata bħala selettiva *prima facie*. Madankollu, il-Qorti Ġenerali speċifikat li, fit-tielet lok, għandu jiġi vverifikat jekk in-natura selettiva tal-imsemmi vantaġġ hijiex iġġustifikata min-natura jew mill-istruttura ġenerali tas-sistema li tagħmel parti minnha, ħaġa li għandha tiġi pprovata mill-Istat Membru kkonċernat. Fil-każ ta’ risposta affermattiva, il-kundizzjoni ta’ selettività ma tkunx issodisfatta.

Sabiex jiġi pprovat li l-miżura inkwistjoni tapplika b’mod selettiv għal ċerti impriżi jew għall-produzzjoni ta’ ċerti prodotti, il-Kummissjoni għandha turi li din il-miżura tintroduċi distinzjonijiet bejn impriżi li jinsabu, fir-rigward tal-għan tas-sistema inkwistjoni, f’sitwazzjoni fattwali u legali paragunabbli, filwaqt li, huwa l-Istat Membru li introduċa tali distinzjoni bejn l-impriżi fil-qasam tal-ispejjeż li għandu juri li din hija effettivament iġġustifikata min-natura u mill-istruttura tas-sistema inkwistjoni.

F’dan il-każ, f’dak li jirrigwarda l-ewwel stadju tal-analiżi, il-Qorti Ġenerali rrilevat, qabelxejn, li l-Kummissjoni ma wettqitx żball meta, filwaqt li kkonstatat l-eżistenza ta’ regola iktar ġenerali, jiġifieri dik tat-trasferiment tat-telf, hija stabbilixxiet li l-qafas leġiżlattiv ta’ referenza għall-evalwazzjoni tan-natura selettiva tal-miżura kontenzjuża kien ikkostitwit mir-regola tad-dekadenza tat-telf. Din tal-aħħar kienet tapplika sistematikament għall-każijiet kollha ta’ bidla fl-azzjonisti ugwali jew superjuri għal 25 % tal-kapital, mingħajr ma tagħmel distinzjoni skont in-natura jew il-karatteristiċi tal-impriżi kkonċernati.

F’dak li jirrigwarda t-tieni stadju tal-analiżi, il-Qorti Ġenerali qieset li miżura ta’ tnaqqis fiskali li, b’eċċezzjoni għal regola li tillimita l-possibbiltà li t-telf jiġi ttrasferit fil-każ tal-akkwist ta’ 25 % jew iktar tal-azzjonijiet ta’ kumpanniji, tippermetti, taħt ċerti kundizzjonijiet, li t-telf jiġi ttrasferit meta l-akkwist ta’ impriża f’diffikultà jkun seħħ għal finijiet ta’ ristrutturazzjoni, hija selettiva *prima facie*, p’eress li ma tkoprix l-impriżi kollha li l-azzjonisti tagħhom jkunu nbidlu b’mod sostanzjali, iżda tapplika għal kategorija partikolari ħafna ta’ impriżi, jiġifieri għall-impriżi li, fil-mument tal-akkwist, ikunu insolventi jew fi stat ta’ dejn eċċessiv jew mhedda li jsiru hekk. Skont il-Qorti Ġenerali, din il-miżura, li wħud mill-kundizzjonijiet tagħha ma humiex marbuta mal-għan li jiġu evitati l-abbużi u li ma tkoprix l-impriżi kollha li jinsabu f’sitwazzjoni fattwali u ġuridika paragunabbli fir-rigward tal-għan tas-sistema fiskali inkwistjoni, għandha l-effett li tiffavorixxi l-impriżi f’diffikultà. Minn dan il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-Kummissjoni għalhekk ma wettqitx żball meta qieset li l-imsemmija miżura kienet tagħmel distinzjoni bejn operaturi li jinsabu, fir-rigward tal-għan mogħti lis-sistema fiskali, f’sitwazzjoni fattwali u ġuridika paragunabbli.

F’dak li jirrigwarda t-tielet stadju tal-analiżi, il-Qorti Ġenerali fakkret li miżura nazzjonali tista’ tkun iġġustifikata min-natura jew mill-istruttura ġenerali tas-sistema fiskali inkwistjoni biss jekk, minn naħa, tkun koerenti mhux biss mal-karatteristiċi inerenti fis-sistema fiskali inkwistjoni iżda wkoll fir-rigward tal-implementazzjoni ta’ din is-sistema u, min-naħa l-oħra, tkun konformi mal-prinċipju ta’ proporzjonalità u ma tmurx lil hinn mil-limiti ta’ dak li huwa neċessarju, fis-sens li l-għan leġittimu segwit ma jkunx jista’ jintlaħaq permezz ta’ miżuri b’portata iktar limitata. F’dan il-każ, il-Qorti Ġenerali qieset li l-miżura fiskali inkwistjoni ma hijiex iġġustifikata min-natura jew mill-istruttura ġenerali tas-sistema fiskali, peress li l-għan prinċipali tagħha li tiffaċilita r-ristrutturazzjoni tal-impriżi f’diffikultà ma jaqax fil-prinċipji fundamentali jew ta’ gwida tas-sistema fiskali u għalhekk ma huwiex intrinsiku iżda huwa estrinsiku għaliha, mingħajr ma hemm bżonn li jiġi vverifikat jekk il-miżura kontenzjuża hijiex proporzjonata mal-għan li għandu jintlaħaq.

## GĦAJNUNA MILL-ISTAT KOMPATIBBLI MAS-SUQ INTERN

Is-sentenza tal-1 ta' Marzu 2016, Secop vs Il-Kummissjoni (T-79/14, EU:T:2016:118), tat ukoll l-opportunità lill-Qorti Ġenerali tispeċifika ċ-ċirkustanzi li fihom għajnuna għas-salvataġġ ta' impriża f'diffikultà tista' titqies li hija kompatibbli mas-suq intern u, b'mod partikolari, jekk il-Kummissjoni hijiex obbligata, f'dan il-kuntest, tieħu inkunsiderazzjoni l-effett kumulattiv ta' din l-għajnuna ma' allegata għajnuna preċedenti [62].

Il-Qorti Ġenerali fakkret li l-punt 23 tal-linji gwida tal-2004 dwar għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni ta' impriżi f'diffikultà [63] kien jipprevedi espressament it-teħid inkunsiderazzjoni tal-effett kumulattiv ta' għajnuna preċedenti ma' għajnuna ġdida għas-salvataġġ jew għar-ristrutturazzjoni biss fir-rigward tal-għajnuna illegali. F'dak li jirrigwarda l-kwistjoni jekk tali teħid inkunsiderazzjoni huwiex meħtieġ fl-assenza ta' kwalunkwe obbligu f'dan is-sens imsemmi espressament fil-linji gwida tal-2004, il-Qorti Ġenerali qieset li l-karatteristiċi speċifiċi tal-għajnuna għas-salvataġġ jipprekludu t-teħid inkunsiderazzjoni tal-effett kumulattiv tal-għajnuna preċedenti mhux koperta mill-punt 23 tal-linji gwida tal-2004. Fil-fatt, mid-definizzjoni tal-kunċett ta' għajnuna għas-salvataġġ, li tinsab fil-punt 15 tal-linji gwida tal-2004, jirriżulta li, kemm bil-limitazzjoni tal-miżuri eliġibbli kif ukoll bin-natura temporanja u riversibbli tagħhom u bil-limitazzjoni tagħhom għall-miżuri temporanji biss li huma meħtieġa għas-sopravvivenza temporanja tal-impriża inkwistjoni, hija għandha effetti limitati ħafna fuq is-suq intern. Hija n-natura limitata ta' dawn l-effetti, flimkien man-natura urġenti tal-għajnuna ta' salvataġġ, li tiġġustifika li l-Kummissjoni teżaminaha normalment skont proċedura ssemplifikata. Issa t-teħid inkunsiderazzjoni tal-effett kumulattiv ta' kull eventwali għajnuna preċedenti allegatament illegali jirrendi impossibu délai d'un mois que la Commission s'efforce de respecter dans le cadre de la procédure simplifiéebli l-osservanza tat-terminu ta' xahar li l-Kummissjoni tipprova tosserva fil-kuntest tal-proċedura semplifikata u għalhekk ma jkunx kompatibbli man-natura urġenti ta' dan l-eżami u mal-impatt limitat ta' din l-għajnuna fuq il-kompetizzjoni.

Barra minn hekk, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-għajnuna preċedenti barra minn dik iddefinita fil-punt 23 tal-linji gwida tal-2004 – li hija diġà s-suġġett ta' deċiżjoni negattiva finali tal-Kummissjoni – jista' jkun li jonqos milli josserva r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' ċertezza legali. Fil-fatt, tali approċċ jobbliga lill-Kummissjoni teżamina indirettament l-għajnuna preċedenti li l-klassifikazzjoni tagħha bħala għajnuna u bħala għajnuna illegali tkun tista' tiġi kkontestata bejnha u l-Istat Membru kkonċernat u li għandha, jekk ikun il-każ, tkun is-suġġett ta' proċedura u ta' deċiżjoni separati. Issa dan jista' jwassal, fl-aħħar mill-aħħar, jew għal rifjut ta' għajnuna għas-salvataġġ, abbażi ta' eżami superfiċjali tal-għajnuna preċedenti, filwaqt li din tal-aħħar tista' iktar tard tirriżulta li hija legali jew li ma tikkostitwixxix għajnuna, jew għal dewmien indebitu fl-għoti tad-deċiżjoni dwar l-għajnuna għas-salvataġġ. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tistax tkun obbligata tieħu inkunsiderazzjoni l-effett kumulattiv ta' allegata għajnuna preċedenti ma' għajnuna għas-salvataġġ, lil hinn mill-każijiet previsti fil-punt 23 tal-linji gwida.

62| Ara wkoll, iktar 'il fuq, il-kummenti dwar din is-sentenza taħt "IV. Għajnuna mill-Istat – Proċedura amministrattiva".

63| Linji gwida Komunitarji dwar għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni ta' impriżi f'diffikultà (ĠU 2004, C 244, p. 2).

## IRKUPRU TAL-GĦAJNUNA

Fis-sentenzi tat-22 ta' April 2016, L-***Irlanda u Aughinish Alumina vs Il-Kummissjoni*** (T-50/06 RENV II u T-69/06 RENV II, taħt appell [64], EU:T:2016:227), u tat-22 ta' April 2016, ***Franza vs Il-Kummissjoni*** (T-56/06 RENV II, EU:T:2016:228) [65], il-Qorti Ġenerali kellha l-opportunità tagħti deċiżjoni fuq l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-irkupru tal-għajnuna mill-Istat fid-dawl tal-prinċipji ta' osservanza ta' terminu raġonevoli, ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali. Id-Deċiżjoni 2006/323/KE [66], li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet ikklassifikat bħala għajnuna mill-Istat miżuri ta' eżenzjoni mid-dazju tas-sisa fuq iż-żjut minerali użati għall-produzzjoni tal-alumina adottati minn tliet Stati Membri, u ordnat l-irkupru tagħhom, wasslet għal dawn is-sentenzi. Il-Qorti Ġenerali ntalbet tagħti deċiżjoni fuq dawn il-kawżi għat-tielet darba wara l-annullament tas-sentenzi li kienet tat preċedentement f'din il-kawża [67] min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja [68].

Fl-ewwel sentenza, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-prinċipju ta' estoppel huwa prinċipju legali Anglo-Sassonu li ma jeżistix, bħala tali, fid-dritt tal-Unjoni, liema fatt ma jfissirx li għandu jiġi eskluż li ċerti prinċipji, bħalma huma l-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, u ċerti regoli, bħalma hija r-regola *nemo potest venire contra factum proprium*, stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni, jistgħu jitqiesu li huma marbuta jew relatati ma' dan il-prinċipju. Għaldaqstant, għalkemm l-ilment ibbażat fuq ksur ta' dan il-prinċipju għandu jiġi miċħud bħala infondat fid-dritt, dan madankollu ma jipprekludix il-possibbiltà li jiġu eżaminati l-argumenti tar-rikorrenti fejn dawn jistgħu jitqiesu li jsostnu motiv ibbażat, essenzjalment, fuq il-prinċipji ta' ċertezza legali jew ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali osservat li, fis-sentenza ***Il-Kummissjoni vs L-Irlanda et*** [69], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza Stat Membru jintroduċi eżenzjoni minn dazji tas-sisa skont l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 92/81/KEE [70] ma setax ikollha l-effett li xxekkel lill-Kummissjoni milli teżerċita l-kompetenzi mogħtija lilha mit-Trattat u, għaldaqstant, milli timplementa l-proċedura prevista fl-Artikolu 108 TFUE sabiex teżamina jekk din l-eżenzjoni kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat u sabiex, jekk ikun il-każ, fi tmiem din il-proċedura, tieħu deċiżjoni bħalma hija d-deċiżjoni kkontestata. Minn dan isegwi li, bl-implementazzjoni tal-proċedura prevista fl-Artikolu 108 TFUE, sabiex jiġi eżaminat jekk l-eżenzjoni kontenzjuża kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat u bit-teħid, wara dik il-proċedura, ta' deċiżjoni li tordna l-ħlas lura parzjali tal-għajnuna, il-Kummissjoni kienet qiegħda biss teżerċita l-kompetenzi mogħtija lilha mit-Trattat fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat. Meta għamlet hekk, hija ma ppreġudikatx il-kompetenzi mogħtija lill-Kunsill mit-Trattat fil-qasam tal-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet dwar id-dazji tas-sisa jew l-atti li l-Kunsill kien adotta fl-eżerċizzju tal-imsemmija kompetenzi. Il-Qorti Ġenerali speċifikat li, fil-fatt, id-deċiżjonijiet ta'

64| Kawżi C-373/16 P, ***Aughinish Alumina vs Il-Kummissjoni***, u C-369/16 P, ***L-Irlanda vs Il-Kummissjoni***.

65| Ara wkoll is-sentenza tat-22 ta' April 2016, ***L-Italja u Eurallumina vs Il-Kummissjoni,*** T-60/06 RENV II, EU:T:2016:233.

66| Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/323/KE, tas-7 ta' Diċembru 2005, dwar l-eżenzjoni mid-dazju tas-sisa fuq iż-żjut minerali użati bħala kombustibbli għall-produzzjoni tal-alumina fir-reġjun ta' Gardanne, fir-reġjun ta' Shannon u f'Sardegna, implementata rispettivament minn Franza, l-Irlanda u l-Italja (ĠU 2006, L 119, p. 12).

67| Sentenzi tat-12 ta' Diċembru 2007, ***L-Irlanda et vs Il-Kummissjoni***, T-50/06, T-56/06, T-60/06, T-62/06 u T-69/06, mhux ippubblikata, EU:T:2007:383, u tal-21 ta' Marzu 2012, ***L-Irlanda vs Il-Kummissjoni***, T-50/06 RENV, T-56/06 RENV, T-60/06 RENV, T-62/06 RENV u T-69/06 RENV, EU:T:2012:134.

68| Sentenzi tat-2 ta' Diċembru 2009, ***Il-Kummissjoni vs L-Irlanda et***, C-89/08 P, EU:C:2009:742, u tal-10 ta' Diċembru 2013, ***Il-Kummissjoni vs L-Irlanda et***, C-272/12 P, EU:C:2013:812.

69| Sentenza tal-10 ta' Diċembru 2013, C-272/12 P, EU:C:2013:812.

70| Direttiva tal-Kunsill 92/81/KEE, tad-19 ta' Ottubru 1992, dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tad-dazji tas-sisa fuq iż-żjut minerali (ĠU 1992, L 316, p. 12).

awtorizzazzjoni tal-Kunsill, adottati fuq proposta tal-Kummissjoni, setgħu jipproduċu l-effetti tagħhom biss fil-kamp kopert mir-regoli fil-qasam tal-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet dwar id-dazji tas-sisa u ma kinux jippreġudikaw l-effetti ta' eventwali deċiżjoni, bħalma hija d-deċiżjoni kkontestata, li l-Kummissjoni setgħet tadotta fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħha fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat. Għaldaqstant, hija kkonkludiet billi ċaħdet l-ilmenti bbażati fuq ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' effett utli tal-atti tal-istituzzjonijiet, fuq ksur tal-Artikolu 8(5) tad-Direttiva 92/81 jew fuq eċċess ta' kompetenza.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali spjegat li l-kunċett ta' għajnuna mill-Istat jikkorrispondi għal sitwazzjoni oġġettiva u ma jiddependix mill-imġiba jew mid-dikjarazzjonijiet tal-istituzzjonijiet. Konsegwentement, il-fatt li l-Kummissjoni qieset, meta adottat id-deċiżjonijiet tal-Kunsill skont l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 92/81/KEE, li l-eżenzjonijiet mid-dazju tas-sisa fuq iż-żjut minerali użati bħala kombustibbli għall-produzzjoni tal-alumina ma kinux iwasslu għal distorsjoni tal-kompetizzjoni u ma kinux ifixklu l-funzjonament tajjeb tas-suq komuni ma jistax jipprekludi li l-imsemmija eżenzjonijiet jiġu kklassifikati bħala għajnuna mill-Istat jekk ikunu ssodisfatti l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 107 TFUE. Minn dan jirriżulta *a fortiori* li l-Kummissjoni ma hijiex marbuta, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tal-eżenzjonijiet mid-dazju tas-sisa bħala għajnuna mill-Istat, mill-evalwazzjonijiet tal-Kunsill, fid-deċiżjonijiet tiegħu fil-qasam tal-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet dwar id-dazji tas-sisa, li jipprovdu li l-imsemmija eżenzjonijiet ma jwasslux għal distorsjoni tal-kompetizzjoni u ma jfixklux il-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

Fit-tieni sentenza, fl-ewwel lok, wara li fakkret il-ġurisprudenza dwar il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, b'mod partikolari fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, f'dan il-każ, il-perijodu ta' ftit iktar minn 49 xahar li għadda bejn l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali u l-adozzjoni tad-deċiżjoni finali ma huwiex raġonevoli, peress li ċ-ċirkustanzi relatati mal-pluralità u mal-kumplessità tal-fajls li kellha tittratta, mal-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni applikabbli u mad-diffikultajiet ta' natura prattika u lingwistika ma kinux tali li jiġġustifikaw dan it-tul.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali eżaminat jekk dan id-dewmien min-naħa tal-Kummissjoni setax raġonevolment iwassal lill-benefiċjarju tal-għajnuna sabiex jemmen li d-dubji tal-Kummissjoni ma kinux għadhom jeżistu u li ma nstabitx oġġezzjoni għall-eżenzjoni kontenzjuża u jekk dan id-dewmien kienx ta' natura li jimpedixxi lill-Kummissjoni milli titlob l-irkupru tal-għajnuna mogħtija. F'dan ir-rigward, huwa minnu li għandha tiġi żgurata l-osservanza tar-rekwiżiti ta' ċertezza legali li jipproteġu l-interessi privati. Madankollu, jeħtieġ li dawn ir-rekwiżiti jiġu bbilanċjati mar-rekwiżiti ta' protezzjoni tal-interessi pubbliċi, fosthom, fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, dak intiż sabiex jiġi evitat li l-funzjonament tas-suq jiġi distort b'għajnuna mill-Istat li tagħmel ħsara lill-kompetizzjoni, li jirrikjedi li l-għajnuna illegali titħallas lura sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni preċedenti. Konsegwentement, huwa biss meta jseħħu ċirkustanzi eċċezzjonali, bħal fil-kawża li wasslet għas-sentenza ***RSV vs Il-Kummissjoni*** [71], li n-nuqqas ta' osservanza ta' terminu raġonevoli għall-adozzjoni tad-deċiżjoni finali fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat tista' tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet li jiġi kkonstatat li l-benefiċjarju tal-għajnuna jkollu aspettattivi leġittimi li jkunu tali li jipprekludu lill-Kummissjoni milli tordna lill-awtoritajiet nazzjonali jirkupraw din l-għajnuna. Issa, iċ-ċirkustanzi eċċezzjonali kollha ta' dik il-kawża ma jinsabux f'dan il-każ. B'mod partikolari, fil-kawża inkwistjoni, l-għajnuna kontenzjuża ngħatat wara l-ftuħ, mill-Kummissjoni, tal-proċedura ta' investigazzjoni formali dwar l-eżenzjoni kontenzjuża.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li, fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, ebda aspettattiva leġittima ma tista' tirriżulta min-nuqqas ta' azzjoni tal-Kummissjoni, meta l-iskema ta' għajnuna inkwistjoni ma tkunx ġiet innotifikata lilha [72]. Għalhekk, f'dan il-każ, in-nuqqas ta' azzjoni apparent"i tal-Kummissjoni,

71| Sentenza tal-24 ta' Novembru 1987, 223/85, EU:C:1987:502.

72| Sentenza tal-11 ta' Novembru 2004, ***Demesa u Territorio Histórico de Álava vs Il-Kummissjoni***, C-183/02 P u C-187/02 P, EU:C:2004:701, punt 52.

għalkemm jikser il-prinċipju ta' osservanza ta' terminu raġonevoli, ma huwiex suffiċjenti sabiex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali li jistgħu joħolqu, fil-benefiċjarju tal-għajnuna, aspettattivi leġittimi fil-legalità ta' din tal-aħħar fid-dawl tar-regoli fil-qasam ta' għajnuna mill-Istat. Għaldaqstant, is-sempliċi ksur tal-prinċipju ta' osservanza ta' terminu raġonevoli għall-adozzjoni tad-deċiżjoni finali ma kienx jipprekludi, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, li l-Kummissjoni tordna l-irkupru tal-għajnuna kontenzjuża.

# V. PROPRJETÀ INTELLETTWALI – TRADE MARK TAL-UNJONI EWROPEA

## AWTONOMIJA TAS-SISTEMA TAT-TRADE MARK TAL-UNJONI EWROPEA

Fis-sentenza tat-18 ta' Marzu 2016, ***Karl-May-Verlag vs UASI – Constantin Film Produktion (WINNETOU)*** (T-501/13, EU:T:2016:161), il-Qorti Ġenerali kellha tfakkar il-prinċipji ta' awtonomija u ta' indipendenza tas-sistema tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea. Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti lmentat li l-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) kiser l-imsemmija prinċipji meta bbaża d-deċiżjoni tiegħu esklużivament fuq dawk tal-qrati Ġermaniżi, mingħajr ma wettaq evalwazzjoni awtonoma fid-dawl tal-kriterji stabbiliti għal dan il-għan fid-dritt tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, apparti l-każ previst fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [73], li fil-kuntest tiegħu l-EUIPO huwa obbligat japplika d-dritt nazzjonali, inkluża l-ġurisprudenza nazzjonali, l-EUIPO jew il-Qorti Ġenerali ma jistgħux ikunu marbuta bid-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet jew tal-qrati nazzjonali. Fil-fatt, is-sistema tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea hija sistema awtonoma, ikkostitwita minn serje ta' regoli u li tfittex li tilħaq għanijiet li huma speċifiċi għaliha, filwaqt li l-applikazzjoni tagħha hija indipendenti minn kull sistema nazzjonali. Ebda dispożizzjoni tar-Regolament Nru 207/2009 ma tobbliga lill-EUIPO jew, fuq rikors, lill-Qorti Ġenerali jaslu għal riżultati identiċi għal dawk li jaslu għalihom l-amministrazzjonijiet jew il-qrati nazzjonali f'sitwazzjoni simili. Għalkemm l-EUIPO ma huwiex marbut mid-deċiżjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet nazzjonali, dawn id-deċiżjonijiet tal-aħħar, mingħajr ma huma vinkolanti jew anki deċiżivi, madankollu jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-EUIPO, bħala indizji, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-fatti tal-kawża.

Issa f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Bord tal-Appell irriproduċa l-kunsiderazzjonijiet esposti fil-ġurisprudenza Ġermaniża f'dak li jirrigwarda l-karattru li jista' jiġi rreġistrat tas-sinjal ikkonċernat fil-kawża inkwistjoni, il-perċezzjoni ta' dan is-sinjal u l-karattru deskrittiv tat-trade mark ikkontestata fir-rigward tal-prodotti u tas-servizzi kkonċernati, mingħajr ma wettaq evalwazzjoni awtonoma fid-dawl tal-argumenti u tal-provi ppreżentati mill-partijiet. Minn dan hija kkonkludiet li, bil-fatt li ta lid-deċiżjonijiet tal-qrati Ġermaniżi mhux valur indikattiv bħala indizji fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-fatti tal-kawża, iżda valur imperattiv f'dak li jirrigwarda l-karattru li jista' jiġi rreġistrat tat-trade mark ikkontestata, l-imsemmi bord wettaq żball ta' liġi.

73| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2009, L 78, p. 1).

# RAĠUNIJIET ASSOLUTI GĦAL RIFJUT

Ħames sentenzi jistħoqqilhom li jiġu indikati din is-sena f'dak li jirrigwarda r-raġunijiet assoluti għal rifjut ta' reġistrazzjoni stabbiliti mill-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 207/2009.

## 1. EŻAMI *EX OFFICIO* MILL-BORD TAL-APPELL

Fis-sentenza tat-28 ta' Settembru 2016, ***European Food vs EUIPO – Société des produits Nestlé (FITNESS)*** (T-476/15, taħt appell [74], EU:T:2016:568) [75], il-Qorti Ġenerali ntalbet tagħti deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' obbligu għall-EUIPO, fi

l-proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità mressqa għal raġunijiet assoluti, li jeżamina l-fatti rilevanti *ex officio*, kif ukoll dwar il-possibbiltà għall-Bordijiet tal-Appell, f'dan il-kuntest, li ma jiħdux inkunsiderazzjoni provi prodotti tardivament.

Wara li fakkret id-differenzi li jeżistu bejn il-proċedimenti ta' eżami tar-raġunijiet assoluti għal rifjut ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni u l-proċedimenti ta' oppożizzjoni għal raġunijiet relattivi għal rifjut, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, skont l-Artikolu 76(1) tar-Regolament Nru 207/2009, fil-kuntest tal-eżami tar-raġunijiet assoluti għal rifjut, il-Bordijiet tal-Appell tal-EUIPO għandhom jeżaminaw il-fatti *ex officio* sabiex jiddeterminaw jekk it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni taqax jew le taħt waħda mir-raġunijiet għal rifjut ta' reġistrazzjoni li jissemmew fl-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament. Madankollu, hija speċifikat li, fil-kuntest ta' proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità, imressqa fuq talba ta' parti, l-EUIPO ma jistax ikun obbligat iwettaq mill-ġdid l-eżami *ex officio* tal-fatti rilevanti, imwettaq mill-eżaminatur, li jistgħu jwassluh li japplika r-raġunijiet assoluti għal rifjut. Fil-fatt, kif jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 52 u 55 tal-istess regolament, it-trade mark tal-Unjoni Ewropea, sakemm tiġi ddikjarata invalida mill-EUIPO, tibbenefika minn preżunzjoni ta' validità li tillimita l-obbligu tal-EUIPO, li jinsab fl-Artikolu 76(1) tar-Regolament Nru 207/2009, li jeżamina l-fatti rilevanti *ex officio*. Issa, fil-kuntest ta' proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità, peress li t-trade mark tal-Unjoni Ewropea rreġistrata hija preżunta valida, hija l-persuna li tressaq it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità li għandha tinvoka quddiem il-EUIPO l-elementi konkreti li jikkonfutaw il-validità tagħha.

## 2. OBBLIGU TA' MOTIVAZZJONI

Fis-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2016, ***Intesa Sanpaolo vs EUIPO (START UP INITIATIVE)*** (T-529/15, EU:T:2016:747), il-Qorti Ġenerali kellha l-opportunità tispeċifika l-portata tal-obbligu li għandu l-EUIPO li jimmotiva deċiżjoni ta' rifjut ta' reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali spjegat li l-eżami tar-raġunjiet għal rifjut mogħtija kontra applikazzjoni għal trade mark għandu jirrigwarda kull wieħed mill-prodotti jew kull wieħed mis-servizzi li għalihom tkun saret l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark. Meta tingħata l-istess raġuni għal rifjut għal kategorija jew grupp ta' prodotti jew ta' servizzi, il-motivazzjoni tista' tkun globali għall-prodotti jew għas-servizzi kkonċernati kollha. Madankollu, tali possibbiltà testendi biss għal prodotti u għal servizzi li jkollhom rabta suffiċjentement diretta u konkreta bejniethom, sal-punt li jifformaw kategorija jew grupp ta' prodotti jew ta' servizzi suffiċjentement omoġenju. Is-sempliċi fatt li l-prodotti jew is-servizzi kkonċernati jaqgħu fl-istess

74| Kawża C-634/16 P, ***EUIPO vs European Food***.

75| Ara wkoll, iktar 'il quddiem, il-kummenti dwar din is-sentenza taħt "6. Produzzjoni ta' provi".

klassi skont il-Ftehim ta' Nice [76] ma huwiex suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li teżisti tali omoġeneità, peress li dawn il-klassijiet ta' spiss ikollhom varjetà kbira ta' prodotti jew ta' servizzi, li mhux neċessarjament ikollhom rabta diretta u konkreta suffiċjenti bejniethom.

Il-Qorti Ġenerali speċifikat li l-omoġeneità tal-prodotti jew tas-servizzi hija evalwata fid-dawl tar-raġuni konkreta għal rifjut kontra l-applikazzjoni għal trade mark inkwistjoni. Huwa possibbli li tingħata motivazzjoni globali għall-prodotti u għas-servizzi li jkollhom rabta suffiċjentement diretta u konkreta bejniethom, sal-punt li jifformaw kategorija suffiċjentement omoġenja sabiex tippermetti li l-kunsiderazzjonijiet kollha ta' fatt u ta' liġi li jikkostitwixxu l-motivazzjoni tad-deċiżjoni inkwistjoni jispjegaw suffiċjentement ir-raġunament segwit għal kull wieħed mill-prodotti u mis-servizzi tal-imsemmija kategorija u jistgħu jkunu applikati mingħajr distinzjoni għal kull wieħed minn dawn il-prodotti u minn dawn is-servizzi.

## 3. *MALA FIDES*

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-7 ta' Lulju 2016, ***Copernicus-Trademarks vs EUIPO – Maquet (LUCEO)*** (T-82/14, EU:T:2016:396), il-Qorti Ġenerali kellha tagħti deċiżjoni dwar ir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO li tikkonferma l-konklużjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni li r-rikorrenti kienet *mala fide* fil-mument tal-preżentata tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark kontenzjuża. Skont il-Bord tal-Appell, il-proprjetarju kien applika għal din ir-reġistrazzjoni biss sabiex ikun jista' jopponi għal applikazzjoni, ippreżentata minn terz, għar-reġistrazzjoni ta' trade mark oħra tal-Unjoni Ewropea u sabiex jieħu vantaġġi ekonomiċi minn din l-oppożizzjoni.

Il-Qorti Ġenerali fakkret li l-kunċett ta' *mala fides*, previst fl-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009, huwa marbut ma' motivazzjoni suġġettiva tal-persuna li tippreżenta applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark, jiġifieri intenzjoni diżonesta jew motiv ħażin ieħor. B'mod partikolari, ikun hemm *mala fides* meta applikazzjoni għal reġistrazzjoni tiġi ddevjata mill-għan inizjali tagħha u ssir b'mod spekulattiv jew biss sabiex jinkiseb kumpens finanzjarju.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali rrilevat li r-rikorrenti ma ressqitx argumenti intiżi sabiex tiġi invalidata l-konstatazzjoni tal-Bord tal-Appell li, sabiex jiġi evalwat hija kinitx aġixxiet *mala fide*, kellu jittieħed inkunsiderazzjoni mhux biss l-aġir tagħha, iżda wkoll dak tar-rappreżentant tagħha kif ukoll tal-kumpanniji marbuta ma' dan tal-aħħar. F'dan il-każ, ir-rappreżentant tar-rikorrenti kien qiegħed isegwi strateġija ta' preżentata ta' applikazzjonijiet li tikkonsisti fil-preżentata, kull sitt xhur, ta' sekwenza ta' applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' trade marks nazzjonali f'żewġ Stati Membri differenti, mingħajr ma jitħallsu drittijiet tal-preżentata, u intiża sabiex tagħtih pożizzjoni li minnha jkun jista' jopponi. Meta terz kien japplika għar-reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea identika jew simili, min-naħa tiegħu, ir-rappreżentant tar-rikorrenti kien japplika għar-reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea u jinvoka l-prijorità għaliha, billi jibbaża ruħu fuq l-aħħar element tas-sekwenza tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' trade marks nazzjonali. Skont il-Qorti Ġenerali, tali aġir ma huwiex konformi mal-għanijiet tar-Regolament Nru 207/2009, għaliex huwa intiż li jevadi t-terminu ta' riflessjoni ta' sitt xhur previst mill-Artikolu 29 ta' dan ir-regolament u l-perijodu ta' konċessjoni ta' ħames snin previst mill-Artikolu 51(1)(a) tiegħu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bord tal-Appell kellu raġun iqis li din l-istrateġija ta' preżentata ta' applikazzjonijiet kellha biss l-għan li ssir oppożizzjoni għal applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni magħmula minn terzi u li jittieħdu vantaġġi ekonomiċi minn din l-oppożizzjoni.

76| Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif rivedut u emendat.

## 4. INDIKAZZJONI ĠEOGRAFIKA

Fis-sentenza tal-20 ta' Lulju 2016, ***Internet Consulting vs EUIPO – Provincia Autonoma di Bolzano-Alto Adige (SUEDTIROL)*** (T-11/15, EU:T:2016:422), il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tar-raġuni assoluta għal rifjut li tirrigwarda l-karattru deskrittiv ta' trade mark, prevista fl-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009, għat-trade marks ikkostitwiti minn indikazzjonijiet ġeografiċi tal-oriġini. Fil-kawża li wasslet għal din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ntalbet teżamina l-legalità tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-Bord tal-Appell Estiż tal-EUIPO kien laqa' l-appell tal-intervenjent billi ddikjara l-invalidità tat-trade mark ikkontestata.

L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv fis-sens li l-intervenjent, bħala entità pubblika, ma kellhiex *locus standi* sabiex tippreżenta talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità kontra t-trade mark ikkontestata. F'dan ir-rigward, hija rrilevat li r-raġunijiet għal revoka u għal invalidità, b'mod partikolari, ir-raġunijiet assoluti għal invalidità fis-sens tal-Artikolu 52 tar-Regolament Nru 207/2009, jistgħu jiġu invokati minn kull persuna, irrispettivament mill-istatus privat jew pubbliku tagħha, peress li l-imsemmija persuna "għand[ha ]l-kapaċità li [tfittex] jew li [tiġi] mfittxija f'isim[ha] stess", skont l-aħħar parti tal-Artikolu 56(1)(a) tal-imsemmi regolament.

It-tieni nett, b'risposta għall-argument tar-rikorrenti li l-Bord tal-Appell kiser id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 207/2009, meta kkunsidra li t-trade mark ikkontestata kienet tikkostitwixxi indikazzjoni ġeografika tal-oriġini ta' post magħruf mill-pubbliku rilevanti li kienet tagħti informazzjoni dwar l-oriġini ġeografika tas-servizzi inkwistjoni, u mhux dwar l-oriġini kummerċjali tagħhom, il-Qorti Ġenerali osservat li l-Artikolu 7(1)(c) tal-imsemmi regolament għandu l-għan li jiġi evitat li xi operatur ekonomiku jimmonopolizza indikazzjoni ġeografika tal-oriġini b'detriment għall-kompetituri tiegħu. F'dan ir-rigward, għalkemm huwa veru li l-Bord tal-Appell huwa bħala prinċipju marbut li jeżamina r-rilevanza tal-indikazzjoni ġeografika tal-oriġini għal relazzjonijiet kompetittivi, billi jeżamina r-rabta bejn din l-oriġini u l-prodotti u s-servizzi li għalihom issir applikazzjoni għal trade mark, qabel ma jkun jista' jirrifjuta r-reġistrazzjoni tagħha abbażi tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009, xorta jibqa' l-fatt li l-intensità ta' dan l-obbligu tista' tvarja skont diversi fatturi, bħalma huma l-portata, ir-reputazzjoni jew in-natura tal-indikazzjoni ġeografika tal-oriġini inkwistjoni. F'dan il-każ, huwa paċifiku li l-probabbiltà li l-indikazzjoni ġeografika tal-oriġini inkwistjoni tista' tinfluwenza r-relazzjonijiet kompetittivi għandha titqies li hija qawwija, fid-dawl tas-sentimenti pożittivi li jista' jnissel ir-riferiment għall-Alto Adige (l-Italja) fl-okkażjoni tal-kummerċjalizzazzjoni tas-servizzi inkwistjoni. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009 ma jipprekludix ir-reġistrazzjoni ta' ismijiet ġeografiċi li ma humiex magħrufa fost il-persuni kkonċernati. Issa fil-kawża inkwistjoni, is-servizzi koperti mit-trade mark ikkontestata ma għandhom ebda karatteristika partikolari li tista' twassal lill-pubbliku rilevanti sabiex ma jassoċjax l-indikazzjoni ġeografika mal-oriġini ġeografika tal-imsemmija servizzi. Minn dan jirriżulta li l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009 jipprekludi r-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika inkwistjoni, magħrufa mill-persuni kkonċernati bħala indikazzjoni ta' reġjun ġeografiku.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali fakkret li, skont l-Artikolu 12(b) tar-Regolament Nru 207/2009, it-trade mark tal-Unjoni Ewropea ma tagħtix id-dritt lill-proprjetarju tagħha li jipprojbixxi lil terza persuna milli tuża, fil-kummerċ, indikazzjonijiet li jirrigwardaw l-oriġini ġeografika. Huwa minnu li din id-dispożizzjoni għandha l-għan li tippermetti, b'mod partikolari, li l-użu ta' indikazzjoni marbuta mal-oriġini ġeografika li barra minn hekk tikkostitwixxi element ta' trade mark kumplessa ma jaqax taħt il-projbizzjoni tal-Artikolu 9 ta' dan ir-regolament. Madankollu, l-Artikolu 12(b) tar-Regolament Nru 207/2009 ma jagħtix lil terzi l-użu ta' isem ġeografiku bħala trade mark, iżda sempliċement jiżgura li dawn ikunu jistgħu jużawh b'mod deskrittiv, jiġifieri bħala indikazzjoni marbuta mal-oriġini ġeografika, bil-kundizzjoni li l-użu jsir b'mod konformi mal-użi ġenwini fil-qasam industrijali jew kummerċjali.

## 5. TRADE MARKS AWDJO

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tat-13 ta' Settembru 2016, ***Globo Comunicação e Participações vs EUIPO (trade mark awdjo)*** (***T-***408/15, EU:T:2016:468), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors għall-annullament tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO kien ċaħad l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark awdjo bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea għal, b'mod partikolari, tagħmir għat-tixrid ta' informazzjoni b'mezzi elettroniċi, orali u televiżivi, għar-raġuni li hija ma kellhiex karattru distintiv.

Filwaqt li bbażat ruħha fuq is-sentenza ***Shield Mark*** [77], il-Qorti Ġenerali bdiet billi osservat li l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 207/2009 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ħsejjes jistgħu jikkostitwixxu trade mark, bil-kundizzjoni li, barra minn hekk, ikunu jistgħu jkunu s-suġġett ta' rappreżentazzjoni grafika u li ma huwiex ikkontestat li l-indikazzjoni ta' noti mużikali fuq biċċa mużika miktuba, akkumpanjata minn clef, minn pawżi u minn accidentals, bħal dik inkwistjoni fl-imsemmija kawża, tikkostitwixxi tali rappreżentazzjoni grafika.

F'dak li jirrigwarda l-karattru distintiv tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, għalkemm il-pubbliku huwa mdorri jipperċepixxi trade marks verbali jew figurattivi bħala sinjali li jidentifikaw l-oriġini kummerċjali tal-prodotti jew tas-servizzi, dan ma japplikax neċessarjament bl-istess mod meta s-sinjal ikun ikkostitwit biss minn element awdjo. Madankollu, f'dak li jirrigwarda ċerti prodotti u servizzi, b'mod partikolari, minn naħa, fis-settur tax-xandir bit-televiżjoni, tax-xandir bir-radju jew tat-telefonija u, min-naħa l-oħra, f'dak tat-tagħmir informatiku, tas-softwer jew tal-mezzi ta' komunikazzjoni inġenerali, mhux biss ma huwiex inabitwali iżda huwa saħansitra wkoll komuni li l-konsumatur jasal sabiex jidentifika prodott jew servizz li jaqa' fl-imsemmija setturi permezz ta' element awdjo (sigli, melodiji) li jippermetti li jiddistingwih bħala li joriġina minn impriża partikolari. Madankollu, skont il-Qorti Ġenerali, huwa neċessarju li s-sinjal awdjo li tkun saret l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tiegħu jkollu ċerta reżonanza li tippermetti lill-konsumatur ikkonċernat li jipperċepih u li jqisu bħala trade mark u mhux bħala element ta' natura funzjonali jew bħala indikatur mingħajr karatteristika intrinsika tiegħu stess. Għaldaqstant, sinjal awdjo li ma għandux il-kapaċità li jfisser iktar mis-sempliċi kombinazzjoni banali tan-noti li jikkomponuh ma jippermettix lill-konsumatur ikkonċernat li jipperċepixxi l-funzjoni tiegħu ta' identifikazzjoni tal-prodotti u tas-servizzi inkwistjoni, sa fejn ikun limitat għal sempliċi "effett ta' mera", fis-sens li jkun jirreferi biss għalih innifsu u għal xejn iktar. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, minħabba li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni f'dan il-każ tammonta għal daqq ta' qanpiena ta' żveljarin li ma għandu ebda karatteristika intrinsika distinta mir-repetizzjoni tan-nota li tikkomponih (żewġ G#) u li tippermetti li tiġi identifikata xi ħaġa oħra minbarra dan id-daqq ta' qanpiena ta' żveljarin jew ta' telefon, il-konsumatur ta' referenza ġeneralment ma huwiex ser jintebaħ bl-imsemmija trade mark u ma huwiex ser iżommha fil-memorja. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-EUIPO ma wettaqx żball meta rrifjuta li jirreġistra t-trade mark li għaliha saret l-applikazjoni, peress li din ma kellhiex karattru distintiv.

## 6. PRODUZZJONI TA' PROVI

Fis-sentenza tat-28 ta' Settembru 2016, ***FITNESS*** (T-476/15, taħt appell [78], EU:T:2016:568) [79], il-Qorti Ġenerali qieset li, abbażi tal-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009, l-EUIPO seta' ma jiħux inkunsiderazzjoni l-fatti li l-partijiet ma kinux invokaw u l-provi li huma ma kinux ipproduċew fi żmien xieraq. Madankollu, mir-

77| Sentenza tas-27 ta' Novembru 2003, C-283/01, EU:C:2003:641.

78| Kawża C-634/16 P, ***EUIPO vs European Food.***

79| Ara wkoll, iktar 'il fuq, il-kummenti dwar din is-sentenza taħt "1. Eżami *ex officio mill-Bord tal-Appell*".

Regola 37(b)(iv) tar-Regolament Nru 2868/95 [80] bl-ebda mod ma jirriżulta li l-Bord tal-Appell huwa obbligat jikkunsidra tardivi l-provi li ma ġewx prodotti quddiem id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni. Fil-fatt, l-imsemmija regola tispeċifika biss li t-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità għandha tinkludi l-provi li fuqhom hija bbażata. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali osservat li, b'kuntrast ma' ċerti dispożizzjonijiet li jirregolaw it-termini u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' osservanza ta' dawn it-termini, applikabbli għall-proċedimenti ta' oppożizzjoni, ta' revoka u għal dikjarazzjoni ta' invalidità minħabba raġunijiet relattivi għal rifjut, ir-Regolamenti Nru 207/2009 u Nru 2868/95 ma jinkludu ebda dispożizzjoni li tistabbilixxi terminu għall-produzzjoni tal-provi fil-kuntest ta' talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità minħabba raġuni assoluta għal rifjut. Għaldaqstant, skont il-Qorti Ġenerali, minn dan għandu jiġi konkluż li l-Artikolu 76 tar-Regolament Nru 207/2009, moqri flimkien mar-Regola 37(b)(iv) tar-Regolament Nru 2868/95, ma jimplikax li provi li ġew prodotti għall-ewwel darba quddiem il-Bord tal-Appell għandhom jitqiesu tardivi minn dan tal-aħħar fil-kuntest ta' proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità minħabba raġuni assoluta għal rifjut.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, għalkemm il-proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità minħabba raġunijiet assoluti għal rifjut jinbdew fuq talba ta' parti, skont l-Artikolu 52(1) tar-Regolament Nru 207/2009, din id-dispożizzjoni tirreferi direttament għar-raġunijiet għal rifjut previsti fl-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament, li għandhom għanijiet ta' interess ġenerali. Barra minn hekk, l-għan tal-proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità minħabba raġunijiet assoluti għal rifjut huwa b'mod partikolari li l-EUIPO jkun jista' jerġa' jeżamina l-validità tar-reġistrazzjoni ta' trade mark u jadotta pożizzjoni li, jekk ikun il-każ, huwa messu adotta *ex officio* abbażi tal-Artikolu 37 tal-imsemmi regolament. Konsegwentement, skont il-Qorti Ġenerali, l-applikazzjoni b'analoġija tat-tielet subparagrafu tar-Regola 50(1) tar-Regolament Nru 2868/95 għal proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità minħabba raġunijiet assoluti tkun tmur kontra l-interess ġenerali protett mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 207/2009.

## RAĠUNIJIET RELATTIVI GĦAL RIFJUT

Il-kontenzjuż dwar ir-raġunijiet relattivi għal rifjut ta' reġistrazzjoni wassal lill-Qorti Ġenerali tagħti diversi deċiżjonijiet li jistħoqqilhom attenzjoni partikolari.

### 1. EŻAMI *EX OFFICIO* MILL-BORD TAL-APPELL

Fis-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2016, ***Sovena Portugal – Consumer Goods vs EUIPO – Mueloliva (FONTOLIVA)*** (T-24/16, EU:T:2016:726), il-Qorti Ġenerali kellha l-opportunità tagħti deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' obbligu għall-Bordijiet tal-Appell li jqajmu *ex officio* l-kwistjoni tal-iskadenza tal-validità tar-reġistrazzjoni ta' trade mark. Il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni li permezz tagħha t-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO kien ikkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni li kkonkludiet li kienet teżisti probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade mark verbali li r-rikorrenti kienet ippreżentat applikazzjoni għaliha u trade mark nazzjonali verbali preċedenti. Ir-rikorrenti sostniet, b'mod partikolari, li, meta l-Bord tal-Appell kien ikkonferma l-fondatezza tal-oppożizzjoni, ir-reġistrazzjoni tat-trade mark nazzjonali preċedenti ma kinitx iġġeddet u li għalhekk il-validità tagħha kienet skadiet.

Skont il-Qorti Ġenerali, la mill-Artikolu 41(3) u mill-Artikolu 76 tar-Regolament Nru 207/2009, la mir-Regola 19(1) u (2)(a)(ii) u mill-ewwel u mit-tielet subparagrafi tar-Regola 50(1) tar-Regolament Nru 2868/95 u lanqas mid-dispożizzjonijiet proċedurali l-oħra applikabbli ma jirriżulta li Bord tal-Appell li jintalab jeżamina l-legalità ta'

80| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95, tat-13 ta' Diċembru 1995, li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 189).

deċiżjoni ta' Diviżjoni tal-Oppożizzjoni li tkun tat deċiżjoni fuq raġuni relattiva għal rifjut ta' reġistrazzjoni, ikun huwa stess obbligat iqajjem *ex officio* l-kwistjoni tat-tmiem tal-validità tar-reġistrazzjoni tat-trade mark preċedenti wara l-iskadenza tat-terminu ffissat mid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni lill-oppożitur sabiex jipproduċi l-prova ta' din il-validità. Barra minn hekk, ebda waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet ma tista' tiġi interpretata fis-sens li tobbliga lill-oppożitur jipproduċi *ex officio* l-prova li r-reġistrazzjoni tat-trade mark preċedenti hija valida sal-mument fejn il-Bord tal-Appell jagħti d-deċiżjoni tiegħu. Dawn il-konstatazzjonijiet huma madankollu mingħajr ħsara għall-possibbiltà, għall-applikant għat-trade mark li kienet is-suġġett tal-oppożizzjoni, li jargumenta quddiem il-Bord tal-Appell li l-prova taż-żamma tal-validità tar-reġistrazzjoni tat-trade mark preċedenti għal perijodu raġonevoli, fid-dawl tal-proċedura quddiem il-Bord tal-Appell, ma ġietx prodotta mill-oppożitur, sabiex jinkoraġġixxi lil dan tal-aħħar li jirrispondi f'dan ir-rigward u lill-Bord tal-Appell li jieħu s-sitwazzjoni inkunsiderazzjoni. Madankollu, f'dan il-każ, l-applikant għat-trade mark ma qajjimx quddiem il-Bord tal-Appell il-kwistjoni taż-żamma tal-validità tar-reġistrazzjoni tat-trade mark nazzjonali preċedenti, minkejja li s-sena li matulha l-imsemmija reġistrazzjoni kienet ser tiskadi u, jekk kien il-każ, kellha tiġġedded kienet viċin, u saħansitra kienet diġà bdiet. Ir-rikorrenti kienet għadha tista' tqajjimha f'dak il-mument billi tibbaża ruħha fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009, li jipprovdu li l-"[EUIPO] jista' ma jikkunsidrax fatti jew provi li ma jiġux preżentati fil-ħin preskritt mill-partijiet konċernati". Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-Bord tal-Appell ma jistax jiġi kkritikat li ma ħax inkunsiderazzjoni l-possibbli assenza ta' tiġdid tar-reġistrazzjoni tat-trade mark nazzjonali preċedenti, li fuqha kienet ibbażata l-oppożizzjoni, meta huwa adotta d-deċiżjoni kkontestata, kienet x'kienet definittivament id-data tat-tmiem tal-validità ta' din ir-reġistrazzjoni skont id-dritt nazzjonali.

## 2. MEZZI TA' PROVA

Fis-sentenza tal-5 ta' Frar 2016, ***Kicktipp vs OHMI – Società Italiana Calzature (kicktipp)*** (T-135/14, EU:T:2016:69), il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tar-Regola 19(2) tar-Regolament Nru 2868/95 fir-rigward tal-kwistjoni tal-provi li l-oppożitur għandu jipproduċi sabiex jistabbilixxi l-eżistenza, il-validità u l-portata tal-protezzjoni tat-trade mark preċedenti tiegħu.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li, skont il-mod kif inhi fformulata l-ewwel parti tar-Regola 19(2)(a)(ii) tar-Regolament Nru 2868/95, fil-verżjoni Franċiża tagħha, oppożitur huwa obbligat jipprovdi ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni "et" (u), jekk ikun il-każ, l-aħħar ċertifikat ta' tiġdid ta' trade mark preċedenti rreġistrata li ma hijiex trade mark tal-Unjoni Ewropea. L-oppożitur għandu għalhekk, bħala prinċipju, jipprovdi ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni, anki jekk jipprovdi ċ-ċertifikat ta' tiġdid. Skont l-aħħar parti tar-Regola 19(2)(a)(ii) tar-Regolament Nru 2868/95, l-oppożitur għandu wkoll il-possibbiltà li jipproduċi "dokumenti ekwivalenti maħruġa mill-amministrazzjoni li magħha ġiet reġistrata t-trejdmark". Il-Qorti Ġenerali qieset li din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li l-possibbiltà li jiġi pprovdut dokument ekwivalenti ma tikkonċernax biss iċ-ċertifikat ta' tiġdid, iżda wkoll iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni. Huwa wkoll possibbli li ċ-ċertifikat ta' tiġdid jikkostitwixxi fl-istess ħin "dokument ekwivalenti" għaċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni. Għaldaqstant, il-produzzjoni ta' ċertifikat ta' tiġdid hija suffiċjenti sabiex jiġu pprovati l-eżistenza, il-validità u l-portata tal-protezzjoni tat-trade mark li fuqha tkun ibbażata l-oppożizzjoni, jekk huwa jinkludi l-informazzjoni kollha neċessarja għal dan il-għan.

Barra minn hekk, il-Qorti speċifikat li, meta l-applikazzjoni għat-tiġdid tat-trade mark preċedenti tkun saret fil-ħin, iżda l-awtorità kompetenti ma tkunx għadha ddeċidiet fuq din l-applikazzjoni, huwa suffiċjenti li jiġi prodott ċertifikat li jipprova li saret l-applikazzjoni, jekk huwa joriġina mill-imsemmija awtorità u jinkludi l-informazzjoni kollha neċessarja dwar ir-reġistrazzjoni tat-trade mark, kif tirriżulta minn ċertifikat ta' reġistrazzjoni. Min-naħa l-oħra, meta t-trade mark li fuqha tkun ibbażata oppożizzjoni hija rreġistrata, ma jibqax suffiċjenti, skont ir-Regola 19(2)(a)(ii) tar-Regolament Nru 2868/95, li jiġi prodott iċ-ċertifikat tal-preżentata. Huwa neċessarju, f'dan il-każ, li jiġi prodott iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni jew dokument ekwivalenti. Bl-istess mod, ma huwiex

suffiċjenti li jiġi prodott ċertifikat li jipprova li tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni għal tiġdid, meta t-tiġdid ikun twettaq.

Fis-sentenza tad-9 ta' Settembru 2016, ***Puma vs EUIPO – Gemma Group (Rappreżentazzjoni ta' felin jaqbeż)*** (T-159/15, taħt appell [81], EU:T:2016:457), il-Qorti Ġenerali kellha l-opportunità tagħmel preċiżazzjonijiet dwar il-ġurisprudenza relatata mal-obbligu għall-EUIPO, fid-dawl tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' amministrazzjoni tajba, li jieħu inkunsiderazzjoni l-prassi deċiżjonali preċedenti tiegħu.

In sostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti invokat żball ta' liġi li allegatament wettaq il-Ħames Bord tal-Appell billi mar kontra l-prassi deċiżjonali tiegħu rigward ir-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti, invokata insostenn tal-oppożizzjoni.

Wara li enfasizzat li, skont l-Artikolu 41(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, id-dritt għal amministrazzjoni tajba jinkludi b'mod partikolari l-obbligu li għandha l-amministrazzjoni li timmotiva d-deċiżjonijiet tagħha, il-Qorti Ġenerali fakkret li, skont is-sentenza ***Agencja Wydawnicza Technopol vs UASI*** [82]***,*** mill-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' amministrazzjoni tajba jirriżulta li l-EUIPO għandu jieħu inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tal-eżami ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea, id-deċiżjonijiet li jkunu diġà ttieħdu fuq applikazzjonijiet simili u jqis b'attenzjoni partikolari l-kwistjoni jekk hemmx lok li jiddeċiedi bl-istess mod. Madankollu, il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' amministrazzjoni tajba għandhom jiġu rrikonċiljati mal-osservanza tal-legalità. Barra minn hekk, għal raġunijiet ta' ċertezza legali u ta' amministrazzjoni tajba, l-eżami ta' kull applikazzjoni għal reġistrazzjoni għandu jkun strett u komplet u għandu jitwettaq f'kull każ konkret.

F'dan il-każ, minn naħa, il-Qorti Ġenerali rrilevat li r-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti kienet ġiet ikkonstatata mill-EUIPO fi tliet deċiżjonijiet reċenti, li kienu ġew ikkorroborati minn diversi deċiżjonijiet nazzjonali, u li dawn id-deċiżjonijiet kienu jikkonċernaw l-istess trade marks preċedenti, prodotti identiċi jew simili għal dawk inkwistjoni u wħud mill-Istati Membri kkonċernati fil-każ preżenti. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-konstatazzjoni tar-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti hija konstatazzjoni ta' natura fattwali li ma tiddependix mit-trade mark li għaliha tkun saret l-applikazzjoni. Barra minn hekk, mis-sentenza ***Budziewska vs UASI – Puma (Felin jaqbeż)*** [83], invokata mir-rikorrenti, jirriżulta li d-disinn preċedenti għandu reputazzjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali qieset li, fid-dawl tas-sentenza ***Agencja Wydawnicza Technopol vs UASI*** [84] u tal-obbligu ta' motivazzjoni li għandu l-Bord tal-Appell, dan tal-aħħar ma setax imur kontra l-prassi deċiżjonali tal-EUIPO mingħajr ma jipprovdi l-iċken spjegazzjoni dwar ir-raġunijiet li kienu wassluh iqis li l-konstatazzjonijiet fattwali dwar ir-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti, magħmula f'dawn id-deċiżjonijiet, ma kinux jew ma baqgħux rilevanti. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tal-EUIPO li d-deċiżjonijiet invokati mir-rikorrenti ma kellhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni, għar-raġuni li ma kinux akkumpanjati minn provi tar-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti prodotti fil-kuntest ta' dawk il-proċedimenti. Fil-fatt, il-Bord tal-Appell kellu setgħa diskrezzjonali sabiex jiddeċiedi jekk kienx hemm lok li jieħu inkunsiderazzjoni fatti u provi addizzjonali jew supplimentari li ma kinux ġew prodotti fit-termini stabbiliti jew speċifikati mid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bord tal-Appell, konformement mal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, messu jew talab lir-rikorrenti tissottometti provi supplimentari tar-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti, jew tipprovdi r-raġunijiet li għalihom hija qieset

81| Kawża C-564/16 P, ***EUIPO vs Puma***.

82| Sentenza tal-10 ta' Marzu 2011, C-51/10 P, EU:C:2011:139, b'mod partikolari l-punti 74 sa 77.

83| Sentenza tas-7 ta' Novembru 2013, T-666/11, mhux ippubblikata, EU:T:2013:584.

84| Sentenza tal-10 ta' Marzu 2011, C-51/10 P, EU:C:2011:139.

li l-konstatazzjonijiet magħmula f'dawn id-deċiżjonijiet preċedenti fir-rigward tal-imsemmija reputazzjoni kellhom jiġu injorati. Peress li l-Bord tal-Appell ma kienx ikkonforma ruħu ma' dawn ir-rekwiżiti, kien hemm lok li jiġi deċiż li seħħ ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, b'mod partikolari tal-obbligu tal-EUIPO li jimmotiva d-deċiżjonijiet tiegħu.

### 3. LIMITAZZJONI BĦALA KONSEGWENZA TA' KUNSENS

Fis-sentenza tal-20 ta' April 2016, ***Tronios Group International vs EUIPO – Sky (SkyTec)*** (T-77/15, EU:T:2016:226), il-Qorti Ġenerali setgħet tagħti kjarifiki dwar id-determinazzjoni tal-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' limitazzjoni bħala konsegwenza ta' kunsens fil-każ ta' użu ta' trade mark sussegwenti identika għat-trade mark preċedenti jew li tixbahha tant li toħloq konfużjoni, fis-sens tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament Nru 207/2009.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret, l-ewwel nett, li għandhom jiġu ssodisfatti erba' kundizzjonijiet sabiex jibda jiddekorri t-terminu ta' limitazzjoni bħala konsegwenza ta' kunsens f'każ bħal dan. Fl-ewwel lok, it-trade mark sussegwenti għandha tkun irreġistrata, fit-tieni lok, jeħtieġ li l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tagħha tkun saret *bona fide* mill-proprjetarju tagħha, fit-tielet lok, hija għandha tintuża fl-Istat Membru fejn it-trade mark preċedenti hija protetta u, fl-aħħar, fir-raba' lok, il-proprjetarju tat-trade mark preċedenti għandu jkun jaf bl-użu ta' din it-trade mark wara r-reġistrazzjoni tagħha. It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali spjegat li l-Artikolu 54(2) tar-Regolament Nru 207/2009 għandu l-għan li jippenalizza lill-proprjetarji ta' trade marks preċedenti li ttolleraw l-użu ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea sussegwenti għal ħames snin konsekuttivi, meta kienu jafu b'dan l-użu, bit-telf tal-possibbiltà li jressqu azzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità u azzjoni ta' oppożizzjoni fil-konfront tal-imsemmija trade mark. Din id-dispożizzjoni għalhekk hija intiża li tibbilanċja l-interessi tal-proprjetarju ta' trade mark li jissalvagwarda l-funzjoni essenzjali tagħha u l-interessi ta' operaturi ekonomiċi l-oħra li jkollhom sinjali li jistgħu jindikaw il-prodotti u s-servizzi tagħhom. Dan l-għan jimplika li, sabiex tiġi ssalvagwardata din il-funzjoni essenzjali, il-proprjetarju ta' trade mark preċedenti għandu jkun f'pożizzjoni li jopponi l-użu ta' trade mark sussegwenti identika għal tiegħu jew li tixbahha.

Għaldaqstant, minn interpretazzjoni teleoloġika tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament Nru 207/2009 jirriżulta li d-data rilevanti li tippermetti li jiġi kkalkolat il-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' limitazzjoni hija dik tal-għarfien tal-użu tat-trade mark sussegwenti. Din l-interpretazzjoni teħtieġ li l-proprjetarju tat-trade mark sussegwenti jipproduċi l-prova tal-eżistenza ta' għarfien effettiv tal-użu tal-imsemmija trade mark mill-proprjetarju tat-trade mark preċedenti, li fin-nuqqas tagħha dan tal-aħħar ma jkunx f'pożizzjoni li jopponi l-użu tat-trade mark sussegwenti. Skont il-Qorti Ġenerali, fil-fatt, f'dan ir-rigward, hemm lok li tittieħed inkunsiderazzjoni r-regola analoga ta' limitazzjoni bħala konsegwenza ta' kunsens prevista fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE [85], issostitwit mill-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2008/95/KE [86].

## KWISTJONIJIET PROĊEDURALI

Fis-sentenza tal-4 ta' Frar 2016, ***Meica vs UASI – Salumificio Fratelli Beretta (STICK MiniMINI Beretta)*** (T-247/14, taħt appell [87], EU:T:2016:64), il-Qorti Ġenerali għamlet preċiżazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà ta' talbiet li permezz tagħhom l-appellat fi proċedimenti inter partes quddiem il-Bord

85| L-ewwel Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 92).

86| Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2008, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU 2008, L 299, p. 25).

87| Kawża C-182/16 P, ***Meica vs EUIPO***.

tal-Appell jitlob il-bidla tad-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni kkontestata mill-intervenjent. F'dan il-każ, il-Bord tal-Appell kien iddikjara tali talbiet inammissibbli għar-raġuni, b'mod partikolari, li ma kinux jissodisfaw il-kundizzjonijiet dwar it-terminu għall-preżentata ta' appell u l-ħlas tat-tariffa tal-appell stabbiliti mill-Artikolu 60 tar-Regolament Nru 207/2009 u kienu jestendu l-portata tal-appell sa fejn kienu jirrigwardaw punt tad-deċiżjoni kkontestata li ma kienx tqajjem fl-appell ippreżentat mill-intervenjenti.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li mill-formulazzjoni tal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 216/96 [88] jirriżulta li huwa possibbli għall-appellat, fi proċedimenti *inter partes*, li jressaq talbiet quddiem il-Bord tal-Appell, intizi għall-annullament jew għall-bidla ta' deċiżjoni kkontestata fuq punt li ma tqajjimx fl-appell. Madankollu, dawn it-talbiet, li l-appellat għandu jressaq fir-risposta tiegħu, isiru mingħajr skop fil-każ li l-appellant ma jissoktax bil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell. Għaldaqstant, sabiex tiġi kkontestata deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, l-appell awtonomu previst fl-Artikolu 60 tar-Regolament Nru 207/2009 huwa l-uniku rimedju ġudizzjarju li jippermetti lil parti tinvoka l-ilmenti tagħha b'mod ċert. Minn dan isegwi li t-talbiet intiżi għall-annullament jew għall-bidla ta' deċiżjoni kkontestata fuq punt li ma tqajjimx fl-appell, fis-sens tal-Artikolu 8(3) tar-Regolament Nru 216/96, huma differenti mill-appell previst fl-Artikolu 60 tar-Regolament Nru 207/2009. Għalhekk, il-kundizzjonijiet dwar it-terminu għall-preżentata ta' appell u t-tariffa tal-appell previsti fl-Artikolu 60 tar-Regolament Nru 207/2009 ma japplikawx għat-talbiet ibbażati fuq l-Artikolu 8(3) tar-Regolament Nru 216/96. F'dan il-każ, konformement ma' din id-dispożizzjoni tal-aħħar, ir-rikorrenti ressqet, fil-kuntest tar-risposta tagħha u fit-terminu stabbilit, talbiet intiżi għall-bidla tad-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni dwar punt li ma tqajjimx mill-intervenjenti. Sabiex tagħmel dan, ir-rikorrenti ma kinitx marbuta tosserva l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 60 tar-Regolament Nru 207/2009. Għalhekk, il-Bord tal-Appell żbalja meta ċaħad l-imsemmija talbiet bħala inammissibbli.

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2016, ***Monster Energy vs EUIPO (Rappreżentazzjoni ta' simbolu ta' paċi)*** (T-583/15, EU:T:2016:338), il-Qorti Ġenerali kellha l-opportunità tispeċifika li l-kwistjoni tal-osservanza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors quddiem il-Qorti Ġenerali hija kwistjoni li l-evalwazzjoni tagħha taqa' esklużivament fil-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni u li n-nuqqas ta' osservanza ta' dan it-terminu ma jistax ikun is-suġġett ta' rikors għal *restitutio in integrum* abbażi tal-Artikolu 81 tar-Regolament Nru 207/2009. Ir-rikorrenti kienet ippreżentat tali rikors quddiem l-EUIPO għar-raġuni li ma setgħetx tikkontesta, quddiem il-Qorti Ġenerali, deċiżjoni ta' wieħed mill-Bordijiet tal-Appell tiegħu fit-terminu li beda jiddekorri min-notifika ta' din id-deċiżjoni bil-faks, għaliex din tal-aħħar ma waslitilhiex. Madankollu, it-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO kkonferma l-pożizzjoni meħuda mir-Reġistru tal-Bordijiet tal-Appell u qies li l-imsemmi rikors ma setax jintlaqa' minħabba l-fatt, b'mod partikolari, li l-Artikolu 81 tar-Regolament Nru 207/2009 kien jirrigwarda biss it-termini applikabbli quddiem l-EUIPO u mhux quddiem il-Qorti Ġenerali. Fil-kuntest tar-rikors ippreżentat quddiem din tal-aħħar, ir-rikorrenti sostniet, għall-kuntrarju, li, billi semma f'din id-dispożizzjoni "terminu ta' żmien fil-konfront tal-Uffiċċju", il-leġiżlatur kellu l-intenzjoni li jkopri t-termini "li jirrigwardaw" lill-EUIPO jew "li huma marbuta" miegħu. Fl-opinjoni tagħha, dan tal-aħħar huwa kkonċernat b'diversi modi mit-terminu għall-preżentata ta' rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u n-nuqqas ta' osservanza ta' dan it-terminu għalhekk jista' jkun is-suġġett ta' rikors għal restitutio in integrum.

Dwar dan il-punt, il-Qorti Ġenerali osservat li l-premessa 12 tar-Regolament Nru 207/2009 tispjega li l-ħolqien tal-EUIPO ma għandux jippreġudika l-kompetenzi eżerċitati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u li jekk waħda mill-istanzi tiegħu tingħata l-possibbiltà li tilqa' rikors għal *restitutio in integrum* fir-rigward ta' terminu għall-preżentata ta' rikors quddiem il-Qorti Ġenerali, dan iwassal għal sovrapożizzjonijiet fil-kompetenzi ta' din tal-aħħar, li hija l-unika qorti, bla ħsara għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tevalwa l-ammissibbiltà ta' rikors ippreżentat quddiemha skont l-Artikoli 256 u 263 TFUE. Fil-fatt, l-ammissibbiltà hija waħda mill-elementi

88| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 216/96, tal-5 ta' Frar 1996, li jistipula r-regoli tal-proċedura tal-Bordijiet tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Armonizzazzjoni tas-Suq Intern (Trade Marks u Disinji) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 221).

ta' evalwazzjoni ta' rikors li jaqa' fil-ġurisdizzjoni tal-qorti, u dan iktar u iktar peress li hija għandha teżaminaha *ex officio*. Għalhekk ma huwiex l-Artikolu 81 tar-Regolament Nru 207/2009 dwar ir-restitutio in integrum li japplika meta rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali kontra deċiżjoni ta' Bord tal-Appell tal-EUIPO jista' jitqies li huwa tardiv mill-qorti, iżda huma d-dispożizzjonijiet applikabbli għall-qorti, jiġifieri, minbarra l-Artikolu 263 TFUE, –it-tieni paragrafu tal-Artikolu 45 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li jistabbilixxi li "[e]bda dritt ma jintilef bħala riżultat ta' l-iskadenza tat-termini, jekk il-parti interessata tipprova l-eżistenza ta' każ fortuwitu jew forza maġġuri".

# VI. POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI – MIŻURI RESTRITTIVI

Bħal fis-snin preċedenti, il-kontenzjuż relatat mal-miżuri restrittivi fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) ġie arrikkit fl-2016. Diversi deċiżjonijiet jistħoqqilhom attenzjoni partikolari.

## IR-REPUBBLIKA IŻLAMIKA TAL-IRAN

Fl-ewwel lok, fis-sentenza tat-28 ta' April 2016, ***Sharif University of Technology vs Il-Kunsill*** (T-52/15, taħt appell [89], EU:T:2016:254), il-Qorti Ġenerali kellha l-opportunità tagħmel preċiżazzjonijiet addizzjonali dwar il-kriterju ġuridiku relatat mal-provvista ta' appoġġ lill-Gvern Iranjan fis-sens tal-Artikolu 23(2)(d) tar-Regolament Nru 267/2012 u tal-Artikolu 20(1)(c) tad-Deċiżjoni 2010/413.

Skont il-Qorti Ġenerali, dan il-kriterju ma jimplikax li għandha tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir kostituttiv ta' appoġġ lill-Gvern Iranjan u t-twettiq ta' attivitajiet ta' proliferazzjoni nukleari. Huwa minnu li, skont il-ġurisprudenza, il-kriterju kontenzjuż ma jirrigwardax il-forom kollha ta' appoġġ lill-Gvern Iranjan, iżda dawk li jikkontribwixxu għat-twettiq tal-attivitajiet nukleari Iranjani u għalhekk jiddefinixxi b'mod oġġettiv kategorija limitata ta' persuni u ta' entitajiet li jistgħu jkunu s-suġġett ta' miżuri ta' ffriżar ta' fondi. Madankollu, mill-ġurisprudenza ma jirriżultax li l-kunċett ta' "appoġġ lill-Gvern tal-Iran" jimplika l-prova ta' rabta bejn dan l-appoġġ u l-attivitajiet nukleari tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-Kunsill qies ġustament li r-rikorrenti kienet fixklet il-kriterju relatat mal-provvista ta' appoġġ lill-Gvern Iranjan, li huwa l-uniku kriterju rilevanti f'dan il-każ, u l-kriterju marbut mal-provvista ta' "appoġġ għal attivitajiet nukleari ta' natura sensittiva fir-rigward tal-proliferazzjoni jew l-iżvilupp ta' sistemi li jwasslu l-armi nukleari". Issa, l-applikazzjoni tal-ewwel kriterju ma timplikax l-eżistenza ta' ċertu grad ta' rabta, anki indiretta, mal-attivitajiet nukleari tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran. Fil-fatt, l-eżistenza ta' rabta bejn il-provvista ta' appoġġ lill-Gvern Iranjan u t-twettiq ta' attivitajiet ta' proliferazzjoni nukleari hija stabbilita espressament mil-leġiżlazzjoni applikabbli. F'dan il-kuntest, il-kriterju kontenzjuż għandu jinftiehem fis-sens li jirrigwarda kull appoġġ li, għalkemm ma għandu l-ebda rabta diretta jew indiretta mal-iżvilupp tal-proliferazzjoni nukleari, jista' madankollu jiffavorixxi tali żvilupp, billi jipprovdi lill-Gvern Iranjan riżorsi jew faċilitajiet b'mod partikolari ta' natura materjali, finanzjarja jew loġistika. Barra minn hekk, dan il-kriterju ma jistax jiġi interpretat fis-sens li huwa intiż biss li jċaħħad lill-Gvern Iranjan mis-sorsi ta' dħul tiegħu u li għalhekk jobbligah itemm l-attivitajiet tiegħu ta' proliferazzjoni nukleari.

Il-Qorti Ġenerali qieset li, għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk, fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni applikabbli, attivitajiet li ma jikkorrispondux għal wieħed mit-tliet tipi ta' appoġġ – materjali, finanzjarju jew loġistiku –

89| Kawża C-385/16 P, *Sharif University of Technology vs Il-Kunsill.*

imsemmija bħala eżempji f'din il-leġiżlazzjoni, jistgħux jaqgħu taħt il-kriterju kontenzjuż. Dwar dan il-punt, il-Qorti Ġenerali rrilevat li mill-imsemmija leġiżlazzjoni jirriżulta li jistgħu jiġu adottati miżuri restrittivi fil-konfront ta' persuni jew ta' entitajiet li jikkontribwixxu għall-akkwist mir-Repubblika Iżlamika tal-Iran ta' oġġetti u ta' teknoloġiji pprojbiti jew li jipprovdu assistenza teknika relatata ma' dawn l-oġġetti u dawn it-teknoloġiji. B'mod partikolari, l-Artikolu 1(1)(c) tad-Deċiżjoni 2010/413 jipprojbixxi l-provvista, il-bejgħ jew it-trasferiment lir-Repubblika Iżlamika tal-Iran ta' armamenti u ta' materjal relatat. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament Nru 267/2012, hija pprojbita l-provvista, b'mod dirett jew indirett, ta' assistenza teknika relatata mal-oġġetti u mat-teknoloġiji elenkati fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni [90], jew relatata mal-provvista, mal-manifattura, mal-manutenzjoni jew mal-użu ta' oġġetti inklużi f'din il-lista, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp Iranjani, jew għall-użu fl-Iran. Għalhekk, billi ppreveda tali projbizzjoni, il-leġiżlatur stabbilixxa rabta bejn l-akkwist mir-Repubblika Iżlamika tal-Iran ta' dan it-tip ta' tagħmir u t-twettiq mill-Gvern Iranjan ta' attivitajiet nukleari li jippreżentaw riskju ta' proliferazzjoni jew tal-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari. Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mir-riżoluzzjonijiet 1737 (2006) [91] u 1929 (2010) [92] tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Għaldaqstant, il-provvista ta' appoġġ lill-Gvern Iranjan fil-qasam tar-riċerka u tal-iżvilupp teknoloġiku, fil-qasam militari jew f'oqsma marbuta miegħu, tissodisfa l-kriterju kontenzjuż, meta tkun marbuta ma' tagħmir jew ma' teknoloġiji elenkati fil-Lista Militari Komuni, li l-akkwist tagħhom mir-Repubblika Iżlamika tal-Iran huwa pprojbit.

Fit-tieni lok, fis-sentenza tat-2 ta' Ġunju 2016, ***Bank Mellat vs Il-Kunsill (T-160/13, taħt appell*** [93], EU:T:2016:331), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors għall-annullament tal-Artikolu 1(15) tar-Regolament (UE) Nru 1263/2012 [94], li kien introduċa projbizzjoni fir-Regolament Nru 267/2012 li tkopri t-trasferimenti ta' fondi lejn jew minn stabbilimenti finanzjarji ddomiċiljati fl-Iran. Fil-kuntest ta' dan ir-rikors, ir-rikorrent qajjem eċċezzjoni ta' illegalità fil-konfront tal-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni 2012/635/PESK [95].

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali bdiet billi eżaminat il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni ta' illegalità mqajma mir-rikorrent. Hija rrilevat li l-miżuri stabbiliti mill-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni 2012/635 huma miżuri ta' natura ġenerali, peress li l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom huwa ddeterminat b'riferiment għal kriterji oġġettivi, u mhux b'riferiment għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi identifikati. Konsegwentement, l-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni 2012/635 ma jikkostitwixxix, fih innifsu, deċiżjoni li tipprevedi miżuri restrittivi kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE. Peress li lanqas l-Artikolu 1(15) tar-regolament ikkontestat ma jissodisfa dan ir-rekwiżit, l-eċċezzjoni ta' illegalità fil-konfront tal-Artikolu 1(6) tad-Deċiżjoni 2012/635 ma tqajmitx insostenn ta' rikors għal annullament ippreżentat kontra deċiżjoni li tipprevedi miżuri restrittivi kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ma kellhiex ġurisdizzjoni, skont din id-dispożizzjoni, sabiex tiddeċiedi fuq din l-eċċezzjoni ta' illegalità. Madankollu, id-deroga mill-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni prevista fl-Artikolu 275 TFUE ma tistax tiġi interpretata fis-sens li testendi tant li teskludi minn din il-ġurisdizzjoni l-istħarriġ tal-legalità ta' att adottat skont l-Artikolu 215 TFUE, bħall-Artikolu 1(15) tar-regolament ikkontestat,

90| Lista Militari Komuni aġġornata tal-Unjoni Ewropea, adottata mill-Kunsill fis-17 ta' Marzu 2014 (ĠU 2014, C 107, p. 1).

91| Riżoluzzjoni 1737 (2006) tal-Kunsill tas-Sigurtà, tat-23 ta' Diċembru 2006.

92| Riżoluzzjoni 1929 (2010) tal-Kunsill tas-Sigurtà, tad-9 ta' Ġunju 2010.

93| Kawża C-430/16 P, ***Bank Mellat vs Il-Kunsill***.

94| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1263/2012, tal-21 ta' Diċembru 2012, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2012, L 356, p. 34).

95| Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/635/PESK, tal-15 ta' Ottubru 2012, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2012, L 282, p. 58).

li ma jaqax taħt il-PESK, għas-sempliċi raġuni li l-adozzjoni valida tal-imsemmi att hija suġġetta għall-adozzjoni minn qabel ta' deċiżjoni li taqa' taħt il-PESK.

F'dak li jirrigwarda l-ammissibbiltà tat-talba għal annullament fil-konfront tal-Artikolu 1(15) tar-regolament ikkontestat, il-Qorti Ġenerali spjegat li din id-dispożizzjoni hija ta' portata ġenerali u ma tikkostitwixxix att leġiżlattiv, iżda att regolatorju fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Wara li enfasizzat li din id-dispożizzjoni kienet tikkonċerna direttament lir-rikorrent u ma kinitx tinvolvi miżuri ta' implementazzjoni sa fejn emendat ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 267/2012, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-ineżistenza ta' setgħa diskrezzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, u li għalhekk ir-rikorrent kellu *locus standi* f'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali osservat, f'dak li jirrigwarda l-interess ġuridiku tar-rikorrent, li l-adozzjoni tas-sistema kontenzjuża ma kellhiex impatt effettiv immedjat fuqu, peress li l-miżuri restrittivi individwali li kien ġie suġġett għalihom preċedentement kienu jipprevedu restrizzjonijiet iktar severi. Jibqa' l-fatt li, wara l-annullament tal-miżuri restrittivi individwali li jikkonċernawh, ir-rikorrent ġie effettivament suġġett għall-imsemmija sistema. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li tiġi kkonstatata l-assenza ta' interess ġuridiku tar-rikorrent sabiex iressaq azzjoni kontra l-Artikolu 1(15) tar-regolament ikkontestat kien ikollu bħala konsegwenza li jinkiser id-dritt tiegħu għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u għalhekk dan l-interess ġuridiku kellu jiġi rrikonoxxut.

Fuq il-mertu, il-Qorti Ġenerali speċifikat li l-kunċett ta' neċessità previst fl-Artikolu 215(1) TFUE ma jirrigwardax ir-relazzjoni bejn l-att adottat skont l-Artikolu 215 TFUE u l-għan tal-PESK imfittex, iżda r-relazzjoni bejn l-imsemmi att u d-deċiżjoni fil-qasam tal-PESK li fuqha huwa bbażat. Għalhekk, ir-riferiment għal "miżuri meħtieġa" huwa intiż li jiggarantixxi li l-Kunsill ma jadottax, skont l-Artikolu 215 TFUE, miżuri restrittivi li jmorru lil hinn minn dawk adottati fid-deċiżjoni fil-qasam tal-PESK korrispondenti. F'dak li jirrigwarda l-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju eżerċitat mill-Qorti Ġenerali, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura partikolari tas-sistema kontenzjuża, peress li, minn naħa, l-Artikolu 1(15) tar-regolament ikkontestat huwa ta' portata ġenerali u għalhekk ma jikkostitwixxix att individwali u, min-naħa l-oħra, ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 267/2012 li ġew emendati jew introdotti mill-Artikolu 1(15) tar-regolament ikkontestat jirrigwardaw ir-rikorrent direttament u ma jinvolvux miżuri ta' implementazzjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi rrikonoxxut li l-Kunsill għandu setgħa diskrezzjonali fir-rigward tal-opportunità tal-adozzjoni tal-miżuri restrittivi bħala tali u fir-rigward tad-determinazzjoni tal-miżuri restrittivi ġenerali adottati sabiex jintlaħaq l-għan imfittex. Peress li s-sistema kontenzjuża ma kellhiex in-natura ta' miżura restrittiva individwali, ma kienx hemmx lok li tiġi trasposta għal dan il-każ il-ġurisprudenza relatata ma' tali miżuri, b'mod li ma setax jiġi rikjest mill-Kunsill, b'mod partikolari, li jistabbilixxi li l-entitajiet affettwati mill-imsemmija sistema kienu effettivament involuti fil-proliferazzjoni nukleari.

F'dak li jirrigwarda l-proporzjonalità tas-sistema kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali rrilevat li għan li jiġu impediti t-trasferimenti ta' fondi li jistgħu jikkontribwixxu għall-proliferazzjoni nukleari li jfittex ir-reġim Iranjan jaqa' b'mod ċar fil-kuntest tal-għan leġittimu li jiġu impediti l-imsemmija proliferazzjoni bħala tali u l-finanzjament tagħha. Għalkemm huwa minnu li l-obbligu ta' notifika u l-obbligu li titressaq talba għal awtorizzazzjoni minn qabel japplikaw kemm għat-trasferimenti li jistgħu jikkontribwixxu għall-proliferazzjoni nukleari kif ukoll għal dawk li ma jistgħux, din iċ-ċirkustanza hija inevitabbli fid-dawl tal-għan tal-obbligi inkwistjoni u, għaldaqstant, ma timplikax li l-imsemmija obbligi ma humiex neċessarji. L-għażla tal-Kunsill li jipprevedi li s-sistema kontenzjuża għandha tapplika għat-trasferimenti li jinvolvu l-istabbilimenti finanzjarji Iranjani, filwaqt li t-trasferimenti l-oħra jkunu suġġetti għal sistema ristrettiva li hija differenti f'ċerti aspetti, taqa' taħt is-setgħa li huwa għandu jiġi rrikonoxxut li għandu f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, is-sistema kontenzjuża ma hijiex embargo ġeneralizzat, mhux differenzjat u mhux immirat.

Barra minn hekk, f'dak li jirrigwarda l-obbligu ta' motivazzjoni applikabbli fl-adozzjoni ta' att ta' portata ġenerali bħas-sistema kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali osservat li, fir-rigward ta' din il-kategorija ta' atti, il-garanziji legali li jeżiġi l-Artikolu 215(3) TFUE la jinkludu l-obbligu għall-Kunsill li jagħti raġunijiet konkreti u speċifiċi għal

kull persuna jew entità affettwata, la l-obbligu li jagħti aċċess għall-fajl, la l-possibbiltà għall-persuni u għall-entitajiet affettwati li jressqu osservazzjonijiet u lanqas l-obbligu għall-Kunsill li jieħu inkunsiderazzjoni tali osservazzjonijiet. Il-garanzija legali essenzjali ta' natura proċedurali hija kkostitwita mill-istħarriġ ġudizzjarju effettiv tal-legalità tal-att inkwistjoni. Fl-aħħar nett, peress li l-ilmenti bbażati fuq ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' projbizzjoni tal-arbitrarjetà u fuq allegata diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità kellhom ukoll jiġu miċħuda, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors kollu kemm hu.

Fit-tielet u fl-aħħar lok, fis-sentenza tal-24 ta' Mejju 2016, ***Good Luck Shipping vs Il-Kunsill*** (T-423/13 u T-64/14, EU:T:2016:308), il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni, b'mod partikolari, dwar il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu mill-annullament ta' miżuri restrittivi li jkopru entità, fil-kuntest tal-eżami tal-validità tal-miżuri restrittivi li jkopru l-entitajiet li jappartjenu lil din l-istess entità jew huma kkontrollati minnha jew li jaġixxu f'isimha.

Il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-validità tal-inklużjoni tal-isem ta' entità fil-lista ta' persuni jew entitajiet koperti minn miżuri restrittivi minħabba r-rabtiet tagħha ma' entità oħra li isimha jkun ġie inkluż fl-imsemmija lista hija suġġetta għall-kundizzjoni li, fid-data tal-inklużjoni, l-isem ta' din l-entità jkun ġie validament inkluż f'din il-lista. Għaldaqstant, l-inklużjoni ta' entità fil-lista ta' persuni jew ta' entitajiet koperti minn miżuri restrittivi, ibbażata fuq il-kriterju bbażat fuq l-eżistenza ta' rabta ma' entità oħra inkluża wkoll fl-imsemmija lista, titlef il-bażi legali tagħha meta l-inklużjoni ta' din tal-aħħar, wara sentenza ta' annullament li tirrigwardaha, titħassar mill-ordinament ġuridiku. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali osservat li, għalkemm l-effetti tal-miżuri restrittivi annullati permezz ta' sentenza jistgħu jinżammu sakemm jiskadi t-terminu previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 60 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, din is-sospensjoni tal-annullament ta' att ma tippreġudikax il-prinċipju li, ladarba jkun skada l-perijodu ta' sospensjoni, l-annullament tal-atti kkonċernati jipproduċi effetti retroattivi li jippermettu li jitqies li l-atti koperti mill-annullament qatt ma eżistew.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali fakkret ir-regola li l-legalità tal-atti kkontestati tista' tiġi evalwata biss, bħala prinċipju, fuq il-bażi tal-punti ta' fatt u ta' liġi li fuqhom ikunu ġew adottati dawn l-atti, u mhux fuq il-bażi ta' punti ta' fatt u ta' liġi li jkunu seħħew wara l-adozzjoni tal-imsemmija atti. Għaldaqstant, għalkemm, meta l-Qorti Ġenerali tannulla miżuri restrittivi, hija tista' tiffissa terminu li matulu l-effetti tal-annullament ta' att ikunu sospiżi, sabiex il-Kunsill ikun jista' jirrimedja l-ksur ikkonstatat billi jadotta, skont il-każ, kriterji ġenerali ġodda ta' inklużjoni fil-lista tal-persuni jew tal-entitajiet koperti minn miżuri restrittivi u miżuri restrittivi ġodda, kemm l-imsemmija kriterji ġenerali ġodda ta' inklużjoni kif ukoll l-imsemmija miżuri restrittivi ġodda ma jippermettux li jiġu vvalidati miżuri li jkunu nstabu li huma illegali permezz ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali. F'dan ir-rigward, modifika tal-kriterji ġenerali ta' inklużjoni, adottata mill-Kunsill sabiex jiġġustifika inklużjonijiet magħmula abbażi ta' kriterji ġenerali preċedenti u sussegwentement annullati permezz ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali, lanqas ma tippreġudika l-prinċipju li inklużjonijiet annullati jitħassru retroattivament mill-ordinament ġuridiku, daqslikieku qatt ma eżistew. Fil-fatt, l-imsemmija modifika tal-kriterji ġenerali la tippermetti li jiġu rrimedjati l-illegalitajiet ikkonstatati mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza ta' annullament tagħha u lanqas li jiġu reżi validi, minn meta ssir l-imsemmija modifika 'l quddiem, inklużjonijiet magħmula abbażi ta' kriterji ġenerali ta' inklużjoni preċedenti li ma kinux jippermettu li jiġu ġġustifikati l-inklużjonijiet annullati.

## IR-REPUBBLIKA TAT-TUNEŻIJA

Fil-kawżi li wasslu għas-sentenzi tat-30 ta' Ġunju 2016, ***CW vs Il-Kunsill*** (T-224/14, mhux ippubblikata, EU:T:2016:375), tat-30 ta' Ġunju 2016, ***Al Matri vs Il-Kunsill*** (T-545/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:376), u tat-30 ta' Ġunju 2016, ***CW vs Il-Kunsill*** (T-516/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:377), il-Qorti Ġenerali kellha tiddeċiedi dwar rikorsi ppreżentati minn persuni li l-assi tagħhom ġew iffriżati għar-raġuni li kienu s-suġġett, fit-Tuneżija, ta' investigazzjonijiet ġudizzjarji dwar miżapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat, Dawn

is-sentenzi ppermettew lill-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari, tagħmel preċiżazzjonijiet dwar il-kunċett ta' miżapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat, previst fl-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2011/72/PESK [96].

Dwar dan il-punt, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, qabelxejn, li l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni teżiġi, fl-assenza ta' riferiment espress għal-liġijiet tal-Istati terzi kkonċernati, għad-dritt internazzjonali jew għal-liġijiet tal-Istati Membri, li l-kunċett ta' miżapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat jingħata interpretazzjoni awtonoma, li tkun indipendenti minn kull sistema nazzjonali. Bl-adozzjoni tal-miżuri ta' natura kawtelatorja kontra persuni responsabbli għall-miżapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat Tuneżin, jiġifieri tal-miżuri li l-uniku għan tagħhom huwa li tinżamm il-possibbiltà għall-awtoritajiet Tuneżini li jirkupraw il-fondi tal-Istati miżapproprjati li jistgħu jkunu miżmuma minn dawn il-persuni, il-Kunsill ifittex li jiffaċilita kemm il-konstatazzjoni ta' atti mwettqa għad-detriment tal-awtoritajiet Tuneżini kif ukoll il-ħlas lura tar-rikavat minn dawn l-atti. Fid-dawl ta' dawn l-għanijiet, kif ukoll tal-kuntest ġenerali li fih ġiet adottata d-Deċiżjoni 2011/72 u tal-bażi legali tagħha, għandu jitqies li l-kunċett ta' miżapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat jinkludi kull att li jikkonsisti fl-użu illegali ta' riżorsi li jappartjenu lill-kollettivitajiet tal-Istat Tuneżin jew jitqiegħdu taħt il-kontroll tagħhom għal finijiet li jmorru kontra dawk li għalihom huma intiżi dawn ir-riżorsi, b'mod partikolari għal finijiet privati. Għaldaqstant, dan l-użu għandu jkollu l-konsegwenza li jkun ippreġudika l-interessi finanzjarji ta' dawn il-kollettivitajiet u għalhekk ikun ikkawża dannu li jista' jiġi stmat f'termini finanzjarji. Konsegwentement, skont il-Qorti Ġenerali, ma jistax jiġi eskluż li aġir li ma jkunx ġie kklassifikat kriminalment mill-awtoritajiet ġudizzjarji Tuneżini bħala miżapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat madankollu kellu l-effett li ċaħħad indebitament lill-kollettivitajiet tal-Istat Tuneżin minn fondi li huma dovuti lilhom, b'mod li jkun neċessarju li jiġu ffriżati l-assi tal-persuni responabbli għal dan l-aġir u tal-persuni assoċjati magħhom sabiex jiġi żgurat eventwali rkupru, mill-awtoritajiet Tuneżini u bil-mezzi possibbli, tal-fondi msemmija iktar 'il fuq.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali speċifikat li, fid-dawl tal-għanijiet tad-Deċiżjoni 2011/72, l-Artikolu 1(1) tagħha għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-deċiżjoni tkopri mhux biss persuni li jkunu ġew iddikjarati responsabbli għat-twettiq ta' atti ta' "misapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat Tuneżin", iżda wkoll persuni li jkunu s-suġġett ta' proċedura ġudizzjarja pendenti intiża sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tagħhom fit-twettiq ta' atti speċifiċi li jikkostitwixxu tali miżapproprjazzjonijiet. Fil-fatt, l-istadju preċiż li fih tkun tinsab tali proċedura ma jistax jikkostitwixxi element li jista' jiġġustifika l-esklużjoni tagħhom mill-kategorija tal-persuni koperti. Bl-istess mod, il-kunċett ta' "responsabbli għal misapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat Tuneżin" u dak ta' persuni assoċjati magħhom, fis-sens tal-imsemmija deċiżjoni, ma jistax jiġi ristrett biss għall-benefiċjarji finali tar-rikavat minn tali atti, sa fejn dan jikkomprometti wkoll l-effett utli ta' din id-deċiżjoni. Barra minn hekk, il-persuni li jkunu s-suġġett ta' proċeduri kriminali għal kompliċità f'dawn l-atti, jaqgħu, tal-inqas, taħt il-kategorija ta' "persuni assoċjati mal-persuni responsab bli". Skont il-Qorti Ġenerali, din l-espressjoni tkopri kategorija partikolarment wiesgħa li taħtha jistgħu jaqgħu l-persuni, l-entitajiet jew l-organi kollha li jkollhom rabtiet suffiċjentement stretti ma' persuna responsabbli għall-miżapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat, b'mod li l-assi tiegħu jistgħu jkunu bbenefikaw mir-rikavat mill-imsemmija miżapproprjazzjoni. Interpretazzjoni iktar stretta tikkomprometti l-effett utli tad-dispożizzjoni inkwistjoni.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali osservat li, għalkemm huwa minnu li l-Kunsill ma jistax japprova fiċ-ċirkustanzi kollha l-konstatazzjonijiet tal-awtoritajiet ġudizzjarji Tuneżini, madankollu ma huwiex obbligat, bħala prinċipju, jeżamina u jevalwa huwa stess l-eżattezza u r-rilevanza tal-provi li fuqhom jibbażaw ruħhom dawn l-awtoritajiet sabiex imexxu, f'dawn il-każijiet, il-proċeduri kriminali inkwistjoni. Għaldaqstant, fil-kawżi inkwistjoni, il-Kunsill kien obbligat jevalwa, skont iċ-ċirkustanzi konkreti, in-neċessità li jwettaq verifiki addizzjonali, b'mod partikolari li jitlob lill-awtoritajiet Tuneżini jibgħatulu provi addizzjonali jekk dawk li diġà jkunu ġew ipprovduti jirriżultaw

96| Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/72/PESK, tal-31 ta' Jannar 2011, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija (ĠU 2011, L 28, p. 62).

li kienu insuffiċjenti. Peress li l-Kunsill ipproduċa provi tal-eżistenza ta' proċeduri kriminali mmexxija kontra r-rikorrenti, dawn tal-aħħar kienu obbligati jindikaw il-punti konkreti li fuqhom kellhom l-intenzjoni jibbażaw ruħhom sabiex iqiegħdu fid-dubju l-fondatezza tal-imsemmija proċeduri.

## L-UKRAINA

Permezz ta' tliet sentenzi tal-15 ta' Settembru 2016, ***Klyuyev vs Il-Kunsill*** (T-340/14, EU:T:2016:496), tal-15 ta' Settembru 2016, ***Yanukovych vs Il-Kunsill (T-346/14, taħt appell*** [97]***,*** EU:T:2016:497), u tal-15 ta' Settembru 2016, ***Yanukovych vs Il-Kunsill*** (T-348/14, taħt appell [98], EU:T:2016:508), il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina billi jkopru persuni identifikati bħala responsabbli għall-miżappropriazzjoni ta' fondi tal-Istat. Kienet inkwistjoni l-inklużjoni ta' isem ir-rikorrenti fil-lista tal-persuni li għalihom kienu japplikaw il-miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina. Filwaqt li kienet ibbażata inizjalment fuq il-fatt li r-rikorrenti kienu s-suġġett ta' investigazzjonijiet immexxija mill-awtoritajiet tal-Ukraina fir-rigward ta' reati marbuta ma' miżappropriazzjoni ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u mat-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina, din l-inklużjoni kienet inżammet, wara li ġiet emendata l-leġiżlazzjoni applikabbli, għar-raġuni li r-rikorrenti kienu s-suġġett ta' proċeduri kriminali min-naħa tal-awtoritajiet tal-Ukraina għall-miżappropriazzjoni ta' fondi jew ta' assi pubbliċi. Ir-rikorrenti kkontestaw kemm il-fondatezza tal-inklużjoni inizjali tagħhom fil-lista kif ukoll il-fondatezza taż-żamma tal-ismijiet tagħhom f'din il-lista.

Fl-ewwel lok, f'dak li jirrigwarda l-inklużjoni inizjali tal-ismijiet tar-rikorrenti fil-lista, il-Qorti Ġenerali fakkret li, għalkemm il-Kunsill għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tal-kriterji ġenerali li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġu adottati miżuri restrittivi, l-effettività tal-istħarriġ ġudizzjarju ggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tirrikjedi li, għall-istħarriġ tal-legalità tal-motivi li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni li isem ta' persuna partikolari jiġi inkluż jew jinżamm f'lista ta' persuni li huma suġġetti għal miżuri restrittivi, il-qorti tal-Unjoni għandha tiżgura ruħha li din id-deċiżjoni, li għandha portata individwali għal din il-persuna, tkun tistrieħ fuq bażi fattwali solida biżżejjed. Dan jimplika verifika tal-fatti allegati fl-espożizzjoni tal-motivi li huma l-bażi tal-imsemmija deċiżjoni, b'mod li l-istħarriġ ġudizzjarju ma jkunx limitat għall-evalwazzjoni tal-plawżibbiltà astratta tal-motivi invokati, iżda jirrigwarda l-kwistjoni jekk dawn il-motivi humiex issostanzjati b'mod suffiċjentement preċiż u konkret.

Il-Qorti Ġenerali dawret l-attenzjoni tagħha għall-ittra tal-uffiċċju tal-prosekutur ġenerali tal-Ukraina lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà Komuni, invokata mill-Kunsill insostenn tal-inklużjoni tal-ismijiet tar-rikorrenti fil-lista kontenzjuża, u osservat li, filwaqt li ntbagħtet minn awtorità ġudizzjarja superjuri ta' pajjiż terz, l-imsemmija ittra kienet tinkludi biss affermazzjonijiet ġenerali u ġeneriċi li jorbtu l-ismijiet tar-rikorrenti, fost dawk ta' ex uffiċjali għolja oħra, ma' investigazzjonijiet li stabbilixxew fatti ta' miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi. Din l-ittra ma kienet tipprovdi ebda preċiżazzjoni dwar il-fatti li l-awtoritajiet tal-Ukraina kienu qegħdin jivverifikaw permezz tal-investigazzjonijiet tagħhom u, wisq inqas, dwar ir-responsabbiltà individwali, anki jekk preżunta, tar-rikorrenti fir-rigward ta' dawn il-fatti. Minn dan isegwi, skont il-Qorti Ġenerali, li l-ittra inkwistjoni ma tistax tikkostitwixxi bażi fattwali suffiċjentement solida sabiex l-ismijiet tar-rikorrenti jiġu inklużi fil-lista kontenzjuża minħabba li ġew identifikati bħala responsabbli għall-miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali annullat l-atti kkontestati, sa fejn dawn kienu jirrigwardaw ir-rikorrenti.

97| Kawża C-598/16 P, *Yanukovych vs Il-Kunsill.*

98| Kawża C-599/16 P, *Yanukovych vs Il-Kunsill.*

Fit-tieni lok, f'dak li jirrigwarda ż-żamma tal-ismijiet tar-rikorrenti fil-lista, l-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali qieset li l-kriterju ġenerali ta' inklużjoni, dwar "persuni identifikati bħala responsabbli għall-misapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat tal-Ukrajna" għandu jiġi interpretat fis-sens li kienx jirrigwarda, b'mod astratt, kull att ta' miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi, iżda pjuttost atti ta' miżapproprjazzjoni ta' fondi jew ta' assi pubbliċi li, fid-dawl tal-ammont jew tat-tip ta' fondi jew ta' assi miżapproprjati jew li tal-kuntest li fih seħħew, setgħu, tal-inqas, jippreġudikaw il-bażijiet istituzzjonali u ġuridiċi tal-Ukraina. It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali qieset li ż-żamma tal-ismijiet tar-rikorrenti fil-lista kontenzjuża kienet tippermetti li tiġi ffaċilitata, fl-ipoteżi li jirriżulta li l-azzjonijiet ġudizzjarji huma fondati, ir-repressjoni, b'mezzi ġudizzjarji, tal-allegati atti ta' korruzzjoni mwettqa minn membri tal-amministrazzjoni preċedenti, u b'hekk jingħata kontribut għas-sostenn tal-istat tad-dritt fl-Ukraina. Il-Qorti Ġenerali għalhekk ċaħdet ir-rikorsi sa fejn kienu intiżi sabiex jinkiseb l-annullament taż-żamma tal-ismijiet tar-rikorrenti fil-lista kontenzjuża.

## IR-REPUBBLIKA GĦARBIJA SIRJANA

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2016, ***Hamcho u Hamcho International vs Il-Kunsill*** (T-153/15, EU:T:2016:630), il-Qorti Ġenerali kellha tiddeċiedi dwar ir-rikors ippreżentat minn negozjant ta' nazzjonalità Sirjana u mill-kumpannija holding li tappartjeni lil dan tal-aħħar, li jirrigwarda l-miżuri restrittivi meħuda fil-konfront tagħhom abbażi tal-leġiżlazzjoni li tistabbilixxi miżuri restrittivi kontra ċerti persuni u entitajiet responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja [99]. Ir-rikorrenti kkritikaw lill-Kunsill, b'mod partikolari, minħabba n-natura vaga, astratta u mingħajr saħħa probatorja tad-dokumenti, b'mod partikolari artikoli tal-istampa, prodotti insostenn tal-inklużjoni mill-ġdid ta' isimhom fl-atti kkontestati, liema dokumenti, skont huma, ma kinux jidentifikaw is-sors primarju tal-informazzjoni inkluża fihom. Barra minn hekk, huma kkritikawh minħabba żball ta' evalwazzjoni tal-fondatezza ta' din l-inklużjoni mill-ġdid.

Fl-ewwel lok, f'dak li jirrigwarda l-assenza ta' identifikazzjoni tas-sorsi primarji tal-informazzjoni inkluża fl-artikoli tal-istampa prodotti mill-Kunsill, il-Qorti Ġenerali fakkret li, bħall-attività tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-attività tal-Qorti Ġenerali hija rregolata mill-prinċipju ta' evalwazzjoni libera tal-provi u li l-uniku kriterju sabiex jiġi evalwat il-valur tal-provi prodotti jinsab fil-kredibbiltà tagħhom. Barra minn hekk, sabiex jiġi evalwat il-valur probatorju ta' dokument, għandha tiġi vverifikata l-plawżibbiltà tal-informazzjoni li tinsab fiha, jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, l-oriġini tad-dokument, iċ-ċirkustanzi ta' kif ġie redatt u d-destinatarju tiegħu, u jekk, skont il-kontenut tiegħu, jidhirx li jagħmel sens u huwa affidabbli. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali spjegat li provi li jkunu ġejjin minn sorsi differenti ta' informazzjoni diġitali u ta' studji universitarji, li jkollhom varjetà ta' oriġini ġeografiċi, li jkunu ppubblikati f'dati differenti u li jagħtu informazzjoni differenti, jistgħu jitqiesu li huma affidabbli anki jekk ma jindikawx b'mod espress is-sors primarju tal-informazzjoni tagħhom. Fil-fatt, is-sitwazzjoni ta' gwerra fis-Sirja tagħmilha, fil-prattika, diffiċli, jew saħansitra impossibbli, li tinġabar xhieda mingħand persuni li jaċċettaw li jiġu identifikati. Id-diffikultajiet ta' investigazzjoni li jirriżultaw minn dan u l-perikolu li għalih jesponu ruħhom dawk li jagħtu informazzjoni jostakolaw li tiġi prodotta identifikazzjoni preċiża tas-sorsi li jiddokumentaw aġir personali ta' sostenn għar-reġim.

Fit-tieni lok, filwaqt li fakkret il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sens li, fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja, il-Kunsill jissodisfa l-oneru tal-prova meħtieġ min-naħa tiegħu jekk jippreżenta quddiem il-qorti tal-Unjoni sensiela ta' indizji suffiċjentement konkreti, preċiżi u konkordanti li jippermettu li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabta suffiċjenti bejn il-persuna suġġetta għal miżura ta' ffriżar ta' fondi u r-reġim li kontrih tkun qiegħda

99| Ara, b'mod partikolari, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012, tat-18 ta' Jannar 2012, dwar miżuri restrittivi fid dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament Nru 442/2011 (ĠU 2012, L 16, p. 1); ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/108, tas-26 ta' Jannar 2015, li jimplimenta r Regolament (UE) Nru 36/2012 (ĠU 2015, L 20, p. 2); id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK, tal-31 ta' Mejju 2013, dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU 2013, L 147, p. 14); id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal Kunsill (PESK) 2015/117, tas-26 ta' Jannar 2015, li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255 (ĠU 2015, L 20, p. 85).

tittieħed azzjoni [100], il-Qorti Ġenerali qieset li l-motivi li jsostnu l-inklużjoni mill-ġdid ta' isem ir-rikorrenti fl-atti kkontestati kienu ssostanzjati b'mod suffiċjenti. Fil-fatt, skont il-Qorti Ġenerali, il-funzjoni tar-rikorrent fi ħdan kunsilli ekonomiċi bħall-Kunsilli tan-Negozju Bilaterali Sirjani għaċ-Ċina, li għandhom l-għan li jippromwovu l-ekonomija Sirjana u l-iżvilupp tal-impriżi tagħha, tal-attivitajiet kummerċjali u ta' investiment tagħha, ma tistax tiġi spjegata ħlief b'ċerta prossimità mar-reġim fit-tmexxija u tikkostitwixxi element fattwali mhux ikkontestat li juri rabta ċerta tar-rikorrent mar-reġim ta' Bashar el-Assad. Din ir-rabta hija kkorroborata bil-ħatra tiegħu f'Diċembru 2014 fil-kariga ta' Segretarju Ġenerali tal-Kamra tal-Kummerċ ta' Damasku (is-Sirja) mill-Ministru tal Ekonomija tar-Repubblika Għarbija Sirjana.

## ĠLIEDA KONTRA T-TERRORIŻMU

Fis-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2016, ***Al-Ghabra vs Il-Kummissjoni*** (T-248/13, EU:T:2016:721), il-Qorti Ġenerali kellha l-opportunità timplementa l-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha ***Il-Kummissjonni et vs Kadi*** (iktar 'il quddiem is-"sentenza Kadi II") [101] f'dak li jirrigwarda l-istħarriġ tal-legalità ta' deċiżjoni ta' ffriżar ta' fondi ta' persuna identifikata bħala assoċjata man-netwerk ta' Al-Qaida. Il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors intiż, b'mod partikolari, għall-annullament tar-Regolament (KE) Nru 14/2007 [102] sa fejn, permezz ta' dan tal-aħħar, l-isem tar-rikorrent kien ġie inkluż fil-lista li tinsab fl-Anness I tar-Regolament Nru 881/2002 [103]. Ir-rikorrent sostna li d-deċiżjoni kkontestata kienet ivvizzjata b'illegalità minħabba, b'mod partikolari, ksur tal-prinċipju ta' osservanza ta' terminu raġonevoli.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali bdiet billi fakkret li n-natura "raġonevoli" tat-terminu użat mill-istituzzjoni sabiex tadotta l att inkwistjoni għandu jiġi evalwat skont iċ-ċirkustanzi kollha partikolari ta' kull kawża u, b'mod partikolari, tal-importanza li jkollha t-tilwima għall-persuna kkonċernata, tal-kumplessità tal-kawża u tal-aġir tal-partijiet fil-kawża. Hija osservat li, f'dan il-każ, iċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ allegati mill-Kummissjoni jispjegaw parzjalment id-dewmien relattivament twil tal-proċeduri ta' eżami mill-ġdid tad-deċiżjonijiet ta' inklużjoni tal-isem tal-persuni kkonċernati fil-lista kontenzjuża, kif seħħew wara l-għoti tas-sentenza Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni [104]. Jibqa' l-fatt li, f'dan il-każ, id-dewmien ta' iktar minn erba' snin li kien hemm bejn id-data tat-talba għal eżami mill-ġdid u dik tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata jeċċedi b'mod kunsiderevoli d-dewmien li jista' jitqies li huwa "normali" sabiex tiżvolġi b'mod korrett tali proċedura ta' eżami mill-ġdid, anki fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha partikolari allegati. Għalkemm, f'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat ksur tal-prinċipju ta' osservanza ta' terminu raġonevoli, tali ksur jiġġustifika l-annullament ta' deċiżjoni meħuda wara proċedura amministrattiva biss sa fejn iwassal ukoll għal ksur tad-drittijiet tad-difiża tal-persuna kkonċernata. Issa, f'dan il-każ, ma ġiex ipprovat, u lanqas allegat serjament, li l-kapaċità tar-rikorrent li jiddefendi ruħu b'mod effettiv kienet konkretament kompromessa minħabba t-tul eċċessiv tal-proċedura ta' eżami mill-ġdid. Għalhekk, dan tal-aħħar ma setax jibbaża ruħu fuq id-dewmien inkwistjoni sabiex jikseb l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

100 | Sentenza tal-21 ta' April 2015, ***Anbouba vs Il-Kunsill***, C-630/13 P, EU:C:2015:247, punt 53.

101 | Sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518.

102 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 14/2007, tal-10 ta' Jannar 2007, li jemenda għall-erbgħa u sebgħin darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 (ĠU 2007, L 6, p. 6).

103 | Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002, tas-27 ta' Mejju 2002, li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l esportazzjoni ta' ċerti merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-friża fuq fondi u riżorsi finanzjarji oħra rigward it-Taliban tal-Afganistan (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1, p. 294).

104 | Sentenza tat-3 ta' Settembru 2008, C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, fil-punti 114 u 115 tas-sentenza Kadi II, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li kienet il-Kummissjoni, minħabba l-obbligu tagħha li teżamina b'mod diliġenti u imparzjali l-fondatezza tal-motivi allegati, li kellha tevalwa, fid-dawl b'mod partikolari tal-kontenut tal-osservazzjonijiet magħmula mill-persuna kkonċernata, in-neċessità li titlob il-kollaborazzjoni tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet sabiex tikseb informazzjoni jew provi addizzjonali. Madankollu, il-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata f'dan il-każ, sempliċement fuq din il-bażi, talli ma kisbitx mingħand il-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew mill-Istat ta' nomina, matul il-proċedura amministrattiva li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, l-informazzjoni jew il-provi insostenn tal-allegazzjonijiet li saru kontra r-rikorrent u talli, għalhekk, għamlet stħarriġ "purament formali u artifiċjali" tal-fondatezza tar-raġunijiet allegati, fid-dawl tal-osservazzjonijiet magħmula mill-persuna kkonċernata dwar l-espożizzjoni tal-motivi mogħtija mill-imsemmi kumitat.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali spjegat li t-"test ġuridiku" li għandu jiġi applikat fl-istadju amministrattiv tal-eżami mill-ġdid tad-deċiżjonijiet ta' inklużjoni fil-lista kontenzjuża huwa differenti minn dak li huwa applikabbli fl-istadju tal-istħarriġ ġudizzjarju. Għaldaqstant, għalkemm l-oneru tal-prova jaqa' mingħajr dubju fuq il-Kummissjoni, din ma għandhiex tiġi amministrata minnha fl-istadju tal-proċedura ta' eżami mill-ġdid, iżda biss fl-istadju ulterjuri tal-proċedura ta' stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni tagħha ta' żamma wara l-eżami mill-ġdid. Għalhekk huwa biss f'dan l-istadju tal-aħħar li tqum il-kwistjoni tal-livell ta' prova rikjest. F'dan ir-rigward, hija biss il-Qorti Ġenerali li għandha tiżgura li d-deċiżjoni kkontestata "tistrieħ fuq bażi fattwali solida biżżejjed", billi tivverifika jekk il-fatti allegati fl-espożizzjoni tal-motivi humiex "sostnuti" u, għalhekk, materjalment "stabbiliti". Għaldaqstant, eventwali żball ta' liġi mwettaq mill-Kummissjoni fid-definizzjoni tal-livell ta' prova rikjest jew fl-implementazzjoni tagħha ma jistax, fih innifsu, jiġġustifika l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, jekk din barra minn hekk tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet ta' prova. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni ma wettqitx żball meta qieset li l-inklużjoni tal-isem ta' individwu fil-lista kontenzjuża u, bħala konsegwenza, l-iffriżar tal-fondi tiegħu, għandhom ikunu bbażati "fuq motivi raġonevoli jew bażi raġonevoli ta' suspett jew ta' twemmin li dawn il-fondi jew dawn il-beni l-oħra jistgħu jservu għall-finanzjament ta' attivitajiet terroristiċi". Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, għalkemm huwa veru li, fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, ma kienet ġiet ippreżentata l-ebda informazzjoni jew prova sabiex issostni l-motivi użati fiha kontra r-rikorrent, huwa konformi mal-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Kadi II li jittieħdu inkunsiderazzjoni informazzjoni u provi ġodda prodotti fl-anness tar-risposta sabiex isir l-istħarriġ tal-legalità li għandu jsir mill-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, għandha ssir distinzjoni bejn, minn naħa, ir-rekwiżit proċedurali ta' espożizzjoni tal-motivi speċifika biżżejjed u l-komunikazzjoni tagħha lill-persuna kkonċernata matul il-proċedura amministrattiva u, min-naħa l-oħra, il-verifika, li għandha ssir mill-qorti tal-Unjoni, li l-espożizzjoni tal-motivi tistrieħ fuq bażi fattwali solida, wara li tkun talbet, jekk ikun il-każ, lill-awtorità kompetenti tipproduċi informazzjoni jew provi rilevanti għall-finijiet ta' tali eżami. Il-provi ġodda prodotti fl-anness tar-risposta huma intiżi preċiżament sabiex jilħqu dan l-għan.

# VII. REĠISTRAZZJONI TAL-PRODOTTI KIMIĊI

Il-ġurisprudenza tal-2016 b'mod partikolari ppermettiet lill-Qorti Ġenerali tiddeċiedi, permezz ta' żewġ sentenzi mogħtija fl-istess jum, dwar il-ħlas dovut għar-reġistrazzjoni ta' sustanzi mal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) u, b'mod partikolari, dwar il-kompetenza tal-ECHA sabiex tagħti tnaqqis tal-ammont tal-imsemmi ħlas lill-impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju.

Fl-ewwel lok, fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-15 ta' Settembru 2016, ***La Ferla vs Il-Kummissjoni u ECHA*** (T-392/13, EU:T:2016:478), ir-rikorrenti sostniet li l-ECHA ma kellhiex il-kompetenza neċessarja sabiex tevalwa d-daqs tal-impriżi dikjaranti fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-ħlas applikabbli. F'dan ir-rigward, il-Qorti

Ġenerali enfasizzat li wieħed mill-għanijiet imfittxija mir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 [105] huwa li l-ECHA tiżgura ġestjoni effikaċi tal-aspetti tekniċi, xjentifiċi u amministrattivi tal-imsemmi regolament u jkollha rwol deċiżiv fl-implementazzjoni tiegħu, b'mod partikolari bl-għoti ta' kapaċitajiet regolamentari għoljin. Barra minn hekk, ir-Regolament (KE) Nru 340/2008 [106] jipprovdi b'mod partikolari li l-ECHA tista' titlob, f'kull ħin, evidenza li l-kundizzjonijiet għat-tnaqqis ta' ħlasijiet jew spejjeż jew għat-tneħħija tal-obbligu ta' ħlasijiet japplikaw. Minn dan il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-ECHA għandha l-kompetenza neċessarja sabiex tivverifika li r-rekwiżiti huma ssodisfatti sabiex impriża dikjaranti tkun tista' tibbenefika minn tnaqqis ta' ħlasijiet jew ta' spejjeż jew minn eżenzjoni mill-ħlasijiet.

Barra minn hekk, ir-rikorrenti invokat eċċess jew użu ħażin ta' poter min-naħa tal-ECHA sa fejn, essenzjalment, hija messha llimitat ruħha li tapplika d-definizzjoni tal-kategoriji ta' impriżi rriprodotta fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE [107]. Dwar dan il-punt, il-Qorti Ġenerali rrilevat li kemm ir-Regolament Nru 1907/2006 kif ukoll ir-Regolament Nru 340/2008 jagħmlu riferiment espliċitu għar-Rakkomandazzjoni 2003/361, għall-finijiet tad-definizzjoni tat-tifsira ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), liema rakkomandazzjoni tfittex li tiżgura l-osservanza ta' definizzjoni waħda tal-SMEs fuq il-livell tal-Unjoni, fil-kuntest tal-politiki tal-Unjoni. Issa, ma jistax, bħala prinċipju, jiġi eskluż li d-dispożizzjonijiet ta' rakkomandazzjoni jistgħu japplikaw permezz ta' riferiment espliċitu ta' regolament għad-dispożizzjonijiet ta' din ir-rakkomandazzjoni, bla ħsara għall-osservanza tal-prinċipji ġenerali tad-dritt u, b'mod partikolari, tal-prinċipju ta' ċertezza legali. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li ma hemm xejn li jippermetti li jitqies, fl-assenza ta' indikazzjoni f'dan is-sens, li l-imsemmi riferiment jirrigwarda biss parti mid-definizzjoni tal-SMEs irriprodotta fir-Rakkomandazzjoni 2003/361, bl-esklużjoni ta' wħud mill-kriterji msemmija fl-anness tal-imsemmija rakkomandazzjoni. Minn dan hija kkonkludiet li ebda element ma jippermetti li jiġi deċiż li l-ECHA, meta ddeċidiet li tapplika l-kriterji kollha riprodotti fl-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361, wettqet eċċess jew użu ħażin ta' poter.

Fit-tieni lok, fis-sentenza tal-15 ta' Settembru 2016, ***K Chimica vs ECHA*** (T-675/13, EU:T:2016:480), il-Qorti Ġenerali kellha tiddeċiedi dwar il-kriterji għall-kalkolu, mill-ECHA, tad-daqs ta' impriża, għall-finijiet li jiġi ddeterminat l-ammont tal-ħlas li kellu jinġabar.

F'dan ir-rigward, wara li fakkret li r-Regolamenti Nru 1907/2006 u Nru 340/2008 kienu jagħmlu riferiment għar-Rakkomandazzjoni 2003/361 għall-finijiet tad-definizzjoni tal-SMEs, il-Qorti Ġenerali, l-ewwel nett, irrilevat li, fil-każ ta' impriża awtonoma, jiġifieri impriża li ma hijiex ikklassifikata bħala "impriża msieħba" jew "impriża assoċjata", fis-sens tal-Artikolu 3(2) u (3) tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361, id-determinazzjoni tad-data, inkluż l-għadd ta' persunal, issir esklużivament fuq il-bażi tal-kontabbiltà ta' din l-impriża, konformement mal-Artikolu 6(1) tal-imsemmi anness.

It-tieni nett, hija spjegat li, fil-każ ta' impriża li għandha impriżi msieħba jew assoċjati, id-determinazzjoni tad-data, inkluż l-għadd ta' persunal, issir fuq il-bażi tal-kontabbiltà u ta' data oħra tal-impriża jew, jekk jeżistu, fuq kontabbiltà kkonsolidata tal-impriża jew fuq kontabbiltà kkonsolidata fejn l-impriża tittieħed inkunsiderazzjoni permezz ta' konsolidazzjoni, konformement mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tal-

105 | Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006, dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU 2006, L 396, p. 1).

106 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 340/2008, tas-16 ta' April 2008, dwar il-ħlasijiet u l-ispejjeż dovuti lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi skont ir-Regolament Nru 1907/2006 (ĠU 2008, L 107, p. 6).

107 | Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE, tas-6 ta' Mejju 2003, dwar id-definizzjoni tal-impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU 2003, L 124, p. 36).

Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361. Skont it-tieni u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 6(2) tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361, ma' din id-data għandhom jiżdiedu, minn naħa, id-data tal-impriżi msieħba (li jkunu jinsabu immedjatament upstream jew downstream tal-impriża inkwistjoni) b'mod proporzjonali għas-sehem fil-kapital jew għall-perċentwali tad-drittijiet ta' vot, fejn tingħażel l-ogħla minn fost dawn il-perċentwali, u, min-naħa l-oħra, 100 % tad-data tal-impriżi direttament jew indirettament assoċjati mal-impriża inkwistjoni u li ma tkunx diġà ttieħdet inkunsiderazzjoni permezz ta' konsolidazzjoni.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali speċifikat li, għall-applikazzjoni tal-Artikolu 6(2) tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361, id-data tal-impriżi msieħba mal-impriża inkwistjoni tirriżulta mill-kontabbiltà u minn data oħra, ikkonsolidati jekk jeżistu, li magħha tiżdied 100 % tad-data tal-impriżi assoċjati ma' dawn l-impriżi msieħba, ħlief jekk id-data tagħhom tkun diġà ttieħdet inkunsiderazzjoni permezz ta' konsolidazzjoni, u dan abbażi tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(3) tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361. Fir-rigward tad-data tal-impriżi assoċjati mal-impriża inkwistjoni, din tirriżulta mill-kontabbiltà tagħhom u minn data oħra, ikkonsolidati jekk jeżistu. Ma' din tiżdied b'mod proporzjonali d-data ta' eventwali impriżi msieħba ma' dawn l-impriżi assoċjati, li jkunu jinsabu immedjatament upstream jew downstream tagħha, jekk din ma tkunx diġà ttieħdet inkunsiderazzjoni fil-kontabbiltà kkonsolidata, fi proporzjoni minn tal-inqas identika għall-perċentwali tas-sehem fil-kapital jew tas-sehem tad-drittijiet ta' vot, fejn tingħażel l-ogħla minn fost dawn il-perċentwali, u dan abbażi tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(3) tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni 2003/361.

# VIII. DUMPING

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, ***Growth Energy u Renewable Fuels Association vs Il-Kunsill*** (T-276/13, taħt appell [108] EU:T:2016:340), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'talba għall-annullament parzjali tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 157/2013 [109] sa fejn dan l-att kien jikkonċerna lir-rikorrenti u lill-membri tagħhom. Il-Qorti Ġenerali kellha tiddeċiedi, b'mod partikolari, dwar il-kwistjoni jekk ir-rikorrenti, bħala assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi tal-industrija Amerikana tal-bijoetanol, setgħux jinvokaw dritt ta' azzjoni fil-kawża inkwistjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li, meta regolament li jistabbilixxi dazju antidumping jimponi dazji differenti fuq sensiela ta' kumpanniji, kumpannija jkollha *locus standi* biss sabiex tressaq azzjoni kontra d-dispożizzjonijiet li jimponu dazju antidumping partikolari fuqha u li jistabbilixxu l-ammont tad-dazju, u mhux kontra dawk li jimponu dazji antidumping fuq kumpanniji oħra, b'mod li r-rikors ta' din il-kumpannija jkun ammissibbli biss sa fejn huwa jitlob l-annullament tad-dispożizzjonijiet tar-regolament li jirrigwardawha esklużivament. Barra minn hekk, l-effetti ta' annullament jistgħu jseħħu biss fil-konfront tal-membri tal-assoċjazzjoni, li r-rikorsi tagħhom kienu ammissibbli. Fil-fatt, kieku kien mod ieħor, assoċjazzjoni professjonali tkun tista' tinvoka l-*locus standi* ta' wħud mill-membri tagħha sabiex tikseb l-annullament ta' regolament favur il-membri kollha tagħha, inklużi dawk li ma jissodisfawx, individwalment, il-kundizzjonijiet imsemmija fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Minn dan isegwi li, f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma setgħux jitolbu l-annullament tar-regolament ikkontestat favur il-membri tagħhom ħlief sa fejn dan kien qed jaffettwa lil dawk il-membri tagħhom li għandhom huma stess *locus standi* sabiex jippreżentaw rikors għal annullament abbażi tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE kontra r-regolament ikkontestat.

108 | Kawża C-465/16 P, ***Il-Kunsill vs Growth Energy u Renewable Fuels Association***.

109 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 157/2013, tat-18 ta' Frar 2013, li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-bijoetanol li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika (ĠU 2013, L 49, p. 10).

Mitluba barra minn hekk teżamina l-*locus standi* tar-rikorrenti fuq bażi individwali, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, għalkemm il-fatt li r-rikorrenti kienu partijiet fil-proċedura antidumping ma kellux impatt fuq il-konstatazzjoni li l-impożizzjoni tad-dazji antidumping fuq il-prodotti tal-membri tagħhom ma kienet toħloq ebda dritt favurihom u ebda obbligu fuqhom, għandu jiġi rrikonoxxut li, bħala partijiet interessati fil-proċedura, huma kellhom *locus standi* minħabba li kienu direttament u individwalment ikkonċernati. Madankollu, huma setgħu biss jinvokaw b'mod ammissibbli l-motiv tar-rikors imqajjem bil-għan li jiġu ssalvagwardati d-drittijiet proċedurali tagħhom.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali speċifikat li, għalkemm ir-rikorrenti qiegħdu indiskussjoni, f'isem l-erba' produtturi fil-kampjun, il-fondatezza tad-deċiżjoni li timponi dazju antidumping bħala tali, huma kellhom juru li dawn kellhom status partikolari fis-sens tas-sentenza tal-15 ta' Lulju 1963, Plaumann vs Il-Kummissjoni (C-25/62). Hija kkonstatat li, anki jekk jitqies li huma l-produtturi tal-prodott li huwa milqut minn dazju antidumping, iżda li ma huma b'ebda mod involuti fl-esportazzjoni tiegħu, dan ikun ċertament il-każ jekk, l-ewwel nett, dawn ikunu jistgħu juru li kienu ġew identifikati fl-atti tal-Kummissjoni jew tal-Kunsill jew ikkonċernati mill-investigazzjonijiet preparatorji u, it-tieni nett, il-pożizzjoni tagħhom fis-suq tkun sostanzjalment milquta mid-dazju antidumping li jkun is-suġġett tar-regolament ikkontestat. Issa peress li l-erba' produtturi fil-kampjun kienu kkonċernati mill-investigazzjonijiet preparatorji minħabba li pparteċipaw intensivament fihom u minħabba li kienu sostanzjalment milquta mid-dazju antidumping li kien is-suġġett tar-regolament ikkontestat, il-Qorti Ġenerali qieset li kienu individwalment ikkonċernati minn dan tal-aħħar.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, mill-adozzjoni stess tar-Regolament (UE) Nru 765/2012 [110], li jemenda r-regolament bażiku dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping min-naħa ta' Stati terzi [111], jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni jqis li, permezz tal-Artikolu 9(5) tal-imsemmi regolament bażiku, l-Unjoni kellha l-intenzjoni li teżegwixxi obbligu partikolari assunt fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), li f'dan il-każ jinsab fl-Artikoli 6.10 u 9.2 tal-ftehim antidumping tad-WTO [112]. Minn dan jirriżulta li l-Artikolu 9(5) tal-istess regolament bażiku, fil-verżjoni oriġinali tiegħu, għandu jiġi interpretat konformement ma' dawn id-dispożizzjonijiet tal-ftehim antidumping tad-WTO. Għaldaqstant, kull esportatur jew produttur magħżul fil-kampjun tal-fornituri tal-prodott li huwa s-suġġett tad-dumping u li għalhekk ikkoopera mal-istituzzjonijiet matul l-investigazzjoni jissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex jitqies li huwa "fornitur" fis-sens tal-Artikolu 9(5) tal-imsemmi regolament. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali osservat li l-għan tal-kostituzzjoni ta' kampjun ta' produtturi-esportaturi huwa li tiġi stabbilita, matul investigazzjoni limitata, bl-iktar mod eżatt possibbli, il-pressjoni fuq il-prezzijiet subita mill-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li temenda, f'kull mument, il-kompożizzjoni ta' kampjun skont il-bżonnijiet tal-investigazzjoni. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali spjegat li, sa fejn l-istituzzjonijiet għamlu użu mit-teħid ta' kampjuni, bħal f'dan il-każ, bħala prinċipju, eċċezzjoni għad-determinazzjoni ta' marġni ta' dumping individwali kif ukoll għall-istabbiliment ta' dazji antidumping individwali hija possibbli biss għall-impriżi li ma jifformawx parti minn kampjun u li ma għandhomx barra minn hekk dritt li jkollhom dazju antidumping individwali tagħhom stess. B'mod partikolari, l-Artikolu 9(5) tar-regolament bażiku ma jippermetti ebda eċċezzjoni għall-obbligu li jiġi stabbilit dazju antidumping individwali għal produttur inkluż fil-kampjun li kkoopera fl-investigazzjoni, meta l-istituzzjonijiet iqisu li ma jkunux f'pożizzjoni li jistabbilixxu għalih prezz għall-esportazzjoni individwali.

110 | Regolament (UE) Nru 765/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ġunju 2012, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU 2012, L 237, p. 1).

111 | Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU 2009, L 343, p. 51).

112 | Ftehim dwar l-implementazzjoni tal-Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-tariffi doganali u l-kummerċ tal-1994 (GATT) (ĠU 1994, L 336, p. 103).

# IX. SUPERVIŻJONI TAS-SETTUR FINANZJARJU

Fid-digriet tal-24 ta' Ġunju 2016, ***Onix Asigurări vs EIOPA*** (T-590/15, EU:T:2016:374), il-Qorti Ġenerali għamlet preċiżazzjonijiet dwar il-mekkaniżmu previst fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 [113], li jippermetti lill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) tittratta l-każijiet ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni mill-awtoritajiet nazzjonali fil-prattiki superviżorji tagħhom. Ir-rikorrenti talbet, b'mod partikolari, l-annullament tad-deċiżjoni tal-EIOPA li tirrifjuta li tagħti segwitu lil talba għall-ftuħ ta' investigazzjoni, ifformulata skont l-Artikolu 17 tal-imsemmi regolament.

L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li mill-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 1094/2010 jirriżulta li l-EIOPA għandha setgħa diskrezzjonali fil-qasam ta' investigazzjonijiet, kemm meta hija tkun adita b'talba minn waħda mill-entitajiet espressament imsemmija fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1094/2010 kif ukoll meta hija taġixxi fuq l-inizjattiva tagħha stess. Minn dan isegwi li l-EIOPA bl-ebda mod ma hija obbligata tieħu azzjoni b'applikazzjoni tal-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 1094/2010. D in l-interpretazzjoni hija, barra minn hekk, konformi mal-għanijiet u l-missjoni tal-EIOPA kif ukoll mal-istruttura tal-mekkaniżmu stabbilit mill-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 1094/2010. Fil-fatt, skont l-Artikolu 1(6) ta' dan ir-regolament, l-għan tal-EIOPA huwa li tipproteġi l-interess pubbliku billi tikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-effettività fuq żmien qasir, medju u twil tas-sistema finanzjarja, għall-ekonomija tal-Unjoni, iċ-ċittadini tagħha u l-impriżi tagħha. Barra minn hekk, mill-premessa 26 tal-imsemmi regolament jirriżulta li l-mekkaniżmu stabbilit mill-Artikolu 17 tal-istess regolament ma għandux l-għan li jagħti protezzjoni jew kumpens fuq bażi individwali fil-kawżi bejn persuni fiżiċi jew ġuridiċi u awtorità kompetenti fuq livell nazzjonali.

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali osservat li l-preżentata ta' talba bħal dik ifformulata f'dan il-każ mir-rikorrenti ma toħloq ebda relazzjoni legali partikolari bejnha u l-EIOPA u ma tistax tkun tali li tobbliga lil din tal-aħħar twettaq investigazzjoni skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1094/2010. F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-deċiżjoni ta' rifjut f'dan il-każ ma pproduċietx effetti legali vinkolanti. B'mod partikolari, peress li r-rikorrenti ma setgħetx teżiġi li l-EIOPA tiftaħ investigazzjoni skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament Nru 1094/2010, ir-rifjut ta' din tal-aħħar li tiftaħ tali proċedura *ex officio* ma setax ikun tali li jaffettwa l-interessi tagħha, b'mod li jbiddel b'mod kunsiderevoli s-sitwazzjoni legali tagħha. Għaldaqstant, l-imsemmija deċiżjoni ma setgħetx tiġi kklassifikata bħala att li jista' jiġi kkontestat.

# X. KUNTRATTI PUBBLIĊI TAL-ISTITUZZJONIJIET TAL-UNJONI

Fl-ewwel lok, fis-sentenza tas-27 ta' April 2016, ***Österreichische Post vs Il-Kummissjoni*** (T-463/14, EU:T:2016:243), il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar rikors għal annullament ippreżentat mill-operatur ta' servizz postali universali Awstrijak kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni [114] li tapplika l-Artikolu 30 tad-Direttiva 2004/17/

113 | Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Novembru 2010, li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU 2010, L 331, p. 48).

114 | Deċizjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/184/UE, tat-2 ta' April 2014 li teżenta ċertu servizzi fis-settur postali fl-Awstrija mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi postali (ĠU 2014, L 101, p. 4).

KE [115], li kien jeskludi l-attivitajiet "esposti direttament għal kompetizzjoni" mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli Ewropej dwar il-proċeduri għall-għoti tal-kuntratti pubbliċi fis-setturi tal-ilma, tal-enerġija, tat-trasport u tas-servizzi postali.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni ma wettqitx żball meta qieset li l-kriterji u l-metodoloġija użati sabiex tevalwa l-espożizzjoni diretta għall-kompetizzjoni skont l-Artikolu 30 tad-Direttiva 2004/17 ma kinux neċessarjament l-istess bħal dawk użati sabiex titwettaq evalwazzjoni skont l-Artikoli 101 u 102 TFUE jew skont ir-Regolament (KE) Nru 139/2004 [116]. Huwa minnu li l-Artikolu 30(2) tad-Direttiva 2004/17 jistabbilixxi li d-deċiżjoni jekk attività hijiex esposta direttament għall-kompetizzjoni għandha tkun ibbażata fuq kriterji li huma konformi mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-kompetizzjoni. Madankollu, il-kliem ta' din id-dispożizzjoni ma jirrikjedix li dawn il-kriterji jkunu speċifikament dawk tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. Bl-istess mod, mill-premessi 2 u 40 tad-Direttiva 2004/17 jirriżulta li, fil-kuntest tal-eżami ta' talba mressqa skont l-Artikolu 30 ta' din l-istess direttiva, il-Kummissjoni ma hijiex obbligata tapplika l-kriterji u l-metodi previsti mit-Trattat FUE fil-qasam tal-kompetizzjoni *tale quale*. Fl-aħħar nett, f'dak li jirrigwarda l-komunikazzjoni fuq id-definizzjoni tas-suq [117] u d-dokument tal-Kummissjoni intitolat "Prattiki tajba dwar il-komunikazzjoni ta' provi ekonomiċi u ta' ġbir ta' data fil-kawżi li jirrigwardaw l-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE u fil-kawżi ta' konċentrazzjoni", invokati mir-rikorrenti, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li dawn jirreferu esklużivament għad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. Minn dawn id-dokumenti ma jirriżulta bl-ebda mod li l-Kummissjoni hija obbligata tapplika l-kriterji u l-metodoloġija msemmija fihom fil-kuntest ta' proċedura dwar id-dritt tal-kuntratti pubbliċi.

Fit-tieni lok, fis-sentenza tas-27 ta' April 2016, ***European Dynamics Luxembourg et vs EUIPO*** (T-556/11, taħt appell [118], EU:T:2016:248), il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar il-kunċett ta' kunflitt ta' interessi [119]. Hija fakkret li l-eżistenza ta' rabtiet strutturali bejn iż-żewġ kumpanniji, fejn waħda minnhom ipparteċipat fir-redazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt u l-oħra pparteċipat fil-proċedura ta' sejħa għal offerti tal-kuntratt pubbliku inkwistjoni, hija, bħala prinċipju, ta' natura li toħloq tali kunflitt ta' interessi. Min-naħa l-oħra, ir-riskju huwa iżgħar meta, bħal f'dan il-każ, il-kumpannija jew il-kumpanniji responsabbli għall-preparazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt ma jiffurmawx parti huma stess mill-konsorzju offerent, iżda jkunu biss membri tal-istess grupp ta' impriżi li hija marbuta miegħu wkoll il-kumpannija membru tal-imsemmi konsorzju. F'dan ir-rigward, is-sempliċi konstatazzjoni ta' relazzjoni ta' kontroll bejn il-kumpannija omm u d-diversi sussidjarji tagħha ma hijiex biżżejjed sabiex l-awtorità kontraenti tkun tista' teskludi awtomatikament lil waħda minn dawn l-impriżi mill-proċedura ta' sejħa għal offerti, mingħajr ma tivverifika jekk tali relazzjoni kellhiex impatt konkret fuq l-imġiba tagħha fil-kuntest ta' din il-proċedura. Madankollu, l-eżistenza ta' kunflitt ta' interessi għandu jwassal lill-awtorità kontraenti li teskludi lill-offerent ikkonċernat, meta l-esklużjoni tkun l-unika miżura possibbli sabiex jiġi evitat ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' trasparenza li huma imposti f'kull proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku, jiġifieri meta ma tkunx teżisti miżura inqas ristrettiva sabiex tiġi żgurata l-osservanza ta' dawn il-prinċipji.

115 | Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 19).

116 | Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004, tal-20 ta' Jannar 2004, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40).

117 | Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq id-definizzjoni tas-suq inkwistjoni għall-finijiet tad-dritt Komunitarju dwar il-kompetizzjoni (ĠU 1997, C 372, p. 5).

118 | Kawża C-376/16 P, ***EUIPO vs European Dynamics Luxembourg*** et, u digriet tal-24 ta' Novembru 2016, ***European Dynamics Luxembourg et vs EUIPO, C-379/16 P***, mhux ippubblikat, EU:C:2016:905.

119 | Ara wkoll, iktar 'il quddiem, il-kummenti taħt "XII. Kawżi għad-danni – Telf ta' opportunità".

# XI. AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI TAL-ISTITUZZJONIJIET

Fl-2016, il-Qorti Ġenerali kellha l-opportunità tagħti diversi sentenzi importanti fil-qasam tal-aċċess għal dokumenti. Din il-ġurisprudenza ppermettitilha, b'mod partikolari, tagħmel preċiżazzjonijiet ġodda dwar it-talbiet għal aċċess għal dokument żvelati preċedentement u dwar l-eċċezzjonijiet ibbażati fuq il-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali, tal-pariri legali u tal-proċeduri ġudizzjarji.

## TALBA GĦAL AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI ŻVELATI PREĊEDENTEMENT

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-26 ta' April 2016, ***Strack vs Il-Kummissjoni*** (T-221/08, EU:T:2016:242), il-Qorti Ġenerali kellha tiddeċiedi dwar il-legalità tar-rifjut tal-Kummissjoni li tagħti lir-rikorrent aċċess għal sensiela ta' dokumenti relatati ma' investigazzjoni tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) [120]. Ir-rikorrent ikkontesta, b'mod partikolari, ir-rifjut li kien ingħatalu fir-rigward tat-talba tiegħu għal aċċess għal ċerti dokumenti li preċedentement kienu kollha ġew ikkomunikati lilu, identifikati bl-indikazzjoni "PD" (żvelati preċedentement), fuq bażi differenti mir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 [121]. L-imsemmi rifjut kien motivat bil-fatt li dawn id-dokumenti diġà kienu fil-pussess tal-persuna kkonċernata.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li d-dokumenti żvelati skont ir-Regolament Nru 1049/2001 jidħlu fil-qasam pubbliku. Għalhekk, ir-rifjut li r-rikorrent jingħata aċċess għad-dokumenti mmarkati bl-indikazzjoni "PD" abbażi ta' dan ir-regolament jimpedixxi, jekk ikun il-każ, li l-imsemmija dokumenti jitqiesu li huma pubbliċi, li huwa preċiżament l-għan li r-rikorrent ifittex li jilħaq u jikkorrispondi għall-għan li r-Regolament Nru 1049/2001 ifittex li jilħaq. Għaldaqstant, il-fatt li r-rikorrent kellu diġà d-dokumenti li hemm riferiment għalihom fit-talba tiegħu għal aċċess u li l-għan ta' din tal-aħħar għalhekk ma kienx li huwa jkun jista' jsir jaf bil-kontenut tagħhom iżda, pjuttost, li jiġu żvelati lil terzi, huwa irrilevanti. Minn dan il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li istituzzjoni ma tistax tibbaża ruħha fuq is-sempliċi fatt li l-applikant għal aċċess kien diġà, jew kien preżunt li huwa diġà, fil-pussess tad-dokumenti mitluba, iżda taħt titolu ieħor, sabiex tirrifjuta li teżamina t-talba għal aċċess għal dawn l-istess dokumenti abbażi tar-Regolament Nru 1049/2001.

## EĊĊEZZJONI MARBUTA MAL-PROTEZZJONI TAL-PROĊESS DEĊIŻJONALI

Is-sentenza tas-26 ta' April 2016, ***Strack vs Il-Kummissjoni*** (T-221/08, EU:T:2016:242), tat, barra minn hekk, l-opportunità lill-Qorti Ġenerali tispeċifika l-portata tal-eċċezzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali prevista fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001 f'dak li jirrigwarda l-aċċess għal dokumenti relatati ma' investigazzjoni tal-OLAF [122].

120 | Ara wkoll, iktar 'il quddiem, il-kummenti dwar din is-sentenza taħt "Eċċezzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali".

121 | Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

122 | Ara wkoll, iktar 'il fuq, il-kummenti dwar din is-sentenza taħt "Talba għal aċċess għal dokumenti żvelati preċedentement".

Il-Qorti Ġenerali spjegat li l-aċċess pubbliku għal dokumenti relatati ma' investigazzjoni tal-OLAF ikun partikolarment ta' preġudizzju għall-kapaċità tal-Kummissjoni, u b'mod partikolari tal-OLAF, li twettaq il-missjoni tagħha ta' ġlieda kontra l-frodi, fl-interess pubbliku. L-iżvelar tad-dokumenti kkonċernati jkun partikolarment dannuż għall-proċess deċiżjonali tal-Kummissjoni u tal-OLAF, għaliex jikkomprometti b'mod serju l-indipendenza sħiħa tal-investigazzjonijiet futuri tal-OLAF u l-għanijiet tagħhom billi jiżvela l-istrateġija u l-metodi ta' xogħol tal-OLAF u billi jnaqqas il-possibbiltà ta' dan l-aħħar li jikseb mill-kollaboraturi tiegħu evalwazzjonijiet indipendenti u li jikkonsulta d-dipartimenti tal-Kummissjoni rigward temi sensittivi ħafna. Huwa għandu mnejn ukoll jiskoraġġixxi lill-individwi milli jibagħtu informazzjoni rigward frodi eventwali u jċaħħad b'dan il-mod lill-OLAF u lill-Kummissjoni minn informazzjoni utli sabiex jibdew l-investigazzjonijiet intiżi għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Din il-konklużjoni hija iktar u iktar iġġustifikata peress li l-eċċezzjonijiet għad-dritt ta' aċċess għal dokumenti, li jinsabu b'mod partikolari fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1049/2001, ma jistgħux, meta, bħal f'din il-kawża, id-dokumenti inkwistjoni jaqgħu taħt qasam partikolari tad-dritt tal-Unjoni, jiġu interpretati mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni regoli speċifiċi li jirregolaw l-aċċess għal dawn id-dokumenti, jiġifieri dawk stabbiliti mid-Deċiżjoni 1999/352/KE [123] u mir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 [124].

Skont il-Qorti Ġenerali, il-kunfidenzjalità partikolari li jibbenefikaw minnha l-imsemmija dokumenti relatati mal-investigazzjoni hija ġġustifikata mhux biss sa fejn l-OLAF jiġbor, fil-kuntest ta' tali investigazzjoni, sigrieti ta' impriżi li huma sensittivi u informazzjoni sensittiva ħafna dwar persuni, li l-iżvelar tagħha jista' jkun kunsiderevolment dannuż għar-reputazzjoni ta' dawn tal-aħħar, iżda wkoll sa fejn l-aċċess għal dokumenti relatati ma' investigazzjoni interna tal-OLAF, anki wara l-għeluq tal-proċedura inkwistjoni, għandu mnejn jostakola serjament ix-xogħol ta' dan il-korp, jiżvela l-metodoloġija u l-istrateġija ta' istruttorja tal-OLAF, ikun ta' dannu għad-disponibbiltà tal-persuni involuti fil-proċedura li jikkollaboraw fil-futur u, għaldaqstant, jikkomprometti l-funzjonament korrett tal-proċeduri inkwistjoni u t-twettiq tal-għanijiet segwiti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni setgħet, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 4(2) u (3) tar-Regolament Nru 1049/2001, tippreżumi, mingħajr ma tagħmel eżami konkret u individwali ta' kull wieħed mid-dokumenti inkwistjoni, li aċċess pubbliku għal dawn id-dokumenti, abbażi tar-Regolament Nru 1049/2001, bħala prinċipju jippreġudika l-protezzjoni tal-interessi previsti fih.

## EĊĊEZZJONI MARBUTA MAL-PROTEZZJONI TAL-PARIRI LEGALI

Fis-sentenzi tal-15 ta' Settembru 2016, ***Herbert Smith Freehills vs Il-Kunsill*** (T-710/14, EU:T:2016:494), u tal-15 ta' Settembru 2016, ***Philip Morris vs Il-Kummissjoni*** (T-796/14, EU:T:2016:483***)*** [125]**,** li jirrigwardaw talba għall-iżvelar ta' dokumenti relatati mad-diskussjonijiet li ppreċedew l-adozzjoni tad-Direttiva 2014/40/UE [126], il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni għad-dritt ta' aċċess għal dokumenti bbażata fuq il-protezzjoni tal-pariri legali, prevista fit-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001.

Fl-ewwel kawża, il-Qorti Ġenerali kellha l-opportunità tagħti deċiżjoni, b'mod partikolari, dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' parir legali. F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-kunċett ta' "parir legali" ma

123 | Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352/KE, KEFA, Euratom, tat-28 ta' April 1999, li Twaqqaf l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 110).

124 | Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Mejju 1999, dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 91).

125 | Ara wkoll, iktar 'il quddiem, il-kummenti dwar din is-sentenza tal-aħħar taħt "Eċċezzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji".

126 | Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-3 ta' April 2014, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE (ĠU 2014, L 127, p. 1).

huwiex iddefinit fir-Regolament Nru 1049/2001. Dan il-kunċett huwa marbut mal-kontenut ta' dokument u mhux mal-awtur jew mad-destinatarji tiegħu. Kif jirriżulta minn interpretazzjoni letterali tal-kliem "parir legali", dan huwa parir marbut ma' kwistjoni ta' liġi, irrispettivament mill-modalitajiet segwiti sabiex jingħata tali parir. Fi kliem ieħor, huwa irrilevanti, għall-applikazzjoni tal-eċċezzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-pariri legali, jekk id-dokument li jinkludi tali parir kienx ingħata fi stadju prekoċi, avvanzat jew finali tal-proċess deċiżjonali. Bl-istess mod, il-fatt li l-parir ingħata f'kuntest formali jew informali huwa irrilevanti għall-interpretazzjoni ta' dan il-kliem.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali speċifikat li l-kliem tat-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 ma jippermettix li jiġi konkluż li huwa jikkonċerna biss il-parir ipprovdut jew irċevut internament minn istituzzjoni. L-eċċezzjoni marbuta mal-pariri legali għandha tiġi interpretata fis-sens li hija intiża li tipproteġi l-interess ta' istituzzjoni li titlob pariri legali u li tirċievi pariri sinċieri, oġġettivi u kompleti. Minkejja li, bħala prinċipju, istituzzjoni tirrikorri għad-dipartiment legali tagħha, xejn ma jżomm lill-imsemmija istituzzjoni milli testernalizza t-talba għal tali parir. Dan ikun il-każ, pereżempju, jekk l-istituzzjoni inkwistjoni titlob parir mingħand uffiċċju ta' avukati. Għaldaqstant, il-kwistjoni jekk il-parir legali jinħariġx minn awtur intern jew estern hija irrilevanti għall-istituzzjoni li tinvoka l-eċċezzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-pariri. Fl-aħħar nett, xejn ma jżomm lill-istituzzjoni li tkun invokat l-eċċezzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-pariri legali milli taqsam dan il-parir ma' "terz". Issa, il-fatt li dokument li jinkludi parir legali maħruġ minn istituzzjoni ntbagħat lid-dipartimenti legali ta' istituzzjonijiet oħra jew lil Stat Membru ma jbiddilx, bħala tali, in-natura ta' dan id-dokument. Għaldaqstant, mit-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 ma jirriżultax li parir legali għandu jinħareġ minn istituzzjoni għal użu intern biss. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali qieset li l-iskambji ta' opinjonijiet legali fi trilogu bejn id-dipartimenti legali ta' tliet istituzzjonijiet, bil-għan li jintlaħaq kompromess fuq test leġiżlattiv, fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja stabbilita mill-Artikolu 294 TFUE, jistgħu jiġu kklassifikati, fejn applikabbli, bħala pariri legali u, għaldaqstant, jistgħu jaqgħu taħt l-eċċezzjoni marbuta magħhom. Fil-fatt, id-dipartimenti legali jaġixxu skont mandat u bil-għan li jintlaħaq ftehim. Għaldaqstant huma jaġixxu kemm bħala negozjaturi kif ukoll bħala konsulenti fuq punti legali.

Fit-tieni kawża, il-Qorti Ġenerali speċifikat iċ-ċirkustanzi li fihom istituzzjoni tista' tirrifjuta li tiżvela parir legali. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali bdiet billi fakkret li, għalkemm mis-sentenza L-Isvezja u Turco vs Il-Kunsill [127] jirriżulta li, bħala prinċipju, parir legali għandu jiġi żvelat, l-imsemmija sentenza ma teskludix in-nuqqas ta' żvelar ta' parir legali f'każijiet speċifiċi. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja rrifjutat l-argument li l-iżvelar ta' parir legali seta' jippreġudika l-kapaċità tal-istituzzjoni li tiddefendi sussegwentement il-validità ta' att leġiżlattiv quddiem qorti bħala argument ta' natura tant ġenerali li ma setax jiġġustifika eċċezzjoni għat-trasparenza prevista mir-Regolament Nru 1049/2001. Madankollu, dan ma japplikax meta, bħal f'dan il-każ, fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' rifjut ta' żvelar ta' parir legali speċifiku, mogħti fil-kuntest ta' proċess leġiżlattiv, minn naħa, ikun pendenti quddiem il-qrati ta' Stat Membru rikors li jikkontesta l-validità tal-att legali kkonċernat u li jimplika probabbiltà kbira ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari u, min-naħa l-oħra, ikun ġie ppreżentat rikors quddiem il-qorti tal-Unjoni minn Stat Membru li jikkontesta l-validità ta' numru ta' dispożizzjonijiet tal-istess att li jiksru l-Artikolu 114 TFUE, il-prinċipju ta' proporzjonalità u l-prinċipju ta' sussidjarjetà.

Għalhekk, il-Qorti Ġenerali qieset li l-argument tal-Kummissjoni bbażat fuq il-preġudizzju għall-kapaċità tagħha li tiddefendi l-pożizzjoni tagħha fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji u għall-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet ma huwiex infondat. Fil-fatt, mill-partijiet żvelati tad-dokument inkwistjoni jirriżulta li s-Servizz Legali kien tal-fehma li, fir-rigward ta' ċerti għażliet politiċi, li wħud minnhom kienu ġew mistura, inklużi fl-abbozz ta' analiżi ta' impatt u marbuta mal-prodotti tat-tabakk, l-Unjoni ma kellhiex il-kompetenza li tilleġiżla jew li dawn l-għażliet politiċi ma kinux proporzjonati fid-dawl tal-Artikolu 114 TFUE. Issa, l-iżvelar tal-

127 | Sentenza tal-1 ta' Lulju 2008, C-39/05 P u C-52/05 P, EU:C:2008:374.

partijiet mistura ta' dan id-dokument jista' jikkomprometti l-protezzjoni tal-pariri legali, jiġifieri l-protezzjoni tal-interess ta' istituzzjoni li titlob pariri legali u li tirċievi pariri sinċieri, oġġettivi u kompleti, kif ukoll il-pożizzjoni tas-Servizz Legali tal-Kummissjoni fid-difiża tagħha tal-validità tad-Direttiva 2014/20 quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fuq bażi ugwali bħall-partijiet l-oħra, sa fejn dan l-iżvelar kien iwassal sabiex tiġi żvelata l-pożizzjoni tas-Servizz Legali tagħha dwar kwistjonijiet sensittivi u kontenzjużi qabel ma l-Kummissjoni kellha l-opportunità tippreżenta din il-pożizzjoni matul il-proċedura ġudizzjarja, u dan filwaqt li ebda obbligu simili ma jkun impost fuq il-parti l-oħra. Fl-aħħar nett, skont il-Qorti Ġenerali, mid-deċiżjoni kkontestata rriżulta li l-Kummissjoni tat il-motivi marbuta mad-dritt tad-difiża tagħha li kienu jiġġustifikaw li l-interess pubbliku marbut mat-trasparenza jiġi suġġett għall-motivi li fuqhom kienet ibbażata l-eċċezzjoni mqajma minnha u stabbilixxiet li l-interess tar-rikorrenti li tikseb l-iktar aċċess wiesa' possibbli għad-dokumenti ma kienx interess pubbliku, iżda kien manifestament interess privat. Għaldaqstant, ma setax jitqies li l-Kummissjoni ma wettqitx analiżi konkreta jew li ma ddikjaratx il-motivi li jiġġustifikaw id-deċiżjoni tagħha.

## EĊĊEZZJONI MARBUTA MAL-PROTEZZJONI TAL-PROĊEDURI ĠUDIZZJARJI

Is-sentenza tal-15 ta' Settembru 2016, ***Philip Morris vs Il-Kummissjoni*** (T-796/14, EU:T:2016:483), tat, barra minn hekk, l-opportunità lill-Qorti Ġenerali li terġa' tittratta l-portata tal-eċċezzjoni għad-dritt ta' aċċess għal dokumenti li tirrigwarda l-proċeduri ġudizzjarji, prevista wkoll fit-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 [128].

Il-Qorti Ġenerali kkonstatat, l-ewwel nett, li mis-sentenza L-Isvezja et vs API u Il-Kummissjoni [129] ma jirriżultax li dokumenti oħra minbarra n-noti huma esklużi, jekk ikun il-każ, mill-kamp ta' applikazzjoni tal-eċċezzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji. Fil-fatt, minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li l-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet kif ukoll l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja jinsabu fil-qofol ta' din l-eċċezzjoni. Issa, il-ħtieġa li jiġu żgurati opportunitajiet ugwali għall-partijiet quddiem il-qorti tiġġustifika l-protezzjoni mhux biss tad-dokumenti mfassla esklużivament għall-finijiet ta' kawża partikolari, bħalma huma n-noti, iżda wkoll dokumenti li l-iżvelar tagħhom jista' jikkompromettì, fil-kuntest ta' kawża partikolari, l-opportunitajiet ugwali inkwistjoni, li jikkostitwixxu korollarju tal-kunċett stess ta' smigħ xieraq. Madankollu, sabiex din l-eċċezzjoni tkun tista' tapplika, huwa meħtieġ li d-dokumenti li għalihom tkun saret applikazzjoni jiżvelaw il-pożizzjoni tal-istituzzjoni kkonċernata dwar kwistjonijiet kontenzjużi mqajma fil-proċedura ġudizzjarja invokata. Skont il-Qorti Ġenerali, dawn il-kunsiderazzjonijiet jistgħu japplikaw ukoll għal proċeduri pendenti quddiem qorti nazzjonali fil-mument tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li tirrifjuta l-aċċess għad-dokumenti li għalihom tkun saret applikazzjoni, bil-kundizzjoni li dawn il-proċeduri jqajmu kwistjoni ta' interpretazzjoni jew ta' validità ta' att tad-dritt tal-Unjoni b'tali mod li, fid-dawl tal-kuntest tal-kawża, ikun jidher partikolarment plawżibbli li jsir rinviju għal deċiżjoni preliminari. F'dawn iż-żewġ każijiet, għalkemm l-imsemmija dokumenti ma jkunux tfasslu fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjarja partikolari, l-integrità tal-proċedura ġudizzjarja kkonċernata u l-opportunitajiet ugwali għall-partijiet jistgħu jiġu ppreġudikati b'mod gravi jekk partijiet jibbenefikaw minn aċċess privileġġat għal informazzjoni interna tal-parti l-oħra li tkun marbuta mill-qrib mal-aspetti legali ta' kawża pendenti jew potenzjali, iżda imminenti. Abbażi ta' dawn l-elementi, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni setgħet ġustament tqis, fid-dawl tal-istorja tal-proċess leġiżlattiv marbut mal-adozzjoni tad-Direttiva 2014/40, "li rinviju għal deċiżjoni preliminari kien ferm probabbli fil-futur qarib u, għaldaqstant, li l-iżvelar tad-dokumenti

128 | Ara wkoll, iktar 'il fuq, il-kummenti dwar din is-sentenza taħt "Eċċezzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-pariri legali".

129 | Sentenza tal-21 ta' Settembru 2010, C-514/07 P, C-528/07 P u C-532/07 P, EU:C:2010:541.

inkwistjoni seta' jippreġudika l-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet fil-proċedura għal deċiżjoni preliminari mistennija.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet jeżiġi li l-istituzzjoni li tkun l-awtur tal-att inkwistjoni tkun f'pożizzjoni li tiddefendi quddiem il-qorti, b'mod effikaċi, il-legalità tal-azzjoni tagħha. Issa, din il-possibbiltà tkun ippreġudikata b'mod gravi jekk l-istituzzjoni inkwistjoni tkun obbligata tiddefendi ruħha mhux biss fir-rigward tal-motivi u tal-argumenti mqajma mir-rikorrent jew, bħal f'dan il-każ, fil-kuntest ta' proċedura għal deċiżjoni preliminari futura, iżda wkoll fir-rigward ta' pożizzjonijiet meħuda internament fir-rigward tal-legalità ta' diversi għażliet ikkunsidrati fil-kuntest tat-tfassil tal-att inkwistjoni. B'mod partikolari, l-iżvelar ta' dokumenti li jinkludu dan it-tip ta' pożizzjonijiet huwa ta' natura li jobbliga, *de facto*, lill-istituzzjoni kkonċernata tiddefendi ruħha kontra evalwazzjonijiet magħmula mill-persunal tagħha stess, li fl-aħħar mill-aħħar ma kinux adottati. Dan il-fatt jista' jikser l-ekwilibriju bejn il-partijiet fi proċedura ġudizzjarja, sa fejn ir-rikorrent jista' ma jkunx obbligat jiżvela evalwazzjonijiet interni ta' dan it-tip. Minn dan isegwi li l-iżvelar ta' tali dokumenti lill-pubbliku meta jkun hemm proċedura ġudizzjarja pendenti li tikkonċerna l-interpretazzjoni u l-legalità tal-att inkwistjoni jista' jikkomprometti l-pożizzjoni ta' difiża tal-Kummissjoni kif ukoll il-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet, sa fejn il-Kummissjoni tkun qiegħda tikkomunika diġà l-pożizzjonijiet interni ta' natura legali meħuda mid-dipartimenti tagħha fir-rigward ta' kwistjonijiet kontenzjużi filwaqt li ebda obbligu simili ma jkun impost fuq il-parti l-oħra.

# XII. KAWŻI GĦAD-DANNI

## ADEŻJONI TAR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA MAL-UNJONI EWROPEA

Fis-sentenza tas-26 ta' Frar 2016, ***Šumelj et vs Il-Kummissjoni*** (T-546/13, T-108/14 u T-109/14, taħt appell [130], EU:T:2016:107), il-Qorti Ġenerali kellha tiddeċiedi dwar rikors għad-danni intiż sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu allegat mir-rikorrenti minħabba l-aġir allegatament żbaljat tal-Kummissjoni fis-sorveljanza tagħha tal-osservanza mir-Repubblika tal-Kroazja tal-impenji ta' adeżjoni tagħha. Dawn il-kawżi ppermettew lill-Qorti Ġenerali tagħmel preċiżazzjonijiet li qatt ma kienu saru qabel kemm fir-rigward tal-obbligi tal-Kummissjoni fis-sorveljanza tagħha tal-osservanza tal-impenji meħuda minn Stat kandidat għall-adeżjoni mal-Unjoni kif ukoll, f'dan il-każ, fir-rigward ta' dawk li l-awtoritajiet Kroati kellhom jassumu bħala impenji li jirriżultaw mill-Artikolu 36 tal-Att ta' adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni [131] u, b'mod partikolari, mill-Anness VII ta' dan l-att, li jirrigwarda l-impenji meħuda mir-Repubblika tal-Kroazja fil-qasam tal-ġudikatura u tad-drittijiet fundamentali.

Filwaqt li speċifikat li l-aġir allegatament illegali li ġie allegat fil-konfront tal-Kummissjoni kien jikkonsisti unikament f'ommissjoni illegali, jiġifieri dik li ma adottatx il-miżuri li kienu jippermettu li jiġi impedit it-tħassir

130 | Kawża C-239/16 P, *Šumelj et vs Il-Kummissjoni.*

131 | Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-aġġustamenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU 2012, L 112, p. 21), anness mat-Trattat bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isvezja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (Stati Membri tal-Unjoni Ewropea) u r-Repubblika tal-Kroazja dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU 2012, L 112, p. 10).

tal-liġi dwar l-aġenti pubbliċi ta' eżekuzzjoni, il-Qorti Ġenerali bdiet l-ewwel nett billi enfasizzat, fir-rigward tal-impenn Nru 1 li jinsab fl-Anness VII tal-Att ta' adeżjoni msemmi iktar 'il fuq, li mill-kliem tiegħu jirriżulta li dan ma jirrigwardax strateġija ta' riforma ġudizzjarja u pjan ta' azzjoni ddeterminati. Fil-fatt, dan l-impenn jagħmel riferiment b'mod ġenerali għall-"Istrateġija [...] għar-Riforma Ġudizzjarja" u għall-"Pjan ta' Azzjoni" tal-awtoritajiet Kroati, mingħajr ebda speċifikazzjoni oħra, minkejja li l-istrateġija u l-pjan inkwistjoni setgħu jiġu identifikati, billi jissemmew dawk fis-seħħ fid-data tal-iffirmar tat-Trattat ta' adeżjoni. Tali dikjarazzjonijiet ġenerali jistgħu jiġu spjegati bil-fatt li l-perijodu li jiddekorri bejn id-data tal-iffirmar tal-Att ta' adeżjoni u d-data ta' adeżjoni definittiva jinvolvi skambji regolari bejn l-awtoritajiet tal-Unjoni u dawk tal-Istat aderenti, li jwasslu neċessarjament għal aġġustamenti minn naħa jew minn oħra. Minn dan jirriżulta li l-istrateġija għar-riforma u l-pjan ta' azzjoni ċċitati fl-Anness VII tal-Att ta' adeżjoni ma kinux jagħmlu riferiment biss għall-istrateġija għar-riforma ġudizzjarja u għall-pjan ta' azzjoni fis-seħħ fid-data tal-Att ta' adeżjoni, b'mod li mill-impenn Nru 1 ma jirriżulta l-ebda obbligu għall-awtoritajiet Kroati li jistabbilixxu l-funzjoni ta' aġent pubbliku ta' eżekuzzjoni. Madankollu minn dan ma jistax jiġi dedott li l-awtoritajiet Kroati kellhom il-libertà sħiħa sabiex jemendaw l-istrateġija għar-riforma ġudizzjarja u l-pjan ta' azzjoni fis-seħħ fil-mument tal-adeżjoni. Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Att ta' adeżjoni, b'mod partikolari tal-Artikolu 36 tiegħu u tal-Anness VII tiegħu, dawn l-awtoritajiet kienu obbligati josservaw mhux biss l-impenn Nru 1, iżda wkoll l-impenji l-oħra kollha previsti mill-imsemmi anness.

It-tieni nett, fir-rigward tal-impenn Nru 3 li jinsab fl-Anness VII tal-Att ta' adeżjoni, li jikkonċerna t-titjib fl-effiċjenza tal-ġudikatura, il-Qorti Ġenerali osservat li dan jirrigwarda biss l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja u bl-ebda mod ma jimponi l-attribuzzjoni tal-kompetenza ta' eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji lil korp partikolari skont proċeduri ddefiniti minn qabel. Għalhekk minn dan l-impenn ma jistax jiġi dedott l-obbligu li l-proċeduri ta' eżekuzzjoni jiġu fdati lil aġenti pubbliċi ta' eżekuzzjoni.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-allegat ksur, mill-Kummissjoni, tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, il-Qorti Ġenerali osservat li r-rikorrenti ma invokaw l-ebda element li juri jew li jippermetti li jiġi preżunt li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, fosthom b'mod partikolari l-Kummissjoni, ħolqu fihom aspettattivi fondati li huma kienu ser jiżguraw iż-żamma tal-professjoni ta' aġent pubbliku ta' eżekuzzjoni. Iċ-ċirkustanza, li barra minn hekk ma ġietx issostanzjata, li l-Kummissjoni pparteċipat fit-tfassil tal-liġi dwar l-aġenti pubbliċi ta' eżekuzzjoni, li ffinanzjatha, jew anki li tat bidu għaliha, ma tistax, waħidha, tikkostitwixxi assigurazzjoni preċiża mogħtija mill-Kummissjoni li hija kienet tikkunsidra l-istituzzjoni ta' aġenti pubbliċi ta' eżekuzzjoni bħala l-unika waħda xierqa sabiex jiġu osservati l-impenji ta' adeżjoni. Sabiex tali assigurazzjonijiet ikunu stabbiliti, dawn l-atti ta' appoġġ inizjali favur il-liġi dwar l-aġenti pubbliċi ta' eżekuzzjoni kellhom, fid-dawl tal-assenza ta' obbligu tar-Repubblika tal-Kroazja li toħloq il-professjoni ta' aġent pubbliku ta' eżekuzzjoni, ikunu ssupplimentati minn atti ulterjuri konkordanti u espliċiti f'dan is-sens.

## IPPROĊESSAR TA' DATA PERSONALI

Il-fatt li taw lok għall-kawża li wasslet għas-sentenza tal-20 ta' Lulju 2016, ***Oikonomopoulos vs Il-Kummissjoni*** (T-483/13, EU:T:2016:421) kienu kuntratti konklużi bejn kumpannija u l-Kummissjoni fil-kuntest tas-Sitt Programm Qafas tal-Komunità dwar l-attivitajiet ta' riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni li jikkontribwixxu għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u għall-innovazzjoni (2002-2006). Peress li rapport ta' awditu żvela xi anomaliji, kienet infetħet investigazzjoni mill-OLAF sabiex jiġi ddeterminat jekk kinux twettqu reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Id-direttur tal-kumpannija investigata ppreżenta rikors quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex jikseb, minn naħa, kumpens għad-danni kkawżati mill-Kummissjoni u mill-OLAF u, min-naħa l-oħra, dikjarazzjoni li l-atti tal-OLAF kienu ġuridikament ineżistenti

u inammissibbli għal finijiet probatorji quddiem l-awtoritajiet nazzjonali [132]. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kellha tiddeċiedi, b'mod partikolari, dwar il-kwistjoni jekk in-notifika tardiva tal-ipproċessar ta' data personali magħmul matul l-investigazzjoni dwar ir-rikorrent lill-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data kinitx tikkostitwixxi ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li tagħti drittijiet lill-individwi, li jista' jwassal għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, fil-qasam tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, meta jkun inkiser l-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 [133], minħabba li n-notifika tad-data lill-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data saret wara l-ipproċessar tagħha, l-istituzzjoni kkonċernata tikser dispożizzjoni legali intiża sabiex tagħti drittijiet lill-persuni kkonċernati mid-data personali miżmuma mill-istituzzjonijiet u mill-korpi tal-Unjoni. F'dak li jirrigwarda l-kwistjoni jekk tali ksur jistax jitqies li huwa suffiċjentement serju, minn naħa, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, skont ir-Regolament Nru 45/2001, ir-rwol tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data huwa li jiżgura li l-ipproċessar tad-data personali ma jippreġudikax id-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni kkonċernati mill-imsemmi pproċessar. F'dan il-kuntest, huwa għandu b'mod partikolari l-funzjoni li jwissi lill-Kontrollur Ewropew għall-protezzjoni tad-data (KEPD) kontra pproċessar ta' data li jista' jirrappreżenta riskju fis-sens tal-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 45/2001. Minn dan isegwi li, jekk huwa ma jkunx informat bl-ipproċessar ta' data, huwa ma jkunx jista jinforma b'dan lill-KEPD u għaldaqstant ma jkunx jista' jiżvolġi effiċjentement il-funzjoni essenzjali ta' sorveljanza mogħtija lilu mil-leġiżlatur Ewropew. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali osservat li, kif indikat fil-premessa 14 tar-Regolament Nru 45/2001, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament japplikaw għal kull ipproċessar ta' data personali magħmul mill-istituzzjonijiet kollha. Għalhekk, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni ma għandhom l-ebda marġni ta' diskrezzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament Nru 45/2001. Fid-dawl ta' dawn il-fatturi – in-natura essenzjali tal-funzjoni ta' sorveljanza tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data u l-assenza ta' kull marġni ta' diskrezzjoni tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-Unjoni –, il-Qorti Ġenerali qieset li s-sempliċi ksur tal-Artikolu 25(1) tar-Regolament Nru 45/2001 huwa biżżejjed sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali intiża li tagħti drittijiet lill-individwi. F'dan il-każ, il-Kummissjoni ssottomettiet tardivament in-notifiki tal-ipproċessar ta' data personali lill-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data. Għalkemm il-Kummissjoni ppruvat tiġġustifika dan id-dewmien bil-fatt li l-prattiki meħtieġa mill-Artikolu 25(1) tar-Regolament Nru 45/2001 setgħu jsiru biss gradwalment u li, f'deċiżjoni relatata ma' notifika tardiva, il-KEPD qies li ma hemm l-ebda raġuni sabiex jiġi konkluż li kien hemm ksur tar-regolament imsemmi iktar 'il fuq, peress li l-ksur kien ġie rrimedjat, skont il-Qorti Ġenerali, ma setax jiġi aċċettat li r-regolarizzazzjoni tas-sitwazzjoni tippermetti li tiġi kkonstatata l-assenza ta' ksur. Għalhekk kien hemm ksur tal-Artikolu 25(1) tar-Regolament Nru 45/2001, minħabba li n-notifika tad-data saret wara l-ipproċessar tagħha.

## SETGĦAT TAL-OLAF

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-20 ta' Lulju 2016, ***Oikonomopoulos vs Il-Kummissjoni*** (T-483/13, EU:T:2016:421), il-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari, intalbet tiddeċiedi dwar il-kompetenza tal-OLAF sabiex imexxi investigazzjoni dwar l-eżekuzzjoni ta' kuntratt konkluż għall-implementazzjoni ta' programmqafas [134].

132 | Ara wkoll, iktar 'il quddiem, il-kummenti dwar din is-sentenza taħt "XII. Kawżi għad-danni – Setgħat tal-OLAF".

133 | Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2000, dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 26, p. 102).

134 | Ara wkoll, iktar 'il fuq, il-kummenti dwar din is-sentenza taħt "Ipproċessar ta' data personali".

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali spjegat li, sabiex il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni stabbilita fl-Artikolu 325 TFUE tkun effettiva, huwa neċessarju li l-iskoraġġiment u l-ġlieda kontra l-frodi u l-irregolaritajiet l-oħra jsiru fuq il-livelli kollha u għall-attivitajiet kollha li fil-kuntest tagħhom l-imsemmija interessi jistgħu jkunu affettwati minn tali fenomeni. Huwa sabiex dan il-għan jintlaħaq bl-aħjar mod possibbli li l-Kummissjoni pprevediet li l-OLAF kellu jeżerċita l-kompetenzi tiegħu fil-qasam ta' investigazzjonijiet amministrattivi esterni. Għaldaqstant, l-eżistenza ta' relazzjoni kuntrattwali bejn l-Unjoni u persuni ġuridiċi u fiżiċi ssuspettati li jkunu wettqu attivitajiet illegali ma għandhiex impatt fuq is-setgħa ta' investigazzjoni tal-OLAF. Dan tal-aħħar jista' jwettaq investigazzjonijiet dwar dawn il-persuni jekk fir-rigward tagħhom ikun hemm suspetti ta' frodi jew ta' attivitajiet illegali, minkejja li jkun jeżisti kuntratt bejn il-partijiet imsemmija iktar 'il fuq. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali speċifikat li l-assenza ta' dispożizzjoni speċifika f'dan ir-rigward fir-Regolament Nru 1073/1999 ma tistax tiġi interpretata fis-sens li l-OLAF jiġi pprojbit milli jorganizza intervisti fil-kuntest ta' investigazzjonijiet esterni. Fil-fatt, is-setgħa li jwettaq spezzjonijiet u verifiki fuq il-post timplika mingħajr dubju s-setgħa li jorganizza intervisti mal-persuni kkonċernati minn dawn l-ispezzjonijiet u verifiki. Barra minn hekk, l-ebda dispożizzjoni tar-Regolament Nru 2185/96 [135], jew, mill-bqija, ta' xi regolament ieħor, ma tipprekludi lill-Kummissjoni, jew, f'dan il-każ, lill-OLAF, milli jwettqu verifika jew spezzjoni fuq il-post għand subappaltatur mingħajr ma qabel ikunu wettqu verifika u spezzjoni fuq il-post għand l-operatur ekonomiku ssuspettat bi frodi.

Fit-tieni lok, mitluba tiddeċiedi dwar il-portata tad-drittijiet tad-difiża fil-kuntest ta' investigazzjoni esterna, il-Qorti Ġenerali qieset li r-rispett tal-imsemmija drittijiet jiġi suffiċjentement iggarantit jekk il-persuna kkonċernata tiġi informata malajr bil-possibbiltà ta' involviment personali f'atti ta' frodi, ta' korruzzjoni jew f'attivitajiet illegali li jkunu jistgħu jippreġudikaw l-interessi tal-Unjoni, meta ma jkunx hemm riskju li dan ikun ta' ħsara għall-investigazzjoni. Madankollu, l-OLAF ma huwiex obbligat jagħti lil persuna kkonċernata minn investigazzjoni esterna aċċess għad-dokumenti li jkunu s-suġġett ta' tali investigazzjoni jew għal dawk redatti mill-OLAF innifsu f'din l-okkażjoni, peress li l-effikaċja u l-kunfidenzjalità tal-funzjoni fdata lill-OLAF kif ukoll l-indipendenza tiegħu jistgħu jiġu ostakolati. F'dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, l-aċċess għar-rapport finali ta' investigazzjoni esterna, ma hemm l-ebda dispożizzjoni li tipprevedi li l-OLAF għandu tali obbligu.

Fit-tielet u fl-aħħar lok, il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn il-ksur tal-Artikolu 25(1) tar-Regolament Nru 45/2001, minħabba n-notifika tardiva li tinforma lill-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data bl-ipproċessar tad-data personali li tirrigwarda r-rikorrent, u d-danni allegati minn dan tal-aħħar, billi qieset li r-rikorrent ma rnexxilux jipprovaha. Fil-fatt, huwa ma ppreżenta ebda argument li jippermetti li jinftiehem kif, f'dan il-każ, in-notifika tardiva ppreġudikat ir-reputazzjoni tiegħu u wasslitu jtemm l-attivitajiet professjonali tiegħu u jinterrompi l-attivitajiet akkademiċi tiegħu u lanqas ma spjega kif l-imsemmija notifika tardiva kkawżatlu xi dannu morali.

## TELF TA' OPPORTUNITÀ

Is-sentenza tas-27 ta' April 2016, ***European Dynamics Luxembourg et vs EUIPO*** (T-556/11, taħt appell [136], EU:T:2016:248), tat l-opportunità lill-Qorti Ġenerali tagħmel preċiżazzjonijiet dwar il-kunċett ta' telf ta' opportunità fil-kuntest tal-kontenzjuż dwar il-kuntratti pubbliċi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni [137]. F'dan il-każ, il-

135 | Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96, tal-11 ta' Novembru 1996, dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 303).

136 | Kawża C-376/16 P, ***EUIPO vs European Dynamics Luxembourg*** et, u d-digriet tal-24 ta' Novembru 2016, ***European Dynamics Luxembourg et vs EUIPO***, C-379/16 P, mhux ippubblikat, EU:C:2016:905.

137 | Ara wkoll, iktar 'il fuq, il-kummenti dwar din is-sentenza taħt "X. Kuntratti pubbliċi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni".

Qorti Ġenerali ntalbet tagħti deċiżjoni dwar rikors li kellu bħala suġġett, l-ewwel nett, talba għall-annullament tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-EUIPO, fil-kuntest ta' proċedura ta' sejħa għal offerti, kien ċaħad l-offerta tar-rikorrenti u ta' deċiżjonijiet oħra konnessi tal-EUIPO adottati fil-kuntest ta' din l-istess proċedura, inklużi dawk li jagħtu l-kuntratt lil offerenti oħra, u, it-tieni nett, talba għad-danni bbażata fuq il-kumpens għad-dannu allegatament imġarrab minħabba t-telf ta' opportunità li r-rikorrenti tingħata dan il-kuntratt.

Fil-kuntest tal-eżami tat-talba għad-danni li wettqet, il-Qorti Ġenerali fakkret li, sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, għal aġir illegali tal-korpi tagħha, jeħtieġ li jiġu ssodisfatti tliet kundizzjonijiet, jiġifieri l-illegalità tal-aġir allegat, ir-realtà tad-dannu mġarrab u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir allegat u d-dannu invokat. Dawn il-prinċipji japplikaw *mutatis mutandis* għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali sostnuta mill-Unjoni, fis-sens ta' din l-istess dispożizzjoni, minħabba aġir illegali u dannu kkawżat minn wieħed mill-organi tagħha, bħall-EUIPO, li dan tal-aħħar huwa obbligat jikkumpensa skont l-Artikolu 118(3) tar-Regolament Nru 207/2009. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, fil-kawża inkwistjoni, it-talba għad-danni kienet ibbażata fuq l-istess illegalitajiet bħal dawk invokati insostenn tat-talba għall-annullament tad-deċiżjoni ta' ċaħda tal-offerta u li din tal-aħħar kienet ivvizzjata b'diversi illegalitajiet sostantivi, fosthom ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn l-offerenti u żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, kif ukoll diversi insuffiċjenzi ta' motivazzjoni. Madankollu, f'dak li jirrigwarda l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-imsemmija illegalitajiet u d-dannu allegatament imġarrab, hija speċifikat li motivazzjoni insuffiċjenti ma kinitx ta' natura li turi li, fl-assenza tagħha, il-kuntratt seta', jew saħansitra kellu, jingħata lir-rikorrenti. Min-naħa l-oħra, f'dak li jirrigwarda r-rabta kawżali bejn l-illegalitajiet l-oħra li jivvizzjaw id-deċiżjonijiet ikkontestati, minn naħa, u t-telf ta' opportunità, min-naħa l-oħra, l-EUIPO ma setax sempliċement jallega li, fid-dawl tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tiegħu bħala awtorità kontraenti, huwa ma kienx obbligat jiffirma l-kuntratt qafas mar-rikorrenti. Fil-fatt, dawn l-iżbalji affettwaw neċessarjament l-opportunità ta' din tal-aħħar li tiġi kklassifikata f'post aħjar fil-proċedura inkwistjoni. Minn dan isegwi li, anki jekk tittieħed inkunsiderazzjoni s-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tal-awtorità kontraenti fir-rigward tal-għoti tal-kuntratt inkwistjoni, it-telf ta' opportunità mġarrab f'dan il-każ mir-rikorrenti kien jikkostitwixxi dannu reali u ċert.

Barra minn hekk, f'sitwazzjoni li fiha, bħal f'dan il-każ, jeżisti riskju sinjifikattiv li l-kuntratt ikkonċernat ikun diġà ġie eżegwit kompletament fi tmiem il-proċedura kontenzjuża quddiem il-Qorti Ġenerali, l-assenza stess ta' rikonoxximent mill-qorti tal-Unjoni tat-telf ta' tali opportunità u tan-neċessità li jingħata kumpens f'dan ir-rigward tmur kontra l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva sanċit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali osservat li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li, minħabba l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-proċeduri għal miżuri provviżorji quddiem il-President tal-Qorti Ġenerali, l-offerent li l-offerta tiegħu tkun ġiet evalwata u eskluża illegalment rarament ikun, fil-prattika, f'pożizzjoni li jikseb is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' tali deċiżjoni. Konsegwentement, kien neċessarju li r-rikorrenti tiġi kkumpensata għat-telf ta' opportunità, sa fejn id-deċiżjoni ta' ċaħda tal-offerta, anki fil-każ tal-annullament tagħha b'effett retroattiv, fil-prattika, xejnet definittivament il-possibbiltà għaliha li tingħata l-kuntratt inkwistjoni.

## APPELLI

Fost id-39 deċiżjoni mogħtija mill-Awla tal-Appell tal-Qorti Ġenerali matul is-sena 2016, is-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2016***, BĊE vs Cerafogli*** (T-787/14 P, EU:T:2016:633), jistħoqqilha b'mod partikolari li tissemma, peress li tindika żvilupp fir-rigward tas-sistema ta' ammissibbiltà tal-eċċezzjoni ta' illegalità fil-qasam tas-servizz pubbliku.

F'din is-sentenza, mogħtija minn awla estiża, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-fatt, li l-istruttura tas-sistema legali tal-eċċezzjoni ta' illegalità u, b'mod partikolari, il-kunsiderazzjonijiet marbuta mal-fatt li hija biss il-qorti

li għandha l-awtorità li tikkonstata l-inapplikabbiltà ta' att ta' portata ġenerali, għandhom iwassluha sabiex ma tapplikax ir-regola ta' konkordanza bejn ir-rikors u l-ilment, li teżiġi li, sabiex tkun ammissibbli fl-istadju kontenzjuż, l-eċċezzjoni ta' illegalità trid tkun tqajmet qabel fl-istadju prekontenzjuż tal-ilment. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, għalkemm in-natura inċidentali tal-eċċezzjoni ta' illegalità ma tagħmilhiex impossibbli li tali eċċezzjoni titqajjem fl-istadju tal-ilment, dan ma jfissirx li hija tkun inammissibbli meta titqajjem għall-ewwel darba quddiem il-qorti tal-Unjoni.

## TALBIET GĦAL MIŻURI PROVVIŻORJI

Fl-2016, il-Qorti Ġenerali qatgħet 23 kawża [138] b'mod definittiv, adottat disa' digrieti ta' sospensjoni skont l-Artikolu 157(2) tar-Regoli tal-Proċedura u laqgħet żewġ talbiet għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni, permezz tad-digrieti tal-20 ta' Lulju 2016, ***PTC Therapeutics International vs EMA*** (T-718/15 R, mhux ippubblikat, taħt appell [139], EU:T:2016:425) u tal-20 ta' Lulju 2016, ***MSD Animal Health Innovation u Intervet international vs EMA*** (T-729/15 R, mhux ippubblikat, taħt appell [140], EU:T:2016:435).

F'dawn iż-żewġ digrieti, li jirrigwardaw il-kwistjoni dwar l-iżvelar, previst mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) skont ir-Regolament Nru 1049/2001, ta' informazzjoni allegatament kunfidenzjali, il-President tal-Qorti Ġenerali adotta l-istess approċċ li huwa adotta fid-digrieti korrispondenti ffirmati fl-2014 u fl-2015 [141].

Qabelxejn, il-President tal-Qorti Ġenerali rrikonoxxa l-eżistenza ta' *fumus boni juris*, filwaqt li fakkar li, f'dak li jirrigwarda l-kontenzjuż dwar il-protezzjoni provviżorja ta' informazzjoni allegatament kunfidenzjali, l-Imħallef għal miżuri provviżorji, bħala prinċipju, seta' jikkonkludi li ma hemmx *fumus boni juris* biss fil-każ li l-informazzjoni inkwistjoni manifestament ma tkunx ta' natura kunfidenzjali, peress li kieku kien mod ieħor ma tiġix osservata n-natura intrinsikament anċillari u provviżorja tal-proċeduri għal miżuri provviżorji. Issa, f'dan il-każ, huwa kkonstata li kellha tiġi eżaminata l-kunfidenzjalità ta' rapporti li jesponu l-istrateġija intraprenditorjali inventiva stabbilita mir-rikorrenti sabiex jitwettqu testijiet kliniċi meħtieġa bil-għan li tinkiseb awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq għal prodott mediċinali jew testijiet tossikoloġiċi meħtieġa fil-kuntest tat-testijiet dwar l-innokwità ta' prodott mediċinali. F'dan ir-rigward, il-President tal-Qorti Ġenerali rrileva li, peress li ma teżistix ġurisprudenza fil-qasam farmaċewtiku li tippermetti li tingħata risposta b'faċilità għall-kwistjonijiet ta' kunfidenzjalità li għandhom jinqatgħu f'dan il-każ permezz tas-sentenza li għandha tingħata sussegwentement fuq il-mertu, dawn huma kwistjonijiet ta' prinċipju li qatt ma ġew ittrattati qabel u li ma jistgħux jinqatgħu, għall-ewwel darba, mill-Imħallef għal miżuri provviżorji, iżda jeħtieġu eżami fil-fond fil-kuntest tal-proċedura prinċipali.

138 | Ittieħdu żewġ deċiżjonijiet skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 157(4) u tal-Artikolu 12, ikkunsidrati flimkien, tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, jiġifieri d-digrieti tas-16 ta' Diċembru 2016, ***Casasnovas Bernad vs Il-Kummissjoni*** (T-826/16 R, mhux ippubblikat, EU:T:2016:752), u tal-11 ta' Novembru 2016, ***Solelec et vs Il-Parlament*** (T-281/16 R, mhux ippubblikat, EU:T:2016:659).

139 | Kawża C-513/16 P(R), ***EMA vs PTC Therapeutics International***.

140 | Kawża C-512/16 P(R), ***EMA vs MSD Animal Health Innovation u Intervet Internation***.

141 | Dawn huma d-digrieti tat-13 ta' Frar 2014, ***Luxembourg Pamol (Cyprus) u Luxembourg Industries vs Il-Kummissjoni*** (T-578/13 R, mhux ippubblikat, EU:T:2014:103), u tal-25 ta' Lulju 2014, ***Deza vs ECHA*** (T-189/14 R, mhux ippubblikat, EU:T:2014:686), li ma ġewx appellati (ara r-Rapport Annwali 2014, p. 161 u 162), u d-digriet tal-1 ta' Settembru 2015, ***Pari Pharma vs EMA*** (T-235/15 R, EU:T:2015:587). Dan id-digriet tal-aħħar kien is-suġġett ta' appell li dwaru l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li ma kienx hemm lok li tingħata deċiżjoni [digriet tas-17 ta' Marzu 2016, ***EMA vs Pari Pharma***, C-550/15 P(R), mhux ippubblikat, EU:C:2016:196]. Adit mill-EMA wara l-għoti ta' dan id-digriet li kkonstata li ma kienx hemm lok li tingħata deċiżjoni, il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad it-talba għar-revoka tad-digriet tiegħu ta' sospensjoni tal-1 ta' Settembru 2015 (digriet tat-23 ta' Mejju 2016, ***Pari Pharma vs EMA***, T-235/15 R, mhux ippubblikat, EU:T:2016:309). Wara appell, il-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja annulla d-digriet tat-23 ta' Mejju 2016 u rrevoka dak tal-1 ta' Settembru 2016 [digriet tat-18 ta' Ottubru 2016, ***EMA vs Pari Pharma***, C-406/16 P(R), mhux ippubblikat, EU:C:2016:775].

Barra minn hekk, il-President tal-Qorti Ġenerali qies li l-ibbilanċjar tal-interessi jiffavorixxi lir-rikorrenti. Fil-fatt, fil-kawżi li wasslu għal dawn iż-żewġ digrieti, il-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu ser ikollha tiddeċiedi dwar il-legalità tad-deċiżjoni meħuda mill-EMA li tiżvela r-rapporti kontenzjużi lil terz. Issa, sabiex jinżamm l-effett utli ta' sentenza li tannulla din id-deċiżjoni, ir-rikorrenti għandhom ikunu f'pożizzjoni li jevitaw dan l-iżvelar qabel l-għeluq tal-proċedura prinċipali. Issa kieku t-talba għal miżuri provviżorji kellha tiġi miċħuda, tali sentenza tiċċaħħad minn kull effett utli, peress li l-EMA tkun tista' tiżvela l-imsemmija rapporti, u b'hekk jiġi ppreġudikat is-sens tad-deċiżjoni futura fuq il-mertu. Barra minn hekk, b'risposta għall-oġġezzjoni mqajma mill-EMA fis-sens li dan l-approċċ iwassal sabiex ikunu jistgħu jsiru manuvri dilatorji, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonkluda li ma kienx jeżisti tali riskju, peress li, minn naħa, huwa kkonstata l-eżistenza ta' *fumus boni juris* u, min-naħa l-oħra, jekk l-EMA tqis li huwa neċessarju li tinvoka l-prinċipju ta' trasparenza b'iktar ħeffa, hija dejjem għandha dritt tressaq talba għal proċedura mħaffa.

F'dak li jirrigwarda l-urġenza, il-President tal-Qorti Ġenerali, fl-ewwel lok, irrikonoxxa n-natura gravi tad-dannu allegat, billi fakkar li, fid-dawl tal-ġurisprudenza rilevanti, għall-finijiet tal-proċeduri għal miżuri provviżorji, għandha tiġi preżunta l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li tinsab fir-rapporti kontenzjużi. Fil-fatt, peress li dawn tal-aħħar kienu jolqtu l-attività produttiva u kummerċjali tar-rikorrenti, huma kienu jikkostitwixxu proprjetà intanġibbli li tista' tintuża għal finijiet kompetittivi, li l-valur tagħhom jitnaqqas serjament jekk jitilfu n-natura sigrieta tagħhom. Fit-tieni lok, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonkluda li d-dannu li jista' jiġi kkawżat minn żvelar tar-rapporti kontenzjużi lit-terzi li ppreżentaw applikazzjonijiet għal aċċess skont ir-Regolament Nru 1049/2001 huwa ta' natura irreparabbli. Fil-fatt, kif diġà kien ġie enfasizzat fid-digrieti adottati fl-2014 u fl-2015, mill-mekkaniżmu ta' aċċess għal dokumenti stabbilit minn dan ir-regolament jirriżulta li dawn it-terzi jistgħu immedjatament isiru jafu bl-informazzjoni sensittiva u jistgħu jisfruttawha minnufih għal finijiet kompetittivi u b'hekk idgħajfu l-pożizzjoni kompetittiva tar-rikorrenti. Peress li l-iżvelar ta' dokument fuq din il-bażi legali jikseb effett *erga omnes*, id-dannu allegat ma jidhirx li jista' jiġi kkwantifikat, billi numru indeterminat u illimitat ta' kompetituri attwali u potenzjali fid-dinja kollha jkunu jistgħu jiksbu din l-informazzjoni bil-għan li jagħmlu użu minnha b'diversi modi fuq medda qasira, medja jew twila ta' żmien.

Barra minn hekk, il-President tal-Qorti Ġenerali speċifika li, fi kwalunkwe każ, anki jekk id-dannu allegat mir-rikorrenti ma jistax jiġi kklassifikat bħala irreparabbli, huwa għandu jipproteġi r-rapporti kontenzjużi fl-intier tagħhom kontra l-iżvelar previst mill-EMA. Fil-fatt, huwa fakkar li ma jistax isir eżami tal-kunfidenzjalità ta' kull element ta' informazzjoni individwali li jinsab fir-rapporti kontenzjużi sabiex jippermetti żvelar parzjali tar-rapporti inkwistjoni, peress li ma jistax jiġi eskluż, fl-istadju tal-eżami tat-talba għal miżuri provviżorji, li l-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu taċċetta l-prinċipju ta' preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità għar-rapporti kontenzjużi. Issa kieku kellha tiġi adottata tali soluzzjoni, ebda żvelar – anki jekk parzjali – tal-imsemmija rapporti ma jkun awtorizzat. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Imħallef għal miżuri provviżorji għandu jieħu inkunsiderazzjoni n-natura anċillari tal-kompetenzi tiegħu u jirrifjuta aċċess parzjali, sabiex ma jċaħħadx id-deċiżjoni tal-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu minn kull effett utli. Kieku kien mod ieħor, l-iżvelar ta' informazzjoni li l-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu sussegwentement tikklassifika bħala kunfidenzjali jwassal lill-Imħallef għal miżuri provviżorji jattribwixxi lilu nnifsu l-kompetenzi ta' dawn il-qrati, li huma biss għandhom l-awtorità li jiddeċiedu, f'deċiżjoni li ttemm il-proċedura prinċipali, dwar in-natura kunfidenzjali tal-imsemmija informazzjoni u, konsegwentement, dwar l-awtorizzazzjoni definittiva sabiex isir l-iżvelar tagħha. Tali ndħil fil-prerogattivi tal-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu, imwettaq intenzjonalment u b'għarfien taċ-ċirkustanzi kollha, jipperikola li jikser il-prinċipju ta' qorti stabbilita mil-liġi li jirriżulta mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

Fost il-kawżi li wasslu għal digriet li jiċħad it-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni, id-digriet tad-19 ta' Lulju 2016, ***Il-Belġju vs Il-Kummissjoni*** (T-131/16 R, mhux ippubblikat, EU:T:2016:427), ippermetta, b'mod partikolari, lill-President tal-Qorti Ġenerali jeżamina r-rilevanza, fil-kuntest tal-irkupru ta' għajnuna mill-Istat iddikjarata inkompatibbli mas-suq intern, ta' tnaqqis tar-riġidità tal-kundizzjoni dwar l-urġenza, peress li

l-fumus boni juris stabbilit kien partikolarment serju. F'dan ir-rigward, l-Imħallef għal miżuri provviżorji fakkar li tali tnaqqis tar-riġidità ġie aċċettat biss għal tliet tipi ta' kontenzjuż (il-kontenzjuż tal-miżuri restrittivi, tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi u tal-aċċess għal dokumenti), li fihom jidher li huwa eċċessivament diffiċli, jekk mhux impossibbli, għal raġunijiet sistemiċi, li tiġi ssodisfatta din il-kundizzjoni, kif prevista fir-Regoli tal-Proċedura u interpretata tradizzjonalment fil-ġurisprudenza. Issa, peress li l-każ inkwistjoni ma jista' jintrabat ma' ebda waħda mir-raġunijiet li jiġġustifikaw it-tnaqqis tar-riġidità magħmul fil-kuntest ta' dan it-tipi ta' kontenzjuż, il-kundizzjonijiet dwar il-fumus boni juris u l-urġenza għandhom jiġu applikati kif inhuma interpretati tradizzjonalment fil-ġurisprudenza, b'mod li r-Renju tal-Belġju messu pprova l-imminenza ta' dannu gravi u irreparabbli, billi fumus boni juris, ikun kemm ikun b'saħħtu, ma jkunx jista' jagħmel tajjeb għall-assenza ta' urġenza.



# C | ATTIVITÀ TAR-REĠISTRU TAL-QORTI ĠENERALI FL-2016

Minn Emmanuel COULON, Reġistratur tal-Qorti Ġenerali

L-għan huwa ġdid. Fil-fatt hija l-ewwel darba li Reġistratur tal-Qorti Ġenerali qed iħejji rapport tal-attività ġudizzjarja tal-Istituzzjoni.

Qiegħed nieħu wkoll din l-opportunità sabiex nenfasizza t-tliet karatteristiċi tar-Reġistru tal-Qorti Ġenerali.

L-ewwel nett, ir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali huwa l-uniku dipartiment ta' din il-qorti. Għalhekk huwa distint, fi ħdan il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, mid-dipartimenti li huma komuni għall-Qorti tal-Ġustizzja u għall-Qorti Ġenerali (u li kienu wkoll maqsuma mat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku sal-1 ta' Settembru 2016). Dan il-fatt jirriżulta mit-testi applikabbli, li jirriflettu l-ħtiġijiet funzjonali.

It-tieni nett, ir-Reġistru jinsab fil-qalba tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Konxji mill-fatt li amministrazzjoni tajba tikkontribwixxi sabiex jingħataw deċiżjonijiet tajba, ir-Reġistru jaġixxi b'tali mod sabiex il-Qorti Ġenerali tkun tista' tagħti deċiżjonijiet ta' kwalità f'terminu prevedibbli u ottimali. Ir-Reġistru għalhekk iffissa bħala għan ta' kuljum li jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tal-qorti u, b'mod iktar ġenerali, fil-kwalità tal-ġustizzja mogħtija. Din il-kontribuzzjoni fit-tmexxija tajba tal-qorti hija żgurata bl-osservanza tar-Regoli tal-Proċedura u permezz tar-riżorsi disponibbli għall-qorti. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li r-Reġistru ma għandu l-ebda kontroll fuq in-numru ta' kawżi ġodda jew fuq in-numru ta' kawżi magħluqa, u lanqas fir-rigward tan-numru ta' atti proċedurali ppreżentati fil-kuntest tal-kawżi pendenti u li, barra minn hekk, huwa għandu jittratta l-atti proċedurali kollha, mingħajr ma din il-missjoni ta' assistenza legali tkun tista' tiġi esternalizzata. Bl-istess mod, huwa importanti li wieħed jiftakar li r-Reġistru jittratta l-atti proċedurali ppreżentati f'kull waħda mill-24 lingwa msemmija mir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, u li jikkorrispondi mar-rappreżentanti tal-partijiet fil-lingwa tal-kawża.

It-tielet nett, l-attivitajiet tar-Reġistru huma kkaratterizzati minn vokazzjoni esterna, sal-punt li r-Reġistru huwa l-interlokutur tal-partijiet matul il-proċedura ġudizzjarja, ħlief matul is-seduta, u minn vokazzjoni interna, peress li r-Reġistru huwa direttament iddedikat għas-servizz tal-Membri tal-qorti, li huwa jassisti fl-atti kollha tal-mandat tagħhom.

Is-sena 2016, li kienet ikkaratterizzata mill-implementazzjoni tal-ewwel [1] u tat-tieni [2] stadji tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Istituzzjoni intiżi li n-numru tal-Imħallfin mal-Qorti Ġenerali jirdoppja sal-2019, tat il-bidu għal perijodu ġdid. Id-dħul fis-servizz tal-Imħallfin supplimentari, it-trasferiment tal-ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fl-ewwel istanza f'tilwim bejn l-uffiċjali u l-membri tal-persunal fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, it-tluq u l-wasla tal-Imħallfin fil-kuntest tat-tiġdid parzjali tal-kulleġġ huma avvenimenti li rrikjedew l-adozzjoni ta' miżuri ta' diversi tipi, li kienu neċessarjament ippreparati minn qabel u eżegwiti sussegwentement. L-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-qorti, li ġew diskussi fil-fond, ġew adattati sabiex l-għan tar-riforma tal-arkitettura legali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsisti qabel kollox fit-tnaqqis tal-volum tal-kawżi pendenti u fit-tul tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali, jintlaħaq. Konsegwentement, il-qorti u

1 | Il-proposta tal-Qorti tal-Ġustizzja ppreżentata f'Marzu 2011 ġiet ikkonkretizzata permezz tal-adozzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2015, li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 341, p. 14).

2 | Regolament (UE, Euratom) 2016/1192 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Lulju 2016, dwar it-trasferiment lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-ġurisdizzjoni fl-ewwel istanza f'tilwimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-membri tal-persunal tagħha (ĠU 2016, L 200, p. 137).

r-Reġistru tagħha ngħataw riżorsi oħra. In-numru ta' pożizzjonijiet fir-Reġistru skont il-baġit żdied minn 55 għal 72 b'effett mill-1 ta' Jannar 2016.

Ir-Reġistru kellu sehem ewlieni fl-implementazzjoni tar-riforma. Adattament, organizzar, reazzjoni, antiċipar, osservazzjoni, smigħ, proposti, eċċ, ma aħniex neqsin minn verbi li jikkwalifikaw l-azzjonijiet li r-Reġistru impenja ruħu li jwettaq sabiex jiżgura l-funzjonament ottimali u t-tkomplija tal-ħidma bir-reqqa matul il-perijodu ta' implementazzjoni ta' din ir-riforma. Il-qorti setgħet tistrieħ mill-ġdid fuq l-involviment ta' persunal tar-Reġistru kkwalifikat u mmotivat u bbenefikat bis-sħiħ minn dispożizzjonijiet proċedurali ġodda (Regoli tal-Proċedura u Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implementazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali), adattati għan-natura tal-kawżi mressqa quddiem il-qorti, li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2015.

**Fl-aħħar tas-sena 2016, huwa b'sodisfazzjon li ġie kkonstatat li r-Reġistru onora l-kompiti fdati lilu mit-testi u mill-qorti, bl-osservanza tar-rekwiżiti ta' smigħ xieraq, minkejja kuntest ikkaratterizzat minn sensiela ta' bidliet kbar u profondi.**

Ir-Reġistru fil-fatt ipprovda assistenza legali u amministrattiva lill-Qorti Ġenerali billi:

- żgura l-iżvolġiment tajjeb tal-proċeduri u ż-żamma tajba tal-proċessi;
- żgura l-komunikazzjoni bejn ir-rappreżentanti tal-partijiet u l-Imħallfin;
- assista b'mod attiv lill-Imħallfin u lill-kollaboraturi tagħhom;
- amministra l-Qorti Ġenerali taħt l-awtorità tal-President tal-Qorti Ġenerali u flimkien mad-dipartimenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, l-effetti li rriżultaw mill-implementazzjoni tar-riforma kienu numerużi ħafna.

# I. L-EFFETTI ORGANIZZATTIVI MARBUTA MAD-DĦUL FIL-KARIGA TAL-IMĦALLFIN IL-ĠODDA

Il-ħatriet u d-dħul fil-kariga tat-22 Imħallef il-ġdid mal-Qorti Ġenerali seħħew f'diversi stadji suċċessivi matul is-sena 2016.

Fil-kuntest tal-ewwel stadju tar-riforma tal-arkitettura legali tal-Istituzzjoni li kienet intiża għall-ħatra ta' tnax-il Imħallef supplimentari mal-Qorti Ġenerali, seba' Mħallfin maħtura fit-23 ta' Marzu 2016 ħadu l-ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fit-13 ta' April 2016, tliet Imħallfin maħtura fl-24 ta' Mejju 2016 ħadu l-ġurament fit-8 ta' Ġunju 2016 u Mħallef maħtur fis-7 ta' Settembru 2016 ħa l-ġurament fid-19 ta' Settembru 2016.

Fit-tieni stadju tar-riforma li kienet intiża għall-ħatra ta' seba' Mħallfin supplimentari mal-Qorti Ġenerali, ħames Imħallfin nħatru fis-7 ta' Settembru 2016 u ħadu l-ġurament fid-19 ta' Settembru 2016 [3].

3| Fil-31 ta' Diċembru 2016, Imħallef fost it-tnax-il Imħallef supplimentari li l-ħatra tagħhom kienet prevista fil-kuntest tal-ewwel stadju tar-riforma u żewġ Imħallfin fost is-seba' Mħallfin supplimentari addizzjonali li l-ħatra tagħhom kienet prevista fil-kuntest tat-tieni stadju tar-riforma kienu għad iridu jinħatru.

Fid-19 ta' Settembru 2016, ħadu wkoll il-ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ħames Imħallfin ġodda maħtura sabiex jissostitwixxu lill-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali, li l-mandat tagħhom ma ġiex imġedded, u Mħallef ġdid maħtur sabiex jissostitwixxi Mħallef tal-Qorti Ġenerali li rriżenja.

Fl-20 ta' Settembru 2016, ġew eletti l-President u l-Viċi President tal-Qorti Ġenerali, u sussegwentement, fil-21 ta' Settembru, ġew eletti d-disa' Presidenti l-ġodda ta' Awla b'ħames Imħallfin.

Wara kull dħul fil-kariga, il-Qorti Ġenerali assenjat l-Imħallfin lill-Awli, ġew ifformati settijiet ta' kawżi ġodda u l-kawżi tqassmu mill-ġdid bejn l-Imħallfin. Konformement mar-Regoli tal-Proċedura, ir-Reġistru informa lill-partijiet fil-kawżi kkonċernati u ppubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* d-deċiżjonijiet kollha meħuda mill-qorti [4]. Ir-Reġistru aġġorna d-databases interni kollha kull darba li kien hemm assenjazzjoni mill-ġdid.

Id-dħul fil-kariga u l-installazzjoni tal-Imħallfin u tal-persunal tal-uffiċċji tagħhom f'bini mħejji għal dan il-għan huma operazzjonijiet li kienu jeħtieġu l-assistenza amministrattiva qawwija ħafna tar-Reġistru, li fl-istess waqt irriżulta f'xogħol preparatorju kunsiderevoli flimkien mad-dipartimenti komuni tal-Istituzzjoni, f'akkoljenza u assistenza xierqa kif ukoll f'monitoraġġ strett tal-assenjazzjoni tal-persunal.

It-tmiem mis-servizz ta' sitt Imħallfin kienet ukoll opportunità sabiex tingħata tislima għall-kontribuzzjoni tagħhom fil-ħidma lejn il-ġustizzja waqt avveniment solenni organizzat mill-Qorti Ġenerali, għall-ewwel darba, fl-okkażjoni tat-tluq ta' Mħallfin, fid-19 ta' Settembru 2016.

Fil-31 ta' Diċembru 2016, il-kulleġġ ta' 44 Imħallef kien magħmul nofsu minn Imħallfin li daħlu fil-kariga matul l-istess sena. Tali sitwazzjoni ma għandha l-ebda preċedent fl-istorja tal-Istituzzjoni tagħna u, għal dak li jirrigwarda l-effetti amministrattivi fuq ir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, u ma tikkomparax mal-wasla tal-għaxar Imħallfin mill-Istati Membri li aderixxew mal-Unjoni fl-2004.

## II. L-EFFETTI PROĊEDURALI TAR-RIFORMA

*It-trasferiment tal-kawżi tas-servizz pubbliku fl-ewwel istanza*

Ir-Regolament 2015/2422 jipprevedi li ż-żieda fin-numru tal-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali b'seba' Mħallfin fl-1 ta' Settembru 2016 għandha sseħħ flimkien mat-trasferiment tal-ġurisdizzjoni lill-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi fl-ewwel istanza fil-kawżi tas-servizz pubbliku.

Dan it-trasferiment tal-ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fl-ewwel istanza fuq tilwim bejn l-Unjoni u l-membri tal-persunal tagħha ġie implementat bir-Regolament 2016/1192, li jippermetti lill-Qorti Ġenerali teżerċita fl-ewwel istanza l-ġurisdizzjoni li taqta' tilwim bejn l-Unjoni u l-membri tal-persunal tagħha taħt l-Artikolu 270 TFUE, inkluż it-tilwim bejn kull Istituzzjoni, kull korp jew organu, minn naħa, u l-persunal tagħhom, min-naħa l-oħra, li għalihom il-ġurisdizzjoni hija attribwita lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament 2016/1192 ġie adottat fis-6 ta' Lulju 2016. Madankollu, l-adozzjoni ta' dan it-test kien prerekwiżit għall-approvazzjoni, mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, tal-emendi fir-Regoli tal-Proċedura intiżi li jipprovdu lill-Qorti Ġenerali kuntest proċedurali xieraq u permanenti għat-trattament tal-kawżi tas-servizz pubbliku mill-1 ta' Settembru 2016.

4| B'mod partikolari d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar il-metodu ta' nomina tal-Imħallef li jissostitwixxi Mħallef impedit (ĠU 2016, C 296, p. 2), dwar il-kompożizzjoni tal-Awla Manja (ĠU 2016, C 296, p. 2), dwar il-kriterji ta' assenjazzjoni tal-kawżi lill-awli (ĠU 2016, C 296, p. 2) kif ukoll dwar il-kompożizzjoni tal-Awli u assenjazzjoni tal-Imħallfin lill-awli (ĠU 2016, C 392, p. 2).

Għalhekk il-Qorti Ġenerali kienet qed tanticipa ż-żmien meta, wara konsultazzjoni mal-Qorti tal-Ġustizzja, ippreżentat lill-Kunsill l-emendi tar-Regoli tal-Proċedura tagħha fix-xahar ta' Marzu 2016.

L-emendi tar-Regoli tal-Proċedura, approvati mill-Kunsill fis-6 ta' Lulju 2016 u adottati mill-qorti fit-13 ta' Lulju 2016, ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fit-12 ta' Awwissu segwenti [5] u daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2016.

Il-Qorti Ġenerali ħadet inkunsiderazzjoni wkoll il-karatteristiċi speċifiċi tal-kontenzjuż tas-servizz pubbliku u tal-effetti tal-bidliet fir-regoli billi ddeċidiet li temenda, fit-13 ta' Lulju 2016, id-Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implementazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura [6].

Ix-xoljiment tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea fil-31 ta' Awissu 2016 u t-trasferiment tal-kawżi tas-servizz pubbliku li kienu pendenti f'dik id-data quddiem din il-qorti lill-Qorti Ġenerali kienet konsegwenza diretta tal-adozzjoni tar-Regolament 2016/1192. Ir-Reġistru tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u r-Reġistru tal-Qorti Ġenerali ħadmu flimkien bl-aħjar mod possibbli sabiex jippreparaw dan it-trasferiment u sabiex jiġi żgurat li dan iseħħ f'kundizzjonijiet eċċellenti.

It-trasferiment fiżiku u diġitali tal-proċessi seħħ mingħajr tfixkil, is-sistemi informatiċi ġew aġġornati sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni dispożizzjonijiet speċifiċi li jirregolaw il-kontenzjuż tas-servizz pubbliku, id-databases ġew aġġornati b'mod immedjat u t-trattament tal-proċessi l-ġodda ġie pprovdut mill-ewwel mir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali. It-tixrid tal-informazzjoni qabel it-trasferiment mir-Reġistru tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, u l-komunikazzjoni sussegwenti fl-ittri li r-Reġistru tal-Qorti Ġenerali indirizza lir-rappreżentanti tal-partijiet fil-139 kawża ttrasferiti u l-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [7] fil-forma ta' tabella ta' konkordanza bejn in-numri tar-reġistru tal-kawżi quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (F-...) u dawk assenjati mill-Qorti Ġenerali wara t-trasferiment (T-...) ċertament għenu lill-partijiet u lill-pubbliku kkonċernat sabiex ikunu jiddisponu minn informazzjoni adegwata.

*Emendi oħra tar-Regoli tal-Proċedura*

Għalkemm l-implementazzjoni tar-riforma strutturali mmobilizzat il-parti l-kbira tal-enerġiji matul is-sena 2016, l-adattamenti tat-testi proċedurali ġew madankollu proposti f'ċirkustanzi li kienu jiġġustifikaw jew jeħtieġu dan.

L-ewwel nett, sabiex jiġu osservati r-rekwiżiti leġiżlattivi li jirriżultaw mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2015/2424 [8], il-Qorti Ġenerali kellha temenda r-Regoli tal-Proċedura tagħha sabiex tirrifletti l-bidla fl-isem tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), li sar, fit-23 ta' Marzu 2016, l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO). L-emenda tar-Regoli tal-Proċedura, approvata mill-Kunsill fis-6 ta' Lulju 2016, ġiet adottata mill-Qorti Ġenerali fit-13 ta' Lulju segwenti [9].

5| ĠU 2016, L 217, p. 73.

6| ĠU 2016, L 217, p. 78.

7| ĠU 2016, C 364, p. 2.

8| Regolament (UE) 2015/2424 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2015, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 dwar it-trade mark Komunitarja u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark tal-Komunità, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2869/95 dwar id-drittijiet pagabbli lill-Uffiċċju tal-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trademarks u Disinji) (ĠU 2015, L 341, p. 21).

9| ĠU 2016, L 217, p. 71.

Minkejja li bidla terminoloġika ta’ dan it-tip hija waħda minuri, l-adattamenti li rriżultaw għall-Qorti Ġenerali u għall-Istituzzjoni ma setgħux jiġu injorati. Is-sistemi kollha ta’ informazzjoni tal-Istituzzjoni kellhom jiġu adattati sabiex jirriflettu din il-bidla, bil-mobilizzazzjoni tar-riżorsi tar-Reġistru u ta’ numru ta’ dipartimenti oħra.

It-tieni nett, l-Artikolu 105 tar-Regoli tal-Proċedura, dwar it-trattament tal-informazzjoni jew tal-annessi li jolqtu s-sigurtà tal-Unjoni jew ta’ wieħed jew iktar mill-Istati Membri tagħha jew it-tmexxija tar-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom, ġie emendat. Dan huwa l-uniku artikolu tar-Regoli tal-Proċedura li d-dispożizzjonijiet tiegħu ma kinux applikabbli mill-1 ta’ Lulju 2015 u anki jekk id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-applikabbiltà tiegħu kienu għadhom ma ġewx iffinalizzati, l-Artikolu 105(10) ġie emendat fit-13 ta’ Lulju 2016 [10] flimkien maż-żieda ta’ artikolu fir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dan fil-fatt ipprovda kuntest proċedurali li jiżgura li l-informazzjoni jew l-annessi li jolqtu s-sigurtà tal-Unjoni jew ta’ wieħed jew iktar mill-Istati Membri tagħha jew it-tmexxija tar-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom jingħataw lura lil dawk li kienu pproduċewhom biss fi tmiem il-proċedura ġudizzjara, jiġifieri wara li jkun skada t-terminu tal-appell kontra d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali jew, fil-każ ta’ appell, fi tmiem il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Din is-sistema proċedurali ma kinitx tkun sħiħa jekk magħha ma kienx ikun hemm dispożizzjonijiet ta’ sigurtà xierqa intiżi li jiżguraw il-protezzjoni tal-informazzjoni jew tal-annessi li jolqtu s-sigurtà tal-Unjoni jew ta’ wieħed jew iktar mill-Istati Membri tagħha jew it-tmexxija tar-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom matul l-istadji varji tal-istruttorja quddiem il-Qorti Ġenerali. L-Artikolu 105(11) tar-Regoli tal-Proċedura għalhekk jinkludi regola li tawtorizza lill-Qorti Ġenerali tadotta regoli li jippermettu l-implementazzjoni ta’ sistema ta’ sigurtà globali bil-għan li tali informazzjoni tiġi protetta. Il-Qorti Ġenerali adottat tali regoli fid-Deċiżjoni tagħha (UE) 2016/2387 [11], li ġiet elaborata b’konsultazzjoni mill-qrib mal-Qorti tal-Ġustizzja u mad-dipartiment responsabbli għas-sigurtà fi ħdan l-Istituzzjoni. Il-pubblikazzjoni ta’ din id-deċiżjoni f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-24 ta’ Diċembru 2016, li seħħet fil-jum tal-pubblikazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tad-Deċiżjoni tagħha (UE) 2016/2386 [12], kellha l-effett li tagħmel applikabbli l-Artikolu 105 tar-Regoli tal-Proċedura mill-25 ta’ Diċembru 2016.

Bħala dipartiment li jamministra l-kawżi li fihom jiġu ppreżentati dokumenti sensittivi, ir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali kien involut ħafna fl-iżvilupp tad-dispożizzjonijiet intiżi li jiżguraw trattament ta’ tali dokumenti li jilħaq l-istandard li japplika għal dokumenti kklassifikati “sigriet UE” li jinkludu, ***inter alia,*** l-implementazzjoni ta’ proċeduri li jawtorizzaw lill-uffiċjali u lill-membri tal-persunal tal-Istituzzjoni.

# III. MISSJONI TA’ ASSISTENZA LEGALI

Minkejja l-movimenti kbar deskritti iktar ’il fuq, ir-Reġistru wettaq il-missjoni tiegħu ta’ assistenza legali billi ttratta 835 rikors promotur, 139 kawża tas-servizz pubbliku ttrasferiti mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-1 ta’ Settembru 2016 u 3 879 nota oħra prodotta fil-kuntest tal-kawżi pendenti, billi rreġistra 49 773 att proċedurali fir-Reġistru, billi implementa d-deċiżjonijiet meħuda mill-kulleġġ ġudikanti, fil-forma ta’ miżuri ta’ organizzazzjoni tal-proċedura jew ta’ miżuri istruttorji, u billi stabbilixxa 1 412-il komunikazzjoni ġudizzjarja *f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

10 | ĠU 2016, L 217, p. 72.

11 | Deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali (UE) 2016/2387, tal-14 ta’ Settembru 2016, dwar ir-regoli ta’ sigurtà applikabbli għall-informazzjoni jew għall-annessi prodotti taħt l-Artikolu 105(1) jew (2) tar-Regoli tal-Proċedura (ĠU 2016, L 355, p. 18).

12 | Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja (UE) 2016/2386, tal-20 ta’ Settembru 2016, dwar ir-regoli ta’ sigurtà applikabbli għall-informazzjoni jew għall-annessi prodotti quddiem il-Qorti Ġenerali taħt l-Artikolu 105 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha (ĠU 2016, L 355, p. 5).

Barra minn hekk, ir-Reġistru assista lill-Imħallfin u lill-uffiċċji tagħhom fil-ħidma tagħhom ta' kuljum matul 321 seduta tal-awla u fil-kuntest ta' 244 kawża li fihom saru s-sottomissjonijiet orali.

L-assistenza loġistika pprovduta mir-Reġistru f'forom varji (għajnuna fil-koordinazzjoni, dokumentazzjoni, amministrazzjoni ta' sistemi ta' informazzjoni, produzzjoni tal-istatistika) tippermetti lill-qorti taħdem fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli, b'mod partikolari billi tikkontribwixxi għal dak li jirrigwarda l-kwalità tad-deċiżjonijiet meħuda mill-President u mid-disa' kulleġġi ġudikanti u billi tappoġġja lill-Viċi President fit-twettiq tal-missjoni ta' għajnuna għall-konsistenza fil-ġurisprudenza, inkarigu mogħti lilu mill-qorti f'Settembru 2016.

Fil-qadi tal-missjoni tiegħu ta' assistenza legali, ir-Reġistru seta' jieħu vantaġġ mid-dematerjalizzazzjoni ta' kważi l-istadji kollha tal-proċess ġudizzjarju, inkluża l-komunikazzjoni interna mal-uffiċċji tal-Imħallfin u l-komunikazzjoni esterna mar-rappreżentanti tal-partijiet.

Din id-dematerjalizzazzjoni tal-proċeduri ċertament għenet sabiex, fl-interess ta' kulħadd, ir-Reġistru ma jibqax iwettaq kompiti repetittivi billi jingħata l-mezzi sabiex jippersonalizza iktar dak li huwa mistenni minn dan id-dipartiment u sabiex jiffoka r-riżorsi tiegħu fuq is-suġġetti li fil-fatt ħaqqhom.

Għal dak li jirrigwarda l-komunikazzjoni interna bejn ir-Reġistru u l-uffiċċji tal-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali, għandu jiġi enfasizzat is-suċċess tal-iskedi diġitali ta' trażmissjoni [13], fi tmiem it-tieni sena sħiħa ta' użu tagħhom. Il-proċeduri interni ġew issemplifikati, il-metodi ta' xogħol ġew razzjonalizzati, ġew iffrankati riżorsi u ġie ffrankat ħin ta' xogħol permezz tal-immedjatezza tal-komunikazzjoni bejn ir-Reġistru u l-uffiċċji tal-Imħallfin, li kkontribwixxa għal użu aħjar tal-ħin ġudizzjarju. Barra minn hekk, id-diġitalizzazzjoni tiżgura t-traċċabbiltà sħiħa tal-komunikazzjoni u l-kwantifikazzjoni tal-attività. Fl-2016, ir-Reġistru indirizza 10 822 skeda lill-uffiċċji fil-kuntest tal-kawżi li għadhom għaddejjin.

Il-komunikazzjoni esterna mar-rappreżentanti tal-partijiet issa hija fil-parti l-kbira pprovduta permezz tal-applikazzjoni e-Curia [14], li hija komuni għall-qrati li jifformaw l-Istituzzjoni. Is-suċċess ta' din l-applikazzjoni hija inkontestabbli u dan jista' jitkejjel permezz tat-tkabbir tiegħu. Il-perċentwali tad-dokumenti ppreżentati żgurati minn din l-applikazzjoni kiber kostantement sa mill-bidu tal-implementazzjoni tagħha f'Novembru 2011, bl-istess mod kif żdied in-numru ta' avukati u ta' aġenti li għandhom kont ta' aċċess [15]. Fl-2016, 76 % tad-dokumenti ppreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali sar b'mod elettroniku (kontra 72 % fl-2015), li jikkorrispondi għal 396 072 paġna (466 875 paġna fl-2015), peress li l-Istati Membri kollha u 3 014-il avukat u aġent issa huma detenturi ta' kont e-Curia. Sejrin jitkomplu l-azzjonijiet neċessarji sabiex jintlaħaq l-għan ta' 100 % ta' preżentata ta' atti proċedurali quddiem il-Qorti Ġenerali permezz ta' e-Curia u sabiex b'hekk jittieħdu l-benefiċċji prattiċi kollha ta' din l-applikazzjoni, b'mod partikolari sabiex tiġi evitata l-amministrazzjoni parallela tal-format stampat u dak elettroniku.

Is-sena 2016 kienet l-ewwel sena sħiħa ta' implementazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2015. Filwaqt li għadu mhux possibbli li jinsiltu l-kisbiet li jirriżultaw minn dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda, għandu madankollu jiġi kkonstatat b'sodisfazzjon li l-għanijiet ta' semplifikazzjoni u ta' razzjonalizzazzjoni mixtieqa jistgħu jitqiesu li diġà oġġettivament twettqu fid-dawl tat-tnaqqis sinjifikattiv tan-numru ta' digrieti

13| Il-komunikazzjoni bejn ir-Reġistru u l-uffiċċji tal-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali ssir permezz ta' skeda ta' trażmissjoni intiża li tinforma jew li tinkiseb deċiżjoni tal-awtorità kompetenti fuq kwistjoni ta' proċedura. Dawn l-iskedi ma għadhomx jintużaw minn Novembru 2014.

14| Deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, tal-14 ta' Settembru 2011, dwar il-preżentata u r-riċezzjoni ta' atti proċedurali permezz tal-applikazzjoni e-Curia (ĠU 2011, C 289, p. 9).

15| Mill-1 ta' Lulju 2015, il-posta elettronika ma tistax tintuża għall-preżentata tal-atti proċedurali.

mħejjija mir-Reġistru (241 kontra 521 fl-2015) [16], tal-għoti tal-ewwel sentenzi mingħajr ma tinżamm seduta fir-rigward ta' rikorsi diretti [17], tat-tnaqqis drastiku fin-numru ta' osservazzjonijiet fil-lingwa tal-kawża ppreżentati fil-kawżi dwar proprjetà intellettwali (33 kontra 279 fl-2015) u tal-assenza tat-tieni skambju ta' noti għal din il-kategorija ta' kawżi. Ir-rata ta' regolarizzazzjoni ta' rikorsi li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti formali naqas ukoll (naqsu għal taħt 39 %), għalkemm dan għadu għoli wisq, b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda r-rikorsi fil-kawżi dwar proprjetà intellettwali.

Għaldaqstant, ittieħdu l-miżuri neċessarji sabiex ir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali jassumi r-responsabbiltajiet tiegħu u r-riżultati tal-isforzi magħmula fl-2016 huma tanġibbli.

Ittieħdu wkoll l-ewwel passi sabiex ir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali jkun jista', minn naħa, jilqa' l-isfidi tal-2017, li matulu tliet Imħallfin supplimentari għandhom isaħħu l-kapaċità tal-Qorti Ġenerali fit-trattament tal-kawżi, u, min-naħa l-oħra, jipprepara ruħu għall-iskadenza tal-2019, li hija l-aħħar stadju fir-riforma tal-arkitettura legali tal-Istituzzjoni, li fiha disa' Mħallfin addizzjonali ser jidħlu fil-kariga.

16| Mill-1 ta' Lulju 2015, ċerti deċiżjonijiet li qabel kienu jittieħdu fil-forma ta' digrieti (sospensjoni u tkomplija, tagħqid ta' kawżi, intervent mingħajr kunfidenzjalità ta' Stat Membru jew ta' Istituttorja) jittieħdu fil-forma ta' sempliċi deċiżjoni inkluża fil-proċess tal-kawża.

17| Qabel l-1 ta' Lulju 2015, il-possibbiltà li tingħata deċiżjoni permezz ta' sentenza mingħajr ma tinżamm seduta kienet prevista biss għall-kawżi dwar proprjetà intellettwali u għall-appelli mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.


CVRIA

# D | STATISTIKA ĠUDIZZJARJA TAL-QORTI ĠENERAL


## I. ATTIVITÀ ĠENERALI TAL-QORTI ĠENERALI

1. Kawżi ġodda, magħluqa, pendenti (2012-2016)

## II. KAWŻI ĠODDA

2. Natura tal-proċeduri (2012-2016)
3. Natura tar-rikors (2012-2016)
4. Suġġett tar-rikors (2012-2016)

## III. KAWŻI MAGĦLUQA

5. Natura tal-proċeduri (2012-2016)
6. Suġġett tar-rikors (2016)
7. Suġġett tar-rikors (2012-2016)
8. Kulleġġ ġudikanti (2012-2016)
9. Tul tal-proċeduri f'xhur (2012-2016)

## IV. KAWŻI PENDENTI FIL-31 TA' DIĊEMBRU

10. Natura tal-proċeduri (2012-2016)
11. Suġġett tar-rikors (2012-2016)
12. Kulleġġ ġudikanti (2012-2016)

## V. VARJI

13. Proċeduri għal miżuri provviżorji (2012-2016)
14. Proċeduri mħaffa (2012-2016)
15. Deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali li minnhom sar appell quddiem il-Qorti talĠustizzja (1990-2016)
16. Tqassim tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont in-natura tal-proċeduri (2012-2016)
17. Eżitu tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (2016)
18. Eżitu tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (2012-2016)
19. Żvilupp Ġenerali (1989-2016)

## VI. ATTIVITÀ TAR-REĠISTRU TAL-QORTI ĠENERALI

20. Attività tar-Reġistru tal-Qorti Ġenerali (2015-2016)
21. Metodi ta' preżentata ta' atti proċedurali ppreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali
22. Numru ta' preżentati permezz tal-e-Curia (2012-2016)
23. Komunikazzjonijiet lill-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (2012-2016)
24. Numru ta' kawżi li fihom saru s-sottomissjonijiet orali (2012-2016)

# I. ATTIVITÀ ĠENERALI TAL-QORTI ĠENERALI

## 1. KAWŻI ĠODDA, MAGĦLUQA, PENDENTI (2012-2016) [1 2]




| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| Kawżi ġodda | 617 | 790 | 912 | 831 | 974 |
| Kawżi magħluqa | 688 | 702 | 814 | 987 | 755 |
| Kawżi pendenti | 1 237 | 1 325 | 1 423 | 1 267 | 1 486 |

1 | Sakemm ma huwiex indikat mod ieħor, din it-tabella u t-tabelli fil-paġni li ġejjin jieħdu inkunsiderazzjoni l-proċeduri partikolari.

Qed jitqiesu li huma "proċeduri partikolari": l-oppożizzjoni għal sentenza fil-kontumaċja (Artikolu 41 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja; Artikolu 166 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); l-oppożizzjoni minn terzi (Artikolu 42 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja; Artikolu 167 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); l-interpretazzjoni (Artikolu 43 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja; Artikolu 168 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); ir-reviżjoni (Artikolu 44 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja; Artikolu 169 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); l-għajnuna legali bla ħlas (Artikolu 148 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); ir-rettifika (Artikolu 164 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali) u l-kontestazzjoni dwar l-ispejjeż li jistgħu jinġabru (Artikolu 170 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali);

2 | Sakemm ma huwiex indikat mod ieħor, din it-tabella u t-tabelli fil-paġni li ġejjin ma jiħdux inkunsiderazzjoni l-proċeduri għal miżuri provviżorji.

# II. KAWŻI ĠODDA

## 2. NATURA TAL-PROĊEDURI (2012-2016)




| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 [1] |
|---|---|---|---|---|---|
| Għajnuna mill-Istat | 36 | 54 | 148 | 73 | 76 |
| Kompetizzjoni | 34 | 23 | 41 | 17 | 18 |
| Servizz pubbliku | | | | | 163 |
| Proprjetà intellettwali | 238 | 293 | 295 | 302 | 336 |
| Rikorsi diretti oħra | 220 | 275 | 299 | 292 | 239 |
| Appelli | 10 | 57 | 36 | 36 | 39 |
| Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent | 1 | | | | |
| Proċeduri partikolari | 78 | 88 | 93 | 111 | 103 |
| **Total** | **617** | **790** | **912** | **831** | **974** |

1 | Fl-1 ta' Settembru 2016, 123 kawża tas-servizz pubbliku u 16-il proċedura speċjali f'dan il-qasam ġew ittrasferiti lill-Qorti Ġenerali.

## 3. NATURA TAR-RIKORS (2012-2016)




| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rikorsi għal annullament | 257 | 319 | 423 | 332 | 298 |
| Rikorsi għal nuqqas li tittieħed azzjoni | 8 | 12 | 12 | 5 | 6 |
| Rikorsi għad-danni | 17 | 15 | 39 | 30 | 19 |
| Rikorsi fil-każ ta' klawżoli ta' arbitraġġ | 8 | 6 | 14 | 15 | 10 |
| Proprjetà intellettwali | 238 | 293 | 295 | 302 | 336 |
| Servizz pubbliku | | | | | 163 |
| Appelli | 10 | 57 | 36 | 36 | 39 |
| Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent | 1 | | | | |
| Proċeduri partikolari | 78 | 88 | 93 | 111 | 103 |
| **Total** | **617** | **790** | **912** | **831** | **974** |

## 4. SUĠĠETT TAR-RIKORS (2012-2016)

| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | 18 | 20 | 17 | 48 | 19 |
| Adeżjoni ta' Stati ġodda | | 1 | | | |
| Agrikoltura | 11 | 27 | 15 | 37 | 20 |
| Ambjent | 3 | 11 | 10 | 5 | 6 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | | 13 | | 1 | 1 |
| Assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej | | 1 | | | |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | 1 | | 2 | 1 | 2 |
| Ċittadinanza tal-Unjoni | | | 1 | | |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi) | 1 | | 4 | 7 | 4 |
| Dritt Istituzzjonali | 41 | 44 | 67 | 53 | 52 |
| Dritt tal-kumpanniji | | | 1 | 1 | |
| Edukazzjoni, taħriġ professjonali, żgħażagħ u sport | 1 | 2 | | 3 | 1 |
| Enerġija | | 1 | 3 | 3 | 4 |
| Għajnuna mill-Istat | 36 | 54 | 148 | 73 | 76 |
| Impjieg | | 2 | | | |
| Klawżola ta' arbitraġġ | 8 | 6 | 14 | 15 | 10 |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 4 | 3 | 3 | 5 | 2 |
| Kompetizzjoni | 34 | 23 | 41 | 17 | 18 |
| Kultura | | 1 | | | 1 |
| Kuntratti pubbliċi | 23 | 15 | 16 | 23 | 9 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | 1 | | 1 | | 1 |
| Libertà ta' stabbiliment | | | 1 | | |
| Miżuri restrittivi (Azzjoni esterna) | 59 | 41 | 69 | 55 | 28 |
| Moviment liberu tal-kapital | | | | 2 | 1 |
| Moviment liberu tal-merkanzija | | 1 | | 2 | 1 |
| Moviment liberu tal-persuni | | | | 1 | 1 |
| Netwerks trans-Ewropej | | 3 | | | |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | | 2 | | | 1 |
| Politika ekonomika u monetarja | 3 | 15 | 4 | 3 | 23 |
| Politika industrijali | | | 2 | | |
| Politika komuni tas-sajd | | 3 | 3 | | 1 |
| Politika kummerċjali | 20 | 23 | 31 | 6 | 17 |
| Politika soċjali | 1 | | 1 | | 1 |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 238 | 294 | 295 | 303 | 336 |
| Protezzjoni tal-konsumaturi | | 1 | 1 | 2 | 1 |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | 2 | 12 | 3 | 5 | 6 |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | 3 | 5 | 2 | 10 | 8 |
| Saħħa pubblika | 12 | 5 | 11 | 2 | 6 |
| Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti | | 1 | | | |
| Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja | | 6 | 1 | | 7 |
| Tassazzjoni | 1 | 1 | 1 | 1 | 2 |
| Trasport | | 5 | 1 | | |
| Turiżmu | | 2 | | | |
| Unjoni doganali u Tariffa doganali komuni | 6 | 1 | 8 | | 3 |
| **Total Trattat KE/TFUE** | **527** | **645** | **777** | **684** | **669** |
| Proċeduri partikolari | 78 | 88 | 93 | 111 | 103 |
| Regolamenti tal-Persunal | 12 | 57 | 42 | 36 | 202 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **617** | **790** | **912** | **831** | **974** |

# III. KAWŻI MAGĦLUQA

## 5. NATURA TAL-PROĊEDURI (2012-2016)




| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| Għajnuna mill-Istat | 63 | 60 | 51 | 101 | 50 |
| Kompetizzjoni | 61 | 75 | 72 | 52 | 36 |
| Servizz pubbliku | | | | | 5 |
| Proprjetà intellettwali | 210 | 217 | 275 | 387 | 288 |
| Rikorsi diretti oħra | 240 | 226 | 279 | 311 | 266 |
| Appelli | 32 | 39 | 42 | 37 | 26 |
| Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent | 1 | | | | |
| Proċeduri partikolari | 81 | 85 | 95 | 99 | 84 |
| **Total** | **688** | **702** | **814** | **987** | **755** |

# 6. SUĠĠETT TAR-RIKORS (2016)

| | Sentenzi | Digrieti | Total |
|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | 9 | 4 | 13 |
| Agrikoltura | 14 | 20 | 34 |
| Ambjent | 2 | 2 | 4 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | | 1 | 1 |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi) | | 1 | 1 |
| Dritt Istituzzjonali | 17 | 29 | 46 |
| Edukazzjoni, taħriġ professjonali, żgħażagħ u sport | | 1 | 1 |
| Enerġija | | 3 | 3 |
| Għajnuna mill-Istat | 27 | 23 | 50 |
| Klawżola ta' arbitraġġ | 11 | 6 | 17 |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | | 1 | 1 |
| Kompetizzjoni | 35 | 1 | 36 |
| Kultura | 1 | | 1 |
| Kuntratti pubbliċi | 10 | 10 | 20 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | | 1 | 1 |
| Miżuri restrittivi (Azzjoni esterna) | 39 | 31 | 70 |
| Moviment liberu tal-kapital | | 1 | 1 |
| Moviment liberu tal-merkanzija | | 1 | 1 |
| Netwerks trans-Ewropej | 1 | 1 | 2 |
| Politika ekonomika u monetarja | | 2 | 2 |
| Politika komuni tas-sajd | 1 | 1 | 2 |
| Politika kummerċjali | 19 | 2 | 21 |
| Politika soċjali | | 1 | 1 |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 224 | 64 | 288 |
| Protezzjoni tal-konsumaturi | 1 | | 1 |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | 4 | 4 | 8 |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | 3 | 3 | 6 |
| Saħħa pubblika | 1 | 2 | 3 |
| Unjoni doganali u Tariffa doganali komuni | 2 | 1 | 3 |
| **Total Trattat KE/TFUE** | **421** | **217** | **638** |
| Proċeduri partikolari | | 84 | 84 |
| Regolamenti tal-Persunal | 27 | 6 | 33 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **448** | **307** | **755** |

# 7. SUĠĠETT TAR-RIKORS (2012-2016)

## (SENTENZI U DIGRIETI)

| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | 21 | 19 | 23 | 21 | 13 |
| Adeżjoni ta' Stati ġodda | | | | 1 | |
| Agrikoltura | 32 | 16 | 15 | 32 | 34 |
| Ambjent | 8 | 6 | 10 | 18 | 4 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | | | 13 | | 1 |
| Assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej | | | 1 | | |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | | 2 | | 2 | |
| Ċittadinanza tal-Unjoni | | | 1 | | |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi) | 2 | | | 5 | 1 |
| Dritt Istituzzjonali | 41 | 35 | 33 | 58 | 46 |
| Dritt tal-kumpanniji | | | | 1 | |
| Edukazzjoni, taħriġ professjonali, żgħażagħ u sport | 1 | 1 | 2 | | 1 |
| Enerġija | | 1 | 3 | 1 | 3 |
| Għajnuna mill-Istat | 63 | 59 | 51 | 101 | 50 |
| Impjieg | | 2 | | | |
| Klawżola ta' arbitraġġ | 11 | 8 | 10 | 2 | 17 |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 12 | 14 | 1 | 6 | 1 |
| Kompetizzjoni | 61 | 75 | 72 | 52 | 36 |
| Kultura | | | | | 1 |
| Kuntratti pubbliċi | 24 | 21 | 18 | 22 | 20 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | 2 | | 1 | | 1 |
| Libertà ta' stabbiliment | | | | 1 | |
| Miżuri restrittivi (Azzjoni esterna) | 42 | 40 | 68 | 60 | 70 |
| Moviment liberu tal-kapital | | | | 2 | 1 |
| Moviment liberu tal-merkanzija | | 1 | | 2 | 1 |
| Moviment liberu tal-persuni | 1 | | | 1 | |
| Netwerks trans-Ewropej | | | 1 | | 2 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | | | 2 | 1 | |
| Politika ekonomika u monetarja | 2 | 1 | 13 | 9 | 2 |
| Politika industrijali | | | | 2 | |
| Politika komuni tas-sajd | 9 | 2 | 15 | 3 | 2 |
| Politika kummerċjali | 14 | 19 | 18 | 24 | 21 |
| Politika soċjali | 1 | 4 | | | 1 |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 210 | 218 | 275 | 388 | 288 |
| Protezzjoni tal-konsumaturi | | | | 2 | 1 |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | 1 | 6 | 3 | 9 | 8 |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | 3 | 4 | 1 | 2 | 6 |
| Saħħa pubblika | 2 | 4 | 10 | 15 | 3 |
| Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti | | 1 | | | |
| Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja | 2 | 7 | 1 | | |
| Tassazzjoni | 2 | | 2 | 1 | |
| Trasport | 1 | | 3 | 3 | |
| Turiżmu | | 1 | 1 | | |
| Unjoni doganali u Tariffa doganali komuni | 6 | 9 | 6 | 4 | 3 |
| **Total Trattat KE/TFUE** | **574** | **576** | **673** | **851** | **638** |
| **Total Trattat KEFA** | | **1** | | | |
| Proċeduri partikolari | 81 | 85 | 95 | 99 | 84 |
| Regolamenti tal-Persunal | 33 | 40 | 46 | 37 | 33 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **688** | **702** | **814** | **987** | **755** |

# 8. KULLEĠĠ ĠUDIKANTI (2012-2016)




| | 2012 | | | 2013 | | | 2014 | | | 2015 | | | 2016 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total |
| Awla tal-Appell | 17 | 23 | 40 | 13 | 47 | 60 | 21 | 32 | 53 | 23 | 14 | 37 | 25 | 13 | 38 |
| President tal-Qorti Ġenerali | | 47 | 47 | | 38 | 38 | | 46 | 46 | | 44 | 44 | | 46 | 46 |
| Awli b'ħames Imħallfin | 9 | | 9 | 7 | 1 | 8 | 9 | 7 | 16 | 8 | 3 | 11 | 10 | 2 | 12 |
| Awli bi tliet Imħallfin | 328 | 264 | 592 | 378 | 218 | 596 | 398 | 301 | 699 | 538 | 348 | 886 | 408 | 246 | 654 |
| Imħallef uniku | | | | | | | | | | 1 | 8 | 9 | 5 | | 5 |
| **Total** | **354** | **334** | **688** | **398** | **304** | **702** | **428** | **386** | **814** | **570** | **417** | **987** | **448** | **307** | **755** |

# 9. TUL TAL-PROĊEDURI F'XHUR (2012-2016) [1]

## (SENTENZI U DIGRIETI)




| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| Għajnuna mill-Istat | 31,5 | 48,1 | 32,5 | 17,4 | 27,2 |
| Kompetizzjoni | 48,4 | 46,4 | 45,8 | 47,7 | 38,2 |
| Proprjetà intellettwali | 20,3 | 18,7 | 18,7 | 18,1 | 15,1 |
| Rikorsi diretti oħra | 22,2 | 24,9 | 22,1 | 20,9 | 18,6 |
| Appelli | 16,8 | 13,9 | 12,8 | 14,8 | 15,8 |
| **Kawżi kollha** | **24,8** | **26,9** | **23,4** | **20,6** | **18,7** |

1 | Il-kalkolu tat-tul medju tal-proċeduri ma jiħux inkunsiderazzjoni: il-kawżi li fihom id-deċiżjoni ttieħdet permezz ta' sentenza interlokutorja; il-proċeduri partikolari; l-appelli mid-digriet għal miżuri provviżorji. It-tul tal-proċeduri huwa espress f'termini ta' xhur u ta' wieħed minn kull għaxra ta' xahar.

# IV. KAWŻI PENDENTI FIL-31 TA' DIĊEMBRU

## 10. NATURA TAL-PROĊEDURI (2012-2016)




| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| Għajnuna mill-Istat | 152 | 146 | 243 | 215 | 241 |
| Kompetizzjoni | 200 | 148 | 117 | 82 | 64 |
| Servizz pubbliku | | | | | 158 |
| Proprjetà intellettwali | 389 | 465 | 485 | 400 | 448 |
| Rikorsi diretti oħra | 438 | 487 | 507 | 488 | 461 |
| Appelli | 25 | 43 | 37 | 36 | 49 |
| Proċeduri partikolari | 33 | 36 | 34 | 46 | 65 |
| **Total** | **1 237** | **1 325** | **1 423** | **1 267** | **1 486** |

# 11. SUĠĠETT TAR-RIKORS (2012-2016)

| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | 37 | 38 | 32 | 59 | 65 |
| Adeżjoni ta' Stati ġodda | | 1 | 1 | | |
| Agrikoltura | 40 | 51 | 51 | 56 | 42 |
| Ambjent | 13 | 18 | 18 | 5 | 7 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | | 13 | | 1 | 1 |
| Assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej | | 1 | | | |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | 3 | 1 | 3 | 2 | 4 |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi) | 1 | 1 | 5 | 7 | 10 |
| Dritt Istituzzjonali | 41 | 50 | 84 | 79 | 85 |
| Dritt tal-kumpanniji | | | 1 | 1 | 1 |
| Edukazzjoni, taħriġ professjonali, żgħażagħ u sport | 1 | 2 | | 3 | 3 |
| Enerġija | 1 | 1 | 1 | 3 | 4 |
| Għajnuna mill-Istat | 151 | 146 | 243 | 215 | 241 |
| Klawżola ta' arbitraġġ | 15 | 13 | 17 | 30 | 23 |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 24 | 13 | 15 | 14 | 15 |
| Kompetizzjoni | 200 | 148 | 117 | 82 | 64 |
| Kultura | | 1 | 1 | 1 | 1 |
| Kuntratti pubbliċi | 42 | 36 | 34 | 35 | 24 |
| Libertà ta' stabbiliment | | | 1 | | |
| Miżuri restrittivi (Azzjoni esterna) | 106 | 107 | 108 | 103 | 61 |
| Moviment liberu tal-persuni | | | | | 1 |
| Netwerks trans-Ewropej | | 3 | 2 | 2 | |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 1 | 3 | 1 | | 1 |
| Politika ekonomika u monetarja | 4 | 18 | 9 | 3 | 24 |
| Politika industrijali | | | 2 | | |
| Politika komuni tas-sajd | 16 | 17 | 5 | 2 | 1 |
| Politika kummerċjali | 41 | 45 | 58 | 40 | 36 |
| Politika soċjali | 4 | | 1 | 1 | 1 |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 389 | 465 | 485 | 400 | 448 |
| Protezzjoni tal-konsumaturi | | 1 | 2 | 2 | 2 |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | 8 | 14 | 14 | 10 | 8 |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | 7 | 8 | 9 | 17 | 19 |
| Saħħa pubblika | 15 | 16 | 17 | 4 | 7 |
| Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja | 1 | | | | 7 |
| Tassazzjoni | | 1 | | | 2 |
| Trasport | | 5 | 3 | | |
| Turiżmu | | 1 | | | |
| Unjoni doganali u Tariffa doganali komuni | 15 | 7 | 9 | 5 | 5 |
| **Total Trattat KE/TFUE** | **1 176** | **1 245** | **1 349** | **1 182** | **1 213** |
| **Total Trattat KEFA** | **1** | | | | |
| Proċeduri partikolari | 27 | 44 | 40 | 39 | 208 |
| Regolamenti tal-Persunal | 33 | 36 | 34 | 46 | 65 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **1 237** | **1 325** | **1 423** | **1 267** | **1 486** |

# 12. KULLEĠĠ ĠUDIKANTI (2012-2016)




| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| Awla tal-Appell | 40 | 51 | 37 | 48 | 51 |
| President tal-Qorti Ġenerali | 1 | 1 | 1 | 12 | 12 |
| Awli b'ħames Imħallfin | 10 | 12 | 15 | 6 | 23 |
| Awli bi tliet Imħallfin | 1123 | 1146 | 1272 | 1099 | 1253 |
| Imħallef uniku | | | | 1 | |
| Mhux assenjati | 63 | 115 | 98 | 101 | 147 |
| **Total** | **1 237** | **1 325** | **1 423** | **1 267** | **1 486** |

# V. VARJI

## 13. PROĊEDURI GĦAL MIŻURI PROVVIŻORJI (2012-2016)




**Tqassim fl- 2016**

| | Proċeduri għal miżuri provviżorji ġodda | Proċeduri għal miżuri provviżorji magħluqa | Eżitu tad-deċiżjoni | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Ftehim | Tħassir/Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni | Irrifjutati |
| Aċċess għal dokumenti | 1 | 2 | 2 | | |
| Agrikoltura | 1 | 3 | | | 3 |
| Għajnuna mill-Istat | 3 | 1 | | | 1 |
| Klawżola ta' arbitraġġ | 3 | 1 | | | 1 |
| Kompetizzjoni | 1 | | | | |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi) | 1 | 1 | | | 1 |
| Dritt Istituzzjonali | 7 | 4 | | 1 | 3 |
| Enerġija | 2 | | | | |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | 2 | | | | |
| Ambjent | 1 | 2 | | | 2 |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 1 | 1 | | 1 | |
| Kuntratti pubbliċi | 4 | 2 | | 1 | 1 |
| Politika ekonomika u monetarja | 1 | | | | |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | 3 | 2 | | | 2 |
| Saħħa pubblika | 1 | | | | |
| Regolamenti tal-Persunal | 2 | 1 | | | 1 |
| **Total** | **34** | **20** | **2** | **3** | **15** |

# 14. PROĊEDURI MĦAFFA (2012-2016) [1]




| | 2012 | | | | | 2013 | | | | | 2014 | | | | | 2015 | | | | | 2016 | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | *ex officio* | **Ġodda** | Eżitu tad-deċiżjoni | | | *ex officio* | **Ġodda** | Eżitu tad-deċiżjoni | | | *ex officio* | **Ġodda** | Eżitu tad-deċiżjoni | | | *ex officio* | **Ġodda** | Eżitu tad-deċiżjoni | | | *ex officio* | **Ġodda** | Eżitu tad-deċiżjoni | | |
| | | | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija [2] | | | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija [2] | | | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija [2] | | | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija [2] | | | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija [2] |
| Aċċess għal dokumenti | | 1 | | 2 | | | 1 | | 1 | | | 2 | | 2 | | | 2 | | 2 | | | 2 | | 2 | |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | 1 | | | | | | |
| Agrikoltura | | | | | | | 1 | | 1 | | | | | | | | 1 | | 1 | | | | | | |
| Għajnuna mill-Istat | | 2 | | | 2 | | | | | | | 13 | 2 | 10 | | | 3 | | 2 | | | | | 2 | |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | | 1 | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Kompetizzjoni | | 2 | | 2 | | | 2 | | 2 | | | 1 | | 1 | | | | | | | | 1 | | 1 | |
| Dritt Istituzzjonali | | 1 | | 1 | | | | | | | | 1 | | | 1 | | 2 | | | 2 | | 2 | | 2 | |
| Enerġija | | | | | | | 1 | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Ambjent | | | | | | | 5 | 5 | | | | 1 | | | | | | 1 | | | | | | | |
| Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | 3 | 3 | | |
| Moviment liberu tal-kapital | | | | | | | | | | | | | | | | | 2 | | | 2 | | | | | |
| Moviment liberu tal-merkanzija | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | 1 |
| Kuntratti pubbliċi | | | | | | | 2 | | 1 | | | 1 | | 2 | | 1 | 1 | | | 1 | | 1 | | 1 | |
| Miżuri restrittivi (Azzjoni esterna) | | 10 | 4 | 16 | | | 4 | | 4 | | | 9 | | 9 | | | 4 | | 4 | | | 1 | | 1 | |
| Politika kummerċjali | | 3 | | 2 | | | 15 | 2 | 14 | 1 | | | | | | | | | | | | 1 | | 1 | |
| Politika ekonomika u monetarja | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | 1 | | | | | | |
| Saħħa pubblika | | 5 | 1 | 3 | | | 1 | | 2 | | | 3 | 1 | 1 | 1 | | | | | | | 1 | | 1 | |
| Regolamenti tal-Persunal | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | 1 | | | 1 | | 1 | |
| Unjoni doganali u Tariffa doganali komuni | | 1 | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Total** | | **26** | **5** | **28** | **2** | | **32** | **7** | **26** | **1** | | **31** | **3** | **25** | **2** | **1** | **18** | **1** | **12** | **5** | | **14** | **3** | **12** | **1** |

1 | It-trattament imħaffef ta' kawża quddiem il-Qorti Ġenerali tista' tiġi awtorizzata fuq talba ta' parti prinċipali u, mill-1 ta' Lulju 2015, *ex officio* mill-Qorti Ġenerali.

2 | Il-każijiet segwenti jaqgħu taħt il-kategorija "mingħajr tkomplija": l-irtirar tat-talba, ir-rinunzja għall-atti u l-kawżi li fihom ir-rikors jiġi deċiż permezz ta' digriet anki qabel ma tittieħed deċiżjoni fuq it-talba għal proċedura mħaffa.

# 15. DEĊIŻJONIJIET TAL-QORTI ĠENERALI LI MINNHOM SAR APPELL QUDDIEM IL-QORTI TALĠUSTIZZJA (1990-2016)




| | Numru ta' deċiżjonijiet li minnhom sar appell | Total tad-deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati [1] | Perċentwali ta' deċiżjonijiet li minnhom sar appell |
|---|---|---|---|
| **1990** | 16 | 46 | 35 % |
| **1991** | 13 | 62 | 21 % |
| **1992** | 25 | 86 | 29 % |
| **1993** | 17 | 73 | 23 % |
| **1994** | 12 | 105 | 11 % |
| **1995** | 47 | 143 | 33 % |
| **1996** | 27 | 133 | 20 % |
| **1997** | 35 | 139 | 25 % |
| **1998** | 67 | 224 | 30 % |
| **1999** | 60 | 180 | 33 % |
| **2000** | 67 | 225 | 30 % |
| **2001** | 69 | 230 | 30 % |
| **2002** | 47 | 225 | 21 % |
| **2003** | 66 | 260 | 25 % |
| **2004** | 53 | 261 | 20 % |
| **2005** | 64 | 297 | 22 % |
| **2006** | 77 | 281 | 27 % |
| **2007** | 78 | 290 | 27 % |
| **2008** | 84 | 339 | 25 % |
| **2009** | 92 | 371 | 25 % |
| **2010** | 98 | 338 | 29 % |
| **2011** | 158 | 533 | 30 % |
| **2012** | 132 | 514 | 26 % |
| **2013** | 144 | 510 | 28 % |
| **2014** | 110 | 561 | 20 % |
| **2015** | 203 | 762 | 27 % |
| **2016** | 163 | 626 | 26 % |

1 | Total ta' deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati — sentenzi, digrieti għal miżuri provviżorji u ta' rifjut ta' intervent, u kull digriet li jtemm l-istanza ħlief id-digrieti ta' tħassir u ta' trasferiment — li t-terminu għall-appell tagħhom skada jew li tressaq appell kontrihom.

## 16. TQASSIM TAL-APPELLI QUDDIEM IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA SKONT IN-NATURA TAL-PROĊEDURI (2012-2016)

| | 2012 | | | 2013 | | | 2014 | | | 2015 | | | 2016 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Deċiżjonijiet li kienu s-suġġett ta' appell | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** | Deċiżjonijiet li kienu s-suġġett ta' appell | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** | Deċiżjonijiet li kienu s-suġġett ta' appell | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** | Deċiżjonijiet li kienu s-suġġett ta' appell | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** | Deċiżjonijiet li kienu s-suġġett ta' appell | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** |
| Għajnuna mill-Istat | 18 | 52 | **35 %** | 16 | 52 | **31 %** | 15 | 77 | **19 %** | 22 | 75 | **29 %** | 23 | 56 | **41 %** |
| Kompetizzjoni | 24 | 60 | **40 %** | 28 | 73 | **38 %** | 15 | 44 | **34 %** | 32 | 61 | **52 %** | 17 | 41 | **41 %** |
| Proprjetà intellettwali | 41 | 190 | **22 %** | 38 | 183 | **21 %** | 33 | 209 | **16 %** | 64 | 334 | **19 %** | 48 | 276 | **17 %** |
| Rikorsi diretti oħra | 47 | 208 | **23 %** | 62 | 202 | **31 %** | 47 | 231 | **20 %** | 85 | 290 | **29 %** | 75 | 253 | **30 %** |
| Appelli | | 2 | | | | | | | | | 2 | | | | |
| Proċeduri partikolari | 2 | 2 | **100 %** | | | | | | | | | | | | |
| **Total** | **132** | **514** | **26 %** | **144** | **510** | **28 %** | **110** | **561** | **20 %** | **203** | **762** | **27 %** | **163** | **626** | **26 %** |

# 17. EŻITU TAL-APPELLI QUDDIEM IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (2016)

## (SENTENZI U DIGRIETI)

| | Appell miċħud | Annullament totali jew parzjali mingħajr rinviju | Annullament totali jew parzjali b'rinviju | Tħassir/Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | 3 | | 1 | 1 | **5** |
| Agrikoltura | 4 | | | 1 | **5** |
| Ambjent | 8 | | | | **8** |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | | 1 | | | **1** |
| Dritt Istituzzjonali | 9 | | | 2 | **11** |
| Għajnuna mill-Istat | 16 | 2 | 3 | | **21** |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 2 | | | 1 | **3** |
| Kompetizzjoni | 18 | 4 | 1 | | **23** |
| Kuntratti pubbliċi | 3 | | | | **3** |
| Netwerks trans-Ewropej | 1 | | | | **1** |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 9 | | 1 | 1 | **11** |
| Politika ekonomika u monetarja | 6 | 3 | | | **9** |
| Politika komuni tas-sajd | 1 | | | | **1** |
| Politika kummerċjali | 7 | | | | **7** |
| Proċedura | 3 | | | | **3** |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 58 | 2 | 2 | 6 | **68** |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | 2 | | 1 | | **3** |
| Saħħa pubblika | 3 | | | | **3** |
| Trasport | 1 | | | | **1** |
| Unjoni doganali u Tariffa doganali komuni | 2 | | | | **2** |
| **Total** | **156** | **12** | **9** | **12** | **189** |

# 18. EŻITU TAL-APPELLI QUDDIEM IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (2012-2016)

(SENTENZI U DIGRIETI)




| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| Appell miċħud | 98 | 132 | 121 | 98 | 156 |
| Annullament totali jew parzjali mingħajr rinviju | 12 | 6 | 18 | 19 | 12 |
| Annullament totali jew parzjali b'rinviju | 4 | 15 | 10 | 7 | 9 |
| Tħassir/Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni | 15 | 7 | 9 | 10 | 12 |
| **Total** | **129** | **160** | **158** | **134** | **189** |

# 19. ŻVILUPP ĠENERALI (1989-2016)

## KAWŻI ĠODDA, MAGĦLUQA, PENDENTI

| | Kawżi ġodda [1] | Kawżi magħluqa [2] | Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru |
|---|---|---|---|
| **1989** | 169 | 1 | 168 |
| **1990** | 59 | 82 | 145 |
| **1991** | 95 | 67 | 173 |
| **1992** | 123 | 125 | 171 |
| **1993** | 596 | 106 | 661 |
| **1994** | 409 | 442 | 628 |
| **1995** | 253 | 265 | 616 |
| **1996** | 229 | 186 | 659 |
| **1997** | 644 | 186 | 1 117 |
| **1998** | 238 | 348 | 1 007 |
| **1999** | 384 | 659 | 732 |
| **2000** | 398 | 343 | 787 |
| **2001** | 345 | 340 | 792 |
| **2002** | 411 | 331 | 872 |
| **2003** | 466 | 339 | 999 |
| **2004** | 536 | 361 | 1 174 |
| **2005** | 469 | 610 | 1 033 |
| **2006** | 432 | 436 | 1 029 |
| **2007** | 522 | 397 | 1 154 |
| **2008** | 629 | 605 | 1 178 |
| **2009** | 568 | 555 | 1 191 |
| **2010** | 636 | 527 | 1 300 |
| **2011** | 722 | 714 | 1 308 |
| **2012** | 617 | 688 | 1 237 |
| **2013** | 790 | 702 | 1 325 |
| **2014** | 912 | 814 | 1 423 |
| **2015** | 831 | 987 | 1 267 |
| **2016** | 974 | 755 | 1 486 |
| **Total** | **13 457** | **11 971** | |

1 | 1989: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 153 kawża lill-Qorti tal-Prim'Istanza (illum il-Qorti Ġenerali), li kienet għadha kemm ġiet stabbilita.
1993: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 451 kawża minħabba l-ewwel żieda fil-kompetenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza.
1994: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 14-il kawża minħabba t-tieni żieda fil-kompetenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza.
2004-2005: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 25 kawża minħabba t-tielet żieda fil-kompetenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza.
2016: fl-1 ta' Settembru 2016, 139 kawża tas-servizz pubbliku ġew ittrasferiti lill-Qorti Ġenerali.

2 | 2005-2006: il-Qorti tal-Prim'Istanza (illum il-Qorti Ġenerali) rrinvijat 118-il kawża quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, li kien għadu kemm ġie stabbilit.

# VI. ATTIVITÀ TAR-REĠISTRU TAL-QORTI ĠENERALI

## 20. ATTIVITÀ TAR-REĠISTRU TAL-QORTI ĠENERALI (2015-2016)

| Tip ta’ intervent | 2015 | 2016 |
|---|---|---|
| Numru ta' dokumenti inklużi fir-reġistru tar-Reġistru [1] | 46 432 | 49 773 |
| Numru ta' rikorsi promoturi [2] | 831 | 835 |
| Numru ta' kawżi tas-servizz pubbliku ttrasferiti lill-Qorti Ġenerali [3] | – | 139 |
| Rata ta' regolarizzazzjoni tar-rikorsi promoturi [4] | 42,50 % | 38,20 % |
| Numru ta' noti (minbarra r-rikorsi) | 4 484 | 3 879 |
| Numru ta' talbiet għal intervent | 194 | 160 |
| Numru ta' talbiet għal trattament kunfidenzjali (ta' data fl-atti proċedurali) [5] | 144 | 163 |
| Abbozzi ta' digrieti mħejjija mir-Reġistru[6] (inammissibbiltà manifesta qabel in-notifika, sospensjoni/tkomplija, tgħaqqid ta' kawżi, tagħqid tal-eċċezzjoni ta’ inammissibbiltà mal-mertu, intervent mhux ikkontestat, tħassir, ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fil-kawżi tal-proprjetà intellettwali, ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali u ta' rettifika) | 521 | 241 |
| Numru ta' konferenzi tal-awla (permezz tad-dipartiment tar-Reġistru) | 303 | 321 |
| Numru ta' proċessi verbali tas-seduta u ta' konstatazzjonijiet ta' pronunzja ta' sentenza | 873 | 637 |

1 | Dan in-numru jikkostitwixxi indikatur tal-miżura tal-volum ta' xogħol tad-dipartiment, peress li kull dokument li jasal jew li joħroġ huwa suġġett għal inklużjoni fir-reġistru. In-numru ta' atti proċedurali inklużi fir-reġistru għandu jkun evalwat fid-dawl tan-natura tal-proċeduri quddiem il-qorti. Peress li n-numru ta' partijiet f'kawża huwa limitat f'rikorsi diretti [rikorrent, konvenut u, skont il-każ, intervenjent], in-notifiki jsiru biss lil dawn il-partijiet.

2 | Kull nota ppreżentata (rikors inkluż) għandu jiġi inkluż fir-Reġistru, miżjud fil-proċess, skont il-każ irregolarizzat, ikkomunikat lill-uffiċċji tal-Imħallfin flimkien ma' skeda ta' trażmissjoni, kultant iddettaljata, u sussegwentement tradotta u fl-aħħar nett innotifikata lill-partijiet.

3 | L-1 ta' Settembru 2016.

4 | Meta rikors promotur (dan japplika wkoll għal kull nota oħra) ma jissodisfax ċerti rekwiżiti, ir-Reġistru jirregolarizzah, hekk kif previst mir-Regoli tal-Proċedura.

5 | In-numru ta' talbiet għal kunfidenzjalità huwa bla ħsara għad-data f'nota waħda jew iktar li t-trattament kunfidenzjali tagħhom huwa mitlub.

6 | Mill-1 ta' Lulju 2015, data tad-dħul fis-seħħ tar-Regoli tal-Proċedura l-ġodda tal-Qorti Ġenerali, ċerti deċiżjonijiet li qabel kienu meħuda fil-forma ta' digrieti (sospensjoni/tkomplija, tgħaqqid ta' kawżi, intervent mhux kunfidenzjali ta' Stat Membru jew ta' Istituzzjoni) huma meħuda bħala sempliċi deċiżjoni inkluża fil-proċess tal-kawża.

# 21. METODI TA' PREŻENTATA TA' ATTI PROĊEDURALI PPREŻENTATI QUDDIEM IL-QORTI ĠENERALI



# 22. NUMRU TA' PREŻENTATI PERMEZZ TAL-E-CURIA (2012-2016)




| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Numru ta' preżentati permezz tal-e-Curia | 138 182 | 266 048 | 390 892 | 466 875 | 396 072 | **1 658 069** |

# 23. KOMUNIKAZZJONIJIET LILL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-UNJONI EWROPEA (2012-2016)



## 24. NUMRU TA' KAWŻI LI FIHOM SARU S-SOTTOMISSJONIJIET ORALI (2012-2016)




| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Total** | **322** | **272** | **390** | **376** | **244** |



# E | KOMPOŻIZZJONI TAL-QORTI ĠENERALI



(Ordni protokollari fil-31 ta' Diċembru 2016)

*L-ewwel filliera, mix-xellug għal-lemin:*

A. Dittrich, I. Labucka, Imħallfin; A. M. Collins, G. Berardis, H. Kanninen u M. Prek, Presidenti ta' Awla; M. van der Woude, Viċi President tal-Qorti Ġenerali; M. Jaeger, President tal-Qorti Ġenerali; I. Pelikánová, S. Frimodt Nielsen, D. Gratsias, V. Tomljenović u S. Gervasoni, Presidenti ta' Awla; S. Papasavvas u J. Schwarcz, Imħallfin.

*It-tieni filliera, mix-xellug għal-lemin*:

A. Marcoulli, Z. Csehi, D. Spielmann, C. Iliopoulos, L. Madise, V. Kreuschitz, E. Buttigieg, M. Kancheva, E. Bieliūnas, I. Ulloa Rubio, I. S. Forrester, L. Calvo-Sotelo Ibáñez-Martín, V. Valančius, N. Półtorak, P. G. Xuereb, Imħallfin.

*It-tielet filliera, mix-xellug għal-lemin:*

A. Kornezov, J. Passer, O. Spineanu-Matei, J. Svenningsen, P. Nihoul, R. Barents, I. Reine, F. Schalin, E. Perillo, R. da Silva Passos, B. Berke, U. Öberg, M. J. Costeira u K. Kowalik-Bańczyk, Imħallfin; E. Coulon, Reġistratur.

# 1. TIBDILIET FIL-KOMPOŻIZZJONI TAL-QORTI ĠENERALI FL-2016

## UDJENZA SOLENNI TAT-13 TA' APRIL 2016

Fil-kuntest tal-implementazzjoni tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-istituzzjoni li tipprevedi, b'mod partikolari, żieda fin-numru ta' Mħallfin tal-Qorti Ġenerali 1, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' deċiżjoni meħuda fit-23 ta' Marzu 2016, ħatru bħala Mħallfin fil-Qorti Ġenerali lil Z. Csehi, C. Iliopoulos, A. Marcoulli, N. Półtorak u D. Spielmann bħala Mħallfin fil-Qorti Ġenerali, għall-perijodu mit-3 ta' April 2016 sal-31 ta' Awwissu 2016, u lil L. Calvo-Sotelo Ibáñez-Martín u V. Valančius, għall-perijodu mit-3 ta' April 2016 sal-31 ta' Awwissu 2019.

Inżammet udjenza solenni fil-Qorti tal-Ġustizzja, fit-13 ta' April 2016, fl-okkażjoni tat-teħid ta' ġurament u tad-dħul fil-kariga ta' dawn is-seba' Mħallfin ġodda tal-Qorti Ġenerali.

## UDJENZA SOLENNI TAT-8 TA' ĠUNJU 2016

Fil-kuntest tal-implementazzjoni tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-istituzzjoni, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' deċiżjoni meħuda fl-24 ta' Mejju 2016, ħatru bħala Mħallfin fil-Qorti Ġenerali lil I. Reine, F. Schalin u P. G. Xuereb, għall-perijodu mid-29 ta' Mejju 2016 sal-31 ta' Awwissu 2019.

Inżammet udjenza solenni fil-Qorti tal-Ġustizzja, fit-8 ta' Ġunju 2016, fl-okkażjoni tat-teħid ta' ġurament u tad-dħul fil-kariga ta' dawn it-tliet Imħallfin ġodda tal-Qorti Ġenerali.

## UDJENZA SOLENNI TAD-19 TA' SETTEMBRU 2016

Fil-kuntest tat-tiġdid parzjali tal-Qorti Ġenerali, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' deċiżjoni meħuda fit-23 ta' Marzu 2016, ħatru bħala Mħallfin fil-Qorti Ġenerali lil K. Kowalik-Bańczyk u P. Nihoul, għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2016 sal-31 ta' Awwissu 2022, sabiex jissostitwixxu lil I. Wiszniewska-Białecka u F. Dehousse, rispettivament.

Fil-kuntest tat-tiġdid parzjali tal-Qorti Ġenerali, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' deċiżjoni meħuda fis-7 ta' Settembru 2016, ħatru bħala Mħallfin fil-Qorti Ġenerali lil B. Berke, R. da Silva Passos u O. Spineanu-Matei, għall-perijodu mis-16 ta' Settembru 2016 sal-31 ta' Awwissu 2022, sabiex jissostitwixxu lil O. Czúcz, M. E. Martins de Nazaré Ribeiro u A. Popescu, rispettivament.

Barra minn hekk, fil-kuntest tal-implementazzjoni tal-arkitettura ġudizzjarja tal-istituzzjoni, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' deċiżjoni meħuda fis-7 ta' Settembru 2016, ħatru bħala Mħallfin fil-Qorti Ġenerali lil J. Passer, għall-perijodu mis-16 ta' Settembru 2016 sal-31 ta' Awwissu 2019, lil M. J. Costeira, għall-perijodu mis-16 ta' Settembru 2016 sal-31 ta' Awwissu 2022, lil A. Kornezov u E. Perillo, għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2016 sal-31 ta' Awwissu 2019, u lil R. Barents u J. Svenningsen, għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2016 sal-31 ta' Awwissu 2022.

1 Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2015, li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 341, p. 14).

Minħabba t-tmiem tas-servizz ta' C. Wetter, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' deċiżjoni meħuda fis-7 ta' Settembru 2016, ħatru bħala Mħallef fil-Qorti Ġenerali lil U. Öberg, għall-perijodu mid-19 ta' Settembru 2016 sal-31 ta' Awwissu 2019.

Fl-aħħar nett, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' deċiżjonijiet meħuda fis-16 ta' Settembru 2015, fit-23 ta' Marzu 2016, fl-24 ta' Mejju 2016 u fis-7 ta' Settembru 2016, ġeddew, għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2016 sal-31 ta' Awwissu 2022, il-mandat ta' Mħallfin tal-Qorti Ġenerali ta' M. Jaeger, M. van der Woude, S. Frimodt Nielsen, H. Kanninen, D. Gratsias, S. Papasavvas, J. Schwarcz, V. Kreuschitz, L. Madise, C. Iliopoulos, D. Spielmann, Z. Csehi u A. Marcoulli.

Inżammet udjenza solenni fil-Qorti tal-Ġustizzja, fid-19 ta' Settembru 2016, fl-okkażjoni tat-tiġdid parzjali tal-Qorti Ġenerali u tat-teħid ta' ġurament u tad-dħul fil-kariga tat-tnax-il Imħallef ġdid tal-Qorti Ġenerali.

# 2. ORDNIJIET PROTOKOLLARI

## MILL-1 TA' JANNAR 2016 SAT-13 TA' APRIL 2016

M. JAEGER, President
H. KANNINEN, Viċi President
M. E. MARTINS RIBEIRO, President ta' Awla
S. PAPASAVVAS, President ta' Awla
M. PREK, President ta' Awla
A. DITTRICH, President ta' Awla
S. FRIMODT NIELSEN, President ta' Awla
M. van der WOUDE, President ta' Awla
D. GRATSIAS, President ta' Awla
G. BERARDIS, President ta' Awla
F. DEHOUSSE, Imħallef
O. CZÚCZ, Imħallef
I. WISZNIEWSKA- BIAŁECKA, Imħallef
I. PELIKÁNOVÁ, Imħallef
I. LABUCKA, Imħallef
J. SCHWARCZ, Imħallef
A. POPESCU, Imħallef
M. KANCHEVA, Imħallef
E. BUTTIGIEG, Imħallef
C. WETTER, Imħallef
V. TOMLJENOVIĆ, Imħallef
E. BIELIŪNAS, Imħallef
V. KREUSCHITZ, Imħallef
A. M. COLLINS, Imħallef
I. ULLOA RUBIO, Imħallef
S. GERVASONI, Imħallef
L. MADISE, Imħallef
I. S. FORRESTER, Imħallef

E. COULON, Reġistratur

## MIT-13 TA' APRIL 2016 SAT-8 TA' ĠUNJU 2016

M. JAEGER, President
H. KANNINEN, Viċi President
M. E. MARTINS RIBEIRO, President ta' Awla
S. PAPASAVVAS, President ta' Awla
M. PREK, President ta' Awla
A. DITTRICH, President ta' Awla
S. FRIMODT NIELSEN, President ta' Awla
M. van der WOUDE, President ta' Awla
D. GRATSIAS, President ta' Awla
G. BERARDIS, President ta' Awla
F. DEHOUSSE, Imħallef
O. CZÚCZ, Imħallef
I. WISZNIEWSKA-BIAŁECKA, Imħallef
I. PELIKÁNOVÁ, Imħallef
I. LABUCKA, Imħallef
J. SCHWARCZ, Imħallef
A. POPESCU, Imħallef
M. KANCHEVA, Imħallef
E. BUTTIGIEG, Imħallef
C. WETTER, Imħallef
V. TOMLJENOVIĆ, Imħallef
E. BIELIŪNAS, Imħallef
V. KREUSCHITZ, Imħallef
A. M. COLLINS, Imħallef
I. ULLOA RUBIO, Imħallef
S. GERVASONI, Imħallef
L. MADISE, Imħallef
I. S. FORRESTER, Imħallef
C. ILIOPOULOS, Imħallef
L. CALVO-SOTELO IBÁÑEZ-MARTÍN, Imħallef
D. SPIELMANN, Imħallef
V. VALANČIUS, Imħallef
Z. CSEHI, Imħallef
N. PÓŁTORAK, Imħallef
A. MARCOULLI, Imħallef

E. COULON, Reġistratur

## MIT-8 TA' ĠUNJU 2016 SAD-19 TA' SETTEMBRU 2016

M. JAEGER, President
H. KANNINEN, Viċi President
M. E. MARTINS RIBEIRO, President ta' Awla
S. PAPASAVVAS, President ta' Awla
M. PREK, President ta' Awla
A. DITTRICH, President ta' Awla
S. FRIMODT NIELSEN, President ta' Awla
M. van der WOUDE, President ta' Awla
D. GRATSIAS, President ta' Awla
G. BERARDIS, President ta' Awla
F. DEHOUSSE, Imħallef
O. CZÚCZ, Imħallef
I. WISZNIEWSKA-BIAŁECKA, Imħallef
I. PELIKÁNOVÁ, Imħallef
I. LABUCKA, Imħallef
J. SCHWARCZ, Imħallef
A. POPESCU, Imħallef
M. KANCHEVA, Imħallef
E. BUTTIGIEG, Imħallef
C. WETTER, Imħallef
V. TOMLJENOVIĆ, Imħallef
E. BIELIŪNAS, Imħallef
V. KREUSCHITZ, Imħallef
A. M. COLLINS, Imħallef
I. ULLOA RUBIO, Imħallef
S. GERVASONI, Imħallef
L. MADISE, Imħallef
I. S. FORRESTER, Imħallef
C. ILIOPOULOS, Imħallef
L. CALVO-SOTELO IBÁÑEZ-MARTÍN, Imħallef
D. SPIELMANN, Imħallef
V. VALANČIUS, Imħallef
Z. CSEHI, Imħallef
N. PÓŁTORAK, Imħallef
A. MARCOULLI, Imħallef
P. G. XUEREB, Imħallef
F. SCHALIN, Imħallef
I. REINE, Imħallef

E. COULON, Reġistratur

## MILL-21 TA' SETTEMBRU 2016 SAL-31 TA' DIĊEMBRU 2016

M. JAEGER, President
M. van der WOUDE, Viċi President
I. PELIKÁNOVÁ, President ta' Awla
M. PREK, President ta' Awla
S. FRIMODT NIELSEN, President ta' Awla
H. KANNINEN, President ta' Awla
D. GRATSIAS, President ta' Awla
G. BERARDIS, President ta' Awla
V. TOMLJENOVIĆ, President ta' Awla
A. M. COLLINS, President ta' Awla
S. GERVASONI, President ta' Awla
I. LABUCKA, Imħallef
S. PAPASAVVAS, Imħallef
A. DITTRICH, Imħallef
J. SCHWARCZ, Imħallef
M. KANCHEVA, Imħallef
E. BUTTIGIEG, Imħallef
E. BIELIŪNAS, Imħallef
V. KREUSCHITZ, Imħallef
I. ULLOA RUBIO, Imħallef
L. MADISE, Imħallef
I. S. FORRESTER, Imħallef
C. ILIOPOULOS, Imħallef
L. CALVO-SOTELO IBÁÑEZ-MARTÍN, Imħallef
D. SPIELMANN, Imħallef
V. VALANČIUS, Imħallef
Z. CSEHI, Imħallef
N. PÓŁTORAK, Imħallef
A. MARCOULLI, Imħallef
P. G. XUEREB, Imħallef
F. SCHALIN, Imħallef
I. REINE, Imħallef
E. PERILLO, Imħallef
R. BARENTS, Imħallef
R. da SILVA PASSOS, Imħallef
P. NIHOUL, Imħallef
B. BERKE, Imħallef
J. SVENNINGSEN, Imħallef
U. ÖBERG, Imħallef
O. SPINEANU-MATEI, Imħallef
M. J. COSTEIRA, Imħallef
J. PASSER, Imħallef
K. KOWALIK-BAŃCZYK, Imħallef
A. KORNEZOV, Imħallef

E. COULON, Reġistratur

# 3. MEMBRI PREĊEDENTI TAL-QORTI ĠENERALI

## (SKONT L-ORDNI TAD-DĦUL FIL-KARIGA)

## IMĦALLFIN

Donal Patrick Michael BARRINGTON (1989-1996)
Antonio SAGGIO (1989-1998), President (1995-1998)
David Alexander Ogilvy EDWARD (1989-1992)
Heinrich KIRSCHNER (1989-1997)
Christos YERARIS (1989-1992)
Romain Alphonse SCHINTGEN (1989-1996)
Cornelis Paulus BRIËT (1989-1998)
José Luis da CRUZ VILAÇA (1989-1995), President (1989-1995)
Bo VESTERDORF (1989-2007), President (1998-2007)
Rafael GARCÍA-VALDECASAS Y FERNÁNDEZ (1989-2007)
Jacques BIANCARELLI (1989-1995)
Koen LENAERTS (1989-2003)
Christopher William BELLAMY (1992-1999)
Andreas KALOGEROPOULOS (1992-1998)
Virpi TIILI (1995-2009)
Pernilla LINDH (1995-2006)
Josef AZIZI (1995-2013)
André POTOCKI (1995-2001)
Rui Manuel GENS de MOURA RAMOS (1995-2003)
John D. COOKE (1996-2008)
Jörg PIRRUNG (1997-2007)
Paolo MENGOZZI (1998-2006)
Arjen W. H. MEIJ (1998-2010)
Mihail VILARAS (1998-2010)
Nicholas James FORWOOD (1999-2015)
Hubert LEGAL (2001-2007)
Maria Eugénia MARTINS de NAZARÉ RIBEIRO (2003-2016)
Franklin DEHOUSSE (2003-2016)
Ena CREMONA (2004-2012)
Ottó CZÚCZ (2004-2016)
Irena WISZNIEWSKA-BIAŁECKA (2004-2016)
Daniel ŠVÁBY (2004-2009)
Vilenas VADAPALAS (2004-2013)
Küllike JÜRIMÄE (2004-2013)
Verica TRSTENJAK (2004-2006)
Enzo MOAVERO MILANESI (2006-2011)
Nils WAHL (2006-2012)
Teodor TCHIPEV (2007-2010)
Valeriu M. CIUCĂ (2007-2010)
Santiago SOLDEVILA FRAGOSO (2007-2013)
Laurent TRUCHOT (2007-2013)
Kevin O'HIGGINS (2008-2013)
Andrei POPESCU (2010-2016)
Carl WETTER (2013-2016)

## PRESIDENTI

José Luís da CRUZ VILAÇA (1989-1995)
Antonio SAGGIO (1995-1998)
Bo VESTERDORF (1998-2007)

## REĠISTRATUR

Hans JUNG (1989-2005)


CVRIA



# KAPITOLU III

## IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

# A | ATTIVITÀ TAT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU FL-2016

Mill-President **Sean VAN RAEPENBUSCH**

L-2016 hija l-aħħar sena ta' eżistenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea. Dan waqaf jiffunzjona fl-1 ta' Settembru ta' din is-sena bit-trasferiment, f'din l-istess data, lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni, tal-ġurisdizzjoni sabiex jingħataw, mill-ġdid, deċiżjonijiet fl-ewwel istanza dwar it-tilwimiet bejn l-Unjoni u l-uffiċjali jew il-membri tal-persunal tagħha [1]. Dan it-trasferiment ta' ġurisdizzjoni inkluda żieda ta' seba' postijiet ta' Mħallfin ġodda fi ħdan din il-Qorti Ġenerali fl-1 ta' Settembru 2016 u jidħol fil-kuntest tar-riforma tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni intiża li, sa tmiem din ir-riforma, jirdoppja n-numru ta' Mħallfin tal-Qorti Ġenerali [2].

L-2016 kienet ikkaratterizzata wkoll bit-tluq u bis-sostituzzjoni, fix-xahar ta' April, ta' żewġ Imħallfin, li l-mandati tagħhom skadew f'Ottubru 2014 u f'Settembru 2015.

L-istatistika ġudizzjarja tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku turi, għas-sena 2016, jiġifieri mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Awwissu 2016, l-għeluq ta' 169 kawża kontra 152 għas-sena 2015 kollha kif ukoll għas-sena 2014. Għalhekk in-numru ta' kawżi magħluqa matul l-ewwel tmien xhur tal-2016 jikkostitwixxi t-tieni l-aħjar riżultat kwantitattiv tat-Tribunal wara dak li ntlaħaq għas-sena 2013 kollha (184). Dan jikkonċerna b'mod partikolari numru kbir ta' kawżi li jirrigwardaw it-trasferimenti, lejn l-iskema tal-pensjoni tal-Unjoni Ewropea, ta' drittijiet għall-pensjoni miksuba preċedentement, fejn dawn il-kawżi kienu ġew sospiżi b'antiċipazzjoni ta' deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni li ġew deċiżi fil-bidu ta' din is-sena.

Barra minn hekk, in-numru ta' kawżi pendenti kien 139 fil-31 ta' Awwissu 2016, kontra 231 fil-31 ta' Diċembru 2015 u 216 fl-2014. Dawn il-139 kawża ġew ittrasferiti lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni fl-1 ta' Settembru 2016. Fost dawn il-kawżi, 46 baqgħu sospiżi b'antiċipazzjoni ta' deċiżjonijiet f'kawżi li għadhom pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni, fejn il-parti l-kbira jikkonċernaw l-implementazzjoni tar-riforma tal-2013 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal") u l-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra") [3]. Għandu jiġi osservat li, fl-2005, matul l-istabbiliment tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, 269 kawża ta' servizz pubbliku kienet pendenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.

It-tul medju tal-kawżi, li ma jinkludix it-tul ta' sospensjoni eventwali, min-naħa tiegħu, għadda minn 12.1-il xahar fl-2015 sa 10 xhur fl-2016. Għandu jitfakkar li dan it-tul kien ta' 14.7-il xahar fl-2013.

Matul il-perijodu kkunsidrat, il-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku adotta żewġ digrieti għal miżuri provviżorji, bħalma għamel fl-2015, li jwassal sabiex tiġi kkonfermata r-rarefazzjoni fuq il-perijodu twil tan-numru ta' talbiet għal miżuri provviżorji fil-kontenzjuż tas-servizz pubbliku.

1 | Regolament (UE, Euratom) 2016/1192 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Lulju 2016, dwar it-trasferiment lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-ġurisdizzjoni fl-ewwel istanza f'tilwimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-membri tal-persunal tagħha (ĠU 2016, L 200, p. 137).

2 | Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2015, li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 341, p. 14).

3 | Regolament (UE) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2013, li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2013, L 287, p. 15).

Fl-aħħar nett, tmien kawżi ġew magħluqa permezz ta' ftehim bonarju, skont ir-Regoli tal-Proċedura, kontra erbatax fis-sena preċedenti. Għalkemm it-tnaqqis huwa ċar, in-numru ta' tentattivi ta' ftehim bonarju, fir-rigward tiegħu, huwa 18, li jirrappreżenta ammont li għadu ma ntlaħaqx.

Fl-iżviluppi sussegwenti ser jiġu ppreżentati d-deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku l-iktar sinjifikattivi.



# B | ĠURISPRUDENZA TAT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU FL-2016

## I. KWISTJONIJIET PROĊEDURALI

### 1. PROĊEDURA PREKONTENZJUŻA

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fakkar, fis-sentenza tiegħu tal-25 ta' Mejju 2016, ***GW vs Il-Kummissjoni*** (F-111/15, EU:F:2016:122), li, fid-dawl tal-iskop tagħha stess, li huwa li tippermetti lill-amministrazzjoni tirrevedi d-deċiżjoni tagħha stess, il-proċedura prekontenzjuża għandha natura li dejjem tiżviluppa, hekk li, fis-sistema tar-rimedji prevista fl-Artikoli 90 u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal"), l-amministrazzjoni tista', filwaqt li tiċħad l-ilment, tasal sabiex tbiddel, fid-dawl tiegħu, il-motivi li abbażi tagħhom hija tkun adottat l-att ikkontestat. Minkejja dan, hija tassew il-legalità tal-att inizjali li jikkawża preġudizzju li tiġi eżaminata, u dan fir-rigward tal-motivi li jinsabu fid-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment. Iktar preċiżament, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li, meta l-uffiċċju responsabbli għall-ħlasijiet tal-Iskema komuni ta' assigurazzjoni għall-mard (iktar 'il quddiem ir-"RCAM") irrifjuta t-teħid ta' responsabbiltà għal ċerti spejjeż mediċi abbażi ta' opinjoni negattiva u konċiża tal-eżaminatur mediku tiegħu u fejn il-persuna kkonċernata tressaq ilment, l-amministrazzjoni tista', sabiex twieġeb għal dan l-ilment, tipprovdi motivi iktar espliċiti matul il-proċedura prekontenzjuża. Tali motivi speċifiċi, relatati mal-każ individwali, ikkomunikati qabel ma jiġi ppreżentat ir-rimedju ġudizzjarju, jitqiesu li huma l-istess bħal dawk tad-deċiżjoni ta' rifjut u għandhom jitqiesu, għalhekk, li jkunu informazzjoni rilevanti għall-evalwazzjoni tal-legalità ta' din id-deċiżjoni

### 2. ATT LI JIKKAWŻA PREĠUDIZZJU

Il-kawża ***Zink vs Il-Kummissjoni*** (sentenza tal-11 ta' April 2016, F-77/15, EU:F:2016:74, taħt appell) ippermettiet lit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jfakkar il-ġurisprudenza li tgħid li l-komunikazzjoni lil uffiċjal ta' rendikont tar-remunerazzjoni għandha bħala effett id-dekorrenza tat-termini għat-tressiq ta' lment u ta' preżentata ta' rikors kontra deċiżjoni amministrattiva unikament meta dan ir-rendikont jindika b'mod ċar l-eżistenza u l-portata ta' din id-deċiżjoni. F'dan il-każ, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku madankollu ddeċieda li l-uffiċjal ikkonċernat kien ġie mċaħħad minn kumpens mhux minħabba deċiżjoni tal-amministrazzjoni iżda minħabba żball sostantiv, f'dan il-każ ta' natura informatika. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ġie deċiż li r-rendikonti tar-remunerazzjoni li fihom il-kumpens inkwistjoni ma jkunx imniżżel ma kienu jirriflettu ebda deċiżjoni tal-amministrazzjoni, la ma kienu jbiddlu s-sitwazzjoni legali tal-uffiċjal ikkonċernat, u lanqas ma kienu qed jistabbilixxu definittivament il-pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Għalhekk, huma ma setgħux jibdew id-dekorrenza tat-terminu skont ir-Regolamenti tal-Persunal sabiex jitressaq ilment.

### 3. INKOMPETENZA TAL-AWTUR TAL-ATT LI JIKKAWŻA PREĠUDIZZJU

Fil-kawża ***Opreana vs Il-Kummissjoni*** (sentenza tad-19 ta' Lulju 2016, F-67/15, EU:F:2016:153), ir-rikorrenti kienet talbet it-tiġdid tal-kuntratt tagħha u l-uniku att rilevanti ppreżentat fil-proċess kien it-tweġiba negattiva tal-kap tat-tim fi ħdan id-diviżjoni tar-riżorsi umani tad-Direttorat Ġenerali "Saħħa u konsumaturi" tal-Kummissjoni. Dan il-kap ta' tim ma kellux il-kompetenza sabiex jaġixxi bħala awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti (iktar 'il quddiem l-"AIPN") u fin-nuqqas ta' element konkret li kien jindika li deċiżjoni

ta' nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratt kienet effettivament ittieħdet minn din l-awtorità, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonstata li dan il-kap ta' tim ma kienx awtorizzat jieħu d-deċiżjoni kkontestata. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ġie deċiż li d-deċiżjoni ta' nuqqas ta' tiġdid li kienet tikkostitwixxi att li jikkawża preġudizzju li kien distint mill-kuntratt inkwistjoni u li seta' jkun is-suġġett ta' rikors, ma kinitx ġiet adottata mill-awtorità kompetenti.

## 4. TERMINI GĦALL-PREŻENTATA TA' RIKORS

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fakkar, fis-sentenza tiegħu tal-25 ta' Jannar 2016, ***Darchy vs Il-Kummissjoni*** (F-47/15, EU:F:2016:3), li t-termini għat-tressiq ta' lment u għall-preżentata ta' rikors huma intiżi li jipproteġu, fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, iċ-ċertezza legali, indispensabbli għall-funzjonament tajjeb tagħhom, billi tiġi evitata l-kontestazzjoni indefinita tal-atti tal-Unjoni li jkollhom effetti legali. Għaldaqstant, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku rrifjuta li jaċċetta li, bħala tweġiba għal talba għal eżami mill-ġdid imressqa wara l-iskadenza ta' dawn it-termini mill-uffiċjal ikkonċernat, dan tal-aħħar ikun jista' jibbenefika mill-ħlas retroattiv ta' allowances li preċedentement kienu ġew irrifjutati, peress li dan huwa ta' natura li joħloq inċertezza legali kbira, b'riskju ta' akkumulazzjoni ta' djun min-naħa tal-istituzzjonijiet fir-rigward tal-uffiċjali tagħhom.

## 5. SPEJJEŻ

B'digriet tas-17 ta' Marzu 2016 (***Grazyte vs Il-Kummissjoni***, F-76/11 DEP, EU:F:2016:67), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) TUE, ir-regoli ta' saħħa vinkolanti li huma inqas b'saħħithom mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu interpretati, sa fejn ikun possibbli, b'tali mod li dawn ikunu jistgħu jiġu applikati konformement magħha u, ukoll, li r-Regoli tal-Proċedura għandhom jiġu interpretati konformement mal-Artikolu 47 tal-Karta, li jiggarantixxi dritt għal rimedju effettiv. Iktar speċifikament ukoll, u fid-dawl tal-Artikolu 52(3) tal-Karta, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-impożizzjoni ta' piż finanzjarju kunsiderevoli, anki wara l-konklużjoni tal-proċedura, tista' tikkostitwixxi restrizzjoni tad-dritt ta' aċċess għal qorti. Huwa ddeċieda wkoll li, konformement mal-ġurisprudenza ta' din tal-aħħar, li l-ammont tal-ispejjeż kellu jiġi evalwat fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari ta' kawża speċifika, inkluża s-solvenza tar-rikorrent. Minbarra dan, dejjem fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku rrileva li d-dritt għal smigħ xieraq jikkonċerna l-ewwel nett il-qrati tal-ewwel istanza u għalhekk li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll il-fatt li, fil-kawża prinċipali, kienet l-ewwel istanza ġudizzjarja li r-rikorrenti kellha aċċess għaliha.

Minbarra dan, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku osserva, fl-istess digriet tas-17 ta' Marzu 2016 (***Grazyte vs Il-Kummissjoni***, F-76/11 DEP, EU:F:2016:67), li mill-Artikolu 80 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2012, dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU 2012, L 298, p. 1), kif ukoll mill-Artikolu 91 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012, tad-29 ta' Ottubru 2012, dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament [Nru 966/2012] (ĠU 2012, L 362, p. 1) jirriżulta li t-tqassim ta' ħlas ta' dejn jew ir-rinunzja għalih jikkostitwixxu sempliċi fakultà offerta lill-istituzzjoni kreditriċi. F'dan il-kuntest, huwa qies li d-dritt ta' aċċess għal qorti ma jkunx protett b'mod adegwat jekk il-prospett, għal parti, li jkollha tbati jew le spejjeż kunsiderevoli fl-eżitu tal-kawża kien jitħalla biss għad-diskrezzjoni tal-kontroparti tagħha u li, għall-kuntrarju, hija l-qorti, fil-każ ta' diffikultà, li għandha tiffissa l-ispejjeż skont ċirkustanzi bħas-solvenza tal-parti kkonċernata.

### 6. AWTORITÀ TA' RES JUDICATA

Permezz ta' digriet tas-7 ta' Ġunju 2016, adottat fil-kawża ***Verile vs Il-Kummissjoni*** (F-108/12, EU:F:2016:125), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fakkar li l-prinċipju ta' osservanza tal-awtorità ta' *res judicata* huwa ta' importanza fundamentali fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Fil-fatt, bil-ħsieb li tiġi żgurata wkoll l-istabbiltà tad-dritt u tar-relazzjonijiet ġuridiċi kif ukoll amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, jeħtieġ li deċiżjonijiet ġudizzjarji li jkunu saru definittivi wara l-eżawriment tar-rimedji ġudizzjarji disponibbli jew wara l-iskadenza tat-termini previsti għal dawn ir-rikorsi ma jkunux jistgħu jiġu kkontestati iktar. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, li tiddeċiedi bħala qorti tal-appell kienet, permezz tas-sentenza tagħha tat-13 ta' Ottubru 2015, ***Il-Kummissjoni vs Verile u Gjergji***, (T-104/14 P, EU:T:2015:776) ikklassifikat mill-ġdid is-suġġett tar-rikors fuq il-mertu mhux bħala l-att ikkontestat fl-ewwel istanza, iżda bħala deċiżjoni oħra. Issa, din id-deċiżjoni l-oħra kienet dik li speċifikament kienet is-suġġett tar-rikors irreġistrat bir-referenza F-108/12. Għalhekk, peress li s-sentenza T-104/14 P kienet saret *res judicata* u li, wara l-klassifikazzjoni mill-ġdid imsemmija iktar 'il fuq, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea u r-rikors F-108/12 kienu kkaratterizzati minn suġġett u partijiet identiċi, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qies li dan l-aħħar rikors kien sar mingħajr skop u li ma kienx hemm iktar lok li tingħata deċiżjoni dwaru.

# II. KWISTJONIJIET DWAR IL-MERTU

## KUNDIZZJONIJIET ĠENERALI TA' VALIDITÀ TAL-ATTI U DRITTIJIET FUNDAMENTALI

### 1. PORTATA TA' PREAMBOLU

Fis-sentenza tiegħu tat-2 ta' Marzu 2016, ***Frieberger u Vallin vs Il-Kummissjoni*** (F-3/15, EU:F:2016:26, taħt appell), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fakkar li l-funzjoni tal-preambolu ta' att ta' portata ġenerali hija dik li timmotivah billi l-preambolu jipprovdi, bħala regola, minn naħa, is-sitwazzjoni sħiħa li tkun wasslet għall-adozzjoni tiegħu u, min-naħa l-oħra, l-għanijiet ġenerali li dan l-att jixtieq jilħaq. Għaldaqstant, il-preambolu ta' tali att ma għandux valur legali vinkolanti u ma jistax jiġi invokat sabiex issir deroga għad-dispożizzjonijiet stess tal-att ikkonċernat u lanqas, *a fortiori*, sabiex ikun ta' bażi tal-illegalità tagħhom.

### 2. MOTIVAZZJONI FORMALI

Fil-kawża ***Frieberger u Vallin vs Il-Kummissjoni*** (sentenza tat-2 ta' Marzu 2016, F-3/15, EU:F:2016:26, taħt appell), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qies li, meta l-Awtorità tal-Ħatra tqis li l-motivi tal-att inizjali jkunu fondati kif ukoll suffiċjenti sabiex iwieġbu l-oġġezzjonijiet imressqa fl-ilment, hija ma għandhiex raġuni sabiex titbiegħed minn din il-motivazzjoni billi tbiddilha b'waħda ġdida, iżda hija tista', f'tali ipoteżi, tiċħad l-ilment, billi tadotta, fid-deċiżjoni ta' ċaħda, l-istess motivi bħal dawk li jidhru fl-att inizjali. Minbarra dan, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li, fis-sitwazzjoni partikolari ta' lmenti fformulati fl-istess termini, l-Awtorità tal-Ħatra ma tistax tiġi kkritikata li twieġeb għalihom b'mod standardizzat. Dan l-approċċ huwa, għall-kuntrarju, konformi mal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u jiggarantixxi ugwaljanza fit-trattament bejn persuni li jressqu lment.

## 3. APPLIKABBILTÀ *RATIONE TEMPORIS* TAD-DISPOŻIZZJONIJIET TAR-REGOLAMENTI TAL-PERSUNAL IL-ĠODDA

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ħa inkunsiderazzjoni s-sistema ta' klassifikazzjoni mill-ġdid stabbilita mill-Kummissjoni għall-membri tal-persunal temporanju impjegati skont l-Artikolu 2(d) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Kondizzjonijiet tal-impjieg ta' impjegati oħra") u li jibbenefikaw minn kuntratt għal żmien indeterminat fil-kawża ***Stips vs Il-Kummissjoni*** (sentenza tad-19 ta' Lulju 2016, F-131/15, EU:F:2016:154). It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li, meta hija tadotta deċiżjoni dwar il-klassifikazzjoni mill-ġdid ta' membru tal-persunal temporanju wara d-dħul fis-seħħ, fl-1 ta' Jannar 2014, tar-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda, anki meta din id-deċiżjoni tikkonċerna l-eżerċizzju ta' klassifikazzjoni mill-ġdid tas-sena 2013, il-Kummissjoni hija obbligata tapplika, b'analoġija, dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda, b'mod partikolari l-Artikolu 45 tagħhom u l-punt 1 tat-Taqsima A tal-Anness I tagħhom, li jillimitaw sal-grad AD 12 il-progressjoni ta' karriera tal-uffiċjali li jappartjenu lill-grupp ta' amministraturi meta dawn ma kinux ġew ikklassifikati minn qabel f'wieħed mit-tipi ta' impjiegi li jippermettu progressjoni lil hinn minn dan il-grad. F'dan il-każ, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonstata li, fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda, fl-1 ta' Jannar 2014, ir-rikorrent kien unikament eliġibbli sabiex jiġi kklassifikat mill-ġdid, mingħajr ma kellu ebda dritt miksub għal tali klassifikazzjoni mill-ġdid, b'mod li l-Kummissjoni bl-ebda mod ma kienet ikkontestat drittijiet miksuba mir-rikorrent qabel din id-data.

## 4. EŻAMI MILL-ĠDID TAL-ATTI AMMINISTRATTIVI

Fis-sentenza tiegħu tal-25 ta' Jannar 2016, ***Darchy vs Il-Kummissjoni*** (F-47/15, EU:F:2016:3), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qies li l-amministrazzjoni hija obbligata twettaq l-eżami mill-ġdid tas-sitwazzjoni ta' uffiċjal u li tikkunsidra mill-ġdid, tal-inqas għall-futur, ir-rifjut li jingħata benefiċċju kontinwu, bħall-allowance għall-ulied dipendenti, jekk jirriżulta li l-persuna kkonċernata kellha d-dritt li titlob il-ħlas ta' dan il-benefiċċju u, għalhekk, li r-rifjut li kien preċedentement sar fil-konfront tagħha kien illegali, u dan anki jekk dan ir-rifjut kien sar definittiv bl-iskadenza tat-termini għat-tressiq ta' lment u għall-preżentata ta' rikors. Fil-fatt, il-prinċipju ta' ċertezza legali ma jistax, f'tali ċirkustanzi, jiġġustifika li l-amministrazzjoni tista' żżomm illegalità. Min-naħa l-oħra, la d-dmir ta' premura u lanqas il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba ma jistgħu jobbligaw lill-amministrazzjoni tinjora t-termini għat-tressiq ta' lment u għall-preżentata ta' rikors, li, peress li huma ta' ordni pubbliku, ma humiex għad-dispożizzjoni tagħha u ma jistgħux iġegħluha tikkunsidra mill-ġdid, fir-rigward tal-passat, deċiżjoni li saret definittiva. L-istess japplika fir-rigward tal-prinċipju ta' ċertezza legali li huwa l-bażi preċiżament ta' din l-impossibbiltà.

## 5. INVOKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI STABBILITI FIL-KARTA TAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI TAL-UNJONI EWROPEA

Permezz ta' sentenza tat-2 ta' Marzu 2016, ***Frieberger u Vallin vs Il-Kummissjoni*** (F-3/15, EU:F:2016:26, taħt appell), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku rrileva li l-Artikolu 27 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jipprevedi li l-ħaddiema għandhom jiġu ggarantiti, f'livelli differenti, informazzjoni u konsultazzjoni fil-każijiet u fil-kundizzjonijiet previsti mid-dritt tal-Unjoni kif ukoll mil-leġiżlazzjonijiet u prassi nazzjonali, b'tali mod li dan l-artikolu ma jkunx jista' jipproduċi b'mod sħiħ l-effetti tiegħu jekk ma jiġix ippreċiżat. Għaldaqstant, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qies li, mill-perspettiva tal-proċedura, l-Artikolu 27 tal-Karta ma jistax, waħdu, ikun il-bażi ta' lment.

## 6. DMIR TA' KOOPERAZZJONI LEALI MAL-QRATI NAZZJONALI

Fis-sentenza tiegħu tad-19 ta' Lulju 2016, ***Earlie vs Il-Parlament*** (F-130/14, EU:F:2016:156), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fakkar li kull istituzzjoni hija obbligata, skont id-dmir ta' kooperazzjoni leali tagħha mal-qrati nazzjonali li hija għandha, li taġixxi fuq talbiet għal eżekuzzjoni ta' digriet adottat minn qorti nazzjonali, bħalma huwa digriet li jistabbilixxi l-obbligu, għal ex uffiċjal, li jħallas pensjoni tal-manteniment lill-ex konjuġi tiegħu. Peress li dan id-digriet ġie kkomunikat lill-istituzzjoni kkonċernata, dan id-dmir ta' kooperazzjoni leali jimplika li, anki jekk ma hijiex direttament destinatarja ta' din id-deċiżjoni ġudizzjarja, istituzzjoni, inkwantu persuna li timpjega l-uffiċjal debitur tal-pensjoni tal-manteniment, għandha tosserva t-termini tagħha billi tastjeni milli tilqa' talba tal-uffiċjal debitur li tmur manifestament kontra obbligi imposti direttament fuqu minn din id-deċiżjoni. Għalhekk, meta digriet ta' qorti nazzjonali jimponi fuq ex uffiċjal li jitlob lil min jimpjegah, jiġifieri istituzzjoni tal-Unjoni, li tnaqqas mill-pensjoni tiegħu l-ammont tal-pensjoni tal-manteniment dovut lill-ex konjuġi tiegħu u li tħallas dan l-ammont lil din tal-aħħar, l-istituzzjoni tista' tirrifjuta li taġixxi għal talba tal-ex uffiċjal li tmur kontra termini ta' din id-digriet u li hija intiża li dawn il-ħlasijiet jitwaqqfu.

## 7. DRITT GĦAL SMIGĦ

Fil-kawża li kienet is-suġġett tas-sentenza tal-5 ta' Frar 2016, ***GV vs SEAE*** (F-137/14, EU:F:2016:14), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku l-ewwel nett fakkar il-ġurisprudenza tiegħu li r-rispett tad-drittijiet tad-difiża fil-qasam tar-Regolamenti tal-Persunal u, b'mod iktar speċifiku, id-dritt għal smigħ fir-rigward ta' elementi li jistgħu jintużaw fil-konfront ta' membru tal-persunal bil-kuntratt sabiex abbażi tagħhom tiġi adottata deċiżjoni li tikkawżalu preġudizzju jikkostitwixxu rekwiżit proċedurali essenzjali li l-ksur tiegħu jista' jitqajjem *ex officio*. F'din il-kawża, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku rrileva li s-SEAE kien keċċa membru tal-persunal mingħajr ma semgħu qabel, filwaqt li kien relattivament faċli għalih li jissodisfa l-obbligi tiegħu li jirriżultaw mill-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba billi jinforma lill-persuna kkonċernata bil-miktub bil-motivi li abbażi tagħhom huwa kellu l-intenzjoni li jkeċċiha u billi jagħtiha l-possibbiltà li tieħu pożizzjoni f'dan ir-rigward, f'terminu raġonevoli, bil-miktub u/jew oralment. F'dan il-kuntest, kien ġie deċiż li s-SEAE ma setax jibbaża ruħu fuq sitwazzjonijiet interni marbuta mal-amministrazzjoni tiegħu, bħal diffikultajiet fil-proċess deċiżjonali tiegħu, inklużi dawk marbuta mar-reżistenza ta' wħud mid-dipartimenti tiegħu, sabiex jiġġustifika n-nuqqas ta' osservanza ta' obbligi li jirriżultaw minn regoli tad-dritt primarju tal-Unjoni.

F'kawża oħra li fiha l-kuntratt għal żmien determinat ta' membru tal-persunal temporanju ma kienx ġie mġedded minkejja li l-persuna kkonċernata ma kinitx fil-pożizzjoni li utilment tinvoka l-osservazzjonijiet tagħha qabel l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni (sentenza tad-19 ta' Lulju 2016, F-67/15, ***Opreana vs Il-Kummissjoni***, EU:F:2016:153), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qies li l-uniku argument imressaq mill-konvenuta f'dan ir-rigward, jiġifieri li t-tweġiba li kienet ingħatat lir-rikorrenti, turi li din tal-aħħar kienet ġiet informata "minn qabel" b'din id-deċiżjoni fid-dawl tal-użu tal-kliem "kif għedtlek qabel", ma kienx iwassal għal din il-konvinzjoni. Fil-fatt, mistoqsija dwar dan il-punt waqt is-seduta, il-konvenuta baqgħet ma indikatx il-mument preċiż, il-post u d-dettalji ta' din l-allegata informazzjoni mogħtija preċedentement.

## 8. DRITT GĦAL AMMINISTRAZZJONI TAJBA

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda, fis-sentenza tiegħu tad-19 ta' Lulju 2016, ***Stips vs Il-Kummissjoni*** (F-131/15, EU:F:2016:154), li kienet tikkonċerna s-sistema ta' klassifikazzjoni mill-ġdid stabbilita mill-Kummissjoni għall-membri tal-persunal temporanju impjegati skont l-Artikolu 2(d) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg ta' impjegati oħra u li kienu jibbenefikaw minn kuntratt għal żmien indeterminat, li billi adottat id-deċiżjoni tagħha li ma tikklassifikax mill-ġdid lir-rikorrent fil-grad AD 13 fil-kuntest tal-proċedura ta' klassifikazzjoni mill-

ġdid 2013 unikament fil-21 ta' Jannar 2015, jiġifieri iktar minn sena wara t-tmiem tal-proċedura, mingħajr ma ħadet il-miżuri intiżi li tipprova tagħlaqha qabel il-31 ta' Diċembru 2013, il-Kummissjoni kisret id-dritt għal amministrazzjoni tajba u, b'mod partikolari, id-dritt tal-membri tal-persunal tagħha li jiġu ttrattati b'mod ġust. Skont it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, kieku l-Kummissjoni ma damitx sabiex torganizza l-proċedura ta' klassifikazzjoni mill-ġdid 2013, u kieku hija kienet implementat kollox sabiex, bid-diliġenza meħtieġa, tagħmel paragun tal-merti ta' xi membri tal-persunal temporanju għal żmien indeterminat li kienu eliġibbli għal klassifikazzjoni mill-ġdid minn din is-sena 2013, hija setgħet tistabbilixxi l-lista tal-membri tal-persunal temporanju kklassifikati mill-ġdid fil-kuntest tal-proċedura ta' klassifikazzjoni mill-ġdid 2013 qabel id-dħul fis-seħħ, fl-1 ta' Jannar 2014, tal-Artikolu 45 il-ġdid u tal-punt 1, Taqsima A, Anness I tar-Regolamenti tal-Persunal, li minn issa 'l quddiem jillimitaw sal-grad AD 12 il-progressjoni tal-karriera tal-amministraturi meta dawn ma kinux ġew preċedentement ikklassifikati f'wieħed mit-tipi ta' impjieg li jippermettu progressjoni lil hinn minn dak il-grad, fosthom ir-rikorrent. F'dan il-każ, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda wkoll li l-Kummissjoni ma setgħetx tinħeba wara r-regola li l-protezzjoni tad-drittijiet u tal-interessi tal-uffiċjali għandha dejjem tkun limitata mill-osservanza tar-regoli fis-seħħ, peress li jekk jiġi aċċettat tali argument f'dan il-każ, dan ikollu bħala konsegwenza li jkun biżżejjed għall-amministrazzjoni tvarja, skont ma jaqbel lilha, l-organizzazzjoni u l-għeluq ta' proċedura ta' klassifikazzjoni mill-ġdid u li tieħu vantaġġ mill-iżvolġiment taż-żmien sabiex tapplika dispożizzjonijiet ġodda fil-qasam ta' klassifikazzjoni mill-ġdid inqas favorevoli għall-persuni kkonċernati.

Fil-kawża ***Bulté u Krempa vs Il-Kummissjoni*** (sentenza tal-5 ta' Frar 2016, F-96/14, EU:F:2016:10), li kienet tikkonċerna d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tbiddel, b'effett retroattiv, il-pensjonijiet li r-rikorrenti kienu jibbenefikaw minnhom fil-kwalità tagħhom bħala aventi kawża ta' ex uffiċjal li miet u li twettaq l-irkupru tas-somom imħallsa indebitament, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonkluda li ma kinitx issodisfatta l-kundizzjoni dwar il-prova tal-irregolarità tal-ħlasijiet inkwistjoni, li l-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal jissuġġetta l-irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament għaliha. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku b'mod partikolari qies li l-iżbalji mwettqa mill-Kummissjoni kienu tant kunsiderevoli li setgħu joriġinaw biss mill-ksur tal-obbligu tagħha li teżamina bir-reqqa l-fajl tar-rikorrenti, kif jeżiġi l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

## 9. DMIR TA' PREMURA

Fil-każ ta' rikors (sentenza tad-19 ta' Lulju 2016, F-67/15, ***Opreana vs Il-Kummissjoni***, EU:F:2016:153), li kien jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratt għal żmien determinat ta' membru tal-persunal temporanju wara li din kienet ressqet talba għal tiġdid tal-kuntratt tagħha, u li s-stat ta' tqala tagħha kien magħruf lill-konvenuta, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonkluda li din tal-aħħar kienet kisret b'mod manifest id-dmir ta' premura tagħha minħabba l-fatt li l-interessi tar-rikorrenti ma kinux ittieħdu inkunsiderazzjoni, irrispettivament minn dan kollu. Fil-fatt, mill-proċess ma rriżultax li l-konvenuta kienet semgħet lir-rikorrenti jew kienet stednitha tressaq l-osservazzjonijiet tagħha rigward l-interess tagħha li żżomm l-impjieg tagħha. Minbarra dan, il-konvenuta kienet naqset milli tavżaha dwar il-pubblikazzjoni imminenti ta' avviż ta' pożizzjoni vakanti li kien jikkonċerna l-pożizzjoni tagħha u kienet irriżervat trattament sommarju, jew anki mgħaġġel, għat-talba tagħha għal tiġdid tal-kuntratt. Minbarra dan, hija ma kinitx ħadet inkunsiderazzjoni l-interess tar-rikorrenti u tas-sitwazzjoni ta' prekarjetà tagħha fir-rigward tal-istat ta' tqala tagħha u tal-ħlas imminenti tagħha, stat li kien jippreklidiha, għal ċertu żmien, li tfittex attivament impjieg ieħor u li tintegra ruħha mill-ġdid fis-suq tax-xogħol.

### 10. DRITT TAL-UFFIĊJAL JEW TAL-MEMBRU TAL-PERSUNAL LI JAĊĊEDI GĦALL-FAJL LI JIKKONĊERNAH

Fil-kawża li kienet is-suġġett tas-sentenza tat-12 ta' Mejju 2016, ***FS vs KESE*** (F-102/15, EU:F:2016:117), il-President tal-KESE kien ta lil ex president tal-Kumitat missjoni ta' konċiljazzjoni li kienet wasslet lil dan tal-aħħar jintervista diversi persuni u jistabbilixxi rapport kunfidenzjali għall-benefiċċju tal-mandant tiegħu. Ir-rikorrenti talbet li jkollha aċċess għal dan ir-rapport, filwaqt li l-konvenut iġġustifika r-rifjut tiegħu bil-protezzjoni tas-sigriet tal-korrispondenza bejn membri ta' istituzzjoni u tas-sigriet professjonali. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku madankollu qies li l-kontenut stess ta' dan ir-rapport ikkonferma li ma kienx jikkonsisti f'korrispondenza professjonali jew privata bejn żewġ membri tal-korp inkwistjoni u li kien jirrigwarda l-attivitajiet tiegħu, iżda bil-kontra kien dokument li kien jikkonċerna direttament lir-rikorrenti fis-sens tal-Artikolu 41(2)(b) tal-Karta u li ġie miġjub għall-attenzjoni tal-president tal-korp għall-finijiet, skont il-każ, sabiex jiġu eżerċitati s-setgħat tal-AIPN fil-qasam dixxiplinari fil-konfront tal-persuna kkonċernata.

## SISTEMA TA' REMUNERAZZJONI U VANTAĠĠI SOĊJALI TAL-UFFIĊJALI

### 1. SIGURTÀ SOĊJALI

Huwa paċifiku, skont it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, li, għalkemm il-persuna affiljata mar-RCAM tista' leġittimament tikkunsidra li l-ispejjeż mediċi tagħha bħala prinċipju ser jiġu rrimborsati sal-limiti massimi previsti fl-Artikolu 72(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, ir-rimbors ta' ċerti spejjeż jista' madankollu jiġi legalment irrifjutat mill-Uffiċċju responsabbli għall-ħlasijiet ikkonċernat jekk dan l-uffiċċju jqis li dawn l-ispejjeż ikunu marbuta ma' trattament jew ma' servizzi li l-validità xjentifika tagħhom ma tkunx ipprovata. F'din il-perspettiva, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku osserva li l-progressi tal-mediċina u t-teknika moderni llum jippermettu li jiġi propost trattament ta' pazjent estern tas-servizzi mediċi li qabel kienu jirrikjedu viżta fi sptar u li hija għalhekk il-persuna affiljata li għandha tkun attenta għal dan l-iżvilupp u li tiġġustifika n-neċessità ta' żjara fi sptar, meta din in-neċessità tiġi kkontestata (sentenza tal-25 ta' Mejju 2016, ***GW vs Il-Kummissjoni***, F-111/15, EU:F:2016:122).

Minbarra dan, u fir-rigward dejjem tal-ispejjeż ta' viżta fi sptar, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda, fid-dawl tal-punt 1.1 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni relatati mar-rimbors tal-ispejjeż mediċi, li l-ispejjeż ta' kura ġewwa sptar li huma rimborsabbli huma dawk li huma marbuta mal-eżistenza stess ta' kura medika (sentenza tal-25 ta' Mejju 2016, ***GW vs Il-Kummissjoni***, F-111/15, EU:F:2016:122).

Fl-istess sentenza, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fakkar li l-uffiċjali mediċi, il-kunsill mediku u l-amministrazzjoni għandhom iwettqu eżami konkret u ddettaljat tas-sitwazzjoni mressqa quddiemhom u li hija l-amministrazzjoni li għandha tistabbilixxi li jkun sar tali eżami. Minbarra dan, huwa ppreċiża li jekk, fil-kuntest ta' dan l-eżami, l-uffiċjali mediċi, il-kunsill mediku u l-amministrazzjoni jkollhom jagħtu deċiżjoni abbażi tal-letteratura xjentifika, huma ma jistgħux jinjoraw l-istat ta' saħħa effettiv u komplet tal-persuna kkonċernata, peress li n-natura funzjonali jew le ta' kura jew ta' viżta fi sptar hija kwistjoni medika. Dan l-obbligu li tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni personali tal-persuna affiljata mar-RCAM huwa barra minn hekk impost mid-dmir ta' premura (sentenza tal-25 ta' Mejju 2016, ***GW vs Il-Kummissjoni***, F-111/15, EU:F:2016:122).

Minbarra dan, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li l-kunsill mediku għandu biss kompetenza konsultattiva, kif jirriżulta mill-Artikolu 41 tar-Regoli komuni dwar l-assigurazzjoni għar-riskji ta' mard tal-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u ddeduċa minn dan li r-rakkomandazzjonijiet tiegħu ma jikkostitwixxux regoli fil-konfront tal-uffiċjali, iżda preżunzjonijiet konfutabbli fid-dawl ta' kull każ ineżami (sentenza tal-25 ta' Mejju 2016, ***GW vs Il-Kummissjoni***, F-111/15, EU:F:2016:122).

Fl-aħħar nett, wara li osserva li l-opinjonijiet espressi unilateralment mill-uffiċjali mediċi fil-kuntest tal-Artikolu 72 tar-Regolamenti tal-Persunal ma joffrux l-istess garanzija f'termini ta' ekwilibriju bejn il-partijiet bħal dawk ifformulati mill-Kumitat Mediku jew mill-Kumitat tal-Invalidità abbażi tal-Artikolu 73 tal-istess test, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qies li kieku kellu jiddeċiedi, kif il-Kummissjoni stednitu li jagħmel, li rapporti mediċi miktuba ***a posteriori*** mit-tobba tal-persuni affiljati mar-RCAM ma humiex probatorji bħala tali, dan iwassal li dawn il-persuni affiljati jiġu mċaħħda minn mezz elementari ta' difiża li jista' jwassal lill-amministrazzjoni tikkunsidra mill-ġdid ir-rifjut inizjali tagħha li tirrimborsa l-ispejjeż mediċi (sentenza tal-25 ta' Mejju 2016, ***GW vs Il-Kummissjoni***, F-111/15, EU:F:2016:122).

## 2. PENSJONIJIET

Adit b'rikors wara r-riforma tal-2013 tar-Regolamenti tal-Persunal, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li l-Artikolu 83(2) u l-Artikolu 83a(1), (3) u (4) tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-iskema tal-pensjoni hija bbilanċjata, fis-sens attwarjali tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal, jekk il-livell ta' kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu kull sena mill-uffiċjali attivi jippermetti li jiġi ffinanzjat it-terz tal-ammont futur tad-drittijiet li dawn l-uffiċjali jkunu kisbu matul l-istess sena. Isegwi li l-obbligu tal-uffiċjali li jikkontribwixxu sal-ammont ta' terz tas-somma meħtieġa sabiex tiġi ffinanzjata l-iskema tal-pensjoni għandu jinftiehem fil-perspettiva attwarjali hawn fuq imsemmija u fuq medda twila ta' żmien, b'mod li distorsjonijiet ta' valutazzjoni ma jistgħux jiġu esklużi (sentenza tat-2 ta' Marzu 2016, ***Frieberger u Vallin vs Il-Kummissjoni***, F-3/15, EU:F:2016:26, taħt appell, Kawża T-232/16 P).

Barra minn hekk u fl-istess sentenza, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li l-età legali tal-irtirar, iffissata fl-Artikolu 22 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal u li r-riforma tal-2013 irrilevat, ma hija xejn ħlief element li jinteraġixxi mal-istimi tal-valur futur ta' diversi parametri oħra previsti f'dan l-anness (rata ta' interessi, mortalità, żieda fis-salarju, eċċ.) sabiex jiġi żgurat il-bilanċ tal-ħlas tal-iskema tal-pensjoni tal-Unjoni. Konsegwentement, l-iskema tal-pensjoni tal-Unjoni hija organizzata abbażi tal-prinċipju ta' solidarjetà u ma hijiex maħsuba fis-sens li l-kontribuzzjonijiet imħallsa minn kull uffiċjal jagħtu dritt individwali għal pensjoni li tirrappreżenta l-korrispettiv eżatt taghom, b'mod li dawn l-uffiċjali ma jistgħux jitolbu rimbors tal-eventwali ammont żejjed wara ż-żieda fl-età tal-irtirar tagħhom u għal perijodu itwal minn dak preċedenti li matulu huma jħallsu kontribuzzjonijiet (sentenza tat-2 ta' Marzu 2016, ***Frieberger u Vallin vs Il-Kummissjoni***, F-3/15, EU:F:2016:26, taħt appell, Kawża T-232/16 P).

Fl-aħħar nett, dejjem f'din l-istess sentenza, intqies li xejn fil-formulazzjoni tal-Artikolu 26(5) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal ma jipprekludi li, wara l-ewwel rivalutazzjoni tal-akkreditazzjoni tad-drittijiet għall-pensjoni tiegħu wara l-ewwel żieda tal-età legali tal-irtirar permezz tar-riforma tal-2004, uffiċjal jikseb it-tieni rivalutazzjoni fid-dawl tat-teħid inkunsiderazzjoni taż-żieda ta' din l-età mwettqa skont l-Artikolu 22 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal kif emendati fil-kuntest tar-riforma tal-2013.

## 3. ALLOWANCE GĦALL-FIRDA

Fis-sentenza tiegħu tat-2 ta' Marzu 2016, ***FX vs Il-Kummissjoni***, (F-59/15, EU:F:2016:27), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ppreċiża li l-allowance għall-firda prevista fl-Artikolu 39 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg ta' impjegati oħra ma tikkostitwixxix allowance għal tmiem tal-impjieg li l-membru tal-persunal ikkonċernat għandu dritt għaliha awtomatikament fil-mument tax-xoljiment jew tal-iskadenza tal-kuntratt tiegħu, iżda miżura pekunjarja li taqa' taħt il-kuntest ta' dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal fir-rigward tas-sigurtà soċjali. Għaldaqstant, ix-xoljiment jew l-iskadenza ta' kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju ma jistgħux, waħedhom, awtomatikament inisslu d-dritt għal allowance għall-firda. Fil-fatt, mid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-iskema tal-pensjoni u b'mod partikolari mill-Artikolu 39 u mill-Artikolu 12(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, jirriżulta li l-membru tal-persunal temporanju għandu dritt għal allowance għall-firda meta, filwaqt li ma jkunx għad għandu kuntratt ta' reklutaġġ wara x-xoljiment jew l-iskadenza tiegħu u ma jkollux l-intenzjoni li jeżerċita funzjonijiet oħra fi ħdan l-Unjoni Ewropea, huwa madankollu ma jkunx issodisfa, f'dak il-mument, il-kundizzjonijiet neċessarji sabiex ikun jista' jibbenefika minn pensjoni tal-irtirar immedjata jew iddifferita u lanqas il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 12(1)(b)(i) sa (iv) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Fl-istess kawża, ġie indikat ukoll li l-kunċett ta' tmiem definittiv mis-servizz li jinsab fl-Artikolu 12(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, applikat b'analoġija għall-membru tal-persunal temporanju, jista' jiġi interpretat biss każ b'każ, skont iċ-ċirkustanzi tal-każ, preċiżament bil-għan li jiġi evitat, sa fejn ikun possibbli, li titħallas allowance għall-firda lill-membru tal-persunal tal-Unjoni Ewropea li, fil-mument li jitlobha, ikun jaf tajjeb li huwa jkun jista' jiġi rreklutat mill-ġdid mad-dipartimenti tal-Unjoni. F'din il-perspettiva, il-ħlas awtomatiku tal-allowance għall-firda minħabba s-sempliċi xoljiment jew skadenza tal-kuntratt ta' reklutaġġ tal-membru tal-persunal mhux biss imur kontra l-għan ta' din id-dispożizzjoni, iżda wkoll imur kontra l-prinċipju ġenerali ta' amministrazzjoni tajba tal-finanzi tal-Unjoni Ewropea.

## 4. AVVANZ FL-ISKALA

Filwaqt li fakkar li d-dispożizzjonijiet li jagħtu dritt għal benefiċċji finanzjarji għandhom jiġu interpretati b'mod strett u jiġu applikati mill-istituzzjonijiet, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qies, fis-sentenza tiegħu tat-12 ta' Mejju 2016, ***FS vs KESE***, F-50/15, EU:F:2016:119), li l-avvanz fl-iskala previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 44 tar-Regolamenti tal-Persunal seta' jingħata biss fil-każijiet li fihom l-uffiċjal jinħatar kap ta' diviżjoni, direttur jew direttur ġenerali "fl-istess grad" bħal dak li kellu fl-impjieg preċedenti tiegħu u li, barra minn hekk, ir-Regolamenti tal-Persunal ma kinux jipprevedu, qabel l-1 ta' Jannar 2014, applikazzjoni b'analoġija ta' din id-dispożizzjoni għall-benefiċċju tal-membri tal-persunal temporanju.

# KARRIERA TAL-UFFIĊJAL U TAL-MEMBRI TAL-PERSUNAL

## 1. PROMOZZJONI TA' PERSUNAL IMQIEGĦED GĦAD-DISPOŻIZZJONI TA' ORGANIZZAZZJONIJIET SINDAKALI JEW PROFESSJONALI

Filwaqt li ddeċieda dwar il-legalità tal-assenza ta' promozzjoni ta' rappreżentant sindakali, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda, fis-sentenza tiegħu tat-2 ta' Marzu 2016, ***Loescher vs Il-Kunsill*** (F-84/15, EU:F:2016:29), li uffiċjal ma jistax jeżiġi minn istituzzjoni li tadotta regoli li jorganizzaw speċifikament proċeduri

u metodi ta' pparagunar tal-merti tal-uffiċjali skont il-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom li jirriżultaw mir-Regolamenti tal-Persunal u li, għaldaqstant, in-nuqqas ta' stabbiliment ta' sistema ta' evalwazzjoni ***ad hoc*** f'dak li jirrigwarda l-uffiċjali li jeżerċitaw attivitajiet fil-kuntest ta' tqegħid għad-dispożizzjoni ta' organizzazzjoni sindakali jew professjonali (OSP) bħala tali ma jagħti lok għal ebda diskriminazzjoni. Barra minn hekk, minkejja li l-eżerċizzju ta' ċerti funzjonijiet ta' rappreżentanza tal-persunal, bħal dawk ta' president ta' kumitat tal-persunal jew ta' president ta' OSP, jista' jippermetti f'ċerti każijiet li jiġi preżunt li, minnhom infushom, l-imsemmija funzjonijiet ta' rappreżentanza li jimplikaw l-eżerċizzju ta' responsabbiltajiet ta' livell għoli, huwa l-uffiċjal li tqiegħed għad-dispożizzjoni ta' OSP li għandu jipprova, għall-finijiet ta' eventwali promozzjoni, ir-realtà, il-livell u t-tul tar-responsabbiltajiet li huwa effettivament u speċifikament ikun eżerċita.

## 2. SISTEMA DIXXIPLINARI

Filwaqt li ddeċieda dwar il-legalità ta' deċiżjoni li permezz tagħha l-amministrazzjoni kienet, wara dikjarazzjonijiet foloz min-naħa tal-membru tal-persunal ikkonċernat, iddeċidiet li dan il-membru tal-persunal, fi tmiem il-kuntratt tiegħu, kien ser jiġi eskluż minn kwalunkwe reklutaġġ mill-istituzzjoni matul perijodu ta' sitt snin, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda, fis-sentenza tiegħu tal-20 ta' Lulju 2016, ***HC vs Il-Kummissjoni*** (F-132/15, EU:F:2016:158), li tali miżura, fid-dawl tal-għan ovvjament koerċittiv tagħha, kienet sempliċement sanzjoni imposta mill-amministrazzjoni b'rabta mal-aġir li sar ilment dwaru. Għalhekk id-deċiżjoni kkontestata ġiet annullata minħabba, minn naħa, li din ma kinitx ġiet adottata abbażi tad-dispożizzjonijiet relatati mas-sistema dixxiplinari tar-Regolamenti tal-Persunal u, min-naħa l-oħra, li din bl-ebda mod ma kienet prevista fost is-sanzjonijiet li jistgħu jiġu imposti fil-kuntest ta' dawn id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal.

Barra minn hekk, fis-sentenza tas-17 ta' Frar 2016, ***Kerstens vs Il-Kummissjoni*** (F-23/15, EU:F:2016:65, taħt appell), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qies li, fil-kuntest tal-proċedura applikabbli għall-Kummissjoni fil-qasam dixxiplinari, id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni dwar it-twettiq tal-investigazzjonijiet amministrattivi u tal-proċeduri dixxiplinari, adottati minnha stess, jistabbilixxu r-rekwiżit li titwettaq investigazzjoni amministrattiva qabel ma tinfetaħ proċedura dixxiplinari. Meta l-Kummissjoni tiftaħ proċedura dixxiplinari mingħajr ma tkun wettqet investigazzjoni amministrattiva, hija konsegwentement tikser l-obbligi tagħha taħt l-imsemmija dispożizzjonijiet.

## 3. ASSENJAZZJONI MILL-ĠDID TAL-PERSUNAL TEMPORANJU U KUNTRATTWALI WAQT IT-TRASFERIMENT TAS-SEDE TA' AĠENZIJA MINN STAT MEMBRU GĦAL IEĦOR

B'implementazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li s-sede tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) jiġi ttasferit lejn Budapest (l-Ungerija) wara r-rifjut tar-Renju Unit li jkompli jilqa' din l-aġenzija fit-territorju tiegħu, id-direttur ta' din l-aġenzija kien talab lill-membri tal-persunal iwettqu l-funzjonijiet tagħhom fis-sede l-ġdida u kien indikalhom li kwalunkwe rifjut kien ser jitqies li hija riżenja. Adita minn diversi gruppi ta' membri tal-persunal, li wħud minnhom kienu baqgħu fir-Renju Unit, filwaqt li oħrajn kienu ngħaqdu mas-sede l-ġdida, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda, fis-sentenza tiegħu tal-11 ta' April 2016, ***FN et vs CEPOL*** (F-41/15 DISS II, EU:F:2016:70), li l-fatt li membru tal-persunal ma jippreżentax ruħu fil-post tax-xogħol tiegħu seta' jitqies li huwa aġir ta' riżenja, min-naħa ta' dan il-membru tal-persunal, li konsegwentement jissarraf f'riżenja fis-sens tal-Artikolu 47 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg ta' impjegati oħra. Filwaqt li b'mod partikolari fakkar li l-leġiżlatur tal-Unjoni jew il-kapijiet ta' Stat jew ta' gvern tal-Istati Membri jistgħu jibdlu, fi kwalunkwe mument, is-sedi tad-diversi istituzzjonijiet u aġenziji tal-Unjoni u li, konformement mal-Artikolu 20 tar-Regolamenti tal-Persunal, applikabbli b'analoġija għall-membri tal-persunal temporanju u bil-kuntratt skont l-Artikoli 11 u 81 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg ta' impjegati oħra, l-uffiċjali u l-membri tal-persunal tal-Unjoni

huma obbligati jirrisjedu fil-post tal-assenjazzjoni tagħhom jew f'distanza tali minn dan il-post li ma jiġux imfixkla fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku barra minn hekk ikkonferma li l-AIPN setgħet tiddeċiedi dwar l-assenzjazzjoni u l-assenzjazzjoni mill-ġdid tal-membri tal-persunal temporanju u bil-kuntratt f'post tax-xogħol li jinsab fi Stat Membru

u ieħor, peress li huma biss il-membri tal-persunal lokali, li huma rreklutati permezz ta' kuntratt preċiżament f'post partikolari, li għandhom dritt jopponu bidla tal-post ta' assenzjazzjoni tagħhom, u dan għaliex fil-każ tagħhom, l-istabbiltà tal-post tax-xogħol tagħmel parti mill-kundizzjonijiet stess tal-impjieg.

## 4. INTERRUZZJONI TA' KARRIERA TA' MEMBRU TAL-PERSUNAL

Fis-sentenza tas-17 ta' Frar 2016, ***DE vs EMA*** (F-58/14, EU:F:2016:16), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku applika s-sentenza tas-16 ta' Settembru 2015 li l-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat fil-kawża ***EMA vs Drakeford*** (T-231/14 P, EU:T:2015:639). Skont din l-aħħar sentenza, meta għandu jiġi stabbilit jekk it-tieni tiġdid tal-kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju, fis-sens tal-Artikolu 2(a) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg ta' impjegati oħra, għandux isir għal żmien indeterminat, il-kliem "kull tiġdid ieħor [ta' dan ir-reklutaġġ]" li jinsabu fit-tielet sentenza tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 8 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg ta' impjegati oħra għandhom jiġu interpretati li jirreferu għal kull proċedura li permezz tagħha membru tal-persunal temporanju, fis-sens tal-Artikolu 2(a) ta' dawn il-kundizzjonijiet, jitwassal, fl-iskadenza tar-reklutaġġ tiegħu għal żmien determinat, li jkompli, f'din il-kwalità, ir-relazzjoni ta' xogħol tiegħu mal-persuna li timpjegah, anki jekk dan it-tiġdid ikun jinkludi progressjoni fil-grad jew żvilupp fil-funzjonijiet eżerċitati. Dejjem skont is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, ma jistax ikun hemm mod ieħor ħlief jekk il-kuntratt ġdid jimmaterjalizza interruzzjoni fil-karriera li timmanifesta ruħha, pereżempju, b'bidla sostanzjali tan-natura tal-funzjonijiet eżerċitati mill-membru tal-persunal ikkonċernat. F'dan il-każ, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, wara li ġeddet mill-ġdid għal darba l-kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju tar-rikorrent, kienet offrietlu kuntratt ġdid. Wara li pparaguna l-funzjonijiet eżerċitati mir-rikorrent fil-kuntest tal-ewwel kuntratt tiegħu u dawk eżerċitati fil-kuntest tat-tieni kuntratt, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonstata li n-natura tal-funzjonijiet tal-persuna kkonċernata kienet issubixxiet bidliet sostanzjali li kienu jirrigwardaw id-dmirijiet u r-resonsabbiltajiet tiegħu, id-dmirijiet amministrattivi u ta' superviżjoni kif ukoll il-pożizzjoni tiegħu fi ħdan l-Aġenzija hekk kif kienet tirriżulta mill-organigramma tagħha. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qies li dawn l-elementi kienu mmaterjalizzaw ruħhom f'interruzzjoni ta' karriera fis-sens tal-interpretazzjoni adottata mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni fis-sentenza ċċitata iktar 'il fuq.

## INFORMATUR

Filwaqt li ddeċieda dwar kawża li ntbagħtet lura wara annullament li kienet tikkonċerna l-allegazzjoni minn uffiċjal, skont l-Artikoli 12a u 22a tar-Regolamenti tal-Persunal, ta' fastidju jew fatti oħra li jistgħu jwasslu sabiex tiġi preżunta attività possibbilment illegali li taf tkun ta' dannu għall-interessi tal-Unjoni, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda, fis-sentenza tiegħu tat-2 ta' Ġunju 2016, ***Bermejo Garde vs KESE*** (F-41/10 RENV, EU:F:2016:123), li, kemm fil-każ tal-uffiċjal li, fis-sens tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal, iqis lilu nnifsu vittma ta' fastidju, kif ukoll fil-każ tal-uffiċjal li, skont l-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal, jinforma lill-ġerarkija tal-istituzzjoni tiegħu jew direttament lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (iktar 'il quddiem l-"OLAF"), il-fatti allegati għandhom jiġu kkomunikati lill-istituzzjoni kkonċernata fl-osservanza tal-obbligi ta' natura ġenerali li jinsabu fl-Artikoli 11 u 12 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Fl-istess sentenza, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku l-ewwel nett ikkonstata li kull ilment għal fastidju psikoloġiku jew sesswali li jinvolvi superjur ġerarkiku jwassal, fil-parti l-kbira tal-każijiet, għal terminazzjoni tar-

rabta ta' fiduċja bejn l-uffiċjali kkonċernati. F'dan il-kuntest, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku madankollu qies li l-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal jagħti "protezzjoni speċjali" lill-uffiċjal li jkun vittma ta' fastidju, fid-dawl ta' ġlieda effettiva kontra tali fenomeni, bili jipprovdi li dan l-uffiċjal, meta jressaq ilment skont dan l-artikolu u fl-osservanza tal-obbligi ta' natura ġenerali previsti fl-Artikoli 11 u 12 tar-Regolamenti tal-Persunal, bħala prinċipju ma għandux isofri xi effetti ta' preġudizzju min-naħa tal-istituzzjoni tiegħu, speċjalment meta r-relazzjoni ta' fiduċja ma teżistix iktar, u b'mod partikolari meta l-persuna li tagħti fastidju preżunta tkun is-superjur ġerarkiku dirett.

Fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-***bona fide*** tal-uffiċjal informatur, fid-dawl tat-tliet kriterji ta' evalwazzjoni stabbiliti mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni, fis-sentenza tar-rinviju tagħha (sentenza tat-8 ta' Ottubru 2014, ***Bermejo Garde vs KESE***, T-530/12 P, EU:T:2014:860), li huma l-gravità tal-fatti allegati, in-natura awtentika jew plawżibbli tal-informazzjoni trażmessa u l-metodi ta' komunikazzjoni użati, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal ma kienx jeħtieġ li l-persuna kkonċernata tistabbilixxi "preżunzjoni ta' illegalità gravi jew ta' nuqqas gravi" peress li din hija operazzjoni legalment tassew kumplessa li, minħabba dan il-fatt, ma hijiex għall-portata ta' kull uffiċjal jew membru tal-persunal tal-Unjoni. Fil-fatt l-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal sempliċement jipprevedi li kull uffiċjal li jkun jaf b'fatti "li joħolqu supposizzjoni" tal-eżistenza ta' aġir "li [jista' jikkostitwixxi] nuqqas serju biex [jitħarsu] l-obbligi" tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jinforma dan "mingħajr dewmien" lis-superjuri ġerarkiċi tiegħu. Għalhekk, huwa sussegwentement fuq is-superjuri ġerarkiċi tal-informatur li l-Artikolu 22a(2) tar-Regolamenti tal-Persunal jimponi l-obbligu li jikkomunikaw "mingħajr dewmien" lill-OLAF "kull evidenza" li huma jaħsbu li għandhom rigward l-eżistenza ta' irregolaritajiet miġjuba għall-konoxxenza tagħhom.



# C | STATISTIKA ĠUDIZZJARJA TAT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU


## I. ATTIVITÀ ĠENERALI TAT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

1. Kawżi ġodda, magħluqa, pendenti (Jannar 2012 – Awwissu 2016)

## II. KAWŻI ĠODDA

2. Perċentwali tan-numru ta' kawżi għal kull istituzzjoni bħala konvenuta
3. Lingwa tal-kawża

## III. KAWŻI MAGĦLUQA

4. Sentenzi u digrieti — Kulleġġ ġudikanti
5. Eżitu tad-deċiżjoni
6. Proċeduri għal miżuri provviżorji (2012-2016)
7. Tul tal-proċeduri f'xhur (2016)

## IV. KAWŻI PENDENTI FIL-31 TA' DIĊEMBRU

8. Kulleġġ ġudikanti (2012-2016)
9. Numru ta' rikorrenti

## V. VARJI

10. Deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li kienu s-suġġett ta' appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-UE
11. Eżitu tal-appelli quddiem il-Qorti Ġenerali (2012-2016)

# I. ATTIVITÀ ĠENERALI TAT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

## 1. KAWŻI ĠODDA, MAGĦLUQA, PENDENTI (JANNAR 2012 – AWWISSU 2016)




| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| Kawżi ġodda | 178 | 160 | 157 | 167 | 77 |
| Kawżi magħluqa | 121 | 184 | 152 | 152 | 169 [1] |
| Kawżi pendenti | 235 | 211 | 216 | 231 | 139 [2] |

Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi, indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

1 | Fosthom 2 kawżi magħquda.

2 | Fosthom 46 kawża sospiża u 4 kawżi magħquda.

# II. KAWŻI ĠODDA

## 2. PERĊENTWALI TAN-NUMRU TA' KAWŻI GĦAL KULL ISTITUZZJONI BĦALA KONVENUTA

Perċentwali tan-numru ta' kawżi ġodda fl-2016
Perijodu kopert mid-data: 01/01/2012 sal-31/08/2016




| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-Parlament Ewropew | 6,11 % | 5,66 % | 11,80 % | 8,38 % | 6,25 % |
| Il-Kunsill | 3,89 % | 3,77 % | 8,70 % | 5,99 % | 1,25 % |
| Il-Kummissjoni Ewropea | 58,33 % | 49,69 % | 45,96 % | 52,69 % | 58,75 % |
| Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea | | 0,63 % | | 1,80 % | 1,25 % |
| Il-Bank Ċentrali Ewropew | 1,11 % | 1,89 % | 1,24 % | 2,40 % | |
| Il-Qorti tal-Awdituri | 2,22 % | 0,63 % | 1,24 % | 0,60 % | |
| Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) | 4,44 % | 5,03 % | 1,24 % | 3,59 % | 6,25 % |
| Partijiet oħra | 23,8 9% | 32,70 % | 29,81 % | 24,55 % | 26,2 5% |
| **Total** | **100 %** | **10 0%** | **100 %** | **100 %** | **100 %** |

# 3. LINGWA TAL-KAWŻA

Perijodu kopert mid-data: 01/01/2012 sal-31/08/2016




| Lingwa tal-kawża | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-Bulgaru | 2 | | | | 2 |
| L-Ispanjol | 3 | | 2 | 5 | 1 |
| Il-Ġermaniż | 5 | 2 | 9 | 7 | 4 |
| Il-Grieg | 1 | 4 | 2 | 1 | 1 |
| L-Ingliż | 14 | 26 | 23 | 20 | 17 |
| Il-Franċiż | 108 | 95 | 113 | 122 | 29 |
| It-Taljan | 35 | 21 | 8 | 8 | 20 |
| L-Olandiż | 6 | 12 | | 2 | |
| Il-Pollakk | 2 | | | | 2 |
| Ir-Rumen | 2 | | | | |
| Il-Finlandiż | | | | | 1 |
| L-Isvediż | | | | 2 | |
| **Total** | **178** | **160** | **157** | **167** | **77** |

Il-lingwa tal-kawża tirrifletti l-lingwa li biha tressqet il-kawża u mhux il-lingwa materna jew in-nazzjonalità tar-rikorrent.

# III. KAWŻI MAGĦLUQA

## 4. SENTENZI U DIGRIETI — KULLEĠĠ ĠUDIKANTI

Perijodu kopert mid-data: 01/01/2016 sal-31/08/2016




| | Sentenzi | Digrieti ta' tħassir wara ftehim bonarju [1] | Digrieti oħra li jtemmu l-istanza | Total |
|---|---|---|---|---|
| Qorti Plenarja | | | | |
| L-Ewwel Awla | 6 | | 47 | 53 |
| It-Tieni Awla | 18 | 1 | 28 | 47 |
| It-Tielet Awla | 21 | 4 | 29 | 54 |
| Imħallef uniku | 7 | 3 | | 10 |
| President | | | 5 | 5 |
| **Total** | **52** | **8** | **109** | **169** |

1 | Fis-sena 2016, kien hemm 10 tentattivi oħra ta' ftehim bonarju fuq inizjattiva tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li ma rnexxux.

# 5. EŻITU TAD-DEĊIŻJONI

Perijodu kopert mid-data: 01/01/2016 sal-31/08/2016

| | Sentenzi | | Digrieti | | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Rikorsi milqugħa kollha kemm huma jew parzjalment | Rikorsi miċħuda kollha kemm huma, ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni | Rikorsi/ Talbiet [manifestament] inammissibbli jew infondati | Ftehim bonarju wara intervent tal-kulleġġ ġudikanti | Tħassir għal raġuni oħra, ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni jew rinviju | Talbiet milqugħa kollha jew parzjalment (proċeduri partikolari) | |
| Inkarigu/Inkarigu ġdid | 2 | 1 | | | | | **3** |
| Kompetizzjonijiet | 1 | | 2 | 1 | | | **4** |
| Kundizzjonijiet ta' xogħol/Leave | | 1 | | | | | **1** |
| Evalwazzjoni/Promozzjoni | | 9 | 2 | | 1 | | **12** |
| Pensjonijiet u allowances ta' invalidità | 5 | 5 | 34 | | 44 | | **88** |
| Proċeduri dixxiplinari | 1 | 4 | | | | | **5** |
| Reklutaġġ/ Ħatra/ Klassifikazzjoni fi grad | 2 | 1 | 2 | 1 | | | **6** |
| Remunerazzjoni u benefiċċji | 2 | 4 | | 1 | 2 | | **9** |
| Xoljiment jew nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratt ta' membru tal-persunal | 3 | 4 | 2 | 2 | 1 | | **12** |
| Sigurtà soċjali/ Mard ikkaġunat mix-xogħol/ Inċidenti | 4 | | 2 | 2 | | | **8** |
| Oħrajn | 3 | | 4 | 1 | 1 | 12 | **21** |
| **Total** | **23** | **29** | **48** | **8** | **49** | **12** | **169** |

## 6. PROĊEDURI GĦAL MIŻURI PROVVIŻORJI (2012-2016)

| Proċeduri għal miżuri provviżorji magħluqa | | Eżitu tad-deċiżjoni | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Ammissjoni totali jew parzjali | Ċaħda | Tħassir |
| **2012** | **11** | | 10 | 1 |
| **2013** | **3** | | 3 | |
| **2014** | **5** | 1 | 4 | |
| **2015** | **2** | | 2 | |
| **2016** | **2** | | 2 | |
| **Total** | **23** | **1** | **21** | **1** |

## 7. TUL TAL-PROĊEDURI F'XHUR (2016)

| Kawżi magħluqa | | Tul medju | |
|---|---|---|---|
| | | Tul tal-proċedura kollha | Tul tal-proċedura, tul tas-sospensjoni eventwali mhux inkluż |
| Sentenzi | 52 | 11,3 | 11,2 |
| Digrieti | 117 | 24,3 | 9,4 |
| **Total** | **169** | **20,3** | **10,0** |

It-tul huwa espress f'termini ta' xhur u ta' wieħed minn kull għaxra ta' xahar.

# IV. KAWŻI PENDENTI FIL-31 TA' DIĊEMBRU

## 8. KULLEĠĠ ĠUDIKANTI (2012-2016)




| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| Qorti Plenarja | 1 | 1 | | | |
| President | | 2 | 1 | 2 | 1 |
| Awli bi tliet Imħallfin | 205 | 172 | 201 | 219 | 115 |
| Imħallef uniku | 8 | 3 | 2 | 1 | |
| Kawżi li għadhom ma ġewx assenjati | 21 | 33 | 12 | 9 | 23 |
| **Total** | **235** | **211** | **216** | **231** | **139** |

# 9. NUMRU TA' RIKORRENTI

Il-kawżi pendenti li fihom l-ikbar numru ta' rikorrenti fl-2016

| Numru ta' rikorrenti | Oqsma |
|---|---|
| 486 | Regolamenti tal-Persunal — BEI — Remunerazzjoni — Aġġustament annwali tas-salarji<br>Regolamenti tal-Persunal — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2005 — Gradi addizzjonali previsti mir-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda |
| 484 | Regolamenti tal-Persunal — Remunerazzjoni — Riforma tas-sistema ta' remunerazzjonijiet u taż-żieda fis-salarju tal-BEI<br>Regolamenti tal-Persunal — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2005 — Gradi addizzjonali previsti mir-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda |
| 451 | Regolamenti tal-Persunal — BEI — Remunerazzjoni — Skema ġdida ta' prestazzjoni — Għoti ta' primjums<br>Regolamenti tal-Persunal — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2005 — Gradi addizzjonali previsti mir-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda |
| 394 (3 kawżi) | Regolamenti tal-Persunal — BEI — Remunerazzjoni — Aġġustament annwali tas-salarji<br>Regolamenti tal-Persunal — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2005 — Gradi addizzjonali previsti mir-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda |
| 34 | Regolamenti tal-Persunal — Rinviju wara eżami mill-ġdid tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali — BEI — Pensjonijiet — Riforma tal-2008<br>Regolamenti tal-Persunal — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2005 — Gradi addizzjonali previsti mir-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda |
| 32 | Regolamenti tal-Persunal — BEI — Pens<br>jonijiet — Riforma tas-sistema tal-pensjonijiet<br>Regolamenti tal-Persunal — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2005 — Gradi addizzjonali previsti mir-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda |
| 32 (8 kawżi) | Regolamenti tal-Persunal — Regolamenti tal-Persunal — Riforma tar-Regolamenti tal-Persunal tal-1 ta' Jannar 2014 — Regoli ġodda għall-kalkolu tal-spejjeż tal-ivvjaġġar mill-post ta' assenjazzjoni għall-post ta' oriġini — Rabta bejn l-għoti ta' dan il-benefiċċju u l-istatus ta' resident barra mill-pajjiż jew ta' espatrijat<br>Regolamenti tal-Persunal — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2005 — Gradi addizzjonali previsti mir-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda |
| 30 | Regolamenti tal-Persunal — Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) — Remunerazzjoni — Aġġustament annwali tas-salarji<br>Regolamenti tal-Persunal — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2005 — Gradi addizzjonali previsti mir-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda |
| 29 | Regolamenti tal-Persunal — Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) — Remunerazzjoni — Riforma tas-sistema ta' remunerazzjonijiet u taż-żieda fis-salarju tal-FEI<br>Regolamenti tal-Persunal — Membru tal-persunal bil-kuntratt — Membru tal-persunal temporanju — Kundizzjonijiet tal-Impjieg — Tul tal-kuntratt |
| 26 (4 kawżi) | Regolamenti tal-Persunal — Regolamenti tal-Persunal — Riforma tar-Regolamenti tal-Persunal tal-1 ta' Jannar 2014 — Regoli ġodda għall-kalkolu tal-spejjeż tal-ivvjaġġar mill-post ta' assenjazzjoni għall-post ta' oriġini — Rabta bejn l-għoti ta' dan il-benefiċċju u l-istatus ta' resident barra mill-pajjiż jew ta' espatrijat — Tneħħija tal-leave għal raġuni ta' distanza |

Il-kliem "Regolamenti tal-Persunal" jirreferu għar-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Unjoni.

Numru totali ta' rikorrenti għall-kawżi pendenti kollha (2012-2016)

| | Total ta' rikorrenti | Total ta' kawżi pendenti |
|---|---|---|
| **2012** | 1086 | 235 |
| **2013** | 1867 | 211 |
| **2014** | 1902 | 216 |
| **2015** | 2333 | 231 |
| **2016** | 2211 | 139 |

# V. VARJI

## 10. DEĊIŻJONIJIET TAT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU LI KIENU S-SUĠĠETT TA' APPELL QUDDIEM IL-QORTI ĠENERALI TAL-UE




| | Numru ta' deċiżjonijiet li kienu s-suġġett ta' appell | Total tad-deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati [1] | Perċentwali ta' deċiżjonijiet li minnhom sar appell [2] |
|---|---|---|---|
| **2012** | 11 | 87 | 12,64% |
| **2013** | 56 | 144 | 38,89% |
| **2014** | 36 | 99 | 36,36% |
| **2015** | 33 | 117 | 28,21% |
| **2016** | 21 | 101 | 20,79% |

1 | Sentenzi, digrieti — li jiddikjaraw li r-rikors huwa inammissibbli, manifestament inammissibbli jew manifestament infondat, digrieti għal miżuri provviżorji, li ma hemmx lok li tingħata sentenza jew ta' ċaħda ta' intervent — mogħtija jew adottati matul is-sena ta' referenza.

2 | Din il-perċentwali tista', għal sena partikolari, ma tikkorrispondix għad-deċiżjonijiet li jistgħu jiġu appellati mogħtija fis-sena ta' referenza, sa fejn it-terminu għall-preżentata ta' appell jista' jestendi għal fuq is-sena ta' wara.

## 11. EŻITU TAL-APPELLI QUDDIEM IL-QORTI ĠENERALI (2012-2016)




| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|
| Appell miċħud | 26 | 30 | 33 | 22 | 9 |
| Annullament totali jew parzjali mingħajr rinviju | 2 | 3 | 3 | 7 | 2 |
| Annullament totali jew parzjali b'rinviju | 2 | 5 | 5 | 7 | 2 |
| Tħassir/Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni | 3 | | 1 | 1 | |
| **Total** | **33** | **38** | **42** | **37** | **13** |



# D | KOMPOŻIZZJONI TAT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU



(Ordni protokollari fil-31 ta' Awwissu 2016)

*Mix-xellug għal-lemin:*

L-Imħallfin J. Sant'Anna u E. Perillo, Il-President ta' Awla R. Barents, Il-President S. Van Raepenbusch, Il-President ta' Awla K. Bradley, l-Imħallfin J. Svenningsen, M. A. Kornezov, ir-Reġistratur W. Hakenberg

# 1. BIDLIET FIL-KOMPOŻIZZJONI TAT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU FL-2016

B'deċiżjoni tat-22 ta' Marzu 2016, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ħatar lil João Sant'Anna u Alexander Kornezov, Imħallfin fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea, għall-perijodu mit-13 ta' April 2016 sad-data tat-trasferiment tal-ġurisdizzjoni ta' din il-qorti lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

# 2. ORDNI PROTOKOLLARI

## MILL-1 TA' JANNAR 2016 SAT-13 TA' APRIL 2016

S. VAN RAEPENBUSCH, President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku
R. BARENTS, President ta' Awla
K. BRADLEY, President ta' Awla
H. KREPPEL, Imħallef
M. I. ROFES i PUJOL, Imħallef

E. PERILLO, Imħallef

J. SVENNINGSEN, Imħallef

W. HAKENBERG, Reġistratur

## 14 TA' APRIL 2016 SAL-31 TA' AWWISSU 2016

S. Van RAEPENBUSCH, President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku
R. BARENTS, President ta' Awla
K. BRADLEY, President ta' Awla
E. PERILLO, Imħallef
J. SVENNINGSEN, Imħallef
J. SANT'ANNA, Imħallef
A. KORNEZOV, Imħallef
W. HAKENBERG, Reġistratur

# 3. MEMBRI PREĊEDENTI TAT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

(skont l-ordni tad-dħul fil-kariga)

## IMĦALLFIN

Horstpeter KREPPEL (2005-2016)
Paul J. MAHONEY (2005-2011)
Irena BORUTA (2005-2013)
Heikki KANNINEN (2005-2009)
Haris TAGARAS (2005-2011)
Sean Van RAEPENBUSCH (2005-2016), President mill-2011 sal-2016
Stéphane GERVASONI (2005-2011)
Maria Isabel ROFES i PUJOL (2009-2016)
Ezio PERILLO (2011-2016)
René BARENTS (2011-2016)
Kieran BRADLEY (2011-2016)
Jesper SVENNINGSEN (2013-2016)
João SANT'ANNA (2016)
Alexander KORNEZOV (2016)

## PRESIDENTI

Paul J. MAHONEY (2005-2011)
Sean Van RAEPENBUSCH (2011-2016)

## REĠISTRATUR

Waltraud HAKENBERG (2005-2016)



# KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

**Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:

  permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);

- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:

  mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),

  mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),

  billi tikkuntattja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)

  jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

  (*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

DIRETTORAT TAL-KOMUNIKAZZJON
DIVIŻJONI TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET U TAL-MIDJA ELETTRONIKA

QD-AP-17-001-MT-N